1. Jagħti kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għas-sena finanzjara 2005;

2. Jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li tagħmel parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti ta' l-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, u li jagħmel l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni tagħhom fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).

2.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 b'osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali minnha dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, Taqsima VI — Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (C6-0469/2006 — 2006/2075(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra l-kontijiet finali annwali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2005 — Volum I (C6-0469/2006) [2],

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005, u r-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati [3],

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduta mill-Qorti ta' l-Awdituri bi qbil ma' l-Artikolu 248 tat-Trattat KE [4],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [5], u partikularment l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,

[1] ĠU L 60, 8.3.2005.
[2] ĠU C 264, 31.10.2006, p. 1.
[3] ĠU C 263, 31.10.2006, p. 1.
[4] ĠU C 263, 31.10.2006, p.10.
[5] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0110/2007),

1. Jinnota li fl-2005 il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (EESC) kellu approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli li jammontaw għal total ta' EUR 106 880 105.67 b'rata ta' utilizzazzjoni ta' 94.99 %;

2. Jinnota li wara l-introduzzjoni ta' 'accrual accounting' b'effett mill-1 ta' Jannar 2005, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' l-ESC juru bilanċ ekonomiku negattiv ta' EUR 3 811 889.47 (żbilanċ) u ammonti identiċi (EUR 168 387 721.19) kemm fir-rigward ta' l-attivi u tal-passivi;

3. Jinnota r-rimarka tal-Qorti ta' l-Awdituri fil-paragrafu 10.16 tar-Rapport Annwali ta' l-2005 tagħha li minkejja t-twaqqif, matul l-2005, ta' unità responsabbli għall-koordinazzjoni ta' l-attivijiet finanzjarji u kuntrattwali fis-servizzi konġunti kollha ta' l-EESC u tal-Kumitat tar-Reġjuni (CoR), xorta dehru xi nuqqasijiet dwar l-immaniġġjar operazzjonali ta' ċerti proċeduri ta' akkwist u ta' koordinazzjoni bejn l-unità l-ġdida u l-unitajiet operazzjonali li ma kinux ġew definiti b'mod ċar;

4. Ifakkar li fl-2005 l-EESC beda diskussjonijiet mal-Kummissjoni dwar it-teħid ta' spazju għal uffiċċju fil-binja van Maerlantl; jinnota aktar, ir-risposta ta' l-EESC għall-kwestjonarju dwar ir-rekwiżiti ta' l-ispazju għal uffiċċju ta' l-EESC/ Kumitat tar-Reġjuni (CoR) li wara l-espansjoni tagħhom fil-binja van Maerlant iż-żewġ Istituzzjonijiet ma jistennewx li se jkollhom bżonn aktar binjiet fis-snin li ġejjin;

5. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li mill-2004 is-sessjonijiet plenarji kollha ta' l-EESC saru fil-bini tal-Parlament Ewropew;

6. Jinnota, mir-rapport ta' ħidma ta' l-EESC, li r-Reġistru tiegħu talab lill-atturi finanzjarji konċernati u lill-Grupp tal-Kwesturi biex jikkunsidraw jistabilixxu proċedura iktar ċara għar-rifużjoni ta' spejjeż ta' vjaġġar u għall-ħlas tal-konċessjonijiet għall-ivvjaġġar u għall-għajxien, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet li m'humiex espliċitament maħsuba fir-regoli;

7. Josserva li wara l-proċeduri kriminali Belġjani kontra ex-Membru ta' l-EESC dwar l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar (saret referenza għalihom fil-paragrafu 4 tar-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-Parlament tas-27 ta' April 2006 [1]) l-EESC ipproċeda b'kawża ċivili għad-danni u l-Qorti Belġjana mistennija tagħti s-sentenza lejn nofs l-2007;

8. Jinnota b'interess li s-Segretarju Ġenerali u l-Awditur Intern ikollhom laqgħat regolari fl-istess ħin kull ġimgħa sabiex l-Awditur Intern jinżamm aġġornat bl-attivitajiet u l-avvenimenti ta' l-Istituzzjoni u sabiex is-Segretarju Ġenerali jkun jista' jieħu l-kunsiderazzjoni massima tal-kummenti ta' l-Awditur Ġenerali;

9. Jinnota li l-EESC u s-CoR bħalissa qed jikkunsidraw jekk għandhomx ikomplu jimmaniġġjaw ċerti attivitajiet flimkien permezz tas-servizzi konġunti, u, jekk iva, x'forma għandha tieħu dik il-kollaborazzjoni fil-futur;

10. Jinnota li l-kooperazzjoni amministrattiva bejn is-CoR u l-EESC għandha tkun ta' benefiċċju liż-żewġ kumitati u ta' vantaġġ finanzjarju għall-Ewropej li jħallsu t-taxxi; jinsisti li kwalunkwe struttura ġdida ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn iż-żewġ kumitati għandha tirriżulta f'benefiċċji finanzjarji; jitlob li ż-żewġ kumitati jsibu mod kif ikomplu l-koperazzjoni amministrattiva diġà stabbilita;

11. Ifakkar li l-CoR u l-EESC, permezz tas-servizzi konġunti tagħhom, jimmaniġġjaw ċerti attivitajiet flimkien (traduzzjoni, stampar, bini, sigurtà, librerija, akkwisti, catering, uxxiera, servizzi mediċi, karozzi u xufiera, informatika eċċ), u li dan l-aħħar il-ftehima ta' koperazzjoni tagħhom ġiet imġedda għal sitt xhur (bil-possibilità li tiġi estiża għal sitt xhur oħra) sakemm tittieħed deċiżjoni dwar jekk din il-koperazzjoni għandhiex titkompla fil-ġejjieni;

[1] ĠU L 340, 6.12.2006, p. 41.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

12. Jistieden lis-CoR u lill-EESC, wara li kkunsidra d-diverġenzi sostanzjali bejn is-sejbiet tar-rapporti tas-servizzi konġunti u ż-żewġ rapporti esterni tas-CoR, sabiex jagħmlu analiżi konġunta ibbażata fuq 'benchmarks' xierqa — jekk meħtieġa bl-għajnuna tal-Qorti ta' l-Awdituri — ta' l-ispejjeż preċiżi, tal-benefiċċji u tat-tifdil iġġenerati bil-kooperazzjoni u sabiex ir-riżultati ta' l-eżami tagħhom jippreżentawhom lill-kumitat kompetenti sal-31 ta' Ottubru 2007.

P6_TA(2007)0110

Kwittanza 2005: Taqsima VIIIA, Ombudsman Ewropew

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, Taqsima VIIIA — Ombudsman Ewropew (C6-0471/2006 — 2006/2063(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2005 — Volum I (C6-0471/2006) ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005, u r-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għall-affidabilità tal-kontijiet u għal-legalità u għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduti mill-Qorti ta' l-Awdituri bi qbil ma' l-Artikolu 248 tat-Trattat KE ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u partikularment l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0104/2007),

1. Jagħti kwittanza lill-Ombudsman Ewropew għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005,

2. Jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, u r-riżoluzzjoni li tagħmel parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti ta' l-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, u li jippubblikahom fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

([1]) ĠU L 60, 8.3.2005.
([2]) ĠU C 264, 31.10.2006, p. 1.
([3]) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 1.
([4]) ĠU C 263, 31.10.2006, p.10.
([5]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

2.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, Sezzjoni VIIIA — Ombudsman Ewropew (C6-0471/2006 — 2006/2063(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2005 — Volum I (C6-0471/2006) ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005, u r-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għall-affidabilità tal-kontijiet u għal-legalità u għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduti mill-Qorti ta' l-Awdituri bi qbil ma' l-Artikolu 248 tat-Trattat KE ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u partikularment l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0104/2007),

1. Jinnota li fl-2005 l-Ombudsman Ewropew ("l-Ombudsman") kellu approprjazzjonijiet ta' impenji disponibbli li jammontaw għal total ta' EUR 7 224 554 (2004: EUR 5 782 968) b'rata ta' utilizzazzjoni ta' 84,27 %;

2. Jinnota li d-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' l-2005 ta' l-Ombudsman juru riżultat ekonomiku negattiv għas-sena (EUR 98 482) u totali identiċi ta' assi u obbligazzjonijiet (EUR 890 853);

3. Jinnota li l-Qorti ta' l-Awdituri indika fir-rapport annwali tiegħu dwar is-sena finanzjarja 2005 li l-verifika ma wasslet għall-ebda osservazzjoni fir-rigward ta' l-Ombudsman;

4. Jinnota li skond ir-Rapport ta' l-Awdituri Interni għall-Istituzzjoni Nru 6/81: i) il-ħidma ta' l-awdituri interni ta' l-2005 ma wriet l-ebda qasam ta' riskju sinifikanti għall-operazzjonijiet baġitarji ta' l-Ombudsman; u ii) il-maniġment intern u s-sistemi ta' kontroll ta' l-Istituzzjoni huma effettivi u jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli li l-objettivi ta' kontroll jintlaħqu fuq bażi konsistenti;

5. Jinnota l-informazzjoni mogħtija, mill-Uffiċjal Delegat Prinċipali li jawtorizza, fid-dikjarazzjoni ta' l-attività tiegħu li l-awto-evalwazzjoni ta' l-effiċjenza tal-qafas ta' kontroll intern tas-servizzi ta' l-Ombudsman sar fil-bidu ta' l-2006 u li l-istampa globali li tirriżulta minn dan l-eżerċizzju kien dak ta' livell globalment sodisfaċenti ta' l-implimentazzjoni ta' l-istandards ta' kontroll interni (76 %); madankollu, kien hemm bżonn ta' titjib fl-effettività f'ċertu oqsma (evalwazzjoni tar-riskju, funzjonijiet sensittivi, programmar plurijennali);

([1]) ĠU L 60, 8.3.2005.
([2]) ĠU C 264, 31.10.2006, p. 1.
([3]) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 1.
([4]) ĠU C 263, 31.10.2006, p.10.
([5]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).

6. Ifakkar li sa mill-2004 l-Ombudsman għandu awtonomija u kontroll sħiħ fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji relatati mas-sezzjoni tiegħu tal-baġit;

7. Jinnota li qafas ġdid ta' ftehima għall-koperazzjoni ta' tul ta' żmien indefinit bejn l-Ombudsman u l-Parlament Ewropew rigward l-għoti ta' ċertu servizzi amministrattivi, inklużi t-traduzzjoni u l-bini ta' l-uffiċċji, ġie nnegozjat matul l-2005 u ffirmat f'Marzu ta' l-2006;

8. Jirreġistra li, skond ir-Rapport Annwali ta' l-Ombudsman għall-2005, il-klijenti annwali ta' l-Ombudsman żdiedu minn bejn wieħed u ieħor 800 fl-1996 għal kważi 4000 fl-2005, b'żieda partikolarment kbira bejn l-2003 u l-2004 (53 %);

9. Jirrimarka li matul l-2005, l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman ħass l-impatt baġitarju sħiħ tat-tkabbir ta' l-2004 u li fis-snin 2004 u 2005, l-awtorità baġitarja awtorizzat lill-Ombudsman biex iżid mal-pjan ta' l-istabbiliment tiegħu 20 post tax-xogħol ieħor, li ġew miżjuda mal-31 diġà eżistenti fl-2003 (żieda ta' 65 % ta' l-istaff) filwaqt li fl-istess ħin il-livell ta' approprjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit telgħu minn EUR 4 438 635 fl-2003 għal EUR 7 312 614 fl-2005 (ukoll żieda ta' 65 %);

10. Jinnota mir-rapport annwali ta' l-Ombudsman li fl-2005 huwa kompla ż-żjarat ta' tagħrif tiegħu fl-Istati Membri bil-għan li jtejjeb il-kuxjenza taċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom, ikabbar il-profil tal-ħidma ta' l-Ombudsman qalb il-Membri ewlenin tal-fergħat ġudizzjarji, leġiżlattivi u eżekuttivi u jsaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-kontropartijiet nazzjonali tiegħu; jisħaq fuq l-importanza ta' dik il-kampanja ta' l-informazzjoni;

11. Jinnota wkoll li fl-2005 l-Ombudsman u l-istaff tiegħu għamlu l-isforzi tagħhom biex jippreżentaw ix-xogħol ta' l-Istituzzjoni, billi matul l-2005 għamlu 120 preżentazzjoni waqt konferenzi, seminars u laqgħat, flimkien ma' 50 intervista mal-ġurnalisti;

12. Jinnota li skond it-tweġibiet tiegħu fil-kwestjonarju tar-rapporteur, l-Ombudsman fittex li jwassal it-tagħrif f'dawk il-pajjiżi fejn il-livell ta' lmenti rċevuti huwa inqas milli huwa mistenni meta mqabbel mad-daqs tal-popolazzjoni, per eżempju l-Ġermanja u l-Italja u li għalhekk l-istrateġija tal-midja ta' l-Ombudsman hija li tkabbar il-profil ta' l-Ombudsman fi Stati Membri bħal dawn; iqis li sabiex jidentifika pajjiżi fil-mira tiegħu, l-Ombudsman għandu jiddependi fuq servejs dwar il-kuxjenza taċ-ċittadini rigward xogħlu fl-Istati Membri varji iżjed milli fuq in-numru ta' lmenti;

13. Jipponta lejn ir-rimarka, li saret fid-dikjarazzjoni ta' l-attività ta' l-Ombudsman, li s-sena 2005 kienet sena eċċezzjonali għall-Ombudsman mill-perspettiva tal-komunikazzjoni għax flimkien ma' l-attivitajiet tas-soltu ta' l-Istituzzjoni f'dak li hu għoti tat-tagħrif dwar xogħlu, huwa organizza wkoll serje estensiva ta' avvenimenti biex ifakkar l-10 anniversarju ta' l-Ombudsman; barra minn hekk, il-kapaċità tal-komunikazzjoni ta' l-istituzzjoni kienet imwessgħa b'mod sinifikanti permezz ta' impjegar ta' staff biex jimtlew tliet postijiet tax-xogħol ġodda għal speċjalisti tal-komunikazzjoni u l-għoti ta' membru ieħor ta' l-istaff, magħżul mill-istaff diġà eżistenti, lis-settur tal-komunikazzjoni li nħoloq ġdid;

14. Ifakkar li l-Istatut ta' l-Ombudsman, stipulat mill-Parlament Ewropew fl-1994, ma jimponi l-ebda obbligazzjoni fuq l-Ombudsman biex jippubblika l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tiegħu;

15. Jinnota li l-Istatut iqiegħed lill-Ombudsman f'livell li jista' jitqabbel ma' ta' Imħallef tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ); jinnota li l-ECJ — fuq suġġeriment tal-Parlament Ewropew — waqqaf grupp ta' ħidma biex jeżamina l-iżjed mod xieraq biex jiżgura t-trasparenza fir-rigward ta' l-interessi finanzjarji ta' l-imħallfin; jitlob li skond ir-riżultat ta' l-inkjesta, l-Ombudsman għandu jsegwi l-eżempju mogħti mis-Superviżur Ewropew għall-Ħarsien tad-Dejta u l-viċi tiegħu bil-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji bbażata fuq il-forma użata għar-Reġistru ta' l-Interessi Finanzjarji tal-Membri tal-Parlament Ewropew.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

P6_TA(2007)0111

Kwittanza 2005: Taqsima VIIIB, Kontrullur Ewropew għall-Ħarsien tad-Data

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, Taqsima VIIIB, Kontrullur Ewropew għall-Ħarsien tad-Data (C6-0472/2006 — 2006/2170(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2005 — Volum I (C6-0472/2006) ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005, u r-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għall-affidabilità tal-kontijiet u għal-legalità u għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduti mill-Qorti ta' l-Awdituri bi qbil ma' l-Artikolu 248 tat-Trattat KE ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u partikularment l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0111/2007),

1. Jagħti kwittanza lill-Kontrollur Ewropew għall-Ħarsien tad-Data għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jitlob lill-President tiegħu biex jgħaddi d-deċiżjoni tiegħu, u r-riżoluzzjoni li tagħmel parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti ta' l-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Ombudsman Ewropew u lis-Kontrullur Ewropew għall-Ħarsien tad-Data, u biex jagħmel l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni tagħhom fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

([1]) ĠU L 60, 8.3.2005.
([2]) ĠU C 264, 31.10.2006, p. 1.
([3]) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 1.
([4]) ĠU C 263, 31.10.2006, p.10.
([5]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

2.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 b'osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, Taqsima VIIIB — Kontrollur Ewropew għall-Ħarsien tad-Data (C6-0472/2006 — 2006/2170(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2005 — Volum I (C6-0472/2006) ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005, u r-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għall-affidabilità tal-kontijiet u għal-legalità u għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduti mill-Qorti ta' l-Awdituri bi qbil ma' l-Artikolu 248 tat-Trattat KE ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u partikularment l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0111/2007),

1. Jinnota li fl-2005, il-Kontrollur Ewropew għall-Ħarsien tad-Data (EDPS) kellu għad-dispożizzjoni tiegħu approprjazzjonijiet ta' impenn li jammontaw għal total ta' EUR 2 840 733 b'rata ta' utilizzazzjoni ta' 82.77 %;

2. Jinnota li l-verifika ta' l-EDPS mill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri ma wasslet għall-ebda osservazzjonijiet materjali; jinnota li wara l-introduzzjoni ta' sistema ta' kontabilità fuq bażi ta' dovuti b'effett mill-1 ta' Jannar 2005, ir-rendikonti finanzjarji ta' l-EDPS għall-2005 juru riżultat ekonomiku pożittiv ta' EUR 211 631 u eċċess ta' passiv fuq l-attiv ta' EUR 202 504;

3. Jinnota li l-2005 kienet l-ewwel sena li fiha l-EPDS kien qed jopera bis-sħiħ; ifakkar li l-baġit ta' l-2005 irrapreżenta żieda ta' 48.8 % fuq il-baġit ta' l-2004;

4. Jinnota li l-EPDS ippreżenta baġit ta' EUR 5 080 699 għall-2007 li jirrapreżenta żieda ta' 23 % fuq il-baġit finali ta' l-2006 (EUR 4 147 378), li tirrifletti talba ta' ħames impjiegi ġodda, żieda fl-ispazju għall-uffiċċji u żieda fl-ispejjeż tat-traduzzjoni;

5. Ifakkar li fl-24 ta' Ġunju 2004 s-Segretarji Ġenerali tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill iffirmaw, flimkien ma' l-EPDS, ftehima ta' koperazzjoni amministrattiva biex jgħinu lill-EPDS għal perjodu inizjali ta' tliet snin, skond liema:

— l-Uffiċjal tal-Kontabilità u l-Awditur Intern tal-Kummissjoni kienu maħtura bħala l-Uffiċjal tal-Kontabilità u l-Awditur ta' l-EPDS,

([1]) ĠU L 60, 8.3.2005.
([2]) ĠU C 264, 31.10.2006, p. 1.
([3]) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 1.
([4]) ĠU C 263, 31.10.2006, p.10.
([5]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— id-dipartimenti tal-Kummissjoni jipprovdu għajnuna għax-xogħlijiet kollha dwar l-immaniġġjar ta' persuni li għandhom x'jaqsmu ma' l-istituzzjoni (determinazzjoni ta' drittijiet, ħlas ta' salarji, rimbors ta' spejjeż għall-kura tas-saħħa, dawk li jirrigwardaw missjonijiet, eċċ.),

— id-dipartimenti tal-Kummissjoni jgħinu wkoll lill-EDPS biex jiġi stabbilit u implimentat il-baġit,

— l-EPDS huwa installat fil-bini tal-Parlament Ewropew; id-dipartimenti tal-Parlament Ewropew jgħinu lill-EDPS f'dak li jikkonċerna faċilitajiet materjali u 'know-how' relatati ma' l-installazzjoni tiegħu fil-bini (sigurtà tal-bini, posta, kompjuters, telefowns, uffiċċji u provvisti),

— il-Kunsill jipprovdi l-faċilitajiet għat-traduzzjoni;

6. Jinnota li fis-7 ta' Diċembru 2006 il-ftehima ta' koperazzjoni amministrattiva kienet imġedda għall-perjodu ta' 3 snin b'effett mis-16 ta' Jannar 2007;

7. Jinnota li permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Novembru 2006 l-EPDS iddeċieda li jwaqqaf struttura ta' kontroll intern adegwata għall-attivitajiet u l-ħtiġijiet ta' l-istituzzjoni;

8. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni ta' l-EPDS u l-assistent kontrollur li jippubblikaw, kull sena, dikjarazzjoni ta' l-interessi ekonomiċi u finanzjarji tagħhom hekk kif il-websajt il-ġdid tagħhom ikun lest kmieni fl-2007; jinnota li sadanittant huma għaddew dikjarazzjonijiet bil-miktub rigward l-interessi finanzjarji tagħhom għas-snin 2005 u 2006 f'formola simili għal dik li timtela kull sena mill-Membri tal-Parlament Ewropew, li fiha ma jidhrux attivitajiet professjonali, xogħol jew attivitajiet oħra li minnhom jirċievu ħlas dikjarabbli jew informazzjoni rilevanti oħra;

9. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-EPDS huwa dispost li jingħaqad mal-ftehima interistituzzjonali dwar l-OLAF u jħeġġu biex jieħu l-passi kollha neċessarji malajr kemm jista' jkun.

P6_TA(2007)0112

Kwittanza 2005: Is-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2005 (COM(2006)0429 — C6-0264/2006 — 2006/2169(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għad-deċiżjonijiet tal-kwittanza ta' l-2004 (COM(2006)0641) u l-anness tiegħu SEC(2006)1376),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-kontijiet ta' dħul u nfiq għas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2005 (COM(2006)0429 — C6-0264/2006) [1],

— wara li kkunsidra r-rapport dwar il-ġestjoni finanzjarja tas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena 2005 (COM(2006)0405),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mis-Sitt, mis-Seba', mit-Tmien u mid-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ivverifikati ta' l-istituzzjonijiet [2],

[1] ĠU C 265, 31.10.2006, p. 1.
[2] ĠU C 263, 31.10.2006, p. 205.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għall-affidabilità tal-kontijiet u għal-legalità u għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduti mill-Qorti ta' l-Awdituri bi qbil ma' l-Artikolu 248 tat-Trattat KE [1],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (6061/2007 — C6-0094/2007, 6062/2007 — C6-0095/2007, 6063/2007 — C6-0096/2007, 6064/2007 — C6-0097/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tal-Ftehima Interna ta' l-20 ta' Diċembru 1995, bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-amministrazzjoni ta' l-għajnuna Komunitarja taħt it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-raba' Konvenzjoni ACP-KE [2],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 32 tal-Ftehima Interna tat-18 ta' Settembru 2000, bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-amministrazzjoni ta' l-għajnuna Komunitarja taħt il-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehima ta' Sħubija bejn l-Istati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha ffirmata f'Cotonou (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000, u l-allokazzjoni ta' għajnuna finanzjarja għal Pajjiżi u Territorji Barranin li tapplika għalih ir-Raba' Parti tat-Trattat KE [3],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 74 tar-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għal koperazzjoni fl-iffinanzjar ta' l-iżvilupp taħt ir-raba' Konvenzjoni ACP-KE [4],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 119 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-Disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp [5],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 70 u 71, t-tielet inċiż, u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0115/2007),

A. billi, fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar il-Fondi Ewropej ta' l-Iżvilupp (EDFs), il-Qorti ta' l-Awdituri kkonkludiet li, ħlief għal ċerti eċċezzjonijiet, il-kontijiet għas-sena finanzjarja 2005 jirriflettu b'mod affidabbli d-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja u l-qagħda finanzjarja fl-aħħar tas-sena,

B. billi l-konklużjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi hija bbażata, inter alia, fuq il-verifika ta' kampjun ta' tranżazzjonijiet,

C. billi l-Qorti ta' l-Awdituri, fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni eżaminata, hija ta' l-opinjoni li d-dħul imniżżel fil-kontijiet, l-allokazzjonijiet għall-EDF u l-impenji u l-ħlasijiet, meta jitqiesu kollha kemm huma, huma legali u regolari,

1. Jagħti kwittanza lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, u r-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti ta' l-Awdituri u lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment, u sabiex dawn jippubblikawhom fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Serje L).

[1] ĠU C 263, 31.10.2006, p. 213.
[2] ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108.
[3] ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.
[4] ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53.
[5] ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

2.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2005 (COM(2006)0429 — C6-0264/2006 — 2006/2169(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għad-deċiżjonijiet tal-kwittanza ta' l-2004 (COM(2006)0641) u l-anness tiegħu SEC(2006)1376),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-kontijiet ta' dħul u nfiq għas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2005 (COM(2006)0429 — C6-0264/2006) [1],

— wara li kkunsidra r-rapport dwar il-ġestjoni finanzjarja tas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena 2005 (COM(2006)0405),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mis-Sitt, mis-Seba', mit-Tmien u mid-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ivverifikati ta' l-istituzzjonijiet [2],

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għall-affidabilità tal-kontijiet u għal-legalità u għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduti mill-Qorti ta' l-Awdituri bi qbil ma' l-Artikolu 248 tat-Trattat KE [3],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (6061/2007 — C6-0094/2007, 6062/2007 — C6-0095/2007, 6063/2007, — C6-0096/2007, 6064/2007 — C6-0097/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tal-Ftehima Interna ta' l-20 ta' Diċembru 1995, bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-amministrazzjoni ta' l-għajnuna Komunitarja taħt it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-raba' Konvenzjoni ACP-KE [4],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 32 tal-Ftehima Interna tat-18 ta' Settembru 2000, bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-amministrazzjoni ta' l-għajnuna Komunitarja taħt il-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehima ta' Sħubija bejn l-Istati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha ffirmata f'Cotonou (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000, u l-allokazzjoni ta' għajnuna finanzjarja għal Pajjiżi u Territorji Barranin li għalih tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat KE [5],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 74 tar-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għal koperazzjoni fl-iffinanzjar ta' l-iżvilupp taħt ir-raba' Konvenzjoni ACP-KE [6],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 119 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-Disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp [7],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 70 u 71, t-tielet inċiż, u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0115/2007),

(1) ĠU C 265, 31.10.2006, p. 1.
(2) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 205.
(3) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 213.
(4) ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108.
(5) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.
(6) ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53.
(7) ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali tas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp huma kif ġej:

(miljun euro)

Tabella 1 — Użu kumulattiv tar-riżorsi ta' l-EDF fil-31 ta' Diċembru 2005													
	Qagħda fl-aħħar ta' l-2004		Implimentazzjoni baġitarja matul is-sena finanzjarja 2005					Qagħda fl-aħħar ta' l-2005					
	Ammont globali	Rata ta' implimentazzjoni % (1)	Is-Sitt EDF	Is-Seba' EDF	It-Tmien EDF	Id-Disa' EDF	Ammont globali	Is-Sitt EDF	Is-Seba' EDF	It-Tmien EDF	Id-Disa' EDF	Ammont Globali	Rata ta' implimentazzjoni % (1)
A — RIŻORSI (2)	**43 801,8**		-24,6	-86,1	-275,1	1 038,9	**653,2**	**7 414,8**	**10 781,6**	**11 315,6**	**14 943,0**	**44 455,0**	
B — UTILIZZAZZJONI													
1. Impenji finanzjarji	**35 692,2**	**81,5**	**-24,6**	**-86,1**	**-275,1**	**3 420,8**	**3 035,1**	**7 414,8**	**10 781,6**	**11 315,6**	**9 215,3**	**38 727,3**	**87,1**
2. Impenji legali individwali	**30 313,2**	**69,2**	**-1,3**	**110,5**	**472,0**	**2 070,9**	**2 652,1**	**7 377,0**	**10 529,0**	**10 247,2**	**4 812,1**	**32 965,3**	**74,2**
3. Ħlasijiet (1)	**25 918,0**	**59,2**	**21,6**	**235,3**	**854,1**	**1 373,7**	**2 484,7**	**7 333,7**	**10 084,9**	**8 385,2**	**2 598,9**	**28 402,7**	**63,9**
C — Pagamenti pendenti (B1-B3)	**9 774,2**	**22,3**						**81,1**	**696,7**	**2 930,3**	**6 616,4**	**10 324,5**	**23,2**
D — Bilanċ disponibbli (A-B1)	**8 109,6**	**18,5**						**0,0**	**0,0**	**0,0**	**5 727,7**	**5 727,7**	**12,9**

Sors: Qorti ta' l-Awdituri, ibbażata fuq ir-Rapporti ta' l-EDF dwar l-implimentazzjoni finanzjarja u d-dikjarazzjonijiet Finanzjarji fil-31 ta' Diċembru 2005.
(1) Bħala perċentaġġ tar-riżorsi.
(2) Allokazzjonijiet inizjali għas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' EDFs, interessi, riżorsi mħallta u trasferimenti minn EDFs preċedenti.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti ta' l-Awdituri u lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment, u sabiex tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Serje L).

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2005 (COM(2006)0429 — C6-0264/2006 — 2006/2169(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għad-deċiżjonijiet tal-kwittanza ta' l-2004 (COM(2006)0641 u l-anness tiegħu SEC(2006)1376),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-kontijiet ta' dħul u nfiq għas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2005 (COM(2006)0429 — C6-0264/2006) (1),

— wara li kkunsidra r-rapport dwar il-ġestjoni finanzjarja tas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena 2005 (COM(2006)0405),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mis-Sitt, mis-Seba', mit-Tmien u mid-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ivverifikati ta' l-istituzzjonijiet (2),

(1) ĠU C 265, 31.10.2006, p. 1.
(2) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 205.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għall-affidabilità tal-kontijiet u għal-legalità u għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduti mill-Qorti ta' l-Awdituri bi qbil ma' l-Artikolu 248 tat-Trattat KE [1],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (6061/2007 — C6-0094/2007, 6062/2007 — C6-0095/2007, 6063/2007 — C6-0096/2007, 6064/2007 — C6-0097/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tal-Ftehima Interna ta' l-20 ta' Diċembru 1995, bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-amministrazzjoni ta' l-għajnuna Komunitarja taħt it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-raba' Konvenzjoni ACP-KE [2],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 32 tal-Ftehima Interna tat-18 ta' Settembru 2000, bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-amministrazzjoni ta' l-għajnuna Komunitarja taħt il-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehima ta' Sħubija bejn l-Istati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha ffirmata f'Cotonou (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000, u l-allokazzjoni ta' għajnuna finanzjarja għal Pajjiżi u Territorji Barranin li tapplika għaliha r-Raba' Parti tat-Trattat KE [3],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 74 tar-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għal koperazzjoni fl-iffinanzjar ta' l-iżvilupp taħt ir-raba' Konvenzjoni ACP-KE [4],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 119 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-Disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp [5],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 70 u 71, t-tielet inċiż, u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0115/2007),

A. billi l-Artikolu 119 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 jesiġi li l-Kummissjoni tieħu l-passi kollha xierqa biex taġixxi fuq l-osservazzjonijiet mehmużin mad-deċiżjoni li tagħti kwittanza u biex tirrapporta, fuq talba tal-Parlament Ewropew, dwar il-miżuri li ttieħdu fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u kummenti,

B. billi l-Ftehima ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp ta' l-Istati Afrikani, tal-Karibew u Paċifiċi minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa l-oħra, iffirmata f'Kotonu fit-23 ta' Ġunju 2000 [6], ġiet riveduta bil-ftehima ffirmata fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 [7],

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

1. Jinnota li minkejja l-problemi msemmija fid-dettall hawn taħt, il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri (ECA) hija ta' l-opinjoni li l-kontijiet jirriflettu b'mod affidabbli d-dħul u l-infiq relatati mas-Sitt, mas-Seba', mat-Tmien u mad-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (EDFs):

a) is-sistema attwali ta' l-IT mhix kapaċi tipprovdi tagħrif sħiħ dwar il-kontijiet,

b) tagħrif mhux komplet dwar il-garanziji tal-bank, li rriżulta f'dikjarazzjoni tal-garanziji ta' 4 % inqas milli suppost;

[1] 3 ĠU C 263, 31.10.2006, p. 213.
[2] 4 ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108.
[3] 5 ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.
[4] ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53.
[5] ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.
[6] ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
[7] ĠU L 287, 28.10.2005, p. 4.

2. Jinnota li, fir-rigward tat-tranżazzjonijiet sottostanti, l-Qorti ta' l-Awdituri hija ta' l-opinjoni li d-dħul, l-allokazzjonijiet ta' l-EDF, l-impenji u l-ħlasijiet huma, meta jitqiesu kollha kemm huma, legali u regolari;

3. Ifakkar li madwar nofs l-allokazzjonijiet totali jikkonsistu f'għajnuna programmabbli mmirata lejn l-implimentazzjoni ta' proġetti; josserva li dawn il-fondi jiġu implimentati f'żewġ fażijiet: il-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni dwar l-iffinanzjar — li tidher fil-kontijiet bħala impenn finanzjarju; il-konklużjoni tal-kuntratti — li tidher fil-kontijiet bħala impenji legali individwali — u l-awtorizzazzjoni ta' ħlasijiet isiru mill-uffiċjal nazzjonali li jawtorizza (NAO) tal-pajjiż ikkonċernat, skond il-ftehim dwar l-iffinanzjar bejn il-Kummissjoni u dak il-pajjiż partikulari;

4. Jenfasizza li l-Qorti ta' l-Awdituri nnotat żieda fir-riskju li jsiru żbalji li jaffettwaw tranżazzjonijiet li jaqgħu taħt ir-responsabilità tan-NAOs; jinnota li, fir-rigward ta' impenji legali individwali, l-iżbalji skoperti kienu jikkonċernaw pereżempju l-użu ta' proċeduri xierqa għas-sejħiet ta' l-offerti, b'mod partikulari fl-istimi ta' programmi u ftehimiet dwar għotjiet, garanziji bankarji u n-nuqqas li jintlaħqu l-iskadenzi għall-bidu ta' l-implimentazzjoni ta' programmi; josserva li, fir-rigward ta' ħlasijiet, l-iżbalji kienu jikkonċernaw l-ammonti tal-ħlasijiet u żbalji oħrajn bħal nuqqas ta' konformità ma' l-obbligi kuntrattwali;

5. Jirrikonoxxi, f'konformità ma' l-ECA, l-isforzi tal-Kummissjoni biex tibni l-kapaċità ta' mmaniġġjar ta' l-NAOs billi tipprovdilhom għajnuna teknika, tagħmir u taħriġ; madankollu huwa mħasseb li l-ECA tista' tiġġudika r-riżultati ta' dawn l-isforzi bħala wieħed varjabbli; jitlob li l-Kummissjoni tirfina l-istrateġija ta' appoġġ tagħha fir-rigward ta' każijiet problematiċi;

It-tisħiħ tar-responsabbilità fl-immaniġġjar tal-Kummissjoni tal-fondi EDF

6. Ifakkar li fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza preċedenti, il-Parlament talab lill-Kummissjoni biex tikkjarifika t-tqassim indikattiv tar-responsabilitajiet tal-Kummissjoni fir-rigward ta' l-EDF u ta' l-għajnuna esterna; huwa konxju tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni, li t-tqassim ta' responsabilitajiet, minkejja li teżisti ċerta kumplessità minħabba l-ħtieġa għal koordinazzjoni ta' servizzi differenti tal-Kummissjoni, jaħdem tajjeb fil-prattika; madankollu, jistieden lill-Kummissjoni biex tirrifletti fuq modi possibbli kif tista' tissimplifika l-istruttura ta' ġestjoni attwali sabiex ikun minimizzat l-periklu ta' ambigwitajiet fir-rigward tar-responsabilitajiet għall-EDF;

Tisħiħ tal-kontroll demokratiku tal-fondi ta' l-EDF immaniġġjati mill-Bank Ewropew ta' l-Investiment

7. Jinnota li, mill-allokazzjoni inizjali totali tad-Disa' EDF, li tammonta għal EUR 13 800 miljun, il-Bank Ewropew ta' l-Investiment (EIB) huwa responsabbli għal EUR 2 200 miljun, li jintefqu permezz tal-faċilità ta' investiment ta' l-EDF; josserva li l-faċilità ta' investiment mhix koperta mid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ta' l-ECA u lanqas mill-proċedura ta' kwittanza tal-Parlament;

8. Jipproponi li l-EIB jagħti rendikont ta' l-immaniġġjar tiegħu tal-faċilità ta' investiment ta; l-EDF lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament u jenfasizza li, skond it-Titolu VII tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għad-Disa' EDF, il-kontijiet ta' l-EDF immaniġġjati mill-EIB huma suġġetti għal eżami mill-ECA;

9. Jerġa jtenni l-opinjoni mir-riżoluzzjonijiet dwar kwittanza preċedenti li hemm ċerta diskrepanza fir-regolament finanzjarju ta' l-EDF attwali fir-rigward tal-kontijiet ta' l-EDF: waqt li matul il-proċedura ta' kwittanza, il-Kummissjoni tippreżenta l-kontijiet ikkonsolidati ta' l-EDF lill-Parlament inklużi d-dikjarazzjonijiet finanzjarji u t-tagħrif mogħti mill-EIB, sussegwentement il-Parlament jeżamina biss il-kontijiet u jeskludi l-informazzjoni mogħtija mill-EIB;

10. Ifakkar li l-ECA, fl-opinjoni tagħha Nru. 12/2002 [1], iddispjaċiha li l-operazzjonijiet ta' l-EDF immaniġġjati mill-EIB ma kinux suġġetti għal proċedura ta' kwittanza li tinvolvi l-Parlament u l-Kunsill; jappoġġja l-argumenti ta' l-ECA li dawk l-operazzjonijiet twettqu mill-bank f'isem il-Komunità u b'riskju tal-Komunità, u li fil-bidu dawn il-fondi kienu kontribuzzjoni ta' l-Ewropej li jħallsu taxxi u mhux tas-swieq finanzjarji;

[1] ĠU C 12, 17.1.2003, p. 19.

11. Huwa konvint li t-trasparenza u l-kontroll demokratiku tal-fondi ta' l-EDF immaniġġjati mill-EIB kienu jissaħħu li kieku dawn l-operazzjonijiet kienu suġġetti għal proċedura ta' kwittanza li tinvolvi l-Parlament u l-Kunsill; jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-EIB biex jindirizzaw din il-kwistjoni waqt ir-reviżjoni li ġejja tar-Regolament Finanzjarju ta' l-EDF;

Indirizzar ta' limitazzjonijiet fir-riżorsi

12. Jikkonkludi għal darba oħra li l-integrazzjoni ta' l-EDF fil-baġit ta' l-UE isaħħaħ il-konsistenza globali tal-koperazzjoni Ewropea fl-iżvilupp, tiżgura aktar trasparenza u effettività u tiffaċilità l-iskrutinju demokratiku;

13. Huwa mħasseb li l-Kummissjoni, fir-rapport tagħha dwar l-immaniġġjar finanzjarju, indikat li minħabba limitazzjonijiet fir-riżorsi xi oqsma ta' kontroll finanzjarju ġew traskurati, fosthom, bħala eżempji xierqa, insibu l-monitoraġġ ta' programmi Stabex u l-implimentazzjoni ta' kontrolli ex post; barra minn hekk jinnota li kemm ir-rapporti ta' attività annwali tad-DĠ AIDCO (EuropeAid) kif ukoll dawk tad-DĠ Żvilupp ibassru nuqqas fin-numru ta' staff meta x-xogħol jiżdied b'mod sinifikattiv fis-snin li ġejjin;

14. Jinnota li l-Kummissjoni tuża punti ta' referenza li joriġinaw mit-taqbil li jsir ma' donaturi oħrajn, u li l-Kummissjoni fasslet għaliha nnifisha mira li żżomm rata ta' 4.5 membri ta' staff għal kull EUR 10 miljun għajnuna; huwa ta' l-opinjoni li l-fatt li tintlaħaq rata ġenerali ta' staff għal kull EUR 10 miljun ta' għajnuna ma jistax fih innifsu jagħti lill-awtorità ta' kwittanza l-assigurazzjoni meħtieġa li l-implimentazzjoni u l-kontroll finanzjarju ma jbatux minn nuqqas attwali ta' staff kif ġie rikonoxxut mill-Kummissjoni stess;

15. Jitlob, f'konformità ma' l-ECA, li l-Kummissjoni, fir-rapport tagħha dwar l-immaniġġjar finanzjarju għall-2006, tindika l-prijoritajiet li ġew stabbiliti bħala riżultat tal-limitazzjonijiet attwali fir-riżorsi u l-impatt fuq l-implimentazzjoni ta' l-EDFs;

16. Jistieden lill-Kummissjoni, biex tirrevedi l-istrateġija ta' verifika tagħha u torganizza mill-ġdid l-istrutturi ta' verifika u l-istaff u, mhux biss minħabba l-limitazzjonijiet attwali fir-riżorsi, biex tikkunsidra koperazzjoni aktar mill-qrib ma' l-esperti nazzjonali mill-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri fl-immaniġġjar finanzjarju tal-fondi ta' l-EDF b'mod ġenerali u l-użu estiż ta' impriżi privati magħrufa u b'reputazzjoni tajba mill-Istati Membri fit-twettiq ta' programmi u proġetti individwali;

Il-bini ta' sistemi sodi ta' teknoloġija ta' l-informatika għall-finijiet ta' kontabilità u mmaniġġjar

17. Jikkondividi t-tħassib ta' l-ECA fir-rigward tal-fatt li s-sistema ta' kontabilità attwali ma pprovdietx it-tagħrif komplet dwar il-kontijiet għas-sena finanzjarja 2005 u li, għalhekk, il-kontijiet kellhom jiġu kumplimentati b'mod manwali sabiex ikunu konformi mal-prinċipji tal-kontabilità tad-dovut (accrual accounting);

18. Huwa mħasseb dwar ir-riżultat ta' verifika tas-sistema lokali tat-teknoloġija ta' l-informatika tal-EuropeAid li saret bis-saħħa tal-kapaċità għal verifika interna tal-EuropeAid, li ddikjarat li l-kontrolli ta' l-applikazzjoni kienu adegwati, iżda li l-amministrazzjoni u sigurtà tas-sistema laħqu biss l-istandards minimi skond "prattiki prinċipali";

19. Jinnota li l-immaniġġjar tal-fondi ta' l-EDF se jitmexxa għall-istess sistema tat-teknoloġija ta' l-informatika użata għall-immaniġġjar ta' l-għajnuna għall-iżvilupp iffinanzjata mill-baġit ġenerali (CRIS — ABAC); josserva li kien hemm dewmien fil-migrazzjoni li issa hija skedata li ssir sa l-aħħar ta' l-2007, fil-ħin għall-bidu ta' l-Għaxar EDF fl-2008; jistieden lill-Kummissjoni biex tgħarraf lill-Parlament dwar ir-riżultati tal-proċess ta' migrazzjoni; jistenna li l-Kummissjoni tiżgura li waqt il-proċess ta' migrazzjoni jkun provdut tagħrif komplut u ta' min joqogħod fuqu dwar iż-żamma tal-kontijiet lill-ECA u lill-awtorità ta' kwittanza;

20. Jilqa' b'sodifazzjon il-fatt li l-Kummissjoni lesta tinforma lill-Parlament dwar l-integrazzjoni ta' l-amministrazzjoni finanzjarja ta' l-EDF fis-Sistema Komuni ta' Informazzjoni RELEX (CRIS) f'Lulju u mbagħad f'Settembru;

21. Jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ttejjeb is-sistema ta' l-informatika tal-EuropeAid mhux biss fir-rigward ta' l-iffunzjonar tagħha bħala għodda tal-kontabilità iżda wkoll bħala għodda ta' tmexxija; f'dan il-kuntest, jitlob lill-Kummissjoni biex tqis b'attenzjoni partikulari segwitu mtejjeb u koerenti tas-sejbiet tal-verifika;

Evalwazzjoni ta' l-impatt ta' l-iffinanzjar mill-UE għall-għajnuna għall-iżvilupp permezz ta' l-EDF

22. Huwa konvint li l-kejl tal-kontribut ta' għajnuna għall-iżvilupp ta' l-UE ffinanzjata permezz ta' l-EDF hemm bżonn — bħala l-ewwel pass — li l-Kummissjoni taħdem ma' l-imsieħba fil-pajjiżi benefiċċjarji sabiex jitfasslu objettivi kemm jista' jkun preċiżi li jippermettu li l-progress jiġi kkalkulat b'mod faċli u preċiż f'kull stadju ta' l-implimentazzjoni;

23. Jinnota li l-Kummissjoni, fis-segwitu tagħha għall-kwittanza ta' l-2004 li ġiet ippreżentata f'Ottubru 2006, indikat li, fir-rigward tar-rawnd ta' programmar tal-pajjiżi għall-perjodu 2007-2013, hija fil-proċess li tiżviluppa rakkomandazzjonijiet għall-użu ta' indikaturi rilevanti f'kull wieħed mill-oqsma koperti mid-dokumenti ta' programmar;

24. Jaħseb li huwa importanti li indikaturi rilevanti tal-prestazzjoni għandhom ikunu inklużi fil-proċess ta' programmar mill-bidu nett; jistieden lill-Kummissjoni biex tindika, fir-rapport dwar l-immaniġġjar finanzjarju għall-2006, sa liema punt ġew implimentati fil-ħin ir-rakkomandazzjonijiet għall-istabbiliment ta' indikaturi tal-prestazzjoni fil-proċess ta' programmar għall-perjodu 2007-13;

25. Jistenna li l-Kummissjoni tagħti istruzzjonijiet lid-delegazzjonijiet tagħha fil-pajjiżi benefiċċjarji bħala regola ġenerali biex fir-rapporti tagħha tiddefinixxi r-riżultati prattiċi tat-tqassim tal-fondi ta' l-UE sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tikkalkula u tippubblika r-riżultati tal-koperazzjoni ta' l-UE fl-iżvilupp;

Aktar titjib fl-implimentazzjoni tal-fondi ta' l-EDF

26. Hu fiduċjuż li sseħħ il-previżjoni fl-evalwazzjoni tal-prestazzjoni li tgħid li l-fondi kollha tad-Disa' EDF se jkunu impenjati sa l-aħħar ta' l-2007 meta jiskadi d-Disa' EDF; jitlob lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament, f'ħin waqtu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2006, dwar l-evoluzzjoni ta' l-impenji fir-rigward tad-Disa' EDF, is-sitwazzjoni fir-rigward ta' l-EDFs preċedenti u s-sitwazzjoni fir-rigward ta' ħlasijiet;

27. Ifakkar li t-tnaqqis ta' impenji pendenti *(reste à liquider* (RAL)) kien għal żmien twil suġġett tat-tħassib tal-Parlament f'eżerċizzji ta' kwittanza preċedenti; jappoġġja l-inizjattivi riċenti tal-Kummissjoni biex tnaqqas ir-RAL; jinnota li fl-2006 ir-RAL tnaqqas għall-ewwel darba u issa jammonta għal EUR 10 324 miljun; jinnota li r-RAL "l-antik", jiġifieri impenji li ilhom iktar minn 5 snin, tnaqqas minn EUR 1.62 biljun għal EUR 867 miljun; jinnota li l-impenji inattivi, jiġifieri dawk li għalihom ma kienx iffirmat l-ebda kuntratt u li għalihom ma sarux l-ebda ħlasijiet f'dawn l-aħħar sentejn, tnaqqsu minn EUR 350 miljun għal EUR 285 miljun; jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel sforzi biex tnaqqas ir-RAL u biex tirrapporta, fid-dettall, lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li sar;

28. Jinnota li r-rapport dwar l-immaniġġjar finanzjarju għas-sena finanzjarja 2005 tressaq tard; jistenna li l-Kummissjoni tipprovdi, fir-rapport ta' l-immaniġġjar finanzjarju tagħha għas-sena finanzjarja 2006, informazzjoni aktar dettaljata kif mitlub mill-ECA, b'mod partikulari informazzjoni dwar l-istrateġija biex jitnaqqas il-livell ta' impenji inattivi;

29. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li s-sehem tal-fondi ta' l-UE minfuqa fuq is-setturi tas-saħħa bażika u ta' l-edukazzjoni bażika tela' minn 4.98 % għal 6.83 %; madanakollu, jiddispjaċih li dan is-sehem għadu 'l bogħod ħafna mill-mira ta' 20 % li ġiet ffissat fil-baġit ta' l-2005; ma jistax jaċċetta l-fatt li l-Kummissjoni qed tuża l-objettiv leġittimu u meħtieġ ta' koordinazzjoni aħjar tad-donaturi u l-kondiviżjoni tax-xogħol fosthom bħala skuża għal-livell wisq baxx ta' investiment fis-setturi tas-saħħa bażika u ta' l-edukazzjoni bażika u jħeġġiġha sabiex tadotta miżuri sabiex tikseb il-mira ta' 20 % u sabiex tinforma lill-Parlament bil-miktub ta' l-anqas darbtejn fis-sena dwar il-progress ta' l-implimentazzjoni u dwar il-fatturi meqjusa fil-kalkoli;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

30. Jiddipjaċih dwar il-fatt li l-Kummissjoni għadha ma żviluppatx strateġija komprensiva flimkien mal-pajjiżi benefiċjarji sabiex is-setturi tas-saħħa u ta' l-edukazzjoni jkunu prijorità fl-istrateġiji ġodda tal-pajjiżi;

31. Jesprimi dispjaċir ukoll li, minkejja li l-kummissjoni tat l-assigurazzjonijiet tagħha, id-dokumenti ta' strateġiji nazzjonali li bħalissa qed jiġu ppreparati huma nieqsa minn profil ċar ta' Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju (MDG), biex ma nsemmux in-nuqqas ta' miri u skedi speċifiċi għall-kisba ta' kull MDG u jonqsu milli jitrattaw b'mod xieraq il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-kisba tagħhom;

32. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkontrolla aktar mill-qrib l-emigrazzjoni ta' xogħol tas-snajja mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw lejn l-UE u sabiex tipproponi miżuri xierqa li jippermettu lill-persuni mħarrġa li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jibqgħu jew jerġgħu jirritornaw lejn pajjiżhom sabiex azzjoni mid-donaturi, eżempju fis-setturi tas-saħħa u ta' l-edukazzjoni, tista' tkun fit-tul u effettiva fil-ġlieda kontra l-faqar fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

33. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Kummissjoni sabiex timplimenta l-istrateġija sabiex l-ambjent jiġi inkorporat fil-koperazzjoni għall-iżvilupp, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tkompli miexja 'l quddiem bid-dimensjoni ambjentali fil-politika għall-iżvilupp, inklużi miżuri li jippromwovu l-forniment ta' enerġija li tirrispetta l-ambjent;

L-Iżgurar ta' mmaniġġjar finanzjarju sod fir-rigward ta' l-appoġġ għall-baġit

34. Josserva li l-Kummissjoni tikkunsidra l-appoġġ għall-baġit mogħti lill-pajjiżi benefiċjarji bħala għodda dejjem aktar importanti għat-twassil effiċjenti ta' politiki ta' l-iżvilupp; jinnota li s-sehem ta' impenji ta' l-EDF fil-qasam ta' l-appoġġ għall-baġit ġenerali u settorjali żdied b'mod konsiderevoli, minn 18 % fl-2004 għal 32 % fl-2005;

35. Jirrimarka li s-setgħat ta' kontroll ta' l-ECA fil-qasam ta' l-appoġġ għall-baġit huma limitati; jagħti bħala eżempju, fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, li l-ECA tista' tivverifika biss li l-kundizzjonijiet rilevanti ġew evalwati b'mod xieraq mill-Kummissjoni; għalhekk, jappoġġja b'mod qawwi t-talba ta' l-ECA li l-Kummissjoni għandha tfassal b'mod strutturat u dettaljat, fir-rapport tagħha dwar l-immaniġġjar finanzjarju għas-sena 2006, il-kriterji li wasslu għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità tal-pajjiż relevanti għal appoġġ tal-baġit; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni biex tipprovdi l-informazzjoni mitluba;

36. Jerġa' jtenni li l-Parlament, f'konformità ma' l-ECA, tagħti importanza kbira l-irwol ta' l-istituzzjonijiet superjuri nazzjonali ta' verifika (SAIs) fil-pajjiżi li jirċievu apoġġ għall-baġit; jinsisti li jirċievi, kif kien mitlub fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza preċedenti, l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-possibilitajiet differenti għall-Komunità Ewropea biex tikkopera ma' dawk l-SAIs;

37. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tappoġġja proġetti ta' ġemellaġ li jinvolvu esperti nazzjonali mill-SAIs ta' l-Istati Membri u SAIs fil-pajjiżi li qed jirċievu l-appoġġ għall-baġit, bħall-koperazzjoni bejn l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Awditjar tar-Renju Unit u l-Uffiċċju ta' l-Awditjar tal-Gana; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tindaga aktar dwar l-użu tal-kompetenza tas-SAIs ta' l-Istati Membri sabiex jissaħħaħ il-kontroll finanzjarju pubbliku fil-pajjiżi msieħba;

Sistemi ta' superviżjoni u ta' kontroll

38. Jinnota l-opinjoni ta' l-ECA li għadha ma ġietx stabbilita strateġija koerenti u globali ta' kontroll fir-rigward ta' l-immaniġġjar tal-fondi ta' l-EDF u ta' l-għajnuna esterna; jilqa' r-rakkomandazzjonijiet konkreti ta' l-ECA li jiġu inklużi xi elementi f'din l-istrateġija; josserva li l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni lejn qafas Integrat ta' Kontroll Intern [1] jaħseb għal linji gwida komuni li għandhom ikunu stabbiliti għal kull grupp ta' politiki u li dan għandu jirriżulta f'rappurtaġġ aktar ċar u koerenti fir-rapporti ta' attività annwali; jirrikonoxxi r-rieda tal-Kummissjoni li ttejjeb aktar is-sistemi superviżorji u ta' kontroll u l-miżuri konkreti proposti biex dan isir; jitlob lill-Kummissjoni biex tirrapporta, fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet konkreti ta' l-ECA, dwar il-progress li jsir fir-rapporti ta' attività annwali li ġejjin;

[1] ĠU C 67, 18.3.2006, p. 32.

39. Jilqa' l-fatt li l-ECA irreġistrat titjib fis-sistemi ta' superviżjoni u ta' kontroll tal-Kummissjoni; madankollu jiddispjaċih mill-fatt li dan it-titjib ma jestendix għas-superviżjoni, l-kontroll u l-verifika ta' l-istituzzjonijiet ta' implimentazzjoni; jikkunsidra mhux aċċettabbli li, bħala riżultat, jibqa' jsir numru kbir ta' żbalji materjali f'punt ċentrali fil-katina bejn l-Ewropew li jħallas it-taxxa u l-benefiċjarju finali fil-pajjiż li qed jiżviluppa;

40. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa u timplimenta metodu komprensiv lejn is-superviżjoni, il-kontroll u l-verifika ta' l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni sabiex tiżgura l-applikazzjoni xierqa ta' proċeduri kuntrattwali mill-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni, li ħafna drabi s'issa ma kienx il-każ;

41. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex, bil-għan li ttejjeb is-superviżjoni finanzjarja, tiżgura li l-EuropeAid tipprovdi appoġġ aħjar għall-istaff finanzjarju operattiv fid-delegazzjonijiet u fis-servizzi ċentrali, tagħmel arranġamenti għal analiżi ta' riskju aħjar u li jiffoka fuq is-setturi ta' riskju għoli partikulari u tagħmel aktar żjarat ta' monitoraġġ, tikseb superviżjoni ċentrali aħjar tal-prestazzjoni u ssegwi l-verifiki esterni mibdija mid-delegazzjonijiet u mis-servizzi ċentrali u tibda anqas verifiki *ex post* filwaqt li fl-istess ħin ittejjeb l-iskop, il-ħin u l-kontroll tal-kwalità tagħhom;

42. Ġeneralment, jappoġġa bil-qawwa t-talba ta' l-ECA li l-Kummissjoni għandha tippreżenta fid-dettall il-mod kif segwiet is-sejbiet tal-verifiki ta' l-ECA fir-rapporti ta' attività annwali u fir-rapporti dwar l-immaniġġjar finanzjarju tal-fondi ta' l-EDF.

P6_TA(2007)0113

Kwittanza 2005: Ċentru għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0386/2006 — 2006/2153(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet finali annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

---

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 28.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 60.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 ta' l-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 12a tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' Qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [2], u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali — (A6-0097/2007),

1. Jagħti l-kwittanza lid-direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li tagħmel parti integrali minnha, lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u li jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

[1] ĠU L 39, 13.2.1975, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 2051/2004 (ĠU L 355, 1.12.2004, p. 1).
[2] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

2.

Deċizjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0386/2006 — 2006/2153(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet finali annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3] u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 ta' l-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali [4], u b'mod partikulari l-Artikolu 12a tiegħu,

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 28.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 60.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
[4] ĠU L 39, 13.2.1975, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 2051/2004 (ĠU L 355, 1.12.2004, p. 1).

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' Qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali — (A6-0097/2007),

1. Jinnota li l-kontijiet finali annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-snin finanzjarji 2004 u 2005 huma dawn li ġejjin:

(f'EUR 1000)

Kont ta' dħul u nfiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Dħul		
Sussidji tal-Kummissjoni	16 418	13 700
Dħul assenjat	573	724
Dħul mixxellanju	36	42
Dħul totali (a)	**17 027**	**14 466**
Infiq baġitarju għas-sena finanzjarja		
Persunal — Titolu I tal-baġit		
— Ħlasijiet	8 862	8 579
— Approprjazzjonijiet trasferiti	213	466
Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit		
— Ħlasijiet	865	768
— Approprjazzjonijiet trasferiti	334	542
Attivitajiet ta' ħaddim — Titolu III tal-baġit (minbarra dħul assenjat)		
— Ħlas kontra approprjazzjonijiet ta' ħlas għas-sena finanzjarja	2 466	2 508
— Ħlas kontra impenji pendenti fil-31.12.2003	2 119	2 702
— Approprjazzjonijiet trasferiti		
Dħul assenjat (PHARE u pajjiżi terzi)		
— Ħlasijiet	68	415
— Approprjazzjonijiet trasferiti	505	309
Nefqa totali (b)	**15 433**	**16 289**
Bilanċ għas-sena finanzjarja (a–b)	**1 594**	**-1 823**
Bilanċ trasferit mis-sena finanzjarja preċedenti	375	-993
N-1 approprjazzjonijiet trasferiti u kkanċellati (Titolu I u II mhux differenzjati	111	56
Approprjazzjoni ikkanċellata trasferita minn dħul allokat (approprjazzjoni mhux differenzjata titolu 3) Newtralizzazzjoni ta' trasferimenti N-1 għal Titolu III konness ma' bidla għal approprijazzjonijiet differenzjati	93	3 138
Ammonti mis-sena finanzjarja preċedenti li jridu jintużaw mill-ġdid jew li ma ntużawx		1
Rifużjonijiet lill-Kummissjoni		0
Differenzi tar-rata tal-kambju	1	-4
Bilanċ għas-sena finanzjarja	2 173	375

Sors: Informazzjoni provduta miċ-Ċentru — Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-data provduta miċ-Ċentru.

[1] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li tagħmel parti integrali minnha, lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u li jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 b'osservazzjonijiet li jiffurmaw parti integrali tad-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0386/2006 — 2006/2153(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet finali annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3] u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 ta' l-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali [4], u b'mod partikulari l-Artikolu 12a tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' Qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [5], u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali — (A6-0097/2007),

A. billi l-Qorti ta' l-Awdituri qalet li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu affidabbli u li t-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħthom, suġġetti għar-riserva, kienu legali u regolari;

---

(1) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 28.
(2) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 60.
(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
(4) ĠU L 39, 13.2.1975, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 2051/2004 (ĠU L 355, 1.12.2004, p. 1).
(5) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

B. billi fis-27 ta' April 2006 l-Parlament ta kwittanza lid-direttur rigward l-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2004 [1] u li fir-riżoluzzjoni li takkumpanja d-deċiżjoni tal-kwittanza tal-Parlament, *inter alia*

— ħeġġeġ liċ-Ċentru sabiex jiżgura li l-kontijiet huma kompluti u li l-attivitajiet kollha inklużi x-xiri u l-bejgħ tal-canteen tal-ħaddiema jkunu kkontrollati sew,

— huwa mħasseb fuq l-irregolaritajiet innotati mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-proċedura ta' l-għoti tal-kuntratti, jinnota l-passi li ħa ċ-Ċentru sabiex jiżgura li dan it-tip ta' irregolaritajiet ma jerġgħux isiru; jistieden liċ-Ċentru sabiex jiżgura li l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerti u r-regoli tal-kompetizzjonijiet jintużaw b'mod strett;

— jisħaq dwar il-bżonn tal-ġustizzja, il-ftuħ u t-trasparenza fir-reklutaġġ;

Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' l-Aġenziji ta' l-UE li jirrikjedu kwittanza individwali

1. Jaħseb li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji tal-Komunità u l-attivitajiet ta' xi wħud minnhom ma jidhirx li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-istennijiet taċ-ċittadini, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom immaġini tajba jew stampa tajba;

2. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas ta' politika ġenerali għat-twaqqif ta' Aġenziji ġodda tal-Komunità u sabiex tippreżenta studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji qabel ma titwaqqaf aġenzija ġdida, filwaqt illi toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attiviatjiet bejn l-Aġenziji jew mal-mandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;

3. Jistaqsi lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju dwar ir-relazzjoni bejn il-benefiċċju u l-ispejjeż qabel il-Parlament jieħu deċiżjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; istieden lill-istituzzjonijiet relevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jiffurmolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

5. Tenut kont tan-numru dejjem jikber ta' aġenziji ta' regolamentazzjoni, jiddeplora l-fatt li n-negozjati fir-rigward tal-proġett ta' ftehima interistituzzjonali għal kwadru ta' dawn l-aġenziji għadhom ma ntemmux u jistieden lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu, flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, sabiex din il-ftehima tiġi konkluża malajr;

6. Jinnota li r-responsabiltà baġitarja tal-Kummissjoni titlob li jsiru konnessjonijiet iktar stretti bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li tibblokka fl-entitajiet ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji ta' regolamentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdu għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkunu qed jitwaqqfu Aġenziji ġodda;

7. Jistieden mill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitlu ieħor fir-Rapport Annwali tagħha, li jkun dwar l-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

8. Ifakkar il-prinċipju skond liema l-Aġenziji kollha tal-Komunità, kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma soġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta jkun hemm awtorità ta' kwittanza minħabba t-testi kostituttivi tagħhom;

[1] ĠU L 340, 6.12.2006, p. 63.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri tagħmel verifiki tal-prestazzjoni għall-Aġenziji kollha u tirrapporta lura lill-kumitati relevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, bi qbil mar-responsabiltà politika tal-Kummissjoni għat-tħaddim ta' l-Aġenziji, li tmur ferm oltre s-sempliċi appoġġ loġistiku, hemm bżonn saħansitra ikbar li d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni għall-Aġenziji; jikkonsidra illi struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għall-koordinament fost id-DGs konċernati jkun mod pragmatiku lejn metodu komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li tiġi meqjusa l-kumplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u problemi tekniċi tal-Komunità;

12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunità, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi implimentat malajr;

13. Jilqa' bi pjaċir it-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji, li tippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li tagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;

14. Huwa ta' l-opinjoni illi t-twaqqif ta' servizz ta' apppoġġ minn numru ta' Aġenziji bil-għan illi jagħmlu s-sistemi ta' ġestjoni finanzjarja kompjuterizzata tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;

15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-istandards mal-partijiet fil-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija tikkonsidra bħala neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji ħalli jtejbu l-immaġini tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-attivitajiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħroġ bi proposta għall-armonizzazzjoni tal-format tar-rappurtaġġ annwali mill-Aġenziji sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun ta' l-effiċċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' prestazzjoni li magħhom jistgħu jkunu mkejla;

18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi li jkunu SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi ta' l-għanijiet;

19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-Aġenziji; Iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja u, fejn ikun meħtieġ, tmexxi u tgħin l-immaniġġjar ta' l-Aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni xierqa tal-proċeduri tat-tfigħ ta' offerti, it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, l-immaniġġjar finanzjarju sod (nuqqas ta' nfiq u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;

20. Jikkunsidra li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontribwizzjonijiet tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-konsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Interni tal-Kummissjoni;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

Punti Speċifiċi

21. Jistieden liċ-Ċentru sabiex jevita sitwazzjoni simili ta' dik tas-sena finanzjarja 2005 fejn kellu rata ta' utilizzazzjoni ta' 90 % ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn u madwar 85 % ta' approprjazzjonijiet ta' ħlas; Ifakkar illi, madankollu, l-approprjazzjonijiet ta' l-operat ma ntużawx biżżejjed (kanċellazzjonijiet ta' 15 % ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn, 20 % ta' l-approprjazzjonijiet ta' ħlas u 15 % ta' l-approprjazzjonijiet trasferiti), b'mod partikulari wara l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-proċeduri għall-għoti tal-kuntratti;

22. Jistieden liċ-Ċentru sabiex jagħmel tibdiliet żgħar għat-titjib ta' l-ipprogrammar tiegħu, u jtejjeb l-eżerċizzju ta' monitoraġġ matul is-sena; Ifakkar li, f'dan ir-rigward, il-Qorti ta' l-Awdituri nnotat li l-immaniġġjar imsejjes fuq l-attivitajiet għadu ma ġiex introdott, minkejja li r-regolament finanzjarju taċ-Ċentru jipprovdi għal din il-forma ta' immaniġġjar, bil-għan li jittejjeb il-monitoraġġ tal-prestazzjoni;

23. Jistieden liċ-Ċentru sabiex jirrimedja għan-nuqqasijiet fis-softwer tal-kontabilità (FIBUS) li juża ċ-Ċentru, liema softwer ma jippermettix li l-impenni li jiskadu jiġu bblokjati, fejn il-proċedura għall-iffirmar elettroniku ta' ordnijiet ta' ħlas mhux konformi mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ u fejn l-operazzjonijiet ma jistgħux jiġu traċċati faċilment fis-sistema FIBUS;

24. Jitlob għall-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju tas-separazzjoni tad-dmirijiet ta' l-uffiċjal awtorizzanti u l-uffiċjal tal-kontabilità, sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet bħal dawk ta' l-2005 fejn uħud mid-dmirijiet ta' l-ufficjal tal-kontabilità saru minn dipartimenti li jaqgħu taħt ir-responsabilità ta' l-ufficjal awtorizzant;

25. Jinnota li ċ-Ċentru, fit-tweġibiet tiegħu, jirreferi għall-fatt li l-miżuri li ġew adottati issa jiżguraw irregolarità tal-proċeduri u huwa għalhekk kunfidenti li ċ-Ċentru qiegħed jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri, partikolarment minħabba li fil-Ħarifa ta' l-2006 is-Servizz ta' Verifika Interna ma sab l-ebda irregolarità, u jiċċertifika li l-miżuri li ttieħdu miċ-Ċentru pproduċew ir-riżultati mixtieqa;

26. Jistieden liċ-Ċentru sabiex b'mod urġenti jagħmel analiżi tar-riskji, sabiex jiddefinixxi n-natura u l-frekwenza ta' kontrolli *ex post* u sabiex jiġu deskritti l-proċeduri ta' l-immaniġġjar u s-sistemi interni ta' kontroll;

27. Jistieden liċ-Ċentru sabiex b'mod urġenti jifformula l-mandat eżatt tal-kumitat li jaħdem fuq l-ilmenti tal-ħaddiema, liema kumitat m'għandu fl-ebda każ jieħu azzjoni lil hinn mill-poteri tiegħu;

28. Jinsisti li ċ-Ċentru għandu japplika proċeduri standard ta' reklutaġġ, sabiex jevita sitwazzjonijiet bħal dik ta' l-2005, fejn kariga vakanti fil-maniġment ingħatat permezz ta' proċedura interna ta' reklutaġġ, meta proċedura esterna kienet tipprovdi firxa usa' ta' kandidati;

29. Huwa mħasseb dwar ir-rata għolja ferm ta' irregolaritajiet misjuba mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-kuntratti eżaminati fejn, minn sitta, kollha minbarra wieħed kin fihom xi irregolaritajiet [1]; jinsisti li ċ-Ċentru għandu jsib rimedju għan-nuqqasijiet misjuba fl-organizzazzjoni tiegħu u fil-proċeduri ta' sejħiet għal offerti;

30. Huwa ta' l-opinjoni li ċ-Ċentru għandu jarmonizza l-approċċ tiegħu rigward kwistjonijiet ta' tekonoloġija ta' l-informatika(IT), b'mod partikulari meta joħloq siti internet u intranet, u li l-frammentazzjoni attwali twassal għal riskji tekniċi u spejjeż eċċessivi;

31. Jinkoraġġixxi liċ-Ċentru sabiex jissokta bl-isforzi tiegħu biex itejjeb iktar il-komunikazzjonijiet tiegħu ħalli jiżgura li l-pubbliku jkun infurmat aħjar dwar l-attivitajiet tiegħu;

---

[1] In-nuqqas li tiġi ġġustifikata l-għażla ta' proċedura jew li jintqal għaliex intgħażlu dawk li ġew mistiedna jagħmlu l-offerti, u dokumentazzjoni insuffiċjenti ta' dan.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

P6_TA(2007)0114

Kwittanza 2005: Fondazzjoni Ewropea għal titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta'April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għal titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0387/2006 — 2006/2154(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) No 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol ([4]), b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali — (A6-0098/2007),

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 37.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 80.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
([4]) ĠU L 139, 30.05.1975, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 1111/2005 (ĠU L 184, 15.7.2005, p. 1).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, u r-riżoluzzjoni li tifforma parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Ħajja u tax-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u li jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

2.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta'April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għal titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0387/2006 — 2006/2154(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) No 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol ([4]), b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali — (A6-0098/2007),

---

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 37.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 80.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
([4]) ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 1111/2005 (ĠU L 184, 15.7.2005, p. 1).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-snin finanzjarji 2004 u 2005 huma dawn li ġejjin:

(ƒ'EUR 1000)

Kont ta' dħul u nfiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Dħul		
Sussidji tal-Kummissjoni	18 800	18 000
Dħul mixxellanju	5	5
Dħul mis-servizzi mogħtija	158	81
Dħul totali (a)	**18 963**	**18 086**
Nefqa		
Staff — Titolu I tal-baġit		
— Ħlasijiet	8 814	8 606
— Approprjazzjonijiet trasportati (carried over)	157	132
Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit		
— Ħlasijiet	875	1 267
— Approprjazzjonijiet trasportati	507	489
Attivitajiet operattivi — Titolu III tal-baġit		
— Ħlasijiet	4 967	5 056
— Approprjazzjonijiet trasportati	3 809	2 522
Nefqa totali (b)	**19 130**	**18 072**
Out-turn għas-sena finanzjarja (a–b)	**-167**	**14**
Bilanċ trasportat mis-sena finanzjarja preċedenti	-1 224	-1 296
Approprjazzjonijiet trasportati mis-sena ta' qabel u kanċellati	71	34
Ammonti mis-sena finanzjarja preċedenti li jridu jintużaw mill-ġdid jew li ma ntużawx	0	18
Dħul miġbur mill-PHARE	260	0
Dħul li jrid jinġabar mill-PHARE	0	0
Nefqa PHARE	-145	0
Aġġustamenti oħra	0	10
Differenzi fir-rati tal-kambju	0	-4
Bilanċ għas-sena finanzjarja	**-1 205**	**-1 224**

Sors: Id-data tal-Fondazzjoni. Din it-tabella tagħti fil-qosor id-data provduta mill-Fondazzjoni fil-kontijiet annwali tagħha.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005,

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u li jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta'April 2007 b'osservazzjonijiet li jiffurmaw parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0387/2006 — 2006/2154(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) No 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol ([4]), b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali — (A6-0098/2007),

A. billi l-Qorti ta' l-Awdituri stqarret li hija kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu affidabbli u li t-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħthom, fis-sħuħija tagħhom, kienu legali u regolari,

B. billi fis-27 ta' April 2006 il-Parlament ta' kwittanza lid-direttur rigward l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2004 ([6]) u fir-riżoluzzjoni li takkumpanja d-deċiżjoni tal-kwittanza tal-Parlament, *inter alia*

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 37.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 80.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
([4]) ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 1111/2005 (ĠU L 184, 15.7.2005, p. 1).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
([6]) ĠU L 340. 6.12.2006, p. 69.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— jinnota s-sejba tal-Qorti ta' l-Awdituri li 37 % ta' l-approprjazzjonijiet trasportati għall-2005 kienu relatati ma' l-impenji li daħħlu fis-seħħ f'Diċembru 2004 u li l-maġġoranza ta' dawk il-kuntratti għal studji relatati għandhom iseħħu fl-2005;

— ifakkar lill-Fondazzjoni bil-prinċipju ta' l-annwalità tal-baġit u jħeġġiġha tosserva dan il-prinċipju sabiex tippermetti implimentazzjoni korretta u trasparenti tal-baġits stabbiliti mill-Awtorità Baġitarja;

Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' l-Aġenziji ta' l-UE li jirrikjedu kwittanza individwali

1. Jaħseb li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji tal-Komunità u l-attivitajiet ta' xi wħud minnhom ma jidhirx li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-aspettattivi taċ-ċittadini, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom immaġini tajba jew stampa tajba;

2. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas ta' politika ġenerali għat-twaqqif ta' Aġenziji ġodda tal-Komunità u sabiex tippreżenta studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji qabel ma titwaqqaf aġenzija ġdida, filwaqt illi toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attiviatjiet bejn l-Aġenziji jew mal-mandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;

3. Jistaqsi lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju dwar ir-relazzjoni bejn il-benefiċċju u l-ispejjeż qabel il-Parlament jieħu deċiżjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; Jistieden lill-istituzzjonijiet relevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jifformolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

5. B'kunsiderazzjoni għan-numru dejjem jikber ta' aġenziji ta' regolamentazzjoni, jiddeplora l-fatt li n-negozjati fir-rigward tal-proġett ta' ftehima interistituzzjonali għal kwadru ta' dawn l-aġenziji għadhom ma ntemmux u jistieden lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu, flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, sabiex din il-ftehima tiġi konkluża malajr;

6. Jinnota li r-responsabiltà baġitarja tal-Kummissjoni titlob li jsiru konnessjonijiet iktar stretti bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li timblokka fl-entitajiet ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji ta' regolamentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdu għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkunu qed jitwaqqfu Aġenziji ġodda;

7. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitolu ieħor fir-Rapport Annwali tagħha, li jkun dwar l-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

8. Ifakkar il-prinċipju skond liema l-Aġenziji kollha tal-Komunità, kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma suġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta jkun hemm awtorità ta' kwittanza minħabba t-testi kostituttivi tagħhom;

9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri tagħmel verifiki tal-prestazzjoni għall-Aġenziji kollha u tirrapporta lura lill-kumitati relevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, bi qbil mar-responsabiltà politika tal-Kummissjoni għat-thaddim ta' l-Aġenziji, li tmur ferm iktar 'il bogħod mis-sempliċi appoġġ loġistiku, hemm bżonn saħansitra ikbar li d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni għall-Aġenziji; jikkonsidra illi struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għall-koordinament fost id-DGs konċernati tkun mod pragmatiku lejn metodu komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li tiġi meqjusa l-kumplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u problemi tekniċi tal-Komunità;

12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunità, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi mwaqqaf malajr;

13. Jilqa' bi pjaċir it-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji, li tippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li tagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;

14. Huwa ta' l-opinjoni illi t-twaqqif ta' servizz ta' apppoġġ minn numru ta' Aġenziji bil-għan illi jagħmlu s-sistemi ta' ġestjoni finanzjarja kompjuterizzata tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;

15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-istandards mal-partijiet fil-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija tikkonsidra bħala neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji ħalli jtejbu l-immaġini tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-attivitajiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħroġ bi proposta għall-armonizzazzjoni tal-format tar-rappurtaġġ annwali mill-Aġenziji sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun ta' l-effiċċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' prestazzjoni li magħhom jistgħu jkunu mkejla;

18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi li jkunu SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi ta' l-għanijiet;

19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-Aġenziji; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja u, fejn ikun meħtieġ, tmexxi u tgħin l-immaniġġjar ta' l-Aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni xierqa tal-proċeduri tat-tfigħ ta' offerti, it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, l-immaniġġjar finanzjarju sod (nuqqas ta' nfiq u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;

20. Jikkonsidra li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontribwizzjonijiet tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-konsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Interni tal-Kummissjoni;

Punti Speċifiċi

21. Jistieden lill-Fondazzjoni tagħti aktar attenzjoni lir-rati ta' trasferiment (carry-over rates) fl-2005 rigward l-impenji għan-nefqa amministrattiva (Titolu II) u attivitajiet operattivi (Titolu III), li baqgħu għoljin u jilħqu ċ-ċifri ta' 37 % u 44 % rispettivament;

22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Fondazzjoni jkomplu jiċċaraw is-sitwazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet mhux ikkanċellati

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

23. Jistieden lill-Fondazzjoni sabiex tippreżenta programm ta' ħidma li jesprimi l-kontribuzzjoni tagħha f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu;

24. Jikkunsidra l-Fondazzjoni bħala sors ta' informazzjoni importanti għall-istituzzjonijiet kollha ta' l-UE, għat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u għall-pubbliku ġenerali;

25. Jinsab imħasseb li fl-2005 ma kienx hemm dokument komprensiv li janalizza r-riskji li ġejjin mill-aspetti finanzjarji u operattivi ta' l-attivitajiet tal-Fondazzjoni u lanqas ma kien hemm validazzjoni tal-proċeduri introdotti mill-Uffiċjali li jawtorizzaw sabiex tkun żgurata l-preċiżjoni u l-kundizzjonijiet eżawribbli ta' l-informazzjoni finanzjarja li hija tkun bagħtet lill-Uffiċjal ta' Kontabilità, minbarra dak li jirrigwardja l-aspetti ta' l-ipproċessar tad-data;

26. Jinkoraġġixxi l-Fondazzjoni sabiex tissokta bl-isforzi tagħha biex ittejjeb iktar il-metodi ta' komunikazzjoni tagħha ħalli tiżgura li l-pubbliku jkun jista' jkun infurmat aħjar dwar is-sejbiet ta' l-istudji tagħha u li d-dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet importanti, bħal pereżempju l-effetti u l-kawżi ta' miżuri ta' ristrutturazzjoni mill-kumpaniji, huwa għalhekk imtejjeb.

P6_TA(2007)0115

Kwittanza 2005: Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija

1.

Deċiżjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta'April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0389/2006 — 2006/2156(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997, li jistabbilixxi Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 12a tiegħu,

---

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 46.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 93.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
[4] ĠU L 151, 10.6.1997, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1652/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 33).

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0118/2007),

1. Jagħti l-kwittanza lid-direttur taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-direttur taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

([1]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

2.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0389/2006 — 2006/2156(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997, li jistabbilixxi Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12a tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0118/2007),

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 46.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 93.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
([4]) ĠU L 151, 10.6.1997, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1652/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 33).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija huma preżentati kif ġej:

(f'EUR 1000)

Kont tad-dħul u tan-nefqa għas-snin finanzjarji 2004 and 2005		
	2005	**2004**
Dħul		
Sussidji Komunitarji	8 189	5 675
Dħul ieħor	151	455
Dħul finanzjarju		21
Sussidju PHARE	90	82
Dħul totali (a)	8 430	6 233
Nefqa		
Persunal — Titolu I tal-baġit		
— Pagamenti	3 008	2 645
— Approprjazzjonijiet trasferiti	70	85
Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit		
— Pagamenti	550	447
— Approprjazzjonijiet trasferiti	582	37
Attivitajiet ta' operat — Titolu III tal-baġit		
— Pagamenti	2 731	2 352
— Approprjazzjonijiet trasferiti	667	745
Dħul assenjat (Phare u oħrajn)		
— Pagamenti	0	7
— Approprjazzjonijiet trasferiti	90	0
Nefqa totali (b)	7 698	6 318
Riżultat (*outturn*) għas-sena finanzjarja (a-b)	732	-85
Bilanċ trasferit mis-sena finanzjarja ta' qabel	231	98
Approprjazzjonijiet trasferiti, imħassra	210	241
Approprjazzjonijiet mis-sena finanzjarja ta' qabel, biex jerġgħu jintużaw, li ma ntużawx		0
Ammonti dovut ikkanċellat		-23
Differenzi tar-rata ta' skambju	-2	0
Bilanċ għas-sena finanzjarja	**1 171**	**231**

Sors: Data miġbura miċ-Ċentru. It-tabella hija sommarju tad-data pprovduta miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu stess.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-direttur taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0389/2006 — 2006/2156(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997, li jistabbilixxi Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12a tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0118/2007),

A. billi l-Qorti ta' l-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjoni raġjonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu affidabbli, u li, it-tranżazzjonijiet bażiċi, meta meqjusa f'daqqa, kienu legali u regolari,

B. billi fis-27 ta' April 2006 il-Parlament ta l-kwittanza lid-direttur fir-rigward tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2004 ([6]) u fir-riżoluzzjoni li ħarġet mad-deċiżjoni ta' kwittanza l-Parlament, inter alia

— jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-livell għoli ta' ammonti trasferiti *(carry-overs)* ikkanċellati b'mod partikolari fit-Titolu 1 (spejjeż tal-persunal);

— huwa mħasseb dwar l-irregolaritajiet li sabet il-Qorti ta' l-Awdituri fil-proċeduri ta' appalt u għotjiet;

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 46.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 93.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
([4]) ĠU L 151, 10.6.1997, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1652/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 33).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
([6]) ĠU L 340, 6.12.2006, p. 80.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' l-Aġenziji ta' l-UE li jirrikjedu kwittanza individwali

1. Jikkonsidra li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji Komunitarji u l-attivitajiet ta' xi whud minnhom ma jidhrux li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-aspettattivi taċ-ċittadini, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom dehra tajba jew rapporti tajbin mill-istampa;

2. Għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas ġenerali ta' politika għat-twaqqif ta' Aġenziji ġodda tal-Komunità u sabiex tippreżenta studju li jikkompara l-ispejjeż mal-benefiċċji qabel ma titwaqqaf aġenzija ġdida, filwaqt li toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attiviatjiet bejn l-Aġenziji jew mal-mandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;

3. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju li jikkompara l-ispejjeż mal-benefiċċji qabel il-Parlament jieħu deċiżjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; jistieden lill-istituzzjonijiet relevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' l-Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jifformolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

5. Meta wieħed jikkonsidra in-numru dejjem jikber ta' aġenziji regolatorji, jesprimi dispjaċir għall-fatt li n-negozjati fir-rigward ta' l-abbozz ta' ftehim interistituzzjonali għal qafas operazzjonali ta' dawn l-aġenziji għadhom ma ntemmux, u jistieden lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu, flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, sabiex dan il-ftehim jiġi konkluż malajr;

6. Jinnota li r-responsabilità baġitarja tal-Kummissjoni titlob għal rabtiet iktar mill-qrib bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li tibblokka fl-entitajiet ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji regolatorji, sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdu għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkunu qed jitwaqqfu Aġenziji ġodda;

7. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitolu ieħor fir-Rapport Annwali tagħha, li jirrigwardja l-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

8. Ifakkar il-prinċipju li fuq il-bażi tiegħu, l-Aġenziji kollha tal-Komunità, kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma suġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta jkun hemm awtorità ta' kwittanza bis-saħħa tat-testi kostituttivi tagħhom;

9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri sabiex tagħmel verifiki ta' rendiment ta'l-Aġenziji kollha u tirrapporta lura lill-kumitati relevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, skond ir-responsabilità politika tal-Kummissjoni għat-thaddim ta' l-Aġenziji, li tmur lil hinn minn sempliċiment appoġġ loġistiku, hemm ħtieġa saħansitra ikbar li d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni lejn l-Aġenziji; jikkonsidra illi struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għall-koordinament fost id-Direttorati Ġenerali konċernati tkun mod prammatiku 'l quddiem lejn approċċ komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li tieħu kont tal-kumplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u problemi tekniċi tal-Komunità;

12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunità, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi implimentat malajr;

13. Jilqa' b'sodisfazzjon it-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji, li jippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li jagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;

14. Huwa ta' l-opinjoni li t-twaqqif ta' servizz ta' appoġġ minn numru ta' Aġenziji ta' servizz ta' appoġġ kondiviż bil-għan li jagħmel is-sistemi ta' mmaniġġjar finanzjarju kompjuterizzat tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;

15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-*benchmarking* mal-partijiet interessati fil-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija tikkonsidra neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji ħalli jtejbu id-dehra tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-attivitajiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħroġ bi proposta għall-armonizzazzjoni tal-format tar-rappurtaġġ annwali mill-Aġenziji sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun ta' l-effiċċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' rendiment li jservu bħala kejl għalihom;

18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi tal-miri;

19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-Aġenziji; għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja u, fejn ikun meħtieġ, tidderieġi u tgħin il-ġestjoni ta' l-Aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni kif suppost tal-proċeduri ta' appalt, trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, immaniġġjar finanzjarju sod (infiq nieqes u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;

20. Jikkonsidra li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontribuzzjonijiet tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-kunsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Interni tal-Kummissjoni;

Punti Speċifiċi

21. Jinnota li għalkemm ir-rata ta' impenn min-naħa taċ-Ċentru għall-appropjazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2005 kienet ta' aktar minn 90 %, instab li aktar minn 50 % ta' l-impenji għall-infiq amministrattiv ġew trasferiti *(carried over)* u li b'mod ġenerali kien hemm rata għolja ta' kkanċellar ta' approporjazzjonjiet trasferiti (bejn 15 % u 25 %, skond it-titolu); jistieden liċ-Ċentru sabiex itejjeb l-ipjannar tan-nefqa tiegħu u l-mod ta' kif jimmoniterja l-implimentazzjoni ta' din in-nefqa; jenfasizza li huwa neċessarju li t-trasferimenti bejn it-titoli tal-baġit jiġu ġustifikati u dokumentati skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ;

22. Jinnota li ma kien hemm ebda mmaniġġjar ibbażat fuq attività, minkejja li r-regolament finanzjarju taċ-Ċentru jipprovdi għall-introduzzjoni tiegħu fuq l-istess linji bħal dak applikat għall-baġit ġenerali bil-ħsieb li jitjieb il-monitoraġġ tar-rendiment; jistieden liċ-Ċentru sabiex jippreżenta programm ta' ħidma li jesprimi l-kontribuzzjoni tiegħu f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu;

23. Jinnota li ċ-Ċentru ma' kellu ebda sistema għall-ippjannar u l-immaniġġjar ta' l-akkwisti tat-tgħamir tiegħu u li ma wettaqx kontrolli ċikliċi fuq l-inventarju tiegħu, minkejja li dan kien itejjeb l-affidabilità ta' l-inventarju; jistieden lill-Aġenzija sabiex tirranġa din is-sitwazzjoni;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

24. Jinnota li s-sistema interna ta' kontroll taċ-Ċentru batiet minn diversi nuqqasijiet, bħal pereżempju l-fatt li ċ-ċirkwiti finanzjarji maħluqa mill-uffiċjal li jawtorizza ma ġewx deskritti, is-sistemi li bihom l-uffiċjali li jawtorizza u d-delegati tiegħu għaddew l-informazzjoni lill-uffiċjal tal-kontabilità b'mod partikolari ma ġietx validata minn dan ta' l-aħħar u l-prinċipju tas-segregazzjoni tad-dmirijiet ma ġiex imħaddem b'mod strett, speċjalment bejn id-dmirijiet ta' introduzzjoni *(initiation)* u dak tal-verifika; jistieden liċ-Ċentru sabiex, fir-rigward ta' l-impenji, jinkludi kriterji ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba fil-lista ta' kwistjonijiet li għandhom ikunu koperti minn verifiki ex ante;

25. Jistieden liċ-Ċentru sabiex japplika bis-sħiħ ir-regola li biha l-membri tal-bord ta' l-għażla għandhom dejjem ikunu ta' l-istess grad jew ogħla minn dak tal-post li jrid jimtela';

26. Jinnota li t-talbiet ta' appalt maħruġa miċ-Ċentru ma joffrux ħafna spejgazzjoni fir-rigward ta' kwalità minima ta' offerti u l-ippeżar ta' fatturi ta' prezz; jistieden liċ-Ċentru sabiex japplika r-regoli ta' l-appalt b'mod strett.

P6_TA(2007)0116

Kwittanza 2005: Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0390/2006 — 2006/2157(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 tat-8 ta' Frar 1993 dwar it-twaqqif taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 11a tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [5], u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

---

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 43.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 86.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru. 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
[4] ĠU L 36, 12.2.1993, p. 1. Regolament emendat mir-Regolament (KE) Nru 1651/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 30).
[5] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0100/2007),

1. Jagħti l-kwittanza lid-direttur taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-direttur taċ-Ċentru Ewropew għal Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura/tiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

2.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għal Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0390/2006 — 2006/2157(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 tat-8 ta' Frar 1993 dwar it-twaqqif taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 11a tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [5], u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0100/2007),

---

(1) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 43.
(2) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 86.
(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru. 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
(4) ĠU L 36, 12.2.1993, p. 1. Regolament emendat mir-Regolament (KE) Nru 1651/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 30).
(5) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew għal Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga huma kif ġej:

(f'EUR 1000)

Kont tad-dħul u l-infiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Dħul		
Sussidji mill-Kummissjoni	12 000	11 730
Sussidji min-Norveġja	516	514
Dħul assenjat	190	211
Dħul mixxellanju	93	33
Dħul totali (a)	**12 799**	**12 488**
Infiq baġitarju għas-sena finanzjarja		
Staff — Titolu I tal-baġit		
— Ħlasijiet	5 762	5 832
— Approprjazzjonijiet trasferiti	154	122
Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit		
— Ħlasijiet	1 094	1 088
— Approprjazzjonijiet trasferiti	650	356
Attivitajiet operattivi — Titolu III tal-baġit (minbarra d-dħul assenjat)		
— Ħlas kontra approprjazzjonijiet ta' ħlas għas-sena finanzjarja	4 159	2 342
— Approprjazzjonijiet trasferiti		1 260
Dħul assenjat (PHARE u pajjiżi terzi)	101	201
Nefqa totali (b)	**11 920**	**11 200**
Riżultat għas-sena finanzjarja (a-b)	879	1 288
Bilanċ trasferit mis-sena finanzjarja preċedenti	1 508	295
Approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena ta' qabel u kanċellati	1 239	245
Ammonti mis-sena finanzjarja preċedenti li jridu jintużaw mill-ġdid jew li ma ntużawx	-58	15
Rimborsi lill-Kummissjoni	-1 508	-3
Rimborsi lin-Norveġja	-128	81
Differenzi tar-rata tal-kambju	1	-1
Bilanċ għas-sena finanzjarja (għotja tal-KE + il-kontribuzzjoni tan-Norveġja)	**1 933**	**1 920**
Għotja tan-Norveġja 2005	-516	
Bilanċ għas-sena finanzjarja għotja KE biss	**1 417**	

Sors: Informazzjoni provduta miċ-Ċentru ta' Monitoraġġ. Din it-tabella tagħti fil-qosor id-data provduta miċ-Ċentru ta' Sorveljanza fil-kotba annwali tiegħu

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni tal-Parlament lid-direttur taċ-Ċentru Ewropew għal Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura/tiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 b'osservazzjonijiet li jiffurmaw parti integrali tad-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0390/2006 — 2006/2157(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 tat-8 ta' Frar 1993 dwar it-twaqqif taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11a tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0100/2007),

A. billi l-Qorti ta' l-Awdituri stqarret li hija kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu affidabbli u li t-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħthom, fis-sħuħija tagħhom, kienu legali u regolari,

B. billi fis-27 ta' April 2006 il-Parlament ta' kwittanza lid-direttur fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2004 ([6]) u fir-riżoluzzoni li takkumpanja d-deċiżjoni tal-kwittanza tal-Parlament, inter alia:

— jiddispjaċih tan-numru għoli ta' trasferimenti li saru; iħeġġeġ liċ-Ċentru sabiex jirrispetta aktar millviċin il-baġit li ġie stipulat mill-Awtorita? Baġitarja;

Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' l-Aġenziji ta' l-UE li jeħtieġu kwittanza individwali

1. Iqis li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji tal-Komunità u l-attivitajiet ta' xi whud minnhom ma jidhirx li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-istennijiet taċ-ċittadini tagħha, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom immaġini tajba jew stampa tajba;

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 43.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 86.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru. 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
([4]) ĠU L 36, 12.2.1993, p. 1. Regolament emendat mir-Regolament (KE) Nru 1651/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 30).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
([6]) ĠU L 340, 6.12.2006, p. 85.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

2. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas ta' politika ġenerali għat-twaqqif ta' Aġenziji ġodda tal-Komunità u sabiex tippreżenta studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji qabel ma titwaqqaf aġenzija ġdida, filwaqt illi toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attivitajiet bejn l-Aġenziji jew mal-mandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;

3. Jistaqsi lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju dwar ir-relazzjoni bejn il-benefiċċju u l-ispejjeż qabel il-Parlament jieħu d-deċiżjoni tiegħu;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; jistieden lill-istituzzjonijiet relevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' l-Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jifformolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

5. Iqis b'dispjaċir, li minħabba n-numru dejjem jikber ta' aġenziji ta' regolamentazzjoni, li n-negozjati dwar l-abbozz tal-ftehim interistituzzjonali dwar il-qafas operattiv ta' dawn l-aġenziji regolatorji Ewropej għadhom ma ntemmux u jistieden lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu, flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, sabiex dan il-ftehim jiġi konkluż malajr;

6. Jinnota li r-responsabbiltà baġitarja tal-Kummissjoni titlob li jsiru rabtiet iktar stretti bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li tibblokka fil-korpi ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji ta' regolamentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdu għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkunu qed jitwaqqfu Aġenziji ġodda;

7. Jistieden mill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitlu addizzjonali fir-Rapport Annwali tagħha, li jkun dwar l-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

8. Ifakkar fil-prinċipju skond liema l-Aġenziji kollha tal-Komunità, kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma suġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta jkun hemm awtorità ta' kwittanza minħabba t-testi kostituttivi tagħhom;

9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri tagħmel verifiki tal-prestazzjoni għall-Aġenziji kollha u tirrapporta lura lill-kumitati relevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, skond ir-responsabbiltà politika tal-Kummissjoni għat-tħaddim ta' l-Aġenziji, li tmur lil hinn mis-sempliċi appoġġ loġistiku, hemm ħtieġa ikbar li d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni għall-Aġenziji; iqis illi struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għall-koordinament fost id-DGs konċernati tkun mod pragmatiku lejn metodu komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li tiġi meqjusa l-kumplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u problemi tekniċi tal-Komunità;

12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunità, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi implimentat malajr;

13. Jilqa' t-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji, li jippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li jagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;

14. Huwa ta' l-opinjoni illi t-twaqqif ta' servizz ta' appoġġ minn numru ta' Aġenziji bil-għan li jagħmel is-sistemi ta' mmaniġġjar finanzjarju kompjuterizzat tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-istandards mal-partijiet f'dan il-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija tqis bħala neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji ħalli jtejbu l-immaġini tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-attivitajiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħroġ bi proposta għall-armonizzazzjoni tal-format tar-rappurtaġġ annwali mill-Aġenziji sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun ta' l-effiċċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' prestazzjoni li magħhom jistgħu jkunu mkejla;

18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi li jkunu SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi tal-miri;

19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-Aġenziji; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja u, fejn ikun meħtieġ, tmexxi u tgħin l-immaniġġjar ta' l-Aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni xierqa tal-proċeduri tat-tfigħ ta' offerti, it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, l-immaniġġjar finanzjarju sod (nuqqas ta' nfiq u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;

20. Jikkunsidra li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontribuzzjonijiet tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-kunsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Interni tal-Kummissjoni;

Punti Speċifiċi

21. Jinnota li r-rata ta' użu ta' l-approprijazzjonijiet ta ' impenn huwa akbar minn 90 %, filwaqt li r-rata korrispondenti għall-approprijazzjonijiet ta' ħlas huwa biss ta' 85 %; jinnota wkoll li l-infiq fuq l-amministrazzjoni juri rata għolja ta' fondi trasferiti ta' kważi 40 %; Jistieden liċ-Ċentru biex iħaddem aħjar il-politika ta' akkwist, sabiex jiġi evitat it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet, li jagħmlu l-immaniġġjar aktar diffiċli;

22. Jilqa' l-fatt li għal skopijiet ta' mmaniġġjar, iċ-Ċentru ħejja baġit ibbażat fuq l-attivitajiet; Jistieden liċ-Ċentru sabiex jieħu din l-inizjattiva aktar 'il quddiem bil-ħsieb li tinkiseb sorveljanza ta' ħidma mtejba kif ukoll evalwazzjoni aħjar ta' l-effettivita` tagħha permezz ta' l-introduzzjoni ta' kontijiet analitiċi sabiex ikunu jistgħu jiġu aċċertati l-ispejjeż ta' l-attivitajiet varji taċ-Ċentru;

23. Jistieden liċ-Ċentru sabiex jinkludi s-sistemi ta' inventarju ta' assi fissi fil-kontijiet ġenerali peress li mingħajr sistema ta' tikkettar ta' min joqgħod fuqha ma tkunx tista' tiġi żgurata t-traċċabilta? ta' l-assi mdaħħla fl-inventarju;

24. Jinnota nuqqasijiet fil-proċeduri tar-reklutaġġ ta' l-istaff; Jistieden liċ-Ċentru sabiex japplika sew il-proċeduri ta' reklutaġġ;

25. Jinnota li fit-tmiem ta' l-2004, membru ta' l-istaff ġie mibgħut fuq missjoni fuq perjodu ta' żmien twil (sentejn) fi Brussell; jistieden liċ-Ċentru sabiex jispjega sew din il-proċedura; jitlob liċ-Ċentru u lill-Kummissjoni biex jinvestigaw il-każ u biex jieħdu miżuri sabiex jevitaw rikorrenza ta' każ bħal dan fil-futur;

26. Jinnota li nstabu numru ta' inkonsistenzi matul kontrolli fuq proċeduri ta' akkwist u ta' kuntrattar; jistieden liċ-Ċentru sabiex japplika bis-sħiħ proċeduri ta' akkwist u ta' kuntrattar sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet simili għal dawk ta' l-2005.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

P6_TA(2007)0117

Kwittanza 2005: Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0391/2006 — 2006/2158(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 dwar il-ħolqien ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u ta' Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni ta' l-Ambjent ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0103/2007),

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija ta' l-Ambjent Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 1.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 36.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
([4]) ĠU L 120, 11.5.1990, p.1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1641/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 1).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

2.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0391/2006 — 2006/2158(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 dwar il-ħolqien ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u ta' Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni ta' l-Ambjent [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [5], u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0103/2007),

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-snin finanzjarji 2004 u 2005 huma kif ġej:

(f'EUR 1000)

Kont tad-dħul u ta'l-infiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Dħul		
Sussidju tal-KE	34 970	29 658
Sussidji oħrajn	745	1 998
Imgħax tal-bank	153	126
Dħul Totali (A)	**35 868**	**31 782**

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 1.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 36.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
[4] ĠU L 120, 11.5.1990, p.1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1641/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 1).
[5] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

(f'EUR 1000)

Kont tad-dħul u ta'l-infiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Infiq		
Infiq totali għat-Titolu 1 tal-Baġit		
— Ħlasijiet	13 958	12 447
— Ħlasijiet — Dħul allokat	207	2
— Approprjazzjonijiet trasferiti	510	435
— Approprjazzjonijiet trasferiti — Dħul allokat	343	66
Infiq totali għat-Titolu 2 tal-Baġit		
— Ħlasijiet	2 960	3 451 (1)
— Ħlasijiet — Dħul allokat	16	
— Approprjazzjonijiet trasferiti	896	394
— Approprjazzjonijiet trasferiti — Dħul allokat	63	0
Infiq totali għat-Titolu 3 tal-Baġit		
— Ħlasijiet	8 942	9 543
— Ħlasijiet — Dħul allokat	841	14
— Approprjazzjonijiet trasferiti	4 075	4845
— Approprjazzjonijiet trasferiti — Dħul allokat	1 891	2 419
Infiq totali (b)	34 702	33 616
Riżultat nett għas-sena (a-b)	1 164	-2 822
Approprjazzjonijiet trasferiti u kkanċellati	373	507
Rimborsi trasferiti u kkanċellati		0
Aġġustament għat-trasferimenti mis-snin ta' qabel ta' approprjazzjonijiet disponibbli fil-31.12 li ġejjin minn dħul allokat	2 997	0
Bilanċ trasferit mis-sena finanzjarja preċedenti	-6 360	-4 190
Dħul allokat ikkanċellat		98
Differenzi tar-rata tal-kambju	-7	3
Regularizzazzjoni tas-snin preċedenti	0	43
Bilanċ trasferit	-1 832	-6 360

NB Varjazzjonijiet fit-total huma għall-effetti li l-ammonti inqatgħu għad-dritt.

Sors: informazzjoni provduta mill-Aġenzija — Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-dejta provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha.

(1) Jinkludi EUR 905 823 ta' taxxa fuq il-proprjetà mhallsa lill-gvern Daniż. L-Aġenzija hi tal-fehma li għandu jsir rimbors ta' dan l-ammont.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-direttur eżekuttiv ta' l-Aġenzija ta' l-Ambjent Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 b'osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0391/2006 — 2006/2158(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 dwar il-ħolqien ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u ta' Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni ta' l-Ambjent ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0103/2007),

A. billi l-Qorti ta' l-Awdituri qalet li hija kisbet assigurazzjoni raġjonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu affidabbli u li t-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħthom, fis-sħuħija tagħhom, kienu legali u regolari,

B. billi fis-27 ta' April 2006 il-Parlament ta kwittanza lid-direttur rigward l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2004 ([6]) u fir-riżoluzzoni li takkumpanja d-deċiżjoni tal-kwittanza tal-Parlament, inter alia

— jinnota li fl-2004, approprjazzjonijiet żejda tpoġġew għal operazzjonijiet li ser jitwettqu fl-2005, u li approprjazzjonijiet relatati man-nefqa ta' l-istaff ġew trasferiti; jinsisti sabiex l-Aġenzija tirrispetta l-prinċipju ta' l-annwalità tal-baġit kif definit fir-Regolament Finanzjarju u r-regola li tipprojbixxi t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet relatati man-nefqa ta' l-istaff, sabiex tippermetti implimentazzjoni korretta u trasparenti tal-baġit kif stipulat mill-Awtorità baġitarja;

— jinnota d-difetti fl-iċċekkjar, u nuqqasijiet li nstabu mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-verifika tagħha ta' l-inventarju;

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 1.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 36.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
([4]) ĠU L 120, 11.5.1990, p.1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1641/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 1).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
([6]) ĠU L 340, 6.12.2006, p. 90.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' Aġenziji ta' l-UE li jirrikjedu kwittanza individwali

1. Iqis li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji Komunitarji u l-attivitajiet ta' xi wħud minnhom ma jidhrux li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-aspettattivi taċ-ċittadini, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom dehra tajba jew rapporti tajbin mill-istampa;

2. Għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas ġenerali ta' politika għat-twaqqif ta' Aġenziji ġodda tal-Komunità u sabiex tippreżenta studju li jikkompara l-ispejjeż mal-benefiċċji qabel ma titwaqqaf aġenzija ġdida, filwaqt li toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attiviatjiet bejn l-Aġenziji jew mal-mandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;

3. Jistaqsi lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju dwar ir-relazzjoni bejn il-benefiċċju u l-ispejjeż qabel il-Parlament jieħu deċiżjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; Jistieden lill-istituzzjonijiet relevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jifformolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

5. Meta jqis in-numru dejjem jikber ta' aġenziji regolatorji, jiddeplora l-fatt li n-negozjar għal abbozz ta' ftehima interistituzzjonali dwar il-qafas operattiv ta' dawn l-aġenziji regolatorji Ewropej għadu ma ntemmx, u jistieden lid-dipartimenti kompetenti tal-Kummissjoni sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu, flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, sabiex din il-ftehima tiġi konkluża malajr;

6. Jinnota li r-responsabilità baġitarja tal-Kummissjoni titlob li jsiru konnessjonijiet iktar stretti bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li tibblokka fl-entitajiet ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji ta' regolamentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdu għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkunu qed jitwaqqfu Aġenziji ġodda;

7. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitolu ieħor fir-Rapport Annwali tagħha, li jkun dwar l-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

8. Ifakkar il-prinċipju li fuq il-bażi tiegħu, l-Aġenziji kollha tal-Komunità, kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma suġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta jkun hemm awtorità ta' kwittanza bis-saħħa tat-testi kostituttivi tagħhom;

9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri sabiex tagħmel verifiki ta' rendiment lill-Aġenziji kollha u tirrapporta lura lill-kumitati relevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, skond ir-responsabilità politika tal-Kummissjoni għat-tħaddim ta' l-Aġenziji, li tmur lil hinn minn sempliċiment appoġġ loġistiku, hemm ħtieġa saħansitra ikbar li d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni lejn l-Aġenziji; struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għall-koordinament fost id-DGs konċernati jkun mod pragmatiku lejn metodu komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li tiġi meqjusa l-kumplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u problemi tekniċi tal-Komunità;

12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunità, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi implimentat malajr;

13. Jilqa' bi pjaċir it-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji ta' l-UE, li tippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li tagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;

14. Huwa ta' l-opinjoni illi t-twaqqif ta' servizz ta' apppoġġ minn numru ta' Aġenziji bil-għan li jagħmel is-sistemi ta' mmaniġġjar finanzjarju kompjuterizzat tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;

15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-istandards mal-partijiet fil-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija tqis bħala neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji ħalli jtejbu iddehra tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-attivitajiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħroġ bi proposta għall-armonizzazzjoni tal-format tar-rappurtaġġ annwali mill-Aġenziji sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun ta' l-effiċċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' prestazzjoni li magħhom jistgħu jkunu mkejla;

18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi ta' l-għanijiet;

19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-aġenziji; għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmoniterja u, fejn ikun meħtieġ, tmexxi u tgħin l-immaniġġjar ta' l-aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni xierqa tal-proċeduri tat-tfigħ ta' offerti, it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, l-immaniġġjar finanzjarju sod (nuqqas ta' nfiq u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;

20. Jikkunsidra li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontribwizzjonijiet tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-konsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Interni tal-Kummissjoni;

Punti Speċifiċi

21. Jinnota li l-Aġenzja impenjat kważi l-approprjazzjonijiet kollha tal-baġit tagħha tas-sena finanzjarja 2005; jinnota, madankollu, li r-rata ta' trasferiment (aktar minn 30 %) għal impenji għall-attivitajiet operattivi tagħha (Titolu III) hija għolja; jistieden lill-Aġenzija sabiex tiżura tnaqqis fit-trasferimenti, li l-volum tagħhom ixekkel l-immaniġġjar ta' l-approprjazzjonijiet tas-sena ta' wara, li sussegwentement toħloq dewmien fl-implimentazzjoni jew anke żżidhom;

22. Jinnota li m'hemm l-ebda deskrizzjoni tas-sistemi interni ta' kontroll, u li l-uffiċjali awtorizzanti ma pprovdewx deskrizzjoni formali tas-sistemi li jużaw sabiex jagħtu u jissostanzjaw informazzjoni tal-kontabilità, u għaldaqstant l-uffiċjal tal-kontabilità baqa' ma jistax jivvalidahom; jistieden lill-Aġenzija sabiex issib rimedju għal dan;

23. Jinnota li għad hemm nuqqasijiet fir-rapport annwali ta' attività ta' l-uffiċjal awtorizzant, liema rapport ma jipprovdix informazzjoni adegwata dwar ir-relazzjoni bejn ir-riżultati ta' l-attivitajiet tas-sena u l-objettivi stabbiliti, ir-riskji assoċjati, l-użu tar-riżorsi u l-iffunzjonar ta' sistemi interni ta' kontroll; jitlob lill-Aġenzija sabiex issolvi din il-problema;

24. Jinnota li waqt il-verifika tal-proċeduri għar-reklutaġġ ta' ħaddiema temporanji, ġie osservat li ċerti dispożizzjonijiet interni dwar in-natura konġunta tal-kumitati ta' l-għażla u l-fatt li l-kriterji ta' għażla adottati qabel ma jistgħux jinbidlu ma kinux konformi mad-dispożizzjonijiet tal-kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet; jitlob li fil-futur il-proċeduri għar-reklutaġġ għandhom ikunu rispettati b'mod sħiħ;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

25. Jistieden lill-Aġenzija sabiex tirrispetta l-kriterji ta' evalwazzjoni fil-proċeduri ta' akkwist.

26. Iqis lill-Aġenzija bħala għajn ta' informazzjoni ambjentali importanti għall-istituzzjonijiet kollha ta' l-UE u għat-tfassil tal-politika; jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija setgħet tinterpreta data kkumplikata f'konklużjonijiet ċari u tikkomunikahom lill-pubbliku; jagħraf, b'mod partikulari, l-importanza tar-rapport 'L-Ambjent Ewropew — Stat u prospetti 2005 bħala sors ta' informazzjoni dwar l-ambjent li ji sta' jintuża faċilment u biex juri b'mod preċiż l-isfidi prinċipali li l-UE u l-Istati Membri qed jiffaċċjaw;

27. Jinkoraġġixxi lill-Aġenzija tkompli l-isforzi tagħha biex tiżviluppa aktar il-metodi ta' komunikazzjoni tagħha sabiex tattira aktar irrappurtar mill-midja għas-sejbiet tagħha u b'hekk tikkontribwixxi għad-dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet ambjentali importanti, bħall-bidla fil-klima, il-bijodiversità u l-immaniġġjar tar-riżorsi naturali;

28. Juri li l-impatt tal-programmi ambjentali spiss ikun ostakolat min-nuqqas ta' evalwazzjoni ta' l-impatti ambjentali ta' politiki Komunitarji oħra; jistieden lill-Aġenzija biex tiżviluppa l-ħidma tagħha aktar fil-qasam ta' l-evalwazzjoni ta' l-impatt ambjentali;

29. Jitlob li, qabel l-1 ta' Jannar 2010 u kull ħames snin wara din id-data, l-Aġenzija tikkummisjona evalwazzjoni esterna indipendenti dwar dak li rnexxielha tagħmel fuq il-bażi ta' l-ewwel Regolament u l-programmi ta' ħidma deċiżi mill-Bord tal-Maniġment; jitlob li fl-evalwazzjoni jiġi eżaminati wkoll il-prattiki ta' ħidma u l-impatt ta' l-Aġenzija u jiġu wkoll ikkunsidrati l-opinjonijiet tal-partijiet intetressati, kemm fuq livell komunitarju kif ukoll fuq dak nazzjonali; jitlob ukoll li l-Bord Maniġerjali ta' l-Aġenzija jeżamina l-konklużjonijiet ta' l-evalwazzjoni u jfassal abbozz ta' rakkomandazzjonijiet bħal dawn lill-Kummissjoni u lill-Parlament peress li jista' jkun neċessarju, fir-rigward ta' bidliet fl-Aġenzija, fil-prattiki ta' ħidma u fil-programmi tagħha, li l-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Parlament għandhom jiġu ppubblikati, pereżempju fuq il-websajts tagħhom, u li l-fondi meħtieġa biex titwettaq l-evalwazzjoni esterna għandhom jiġu allokati permezz ta' baġit tad-DĠ korrispondenti;

30. Jenfasizza l-irwol ta' l-Aġenzija fl-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali ta' l-UE;

P6_TA(2007)0118

Kwittanza 2005: Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0392/2006 — 2006/2159(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kotba finali annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kotba finali annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 19.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p.24.

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jwaqqaf l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol [2], u partikularment l-Artikolu 14 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [3], u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0105/2007),

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, u r-riżoluzzjoni li tagħmel parti integrali minnha, lid-Direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri sabiex dawn jippubblikawhom fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Serje L).

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
[2] ĠU L 216, 20.8.1994, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1112/2005 (ĠU L 184, 15.7.2005, p.5).
[3] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

2.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0392/2006 — 2006/2159(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kotba finali annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kotba finali annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 19.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p.24.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jwaqqaf l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol [1], u partikularment l-Artikolu 14 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [2], u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0105/2007),

1. Jinnota li l-kotba finali annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-snin finanzjarji 2004 u 2005 huma dawn li ġejjin:

(f'EUR 1000)

Kont tad-dħul u tan-nefqa għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Dħul		
Sussidji Komunitarji	12 209	9 542
Sussidji oħrajn	150	66
Dħul ieħor	66	111
Dħul PHARE	340	121
Dħul totali (a)	**12 765**	**9 840**
Nefqa		
Staff — Titolu I tal-baġit		
— Ħlasijiet	3 435	3 379
— Approprjazzjonijiet trasferiti	75	60
Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit		
— Ħlasijiet	1 052	966
— Approprjazzjonijiet trasferiti	331	248
Attivitajiet operattivi — Titolu III tal-baġi		
— Ħlasijiet	4 589	2 426
— Approprjazzjonijiet trasferiti	2 213	2 549
Nefqa PHARE		
— Ħlasijiet	133	0
— Approprjazzjonijiet trasferiti	206	0
Nefqa totali (b)	**12 035**	**9 628**
Riżultat tal-baġit għas-sena finanzjarja (c = a-b)	**730**	**212**
Approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena ta' qabel u kanċellati	404	887
Ammonti mis-sena finanzjarja preċedenti li jridu jiġu użati mill-ġdid u li ma ntużawx	0	0
RO (PHARE II) approprjazzjonijiet mhux użati	0	144
Ħlasijiet kontra impenji kanċellati fl-2002	0	0
Differenzi tar-rata tal-kambju	0	0
Ammont PHARE li jrid jitħallas lura lill-Kummissjoni	0	-39
Entrati (entries) ta' aġġustament	24	3

[1] ĠU L 216, 20.8.1994, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1112/2005 (ĠU L 184, 15.7.2005, p.5).

[2] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

(f'EUR 1000)

Kont tad-dħul u tan-nefqa għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Riżultati għas-sena finanzjarja qabel l-aġġustamenti ekonomiċi (d)	**1 158**	**1 208**
Bilanċ trasferit mis-sena finanzjarja preċedenti	-779	-1 987
Riżultat akkumulat qabel l-aġġustamenti ekonomiċi (e)	**379**	**-779**
Dħul tal-baġit li jrid jiġi rkuprat		0
Dħul ieħor li jrid jiġi rkuprat		0
Akkwisti ta' assi fissi	171	57
Deprezzament	-161	-174
Stokk	0	-6
Rimi ta' assi fissi	0	-91
Deprezzament	0	88
Nefqa mixxellanja		-34
Riżultat baġitarju kkumulat 2005 li jrid jitħallas lura lill-KE	-379	
PHARE III — Prefinanzjament riċevuti	-206	
Prefinanzjament mogħti	-314	
Reċivibbli fit-tul	4	
Aġġustament għal spejjeż baġitarji	1 990	
Aġġustament tad-dħul	-806	
Inverżjoni ta' operazzjonijiet ta' ħlasijiet b'lura	1 585	
Ammonti mħallsa trasferiti mill-2004-2005	-2 453	
Aġġustamenti ekonomiċi (f)	**-571**	**-161**
Bilanċ għas-sena finanzjarja (e+f)	**587**	**-940**

Sors: Informazzjoni ta' l-Aġenzija — Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-data provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, lid-Direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri sabiex dawn jippubblikaha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Serje L).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 b'osservazzjonijiet li jiffurmaw parti integrali tad-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0392/2006 — 2006/2159(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kotba finali annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kotba annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jwaqqaf l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol ([4]), u partikularment l-Artikolu 14 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0105/2007),

A. billi l-Qorti ta' l-Awdituri qalet li hija kisbet assigurazzjoni raġjonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu affidabbli u li t-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħthom, fis-sħuħija tagħhom, kienu legali u regolari,

B. billi fis-27 ta' April 2006 il-Parlament ta' kwittanza lid-direttur rigward l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2004 ([6]) u fir-riżoluzzoni li takkumpanja d-deċiżjoni tal-kwittanza tal-Parlament; inter alia

— jilqa' t-tnaqqis miksub fil-fondi trasferiti;

— iħeġġeġ lill-Aġenzija biex kemm jista' jkun malajr tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-regolament finanzjarju l-ġdid tagħha u proċeduri ta' kontroll intern li jkunu bbażati fuq l-analiżi tar-riskju;

— jinsisti li l-Aġenzija tirrispetta r-regoli dwar id-dewmien tal-kuntratti qafas;

— jistenna li fil-futur l-Aġenzija tinkludi l-bilanċji negattivi fl-aħħar tas-sena u li temenda l-baġits għas-sena finanzjarja li jmiss;

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 19.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
([4]) ĠU L 216, 20.8.1994, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1112/2005 (ĠU L 184, 15.7.2005, p.5).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
([6]) ĠU L 340, 6.12.2006, p. 96.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' Aġenziji ta' l-UE li jirrikjedu kwittanza individwali

1. Jaħseb li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji tal-Komunità u l-attivitajiet ta' xi whud minnhom ma jidhirx li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-istennijiet taċ-ċittadini, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom immaġini tajba jew stampa tajba;

2. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas ta' politika ġenerali għat-twaqqif ta' Aġenziji Komunitarji ġodda u sabiex tippreżenta studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji qabel ma titwaqqaf aġenzija ġdida, filwaqt illi toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attiviatjiet bejn l-Aġenziji jew mal-mandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;

3. Jistaqsi lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju dwar ir-relazzjoni bejn il-benefiċċju u l-ispejjeż qabel il-Parlament jieħu deċiżjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; Jistieden lill-istituzzjonijiet relevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jifformolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

5. Tenut kont tan-numru dejjem jikber ta' aġenziji ta' regolamentazzjoni, jiddeplora l-fatt li n-negozjati fir-rigward tal-proġett ta' ftehima interistituzzjonali għal kwadru ta' dawn l-aġenziji għadhom ma ntemmux u jistieden lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu, flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, sabiex din il-ftehima tiġi konkluża malajr;

6. Jinnota li r-responsabiltà baġitarja tal-Kummissjoni titlob li jsiru konnessjonijiet iktar stretti bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li tibblokka fl-entitajiet ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji ta' regolamentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdu għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkunu qed jitwaqqfu Aġenziji ġodda;

7. Jistieden mill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitlu ieħor fir-Rapport Annwali tagħha, li jkun dwar l-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

8. Ifakkar il-prinċipju skond liema l-Aġenziji kollha tal-Komunità, kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma suġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta jkun hemm awtorità ta' kwittanza minħabba t-testi kostituttivi tagħhom;

9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri tagħmel verifiki tal-prestazzjoni għall-Aġenziji kollha u tirrapporta lura lill-kumitati relevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, bi qbil mar-responsabiltà politika tal-Kummissjoni għat-tħaddim ta' l-Aġenziji, li tmur ferm oltre s-sempliċi appoġġ loġistiku, hemm bżonn saħansitra ikbar li d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni għall-Aġenziji; iqis li struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għall-koordinament fost id-DGs konċernati jkun mod pragmatiku lejn metodu komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li tiġi meqjusa l-kumplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u problemi tekniċi tal-Komunità;

12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunità, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi implimentat malajr;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

13. Jilqa' bi pjaċir it-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji ta' l-UE, li tippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li tagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;

14. Huwa ta' l-opinjoni illi t-twaqqif ta' servizz ta' apppoġġ minn numru ta' Aġenziji bil-għan illi jagħmlu s-sistemi ta' ġestjoni finanzjarja kompjuterizzata tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;

15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-istandards mal-partijiet fil-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija tqis bħala neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji ħalli jtejbu l-immaġini tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-attivitajiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħroġ bi proposta għall-armonizzazzjoni tal-format tar-rappurtaġġ annwali mill-Aġenziji sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun ta' l-effiċċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' prestazzjoni li magħhom jistgħu jkunu mkejla;

18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi li jkunu SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi ta' l-għanijiet;

19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-aġenziji; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmoniterja u, fejn ikun meħtieġ, tmexxi u tgħin l-immaniġġjar ta' l-aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni xierqa tal-proċeduri tat-tfigħ ta' offerti, it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, l-immaniġġjar finanzjarju sod (nuqqas ta' nfiq u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;

20. Jikkunsidra li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontribwizzjonijiet tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-konsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Interni tal-Kummissjoni;

Punti Speċifiċi

21. Jinnota li r-rata ta' impenji għal approprazzjonijiet imniżżlin fil-baġit għas-sena finanzjarja 2005 kienet ta' iżjed minn 90 % u li fil-każ ta' l-ispejjeż għall-operat (Titolu III) ir-rata ta' fondi trasferiti baqgħet għolja, jiġifieri 30 %, fil-waqt li r-rata ta' kanċellazzjoni għall-approprjazzjonijiet pendenti minn perjodu preċedenti kienet qrib il-15 %; jistieden lill-Aġenzija biex ittejjeb l-ipprogrammar tagħha u biex iżżomm miegħu b'mod iżjed rigoruż; jinnota li l-immaniġġjar tal-baġit juri numru kbir ta' trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn il-linji baġitarji u huwa tal-fehma li d-dokumentazzjoni konnessa ma' dawn it-trasferimenti m'hix adegwata; jistieden lill-Aġenzija biex tiggarantixxi li r-regoli u l-limiti li huma applikabbli għat-trasferimenti jkunu osservati;

22. Jikkunsidra l-Aġenzija bħala sors ta' informazzjoni importanti għall-istituzzjonijiet kollha ta' l-UE, għat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u għall-pubbliku inġenerali;

23. Jinnota li fl-2005 l-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll intern kienet għadha ma tlestietx, u li l-Bord ta' Tmexxija ma adotta l-ebda standards ta' kontroll intern; jiddeplora l-fatt li la hemm analiżi tar-riskju u lanqas lista ta' kontroll ma jissodisfawx il-ħtiġijiet ta' l-uffiċjali ta' l-awtorizzazzjoni u ta' l-istaff li jagħmel kontrolli operazzjonali; jistieden lill-Aġenzija sabiex tindirizza dawn il-punti fl-interess tat-trasparenza u l-effiċjenza;

24. Jinnota li d-dispożizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni ġenerali dwar l-għażla ta' l-istaff ta' l-Aġenzija ma jispeċifikawx il-kriterji u l-formalitajiet li għandhom jiġu osservati matul l-istadji varji ta' l-għażla tal-kandidati; jinsisti li d-deċiżjonijiet li jittieħdu f'dan ir-rigward iridu jkunu dokumentati b'mod rigoruż sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-imparzjalità tad-deċiżjonijiet meħudin;

25. Jaraha ta' dispjaċir li ħafna drabi fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku ma ngħatat l-ebda evidenza rilevanti dwar l-evalwazzjoni magħmula mill-kumitat għall-analiżi ta' l-offerti dwar il-kwalità ta' l-offerti; jaraha ta' dispjaċir ukoll li r-rapporti ta' l-evalwazzjoni kienu ffirmati biss mill-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni responsabbli u mhux mill-membri kollha tal-kumitat għall-analiżi ta' l-offerti; jistieden lill-Aġenzija sabiex iżżid l-isforzi fid-dokumentazzjoni xierqa tal-proċeduri ta' l-akkwist pubbliku;

26. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija tejjbet l-metodi ta' kommunikazzjoni tagħha u li qiegħed isir iżjed użu tan-'know-how' speċjalizzat tagħha minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju b'mod partikulari.

P6_TA(2007)0119

Kwittanza 2005: Iċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0393/2006 — 2006/2160(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet finali annwali taċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [5], u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0101/2007),

---

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 25.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 48.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
[4] ĠU L 314, 7.12.1994, p.1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1645/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 13).
[5] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

1. Jagħti kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jistabbilixxi l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li tifforma parti integrali minnha lid-direttur taċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u sabiex tirranġa/jirranġa għall-pubblikazzjoni tagħhom fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

2.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0393/2006 — 2006/2160 (DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet finali annwali taċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [5], u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0101/2007),

---

(1) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 25.
(2) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 48.
(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
(4) ĠU L 314, 7.12.1994, p.1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1645/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 13).
(5) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-snin finanzjarji 2004 u 2005 huma dawn li ġejjin:

(f'EUR 1000)

Kont tad-dħul u tan-nefqa għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Dħul operattiv		
Iffatturar għas-sena finanzjarja	30 408	23 423
Dħul mixxellanju	372	150
Dħul operattiv totali (a)	**30 780**	**23 573**
Nefqa operattiva		
Spejjeż kurrenti	13 200	11 929
Bini, apparat u nefqa operattiva varja	3 547	2 734
Spiża operattiva	7 397	5 919
Allokazzjoni ta' provvedimenti	1 849	1 410
Nefqa operattiva totali (b)	**25 993**	**21 992**
Riżultat operattiv (c = a-b)	**4 787**	**1 581**
Dħul finanzjarju		
Imgħaxx tal-bank	428	387
Differenzi tar-rata tal-kambju	1	1
Introjtu finanzjarju totali (d)	**429**	**388**
Spejjeż finanzjarji		
Tariffi tal-bank	4	7
Spiża finanzjarja totali (e)	**4**	**7**
Riżultat finanzjarju (f = d-e)	**425**	**381**
Riżultat għal attivitajiet ordinarji (g = c+f)	**5 212**	**1 962**
Introjtu eċċezzjonali (h)	0	2 230
Spejjeż eċċezzjonali (i)	0	0
Riżultat eċċezzjonali (j = h-i)	**0**	**2 230**
Riżultat għas-sena finanzjarja (g+j)	**5 212**	**4 192**

Sors: Data miġbura miċ-Ċentru. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-data provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u sabiex dawn jippubblikawhom fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Serje L)…

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 b'osservazzjonijiet li jiffurmaw parti integrali tad-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0393/2006 — 2006/2160(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet finali annwali taċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [5], u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0101/2007),

A. billi l-Qorti ta' l-Awdituri qalet li hija kisbet assigurazzjoni raġjonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu affidabbli u li, minbarra numru ta' irregolaritajiet li ġew innotati fl-għoti tal-kuntratti, it-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħthom, fis-sħuħija tagħhom, kienu legali u regolari,

B. billi fis-27 ta' April 2006 il-Parlament ta kwittanza lid-direttur rigward l-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2004 [6] u li fir-riżoluzzjoni li takkumpanja d-deċiżjoni tal-kwittanza tal-Parlament, *inter alia*

— jirrimarka l-livell għoli ta' approprijazzjonijiet li ċ-Ċentru kkanċella fl-2004; jinsisti li ċ-Ċentru jtejjeb l-estimi tiegħu sabiex il-baġit kif implimentat ikun jixbaħ iżjed lill-baġit adottat mill-Awtorità Baġitarja;

---

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 25.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 48.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
[4] ĠU L 314, 7.12.1994, p.1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1645/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 13).
[5] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
[6] ĠU L 340, 6.12.2006, p. 102.

— jinnota b'dispjaċir li l-kunflitt dwar il-ħlas tal-kontribuzzjoni għall-pensjoni minn min iħaddem għadu ma ssolviex; iħeġġeġ liċ-Ċentru sabiex iżied l-isforzi tiegħu sabiex isolvi din il-kwistjoni.

Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' Aġenziji ta' l-UE li jeħtieġ kwittanza individwali

1. Iqis li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji tal-Komunità u l-attivitajiet ta' xi whud minnhom ma jidhirx li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-istennijiet taċ-ċittadini, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom immaġini tajba jew stampa tajba;

2. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas ta' politika ġenerali għat-twaqqif ta' Aġenziji Komunitarji ġodda u sabiex tippreżenta studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji qabel ma titwaqqaf aġenzija ġdida, filwaqt illi toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attiviatjiet bejn l-Aġenziji jew mal-mandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;

3. Jistaqsi lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju dwar ir-relazzjoni bejn il-benefiċċju u l-ispejjeż qabel il-Parlament jieħu deċiżjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; Jistieden lill-istituzzjonijiet relevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jifformolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

5. Tenut kont tan-numru dejjem jikber ta' aġenziji ta' regolamentazzjoni, jiddeplora l-fatt li n-negozjati fir-rigward tal-proġett ta' ftehima interistituzzjonali għal kwadru ta' dawn l-aġenziji għadhom ma ntemmux u jistieden lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu, flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, sabiex din il-ftehima tiġi konkluża malajr;

6. Jinnota li r-responsabiltà baġitarja tal-Kummissjoni titlob li jsiru konnessjonijiet iktar stretti bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li tibblokka fl-entitajiet ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji ta' regolamentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdu għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkunu qed jitwaqqfu Aġenziji ġodda;

7. Jistieden mill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitlu ieħor fir-Rapport Annwali tagħha, li jkun dwar l-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

8. Ifakkar il-prinċipju skond liema l-Aġenziji kollha tal-Komunità, kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma suġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta jkun hemm awtorità ta' kwittanza minħabba t-testi kostituttivi tagħhom;

9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri tagħmel verifiki tal-prestazzjoni għall-Aġenziji kollha u tirrapporta lura lill-kumitati relevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, bi qbil mar-responsabiltà politika tal-Kummissjoni għat-tħaddim ta' l-Aġenziji, li tmur ferm oltre s-sempliċi appoġġ loġistiku, hemm bżonn saħansitra ikbar li d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni għall-Aġenziji; Iqis li struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għall-koordinament fost id-DGs konċernati jkun mod pragmatiku lejn metodu komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li tiġi meqjusa l-kumplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u problemi tekniċi tal-Komunità;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunità, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi implimentat malajr;

13. Jilqa' bi pjaċir it-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji ta' l-UE, li tippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li tagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;

14. Huwa ta' l-opinjoni illi t-twaqqif ta' servizz ta' apppoġġ minn numru ta' Aġenziji bil-għan illi jagħmlu s-sistemi ta' ġestjoni finanzjarja kompjuterizzata tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;

15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-istandards mal-partijiet fil-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija tqis bħala neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji ħalli jtejbu l-immaġini tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-attivitajiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħroġ bi proposta għall-armonizzazzjoni tal-format tar-rappurtaġġ annwali mill-Aġenziji sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun ta' l-effiċċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' prestazzjoni li magħhom jistgħu jkunu mkejla;

18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi li jkunu SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi ta' l-għanijiet;

19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-aġenziji; Għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmoniterja u, fejn ikun meħtieġ, tmexxi u tgħin l-immaniġġjar ta' l-aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni xierqa tal-proċeduri tat-tfigħ ta' offerti, it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, l-immaniġġjar finanzjarju sod (nuqqas ta' nfiq u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;

20. Jikkunsidra li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontribwizzjonijiet tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-konsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Interni tal-Kummissjoni;

Punti Speċifiċi

21. Jinnota li għas-sena finanzjarja 2005, ir-rati ġenerali ta' l-implimentazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' impenn kienet ta' iżjed minn 90 % u li l-istess kien il-każ għall-approprjazzjonijiet ta' ħlas, u li kien innotat ukoll nuqqas ta' utilizzazzjoni fir-rigward ta' l-infiq amministrattiv (Titolu II), fejn ir-rata ta' l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' impenn kienet inqas minn 75 % ta' l-impenji magħmula, u 24 % tmexxew għas-sena finanzjarja ta' wara; huwa mħasseb għax fl-istess perjodu ġew ikkanċellati iżjed minn 50 % ta' l-impenji totali mmexxija 'l quddiem mis-sena ta' qabel; jinsisti li ċ-Ċentru jrid itejjeb l-iprogrammar tan-nefqa amministrattiva;

22. Jistieden liċ-Ċentru biex ifittex kjarifika dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali marbuta mal-bank tad-data IATE;

23. Jesprimi t-tama tiegħu li l-kunflitt bejn iċ-Ċentru u l-Kummissjoni dwar is-sehem ta' min iħaddem fil-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni għall-istaff tiegħu tissolva malajr kemm jista' jkun.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

P6_TA(2007)0120

Kwittanza 2005: L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0394/2006 — 2006/2161(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0099/2007),

1. Jagħti lid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jistabbilixxi l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li tifforma parti integrali tagħha lid-direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, lill-Kunsill, l-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri, u sabiex jiżgura/tiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 4.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 12.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
([4]) ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

2

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0394/2006 — 2006/2161(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-data 27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0099/2007),

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini huma preżentati kif ġej:

(f'EUR 1000)

Kont ta' dħul u nfiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Dħul		
Spejjeż marbuta ma' awtorizzazzjonijiet ta' marketing	72 613	68 412
Sussidju tal-Kummissjoni inkluż il-kontribuzzjonijiet irċevutu mill-EE	22 847	20 529
Sussidju Komunitarju għal mediċini orfni	6 110	4 026
Kontribuzzjonijiet għal programmi Komunitarji	0	0
Dħul amministrattiv	3 423	1 973
Dħul varju	1 643	1 473
Total (a)	**106 636**	**96 413**

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 4.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 12.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
([4]) ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1. Regolament emendat mir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

(f'EUR 1000)

Kont ta' dħul u nfiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Nefqa		
Nefqa ta' l-istaff	40 057	34 333
Nefqa amministrattiva	17 022	11 224
Nefqa tat-tħaddim	41 999	38 573
Deprezzament	5 333	3 650
Spejjeż oħra	104	280
Total (b)	**104 515**	**88 060**
Riżultat operattiv (c = a-b)	**2 121**	**8 353**
Riżultat finanzjarju (e)	2 257	1 160
Riżultat Ekonomiku (f = c+e)	**4 378**	**9 513**

Sors: Informazzjoni ta' l-Aġenzija — Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-dejta provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura/tiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 b'osservazzjonijiet li jifformaw parti mid-Deċiżjoni ta' kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0394/2006 — 2006/2161 (DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,

---

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 4.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 12.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
[4] ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0099/2007),

A. billi l-Qorti ta' l-Awdituri stqarret li hija kisbet assigurazzjoni raġjonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu affidabbli u li t-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħthom, fis-sħuħija tagħhom, kienu legali u regolari,

B. billi fis-27 ta' April 2006 il-Parlament ta' kwittanza lid-direttur rigward l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2004 [2] u fir-riżoluzzoni li takkumpanja d-deċiżjoni tal-kwittanza tal-Parlament, inter alia

— jinnota li s-sejba tal-Qorti ta' l-Awdituri li l-kuntratti konklużi ma' banek ilhom fis-seħħ għal iktar minn ħames snin, bi ksur tar-regoli ta' implimentazzjoni tar-regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija, li jirrikjedu sejħa ġdida għal offerta ta' l-anqas darba kull ħames snin; jinnota li t-tweġiba ta' l-Aġenzija, li tispjega r-raġunijiet għad-dewmien biex toħroġ sejħa għal offerta, u tispjega l-benefiċċi miksuba permezz ta' negozjar dirett mal-bank, u ser jibqa' jiftakar dan meta jiġi biex jikkunsidra r-reviżjonijiet tar-Regolament Finanzjarju;

— juri li l-leġiżlazzjoni l-ġdida għall-farmaċewtiċi, li ġiet adottata fl-2004, kellha impatt konsiderevoli fuq ix-xogħol u l-istrutturi maniġerjali ta' l-Aġenzija;

Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' l-Aġenziji ta' l-UE li jirrikjedu kwittanza individwali

1. Iqis li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji tal-Komunità u l-attivitajiet ta' xi wħud minnhom ma jidhirx li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-istennijiet taċ-ċittadini tagħha, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom immaġini tajba jew stampa tajba;

2. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas politiku ġenerali għat-twaqqif ta' Aġenziji Komunitarji ġodda u sabiex tippreżenta studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji qabel ma titwaqqaf aġenzija ġdida, filwaqt illi toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attivitajiet bejn l-Aġenziji jew mal-mandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;

3. Jistaqsi lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju dwar ir-relazzjoni bejn il-benefiċċju u l-ispejjeż qabel il-Parlament jieħu deċiżjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; Jistieden lill-istituzzjonijiet relevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jifformolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

5. Iqis li, tenut kont tan-numru dejjem jikber ta' aġenziji ta' regolamentazzjoni, huwa dispjaċut li n-negozjati fir-rigward ta' l-abbozz ta' ftehima interistituzzjonali dwar il-qafas operattiv ta' dawn l-aġenziji għadhom ma ntemmux u jistieden lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni, sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu, flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, sabiex dan il-ftehim jiġi konklużż malajr;

[1] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
[2] ĠU L 340, 6.12.2006, p. 107.

6. Jinnota li r-responsabbiltà baġitarja tal-Kummissjoni titlob li jsiru rabtiet iktar stretti bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li tibblokka fil-korpi ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji ta' regolamentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdu għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkunu qed jitwaqqfu Aġenziji ġodda;

7. Jistieden mill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitlu ieħor fir-Rapport Annwali tagħha, li jkun dwar l-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

8. Ifakkar il-prinċipju skond liema l-Aġenziji kollha tal-Komunita', kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma suġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta jkun hemm awtorita' ta' kwittanza minħabba t-testi kostituttivi tagħhom;

9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri tagħmel verifiki tal-prestazzjoni għall-Aġenziji kollha u tirrapporta lura lill-kumitati relevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, skond ir-responsabbiltà politika tal-Kummissjoni għat-tħaddim ta' l-Aġenziji, li tmur ferm lil hinn s-sempliċi appoġġ loġistiku, hemm bżonn saħansitra ikbar li d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni għall-Aġenziji; jikkunsidra li struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għall-koordinament fost id-DGs konċernati jkun mod pragmatiku lejn metodu komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li tiġi meqjusa l-kumplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u problemi tekniċi tal-Komunità;

12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunita', u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi implimentat malajr;

13. Jilqa' t-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji, li tippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li tagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;

14. Huwa ta' l-opinjoni illi t-twaqqif ta' servizz ta' apppoġġ minn numru ta' Aġenziji bil-għan illi jagħmlu s-sistemi ta' ġestjoni finanzjarja kompjuterizzata tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;

15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-istandards mal-partijiet fil-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija tqis bħala neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji ħalli jtejbu l-immaġini tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-attivitajiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħroġ bi proposta għall-armonizzazzjoni tal-format tar-rappurtaġġ annwali mill-Aġenziji sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun ta' l-effiċċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' prestazzjoni li magħhom jistgħu jkunu mkejla;

18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi li jkunu SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi ta' l-għanijiet;

19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-aġenziji; għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmoniterja u, fejn ikun meħtieġ, tmexxi u tgħin l-immaniġġjar ta' l-aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni xierqa tal-proċeduri tat-tfigħ ta' offerti, it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, l-immaniġġjar finanzjarju sod (nuqqas ta' nfiq u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

20. Jikkunsidra li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontribuzzjonijiet tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-konsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Interni tal-Kummissjoni;

Punti Speċifiċi

21. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-baġit, ir-rati ta' l-utilizzazzjoni għal approprjazzjonijiet ta' impenn (94 %) u l-ħlas ta' l-approprjazzjonijiet (82 %) kienu ġeneralment għoljin, u li għan-nefqa amministrattiva (Titolu II) ir-rata ta' utilizzazzjoni għal approprjazzjonijiet ta' impenn kienet inqas minn 90 %, b'iktar minn 40 % ta' l-impenji meħuda ġew trasferiti għas-sena finanzjarja ta' wara;

22. Jinnota li l-baġit ta' l-Aġenzija kiber konsiderevolment bejn l-2003 u l-2005 minħabba t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea u l-ħidmiet ġodda; huwa kuntent ħafna biż-żieda fl-approprjazzjonijiet għal-linja tal-baġit ta' Mediċini għal Mard Rari, u bl-implimentazzjoni sħiħa tagħha;

23. Jistieden lill-Aġenzija biex jiżguraw li l-membri ta' l-istaff bid-drittijiet ta' delegazzjoni biss jkollhom aċċess għas-sistema tal-kompjuter korrispondenti;

24. Jistieden lill-Aġenzija biex tintegra fil-kontijiet tagħha, l-fondi [1] miġbura mingħand Aġenziji u korpi oħra biex tiffinanzja servizz ta' appoġġ komuni għall-iżvilupp tas-sistemi ta' informazzjoni tal-immaniġġjar finanzjarju tagħhom;

25. Jitlob biex proċeduri ta' għoti ta' kuntratt għandhom ikunu trasparenti u jimxu mar-regoli ta' gwida anke fil-qasam ta' l-informatika teknoloġika;

26. Jistieden lill-Aġenzija biex tinforma lill-Parlament dwar sejħa għal offerta ġdida rigward kuntratti ma' banek skond ir-regoli standard kemm jista jkun malajr;

27. Juri li l-leġiżlazzjoni l-ġdida għall-farmaċewtiċi, li ġiet adottata fl-2004, kellha impatt konsiderevoli fuq ix-xogħol, l-istrutturi ta' immaniġġjar u l-istaff ta' l-Aġenzija; jifraħ lill-Aġenzija talli rnexxielha tadatta għall-qafas regolatorju ġdid, li daħal fis-seħħ f'Novembru 2005;

28. Huwa kuntent bit-tneddija ta' "l-uffiċċju SME", li jipprovdi assistenza finanzjarja u amministrattiva lil kumpaniji ta' mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2049/2005 [2];

29. Jilqa' l-isforzi ta' l-Aġenzija biex tipprovdi parir iktar xjentifiku fl-istadji bikrija ta' l-iżvilupp ta' mediċini ġodda kif ukoll l-introduzzjoni ta' miżuri li jħaffu l-evalwazzjoni tal-mediċini li huma ta' importanza kritika għas-saħħa pubblika; jinnota x-xogħol li sar mill-Aġenzija biex tiffaċilita evalwazzjoni li ma ddumx ta' tilqimiet fil-każ ta' pandemija ta' l-influwenza;

30. Jitlob li, qabel l-1 ta' Jannar 2010 u kull ħames snin wara din id-data, l-Aġenzija tikkummisjona evalwazzjoni esterna indipendenti dwar il-kisbiet tagħha fuq il-bażi ta' l-ewwel Regolament u l-programmi ta' ħidma deċiżi mill-Bord tal-Maniġment; jitlob ukoll li fl-evalwazzjoni jiġu eżaminati wkoll il-prattiki ta' ħidma u l-impatt ta' l-Aġenzija u jiġu wkoll ikkunsidrati l-opinjonijiet tal-partijiet interessati, kemm fuq livell Komunitarju kif ukoll fuq dak nazzjonali; jitlob li l-Bord Maniġerjali ta' l-Aġenzija jeżamina l-konklużjonijiet ta' l-evalwazzjoni u jfassal abbozz ta' rakkomandazzjonijiet bħal dawn lill-Kummissjoni u lill-Parlament peress li jista' jkun neċessarju, fir-rigward ta' bidliet fl-Aġenzija, fil-prattiki ta' ħidma u fil-programmi tagħha, li l-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Parlament għandhom jiġu ppubblikati, pereżempju fuq il-websites tagħhom, u li l-Fondi meħtieġa biex titwettaq l-evalwazzjoni esterna għandhom jiġu allokati permezz ta' baġit tad-DĠ korrispondenti.

---

[1] Madwar EUR 400 000.

[2] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2049/2005 tal-15 ta' Diċembru 2005 li jistipula, skond ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, regoli rigward il-ħlas ta' ħlasijiet lil, u l-aċċettazzjoni ta' assistenza amministrattiva mingħand l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini minn intrapriżi ta' daqs mikro, żgħir u medju. (ĠU L 329, 16.12.2005, p. 4).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

P6_TA(2007)0121

Kwittanza 2005: Eurojust

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0395/2006 — 2006/2162(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Eurojust ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu, u t-Trattat UE, u b'mod partikulari l-Artikolu 41 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA tat-28 ta' Frar 2002 li stabbiliet l-Eurojust bil-ħsieb li ssaħħaħ il-ġlieda kontra r-reati serji ([4]), u b'mod partikulari l-Artikolu 36 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0120/2007),

1. Jagħti l-kwittanza lid-direttur amministrattiv ta' l-Eurojust dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-direttur amministrattiv ta' l-Eurojust, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Serje L).

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 34.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 67.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
([4]) ĠU L 63, 6.3.2002, p.1. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2003/659/JHA (ĠU L 245, 29.9.2003, p.44).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

2.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0395/2006 — 2006/2162(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Eurojust ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu, u t-Trattat UE, u b'mod partikulari l-Artikolu 41 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA tat-28 ta' Frar 2002 li stabbiliet l-Eurojust bil-ħsieb li ssaħħaħ il-ġlieda kontra r-reati serji ([4]), u b'mod partikulari l-Artikolu 36 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0120/2007),

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali ta' l-Eurojust għas-snin finanzjarji 2004 u 2005 huma preżentati kif ġej:

(fEUR 1000)

Kont tad-dħul u tan-nefqa għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Dħul tat-tħaddim		
Sussidji Komunitarji	11 991	8 726
Dħul mixxellanju	59	397
Total (a)	**12 050**	**9 123**
Nefqa tat-tħaddim		
Xiri ta' prodotti u servizzi	4 854	4 476
Spejjeż għall-persunal	5 149	4 142
Deprezzament	508	332
Totali (b)	**10 511**	**8 950**
Bilanċ għas-sena finanzjarja (a–b)	**1 539**	**173**

Sors: data ta' l-Eurojust — Din it-tabella tqassar id-data fornuta mill-Eurojust fil-kontijiet annwali tagħha.

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 34.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 67.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
([4]) ĠU L 63, 6.3.2002, p.1. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2003/659/JHA (ĠU L 245, 29.9.2003, p.44).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-direttur amministrattiv ta' l-Eurojust, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Serje L).

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 li tinkludi osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0395/2006 — 2006/2162(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Eurojust [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu, u t-Trattat UE, u b'mod partikulari l-Artikolu 41 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA tat-28 ta' Frar 2002 li stabbiliet l-Eurojust bil-ħsieb li ssaħħaħ il-ġlieda kontra r-reati serji [4], u b'mod partikulari l-Artikolu 36 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [5], u partikolarment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0120/2007),

A. billi l-Qorti ta' l-Awdituri qalet li hija kisbet assigurazzjoni raġjonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu affidabbli u li t-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħthom, fis-sħuħija tagħhom, kienu legali u regolari,

B. billi fis-27 ta' April 2006 l-Parlament ta l-kwittanza lid-direttur rigward l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2004 [6] u fir-riżoluzzoni li takkumpanja d-deċiżjoni tal-kwittanza tal-Parlament, inter alia

---

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 34.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 67.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
[4] ĠU L 63, 6.3.2002, p.1. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2003/659/JHA (ĠU L 245, 29.9.2003, p.44).
[5] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
[6] ĠU L 340, 6.12.2006, p. 112.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— esprima ix-xewqa tiegħu li jinżamm mgħarraf bi sħiħ dwar l-intenzjonijiet ta' l-awtoritajiet ospitanti Olandiżi, dwar kwalunkwe bini ġdid għall-Eurojust; b'mod partikulari, xtaq li jkun mgħarraf dwar il-possibilitajiet li l-Eurojust u l-Europol jokkupaw l-istess bini u dwar il-kundizzjonijiet ta' tali ċaqliqa u l-appoġġ finanzjarju li l-istat li jospita jkun se jagħti lill-Eurojust f'dak ir-rigward;

— jinnota li l-Eurojust implimentat baġit differenti minn dak li ffissat l-Awtorità Baġitarja; jinsisti li l-Eurojust issegwi l-proċeduri l-korretti u li tistenna l-approvazzjoni mill-Awtorità Baġitarja qabel ma timplimenta kwalunkwe tali tibdiliet fil-ġejjieni;

— jisħaq li jkun xieraq li jiġi rispettat il-prinċipju tas-segregazzjoni tad-doveri ta' l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni u l-uffiċjal tal-kontabilità u li jkun xieraq li ma jkunx hemm ripetizzjoni tas-sitwazzjoni li seħħet fl-2004 meta membru tal-persunal wettaq iż-żewġ rwoli;

Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' Aġenziji ta' l-UE li jirrikjedu kwittanza individwali

1. Jikkonsidra li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji tal-Komunità u l-attivitajiet ta' xi wħud minnhom ma jidhirx li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-istennijiet taċ-ċittadini, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom immaġini tajba jew stampa tajba;

2. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas ta' politika ġenerali għat-twaqqif ta' Aġenziji ġodda tal-Komunità u sabiex tippreżenta studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji qabel ma titwaqqaf aġenzija ġdida, filwaqt illi toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attiviatjiet bejn l-Aġenziji jew mal-mandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;

3. Jitlob lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju dwar ir-relazzjoni bejn il-benefiċċju u l-ispejjeż qabel il-Parlament jieħu deċiżjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; jistieden lill-istituzzjonijiet relevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jifformolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

5. Meta jitqies in-numru dejjem jikber ta' aġenziji ta' regolamentazzjoni, jiddeplora l-fatt li n-negozjati fir-rigward ta'l-abbozz ta' ftehim interistituzzjonali għal kwadru ta' dawn l-aġenziji għadhom ma ntemmux u jistieden lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu, flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, sabiex din il-ftehim jiġi konkluż malajr;

6. Jinnota li r-responsabiltà baġitarja tal-Kummissjoni titlob li jsiru konnessjonijiet iktar stretti bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li tibblokka fl-entitajiet ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji regolatorji sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdu għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkunu qed jitwaqqfu Aġenziji ġodda;

7. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitlu ieħor fir-Rapport Annwali tagħha, li jirrigwardja l-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

8. Ifakkar il-prinċipju skond liema l-Aġenziji kollha tal-Komunità, kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma suġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta jkun hemm awtorità ta' kwittanza minħabba t-testi kostituttivi tagħhom;

9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri tagħmel verifiki tar-rendiment għall-Aġenziji kollha u tirrapporta lill-kumitati rilevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, skond ir-responsabiltà politika tal-Kummissjoni għat-tħaddim ta' l-Aġenziji, li tmur ferm oltre s-sempliċi appoġġ loġistiku, hemm bżonn saħansitra ikbar li d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni għall-Aġenziji; jikkonsidra li struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għall-koordinament fost id-DGs konċernati jkun mod pragmatiku li jressaq lejn metodu komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li tiġi meqjusa l-kumplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u problemi tekniċi tal-Komunità;

12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunità, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi implimentat malajr;

13. Jilqa' bi pjaċir it-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji, li tippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li tagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;

14. Huwa ta' l-opinjoni illi t-twaqqif ta' servizz ta' apppoġġ komuni minn numru ta' Aġenziji bil-għan illi jagħmel is-sistemi ta' ġestjoni finanzjarja kompjuterizzata tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;

15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-istandards mal-partijiet involuti fil-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija tikkonsidra neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji ħalli jtejbu d-dehra tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-attivitajiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħroġ bi proposta għall-armonizzazzjoni tal-format tar-rappurtaġġ annwali mill-Aġenziji sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun ta' l-effiċċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' prestazzjoni li magħhom jistgħu jiġu mkejla;

18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi li jkunu SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi ta' l-għanijiet;

19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-aġenziji; għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmoniterja u, fejn ikun meħtieġ, tmexxi u tgħin l-immaniġġjar ta' l-aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni xierqa tal-proċeduri tat-tfigħ ta' offerti, it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, l-immaniġġjar finanzjarju sod (nuqqas ta' nfiq u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;

20. Jikkunsidra li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontribwizzjonijiet tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-konsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Interni tal-Kummissjoni;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

Punti Speċifiċi

21. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-baġit uriet li 90 % ta' l-approprijazzjonijiet li ngħataw għas-sena kienu ġew impenjati u li r-rata ġenerali tal-pagamenti kienet 84 %; barra minn hekk, jinnota li r-rata ta' l-utilizzazzjoni ta' l-approprijazzjonijiet għal attivitajiet tat-tħaddim (Titolu III) kienet 80 % biss ta' l-approprijazzjonijiet ta' impenn għas-sena finanzjarja u li terz mill-impenji kellhomjiġu trasferiti; jinnota li aktar minn 15 % ta' l-impenji trasferiti għas-sena kellhom jitħassru; jistieden lill-Eurojust biex saħansitra ttejjeb aktar l-ipprogrammar tan-nefqa għat-tħaddim;

22. Jinnota li l-Kulleġġ iddeċieda li jawtorizza it-trasferiment mhux awtomatiku ta' approprijazzjonijiet għal total ta' EUR 285 484 u jfakkar li tali trasferimenti huma permessi biss jekk il-biċċa l-kbira ta' l-istadji preparatorji għall-att ta' impenn ikunu tlestew qabel tmiem is-sena finanzjarja u li dan ma kienx il-każ;

23. Jisħaq li l-Eurojust għad m'għandhiex ir-regolament finanzjarju tagħha u kompliet tapplika r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002; jistieden lill-Kummissjoni biex tgħarraf lill-Parlament dwar l-opinjoni tagħha rigward l-abbozz ta' regolament imressaq mill-Eurojust;

24. Jistieden lill-Eurojust biex ittejjeb il-proċedura tagħha dwar l-inventarju;

25. Jistieden lill-Eurojust biex tgħarraf lill-Parlament dwar l-adozzjoni min-naħa tal-Bord tagħha ta' kwalunkwe standard għall-kontroll intern; huwa mħasseb minħabba li l-formalizzazzjoni tal-proċeduri tat-tħaddim u tal-kontabilità kienet fil-biċċa l-kbira nieqsa u minħabba li fl-2005 il-listi ta' kontroll li jiddeskrivu l-kontrolli li għandhom isiru fuq l-impenji baġitarji marbuta ma' proċeduri importanti tat-tħaddim (akkwist u reklutaġġ) ma ġewx żviluppati biżżejjed; jistieden lill-Eurojust biex tippreżenta lill-Parlament deskrizzjoni qasira ta' kwalunkwe titjib f'dan il-qasam qabel il-proċedura tal-kwittanza għall-2006;

26. Jistieden lill-Eurojust biex tirrispetta l-proċeduri ta' akkwist pubbliku u l-ġestjoni tal-kuntratti u biex tirrispetta l-limiti ta' żmien għal kuntratti qafas kif stipulat fid-dispożizzjonijiet regolatorji.

P6_TA(2007)0122

Kwittanza 2005 — Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0396/2006 — 2006/2163(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 40.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 73.

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990 li jwaqqaf il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [3], u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali — (A6-0113/2007),

1. Jagħti l-kwittanza lid-direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, u r-riżoluzzjoni li tifforma parti integrali minnha, lid-direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġa, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri sabiex dawn jippubblikawhom fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Serje L).

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
[2] ĠU L 131, 23.5.1990, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1648/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 22).
[3] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

2.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġa għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0396/2006 — 2006/2163(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 40.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 73.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990 li jwaqqaf il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [3], u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali — (A6-0113/2007),

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-snin finanzjarji 2004 u 2005 huma preżentati kif ġej:

(fEUR 1000)

Kont tad-dħul u tan-nefqa għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Dħul		
Sussidji tal-Kummissjoni	18 500	17 600
Donaturi oħra — Ministeru Taljan għall-Affarijiet Barranin	479	800
Donaturi oħra — KE — konvenzjoni ETE MED	2 500	0
Donaturi oħra — KE — konvenzjoni Tempus TA 2004/05	1 739	0
Dħul Mixxellanju	34	80
Dħul Totali (a)	**23 252**	**18 480**
NEFQA		
Persunal — Titolu I tal-baġit		
— Pagamenti	11 310	11 122
— Approprjazzjonijiet trasferiti	478	123
Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit		
— Pagamenti	1 232	1 213
— Approprjazzjonijiet trasferiti	326	247
Attivitajiet operattivi — Titolu III tal-baġit		
— Pagamenti	2 818	3 449
— Approprjazzjonijiet trasferiti	1 925	1 168
Dħul allokat — Titolu IV		
— Pagamenti	123	260
— Approprazzjonijiet riċevuti — mhux imħallsa fl-2005	356	540
KE — konvenzjoni ETE MED — Title V		
— Pagamenti	135	0
— Approprazzjonijiet riċevuti — mhux imħallsa fl-2005	2 365	0

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).

[2] ĠU L 131, 23.5.1990, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1648/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 22).

[3] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

(f'EUR 1000)

Kont tad-dħul u tan-nefqa għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
KE — konvenzjoni Tempus TA 2004/05 — Titolu VI		
— Pagamenti	677	0
— Approprazzjonijiet riċevuti — mhux imħallsa fl-2005	1 062	0
Nefqa totali (b)	**22 808**	**18 122**
Riżultat tal-budget għas-sena finanzjarja (a-b)	**444**	**358**
Bilanċ trasferit mis-sena finanzjarja ta' qabel	-759	-1 318
Approprazzjonijiet trasferiti u kanċellati	388	204
Ħlasijiet lura lill-Kummissjoni	0	0
Differenzi tar-rata ta' skambju	1	-4
Bilanċ għas-sena finanzjarja	**74**	**-759**

Sors: Data tal-Fondazzjoni — Din it-tabella tagħti sommarju tad-data fornuta mill-Fondazzjoni fil-kontijiet annwali tagħha.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet dwar tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġa għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u biex jagħmel in-neċessarju biex tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0396/2006 — 2006/2163(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990 li jwaqqaf il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

---

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 40.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 73.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
[4] ĠU L 131, 23.5.1990, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1648/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 22).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [1], u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali — (A6-0113/2007),

A. billi l-Qorti tal-Ġustizzja qalet li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li spiċċat fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu ta' min joqgħod fuqhom, u t-transazzjonijiet bażiċi, meħuda bħala ħaġa waħda, kienu legali u regolari,

B. billi fis-27 ta' April 2006, il-Parlament ta kwittanza lid-direttur fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2004 [2], u fir-riżoluzzjoni mehmuża mad-deċiżjoni tal-kwittanza tal-Parlament, inter alia

— jiddispjaċih li jinnota li l-Fondazzjoni għadha ma solvitx il-problema li tikkonċerna l-preżentazzjoni korretta fil-kontijiet tagħha tan-nefqa relatata mal-programm Tempus; jinnota li din il-problema ppersistit minkejja kritika ripetuta mill-Qorti ta' l-Awdituri fir-rapporti annwali sa mill-1999, u li b'konsegwenza ta' dan il-Qorti ta' l-Awdituri qiegħdet riżerva fuq il-kontijiet tal-Fondazzjoni; jinsisti li l-kontijiet tal-Fondazzjoni jirrispettaw il-prinċipji ta' l-unità u l-eżatezza tal-baġit;

— jinsisti li l-Aġenzija tikkonforma mar-regolamenti fis-seħħ li jikkonċernaw il-pubblikazzjoni tal-baġit sub-diviż f'artikoli u punti u li jinkludi pjan ta' stabbiliment;

Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' Aġenziji ta' l-UE li jeħtieġu kwittanza individwali

1. Iqis li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji Komunitarji u l-attivitajiet ta' xi wħud minnhom ma jidhrux li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-aspettattivi taċ-ċittadini, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom dehra tajba jew rapporti tajbin mill-istampa;

2. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas ta' politika ġenerali għat-twaqqif ta' Aġenziji ġodda tal-Komunità u sabiex tippreżenta studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji qabel ma titwaqqaf kwalunkwe Aġenzija ġdida, filwaqt illi toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attiviatjiet bejn l-Aġenziji jew mal-mandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;

3. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju tal-benefiċċji meta mqabbla ma' l-ispejjeż qabel ma' l-Parlament jieħu d-deċiżjoni tiegħu;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta kull ħames snin studju dwar il-valur miżjud ta' kull aġenzija eżistenti; jistieden lill-istituzzjonijiet relevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jifformolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

5. Meta wieħed iqis in-numru dejjem jikber ta' aġenziji ta' regolazzjoni, jesprimi dispjaċir għall-fatt li n-negozjati fir-rigward ta' l-abbozz ta' ftehima interistituzzjonali għal qafas ta' dawn l-aġenziji għadhom ma ntemmux u jistieden lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu, flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, sabiex din il-ftehima tiġi konkluża malajr;

6. Jinnota li r-responsabilità baġitarja tal-Kummissjoni titlob li jsiru konnessjonijiet iktar stretti bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li tibblokka fl-entitajiet ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji ta' regolamentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdu għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkunu qed jitwaqqfu Aġenziji ġodda;

[1] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
[2] ĠU L 340, 6.12.2006, p. 117.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

7. Jistieden mill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitolu ieħor fir-Rapport Annwali tagħha, dedikat għall-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa ferm aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

8. Ifakkar il-prinċipju li fuq il-bażi tiegħu, l-Aġenziji kollha tal-Komunità, kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma suġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta jkun hemm awtorità ta' kwittanza bis-saħħa t-testi kostituttivi tagħhom;

9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri sabiex tagħmel verifiki ta' rendiment lill-Aġenziji kollha u tirrapporta lura lill-kumitati relevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, bi qbil mar-responsabilità politika tal-Kummissjoni għat-tħaddim ta' l-Aġenziji, li tmur lil hinn minn sempliċiment appoġġ loġistiku, hemm ħtieġa saħansitra ikbar li d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni lejn l-Aġenziji; iqis illi struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għall-koordinament fost id-DĠ konċernati tkun mod prammatiku 'l quddiem lejn approċċ komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li tiġi meqjusa l-kumplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u problemi tekniċi tal-Komunità;

12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunità, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi implimentat malajr;

13. Jilqa' bi pjaċir it-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji, li jippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li jagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;

14. Huwa ta' l-opinjoni illi t-twaqqif ta' servizz ta' apppoġġ minn numru ta' Aġenziji bil-għan li jagħmel is-sistemi ta' mmaniġġjar finanzjarju kompjuterizzat tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;

15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-*benchmarking* ma' dawk kollha attivi fil-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija tqis bħala neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji ħalli jtejbu id-dehra tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-attivitajiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħroġ bi proposta għall-armonizzazzjoni tal-format tar-rappurtaġġ annwali mill-Aġenziji sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun ta' l-effiċċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' prestazzjoni li magħhom jistgħu jitkejlu;

18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi ta' l-għanijiet;

19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-Aġenziji; Għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja u, fejn ikun meħtieġ, tidderieġi u tgħin l-immaniġġjar ta' l-Aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni kif suppost tal-proċeduri ta' appalt, trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, immaniġġjar finanzjarju sod (infiq nieqes u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;

20. Jikkunsidra li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontributi tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-konsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Interni tal-Kummissjoni;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

Punti Speċifiċi

21. Jinnota li r-rata ta' impenn għall-approprazzjonijiet għas-sena finanzjarja hija għolja (prattikament 100 % għall-attivitajiet tal-Fondazzjoni stess) u jiġbed l-attenzjoni tal-Fondazzjoni għar-rata għolja ('il fuq minn 40 %) ta' trasferimenti ta' impenji għall-attivitajiet ta' l-operat (Titolu III); Huma partikularment imħasseb minħabba li sitwazzjoni simili tipprevali għall-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet MEDA u Tempus; jistieden lill-Fondazzjoni biex tiżgura aħjar l-ipprogrammar tagħha;

22. Jikkunsidra l-Fondazzjoni bħala għajn ta' informazzjoni importanti u ta' skambju ta' esperjenzi għall-pajjiżi msieħba ta' l-Unjoni Ewropea u għall-istituzzjonijiet kollha ta' l-UE;

23. Juri li l-programmi ta' taħriġ u t-titjib tagħhom, jiffurmaw il-bażi għall-iżvilupp u l-espansjoni tad-demokrazija; konsegwentement jinkoraġġixxi lill-Fondazzjoni sabiex iżżid l-attivitajiet tagħha mal-pajjiżi msieħba fejn hemm ostakli għall-progress tad-demokrazija;

24. Jikkritika l-fatt li, bas-snin preċedenti u fil-ksur tar-regolament finanzjarju tagħha, l-Fondazzjoni ppublikat biss sommarju wieħed tal-baġit tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali;

25. Jistieden lill-Fondazzjoni biex tippreżenta nomenklatura ġdida tal-baġit li tikkorrsipondi aħjar għar-realtà tal-Fondazzjoni u li tista' tevita trasferimenti kostanti; Jistieden lill-Fondazzjoni biex ittejjeb il-koordinazzjoni bejn l-unità finanzjarja u l-unitajiet operazjonali, li għandha twassal għal tnaqqis fit-trasferimenti meħtieġa;

26. Jistieden lill-Fondazzjoni biex ittejjeb il-konformitàmar-regoli eżistenti għall-kontijiet finali;

27. Jiddeplora l-fatt li l-Fondazzjoni għadha ma spiċċatx tintroduċi s-sistema ta' kontroll intern tagħha u l-fatt li fl-aħħar ta' l-2005 ma kien hemm l-ebda analiżi tar-riskji operazzjonali u l-kontrolli *ex post* u li fl-istess ħin l-uffiċċjal tal-kontabilità kien għadu ma vvalidax l-informazzjoni tal-kontijiet u s-sistemi ta' l-inventarju;

28. Jilqa' l-fatt li l-Fondazzjoni kompliet ittejjeb il-ħidma tagħha fl-iżvilupp tar-riżorsi umani, b'hekk tippermetti lill-pajjiżi msieħba sabiex jagħmlu użu aħjar ta' l-esperjenza tagħha meta jitrattaw ir-riforma tas-sistemi tagħhom ta' taħriġ u ta' taħriġ ulterjuri;

29. Jinsisti li l-Fondazzjoni għandha teħleb in-nuqqasijiet fil-qasam tad-dokumentazzjoni tal-proċeduri ta' l-għażla ta' l-istaff.

P6_TA(2007)0123

Kwittanza 2005: L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0397/2006 — 2006/2164(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ([2]),

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 13.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 30.

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0114/2007),

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
[2] ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1891/2006 (ĠU L 394, 30.12.2006, p.1).
[3] ĠU L 357, 31.12.2002, p.72.

2.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0397/2006 — 2006/2164(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 13.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 30.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0114/2007),

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-snin finanzjarji 2004 u 2005 huma kif ġejjin:

(f'EUR 1000)

Kont ta' dħul u nfiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Dħul		
Sussidji Komunitarji	16 060	12 800
Dħul ieħor		5
Dħul baġitarju totali (a)	16 060	12 805
Nefqa		
Staff — Titolu I tal-baġit		
— Ħlasijiet	6 063	3 594
— Approprjazzjonijiet trasferiti	161	143
Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit		
— Ħlasijiet	1 598	635
— Approprjazzjonijiet trasferiti	333	684
Attivitajiet operattivi — Titolu III tal-baġit		
Ħlasijiet	7 515	437
Approprjazzjonijiet trasferiti		2 074
Nefqa baġitarja totali (b)	**15 670**	**7 567**
Bilanċ (c = a-b)	**390**	**5 238**
Approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena ta' qabel u kanċellati	126	251
Differenzi tar-rata tal-kambju	-1	-1
Bilanċ ta' l-implimentazzjoni baġitarja għas-sena finanzjarja	515	5 488
Varjazzjoni fit-trasferimenti awtomatiċi minn sena għall-oħra u l-fatturi	-1 021	2 089
Varjazzjoni fl-investimenti għas-sena finanzjarja	469	242
Varjazzjoni fid-djun (Kummissjoni)	-52	-5 489
Deprezzament għas-sena finanzjarja	-151	-43

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
[2] ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1. Regolament emendat mir-Regolament (KE) 1891/2006 (ĠU L 394, 30.12.2006, p.1).
[3] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

(f'EUR 1000)

Kont ta' dħul u nfiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Varjazzjoni fil-ħlasijiet minn qabel għall-forniturі	5 296	56
Fornimenti	-106	
Punti oħra	-515	
Riżultati ta' l-aġġustamenti ekonomiċi għas-sena finanzjarja (e)	4 435	2 343

NB — Varjazzjonijiet fit-totali ġejjin mill-fatt li n-numru tnaqqsu jew żdiedu sa l-eqreb numru sħiħ.
Sors. *Data* ta' l-Aġenzija Din it-tabella tagħti fil-qosor id-*data* provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur ta' l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura/tiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0397/2006 — 2006/2164(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 13.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 30.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
([4]) ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1891/2006 (ĠU L 394, 30.12.2006, p.1).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0114/2007),

A. billi l-Qorti ta' l-Awdituri qalet li hija kisbet assigurazzjoni raġjonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu affidabbli u li t-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħthom, fis-sħuħija tagħhom, kienu legali u regolari,

B. billi fis-27 ta' April 2006 il-Parlament ta kwittanza lid-direttur fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2004 [1] u, fir-riżoluzzjoni li takkumpanja d-deċiżjoni tal-kwittanza, il-Parlament, inter alia

— jinnota s-sejba min-naħa tal-Qorti ta' l-Awdituri ta' għadd ta' nuqqasijiet fis-sistema għal kontroll intern;

— jiddispjaċih li ftit sar użu ta' l-approprjazzjonijiet għall-miżuri għal kontra t-tniġġis marittimu; intużaw biss EUR 200 000 mis-EUR 700 000 disponibbli kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas, li jirrapreżentaw rata ta' 28 %;

Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' l-Aġenziji ta' l-UE li jirrikjedu kwittanza individwali

1. Jaħseb li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji Komunitarji u l-attivitajiet ta' xi whud minnhom ma jidhirx li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-aspettativi taċ-ċittadini, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom immaġini tajba jew rappurtaġġ tajjeb mill-media;

2. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas ta' politika ġenerali għat-twaqqif ta' Aġenziji ġodda tal-Komunità u sabiex tippreżenta studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji qabel ma titwaqqaf aġenzija ġdida, filwaqt illi toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attiviatjiet bejn l-Aġenziji jew mal-mandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;

3. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju dwar il-benefiċċji meta mqabbla ma' l-ispejjeż qabel ma l-Parlament jieħu deċiżjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; jistieden lill-istituzzjonijiet relevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jifformolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

5. Jiddispjaċih li, meta wieħed iqis in-numru dejjem jikber ta' aġenziji regolatorji, in-negozjati fir-rigward ta' l-abbozz ta' ftehima interistituzzjonali għal qafas operazzjonali ta' dawn l-aġenziji għadhom ma ntemmux u jistieden lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu, flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, sabiex din il-ftehima tiġi konkluża malajr;

6. Jinnota li r-responsabiltà baġitarja tal-Kummissjoni titlob li jsiru konnessjonijiet iktar stretti bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li tibblokka fl-entitajiet ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji regolatorji sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdu għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkunu qed jitwaqqfu Aġenziji ġodda;

7. Jistieden mill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitlu ieħor fir-Rapport Annwali tagħha, li jkun dwar l-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

8. Ifakkar il-prinċipju skond liema l-Aġenziji kollha tal-Komunità, kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma suġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta tkun teżisti awtorità ta' kwittanza minħabba t-testi kostituttivi tagħhom;

[1] ĠU L 340, 6.12.2006, p. 123.

9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri biex twettaq verifiki ta' prestazzjoni għall-Aġenziji kollha u biex tirrapporta lura lill-kumitati relevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, bi qbil mar-responsabilità politika tal-Kummissjoni għat-tħaddim ta' l-Aġenziji, li tmur ferm lil hinn mis-sempliċi appoġġ loġistiku, hemm bżonn ikbar li d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni għall-Aġenziji; iqis illi struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għall-koordinazzjoni fost id-Direttorati Ġenerali konċernati tkun mod pragmatiku 'il quddiem biex jintlaħaq metodu komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li titqies il-kumplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u l-problemi tekniċi tal-Komunità;

12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunità, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi implimentat malajr;

13. Jilqa' bi pjaċir it-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji, li tippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li tagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;

14. Hu ta' l-opinjoni illi l-istabbiliment ta' servizz ta' apppoġġ minn numru ta' Aġenziji bil-għan illi jagħmlu s-sistemi ta' ġestjoni finanzjarja kompjuterizzati tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;

15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-evalwazzjoni komparattiva *(benchmarking)* malpartijiet fil-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija tqis bħala neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji ħalli jtejbu l-immaġini tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-attivitajiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħroġ bi proposta għall-armonizzazzjoni tal-format tar-rappurtaġġ annwali mill-Aġenziji sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun ta' l-effiċċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' prestazzjoni li magħhom jistgħu jkunu mkejla;

18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi li jkunu SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi ta' l-għanijiet;

19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-Aġenziji; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja u, fejn ikun meħtieġ, tmexxi u tgħin l-immaniġġjar ta' l-Aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni xierqa tal-proċeduri tat-tfigħ ta' offerti, it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, l-immaniġġjar finanzjarju sod (nuqqas ta' nfiq u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;

20. Jikkunsidra li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontributi tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-konsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Intern tal-Kummissjoni;

Punti Speċifiċi

21. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjara 2005 kienet affetwata minn dewmien fir-reklutaġġ tal-persunal u li din is-sitwazzjoni kellha riperkussjonijiet fuq l-użu ta' approprjazzjonijiet għall-infiq amministrattiv;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

22. Jinnota li ma ddaħħalx l-immaniġġjar ibbażat fuq l-attività, minkejja li r-regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija jipprevedi l-introduzzjoni tiegħu fuq il-mudell applikat għall-baġit ġenerali, bil-ħsieb li jitjieb il-monitoraġġ tal-prestazzjoni;

23. Jinsab imħasseb li s-sistema kompjuterizzata għall-kontabilità ta' l-Aġenzija għall-kontijiet ġenerali tippermetti li jsiru bidliet diretti għar-rekords tal-kontabilità mingħajr korrezzjonijiet fil-kotba;

24. Jinsisti li r-reġistru tal-passiv li se jiddaħħal fil-karta tal-bilanċ għandu jkun iċċekkjat b'aktar attenzjoni peress li fil-fatt, il-passiv huwa kkalkulat li hu mill-inqas EUR 92 000 ogħla mill-valur reali tiegħu (i.e. 10 % tal-passiv attwali), bid-differenza tikkorispondi għal merkanzija u servizzi li kienu għadhom ma waslux sal-31 ta' Diċembru 2005;

25. Jinnota li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet, li hu prerekwiżit għal sistema valida ta' kontroll intern, uriet xi dgħjufijiet u li l-fajls li għandhom x'jaqsmu ma' l-impenji u l-ħlasijiet ta' spiss kienu mhux kompluti jew konfużi;

26. Jinsab imħasseb li huwa diffiċli li jiġi aċċertat in-numru totali ta' kuntratti konklużi waqt is-sena finanzjarja u n-numru ta' kuntratti li jkunu għadhom għaddejjin; jinsisti li s-sistema ta' kontroll trid tissaħħaħ, proċess li għandu jibda bl-adozzjoni ta' standards minimi għal proċeduri amministrattivi u ta' kontroll, inklużi n-natura u l-organizzazzjoni tad-*data*;

27. Jinnota li l-klawżoli kuntrattwali li jipprevedu prefinanzjament m'humiex standardizzati fir-rigward tal-forniment tal-garanziji bankarji; jistieden lill-Aġenzija sabiex issolvi din il-problema immedjatament;

28. Jinnota wkoll diversi nuqqasijiet fil-immaniġġjar ta' l-akkwisti pubbliċi u jinsisti li l-Aġenzija trid tikkonforma mar-rekwiżiti regolatorji.

29. Jiddeplora l-fatt li dewmien fir-reklutaġġ ta' persunal wassal għal riperkussjonijiet fuq l-utilizzazzjoni ta' approprjazzjonijiet għal attivitajiet operattivi (Titolu III); jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni ta' l-Aġenzija li tistabbilixxi pjan ta' reklutaġġ u jinsisti li dewmien simili għandu jiġi evitat fil-futur sabiex l-Aġenzija topera bis-shiħ;

P6_TA(2007)0124

Kwittanza 2005: Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0398/2006 — 2006/2165(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-data 27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 10.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 6.

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 49 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0121/2007),

1. Jagħti l-kwittanza lid-direttur ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-direttur ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

(1) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
(2) ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1701/2003 (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 5).
(3) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

2.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta'April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0398/2006 — 2006/2165(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-data 27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

(1) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 10.
(2) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 6.
(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 49 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [2], u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0121/2007),

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea huma preżentati kif ġej:

(f'EUR 1000)

Kont ta' dħul u nfiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Dħul tat-tħaddim		
Sussidji Komunitarji	17 416	7 777
Sussidji oħrajn	1 446	248
Dħul ta' miżati u spejjeż	10 888	
Rimbors tan-nefqa	26	3
Dħul ieħor	693	350
Total (a)	**30 469**	**8 378**
Nefqa tat-tħaddim		
Staff	13 636	5 556
Bini u nefqa relatata	2 121	689
Nefqa amministrattiva oħra	1 319	743
Allokazzjoni ta' provvedimenti	576	89
Nefqa tat-tħaddim	11 660	2 081
Totali (b)	29 312	9 158
Riżultat operattiv (c = a-b)	**1 157**	**-780**
Dħul finanzjarju (d)	41	0
Spejjeż finanzjarji (e)	-14	2
Riżultat finanzjarju (f = d-e)	**27**	**-2**
Riżultat għas-sena finanzjarja (g = c+f)	**1 184**	**-782**

Sors: Data ta' l-Aġenzija — Din it-tabella tagħti sommarju tad-data fornuta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-direttur ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

[1] ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1. Regolament emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1701/2003 (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 5).

[2] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta'April 2007 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0398/2006 — 2006/2165(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-data 27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea ([4]), u b'mod partikulari l-Artikolu 49 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0121/2007),

A. billi l-Qorti ta' l-Awdituri stqarret li hija kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu affidabbli u li t-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħthom, fis-sħuħija tagħhom, kienu legali u regolari,

B. billi fis-27 ta' April 2006 il-Parlament ta kwittanza lid-direttur fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2004 ([6]) u, fir-riżoluzzoni li takkumpanja d-deċiżjoni tal-kwittanza, il-Parlament, inter alia

— huwa mħasseb bl-anomaliji nnutati mill-Qorti ta' l-Awdituri fl-immaniġġjar baġitarju, inkluż b'nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni fil-baġits li jemendaw dwar trasferimenti mwettqa jew dwar ir-raġunijiet għal dawn it-trasferimenti u falliment li l-Bord ta' l-Immaniġġjar ikun infumat dwar trasferimenti u pagament ta' avvanzi barra l-baġit;

— jinnota li fl-2004 l-Aġenzija kienet għadha ma adottatx ir-regoli implimentattivi għar-regolament finanzjarju tagħha u kienet għadha ma wettqitx xi analiżi ta' riskju jew preparat xi standards interni ta' kontroll;

— jinnota li l-proċeduri ta' l-għażla ta' persunal fl-Aġenzija varjaw minn sessjoni ta' selezzjonijiet għall-oħra u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija biex jaqblu dwar proċedura ta' reklutaġġ trasparenti u koerenti konsistenti mal-ħtiġijiet ta' l-Aġenzija f'sens ta' persunal speċifiku kwalifikat;

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 10.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 6.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
([4]) ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1. Regolament emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1701/2003 (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 5).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
([6]) {0><}100{>ĠU L 340, 6.12.2006, p. 128.<0}.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' Aġenziji ta' l-UE li jeħtieġu kwittanza individwali

1. Jaħseb li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji tal-Komunità u l-attivitajiet ta' xi wħud minnhom ma jidhirx li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-istennijiet taċ-ċittadini, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom immaġini tajba jew stampa tajba;

2. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas ta' politika ġenerali għat-twaqqif ta' Aġenziji ġodda tal-Komunità u sabiex tippreżenta studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji qabel ma titwaqqaf aġenzija ġdida, filwaqt illi toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attiviatjiet bejn l-Aġenziji jew mal-mandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;

3. Jistaqsi lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju dwar ir-relazzjoni bejn il-benefiċċju u l-ispejjeż qabel il-Parlament jieħu deċiżjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; Jistieden lill-istituzzjonijiet relevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' l-Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jifformolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

5. Meta jitqies in-numru dejjem jikber ta' aġenziji ta' regolamentazzjoni, jiddeplora l-fatt li n-negozjati fir-rigward tal-proġett ta' ftehima interistituzzjonali għal kwadru ta' dawn l-aġenziji għadhom ma ntemmux u jistieden lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu, flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, sabiex din il-ftehima tiġi konkluża malajr;

6. Jinnota li r-responsabilità baġitarja tal-Kummissjoni titlob li jsiru konnessjonijiet iktar stretti bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li tibblokka fl-entitajiet ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji ta' regolamentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdu għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkunu qed jitwaqqfu Aġenziji ġodda;

7. Jistieden mill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitlu ieħor fir-Rapport Annwali tagħha, li jkun dwar l-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

8. Ifakkar fil-prinċipju skond liema prinċipju l-Aġenziji kollha tal-Komunità, kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma suġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta jkun hemm awtorità ta' kwittanza minħabba t-testi kostituttivi tagħhom;

9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri tagħmel verifiki tal-prestazzjoni għall-Aġenziji kollha u tirrapporta lura lill-kumitati relevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, bi qbil mar-responsabilità politika tal-Kummissjoni għat-tħaddim ta' l-Aġenziji, li tmur lil hinn mis-sempliċi appoġġ loġistiku, hemm ħtieġa ikbar li d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni għall-Aġenziji; jikkonsidra illi struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għall-koordinament fost id-DGs konċernati tkun mod pragmatiku lejn metodu komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li tiġi meqjusa l-kumplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u problemi tekniċi tal-Komunità;

12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunità, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi implimentat malajr;

13. Jilqa' bi pjaċir it-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji, li jippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li jagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;

14. Huwa ta' l-opinjoni illi t-twaqqif ta' servizz ta' apppoġġ minn numru ta' Aġenziji bil-għan li jagħmel is-sistemi ta' mmaniġġjar finanzjarju kompjuterizzat tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;

15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-istandards mal-partijiet fil-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija tikkonsidra bħala neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji ħalli jtejbu l-immaġini tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-attivitajiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħroġ bi proposta għall-armonizzazzjoni tal-format tar-rappurtaġġ annwali mill-Aġenziji sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun ta' l-effiċċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' prestazzjoni li magħhom jistgħu jkunu mkejla;

18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi li jkunu SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi tal-miri;

19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-Aġenziji; Għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja u, fejn ikun meħtieġ, tmexxi u tgħin l-immaniġġjar ta' l-Aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni xierqa tal-proċeduri tat-tfigħ ta' offerti, it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, l-immaniġġjar finanzjarju sod (nuqqas ta' nfiq u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;

20. Jikkunsidra li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontribuzzjonijiet tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-kunsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Interni tal-Kummissjoni;

Punti Speċifiċi

21. Jinnota li r-rata ta' użu għal approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kienet ta' inqas minn 80 % u li din is-sitwazzjoni seħħet minħabba r-rata baxxa ta' implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament (69 % u 32 % rispettivament) għan-nefqa operattiva; jinnota wkoll li r-rata ta' kanċellazzjoni għal approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja kienet għolja wkoll (madwar 7 % sa aktar minn 30 % skond it-titolu tan-nefqa u l-karatteristika ta' l-approprjazzjonijiet) u li r-rati ta' kanċellazzjoni għal approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena preċedenti kienu għoljin ukoll; jistieden lill-Aġenzija f'dan il-kuntest biex ittejjeb u żżid l-immonitorjar ta' l-ippjanar tagħha biex tiżgura li r-riżorsi ma jkunux mobilizzati mingħajr ħtieġa;

22. Jinnota l-falliment li jkun introdott immaniġġjar ibbażat fuq l-attività, anke jekk dan huwa stipulat fir-Regolament Finanzjarju ta' l-Aġenzija, bi qbil mal-linji applikati fil-baġit ġenerali, biex jippermetti mmonitorjar aħjar tal-prestazzjoni;

23. Jiddispjaċih li l-Bord ta' Mmaniġġjar ma adottax standards minimi ta' kontroll intern sa l-aħħar ta' l-2005 u li sistemi u proċeduri interni ta' mmaniġġjar u ta' kontroll ma kienux deskritti dejjem; jinnota li proċeduri introdotti mill-uffiċjali li jawtorizzaw biex jiggarantixxu l-eżatezza u l-użu massimu ta' l-informazzjoni finanzjarja li huma jressqu lill-uffiċjal tal-verifika ma kienux ikkonfermati u li sa l-aħħar ta' l-2005 l-Aġenzija kien għad ma kelliex sistema li tiżgura li l-miżati li hija titlob lill-klijenti tagħha għas-servizzi li hija tipprovdi jkunu suffiċjenti biex ikopru l-ispiża ta' dawn is-servizzi; jistieden lill-Aġenzija biex teħleb din is-sitwazzjoni malajr kemm jista' jkun;

24. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Bord ta' Mmaniġġjar li jadotta standards interni ta' kontroll ibbażati fuq l-istandards adottati mill-Kummissjoni u fuq l-ISO 9000; iħeġġeġ lill-Aġenzija biex tipproċedi bl-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards;

25. Jiddeplora l-fatt li l-prinċipju ta' kompetizzjoni miftuħa mhux dejjem kien osservat u jistieden lill-Aġenzija biex twettaq dan fil-futur.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

P6_TA(2007)0125

Kwittanza 2005: Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0399/2006 — 2006/2166(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Awtorità ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-data 27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0112/2007),

1. Jagħti l-kwittanza lid-direttur ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-direttur ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura/tiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 22.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 42.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
([4]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 575/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

2.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0399/2006 — 2006/2166(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Awtorità ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-data 27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0112/2007),

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel huma preżentati kif ġej:

(f'EUR 1000)

Kont ta' dħul u nfiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Dħul operattiv	27 405	20 591
Total ta' dħul operattivi	**27 405**	**20 591**
Nefqa amministrattiva		
Nefqa ta' l-istaff	-13 012	-7 564
Binjiet u spejjeż relatati	-3 627	-4 192
Spejjeż oħra (inklużi spejjeż b'entitajiet konsolidati tal-KE)	-2 205	-1 263
Deprezzament u tnaqqis fil-valur ta' entitajiet konsolidati	-603	-333
Spejjeż operattivi (inklużi spejjeż b'entitajiet konsolidati tal-KE)	-8 413	-6 431
Total ta' spejjeż operattivi	**-27 674**	**-19 783**

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 22.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 42.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
([4]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 575/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

(f'EUR 1000)

Kont ta' dħul u nfiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Profitt/(telf) operattiv	-761	808
Dħul minn ħidmiet finanzjarji	-	0
Spejjeż minn ħidmiet finanzjarji	-7	-7
Profitt/(telf) fuq ħidmiet finanzjarji	-7	-6
Profitt/(telf) attwali	-768	802
Dħul straordinarju		
Spejjeż straordinarji	-	-27
Profitt/(telf) straordinarju	-	-27
Outturn ekonomiku għas-sena finanzjarja	**-768**	**775**

NR — Varjazzjonijiet fit-totali ġejjin mill-fatt li n-numri nġiebu għad-dritt.
Sors: Informazzjoni ta' l-Awtorita? — Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-data provduta mill-Awtorita? fil-kontijiet annwali taghha.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-direttur ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura/tiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0399/2006 — 2006/2166(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Awtorità ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-data 27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 22.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 42.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
([4]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 575/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0112/2007),

A. billi l-Qorti tal-Ġustizzja qalet li kisbet assikurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li spiċċat fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu ta' min joqgħod fuqhom, u t-transazzjonijiet bażiċi, suġġetti għal riserva, kienu legali u regolari,

B. billi fis-27 ta' April 2006, il-Parlament ta kwittanza lid-direttur inkarigat mill-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Awtorita? għas-sena finanzjarja 2004 [2], u fir-riżoluzzjoni mehmuża d-deċiżjoni tal-kwittanza tal-Parlament, *inter alia*

— iddispjaċih jinnota li l-Qorti ta' l-Awdituri reġgħet sabet anomaliji fl-applikazzjoni tar-regoli li jikkonċernaw ir-reklutaġġ ta' l-istaff, u ħeġġeġ lill-Awtorita? sabiex tapplika r-regoli ta' proċeduri ta' għażla b'mod aktar trasparenti;

— huwa mħasseb dwar l-irregolaritajiet li l-Qorti ta' l-Awdituri sabet fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti;

Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' l-Aġenziji ta' l-UE li jirrikjedu kwittanza individwali

1. Jaħseb li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji tal-Komunità u l-attivitajiet ta' xi whud minnhom ma jidhirx li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-istennijiet taċ-ċittadini, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom immaġini tajba jew stampa tajba;

2. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas ta' politika ġenerali għat-twaqqif ta' Aġenziji ġodda tal-Komunità u sabiex tippreżenta studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji qabel ma titwaqqaf aġenzija ġdida, filwaqt illi toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attiviatjiet bejn l-Aġenziji jew mal-mandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;

3. Jistaqsi lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju dwar ir-relazzjoni bejn il-benefiċċju u l-ispejjeż qabel il-Parlament jieħu deċiżjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; Jistieden lill-istituzzjonijiet relevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jiffurmolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

5. Ġie meqjus in-numru li dejjem jikber ta' aġenziji ta' regolamentazzjoni, jiddeplora l-fatt li n-negozjati fir-rigward tal-proġett ta' ftehima interistituzzjonali għal kwadru ta' dawn l-aġenziji għadhom ma ntemmux u jistieden lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu, flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, sabiex din il-ftehima tiġi konkluża malajr;

6. Jinnota li r-responsabiltà baġitarja tal-Kummissjoni titlob li jsiru konnessjonijiet iktar stretti bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li tibblokka fl-entitajiet ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji ta' regolamentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdu għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkunu qed jitwaqqfu Aġenziji ġodda;

7. Jistieden mill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitlu ieħor fir-Rapport Annwali tagħha, li jkun dwar l-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

8. Ifakkar il-prinċipju skond liema l-Aġenziji kollha tal-Komunità, kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma suġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta jkun hemm awtorità ta' kwittanza minħabba t-testi kostituttivi tagħhom;

[1] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
[2] ĠU L 340, 6.12.2006, p. 134.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri tagħmel verifiki tal-prestazzjoni għall-Aġenziji kollha u tirrapporta lura lill-kumitati relevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, bi qbil mar-responsabiltà politika tal-Kummissjoni għat-tħaddim ta' l-Aġenziji, li tmur ferm oltre s-sempliċi appoġġ loġistiku, hemm bżonn saħansitra ikbar li d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni għall-Aġenziji; iqis illi struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għall-koordinament fost id-DGs konċernati tkun mod pragmatiku lejn metodu komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li tiġi meqjusa l-kumplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u problemi tekniċi tal-Komunità;

12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunità, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi implimentat malajr;

13. Jilqa' bi pjaċir it-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji, li tippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li tagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;

14. Huwa ta' l-opinjoni illi t-twaqqif ta' servizz ta' apppoġġ minn numru ta' Aġenziji bil-għan illi jagħmlu s-sistemi ta' ġestjoni finanzjarja kompjuterizzata tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;

15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-istandards mal-partijiet fil-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija tqis bħala neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji ħalli jtejbu l-immaġini tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-attivitajiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħroġ bi proposta għall-armonizzazzjoni tal-format tar-rappurtaġġ annwali mill-Aġenziji sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun ta' l-effiċċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' prestazzjoni li magħhom jistgħu jkunu mkejla;

18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi li jkunu SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi ta' l-għanijiet;

19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-Aġenziji; Għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja u, fejn ikun meħtieġ, tmexxi u tgħin l-immaniġġjar ta' l-Aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni xierqa tal-proċeduri tat-tfigħ ta' offerti, it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, l-immaniġġjar finanzjarju sod (nuqqas ta' nfiq u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;

20. Jikkunsidra li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontribwizzjonijiet tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-konsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Interni tal-Kummissjoni;

Punti Speċifiċi

21. Jinnota li fis-sena finanzjarja 2005 kien hemm implimentazzjoni inqas tal-baġit; 80 % biss ta' l-approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas li ntużaw; Jikkunsidra li l-Awtorità għandha tagħmel sforz serju biex ittejjeb l-użu li tagħmel mill-approprijazzjonijiet li bihom hi mogħtija r-responsabilta? sabiex tikseb l-objettivi;

22. Jiddeplora bis-sħiħ il-fatt li l-bidliet li għamlet lill-pjan ta' l-istabbiliment ma ġewx rispettati u li din reġgħet daħħlet il-gradi li inizjalment kien hemm provvediment għalihom fl-abbozz tal-baġit rigward 19-il post tax-xogħol mingħajr ma ġie infurmat il-Parlament;

23. Jinnota li ma ġietx introdotta tmexxija bbażata fuq l-attivitajiet għalkemm dan huwa stipulat fir-regolament finanzjarju ta' l-Awtorita?, skond dak li ġie applikat mal-baġit ġenerali bil-ħsieb li titjieb is-sorveljanza tat-twettiq tax-xogħol;

24. Jiddispjaċih mill-fatt li l-Awtorita? ma wettqitx evalwazzjoni ta' riskju u lanqas ma ressqet b'mod formali s-sistemi u l-proċeduri tal-kontroll intern li hi ssegwi, u jistieden lill-Awtorita? sabiex twettaq dan kemm jista' jkun malajr;

25. Jinnota, rigward ir-reklutaġġ, li l-Awtorita? rrifjutat kandidati fuq il-bażi ta' kriterji differenti minn dawk li hemm provdut għalihom fl-avviżi ta' postijiet tax-xogħol vakanti kif ukoll li ma osservatx id-dispożizzjonijiet regolatorji li jikkonċernaw il-gradi għall-membri tal-bord ta' l-għażla relatati mal-postijiet li jridu jimtlew; Jinsisti fuq l-applikazzjoni stretta tal-kriterji relevanti u ta' kontroll effettiv fuq jekk id-dokumenti mressqa mill-kandidati flimkien ma' l-applikazzjonijiet tagħhom verament joffrux prova ġenwina;

26. Jinnota li l-Awtorita? kellha diffikultajiet biex tirrekluta staff xjentifiku ta' kapaċità għolja f'Parma;

27. Jiddispjaċih li nstab numru konsiderevoli ta' anomaliji waqt verifiki li saru fuq l-għoti u l-konklużjoni ta' kuntratti; jistieden lill-Awtorita? sabiex ittejjeb malajr is-sistema ta' kontroll intern tagħha;

28. Jinnota li l-binjiet maħsuba bħala postijiet permanenti ta' l-Awtorita? għadhom mhumiex disponibbli u li, minħabba dan, l-Awtorita? kienet obbligata li tikri postijiet temporanji (spejjeż fl-2005: ċirka EUR 3,500,000); Jistieden lill-Awtorita?, flimkien mal-Kummissjoni, sabiex tikkjarifika din is-sitwazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali, b'mod partikulari bil-ħsieb għal kwalunkwe kumpens finanzjarju.

P6_TA(2007)0126

Kwittanza 2005: Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0400/2006 — 2006/2167(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet finali annwali taċ-ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet finali annwali taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [5], u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

---

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 31.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 54.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
[4] ĠU L OJ L 142, 30.4.2004, p. 1.
[5] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0119/2007),

1. Jagħti l-kwittanza lid-direttur eżekuttiv taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll r-riżoluzzjoni li tifforma parti integrali minnha, lid-direttur eżekuttiv taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżġura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Serje L).

2.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0400/2006 — 2006/2167(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet finali annwali taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard [4], u b'mod partikulari l-Artikolu 23 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [5], u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0119/2007),

---

(1) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 31.
(2) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 54.
(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
(4) ĠU L OJ L 142, 30.4.2004, p. 1.
(5) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005, huma kif ġej:

(f'EUR 1000)

Kont ta' dħul u nfiq għas-sena finanzjarja 2005 [1]	
	2005
Dħul	
Is-Sussidju tal-Kummissjoni (għall-baġit tat-tħaddim ta' l-aġenzija)	3 402 280,45
Dħul tal-miżati	
Dħul ieħor	
Dħul totali (a)	**3 402 280,45**
Nefqa	
Titolu I:l-Istaff	
— Ħlasijiet	-500 909,02
— Approprjazzjonijiet trasferiti	-361 771,74
Titolu II: Nefqa amministrattiva	
— Ħlasijiet	-597 024,15
— Approprjazzjonijiet trasferiti	-534 581,62
Titolu III: Nefqa tat-tħaddim	
— Ħlasijiet	-69 773,55
— Approprjazzjonijiet trasferiti	-540 654,36
Nefqa totali (b)	**-2 604 714,44**
Riżultat tal-baġit għas-sena finanzjarja (a-b)	**797 566,01**
Kanċellażżjoni ta' pagamenti li ma ntużawx trasferiti mis-snin ta' qabel	
Aġġustament għat-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet mis-snin ta' qabel disponibbli għal 31.12 li ġejjin minn dħul assenjat	
Differenzi tal-kambju għas-sena (dħul +/- telf-)	-10 168,55
Bilanċ ta' l-implimentazzjoni baġitarja għas-sena finanzjarja	**787 397,46**
Parti mis-sussidju biex jiġi rimbusat lill-E.C.	-787 397,46
L-impatt fuq l-Assi	
L-impatt fuq l-Assi u d-deprezzament	222 011,07
L-impatt fuq id-Dovuti tas-sena	
Trasferimenti	1 437 007,72
Dovuti	-363 538,58
Aġġustamenti oħra	
Il-passiv pendenti	-448 377,86
Pagamenti bil-quddiem & spejjeż differiti	20 636,80
Tranżitu ta'merkanzija	63 108,90
Pagamenti ta' servizzi fuq kummissjoni	-8 490,00
Dħul eċċezzjonali	31 250,85
Riżultati ta' l-aġġustamenti ekonomiċi għas-sena finanzjarja (e)	**953 608,90**

NB — Varjazzjonijiet fit-totali ġejjin mill-fatt li n-numri tnaqqsu jew żdiedu sa l-eqreb numru shih.
Data ta' l-Aġenzija *Sors* — Din it-tabella tagħti sommarju tad-data fornuta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha.
[1] Figuri tas-sena 2005 biss minħabba li hija Aġenzija li ghadha kemm ġiet mwaqqfa.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, lid-direttur eżekuttv taċ-Ċentru tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u sabiex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Serje L).

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 b'osservazzjonijiet li jiffurmaw parti integrali tad-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0400/2006 — 2006/2167(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet finali annwali taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard [4], u b'mod partikulari l-Artikolu 23 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [5], u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0119/2007),

A. billi l-Qorti ta' l-Awdituri qalet li hija kisbet assigurazzjoni raġjonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu affidabbli u li t-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħthom, fis-sħuħija tagħhom, kienu legali u regolari,

---

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 31.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 54.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
[4] ĠU L OJ L 142, 30.4.2004, p. 1.
[5] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' Aġenziji ta' l-UE li jirrikjedu kwittanza individwali

1. Jaħseb li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji tal-Komunità u l-assiitajiet ta' xi whud minnhom ma jidhirx li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-aspettativi taċ-ċittadini, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom immaġini tajba jew stampa tajba;

2. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas ta' politika ġenerali għat-twaqqif ta' Aġenziji ġodda tal-Komunità u sabiex tippreżenta studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji qabel ma titwaqqaf aġenzija ġdida, filwaqt illi toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attiviatjiet bejn l-Aġenziji jew mal-mandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;

3. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju dwar ir-relazzjoni bejn il-benefiċċju u l-ispejjeż qabel il-Parlament jieħu deċiżjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; jistieden lill-istituzzjonijiet rilevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jifformolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

5. meta jitqies in-numru dejjem jikber ta' aġenziji regolatorji, jiddeplora l-fatt li n-negozjati fir-rigward ta'l-abbozz ta' ftehim interistituzzjonali ta' kwadru rigward dawn l-aġenziji għadhom ma ntemmux u jistieden lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu, flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, sabiex dan il-ftehim jiġi konkluż malajr;

6. Jinnota li r-responsabilità baġitarja tal-Kummissjoni titlob li jsiru konnessjonijiet iktar stretti bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li tibblokka fl-entitajiet ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji regolatorji sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdu għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkunu qed jitwaqqfu Aġenziji ġodda;

7. Jistieden mill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitlu ieħor fir-Rapport Annwali tagħha, li jkun dwar l-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

8. Ifakkar fil-prinċipju skond liema l-Aġenziji kollha tal-Komunità, kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma suġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta jkun hemm awtorità ta' kwittanza minħabba t-testi kostituttivi tagħhom;

9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri tagħmel verifiki tar-rendiment għall-Aġenziji kollha u tirrapporta lura lill-kumitati rilevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, skond ir-responsabilità politika tal-Kummissjoni għat-tħaddim ta' l-Aġenziji, li tmur lil hinn mis-sempliċi appoġġ loġistiku, hemm ħtieġa ikbar li d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni għall-Aġenziji; jikkunsidra li struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għall-koordinament fost id-Direttorati Ġenerali konċernati jkun mod pragmatiku lejn metodu komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li tiġi meqjusa l-kumplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u problemi tekniċi tal-Komunità;

12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunità, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi implimentat malajr;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

13. Jilqa' bi pjaċir it-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji ta' l-UE, li tippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li tagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;

14. Huwa ta' l-opinjoni illi t-twaqqif ta' servizz ta' apppoġġ minn numru ta' Aġenziji bil-għan li jagħmel is-sistemi ta' mmaniġġjar finanzjarju kompjuterizzat tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;

15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-istandards mal-partijiet fil-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija jikkonsidra neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji ħalli jtejbu l-immaġni tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-assiitajiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħroġ bi proposta għall-armonizzazzjoni tal-format tar-rappurtaġġ annwali mill-Aġenziji sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun ta' l-effiċċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' prestazzjoni li magħhom jistgħu jiġu mkejla;

18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi li jkunu SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi ta' l-għanijiet;

19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-aġenziji; għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmoniterja u, fejn ikun meħtieġ, tmexxi u tgħin l-immaniġġjar ta' l-Aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni xierqa tal-proċeduri tat-tfigħ ta' offerti, it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, l-immaniġġjar finanzjarju sod (nuqqas ta' nfiq u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;

20. Jikkunsidra li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontribwizzjonijiet tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-konsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Interni tal-Kummissjoni;

Punti Speċifiċi

21. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005 kienet ikkaratterizzata minn rata baxxa ta' impenn (84 %) u rata sostanzjali ta' trasferimenti (35 % in ġenerali u kważi 90 % għall-infiq tat-tħaddim) jinnota li din is-sitwazzjoni kienet parzjalment dovuta għall-problemi inerenti fil-perjodu tat-twaqqif;

22. Jinnota li l-fażi tat-twaqqif tagħha kompliet tingħata spinta mit-tħassib globali dwar influwenza pandemika potenzjali; jifraħ liċ-Ċentru għall-abilità tiegħu li fi żmien qasir ħafna kkonsolida l-pożizzjoni tiegħu fil-qasam tas-sorveljanza tal-mard li jittieħed;

23. Jirrimarka li l-Kummissjoni (DĠ SANCO) kienet responsabbli għall-immaniġġjar baġitarju taċ-Ċentru fl-2005;

24. Jinnota li ma sar l-ebda mmaniġġjar ibbażat fuq l-attività, minkejja r-regolament finanzjarju taċ-Ċentru li jaħseb għall-introduzzjoni tiegħu, bħal dak applikat għall-baġit ġenerali, bil-ħsieb li jitjieb il-monitoraġġ tal-prestazzjoni;

25. Jinsisti li talbiet lill-Kummissjoni għall-ħlasijiet ta' sussidji għandhom ikunu ġġustifikati minn stima tal-ħtiġijiet tal-flus [1] u juri dispjaċir li ċ-Ċentru ma kellux sistema bħal din sabiex jipproduċi stimi;

26. Jinnota li r-regolament finanzjarju taċ-Ċentru jistipola li l-uffiċjal li jawtorizza għandu jidħol għal impenn baġitarju qabel ma jidħol għal impenn legali rigward terzi persuni u juri dispjaċir li ma ttieħed l-ebda impenn baġitarju għall-infiq taċ-Ċentru fl-2005 qabel dawn l-impennji legali; juri dispjaċir li għall-istess perjodu, il-pagamenti kollha taċ-Ċentru saru mill-uffiċjal tal-kontabilità mingħajr ma l-uffiċjal li jawtorizza jkun ħareġ xi ordni ta' ħlas [2]

27. Jinnota li b'mod kuntrarju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament finanzjaru taċ-Ċentru, il-kontijiet taċ-Ċentru ma sarux skond il-metodu ta' entrata fuq żewġ naħat matul l-2005, b'ħekk inħolqu riskji ta' żbalji; jinsisti li dan għandu jsir kemm jista' jkun malajr;

28. Jinnota li kien hemm ħafna nuqqasijiet fid-dokumentazzjoni tal-proċeduri ta' l-għażla tal-membri ta' l-istaff taċ-Ċentru (nuqqas ta' formalizzazzjoni ta' deċiżjonijiet dwar il-ħatra u l-kompożizzjoni ta' bordijiet ta' l-għażla, nuqqas ta' rapport finali minn bordijiet ta' l-għażla dwar il-ħidma tagħhom); jinsisti fuq l-applikazzjoni stretta tal-proċeduri tagħha ta' l-għażla.

[1] Artikolu 50 tar-regolament finanzjarju taċ-Ċentru.
[2] Artikolu 66 tar-regolament finanzjarju taċ-Ċentru.

P6_TA(2007)0127

Kwittanza 2005 — Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0401/2006 — 2006/2168(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 16.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 1.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [2], u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0102/2007),

1. Jagħti kwittanza lid-Direttur ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lid-Direttur ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Serje L).

[1] ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1.
[2] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

2.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-egħluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0401/2006 — 2006/2168(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 16.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 1.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
[4] ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1.

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0102/2007),

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni għas-sena finanzjarja 2005 huma kif ġejjin:

(f'EUR 1000)

Kont ta' dħul u nfiq għas-sena finanzjarja 2005 [1] **Figuri għall-2005 biss minħabba l-fatt li hija Aġenzija li għadha kif ġiet maħluqa.**	
	2005
Dħul	
Sussidji tal-Kummissjoni	4 400
Dħul assenjat	
Dħul mixxellanju	
Dħul totali (a)	**4 400**
Infiq baġitarju għas-sena finanzjarja	
Staff — Titolu I tal-baġit	
— Ħlasijiet	-1 490
— Approprjazzjonijiet trasportati ('carried over')	-257
Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit	
— Ħlasijiet	-453
— Approprjazzjonijiet trasportati ('carried over')	-1 065
Attivitajiet operattivi — Titolu III tal-baġit (minbarra dħul assenjat)	
— Ħlas kontra approprjazzjonijiet ta' ħlas għas-sena finanzjarja	-196
— Ħlas kontra impenji pendenti fil-31.12.2003	
— Approprjazzjonijiet trasportati ('carried over')	-790
Dħul assenjat (PHARE u pajjiżi terzi)	
— Ħlasijiet	
— Approprjazzjonijiet trasportati ('carried over')	
Nefqa totali (b)	**-4 251**
Riżultat ("outturn") għas-sena finanzjarja (a-b)	**149**
Bilanċ trasferit mis-sena finanzjarja preċedenti	
Approprjazzjonijiet N-1 trasportati u kkanċellati (Titolu I u II mhux differenzjati)	
Newtralizzazzjoni ta' trasportazzjoni N-1 għal Titolu III konness ma' bidla għal	
Ammonti mis-sena finanzjarja preċedenti li jridu jintużaw mill-ġdid jew li ma ntużawx	
Rifużjonijiet lill-Kummissjoni	
Differenzi tar-rata tal-kambju	
Bilanċ għas-sena finanzjarja	149

Sors: Informazzjoni provduta mill-Aġenzija — Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-data provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha.
[1] Dawn huma biss figuri għall-2005 dovut għall-fatt li din hi Aġenzija ġdida.

[1] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Serje L).

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0401/2006 — 2006/2168(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0102/2007),

A. billi l-Qorti ta' l-Awdituri qalet li hija kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħthom, fis-sħuħija tagħhom, kienu legali u regolari,

Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' l-Aġenziji ta' l-UE li jirrikjedu kwittanza individwali

1. Iqis li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji Komunitarji u l-attivitajiet ta' xi whud minnhom ma jidhrux li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-aspettattivi taċ-ċittadini, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom dehra tajba jew rappurtaġġ pożittiv mill-media;

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 16.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
([4]) ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1.
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

2. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas ta' politika ġenerali għat-twaqqif ta' Aġenziji ġodda tal-Komunità u sabiex tippreżenta studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji qabel ma titwaqqaf kwalunkwe Aġenzija ġdida, filwaqt illi toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attiviatjiet bejn l-Aġenziji jew malmandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;

3. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju li jqabbel l-ispejjeż malbenefiċċji qabel il-Parlament jieħu deċiżjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; jistieden lill-istituzzjonijiet relevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' l-Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jifformolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

5. Meta jitqies in-numru li dejjem qiegħed jikber ta' aġenziji regolatorji, jiddeplora l-fatt li n-negozjati rigward l-abbozz għal ftehima interistituzzjonali għal organizzazzjoni ta' dawn l-aġenziji għadhom ma ntemmux u jistieden lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni sabiex flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri jagħmlu dak kollu li jistgħu biex din il-ftehima tiġi konkluża malajr;

6. Jinnota li r-responsabilità baġitarja tal-Kummissjoni titlob li jsiru konnessjonijiet iktar stretti bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li tibblokka fl-entitajiet ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji regolatorji sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdu għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkunu qed jiġu stabbiliti Aġenziji ġodda;

7. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitolu addizjonali fir-Rapport Annwali tagħha, li jkun dwar l-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

8. Ifakkar il-prinċipju li fuq il-bażi tiegħu, l-Aġenziji kollha tal-Komunità, kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma suġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta jkun hemm awtorità ta' kwittanza li teżisti bis-saħħa tat-testi kostituttivi tagħhom;

9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri sabiex tagħmel verifiki ta' rendiment għall-Aġenziji kollha u tirrapporta lura lill-kumitati relevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, bi qbil mar-responsabilità politika tal-Kummissjoni għat-tħaddim ta' l-Aġenziji, li tmur lil hinn minn sempliċi appoġġ loġistiku, hemm ħtieġa saħansitra ikbar li d-Direttorati-Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni lejn l-Aġenziji; iqis illi struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għallkoordinazzjoni fost id-DĠ konċernati tkun pass pragmatiku 'l quddiem lejn approċċ komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li tiġi meqjusa l-kumplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u problemi tekniċi tal-Komunità;

12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunità, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi implimentat malajr;

13. Jilqa' bi pjaċir it-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji, li jippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li jagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;

14. Huwa ta' l-opinjoni illi t-twaqqif ta' servizz ta' apppoġġ minn numru ta' Aġenziji bil-għan li jagħmel is-sistemi ta' mmaniġġjar finanzjarju kompjuterizzat tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-*benchmarking* mal-partijiet interessati fil-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija tqis bħala neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji jtejbu d-dehra tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-attivitajiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħroġ bi proposta għall-armonizzazzjoni tal-format tar-rappurtaġġ annwali mill-Aġenziji sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun ta' l-effiċċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' rendiment li li jservu bħala kejl għalihom;

18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi tal-miri;

19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-Aġenziji; għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja u, fejn ikun meħtieġ, tidderieġi u tgħin l-immaniġġjar ta' l-Aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni xierqa tal-proċeduri ta' appalt, trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, immaniġġjar finanzjarju sod (infiq nieqes u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;

20. Iqis li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontribuzzjonijiet tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-kunsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Interni tal-Kummissjoni;

Punti Speċifiċi

21. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005 kienet ikkaratterizzata minn rata baxxa ta' impenn (70 %) u minn rata sostanzjali ta' fondi trasferiti (iktar minn 40 % b'mod globali u sa kważi 80 % għall-infiq ta' l-operat) u li parti minn din is-sitwazzjoni kienet dovuta għal problemi inerenti fil-perjodu tal-bidu ta' l-Aġenzija u għall-fatt li hija ma bdietx taħdem qabel it-tieni nofs ta' l-2005;

22. Jinnota li ma kien sar l-ebda mmaniġġjar ibbażat fuq l-attività, minkejja r-regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija li jaħseb għall-introduzzjoni tiegħu, bħal dak applikat għall-baġit ġenerali, bil-ħsieb li jitjieb il-monitoraġġ tal-prestazzjoni.

P6_TA(2007)0128

Servizzi ta pagament fis-suq intern ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (COM(2005)0603 — C6-0411/2005 — 2005/0245(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005) 0603) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), l-ewwel u t-tielet sentenza ta' l-Artikolu 47(2), u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha (C6-0411/2005),

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

— wara li kkunsidra l-ittra lill-President tal-Parlament Ewropew ta' l-1 ta' Marzu 2007 mill-president tal-grupp ta' ħidma stabbilit permezz ta' l-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE, dwar dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet marbuta mal-ħarsien tad-data, b'mod partikolari fil-qasam tat-tħaddim tas-sistema SWIFT,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0298/2006),

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirreferi l-kwistjoni mill-ġdid lill-Parlament jekk għandha l-intenzjoni li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew tibdilha b'test ieħor;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TC1-COD(2005)0245

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' April 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2007/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, Direttiva 2007/64/KE.)

P6_TA(2007)0129

Sistema ta' kwoti fir-rigward tal-produzzjoni ta' lamtu tal-patata *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1868/94 li jistabbilixxi sistema ta' kwoti fir-rigward tal-produzzjoni ta' lamtu tal-patata (COM(2006)0827 — C6-0046/2007 — 2006/0268(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0827) [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0046/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali (A6-0137/2007),

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni.

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI MILL-PARLAMENT
Emenda 1	
PREMESSA 3	
(3) L-Istati Membri li jipproduċu għandhom jallokaw il-kwoti tagħhom għal perjodu ta' ***sentejn*** għal produttur kollha tal-lamtu tal-patata fuq il-bażi tal-kwoti għas-snin ta' kummerċjalizzar 2006/2007.	(3) L-Istati Membri li jipproduċu għandhom jallokaw il-kwoti tagħhom għal perjodu ta' ***tliet snin*** lill-produttur kollha tal-lamtu tal-patata fuq il-bażi tal-kwoti għas-snin ta' kummerċjalizżazzjoni2006/2007.
Emenda 2	
ARTIKOLU 1, PUNT 1 *Artikolu 2, paragrafu 1 (Regolament (KE) Nru 1868/94)*	
1. L-Istati Membri li jipproduċu l-lamtu tal-patata għandhom ikunu allokati kwoti għas-snin ta' kummerċjalizzar 2007/2008 ***u*** 2008/2009 bi qbil ma' l-Anness.	1. L-Istati Membri li jipproduċu l-lamtu tal-patata għandhom jiġu allokati kwoti għas-snin ta' kummerċjaliżżazzjoni 2007/2008**,** 2008/2009, ***2009/2010 u 2010/2011*** skond l-Anness.
Emenda 3	
ARTIKOLU 1, PUNT 1 *Artikolu 2, paragrafu 2 (Regolament (KE) Nru 1868/94)*	
2. Kull Stat Membru li jipproduċi stipulat fl-Anness għandu jalloka l-kwota tiegħu fost il-produttur tal-lamtu tal-patata għal użu fis-snin ta' kummerċjalizzar fl-2007/2008 ***u*** 2008/2009 fuq il-bażi ta' subkwoti disponibbli għal kull produttur fl-2006/2007, suġġett għal applikazzjoni tat-tieni subparagrafu.	2. Kull Stat Membru li jipproduċi stipulat fl-Anness għandu jalloka l-kwota tiegħu fost il-produttur tal-lamtu tal-patata għal użu fis-snin ta' kummerċjalizzar fl-2007/2008**,** 2008/2009, ***2009/2010 u 2010/2011*** fuq il-bażi ta' subkwoti disponibbli għal kull produttur fl-2006/2007, suġġett għal applikazzjoni tat-tieni subparagrafu.
Emenda 4	
ARTIKOLU 1, PUNT 1 *Artikolu 3 (Regolament (KE) Nru 1868/94)*	
Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill, qabel l-1 ta' Jannar ***2009***, rapport dwar l-iffunzjonar tas-sistema ta' kwota fi ħdan il-Komunità, flimkien ma' proposti xierqa. Dan ir-rapport għandu jqis l-iżviluppi tas-swieq tal-lamtu tal-patata u tal-lamtu taċ-ċereali.	Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill, qabel l-1 ta' Jannar ***2011***, rapport dwar l-iffunzjonar tas-sistema ta' kwota fi ħdan il-Komunità, flimkien ma' proposti xierqa. Dan ir-rapport għandu jqis l-iżviluppi tas-swieq tal-lamtu tal-patata u tal-lamtu taċ-ċereali. ***Iżda, f'każ li ftehimfi ħdan id-WTO iwassal għal tnaqqis tal-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni u tad-dazji ta' l-importazzjoni għal-lamtu tat-tapjoka, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' l-impatt qabel din l-iskadenza.***

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

P6_TA(2007)0130

It-tkabbir fil-ġejjieni u l-koeżjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-konsegwenzi tat-tkabbir fil-ġejjieni fuq l-effettività tal-politika ta' koeżjoni (2006/2107(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Marzu 2006 dwar dokument ta' strateġija 2005 tal-Kummissjoni dwar it-tkabbir [1],

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2006 dwar Strateġija għat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2006-2007 li tinkludi rapport speċjali mehmuż dwar il-kapaċità ta' l-UE biex tintegra fi ħdanha membri ġodda (COM(2006)0649),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2006 [2] dwar Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għat-Tkabbir,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar aspetti istituzzjonali tal-kapaċità ta' l-Unjoni Ewropea li tintegra Stati Membri ġodda [3],

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2006: 'Tkabbir, Sentejn Wara — Suċċess Ekonomiku' (COM(2006)0200),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Settembru 2005 dwar il-ftuħ tan-negozjati mat-Turkija [4],

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni tat-3 ta' Ottubru 2005 [5] dwar il-ftuħ tan-negozjati mal-Kroazja,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006 [6],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2006 dwar il-progress tat-Turkija lejn l-adeżjoni [7],

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda [8],

— wara li kkunsidra t-Tielet rapport tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali tat-18 ta' Frar 2004 (COM(2004)0107),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ġunju 2006 dwar l-Istrateġija tat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi u r-Riforma tal-politika Ewropea ta' koeżjoni: ir-Raba' rapport ta' progress dwar il-koeżjoni (COM(2006)0281),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Ġunju 1993 f'Kopenhagen, tas-16 u s-17 ta' Diċembru 2004 u ta' l-14 u l-15 ta' Diċembru 2006 fi Brussell,

---

[1] ĠU C 291 E, 30.11.2006, p. 402.
[2] *Testi adottati*, P6_TA(2006)0568.
[3] *Testi adottati*, P6_TA(2006)0569.
[4] ĠU C 227 E, 21.9.2006, p. 163.
[5] 12877/05, 4.10.2005.
[6] 10633/1/06, 17.6.2006.
[7] *Testi adottati*, P6_TA(2006)0381.
[8] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra l-Artikolu 49 tat-Trattat UE u l-Artikolu 158 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0087/2007),

A. billi, skond l-Artikolu 2 tat-Trattat UE, il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali hija għan importanti ta' l-Unjoni Ewropea u tipprovdi ċ-ċittadini b'sinjal viżibbli ta' solidarjetà Ewropea,

B. billi l-politika ta' koeżjoni ta' l-Unjoni Ewropea gawdiet minn suċċessi konsiderevoli fil-kisba ta' għanijiet ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, kif juri b'mod partikolari r-Raba' Rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni,

C. billi t-tkabbir ta' l-UE fil-passat ikkontribwixxa biex jiġu żgurati l-paċi, is-sigurtà, l-istabilità, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif ukoll it-tkabbir u l-prosperità fl-Unjoni kollha kemm hi, benefiċċji li għenu lill-UE ssir ekonomija aktar kompetittiva u dinamika u li għalhekk jridu jiġi kkunsidrati meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar tbabbir futur,

D. billi, madanakollu, jridu jsiru aktar sforzi sabiex tintlaħaq il-konverġenza tal-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, peress li l-punt ta' tluq ekonomiku tagħhom kien aktar baxx minn dak tal-pajjizi aderenti fil-fażijiet ta' tkabbir preċedenti, filwaqt li fl-istess ħin kellha sseħħ bidla radikali fis-sistemi politiċi u ekonomiċi tagħhom,

E. billi l-effetti tal-globalizzazzjoni wwaqfu l-proċess ta' konverġenza u jikkawżaw ukoll problemi ta' lokazzjoni għal negozji ġodda fl-Unjoni kollha,

F. billi politika ta' koeżjoni mmaniġġjata sew tista' tgħin lir-reġjuni jlaħħqu ma' wħud mill-isfidi tal-globalizzazzjoni,

G. billi l-pressjoni fuq il-baġits tal-gvern qed jikber, filwaqt li ħafna Stati Membri qed jiksru l-kriterji ta' stabilità u billi t-tendenzi demografiċi qed iżidu piż addizzjonali fuq il-baġits u jdgħajfu t-tkabbir ekonomiku,

H. billi l-UE għandha tibqa' komunità miftuħa u l-kwistjonijiet ta' politika strutturali ma jistgħux ikunu ta' xkiel għat-tkabbir futur, sakemm riformi neċessarji jiggarantixxu l-kapaċità ta' integrazzjoni,

I. billi minn Ottubru 2005 il-Komunità qed ikollha negozjati ta' adeżjoni miftuħa mat-Turkija u l-Kroazja, u f'Diċembru 2005 l-Kunsill Ewropew ta lill-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja status ta' kandidat; billi l-istati l-oħra tal-Balkani tal-Punent (l-Albanija, il-Bosnija-Ħerżegovina, il-Montenegro u s-Serbja (inkluż il-Kosovo)) huma meqjusa bħala kandidati potenzjali għas-sħubija; billi l-proċess ta' riforma f'dawn il-pajjiżi kollha diġà qed jirċievi appoġġ minn programmi ta' qabel l-adeżjoni li fihom komponenti ta' politika strutturali,

J. billi, bid-dħul tar-Rumanija u l-Bulgarija, daħlu fis-seħħ regoli speċjali biex jintalbu approprjazzjonijiet mill-Fondi Strutturali, u l-effetti kollha ta' din l-adeżjoni fuq il-politika strutturali għad iridu jiġu determinati,

K. billi l-pajjiżi kollha li qed jirċevu għajnuna ta' qabel l-adeżjoni mill-UE kif ukoll valutazzjoni sħiħa tar-Rumanija u l-Bulgarija teħtieġ EUR 150 biljun oħra fil-perjodu ta' finanzjament attwali fuq il-bażi ta' l-iskema tal-politika strutturali fis-seħħ; billi, madanakollu, l-adeżjoni tal-pajjiżi kollha li qed jirċevu għajnuna ta' qabel l-adeżjoni mhux se sseħħ fl-istess waqt,

L. billi l-adeżjoni tar-Rumanija u l-Bulgarija żiedet iz-zona ta' l-UE-25 eliġibbli għal fondi strutturali ta' l-UE b' 9 % u l-popolazzjoni tagħha b'6 % u naqqset il-GDP per capita tagħha b'5 %; billi l-adeżjoni tal-Kroazja se żżid iz-zona ta' l-UE-27 b'1.3 % u l-popolazzjoni tagħha b'0.9 %, waqt li se żżid il-GDP per capita tagħha b'0.6 %; billi l-adeżjoni tat-Turkija se żżid iz-zona ta' l-UE-27 b'18.3 % u l-popolazzjoni tagħha b'14.7 %, waqt li se żżid il-GDP per capita tagħha b'10.5 %; billi l-adeżjoni ta' l-istati l-oħra tal-Balkani tal-Punent se żżid iz-zona ta' l-UE-27 b'4.8 % u l-popolazzjoni tagħha b'4 %, waqt li se żżid il-GDP per capita tagħha b'3.5 %;

M. billi hemm bżonn b'mod urġenti ta' riforma istituzzjonali, finanzjarja u politika ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea li fuqhom hija msejsa l-kapaċità ta' integrazzjoni ta' l-UE; billi l-adeżjoni għall-Unjoni Ewropea hija kompletament dipendenti fuq l-ilħuq tal-kriterji ta' Kopenhagen u b'hekk ta' l-iżvilupp demokratiku fil-pajjiżi msemmija fil-premessa I,

N. billi, f'Unjoni Ewropea b'34 Stat Membru, il-Kroazja tkun responsabbli għal 7 % biss ta' dan il finanzjament strutturali addizzjonali, ikkalkulati skond ir-regoli eżistenti, u l-istati l-oħra tal-Balkani tal-Punent, li attwalment qed jirċievu l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni ta' 9.2 %, waqt li t-Turkija waħedha tirċievi 63 %,

O. billi l-adeżjoni ta' l-Istati tal-Balkani tal-Punent meta jitqiesu fuq bażi individwali, anke waqt il-qafas finanzjarju attwali, mhux se toħloq l-ebda effett statistiku fuq l-eliġibilità tar-reġjuni ta' l-Istati Membri u lanqas m'hi se toħloq xi impatt finanzjarju drammatiku fuq il-politika ta' koeżjoni ta' l-UE b'27 Stat Membru minħabba d-daqs, il-popolazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku tagħhom; billi l-Kroazja, li magħha hemm negozjati l-aktar avvanzati u li hi aktar żviluppata f'termini soċjo-ekonomiċi minn xi Stati Membri attwali, f'termini komparati tkun tippreżenta l-iżgħar piż finanzjarju għall-Unjoni meta wieħed iqis id-daqs, il-popolazzjoni u l-livell ta' żvilupp ekonomiku tal-pajjiż u mhux se toħloq l-ebda effett statistiku fir-rigward taz-zoni eliġibbli fil-livell reġjonali u nazzjonali, anki fil-perjodu finanzjarju attwali,

P. billi, skond ir-regoli u l-kundizzjonijiet ta' bħalissa, bl-adeżjoni tat-Turkija l-politika ta' koeżjoni Ewropea tieħu dimensjoni kompletament ġdida, li għadha qatt ma ġiet applikata għal pajjiż ta' kobor bħal dan, b'livell ta' żvilupp ekonomiku daqshekk baxx u b'diverġenzi reġjonali kbar,

Q. Q billi f'Ġunju 2006 il-Konklużjonijiet tal-Presidenza saħqu, li, l-Unjoni Ewropea, meta tilqa' fi ħdana Stati Membri ġodda, għandha tibqa' f'pożizzjoni li żżomm id-dinamika ta' integrazzjoni Ewropea u 'li għandu jsir kull sforz biex il-koeżjoni u l-effettività ta' l-Unjoni jkunu protetti',

R. billi fil-Komunikazzjoni tat-8 ta' Novembru 2006, il-Kummissjoni titlob li qabel ma jkun hemm tkabbir fil-ġejjieni jiġu analizzati sew l-impatti fuq il-baġit ta' l-UE waqt li jitqies l-iżvilupp futur ta' l-oqsma ta' politika relevanti bħall-politika dwar l-agrikultura u l-koeżjoni,

S. billi l-politika reġjonali, bħala waħda mill-akbar assi tal-baġit ta' l-UE, se tkun diskussa b'mod partikolarment intensiv — mhux l-inqas b'referenza għall-kriterji ta' effiċjenza — fir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju ta' l-UE previst għall-2008-2009,

T. billi, f'Unjoni li għadha qed tikber, hemm bżonn aktar minn qatt qabel ta' l-effiċjenza tal-politiki Komunitarji, peress li l-effettività tal-politika ta' koeżjoni u l-valur miżjud ġenwin u ppruvat tagħha huma dipendenti ħafna fuq ir-riżorsi finanzjarji disponibbli; billi, għalhekk, għandha tingħata l-akbar attenzjoni għar-reviżjoni tas-sistema Komunitarja għar-riżorsi proprji,

1. Iqis li l-kapaċità ta' integrazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea tfisser b'mod partikolari li għandha tkun f'pożizzjoni, fid-dawl tar-realtajiet tal-baġit, li tfittex li tilħaq l-objettiv ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali; għalhekk iqis li, fil-waqt ta' l-adeżjoni ta' kull pajjiż kandidat, hemm bżonn li jiġi deċiż jekk l-UE hix kapaċi tintegra l-istat konċernat;

2. Iqis li riforma istituzzjonali, finanzjarja u politika hi wkoll neċessarja fil-kuntest ta' reviżjoni tal-qafas finanzjarju ta' l-UE; b'rabta ma' dan, jemmen li hemm bżonn isir tqabbil bejn l-effetti ta' l-istrumenti prinċipali varji għall-finanzjament (il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali) dwar l-iżvilupp ta' l-UE-27, biex hekk ikunu jistgħu jittieħdu d-deċiżjonijiet baġitarji xierqa;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

3. Iqis li tkabbir futur m'għandux iwassal sabiex dejjem aktar reġjuni jitilfu d-dritt għall-finanzjament mill-politika ta' koeżjoni taħt l-Objettiv 1 attwali bħala riżultat ta' l-effett ta' l-istatistika u mingħajr ma jiġu eliminati verament inugwaljanzi eżistenti;

4. Jenfasizza li politika ta' koeżjoni onesta u effiċjenti hija impossibbli mingħajr żieda fin-nefqa ta' l-UE għal 1,18 % tal-GNI ta' l-UE, kif mistqarr mill-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2005 dwar Sfidi politiċi u Mezzi Baġitarji ta' l-Unjoni wara t-tkabbir 2007-2013 ([1]);

5. Jiddispjaċih, għalhekk, li l-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tat-8 ta' Novembru 2006 dwar l-Istrateġija għat-Tkabbir, ma toffri l-ebda analiżi dettaljata tal-konsegwenzi finanzjarji ta' tkabbir futur;

6. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta analiżi dettaljata ta' l-impatt sabiex tippermetti li ssir previżjoni xierqa ta' l-effetti kollha fuq il-politika strutturali ta' l-adeżjoni tar-Rumanija u tal-Bulgarija;

7. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni, b'rabta mat-tkabbir li jmiss, biex tikkalkula b'mod regolari, b'ċifri separati għal kull pajjiż, l-infiq fil-politika reġjonali li l-UE jista' jkollha tagħmel bl-applikazzjoni tal-kriterji kurrenti kif ukoll dawk emendati u mwessgħa, u l-konsegwenzi li dan ikollu fuq l-eligibilità eżistenti ta' finanzjament ta' reġjuni; f'dan ir-rigward, jinnota li jistgħu jintużaw ukoll id-databases u l-istrumenti analitiċi tan-Network Ewropew ta' Osservazzjoni ta' l-Ippjannar Spazjali (ESPON); jemmen li għandu jiġi kkunsidrat it-titjib ta' l-integrazzjoni ta' l-istrumenti varji ta' l-UE għall-finanzjament;

8. Iqis li hemm bżonn ta' studji kontinwi bbażati fuq l-esperjenza miksuba minn tkabbir preċedenti u li jinkludi it-titjib soċjo-ekonomiku li se jseħħ waqt il-perjodu attwali ta' programmazzjoni, biex jiġu żviluppati xenarji għall-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni ta' l-UE fil-futur;

9. Jisħaq dwar l-importanza ta' approċċ iebes ħafna f'termini ta' valutazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva fl-użu tal-Fondi Strutturali li jinvolvi immaniġġjar sod u sorveljanza xierqa biex, fl-interess taċ-ċittadini ta' l-Unjoni, jitjib il-bilanċ ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji fl-ispiża ta' koeżjoni ta' l-UE;

10. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiddedika kapitolu fir-raba rapport ta' koeżjoni li jmiss tagħha għall-opinjoni tagħha dwar is-sostenibilità tal-politika ta' koeżjoni attwali, u għall-miżuri li jistgħu fil-ġejjieni, fejn xieraq, iħallu effett fuq il-politika ta' koeżjoni;

11. Iqis li, minħabba l-istat preżenti tas-sistema tar-riżorsi ta' l-UE, se jkun diffiċli li tiffinanzja tkabbir futur mingħajr ma tipperikola l-effettività tal-politika ta' koeżjoni attwali;

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex toħroġ komunikazzjoni li tfassal proposta għal mudell gradwat għall-politika ta' koeżjoni, li tippermetti li ssir distinzjoni oħra bejn l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni u sħubija, u li tagħti l-possibilità lill-kandidati potenzjali ta' adeżjoni li jirċievu għajnuna effettiva għall-iżvilupp reġjonali, soġġetta għall-progress politiku, qabel sħubija possibbli fl-Unjoni Ewropea;

13. Jistieden għal approċċ gradwat għat-Turkija b'mod partikolari, iffokata aktar mill-qrib fuq il-finanzjament ta' aspetti tematiċi speċifiċi (bħall-gruppi ta' industriji, il-bini ta' istituzzjonijiet u l-ugwaljanza) u r-reġjuni, sabiex jiġu evitati miżuri mekkanizzati ta' finanzjament għall-adeżjoni mingħajr ir-riflessjoni neċessarja u sabiex jintlaħqu effetti ta' koeżjoni u tkabbir aktar preċiżi;

14. Jitlob biex ikun involut fil-proċess ta' kodeċiżoni fl-evalwazzjoni u r-riforma ta' l-għajuna ta' qabel l-adeżjoni mill-2010 'l quddiem;

15. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi f'aktar dettall dak li trid tfisser bit-'tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat', u, f'dan il-kuntest, biex tikkunsidra aktar strumenti ta' finanzjament strutturali;

16. Iqis li huwa essenzjali biex il-politika ta' koeżjoni tkun effettiva ir-responsabbilà individwali ta' l-Istati Membri għandha tiżdied fil-futur;

([1]) ĠU C 124 E, 25.5.2006, p. 373.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

17. Jipproponi li, fil-kuntest tad-dibattitu dwar il-politika ta' koeżjoni tal-futur, l-UE għandha tagħmel użu akbar ta' l-effett ta' lieva tal-finanzjament ta' self — partikolarment fir-reġjuni li diġa rċevew fondi ta' l-UE għal ħafna snin — sabiex l-effettività ta' l-appoġġ Komunitarju titjieb, allavolja mhux se tissostitwih;

18. Iqis f'dan il-kuntest li għandhom jiġu ffissati kundizzjonijiet aktar favorevoli għall-finanzjament ta' self u għotjiet għar-reġjuni l-anqas żviluppati fl-UE;

19. Jistieden lill-Kummissjoni biex taħseb fi proposti għal politika ta' koeżjoni għall-ġejjieni li tkun adattata aktar mill-qrib għall-bżonnijiet reali tar-reġjuni, peress li huwa ċar li r-reġjuni li ilhom jirċievu għajnuna mill-fondi ta' l-UE għal 10, 20 jew 30 sena kisbu livell differenti ta' żvilupp minn dawk li għadhom ma rċevew l-ebda fondi; jemmen li t-tweġiba għall-isfida futura għall-politika ta' koeżjoni ta' l-UE possibilment tista' tkun id-differenzjazzjoni akbar;

20. Jesprimi tħassib għall-fatt li f'xi reġjuni l-għajnuna ta' l-UE mhix immirata sew, u bħala riżultat ta' dan is-sitwazzjoni f'dawk ir-reġjuni m'hix qed titjieb minkejja l-ħafna snin ta' appoġġ finanzjarju, jiġifieri r-riżorsi Komunitarji qed jinħlew;

21. Jitlob li aktar fondi privati jintużaw bħala sors ta' kofinanzjament għall-fondi strutturali, u sabiex il-kofinanzjament privat ta' proġetti u programmi taħt il-Fondi Strutturali jiġi simplifikat b'mod sinifikattiv skond l-aħjar prassi;

22. Jitlob sabiex il-finanzjament strutturali futur ikun magħmul b'mod li jiġu evitati effetti ta' spustjament u finanzjament mill-UE ta' rilokazzjoni ta' kumpaniji, u jikkunsidra li l-Kummissjoni għandha tħares b'mod kritiku, fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni, dwar il-kwistjoni jekk sussidji li jingħataw lil kumpaniji humiex effettivi biex jinfluwenzaw deċiżjonijiet tan-negozju rigward il-lokazzjoni waqt li jitqies id-daqs tad-ditti konċernati;

23. Jinnota li s-suċċess tal-politika ta' koeżjoni hija konnessa mal-politiki ta' ekonomija nazzjonali u li f'dan ir-rigward l-implimentazzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Istrateġija ta' Liżbona għandha influwenza partikolari fuq is-suċċess tal-politika ta' koeżjoni;

24. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li, fil-qafas ta' programmi futuri għal kompetittività reġjonali u għal koperazzjoni territorjali, il-finanzjament ikun konċentrat aktar bir-reqqa fuq l-Ewropizzazzjoni ta' l-ekonomija reġjonali u fuq infrastrutturi ta' importanza Ewropea;

25. Jitlob għal użu akbar fil-ġejjieni tal-Fondi Strutturali biex itaffu l-effetti ta' bidliet demografiċi u l-migrazzjoni reġjonali konsegwenza ta' dan;

26. Iqis li għandu jsir użu akbar fil-futur mill-Fond Soċjali Ewropew bħala strument orizzontali, fost oħrajn, biex jgħin reġjuni ilaħħqu ma' l-isfidi soċjali tal-globalizzazzjoni kif ukoll ma' l-effetti ta' bidliet demografiċi;

27. Jenfasizza li r-riżultati tal-politika ta' koeżjoni jistgħu jiġu riveduti biss jekk l-għoti ta' Fondi Strutturali jseħħ b'mod trasparenti, u għalhekk jistieden lill-Unjoni Ewropea biex tapplika kriterji ta' trasparenza rigoruża ħafna għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja;

28. Jitlob li jiġu applikati sanzjonijiet aktar ħorox f'każijiet fejn jiġi ppruvat abbuż mill-għajnuna finanzjarja u għal proċeduri aktar effettivi għall-irkupru ta' fondi;

29. Jinnota li ġlieda b'suċċess kontra l-korruzzjoni kif ukoll il-bini ta' kapaċitajiet amministrattivi li jkunu jistgħu jimplimentaw programmi ta' Fondi Strutturali b'mod trasparenti u effiċjenti huma prerekwiżiti kruċjali biex wieħed jirċievi finanzjament strutturali Ewropew; jitlob li l-istrumenti ta' kontroll jiġu applikati b'mod konsistenti u riġidu;

30. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex iqisu dawn il-punti kollha meta jagħmlu revizzjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju attwali ta' l-UE ppjanat għall-2008-2009;

31. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

P6_TA(2007)0131

L-istrateġija politika annwali tal-Kummissjoni għall-2008

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-istrateġija politika annwali tal-Kummissjoni għall-proċedura tal-baġit 2008 (2007/2017(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija Politika Annwali għall-2008 (COM(2007)0065),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-immaniġġjar finanzjarju sod [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 272 tat-Trattat KE u l-Artikolu 177 tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 112(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġit u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A6-0123/2007),

A. billi l-baġit ta' l-UE għall-2008 ser ikun it-tieni wieħed li jsir ftehim dwaru fil-qafas tal-Ftehima Interistituzzjonali (IIA) dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba li qablu dwarha fis-17 ta' Mejju 2006,

B. billi l-baġit għall-2008 ser ikun l-ewwel wieħed li jsir ftehim dwaru bir-Rumanija u l-Bulgarija bħala membri ta' l-UE,

C. billi l-proċess ta' globalizzazzjoni jibqa' miexi, bl-opportunitajiet u l-isfidi fl-isferi ekonomiċi, soċjali u ambjentali kollha tiegħu jistennew, billi l-baġit għall-2008 irid jiżgura li l-UE tibqa' f'pożizzjoni li tibbenefika minn opportunitajiet li taffaċja l-isfidi tal-globalizzazzjoni permezz ta' kombinazzjoni xierqa ta' politiki interni u estern li jħarsu 'l quddiem,

D. billi l-2007 ser tkun l-ewwel sena ta' l-implimentazzjoni ta' ħafna programmi ġodda ta' l-UE ta' infiq għall-perjodu tal-programm finanzjarju 2007-2013, wara l-adattament ta' ħafna bażijiet legali ġodda waqt l-2006, billi d-dejta dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-2007, b'mod partikulari fir-rigward ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, tipprovdi informazzjoni importanti dwar il-kapaċità tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri biex jimplimentaw il-prijoritajiet tal-Parlament,

Kuntest politiku

1. Jirrimarka li l-baġit għall-2008 ser jiġi ppreparat, ippreżentat u dibattut fi sfond tal-50 anniversarju mill-firma tat-Trattat ta' Ruma u imbuttatura ġdida biex ikun hemm progress dwar it-Trattat Kostituzzjonali; jinnota li l-2007 se tara l-bidu ta' xogħol preparatorju għall-eżaminazzjoni sħiħa u globali mill-ġdid 2008-2009 (reviżjoni ta' nofs it-term) tal-qafas finanzjarju plurijennali (MFF) ta' l-2007-2013; jinnota wkoll ir-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2007 dwar il-ġejjieni tar-riżorsi proprji ta' l-Unjoni Ewropea [2];

2. Jenfasizza l-importanza li jorbot mal-kapaċità ta' l-UE b'27 membru li tagħmel il-globalizzazzjoni opportunità għaċ-ċittadini tagħha u li tmexxi azzjoni internazzjonali billi tilqa' l-isfidi preżenti li tippreżenta l-globalizzazzjoni; jenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza li jkun żgurat li r-riżorsi finanzjarji u umani ta' l-UE huma allokati b'mod xieraq b'mod li jiżguraw l-iffunzjonar xieraq ta' l-UE;

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[2] *Testi Adottati,* P6_TA(2007)0098.

3. Jinnota l-proposti indikati mill-Kummissjoni taħt it-tabelli prosperità, solidarjetà, sigurtà u projettazzjoni esterna; jaqbel li fl-istess waqt l-UE trid iżomm l-iffukar tagħha fuq l-aġenda ta' Liżbona u b'mod speċifiku fuq l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir u l-impjiegi, il-kompetittività u l-SMEs, u l-koeżjoni soċjali; iqis li, f'ħafna każijiet, bħall-qasam tal-politika għall-enerġija u tal-bidla fil-klima, dawn il-proposti huma eżempju ta' approċċ aktar flessibbli mill-UE biex titratta l-isfidi reali li ċ-ċittadini Ewropej jaffaċċjaw; jinnota madanakollu li, b'riżultat ta' marġni żgħar ħafna skond il-limiti differenti ta' nefqa, il-kapaċità ta' l-UE biex tirreaġixxi għal tibdiliet fil-politika f'sens baġitarju hija limitata b'mod estrem;

4. Iqis li hija r-responsabilità tagħha bħala awtorità baġitarja li tiżgura li l-iffinanzjar allokat għall-baġit ta' l-UE jintefaq bil-ħsieb li jipprovdi valur għall-flus, b'mod partikulari biex itejjeb ir-riżorsi limitati; għandu l-ħsieb li jsegwi baġit li jipproduċi riżultati bbażat fuq l-approċċ mibdi fil-baġit ta' l-2007 b'koperazzjoni malkumitati speċjalizzati;

5. Itenni t-talba tiegħu sabiex il-prijoritajiet tal-politika annwali ta' l-UE, ikunu stabbiliti b'mod li jkunu jistgħu jiġu kkomunikati b'mod effettiv liċ-ċittadini Ewropej u jenfasizza li din ir-riżoluzzjoni tistabbilixxi l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew rigward il-proċedura baġitarja li jmiss; jiddispjaċih ħafna li l-Istrateġija Politika Annwali (APS) ma tirriflettix b'mod xieraq il-prijoritajiet tal-Parlament; jistenna li jara li tittieħed konsiderazzjoni dovuta għal din ir-riżoluzzjoni fl-abbozz tal-baġit preliminarju għall-2008 (PDB); jenfasizza li l-inizjattivi varji pproposti mill-Kummissjoni fl-ASP ta' l-2008 għandhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest tal-programmi ta' infiq li ntlaħaq ftehim dwarhom dan l-aħħar u tal-prijoritajiet politiċi li jseddqu l-pakketti finanzjarji ġenerali miftehma għall-2007-2013 MFF f'IIA tas-17 ta' Mejju 2006;

6. Jinnota l-preżentazzjoni tal-Kummissarju Wallström fil-Konferenza tal-Presidenti fit-8 ta' Frar 2007 dwar il-programm leġiżlattiv u ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2007 iżda jiddispjaċih għan-nuqqas ta' interazzjoni bejn il-Programm ta' Ħidma Leġiżlattiva u l-proċedura tal-baġit; bi qbil mal-Ftehima ta' Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, jinsisti dwar koerenza aħjar bejn iż-żewġ proċeduri; ifakkar lill-Kummissjoni fl-impenn tagħha mwettaq matul il-proċedura tal-Baġit ta' l-2007 u fl-ittra mill-President Barroso f'Diċembru 2006 rigward it-tqabbil imtejjeb tal-prijoritajiet leġiżlattivi u tad-deċiżjonijiet baġitarji; f'dan il-kuntest, jinnota l-prijoritajiet tal-Kummissjoni stabbiliti fil-Komunikazzjoni APS u jistenna lill-Kummissjoni biex taġġusta dawn il-prijoritajiet skond il-bażi tad-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu mill-awtorità baġitarja matul il-proċedura annwali;

Baġit għal riżultati — preżentazzjoni trasparenti, għanijiet ċari, implimentazzjoni bir-reqqa

7. Jenfasizza għal darb'oħra l-importanza li jorbot mal-programmi ta' infiq ta' l-UE li jwasslu b'mod effettiv għall-għanijiet politiċi li għalihom ġew illeġiżlati; jikkunsidra li t-twassil tal-politika, u evidenza ċara tagħha, dejjem kienu fundamentali għal-leġittimità ta' l-UE f'għajnejn iċ-ċittadini tagħha; għalhekk jisħaq l-intenzjoni tiegħu biex lill-ħidma tiegħu fuq il-baġit għall-2008 jagħtiha l-filosofija ta' "*baġit għal riżultati*"; jenfasizza li dawn ir-riżultati ma jkunux analizzati biss fuq il-bażi ta' kriterji ta' verifika u jinnota li dan l-approċċ se jkun segwit fi spirtu ta' koperazzjoni interistituzzjonali soda;

8. Bħala l-ewwel pass lejn baġit għal riżultati, jenfasizza l-importanza ta' ċarezza, konsistenza u trasparenza fil-preżentazzjoni tal-baġit; jappoġġja l-approċċ ta' bbaġitjar ibbażat fuq attivitajiet (Activity-based budgeting — ABB), li jimmira li jqabbel riżorsi finanzjarji u umani ma' għanijiet politiċi skond l-oqsma politiċi ta' l-infiq tal-Kummissjoni; jinnota li n-nomenklatura ta' l-ABB mhix faċli li wieħed jirrikonċiljaha mal-kategoriji ta' l-intestaturi ta' l-MFF; jiddispjaċih ukoll li l-klassifikazzjonijiet ta' l-APS ta' prosperità, solidarjetà, sigurtà, u projettazzjoni esterna jirrapreżentaw it-tielet sistema ta' klassifikazzjoni li hija pjuttost arbitrarja fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' oqsma ta' politika skond il-kapitoli differenti, li ji sta' ma jkollhiex kwalunkwe valur ewlieni ieħor minn perspettiva baġitarja u wieħed ma jkunx jista' jirrikonċiljaha b'mod faċli mal-kategorizazzjonijiet ta' l-ABB u ta' l-MFF; jitlob li l-Kummissjoni tirrispetta aktar mill-qrib l-istrutturi ta' l-ABB u l-MFF u tipprovdi indikazzjonijiet ċari dwar il-korrispondenza bejn din it-tielet klassifikazzjoni u l-intestaturi baġitarji ta' IIA tas-17 ta' Mejju 2006;

9. Jikkunsidra li d-Dikjarazzjonijiet ta' l-Attivitajiet magħmula mill-Kummissjoni għal kull qasam ta' politika fil-PDB jikkonstitwixxi element ewlieni fis-superviżjoni effettiva ta' l-infiq ta' l-UE mill-Awtorità Baġitarja; jenfasizza li jekk l-għanijiet tal-politika m'humiex ċari, evalwazzjoni effettiva tal-politika hi impossibbli; jitlob titjib fiċ-ċarezza ta' preżentazzjoni ta' dawn d-Dikjarazzjonijiet ta' l-Attivitajiet fil-PDB għall-2008; jitlob li tingħata aktar attenzjoni għall-għanijiet tal-politika u għall-kejl tar-riżultati tal-politika u inqas informazzjoni dwar il-proċess amministrattiv mhux bħalma ħafna drabi kien il-każ qabel fid-dokumenti PDB;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

10. Jenfasizza l-importanza tal-moniteraġġ ta' l-implimentazzjoni tal-baġit bħala għodda għall-eżami tat-twassil tal-politika; jilqa' b'sodisfazzjoni t-titjib riċenti fil-proviżjoni tad-dejta dwar l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni u b'mod partikulari s-sistema tal-Budget Forecast Alert (BFA); jinnota li minħabba l-BFA, iċ-ċifri ta' l-implimentazzjoni tal-bidu għall-ewwel sena ta' infiq tal-programmi l-ġodda għall-2007-2013 ser jiġu disponibbli matul l-2007; iqis li din l-informazzjoni tistà tkun pruvata bħala utli biex tagħti spinta lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jirrispettaw b'mod sħiħ il-prijoritajiet politiċi tal-Parlament stabbiliti fil-baġit ta' l-2007 u f'din ir-riżoluzzjoni;

Riżorsi umani — allokazzjoni xierqa, responsabilità personali, esternalizzazzjoni mmoniterjata

11. Hu ħafna tal-parir li sistema amministrattiva effettiva u effiċjenti f'sens ta' nefqa għall-Unjoni Europea trid tkun mgħammra bil-livell meħtieġ ta' riżorsi; jistenna b'interess ir-riżultati ta' l-eżerċizzju ta' skrijning li qed isir mis-servizzi tal-Kummissjoni dwar il-bżonnijiet reali ta' l-istaff tal-Kummissjoni li għandhom jiġu ppreżentati fit-30 ta' April 2007; huwa konvint li dan l-iskrijning ta' l-istaff tal-Kummissjoni huwa eżerċizzju ewlieni li jippermetti lill-Kummissjoni biex tidentifika l-potenzjal reali tagħha u biex tipprovdi aktar staff għall-prijoritajiet politiċi ġodda bħall-enerġija, il-bidla fil-klima, l-emigrazzjoni, l-implimentazzjoni ta' programmi plurijennali u t-traspożizzjoni ġenerali tal-liġi ta' l-UE fl-Istati Membri; se janalizza fil-fond ir-riżultat ta' l-iskrijning biex jilħaqu l-isfidi politiċi tal-futur li jibdew mill-proċedura tal-baġit ta' l-2008;

12. Jilqa' b'sodisfazzjon aktar indikazzjonijiet fl-APS ta' l-2008 ta' l-isforzi tal-Kummissjoni biex iddawwar mill-ġdid ir-riżorsi umani tagħha lejn prijoritajiet politiċi iżda tirrifjuta l-preżentazzjoni ta' dawn il-prijoritajiet skond it-tikketti ta' prosperità, solidarjetà, sigurtà, u projezzjoni esterna; għalhekk jitlob lill-Kummissjoni biex fil-PDB tfassal b'mod ċar, skond l-istruttura ta' l-ABB, aktar informazzjoni rigward il-politika tar-riżorsi umani u ta' l-istrateġija ta' l-organizzazzjoni mill-ġdid għall-2008, b'kunsiderazzjoni tar-riżultati ta' l-eżerċizzju ta' l-iskrining;

13. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-espansjoni ta' l-aġenziji ta' deċentralizzazzjoni eżistenti se jnaqqsu l-marġini disponibbli taħt l-intestatura tal-MFF; jinsab imħasseb aktar li dan it-tnaqqis f'marġini disponibbli se jnaqqas l-iskop għall-iffinanzjar ta' prijoritajiet ġodda, bħal proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji, u se jnaqqas ukoll il-fondi disponibbli għall-espansjoni ta' programmi eżistenti; jinnota li l-punt 47 tal-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 jobbliga lill-Kummissjoni sabiex din tevalwa l-implikazzjonijiet baġitarji għall-intestatura tan-nefqa kkonċerntata meta tkun qed tħejji proposta għall-ħolqien ta' aġenzija ddeċentralizzata ġdida; se jinsisti biex jiżgura li l-iffunzjonar ta' aġenziji ddeċentralizzati jkollu valur miżjud u jippromwovi l-interessi taċ-ċittadini ta' l-UE;

14. Jinnota li kwalunkwe espansjoni oħra f'numru ta' aġenziji eżekuttivi u korpi oħra, se jkollhom bżonn jiġu ffinanzjati mill-pakkett finanzjarju relevanti; jesprimi t-tħassib tiegħu, għalhekk, li kwalunkwe tkabbir ieħor f'aġenziji eżekuttivi u korpi oħra, jistà jnaqqas il-fondi għall-operat disponibbli fil-pakketti finanzjarji tal-programm;

15. Jinsab iddeterminat li jiċċara d-definizzjoni, l-irwol u n-nefqa tal-korpi kollha stipulati skond l-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju, biex janalizza l-effettività tan-nefqa ta' modi ta' tmexxija bħal dawn u biex jiżgura fuq bażi sistematika f'livell interistituzzjonali l-applikazzjoni tal-proċedura stipulata fil-punt 47 tal-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 matul il-proċedura annwali tal-baġit għall-2008;

16. Iqis li d-deċentralizzazzjoni tar-responsabbilitajiet lid-Direttorati Ġenerali differenti u r-responsabilità personali ta' l-uffiċjali ta' l-UE huma element importanti ta' l-approċċ ta' mmaniġġjar ibbażat fuq l-attività; jinnota li aktar xogħol ji sta' jkun neċessarju biex jiġu ċċarati xi ktajjen ta' responsabilità fi ħdan l-istituzzjonijiet ta' l-UE; jikkunsidra li din il-kwistjoni hi ta' importanza partikulari fid-dawl ta' aktar tendenza lejn "outsourcing" jew "esternalizzazzjoni" tax-xogħol ta' l-implimentazzjoni lil aġenziji eżekuttivi u lil korpi oħra ad hoc;

17. Hu mħasseb li l-ħolqien ta' aġenziji eżekuttivi u korpi oħra ad hoc ji sta' jwassal għal żieda fin-numru ta' uffiċjali ta' l-UE u aġenti kuntrattwali, sakemm fid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni relevanti jitnaqqsu l-postijiet biex jagħmlu tajjeb għaż-żieda, u għal dgħjufija tas-superviżjoni ta' l-amministrazzjoni ta' l-UE; jitlob lill-Kummissjoni biex fil-PDB għall-2008 tispjega kif il-postijiet mitluba minn aġenziji eżekuttivi ġodda u korpi oħra ad hoc ser jagħmlu tajjeb għat-tnaqqis fid-Direttorat Ġenerali responsabbli; jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex tindirizza l-kwistjoni ta' superviżjoni xierqa ta' l-aġenziji eżekuttivi u ta' korpi oħra ad hoc, fil-PDB għall-2008 sabiex tiġi żgurata responsabilità demokratika; iħeġġeġ titjib tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar it-Twaqqif ta' Aġenziji Eżekuttivi, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-iskrutinju parlamentari ta' l-iffinanzjar u ta' l-impjegar ta' staff ta' l-aġenziji;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

Qafas Finanzjarju Plurijennali — ipprogrammar, marġini, front u back-loading

18. Jinnota l-aħħar aġġornament tal-Kummissjoni ta' l-ipprogrammar finanzjarju ta' l-2007-2013; jinnota l-marġini limitati u f'xi każi li qed jonqsu, li baqgħu taħt l-intestatura 1 a u 3 u jopponi bis-saħħa l-proposta tal-Kummissjoni sabiex jintużaw il-marġini żgħar li tħallew disponibbli taħt dawn iż-żewġ intestaturi għal inizjattivi ġodda; jesprimi t-tħassib serju tiegħu li marġini addizzjonali se jinħolqu prinċiparjament permezz ta' 'backloading' tal-programmi plurjennali eżistenti; iqis li l-marġini żgħar jillimitaw il-possibilità li tiġi indirizzata b'mod effiċjenti kwalunkwe prijorità urġenti jew politika ġdida; jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta fit-trijalogu li jmiss analiżi tal-marġni fl-intestaturi differenti, aġġornament ta' l-ipprogrammar finanzjarju, bi qbil mal-Punt 46 tat-IIA tas-17 ta' Mejju 2006, u l-konsegwenzi finanzjarji potenzjali tal-proposti mħabbra fil-programm leġiżlattiv;

19. Jixtieq jesplora possibilitajiet għal preżentazzjoni aħjar, li tiffaċilita ftehim aħjar u aktar faċli ta' l-ipprogrammar finanzjarju differenti u tad-dokumenti tal-baġit provduti lill-awtorità baġitarja (programmar finanzjarju u dokument APS); jinnota li fil-preżent m'hemmx indikazzjoni ċara tal-bidliet eżatti mwettqa meta mqabbel ma' l-ipprogrammar finanzjarju preċedenti fit-tabelli annessi ma' l-ipprogrammar finanzjarju u lanqas m'hemm indikazzjoni ċara ta' kif iż-żidiet qed ikunu kkumpensati għal jew kif qed iseħħu back- and front-loadings;

20. Fir-rigward tal-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji għal-proċedura tal-baġit għall-2008, ifakkar li skond l-Anness II, Parti D, tat-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 "iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità baġitarja jinformaw lill-Kummissjoni sa nofs Ġunju bl-intenzjonijiet tagħhom"; jesprimi t-tħassib tiegħu li f'xi intestaturi u sotto-intestaturi tal-baġit ji sta' ma jkunx hemm biżżejjed marġini disponibbli għall-proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji ġodda ewlenin;

21. Jinnota bi tħassib l-impatt possibbli tat-tibdiliet li l-Kummissjoni tipproponi għall-programmar finanzjarju fit-Taqsima III ta' l-APS ta' l-2008 dwar marġini li diġà huma baxxi u/jew programmi operattivi, b'mod speċjali b'riżultat ta' ffinanzjar miżjud għal aġenziji jew għall-holqien ta' fondi ġodda; jiddispjaċih li proposti bħal dawn huma preżentati f'inqas minn xahar wara l-aġġornament l-aktar reċenti ta' l-ipprogrammar finanzjarju; jistenna li l-Kummissjoni tippreżenta dawn il-proposti matul il-PDB għall-2008 u l-Ipprogrammar Finanzjarju li jmiss, speċjalment jekk dawn ikunu jimplikaw bidla lill-MFF;

22. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-back-loading propost ta' ċertu programm fl-APS ta' l-2008 u l-problemi li dan jista' jakkumula għas-snin li ġejjin ta' l-MFF b'kunsiderazzjoni għall-problema li jiżdiedu r-RALs; jinnota wkoll li fil-baġit għall-2007, għall-oqsma tiegħu ta' prijorità, il-Parlament adotta livelli ta' impenn ogħla mil-livell ta' impenn medju previst fil-pakketti tal-programm plurijennali għal numru ta' programmi; josserva li xi livell ta' koperazzjoni interistituzzjonali rigward front- u back-loading ta' impenji fil-baġit ji sta' jkun neċessarju biex jiġi żgurat ipprogrammar koerenti ta' impenji sakemm idum l-MFF li jirrispetta l-prijoritajiet tal-Parlament kif stipulati fl-IIA tas-17 ta' Mejju 2006;

Punti Speċifiċi

23. Jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tinkludi l-kunċetti ta' Regolament Aħjar u s-simplifikazzjoni tal-proċedura fl-inizjattivi, riformi u metodi ta' ħidma ġodda kollha biex tagħmilhom aktar sempliċi għaċ-ċittadini; ifakkar li kif stipulat fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm ta' ħidma u leġiżlattiv tal-Kummissjoni għall-2007 ([1]), l-implimentazzjoni tal-kunċett "Regolament aħjar" għandha tirrispetta b'mod sħiħ il-prinċipji u l-kundizzjonijiet stipulati fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Mejju 2006 dwar l-istrateġija għal simplifikazzjoni ta' l-ambjent regolatorju ([2]);

24. Jinnota li l-effiċjenza fl-enerġija hija strateġija mmirata b'mod qawwi lejn il-futur biex tindirizza l-problema tal-bidla fil-klima; jaqbel li politika bħal din teħtieġ strateġija li tinvolvi iktar minn qasam wieħed u jitlob lill-Kummissjoni tkompli tieħu azzjonijiet deċiżivi rigward dan il-għan;

([1]) Testi Adottati, P6_TA(2006)0565.
([2]) ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 136.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

25. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li twettaq azzjonijiet prinċipali fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni biex tippromwovi l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' Liżbona fl-2008; jappoġġja b'mod partikulari l-ħidma preparatorja li tiżgura li tkun adottata deċiżjoni biex jitwaqqaf Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (EIT) matul l-2007; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta aktar kjarifiki dwar l-iffinanzjar ta' l-EIT u jistenna li l-iffinanzjar tiegħu ikun żgurat b'approprjazzjonijiet finanzjarji addizzjonali, u mhux bi tnaqqis ta' riżorsi finanzjarji ta' l-FP7; jistenna aktar informazzjoni dwar l-Aġenzija Eżekuttiva proposta għall-immaniġġjar ta' partijiet ta' l-FP7;

26. Jilqa' r-riżultat tat-Trijalogu li seħħ fis-7 ta' Marzu 2007 dwar l-iffinanzjar ta' l-Intrapriża Konġunta għall-ITER u dwar l-iżvilupp addizzjonali tal-proċedura previst mill-Punt 47 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006, bil-konklużjonijiet tiegħu li huma mehmużin bħala l-Anness I ma' din ir-riżoluzzjoni;

27. Jinsab imħasseb dwar il-"backloading" propost mill-Kummissjoni għal ħafna mill-programmi l-ġodda taħt l-intestatura 1a; iqis li dan ma jinkludix mod xieraq ta' programmar finanzjarju; jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovdi informazzjoni dwar l-effetti li dan l-eżerċizzju ta' back-loading għandu fuq il-programmi inklużi dawk li għalihom għadha ma ġietx adottata l-bażi legali u l-effetti fuq il-marġni disponibbli għas-snin li ġejjin; ifakkar lill-Kummissjoni li, skond il-punt 37 tat-IIA tas-17 ta' Mejju 2006, l-awtorità baġitarja u l-Kummissjoni jistgħu jitbiegħdu sa 5 % mill-ammont previst fl-att leġiżlattiv;

28. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea bil-għan li tinkiseb solidarjetà msaħħa u prosperità sabiex tiċċara l-intenzjonijiet tagħha rigward il-programm finanzjarju "Life long learning" u sabiex titratta dan bħala prijorità; iqis li żieda fir-riżorsi finanzjarji għal erba' aġenziji (ERA, EMSA, EASA, GSA) għandhom jevitaw kwalunkwe tnaqqis fil-programm finanzjarju TEN-T u għalhekk jitlob kjarifikazzjonijiet dwar kif il-Kummissjoni se tikkumpensa lill-programm TEN-T fis-snin li ġejjin, sabiex il-pakkett finanzjarju globali miftiehem għat-TEN-Ts fl-MFF jiġi implimentat;

29. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-2008 se tkun kruċjali għal politika Ewropea ta' koeżjoni peress li hija l-ewwel sena sħiħa ta' implimentazzjoni tal-programmi operattivi ġodda 2007-2013; għalhekk jittama li l-politika ta' koeżjoni tibqa' prijorità għaż-żewġ fergħat ta' l-awtorità baġitarja matul il-proċedura tal-baġit ta' l-2008;

30. Jieħu nota li l-Kummissjoni qed tipproponi li tnaqqas il-marġini għall-intestatura 2 b'żewġ miljun Euro (EUR 2 miljuni) sabiex tkopri attivitajiet addizzjonali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent; jinnota wkoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni taħt l-intestatura 3a li żżid l-approprjazzjonijiet għall-Frontex b'EUR 10 900 000 fl-2008 u li tinforza l-iffinanzjar għall-EUROJUST b'żieda ta' EUR 2 500 000 kull sena għall-perjodu mill-2008 sa l-2013; ifakkar lill-Kummissjoni li dawn iż-żidiet kollha għandu jkun hemm qbil dwarhom mill-Awtorità Baġitarja fi ħdan il-qafas tal-proċedura tal-baġit annwali u/jew mill-awtorità leġiżlattiva jekk hija timplika bidla fl-ammonti ta' referenza tal-programmi adottati;

31. Ifakkar lill-Kummissjoni li skond l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 ir-riżorsi finanzjarji kollha għall-oqsma ta' politika ta' l-ambjent ikunu kkonċentrati skond l-intestatura 2; jinnota li d-deċiżjoni IIA biex jitqassmu EUR 100 miljun addizzjonali għall-intestatura 2, li minnhom EUR 50 miljun qed ikunu riżervati għall-istrument finanzjarju ġdid għall-ambjent LIFE+; ifakkar li ftehima finali dwar il-LIFE+ għas-snin 2007-2013 intlaħqet fis-27 ta' Marzu 2007; jenfasizza l-importanza li jitħallew marġini suffiċjenti sakemm il-proċeduri leġiżlattivi pendenti kollha jintemmu;

32. Jistenna proposti preċiżi mill-Kummissjoni fir-rigward tar-reviżjoni fuq perjodu ta' żmien medju tal-politika agrikola komuni; għalhekk jitlob li jkun infurmat dwar l-arranġamenti għal u l-iskop tar-reviżjoni f'perjodu ta' żmien medju li l-Kummissjoni hija intenzjonata li twettaq bil-ħsieb li tanalizza r-riżultati tal-bidu tar-riforma ta' l-2003;

33. Jikkunsidra li l-għan prinċipali tal-politika għall-komunikazzjoni u l-informazzjoni hu li tinforma liċ-ċittadini ta' l-UE dwar l-azzjonijiet u l-programmi li twettaq l-UE u t-titjib iġġenerat matul l-aħħar snin; hu ta' l-opinjoni li l-kampanja għal prijoritajiet politiċi għandha tiġi definita fi stadju aktar tard tal-proċedura baġitarja u tqis il-prijoritajiet tal-Parlament u tiffoka fuq xi oqsma tal-politika li jiġu identifikati meta jsir l-ewwel qari;

34. Ifakkar li l-Istituzzjonijiet kollha għandhom id-dritt li jimplimentaw politika ta' komunikazzjoni bħala parti mill-awtonomija istituzzjonali tagħhom, kif stabbilita fl-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli tiddefendi, bħall-istituzzjonijiet l-oħrajn, l-awtonomija tagħha stess f'din il-kwistjoni; jirrikonoxxi l-ħtieġa għal koordinazzjoni tal-politiki ta' komunikazzjoni differenti implimentati mill-istituzzjonijiet fi ħdan il-grupp Interistituzzjonali dwar l-informazzjoni u l-komunikazzjoni; jistieden lill-grupp Interistituzzjonali biex jippreżenta pjan ta' ħidma aktar konkret u koordinat għall-2008 sa l-aħħar ta' Ottubru 2007; f'dan is-sens, jistieden lill-Kummissjoni biex tibqa' ambizzjuża fir-rigward tal-politika ta' komunikazzjoni tagħha lejn iċ-ċittadini, bil-ħsieb li l-2008 hija s-sena ta' qabel l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss, u l-ħtieġa biex tipprepara l-bażi għat-tnehdija mill-ġdid mistennija tar-riforma istituzzjonali;

35. Jinnota l-Prijoritajiet ta' Komunikazzjoni tal-Kummissjoni għall-2008 li mhux ser jibdlu l-ipprogrammar finanzjarju għall-intestatura 3b;

36. Iħaddan b'mod wiesa' l-għanijiet għal azzjonijiet esterni kif stipulati fl-APS, li ġew żviluppati fuq bażi ta' kontinwità, u li ser jiġu implimentati, għat-tieni sena, permezz ta' sett ġdid ta' strumenti esterni ta' l-UE adottati fl-2006; jenfasizza b'mod qawwi l-implimentazzjoni effettiva u r-rispett tad-drittijiet tal-Parlament fi ħdan dan il-qafas; jitlob li jkun hemm analiżi l-ewwel evalwazzjoni tat-tnehdija tiegħu diġà fit-tieni nofs ta' l-2007;

37. Jistenna b'ħerqa koperazzjoni bi skop mal-Kummissjoni fil-qafas ta' gruppi ta' ħidma li nħolqu mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u mill-Kumitat għall-Iżvilupp biex jimmoniterjaw l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni ta' l-istrumenti l-ġodda ta' assistenza esterna; jinnota l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu li hi maħsuba għall-mod kif ikunu qed jaħdmu l-istrumenti ta' assistenza esterna; itenni r-rieda tal-Parlament li jkun involut bis-sħiħ f'dan il-proċess;

38. Jenfasizza l-importanza tal-multilingwiżmu bħala parti fundamentali tal-wirt Ewropew, kif ukoll tal-ħtieġa għaċ-ċittadini li jkunu pprovduti b'informazzjoni f'ilsien twelidhom stess;

39. Jitlob li jkun hemm aktar tisħiħ tal-koperazzjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari dwar il-bidla fil-klima u l-migrazzjoni, b'impenji kontinwi sabiex jintlaħqu l-Objettivi għall-Iżvilupp tal-Millenju speċjalment rigward is-saħħa bażika u l-edukazzjoni bażika;

40. Jinnota l-kunċett tal-Kummissjoni ta' "projezzjoni esterna ta' prijoritajiet", bħall-Fond għall-Effiċjenza Globali ta' l-Enerġija u għall-Enerġija li Tiġġedded (Global Energy Efficiency Renewable Energy Fund — GEEREF) jew l-Alleanza tal-Politika Globali dwar il-Klima (Global Climate Policy Alliance), u l-fatt li dawn il-prijoritajiet ġodda fl-intestatura 4 jidher li għandhom bżonn rinfurzar ta' EUR 23 100 000 fl-2008; madankollu, jinsisti fuq ċarezza rigward l-oriġini ta' l-iffinanżjar propost għal kull azzjoni;

41. Jinnota li l-marġini ta' previżjoni ġenerali għall-intestatura 4 hu ta' EUR 334 miljun sabiex jippermetti rispons adegwat għal bżonnijiet futuri bħar-riżultati tan-negozjati dwar l-istejtus finali tal-Kosovo u l-proċess ta' paċi tal-Lvant Nofsani; jenfasizza bil-qawwi li dan l-marġini ta' EUR 334 miljun hu fil-fatt artifiċjalment għoli peress li fih EUR 200 miljun li originarjament kienu maħsuba għall-Fond ta' Garanzija għal self, li issa, għal raġunijiet tranżizzjonali, hemm bżonn li jkunu disponibbli biss mill-2009; għalhekk jenfasizza li EUR 200 miljun oħra jkunu disponibbli fl-2008 fuq bażi eċċezzjonali u jappella għal attenzjoni sabiex dawn ma jiġux allokati awtomatikament għal bżonnijiet fuq żmien itwal li imbagħad mhux neċessarjament ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati fi snin ta' wara;

42. Jinnota l-attenzjoni miżjuda fl-APS biex jintrabtu l-għanijiet esterni ma' dawk interni, u l-użu tal-fraži "koerenza sħiħa"; hu tal-parir li din il-kwistjoni jixirqilha aktar analiżi u spjegazzjoni mill-Kummissjoni, speċjalment meta waħda mill-kritiki ewlenin tal-politika ta' l-UE fil-passat kienet nuqqas allegat ta' koerenza bejn politiki esterni u interni; jirrimarka wkoll l-importanza ta' demokrazija u bidla pożittiva fil-pajjiżi u fir-reġjuni sħab;

43. Jinsisti li l-allokazzjonijiet tal-finanzjament fl-istrumenti kollha esterni u tat-tkabbir jirriflettu l-prijorità li tagħti l-UE lill-appoġġ għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-minoranzi;

44. Jinnota li l-Kummissjoni tippjana li tikkonkludi Ftehimiet Ekonomiċi ta' Sħubija (EPAs) ma' pajjiżi ta' l-ACP fl-2007; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipprovdu għajnuna addizzjonali biex jappoġġjaw lill-pajjiżi ta' l-ACP fil-perjodu ta' tranżizzjoni mir-reġim ta' kummerċ attwali sa l-EPAs;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

45. Jikkunsidra li s-sitwazzjoni li qed tevolvi b'mod mgħaġġel fil-qasam tal-Politika barranija u ta' Sigurtà Komuni jixirqilha skrutinju u koperazzjoni kontinwa bejn l-istituzzjonijiet; f'dan ir-rigward jirrimarka l-importanza li jorbot mat-twettiq sħiħ tad-dispożizzjonijiet tas-CFSP fl-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 u l-għodod provduti fih; jikkonsidra li l-politika barranija u r-riżorsi finanzjarji marbuta magħha li hemm bżonn, jistgħu jiġu biss assessjati kif suppost ladarba l-Kunsill ikun ikkonsulta lill-Parlament sal-15 ta' Ġunju 2007, dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tas-CFSP;

46. Jinnota l-proposta tal-Kummissjoni għall-allokazzjoni tar-riżorsi umani fl-2008, li tinkludi 890 post ġdid relatati ma' tkabbir riċenti; ifakkar li l-2008 hi s-sena finali tal-pjan tar-riżorsi umani relatat mat-tkabbir ta' l-2004, skond liema pjan 640 post ieħor kienu mitluba għall-2008; ifakkar ukoll li għall-2008 huma mitluba 250 post ġdid wara t-tkabbir tal-Bulgarija u tar-Rumanija, b'talba simili mistennija fl-2009; jinnota li 50 % biss tal-postijiet addizzjonali għall-2008 ser jiġu allokati għall-estensjoni ta' attivitajiet minħabba tkabbir riċenti; iqis li r-reviżjoni tal-Kummissjoni tar-riżorsi umani għandha tkun bi qbil ma' l-istrateġija ta' Regolamentazzjoni Aħjar mibdija fl-2006 waqt li tqis b'mod sħiħ il-ħtieġa għal implimentazzjoni xierqa u effiċjenti tal-programmi ġodda ta' nfiq għall-perjodu ta' programmar finanzjarju 2007-2013;

47. Jilqa' l-prinċipju ta' organizzazzjoni mill-ġdid ta' l-istaff skond il-prijoritajiet politiċi imma jikkonsidra li r-rata ta' organizzazzjoni mill-ġdid għandha tkun aktar ambizzjuża minn 1 %; ifakkar li din l-organizzazzjoni mill-ġdid trid tikkonsidra bi sħiħ il-prijoritajiet identifikati mill-Parlament; jistenna li l-Kummissjoni tieħu l-opportunità mill-eżerċizzju għaddej ta' skrinjar biex twettaq ċaqlieq sinifikattiv fil-prijorità għall-allokazzjoni ta' staff u l-proporzjon ta' nefqa ġenerali; se janalizza l-livell ta' ħtiġijiet ta' l-istaff tal-Kummissjoni fil-kuntest globali ta' l-intestatura 5 waqt il-proċedura annwali tal-baġit; jinnota l-organizzazzjoni mill-ġdid proposta mill-Kummissjoni ta' 565 membru ta' l-istaff, b'287 organizzati mill-ġdid bejn dipartimenti u 278 organizzati mill-ġdid fid-dipartimenti; jitlob lill-Kummissjoni biex tforni iktar informazzjoni dettaljata fil-PDB rigward l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' staff sabiex l-Parlament ikollu l-informazzjoni neċessarja biex jevalwa jekk il-mira ta' 1 % hijiex mira xierqa; jikkunsidra li l-ħolqien ta' sett ċentrali għall-organizzazzjoni mill-ġdid għandu jkun skond il-prinċipju tas-simplifikazzjoni amministrattiva, u provvista aħjar ta' programmi u azzjonijiet waqt li jevita piżijiet amministrattivi bla bżonn;

48. Jieħu nota tat-Trijalogu tat-18 ta' April 2007 u l-ftehima li ntlaħqet bejn it-tliet istituzzjonijiet dwar il-korpi Komunitarji li jaqgħu taħt l-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju; jilqa' l-attitudini pożittiva tal-Kunsill favur kontroll u evalwazzjoni aħjar ta' l-aġenziji; jisħaq dwar l-importanza tal-kwistjonijiet enfasizzati bħall-proporzjon tan-nefqa operattiva/amministrattiva, il-proċedura ta' kwittanza, l-analiżi, l-evalwazzjoni u l-effettività f'termini ta' spiża ta' l-aġenziji eżistenti, u l-importanza ta' progress ulterjuri fir-rigward il-proċedura taħt punt 47 tat-IIA tas-17 ta' Mejju 2006; jinnota li nstab li approċċ proċedurali, kif stipulat fid-dikjarazzjonijiet mehmuża bħala l-Anness II ma' din ir-riżoluzzjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, jippermetti trasferimenti urġenti favur it-Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri (RABIT); jenfasizza l-ħtieġa għal diskussjoni usa' dwar kwistjonijiet relatati mal-metodi ta' governanza tal-Kummissjoni b'rabta mar-riżultat ta' l-eżerċizzju ta' skrining tal-Kummissjoni li għandu jitlesta fl-24 ta' April 2007;

49. Iqis li dawn l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u għall-Kummerċ Internazzjonali jikkontribwixxu elementi importanti li għandhom jiġu kkunsidrati matul il-proċedura tal-baġit għall-2008;

*

* *

50. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

ANNESS I

TRILOGU 7 TA' MARZU 2007

Konklużjonijiet

Il-laqgħa trilogu kienet organizzata bl-applikazzjoni tal-punt 47 tal-Ftehima Interistituzzjonali (IIA) dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja tajba tas-17 ta' Mejju 2006.

Dawn il-konkluzjonijiet għandhom l-għan li jiżnu l-ftehima milħuqa mit-tliet istituzzjoniji.

1. L-Intrapriża konġunta għall-ITER

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ftehmu li:

— l-intrapriża konġunta għall-ITER għandha tkun ikkunsidrata bħala aġenzija tal-Komunità għall-iskop ta' l-applikazzjoni ta' punt 47 ta' l-IIA;

— il-Parlament Ewropew jista' jingħata r-responsabilità għall-kwittanza ta' l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-intrapriża konġunta ITER

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirrikonoxxu l-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-ITER li ġejja mis-7 Programm ta' Qafas għall-Euratom (€ 986 miljun [1] għal perjodu 2007-2011 bħala massimu) kif propost mill-Kummissjoni. Filwaqt li wieħed jinnota li l-proġett ITER huwa maħsub li jkompli sew wara l-2011, u l-ħtieġa li dan ikompli sa l-2041, l-ammonti korrispondenti għas-snin 2012 u 2013 huma previsti fil-programm finanzjarju. L-iffinanzjar futur se jkun parti mid-diskussjonijiet għall-qafas finanzjarju li jmiss.

2. Aġenziji

Bil-għan li jiġi ottimizzat l-iffunzjonar ta' aġenziji eżistenti u l-proċeduri applikabbli għall-holqien ta' aġenziji ġodda, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jagħmlu diskussjoni profonda b'mod partikolari dwar evalwazzjoni ddettaljata ta' l-ispiża-gwadann, li tinkludi l-ispejjeż amministrattivi, qabel it-twaqqif ta' aġenziji ġodda u l-implimentazzjoni tal-klawżoli ta' reviżjoni previsti fir-regolamenti speċifiċi ta' dawk eżistenti.

F'dan il-kuntest huma jesprimu r-rieda tagħhom li jaħdmu favur it-tkomplija u t-twessigħ tad-diskussjoni dwar iktar żvilupp tal-proċedura prevista f'Punt 47 ta' l-IIA.

Dawn id-diskussjonijiet se jkunu segwiti waqt it-Trilogi li jmiss; l-ewwel trilogu se jkun fit-18 ta' April 2007.

[1] minn indikazzjoni totali tal-kontribuzzjoni tal-baġit ta' l-UE għall-Intrapriża Konġunta għall-ITER u l-iżvilupp ta' l-enerġija ta' fużjoni ta' EUR 1 290 miljun.

ANNESS II

DIKJARAZZJONIJIET WARA T-TRIALOGU TAT-18 TA' APRIL 2007

1. Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġenziji Komunitarji

"1. Għal aktar ċarezza u trasparenza, iż-żewġ partijiet ta' l-awtorità tal-baġit tistieden lill-Kummissjoni sabiex kull sena, ma' l-Abbozz ta' Baġit Preliminari, tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-baġit li tkopri l-aġenziji eżistenti u futuri tal-Komunità, korpi oħra li jaqgħu taħt l-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju u l-aġenziji eżekuttivi. Din il-ħarsa ġenerali għandha tinkludi l-informazzjoni dwar il-baġit li tirrigwarda l-atti bażiċi, l-indikaturi prinċipali tal-baġit u n-numri ta' l-istaff u l-proporzjoni bejn l-ispiża ta' l-operat u l-ispiża amministrattiva.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

2. Iż-żewġ partijiet ta' l-awtorità tal-baġit ifakkru lill-Kummissjoni sabiex tapplika analiżi bir-reqqa tal-benefiċċji meta mqabbla man-nefqa u sabiex tirrispetta b'mod strett u trawwem il-proċedura maħsuba fil-Punt 47 tat-IIA qabel twaqqaf aġenziji ġodda.

3. F'dak li jirrigwarda l-agenziji deċentralizzati, iż-żewġ partijiet ta' l-awtorità tal-baġit ifakkru lid-Diretturi Eżekuttivi u lill-Bords ta' l-Immaniġġjar ta' dawk l-aġenziji dwar ir-responsabbilitajiet tagħhom li jippreżentaw talbiet għall-baġit realistiċi, konformi tal-bżonnijiet veri u jevitaw li jagħmlu baġit akbar milli meħtieġ.

4. Iż-żewġ partijiet ta' l-awtorità tal-baġit jistiednu lill-Kummissjoni sabiex tevalwa regolarment l-aġenziji eżistenti tal-Komunità, billi tiffoka partikularment fuq l-ispejjeż u l-benefiċċji tagħhom, u sabiex taqbel li tevalwa l-evalwazzjoni ta' l-analiżi magħmula mill-Kummissjoni għal numru magħżul ta' aġenziji. Il-kriterji għall-għażla ta' aġenziji li għandhom jiġu evalwati jistgħu ikunu qed jisbqu proporzjon definit bejn infiq operazzjonali u infiq amministrattiv, aġenziji li juru problemi speċifiċi fir-rapporti tal-Qorti ta' l-Awdituri u fil-proċedura ta' kwittanza. Ir-riżultati ta' dawn l-analiżi u l-possibilità li jsiru oħrajn minn istituzzjonijiet oħra, għandhom jiġu riveduti kull sena fit-Trialogu li jsir mhux aktar tard minn Ottubru.

5. Iż-żewg partijiet ta' l-awtorità tal-baġit jistiednu lill-Kummissjoni sabiex timplimenta klawżoli ta' reviżjoni maħsuba fir-regolament speċifiku tagħhom. L-awtorità tal-baġit għandha tevalwa jekk għandiex titkompla l-istrateġija eżistenti dwar l-aġenziji deċentralizzati.

6. Barra l-konklużjonijiet tat-Trialogu tas-7 ta' Marzu 2007 fid-dawl ta' aktar żvilupp tal-proċedura prevista fil-Punt 47 tat-IIA tas-17 ta' Mejju 2006, l-istituzzjonijiet jaqblu, fil-prinċipju, li jwaqqfu proċedura li timplimetna l-Punt 47 tat-IIA fil-qafas tat-Trialogi li ġejjin."

2. Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Frontex

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jisħqu li fil-każ ta' sitwazzjoni ta' pressjoni urġenti u eċċezzjonali fil-fruntiera esterna, li titlob l-intervent tat-Tim ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri (Rabit) u l-possibbilità ta' insuffiċjenza ta' mezzi finanzjarji fil-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Immaniġġjar tal-Koperazzjoni fl-Operat fil-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (Frontex) biex tagħmel dan, għandhom ikunu esplorati l-possibbilitajiet kollha sabiex jiġi żgurat il-finanzjament. Il-Kummissjoni għandha tivverifika b'uġenza estrema jekk hemmx possibilità li jsir tqassim mill-ġdid tal-fondi. Fil-każ li jun hemm bżonn ta' deċiżjoni dwar l-awtorità baġitarja, il-Kummissjoni għandha tibda proċess skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, jiġifieri l-Artikoli 23 u 24, sabiex tiżgura deċiżjoni fil-ħin taż-żewġ partijiet ta' l-awtorità tal-baġit dwar il-mezzi ta' provvista ta' aktar fondi għall-Frontex sabiex jiddaħħal fl-azzjoni t-Tim Rabit. L-awtorità tal-baġit timpenja ruħha li taġixxi mill-aktar fis possibbli, filwaqt li tqis l-urġenza."

P6_TA(2007)0132

Kwittanza 2005: Taqsima III — Il-Kummissjoni

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, Taqsima III — Kummissjoni (SEC (2006)0916 — C6-0263/2006 — 2006/2070(DEC)) (SEC(2006)0915 — C6-0262/2006 — 2006/2070(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2005 — Volum I (SEC(2006)0916 — C6-0263/2006, SEC(2006)0915 — C6-0262/2006) [2],

[1] ĠU L 60, 8.3.2005.
[2] ĠU C 264, 31.10.2006, p. 1.

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-awtorità ta' kwittanza dwar is-segwitu tad-deċiżjonijiet ta' kwittanza ta' l-2004 (COM(2006)0642, COM(2006)0641), u l-karta ta' ħidma ta' l-istaff tal-Kummissjoni — Anness tar-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar is-segwitu għad-deċiżjonijiet dwar kwittanza ta' l-2004 (SEC(2006)1376, SEC(2006)1377),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Il-Kisbiet tal-Politika 2005" (COM(2006)0124),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Sintesi tal-kisbiet amministrattivi tal-Kummissjoni fl-2005" (COM(2006)0277),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2005 (COM(2006)0279),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar ir-risposti ta' l-Istati Membri dwar ir-Rapport Annwali 2004 tal-Qorti ta' l-Awdituri (COM(2006)0184),

— wara li kkunsidra il-Green Paper dwar l-Inizjattiva Ewropea tat-Trasparenza adottata mill-Kummissjoni fit-3 ta' Mejju 2006 (COM(2006)0194),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-mudell ta' "verifika waħda" (u proposta għal qafas ta' kontroll intern Komunitarju) [1],

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjan direzzjonali għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2005)0252),

— wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2006)0009),

— wara li kkunsidra l-ewwel rapport dwar it-tabella tal-progress ta' l-applikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat ippubblikat fid-19 ta' Lulju 2006 (SEC(2006)1009),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat ta' l-Unjoni Ewropea tal-House of Lords bit-titolu "Immaniġġjar finanzjarju u l-Frodi fl-Unjoni Ewropea: Perċezzjonijiet, Fatti u Proposti", li ġie ppubblikat fit-13 ta' Novembru 2006,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005 [2], u r-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien mat-tweġibiet verifikati ta' l-istituzzjonijiet,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti ta' l-Awdituri skond l-Artikolu 248 tat-Trattat KE [3],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5710/2007 — C6-0081/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 274, 275 u 276 tat-Trattat KE u l-Artikoli 179a u 180b tat-Trattat Euratom,

[1] ĠU C 107, 30.4.2004, p. 1.
[2] ĠU C 263, 31.10.2006, p.1.
[3] ĠU C 263, 31.10.2006, p.10.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 4/2006 tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [2],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 70 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjonijiet tal-kumitati interessati l-oħra (A6-0095/2007),

A. billi skond l-Artikolu 274 tat-Trattat KE il-Kummissjoni timplimenta l-baġit taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, skond il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja soda,

1. Jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jistabbilixxi l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti ta' l-Awdituri u lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment, u lill-istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali ta' verifika ta' l-Istati Membri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
[2] ĠU C 273, 9.11.2006, p. 2.

2.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, Taqsima III — Kummissjoni (SEC(2006)0916 — C6-0263/2006 — 2006/2070(DEC)) (SEC(2006)0915 — C6-0262/2006 — 2006/2070(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2005 — Volum I (SEC(2006)0916 — C6-0263/2006, SEC(2006)0915 — C6-0262/2006) [2],

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-awtorità ta' kwittanza dwar is-segwitu tad-deċiżjonijiet ta' kwittanza ta' l-2004 (COM(2006)0642, COM(2006)0641), u l-karta ta' ħidma ta' l-istaff tal-Kummissjoni — Anness tar-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar is-segwitu għad-deċiżjonijiet dwar kwittanza ta' l-2004 (SEC(2006)1376, SEC(2006)1377),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Il-Kisbiet tal-Politika 2005" (COM(2006)0124),

[1] ĠU L 60, 8.3.2005.
[2] ĠU C 264, 31.10.2006, p. 1.

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Sintesi tal-kisbiet amministrattivi tal-Kummissjoni fl-2005" (COM(2006)0277),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2005 (COM(2006)0279),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar ir-risposti ta' l-Istati Membri dwar ir-Rapport Annwali 2004 tal-Qorti ta' l-Awdituri (COM(2006)0184),

— wara li kkunsidra il-Green Paper dwar l-Inizjattiva Ewropea tat-Trasparenza adottata mill-Kummissjoni fit-3 ta' Mejju 2006 (COM(2006)0194),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-mudell ta' "verifika waħda" (u proposta għal qafas ta' kontroll intern Komunitarju) [1],

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjan direzzjonali għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2005)0252),

— wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2006) 0009),

— wara li kkunsidra l-ewwel rapport dwar it-tabella tal-progress ta' l-applikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat ippubblikat fid-19 ta' Lulju 2006 (SEC(2006)1009),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat ta' l-Unjoni Ewropea tal-House of Lords bit-titolu "Immaniġġjar finanzjarju u l-Frodi fl-Unjoni Ewropea: Perċezzjonijiet, Fatti u Proposti", li ġie ppubblikat fit-13 ta' Novembru 2006,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005 [2], u r-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien mat-tweġibiet verifikati ta' l-istituzzjonijiet,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti ta' l-Awdituri skond l-Artikolu 248 tat-Trattat KE [3],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5710/2007 — C6-0081/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 274, 275 u 276 tat-Trattat KE u l-Artikoli 179a u 180b tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [4], u b'mod partikolari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 4/2006 tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [5],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 70 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjonijiet tal-kumitati interessati l-oħra (A6-0095/2007),

---

[1] ĠU C 107, 30.4.2004, p. 1.
[2] ĠU C 263, 31.10.2006, p.1.
[3] ĠU C 263, 31.10.2006, p.10.
[4] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
[5] ĠU C 273, 9.11.2006, p. 2.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

A. billi skond l-Artikolu 275 tat-Trattat KE il-Kummissjoni hi responsabbli mit-tfassil tal-kontijiet,

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti ta' l-Awdituri u lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment, u lill-istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali ta' verifika ta' l-Istati Membri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, Taqsima III — Kummissjoni (SEC(2006)0916 — C6-0263/2006 — 2006/2070(DEC)) (SEC(2006)0915 — C6-0262/2006 — 2006/2070(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2005 — Volum I (SEC(2006)0916 — C6-0263/2006, SEC(2006)0915 — C6-0262/2006) [2],

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-awtorità ta' kwittanza dwar is-segwitu tad-deċiżjonijiet ta' kwittanza ta' l-2004 (COM(2006)0642, COM(2006)0641), u l-karta ta' ħidma ta' l-istaff tal-Kummissjoni — Anness tar-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar is-segwitu għad-deċiżjonijiet dwar kwittanza ta' l-2004 (SEC(2006)1376, SEC(2006)1377),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Il-Kisbiet tal-Politika 2005" (COM (2006)0124),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Sintesi tal-kisbiet amministrattivi tal-Kummissjoni fl-2005" (COM(2006)0277),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2005 (COM(2006)0279),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar ir-risposti ta' l-Istati Membri dwar ir-Rapport Annwali 2004 tal-Qorti ta' l-Awdituri (COM(2006)0184),

— wara li kkunsidra il-Green Paper dwar l-Inizjattiva Ewropea tat-Trasparenza adottata mill-Kummissjoni fit-3 ta' Mejju 2006 (COM(2006)0194),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-mudell ta' "verifika waħda" (u proposta għal qafas ta' kontroll intern Komunitarju) [3],

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjan direzzjonali għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2005)0252),

---

[1] ĠU L 60, 8.3.2005.
[2] ĠU C 264, 31.10.2006, p. 1.
[3] ĠU C 107, 30.4.2004, p. 1.

— wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2006)0009),

— wara li kkunsidra l-ewwel rapport dwar it-tabella tal-progress ta' l-applikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat ippubblikat fid-19 ta' Lulju 2006 (SEC(2006)1009),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat ta' l-Unjoni Ewropea tal-House of Lords bit-titolu "Immaniġġjar finanzjarju u l-Frodi fl-Unjoni Ewropea: Perċezzjonijiet, Fatti u Proposti", li ġie ppubblikat fit-13 ta' Novembru 2006,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005 ([1]), u r-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien mat-tweġibiet verifikati ta' l-istituzzjonijiet,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti ta' l-Awdituri skond l-Artikolu 248 tat-Trattat KE ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5710/2007 — C6-0081/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 274, 275 u 276 tat-Trattat KE u l-Artikoli 179a u 180b tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikolari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 4/2006 tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 70 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjonijiet tal-kumitati interessati l-oħra (A6-0095/2007),

A. billi l-Artikolu 274 tat-Trattat KE jistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Komunità u din għandha timplimentah skond il-prinċipju ta' l-amministrazzjoni finanzjarja soda f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri,

B. billi l-aktar mod effettiv għall-Kummissjoni li turi l-impenn reali tagħha favur it-trasparenza u l-amministrazzjoni finanzjarja soda huwa billi tagħmel kull ma hu possibbli sabiex tappoġġja miżuri li l-għan tagħhom hu li jtejjbu l-kwalita' ta' amministrazzjoni finanzjarja sabiex tikseb dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni pożittiva (DAS — Taqsira tal-frażi bil-Franċiż "Déclaration d'assurance") mill-Qorti ta' l-Awdituri Ewropea,

C. billi t-titjib ta' l-amministrazzjoni finanzjarja fl-Unjoni jrid ikun appoġġjat u jingħata spinta minn monitoraġġ mill-qrib tal-progress fil-Kummissjoni u fl-Istati Membri,

D. billi l-implimentazzjoni tal-politiki ta' l-UE huma kkaratterizzati minn "tmexxija maqsuma" tal-baġit tal-Komunità bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri li jfisser li 80 % ta' l-ispejjeż tal-Komunità huma mmaniġġjati mill-Istati Membri,

([1]) ĠU C 263, 31.10.2006, p.1.
([2]) ĠU C 263, 31.10.2006, p.10.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
([4]) ĠU C 273, 9.11.2006, p. 2.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

E. billi l-Istati Membri ħadu f'idejhom il-kontroll tar-responsabbiltajiet marbuta mal-produzzjoni ta' informazzjoni finanzjarja u mar-rekwiżit, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tal-punt 44 tal-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda [1] (IIA), rigward sommarju tal-verifiki u tad-dikjarazzjonijiet disponibbli, għandhom jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għat-tmexxija mtejjba tal-baġit tal-Komunità, filwaqt li jiżguraw it-tlestija ta' qafas integrat ta' kontroll intern ta' l-UE u l-kisba ta' dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni pożittiva;

F. billi, fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-12 ta' April 2005 [2] u tas-27 ta' April 2006 [3] dwar il-kwittanzi 2003 u 2004 rispettivament, il-Parlament ippropona li kull Stat Membru jipprovdi dikjarazzjoni ex ante u dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni annwali ex post dwar l-użu tiegħu tal-finanzjament ta' l-UE,

G. billi, l-prinċipju ġenerali stabbilit mill-Parlament huwa li, skond it-Trattat KE, kemm ir-responsabbiltà finali għat-tmexxija tal-baġit tal-Komunità kif ukoll is-setgħat ta' l-Istati Membri biex jamministraw il-fondi disponibbli għalihom, ikunu osservati b'mod sħiħ,

H. billi l-Kunsill dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Novembru 2005, irrifjuta l-proposta tal-Parlament dwar id-dikjarazzjonijiet fuq livell nazzjonali [4],

I. billi fil-punt 44 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 jistqarr li l-awtoritajiet inkarigati mill-verifika tal-kontijiet fl-Istati Membri se jipproduċu evalwazzjoni dwar il-konformita' tas-sistemi tat-tmexxija u tal-kontroll mar-regolamenti tal-Komunità u li l-Istati Membri għalekk jimpenjaw ruħhom li jfasslu sommarju kull sena fil-livell nazzjonali xieraq tal-verifiki tal-kontijiet u tad-dikjarazzjonijiet disponibbli,

J. billi l-prinċipju ta' kontroll intern effikaċi jidher fost il-prinċipji baġitarji stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju minn meta ġie emendat mir-Regolament (KE, Euratom) nru 1995/2006, kif propost mill-Kummissjoni fil-pjan ta' azzjoni tagħha msemmi hawn fuq,

K. billi fil-punt 2.10 tar-rapport annwali tagħha għall-2005, il-Qorti ta' l-Awdituri enfasizzat, rigward l-istabbiliment ta' qafas ta' kontroll intern integrat, li, "wieħed mill-aktar objettivi importanti approvati mill-Kummissjoni huwa dak rapprezentat mill-proporzjonalità u l-effettivita' fl-infiq tal-kontrolli", u stqarret li f'dan il-kuntest, il-proċess tas-simplifikazzjoni (eż. użu ikbar tar-rata fissa u ta' pagamenti f'salt, regoli ssimplifikati dwar l-akkwist u l-għotjiet) u l-użu taċ-ċertifikati tal-verifika u tad-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni minn terzi responsabbli mill-ħidmiet għal-implimentazzjoni tal-baġit jistgħu jkollhom sehem sinifikanti,

L. billi l-Kunsill dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tat-8 ta' Novembru 2005 msemmi hawn fuq ikkunsidra fil-konklużjonijiet tiegħu hawn fuq imsemmija kien ta l-opinjoni li l-introduzzjoni ta' kontroll intern integrat kif ukoll is-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli għal kontrolli kienet ta' importanza fundamentali wkoll u talab sabiex "il-Kummissjoni tevalwa l-ispejjeż tal-kontrolli għal kull kategorija ta' spejjeż" (paragrafu 5),

M. billi l-ħidma tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit inġenerali u l-proċedura ta' kwittanza, b'mod partikolari, jiffurmaw il-proċess maħsub biex: (1) jistabbilixxi r-responsabbiltà sħiħa mill-Kummissjoni kollha kemm hi, mill-Kummissarji individwali kif ukoll mill-parteċipanti ewlenin importanti għat-tmexxija finanzjarja ta' l-Unjoni Ewropea skond it-Trattat, (2) jimplimenta proċedura annwali xierqa għal dan il-għan li tippermetti lill-Parlament ikollu relazzjoni diretta mal-partijiet interessati responsabbli minn din it-tmexxija; u (3) itejjeb it-tmexxija finanzjarja fl-UE skond ir-riżultati ta' verifika mill-Qorti ta' l-Awdituri u b'ħekk toħloq bażi aktar soda għat-teħid tad-deċiżjonijiet,

N. billi il-Kumitat tal-Baġits tiegħu għandu jqis ir-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tal-kwittanza ta' l-2005 waqt il-proċedura baġitarja li jmiss,

O. billi b'sentenza tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili tat-13 ta' Diċembru 2006 fil-Każ F-17/05 *Carvalho*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Settembru 2004 biex ittawwal l-invaliditá ġiet annullata,

---

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[2] ĠU L 196, 27.7.2005, p. 1.
[3] ĠU L 340, 6.12.2006, p. 5.
[4] Ara d-dokument tal-Kunsill 14138/05.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

KWISTJONIJIET ORIZZONTALI

Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

Affidabilità tal-kontijiet

1. Jinnota li, b'xi eċċezzjonijiet li ssir riferenza għalihom fl-osservazzjonijiet tagħha, il-Qorti hi tal-fehma li l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tal-Komunitajiet fil-31 ta' Diċembru 2005, kif ukoll ir-riżultati ta' l-operat u l-flussi ta' likwidita' għas-sena finanzjarja li ntemmet (Kapitolu 1, Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, paragrafi V sa VIII); jitlob lill-Qorti għal rimarki ulterjuri, fir-rapporti annwali futuri, dwar l-oqsma tal-politika u l-Istati Membri li jkunu affettwati b'mod partikolari;

2. Jilqa' b'mod partikolari l-isforzi li saru mill-Kummissjoni sabiex tkun adottata l-kontabilità għas-sena finanzjarja sa l-iskadenzi fir-Regolament Finanzjarju għall-produzzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji;

3. Jiddikjara, madanakollu, li hu mħasseb dwar l-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar l-iżbalji fl-ammonti reġistrati fis-sistema ta' kontabilità (estimi żejda tal-kontijiet pagabbli u ta' l-ammont totali tal-finanzjamenti minn qabel kemm għal tul ta' żmien twil kif ukoll għal tul ta' żmien qasir) u ta' żbalji fis-sistemi ta' kontabilità lokali ta' *xi* direttorati ġenerali;

4. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi urġenti sabiex tikkoreġi n-nuqqasijiet innutati mill-Qorti sabiex ikun evitat li dawn in-nuqqasijiet ma jaffetwawx l-affidabilità tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' l-2006;

5. Jilqa' l-fatt li, wara talbiet ripetuti mill-Parlament, l-Artikolu 61 ġdid tar-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi li l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni jiffirma l-kontijiet kollha u għandu l-poter li jivverifika l-informazzjoni rċevuta u jagħmel osservazzjonijiet; jisħaq li jeħtieġ li l-Uffiċjal tal-Kontabilità b'mod ċar jingħata s-setgħa li jesegwixxi din ir-responsabbiltà, b'mod partikolari fejn jidħlu l-kontrolli; jistieden lill-Kummissjoni biex tgħarraf lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit dwar liema tibdiliet organizzattivi tkun għamlet jew tkun qed tippjana li tagħmel sabiex tippermetti lill-uffiċjal tal-kontabilità jwettaq dmirijietu skond l-Artikolu 61 il-ġdid;

6. Jinnota li, b'riżultat tar-riżoluzzjoni ta' kwittanza ta' l-2004, il-Kummissjoni ressqet informazzjoni dwar il-kontijiet mhux magħrufa; jiddipjaċih dwar il-fatt li l-informazzjoni imressqa għadha m'għamilx it-tranżazzjonijiet permezz ta' dawk il-kontijiet trasparenti; jinnota li jkun xieraq li l-fondi kkreditati lill-kontijiet ikunu ttrasferiti lura lejn il-baġit bħala dħul ieħor; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex tispjega għaliex il-kontijiet tat-tħaddim tas-supermarkets "Economat" imħaddma barra mill-baġit għadhom ma ddaħħlux fil-baġit;

7. Jiddispjaċih li, kif innotat il-Qorti ta' l-Awdituri fil-paragrafu 1.49 tar-rapport annwali tagħha għall-2005, l-uffiċjal ta' kontabilità ma osservax għal kollox ir-Regoli ta' Kontabilità Nri 2 u 12 f'dak li jirrigwarda l-istruttura ġdida, il-preżentazzjoni tal-karta tal-bilanċ u t-trattament rivedut tar-responsabbiltajiet tal-Komunitajiet rigward il-pensjonijiet**;** jinnota li l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni rreveda r-Regoli tal-Kontabilità Nri 2 u 12 f'Ottubru 2006;

8. Juri tħassib li l-Qorti qed tinnota żbalji fl-ammonti tal-finanzjamenti minn qabel irrekordjati u jistieden lill-Kummissjoni tieħu passi urġenti sabiex tirrimedja dawn in-nuqqasijiet bil-għan li l-kontijiet jirriflettu l-pożizzjoni finanzjarja tal-Komunita' bl-iktar mod preċiż possibbli; ifakkar lill-Kummissjoni bl-impenn tagħha sabiex kull sitt xhur tagħti lill-awtorità baġitarja rapport dwar it-tmexxija tal-finanzjamenti minn qabel;

Amministrazzjoni baġitarja

9. Juri tħassib għaż-żieda mġedda ta' impenji pendenti u jitlob rata ogħla ta' utilizazzjoni fit-tliet snin li ġejjin;

10. Jindika li l-maġġoranza tal-kanċellazzjonijiet skond ir-regola sena n+2 huma marbuta mal-Fond Soċjali Ewropew (ESF); Jappella lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li talbiet għal pagamenti jitressqu lill-Kummissjoni aktar malajr peress li l-miżuri ffinanzjati mill-ESF huma maħsuba biex itejbu l-impjegabilità u jagħtu spinta lir-riżorsi umani u huma kruċjali għall-kisba ta' l-għanijiet ta' Liżbona; rata bil-mod ta' utilizzazzjoni hi ta' tħassib kbir b'mod partikolari fid-dawl ta' Fond Ewropew għall-Globalizzazzjoni u l-objettiv ta' dan il-Fond;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

11. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tqis kif xieraq il-benefiċjarji li japplikaw għal ammont relattivament żgħir għal proġetti jew organizzazzjonijiet, li, minħabba il-kobor tagħhom, ma jifilħux jimpjegaw esperti għall-verifika u l-evalwazzjoni neċessarja, sabiex jintlaħaq il-bilanċ ġust bejn l-ispejjeż tal-proġett u l-ispejjeż u ix-xogħol ta' verifika u rappurtar;

Legalità ta' l-operazzjonijiet sottostanti

12. Jinnota li l-osservazzjonijiet tal-Qorti li f'oqsma li fihom il-Qorti applikat sistemi ta' superviżjoni u ta' kontroll xierqa, ma saru l-ebda konklużjonijiet sinifikanti rigward il-legalita' u r-regolarjeta' tat-tranżazzjonijiet sottostanti (Kapitolu 1, Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, punt IX);

13. Jiddeplora madankollu l-fatt illi, f'oqsma importanti ħafna ta' nefqa tal-Komunita' (infiq taħt il-CAP li mhuwiex soġġett għas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (IACS), Fondi Strutturali, politiki interni, azzjonijiet esterni, Sapard), il-Qorti tinnota illi s-sistemi ta' superviżjoni u ta' kontroll għandhom jitejjbu, peress illi għad hemm nuqqasijiet li ma jippermettux li jkun hemm DAS pożittiva f'dawn l-oqsma (Kapitolu 1, Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, paragrafi IX sa XI);

14. Jesprimi tħassib kbir minħabba n-numru kbir ta' żbalji misjuba mill-Qorti f'dak li għandu x'jaqsam mat-tranżazzjonijiet fil-livell tal-benefiċjarju aħħari u jinnota li, fejn ikun hemm arranġament ta' amministrazzjoni maqsuma, ir-responsabilità għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' l-iżbalji fil-livell tal-benefiċjarju aħħari jaqgħu fuq l-Istati Membri filwaqt li fl-istess ħin il-Kummissjoni hija responsabbli għall-għoti ta linji gwida ċari, effiċjenti u effettivi lill-Istati Membri dwar kif jipprevenju, jiddentifikaw u jikkoreġu dawn l-iżbalji;

15. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb is-superviżjoni tal-kontrolli ddelegati lill-Istati Membri; jinsisti li f'każ fejn is-sistemi ta' kontroll ta' l-Istati Membri xorta waħda ma jkunux biżżejjed ikun xieraq li l-Kummissjoni timponi skadenzi ċari u tapplika sanzjonijiet fejn dawk l-iskandenzi ma jiġux rispettati;

16. Jikkunsidra li l-kwistjoni ewlenija li għandha tiġi indirizzata fir-rigward tad-DAS hija jekk is-sistemi ta' superviżjoni u ta' kontroll humiex qegħdin jiġu applikati sew fil-livell Komunitarju u f'dak nazzjonali, u jekk jiżgurawx il-legalità u tar-regolarità ta' l-operazzjonijiet sottostanti;

17. Jaħseb illi, min dan l-aspett, il-verifika tal-Qorti ser tippermetti li jiġi identifikat is-sors tan-nuqqasijiet li nstabu u ser tikkontribwixxi sabiex il-limiti jiġu korretti b'mod iktar effikaċi milli sempliċement permezz ta' l-indikazzjoni ta' l-iżbalji fit-tranżazzjonijiet;

18. Jilqa' l-approċċ tad-DAS rivedut li l-Qorti bdiet tintroduċi fl-2002, u partikularment l-aħħar bidla approvata fi Frar 2006 [1], li se tiġi implimentata għall-ewwel darba fir-rapport annwali tagħha għall-2006;

Dikjarazzjonijiet ta' amministrazzjoni nazzjonali

19. Ifakkar illi, bi qbil ma' l-Artikolu 274 tat-Trattat KE, kull Stat Membru għandu jerfa' kompletament ir-responsabbiltajiet tiegħu fil-qasam ta' l-amministrazzjoni, u għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiġi minimizzat kemm jista' jkun ir-riskju ta' żbalji fit-tranżazzjonijiet sottostanti;

20. Jilqa' bħala l-ewwel pass lejn id-dikjarazzjonijiet ta' amministrazzjoni nazzjonali, il-ftehim li ntlaħaq fl-IIA li l-Istati Membri jridu jipprovdu sommarju annwali tal-verifiki u tad-dikjarazzjonijiet disponibbli;

21. Jindika l-ħtieġa urġenti li tiġi introdotta dikjarazzjoni nazzjonali fil-livell politiku xieraq, illi tkopri l-fondi Komunitarji kollha fl-arranġament ta' amministrazzjoni mqassma, hekk kif ippropona l-Parlament fir-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza tiegħu għall-2003 u l-2004;

22. Jenfasizza l-importanza ta' pjan ta' azzjoni għal qafas ta' verifika interna integrata u jappoġġja bis-sħiħ il-proposta fformulata mill-Kummissjoni fl-azzjoni 5 tal-pjan ta' azzjoni msemmi, li jgħid illi "l-Istati Membri għandhom jaħtru korp ta' koordinazzjoni nazzjonali" għal kull politika Komunitarja, li għandha tagħti ħarsa ġenerali lejn l-assigurazzjoni disponibbli f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-azzjonijiet Komunitarji amministrati minn kull Stat Membru;

[1] Paragrafu 1.59 tar-rapport annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri għall-2005.

23. Ifakkar illi huma l-Istati u mhux ir-reġjuni li huma membri ta' l-UE, u li għalhekk ma jqisx bħala aċċettabbli illi Stat Membru jirrifjuta d-dikjarazzjonijiet nazzjonali minħabba l-organizzazzjoni territorjali tiegħu, u jqis li kull Stat Membru għandu jkun jista' jerfa' r-responsabbiltà għall-immaniġġjar tal-fondi ta' l-UE li jkun irċieva, jew permezz ta' dikjarazzjoni ta' amministrazzjoni nazzjonali waħda jew fis-sura ta' diversi dikjarazzjonijiet fi ħdan qafas nazzjonali;

24. Hu ta' l-opinjoni li d-dikjarazzjonijiet ta' amministrazzjoni nazzjonali, li jistgħu jieħdu l-forma li jinkludu diversi dikjarazzjonijiet f'qafas nazzjonali, aktar milli waħda waħedha, sabiex jiġu rikonoxxuti s-sistemi politiċi federali u deċentralizzati li jeżistu f'xi Stati Membri, kif irrimarkat fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2006 dwar dikjarazzjonijiet ta' amministrazzjoni nazzjonali [1], żgur itejjbu l-kwalità tas-sistemi nazzjonali ta' superviżjoni u ta' kontroll korrispondenti, u, mingħajr ma jkunu ta' detriment għall-indipendenza tal-Qorti ta' l-Awdituri, jistgħu jagħmluha aktar faċli li tinkiseb DAS pożittiva minnha, peress li dikjarazzjonijiet ta' dan it-tip jiffurmaw element vitali biex jinkiseb qafas ta' verifika interna integrata għall-UE, u fihom infushom ikunu fattur importanti biex tinkiseb DAS pożittiva;

25. Jilqa' b'sodisfazzjon kbir l-inizjattiva ta' l-Olanda, li l-gvern tagħha approva l-adozzjoni ta' dikjarazzjoni nazzjonali dwar l-amministrazzjoni tal-fondi Komunitarji bażata fuq sottodikjarazzjonijiet li jkopru d-diversi oqsma ta' nfiq u li se tiġi ffirmata f'isem il-gvern Olandiż mill-Ministru tal-Finanzi bħala l-awtorità finali;

26. Jilqa' wkoll id-deċiżjoni tar-Renju Unit u ta' l-Iżvezja illi jieħdu miżuri bil-ħsieb li jintroduċu dikjarazzjonijiet nazzjonali dwar l-amministrazzjoni tal-fondi Komunitarji, li fil-każ tar-Renju Unit b'dispożizzjoni li saret sabiex id-dikjarazzjoni tiġi ffirmata minn uffiċjal anzjan bl-awtorità xierqa fil-qasam rilevanti; jagħmel osservazzjoni wkoll li l-korp nazzjonali tal-verifika Daniża għandha tagħti opinjoni ta' verifika dwar il-ġestjoni tal-fondi Komunitarji taħt amministrazzjoni mqassma;

27. Juri t-tħassib tiegħu li, minkejja dawn l-inizjattivi favur id-dikjarazzjonijiet nazzjonali, il-maġġoranza ta' l-Istati Membri qed jirreżistu l-introduzzjoni tagħhom;

28. Jistieden madankollu lill-Kummissjoni sabiex qabel tmiem l-2007 tippreżenta proposta ta' dikjarazzjoni (ta' l-amministrazzjoni) nazzjonali lill-Kunsill, li tkopri t-totalità tal-fondi Komunitarji fl-amministrazzjoni mqassma, u li għandha tkun ibbażata fuq sottodikjarazzjonijiet tad-diversi korpi nazzjonali ta' immaniġġjar ta' l-infiq; huwa tal-fehma li hemm bżonn li jkun hemm approċċ komuni biex jiġu implimentati u jinbnew id-dikjarazzjonijiet nazzjonali, biex jitwettqu skond l-istess prinċipji, u jekk ikun possibbli li jiggarantixxi l-parteċipazzjoni ta' korpi nazzjonali tal-verifika, sabiex wieħed jiggarantixxi li d-dikjarazzjoni nazzjonali tkun ta' valur għall-Kummissjoni u għall-Qorti ta' l-Awdituri;

29. Jistieden lill-Kunsill sabiex bla telf ta' żmien jiftaħ mill-ġdid id-dibattitu dwar il-kwistjoni;

30. Jistieden lill-parlamenti nazzjonali (partikularment lill-kumitati nazzjonali inkarigati mill-kontroll tal-finanzi pubbliċi u lill-kumitati tal-Konferenza tal-Kumitati Speċjalizzati fl-Affarijiet Komunitarji u Ewropej tal-Parlamenti ta' l-Unjoni Ewropea (COSAC)) sabiex jiddiskutu l-introduzzjoni tad-dikjarazzjonijiet nazzjonali u sabiex jgħarrfu lill-kamra dwar ir-riżultat ta' din id-diskussjoni;

Punt 44 ta' l-IIA

31. Jenfasizza li l-punt 44 ta' l-IIA jirrikjedi li l-awtoritajiet rilevanti inkarigati mill-verifika tal-kontijiet fl-Istati Membri jipproduċu evalwazzjoni dwar il-konformità tas-sistemi ta' amministrazzjoni u kontroll mar-regolamenti tal-Komunità, u li l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li kull sena, fil-livell nazzjonali xieraq, jipproduċu sommarju annwali tal-verifiki u tad-dikjarazzjonijiet disponibbli;

32. Huwa ta' l-opinjoni li l-awtoritajiet inkarigati mill-verifika tal-kontijiet imsemmija fil-punt 44 ta' l-IIA għandhom jerfgħu din ir-responsabiltà ġdida għall-użu lokali tal-fondi ta' l-UE u li dan il-kontroll fuq skala nazzjonali għandha tifrex il-bażi għat-tfassil tad-dikjarazzjonijiet ta' amministrazzjoni nazzjonali mill-awtoritajiet nazzjonali;

33. Jenfasizza li dan hu l-unika mod sabiex id-dikjarazzjonijiet ta' amministrazzjoni nazzjonali se jkollhom verament valur, u li fil-fehma tal-Parlament, għandhom jikkostitwixxu garanzija reali li s-sistemi nazzjonali ta' superviżjoni u ta' kontroll qed jaħdmu kif suppost;

[1] ĠU C 288 E, 25.11.2006, p. 83.

34. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex titlob lill-Istati Membri għall-informazzjoni msemmija fil-punt 44 ta' l-IIA u sabiex, fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, tfassal dokument li, għal kull Stat Membru, janalizza n-nuqqasijiet u l-setgħat tas-sistemi nazzjonali ta' tmexxija u ta' kontroll tal-fondi Komunitarji kif ukoll ir-riżultati tal-verifiki tal-kontijiet li jitwettqu, u sabiex tgħaddi dan id-dokument lill-Parlament u lill-Kunsill;

35. Jaħseb illi jkun utli ħafna li, fuq il-bażi ta' dan id-dokument finali elaborat mill-Kummissjoni, il-Kunsill dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji iwettaq analiżi komparattiva u jorganizza dibattitu dwar kemm is-sistemi użati mill-Istati Membri huma xierqa sabiex jiżguraw il-kontroll tal-fondi li jirċievu mill-baġit Komunitarju;

Sospensjoni tal-pagamenti u korrezzjonijiet finanzjarji

36. Ifakkar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ġunju 2005 rigward pjan ta' ħidma għal qafas ta' verifika interna integrata (COM(2005)0252), li l-punt B tagħha jgħid illi "meta Stat Membru jonqos milli jindirizza b'mod adegwat ir-riskji ta' żball, il-Kummissjoni għandha tipproteġi l-baġit tal-KE billi tapplika d-dispożizzjonijiet eżistenti għas-sospensjoni tal-pagamenti u l-korrezzjonijiet finanzjarji";

Sospensjoni tal-pagamenti

37. Jappoġġja bis-sħiħ lill-Kummissjoni fl-applikazzjoni b'mod rigoruż tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tas-sospensjoni tal-pagamenti u jilqa' bi pjaċir l-azzjonijiet li ttieħdu diġà sabiex ma jiġux trasferiti fondi meta l-Kummissjoni ma jkollhiex garanzija assoluta rigward l-affidabilità tas-sistemi ta' tmexxija u ta' verifika ta' l-Istat Membru benefiċjarju tal-fondi kkonċernati;

38. Jemmen li, f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżervi rikorrenti relatati ma' programmi ta' nfiq ta' Stat Membru partikolari, is-sospensjoni tal-pagamenti bħala mezz ta' pressjoni se tikkontribwixxi għaż-żieda ta' l-involviment ta' l-Istati Membri fl-użu korrett tal-fondi Komunitarji miksuba;

39. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tissemplifika r-regoli u sabiex tapplika l-leġiżlazzjoni eżistenti fil-qasam tas-sospensjoni tal-pagamenti meta dan ikun neċessarju u sabiex tinforma lill-Kunsill, lill-Parlament u lill-Qorti ta' l-Awdituri fi żmien utli dwar dawn is-sospensjonijiet ta' pagamenti u dwar ir-riżultati tagħhom;

40. Jinsisti li jkun xieraq li l-ħlasijiet ikunu sospiżi għal kollox jew parzjalment f'każ fejn Stati Membri ma jkunux qed jikkonformaw mar-rekwiżiti bażiċi, bħal fil-każ tas-sistema IACS fil-Greċja, fejn l-awtoritajiet Griegi ma jirrimedjawx il-problemi eżistenti fil-limiti taż-żmien stipulati, kif skedat mill-pjan ta' ħidma adottat b'mod konġunt li l-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Griegi għal sistema IACS li tiffunzjona b'mod sħiħ;

41. Iqis li jekk l-Istati Membri individwali jkunu jistgħu japplikaw standards ta' kontroll differenti dan ikun ta' ħsara għad-dehra ta' l-UE;

Korrezzjonijiet finanzjarji fil-programmi plurijennali

42. Iqis li, f'dak li għand x'jaqsam ma' l-amministrazzjoni mqassma jew deċentralizzata, il-Kummissjoni għandha tapplika bis-sħiħ l-Artikolu 53(5) tar-Regolament Finanzjarju li jgħid li għandha tieħu r-responsabbiltà aħħarija fl-eżekuzzjoni tal-baġit bi qbil ma' l-Artikolu 274 tat-Trattat permezz ta' "proċeduri ta' approvazzjoni tal-kontijiet jew ta' mekkaniżmi ta' korrezzjonijiet finanzjarji";

43. Jenfasizza illi, ladarba titqies in-natura plurijennali ta' l-infiq fil-programmi Komunitarji, huwa biss fi tmiem iċ-ċiklu plurijennali li l-Kummissjoni tkun tista' twettaq l-applikazzjoni ta' dawk il-"proċeduri ta' approvazzjoni tal-kontijiet jew ta' mekkaniżmi ta' korrezzjonijiet finanzjarji", li l-għan tagħhom huwa li jiġu kkorreġuti *a posteriori* l-iżbalji li jinstabu, jekk tkun disponibbli dokumentazzjoni komprensiva b'mod ċar dwar l-implimentazzjoni tal-programmi; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jsiru korrezjonijiet finanzjarji hekk kif l-Istati Membri jsibu irregolaritajiet mhux korretti, mingħajr ma wieħed jistenna li jasal it-tmiem taċ-ċiklu plurijennali;

44. Jinnota bi tħassib il-fatt li l-Qorti hija kritika ħafna dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji applikati mill-Kummissjoni, li ma "tiżgurax il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni bikrija ta' l-iżbalji", ma jqisux b'mod xieraq in-nuqqasijiet li jinstabu fl-operazzjonijiet ta' bażi, jiġifieri fil-livell tal-benefiċjarju aħħari, u "ma jħajrux lill-Istati Membri sabiex jieħdu azzjonijiet għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet jew għat-titjib tas-sistemi tagħhom ta' tmexxija u ta' kontroll" (paragrafi 1.64 u 6.35 tar-rapport annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri);

45. Jindika illi l-objettiv tad-deċiżjonijiet u l-miżuri korrettivi finali [1] u li jeskludu l-finanzjament Komunitarju mill-infiq li ma twettaqx b'konformità mar-regoli Komunitarja u li dawn id-deċiżjonijiet, li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni, għandhom jikkostitwixxu strument importanti tas-sistemi ta' kontroll u ta' monitoraġġ;

46. Jinnota illi l-effett tal-miżuri korrettivi finali, f'każ li ma jiġux applikati direttament għall-operazzjonijiet fil-livell tal-benefiċjarju aħħari, għandhom effett fil-prattika, hekk kif tikkonstata l-Qorti, li titrasferixxi l-piż ta' l-operazzjonijiet illegali u irregolari tal-baġit Komunitarju fuq il-kontribwenti nazzjonali kollha u mhux fuq il-benefiċjarju aħħari li jkun għamel l-iżball (punt 1.65 tar-rapport annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri); jinnota li dawn il-korezzjonijiet, b'hekk, għandhom biss effett preventiv u deterrent limitat fuq il-benefiċjarji u fuq l-amministraturi;

47. Jenfasizza għalhekk l-importanza li l-Istati Membri jkollhom sistemi adegwati sabiex tittejjeb il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' l-iżbalji fil-livell tal-benefiċjarju aħħari, u b'hekk titnaqqas il-ħtieġa sabiex il-Kummissjoni tapplika miżuri korettivi finali;

48. Jinnota li, b'riżultat tal-prinċipju ta' l-użu effiċjenti u effettiv ta' l-approprjazzjonijiet, għandu jkun hemm irkupru effettiv; huwa tal-fehma li rkupru mtejjeb jagħti prova ta' l-effettività tal-pieni ta' l-UE u jkompli jagħti spinta lill-kredibilità ta' l-istituzzjonijiet Ewropej;

49. Jinnota li rkupru effettiv ji sta' jseħħ biss permezz ta' l-aġenziji ta' infurzar ta' l-Istati Membri li huma responsabbli mill-infurzar; għaldaqstant jitlob, fir-rigward ta' l-irkupru, biex jitqiesu l-ispejjeż ta' l-Istati Membri għall-aġenziji ta' infurzar tagħhom;

50. Jinsab konvint li titjib fir-rata ta' l-irkupru jista' jinkiseb billi jinkixfu l-identitajiet ta' debituri li jkunu nstabu responsabbli mill-qrati, u li ma jistgħux jappellaw aktar, iżda ma jridux iħallsu;

51. Jikkonkludi illi, quddiem il-kritiki serji tal-Qorti, il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, għandha tieħu l-miżuri kollha adegwati sabiex l-ewwel nett ma jsirux żbalji u irregolaritajiet u jiddipjaċih li mid-dehra l-Kummissjoni għamlet iktar enfasi fuq il-mekkaniżmi ta' korrezjoni finanzjarja finali li, kif tinnota l-Qorti, għandhom dgħjufijiet serji u "ma jistgħux jitqiesu bħala mekkaniżmi li permezz tagħhom jiġu żgurati l-prevenzjoni u l-iskoperta bikrija u l-korrezjoni ta' l-iżbalji" (paragrafu 1.64 tar-rapport annwali tal-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri);

52. Jiddispjaċih dwar il-kritika tal-Kummissjoni kontra l-Qorti ta' l-Awdituri f'dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri ta' korrezzjoni finanzjarji mwettqa mill-Kummissjoni fl-2005, li ġie evidenzjat b'mod partikolari matul il-preżentazzjoni tar-rapport annwali tal-Qorti lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, fit-23 ta' Ottubru 2006, minħabba li l-fiduċja taċ-ċittadini fil-kapaċità ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej li jiffunzjonaw hija msejsa, *inter alia*, fuq l-indipendenza garantita tal-Qorti ta' l-Awdituri bħala korp ta' verifika esterna;

53. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta lill-Parlament, kif ukoll lill-Qorti, ta' l-Awdituri definizzjoni espliċita tan-nozzjonijiet differenti koperti mill-espressjoni "mekkaniżmi ta' korrezzjoni finanzjarja" u l-ammonti tal-korrezzjonijiet li twettqu realment fl-2005;

54. Jitlob illi fil-ġejjieni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali li jagħti f'dettall l-ammont li hu involut effettivament fil-korrezzjonijiet finanzjarji;

---

[1] Likwidazzjoni tal-kontijiet għall-EAGGF (Garanzija), għeluq tal-programmi operazzjonali tal-Fondi Strutturali u tlestija tal-verifiki relatati mat-tmexxija deċentralizzata ta' l-azzjonijiet esterni;.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

Sistema ta' verifika interna tal-Kummissjoni

Il-pjan ta' azzjoni għal qafas ta' verifika interna integrata

55. Jilqa' l-adozzjoni min-naħa tal-Kummissjoni, fis-17 ta' Jannar 2006, ta' komunikazzjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri bl-isem ta' "Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni lejn Qafas ta' Kontroll Intern Integrat" (COM(2006)0009 u SEC(2006)0049), li tistabbilixxi 16-il azzjoni konkreta li għandhom jitwettqu bil-għan li jitwaqqaf qafas ta' kontroll intern iktar effikaċi għall-fondi ta' l-UE;

56. Jilqa' l-ewwel tabella tal-progress ta' kull sitt xhur ippreżentata mill-Kummissjoni fid-19 ta' Lulju 2006 (SEC(2006)1001) dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni msemmi hawn fuq, bi qbil mat-talba fformulata mill-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-kwittanza 2004; jistenna li t-tieni tabella tal-progress ta' kull sitt xhur se tasal għand il-Parlament qabel l-1 ta' Jannar 2008;

57. Jiddeplora madankollu l-fatt illi, skond ir-rapport imsemmi, ċerti azzjonijiet lanqas biss inbdew u diġà hemm ammont ta' dewmien fuq il-kalendarju previst, partikularment f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Azzjonijiet 7, 9 u 10 [1];

Rapport bejn l-ispejjeż u l-effikaċja — Analiżi ta' l-ekwilibriju eżistenti bejn l-ispejjeż operazzjonali u l-ispejjeż tas-sistemi ta' kontroll — Rata ta' żbalji jew riskju ta' żbalji aċċettabbli

58. Jenfasizza illi, fir-rapport annwali tagħha għall-2005, il-Qorti ta' l-Awdituri qalet, rigward ta' l-istabbiliment tal-qafas ta' verifika interna integrata, li, "wieħed mill-objettivi l-aktar importanti approvat mill-Kummissjoni huwa rappreżentat mill-proporzjonalità u l-effettivita' fl0infiq tal-kontrolli" (paragrafi 2.9 u 2.10);

59. Ifakkar ukoll li l-Kunsill dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tat-8 ta' Novembru 2005, kif imsemmi hawn fuq, għamel enfasi kbira fuq il-ħtieġa li tiġi implimentata prattika ta' verifika interna integrata u ddikjara: "Il-Kunsill jemmen, bi qbil ma' l-opinjoni tal-Qorti nru. 2/2004, li għandu jasal għal fehim mal-Parlament Ewropew fir-rigward tar-riskji li jistgħu jiġu ttollerati fl-operazzjonijiet ta' bażi, ladarba wieħed iqis l-ispejjeż u tal-vantaġġi tal-kontrolli fil-qafas tad-diversi politiki u ta' l-ammont ta' spejjeż ikkonċernati,"; jistenna li l-Kunsill jaġixxi mill-ewwel dwar id-deċiżjoni tiegħu stess;

60. Ifakkar l-Azzjoni 4 tal-pjan ta' azzjoni msemmi hawn fuq li, bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament, jipproponi li "jingħata bidu għal djalogu interistituzzjonali dwar ir-riskji li jistgħu jiġu ttollerati fit-tranżazzjonijiet ta' bażi";

61. Ifakkar ukoll l-Azzjoni 10, li għandha l-għan li twettaq "analiżi ta' l-ispejjeż tal-kontrolli", — peress li "huwa neċessarju li jintlaħaq ekwilibriju xieraq bejn l-ispejjeż u l-vantaġġi tal-kontrolli" — u li jiddikjara li r-riżultati tagħha għandhom ikunu ppreżentati fil-bidu tas-sena 2007, iżda jinnota li din l-azzjoni għandha bilkemm inbdiet;

62. Jisħaq, f'dan il-kuntest, l-importanza ta' l-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri rigward il-Mudell Uniku tal-Verifika, b'mod speċifiku fir-rigward tal-ħtieġa li wieħed jiżgura l-koinċidenza bejn il-livell ta' l-awtorità li tilleġiżla, tiffinanzja u tibbenefika mill-kontrolli (punt 24) fir-rigward tal-proporzjonalità bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli (punt 25) u t-trasparenza tal-kontrolli (punt 26);

63. Jiftiehem flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, fl-Opinjoni Nru 4/2006 tagħha, jiddispjaċih li r-relazzjoni bejn il-livell ta' riskju tollerabbli u l-ekwilibriju bejn l-ispejjeż u l-vantaġġi tal-kontrolli ma ġietx stabbilita u li, għalkemm jikkostitwixxi nozzjoni fundamentali f'qafas ta' kontroll interna integrata, għadu ma ġiex iċċarat kif għandu jiġi stabbilit każ ta' "livell ta' riskju tollerabbli";

64. Iqis għalhekk illi l-Kummissjoni, fir-rispett tal-prinċipji tal-proporzjonalità u ta' l-ispejjeż/effikaċja tas-sistemi ta' kontroll, għandha tevalwa r-relazzjoni eżistenti, minn banda, bejn ir-riżorsi li hija għandha għal kull politika partikolari, u mill-banda l-oħra, il-parti tar-riżorsi li hija timpjega fis-sistemi ta' kontroll skond il-qasam ta' nfiq u r-riżorsi eventwalment mitlufa minħabba żbalji hekk mikxufa;

[1] Azzjoni 7: *Promozzjoni ta' l-aħjar prattiki għat-titjib tar-rapport tal-vantaġġi meta mqabbla ma' l-ispejjeż tal-verifiki fil-livell tal-proġetti;* Azzjoni 9: *Promozzjoni ta' l-approċċ ta' verifika waħda;* Azzjoni 10: *Twettiq ta' stima inizjali u ta' analiżi ta' l-ispejjeż tal-kontrolli.*

65. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel pubbliċi għal kollox il-metodi li tuża biex tiddetermina r-rati ta' l-iżbalji, u jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni biex taħdem għal djalogu interistituzzjonali dwar il-metodoloġija tal-verifika;

66. Huwa tal-fehma li huwa essenzjali għall-Kummissjoni li jkollha pjan direzzjonali kredibbli sabiex tikseb dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni pożittiva;

67. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex twettaq b'mod effettiv din l-analiżi kumparattiva, li hija l-unika bażi li tippermetti li jiġi stabbilit "livell ta' riskju aċċettabli", u li tgħaddi din l-analiżi lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Qorti ta' l-Awdituri bi qbil mat-talba tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji;

68. Jemmen illi l-proporzjon eżistenti ta' l-ispejjeż meta mqabbla mal-vantaġġi bejn ir-riżorsi użati fl-attivitajiet ta' kontroll u r-riżultat ta' dawn il-kontrolli għandha tkun element fundamentali li għandu jitqies meta l-Qorti ta' l-Awdituri tkun qed telabora d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni;

Responsabbiltà politika u responsabbiltà amministrattiva tal-Kummissjoni

69. Jisħaq illi l-kontenut ta' informazzjon fir-rapporti annwali ta' attività tas-servizzi huwa ta' xkiel għal din il-proċedura; jinsab imħasseb meta jibqa' jaqra d-dikjarazzjonijiet tal-Qorti illi jgħidu li xi wħud minn dawn ir-rapporti għadhom ma jipprovdux elementi ta' prova biżżejjed għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha (paragrafi 2.15, 2.18 u 2.19 tar-rapport annwali 2005);

70. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tara li dawn ir-rapporti annwali ta' attività u d-dikjarazzjonijiet annessi magħhom jittrattaw iktar fil-fond — fejn ikun possibbli fil-livell ta' l-Istati Membri individwali — l-evalwazzjoni tas-sistemi eżistenti, in-nuqqasijiet misjuba u l-impatti finanzjarji tagħhom;

71. Jitlob mill-ġdid lill-Kummissjoni illi, waqt li jkun qed telabora r-rapporti ta' sinteżi, tiżgura li s-Segretarju Ġenerali tagħha jfassal dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni li tinkludi referenza rigward id-dikjarazzjonijiet ta' kull wieħed mid-Diretturi Ġenerali, sabiex juri biċ-ċar l-għajnuna li huma jagħtu lill-Kummissarji fl-adozzjoni ta' dak ir-rapport;

Il-parteċipazzjoni tal-membri tal-Kummissjoni

72. Jenfasizza l-importanza ta' l-opinjoni espressa mill-awditur intern tal-Kummissjoni fir-rapport annwali tiegħu dwar il-verifiki interni skond liema rapport "il-parteċipazzjoni sħiħa tal-Kummissarji fl-evalwazzjoni tar-riskji politiċi tippermetti trattament globali aħjar tar-riskji u bħala konsegwenza ttejjeb it-tfassil, l-allokazzjoni tar-riżorsi u t-twettiq ta' l-objettivi politiċi" ([1]);

73. Jinnota l-kritika li l-Kummissarji m'humiex involuti għal kollox; jitlob lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi l-azzjonijiet li se jkunu meħtieġa sabiex tkun garantita din il-parteċipazzjoni sħiħa tal-Kummissarji, kif jixtieq l-awditur, u sabiex tikkjarifika, fl-istess ħin, ir-relazzjoni bejn id-diretturi ġenerali u l-Kummissarji, u jitlobha wkoll sabiex tagħti informazzjoni kompluta lill-Parlament;

74. Huwa ddispjaċut dwar id-differenza fil-kwalità tal-preżentazzjoni mill-Kummissarji fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu u jesprimi t-tama tiegħu li dan ma jirriflettix l-importanza li l-Kummissarji individwali jagħtu lill-ġestjoni finanzjarja tajba fil-qasam ta' kompetenza tagħhom; jinsisti li, ħlief għal xi eċċezzjonijiet, il-Kummissarji huma meħtieġa li jkunu ppreparati aħjar għal seduti ta' smiegħ rigward il-proċedura ta' kwittanza ta' l-2006;

Etika

75. Jilqa' bil-qalb l-Inizjattiva Ewropea tal-Kummissjonii fil-qasam ta' Trasparenza, imsemmija hawn fuq, fejn qed tipproponi li tvara "dibattitu ma' l-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra dwar ir-regoli u l-istandards ta' professjonalita? etika ta' min ikollu kariga pubblika fl-istituzzjonijiet Ewropej"; jitlob li d-dibattitu jiġi varat malajr sabiex kwalunkwe miżura meħtieġa ssir effettiva fil-bidu tal-mandat il-ġdid tal-Parlament f'Ġunju 2009 u tal-mandat il-ġdid tal-Kummissjoni f'Novembru 2009;

([1]) Rapport annwali għall-2005 ta' l-awdituri interni lill-awtorita' ta' kwittanza (Artikolu 86.4 tar-Regolament Finanzjarju) (COM(2006)0279), punt 2.1, p. 4.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

76. Jappoġġja l-idea ta' diskussjoni ta' dan it-tip u jitlob lill-Kummissjoni biex timla l-vojt li hemm bħalissa u biex tiżgura li l-kodiċi ta' kondotta li jorbot tal-Kummissarji jinkorpora r-regoli etiċi meħtieġa u l-linji gwida prinċipali li l-Kummissarji huma mistennija li josservaw fil-qadi ta' dmirijiethom, b'mod partikolari meta jaħtru l-kollegi, speċjalment fi ħdan il-"kabinetti" tagħhom;

77. Jistieden lill-Kummissjoni biex fil-qafas ta' l-inizjattiva għat-Trasparenza, tagħti l-attenzjoni xierqa, u tipproponi soluzzjonijiet, rigward il-fatt li għadd sostanzjali ta' individwi li kienu jew huma membri ta' l-istaff f'karigi għolja u b'pożizzjonijiet sensittivi telqu mill-Kummissjoni, xi drabi fuq lif mingħajr ħlas, biex ingħaqdu ma' lobbisti u ma' uffiċċji ta' avukati li, ngħidu aħna, jirrappreżentaw klijenti li jkunu jew taħt investigazzjoni mid-DĠ Kompetizzjoni jew qed jappellaw mill-multi li jkunu ġew imposti fuqhom;

Trasparenza

78. Jilqa l-inizjattiva tal-Kummissjoni għat-trasparenza u jistenna li din twassal għal azzjoni prattika u għal inizjattivi leġiżlattivi li, imbagħad, jirriżultaw fi trasparenza fl-użu u fil-ġestjoni tal-fondi ta' l-UE; jistenna lill-Istati Membri li jappoġġjaw din l-inizjattiva importanti billi jiżguraw li min-naħa tagħhom huma jkunu trasparenti għal kollox fl-użu tagħhom tal-fondi ta' l-UE;

79. Jistenna li l-Amministrazzjoni tiegħu — b'kollaborazzjoni mal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit — ikun involut fid-deliberazzjonijiet ulterjuri għat-tfassil ta' l-inizjattivi leġiżlattivi speċifiċi;

80. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni biex tagħmel l-almu kollu tagħha sabiex tinkuraġġixxi lill-Istati Membri biex jippermettu l-aċċess pubbliku għal informazzjoni rigward il-proġetti u r-riċevituri tal-fondi kollha ta' l-UE li huma suġġetti għal ġestjoni konġunta;

81. Jistenna li tinħoloq sistema sempliċi u trasparenti biex wieħed jikseb aċċess għal din l-informazzjoni kollha permezz ta' sit fuq l-internet li jkun ċentrali u aċċessibbli faċilment;

82. Jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-fondi mħallsa taħt l-iskemi Komunitarji għall-għajnuna għall-biedja issa jsiru pubbliċi;

83. Jistenna li l-Kummissjoni, kemm ji sta' jkun malajr, tagħti istruzzjonijiet lill-Istati Membri biex jistandardizzaw it-tagħrif li għandu x'jaqsam mal-finanzjament għall-biedja u li jitqiegħed fuq l-internet, sabiex ikun ji sta' jitqabbel bejn l-Istati Membri;

84. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni rrikonoxxiet il-ħtieġa li tippermetti l-aċċess għat-tagħrif dwar id-diversi forom ta' gruppi ta' esperti li tuża f'xogħlha;

85. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni biex tikkompleta l-proċess tal-kisba ta' trasparenza ikbar billi tippermetti aċċess faċli għat-tagħrif dwar min ikun rappreżentat f'dawn il-gruppi u xi jkunu l-biċċiet ta' xogħol li jkollhom f'idejhom;

86. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippubblika l-ismijiet ta' dawk il-persuni li jieħdu sehem f'dawn il-gruppi, u l-ismijiet tal-konsulenti speċjali li l-Kummissarji individwali u/jew id-Direttorati Ġenerali u/jew "il-kabinetti" jkunu qabbdu;

KWISTJONIJIET SETTORJALI

Dħul

87. Jilqa' l-fatt li fil-monitoraġġ tal-Qorti ma nstabux irregolaritajiet sinifkanti rigward il-ħlasijiet li jikkorrespondu mar-riżorsi proprji tal-VAT u tal-GNI.

VAT

88. Jiddispjaċih dwar ir-referenza tal-Qorti għaż-żieda fin-numru ta' riżervi pendenti li jikkonċernaw iddikjarazzjonijiet tal-VAT ta' l-Istati Membri fl-2005 u n-nuqqas ta' strumenti effikaċi li jippermettu li jkun żgurat li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni adegwata sabiex il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar it-tneħħija jew le tar-riżervi (minn paragrafi 4.13 sa 4.15 tar-rapport annwali);

89. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra din il-kwistjoni ma' l-Istati Membri fil-qafas tal-laqgħat perjodiċi tal-kumitat ta' konsulenza dwar ir-riżorsi proprji sabiex tinforma l-kumitat parlamentari kompetenti dwar il-miżuri adottati jew li jridu jiġu adottati bil-għan ewlieni li jiġu eliminati r-riżervi;

GNI

90. Jiddispjaċih li, fir-rapport annwali tal-Qorti ta' l-2005, il-Kummissjoni għadha mhijiex qed timmonitorja l-kontijiet nazzjonali ta' bażi sew, u li l-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni, bħala parti mis-sistema ta' monitoraġġ u kontroll, ġew limitati għall-kontroll ta' dokumenti (paragrafu 4.16);

91. Barra minn hekk jinnota li skond il-Qorti, mill-2005 daħlu fis-seħħ regoli ġodda dwar l-allokazzjoni ta' Servizzi ta' Intermedjazzjoni Finanzjarja Mkejla b'Mod Indirett, adottati lura fl-2002 li, skond l-Eurostat, se jwasslu għal żieda sinifikanti fil-GNI; jiddispjaċih dwar il-fatt li s'issa l-Kummissjoni għadha ma resqitx proposta lill-Kunsill biex tapplika dawn il-modifiki fil-kalkolu tar-riżorsi proprji (paragrafi 4.20 u 4.21);

92. Jiddiżapprova l-fatt li, fil-każ tas-Servizzi ta' Intermedjazzjoni Finanzjarja Mkejla b'Mod Indirett, evidentement il-Kummissjoni qed timxi b'mod differenti minn kif imxiet biex iddaħħlu l-attivitajiet illegali fil-GNI (paragrafu 4.19), li huma inklużi fil-kalkolu tar-riżorsi proprji għalkemm mhix żgurata l-applikazzjoni uniformi min-naħa ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni għaldaqstant innotifikat riservi li jagħmluha possibbli li wieħed jaġġusta l-figuri b'mod retrospettiv;

93. Jassumi li s-Servizzi ta' Intermedjazzjoni Finanzjarja Mkejla b'Mod Indirett allokati se jkunu awtomatikament inklużi fid-deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji, għall-finijiet tar-riżorsi proprji tal-GNI ġaladarba, fil-proposta tagħha għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (COM (2006)0099), il-Kummissjoni ma daħħlet l-ebda riserva li tillimita f'dak ir-rigward;

94. Jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni, bħala kwistjoni urġenti, sabiex tirrimedja n-nuqqasijiet li ġew identifikati mill-Qorti;

Il-politika agrikola komuni

95. Jilqa' bil-qalb il-fatt li l-Qorti rrikonoxxiet li l-IACS, jekk tiġi applikata sew, hija sistema effettiva ta' monitoraġġ sabiex tillimita r-riskju ta' żbalji u ta' nfiq irregolari;

96. Huwa mħasseb, madankollu, dwar il-kritika kontinwa mill-Qorti dwar il-proċeduri kurrenti fl-għeluq ta' kontijiet tas-CAP (rapporti minn korpi ta' ċertifikazzjoni u deċiżjonijiet ta' konformita), proċeduri li, skond il-Qorti, mhumiex imfassla biex jiżguraw li l-ħidmiet f'forma ta' ħlasijiet lil benefiċjarji aħħara (bdiewa u operaturi) huma legali u regolari;

97. Jerġa jtenni li l-koperazzjoni ta' l-Istati Membri mal-Kummissjoni biex tingħata l-assigurazzjoni tal-legalità u tar-regolarità ta' l-operazzjonijiet fil-livell tal-benefiċjarji finali hija indispensabbli u jħeġġeġ bi ħġaru lill-Kummissjoni biex tintensifika l-kontrolli ta' wara għall-pagamenti u biex tgħasses li tirkupra l-pagamenti irregolari;

98. Jiddispjaċih li l-Qorti kompliet issib problemi fl-implimentazzjoni ta' l-IACS fil-Greċja, jappoġġja bis-sħiħ il-pjan ta' azzjoni li l-Kummissjoni qed titlob mill-awtoritajiet Griegi (li jinvolvi skadenzi speċifiċi u objettivi mfassla biex jikkoreġu l-iżbalji), u jappoġġja wkoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni (kif ġie spjegat lill-kumitat kompetenti) li tiżgura li l-leġiżlazzjoni attwali dwar is-sospensjoni ta' ħlasijiet tiġi strettament rinfurzata jekk il-Gvern Grieg ma jirranġax il-problemi eżistenti fil-perjodu ta' żmien stipulat;

99. Jieħu nota tal-problemi attwali li nstabu fl-implimentazzjoni ta' l-IACS fl-Istati Membri l-ġodda li ġew verifikati mill-Qorti (pajjiżi illi għad għandhom sistemi li wieħed ma jistax joqgħod fuqhom), u jitlob lill-Kummissjoni u lil dawk l-Istati Membri biex jagħmlu dak kollu li jistgħu sabiex jirrimedjaw id-dgħjufijiet li nstabu;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

100. Jinnota wkoll in-nuqqasijiet serji li ġew rapportati mill-Qorti fil-kontrolli relatati ma' l-iżvilupp rurali, mar-rimborsi esterni u speċjalment fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa fi Spanja, fil-Greċja u fl-Italja, u jitlob lill-Kummissjoni biex, qabel tmiem l-2007, teffettwa kontrolli aktar stretti f'dawk l-oqsma u biex qabel il-proċedura tal-kwittanza ta' l-2006 tgħarraf lill-Parlament dwar ir-riżultati ta' dawn il-kontrolli; jinnota li l-għażliet rigward l-implimentazzjoni tar-riformi ta' dan l-aħħar tal-qasam taż-żejt taż-żebbuġa, flimkien ma' l-iżvilupp u t-tħaddim sħaħ tas-sistemi agrikoli tat-tagħrif disponibbli għall-Istati Membri produtturi, jimminimizzaw kwalunkwe riskju ta' irregularitajiet fejn tidħol l-għajnuna fornuta skond l-organizzazzjoni komuni tas-suq;

101. Japprova l-korrezzjonijiet finanzjarji adottati mill-Kummissjoni fis-settur relatat ma' l-għajnuna fil-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa bil-ħsieb li jitnaqqas id-dannu lill-baġit tal-Kummissjoni, u jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar is-simplifikazzjoni ta' l-iskema;

Miżuri strutturali, Impjiegi u Affarijiet Soċjali

102. Huwa partikolarment sodisfatt li, b'konnessjoni ma' l-Inizjattiva Ewropea tat-Trasparenza, u konformi mar-regoli l-ġodda dwar il-Fondi Strutturali għall-perjodu 2007-2013, l-Istati Membri se jkunu mitluba jipprovdu informazzjoni rigward il-benefiċjarji tal-fondi tal-Komunita u l-Kummissjoni se tkun mitluba tippubblika din l-informazzjoni; Jistieden lill-Kummissjoni biex tippubblika din l-informazzjoni kollha dwar il-benefiċjarji mill-politiki l-oħra kollha ta' l-Unjoni b'tali mod li tkun faċilment aċċessibbli, inkluż għall-pubbliku in ġenerali, u biex tiżgura li din l-informazzjoni minn Stati Membri differenti tkun tista' tiġi mqabbla;

103. Jinnota u jilqa' l-fatt li, skond ir-regoli l-ġodda hawn fuq imsemmija li jirregolaw il-Fondi Strutturali għall-perjodu 2007-2013, il-Kummissjoni mhux se tirrimborsa nfiq sakemm ma kinetx irċeviet minn qabel dikjarazzjoni bil-miktub minn korp indipendenti li tiċċertifika li jeżistu amministrazzjoni nazzjonali u sistemi ta' kontroll f'konformità mar-regoli Komunitarji ([1]);

104. Jiddispjaċih għall-fatt li għal sena oħra l-Qorti sabet nuqqasijiet fis-sistemi ta' kontroll ta' l-Istati Membri u numru sinifikattiv ta' żbalji li jirrendu d-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq finali ta' l-Istati Membri anqas affidabbli (paragrafi 6.26 u 6.29 tar-rapport annwali); jiddispjaċih ukoll għall-fatt li, skond il-Qorti, il-Kummissjoni ma tissorveljax b'mod effettiv il-verifiki li jiġu delegati lill-Istati Membri u jistieden lill-Kummissjoni biex tirrimedja dan in-nuqqas bħala kwistjoni ta' urġenza;

105. Ifakkar li, għal skopijiet ta' tmexxija finanzjarja tajba u d-DAS, il-kwistjoni prinċipali mhijiex l-iżbalji li nstabu iżda l-eżistenza ta' sistemi ta' sorveljanza adegwati li jippermettu lill-Kummissjoni sabiex twettaq kontroll xieraq tar-riskji għall-baġit Komunitarju u sabiex tagħmel il-korrezzjonijiet finanzjarji neċessarji;

106. Jiddispjaċih li f'numru żgħir ta' Stati Membri għadhom jeżistu problemi li jwasslu għal riżervi rikorrenti, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja mill-viċin l-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, sabiex tiżgura li din l-azzjoni hija adegwata u sabiex żżomm infurmat b'mod preċiż lill-kumitat kompetenti tal-Parlament rigward il-progress li jkun sar;

107. Jiddispjaċih ukoll li, skond il-Qorti, l-Istati Membri ma kkonformawx b'mod korrett mar-rekwiżit li jipprovdu informazzjoni fuq bażi sistematika li huma mitluba jressqu perjodikament lill-Kummissjoni rigward kanċellazzjonijiet u ammonti rkuprati (paragrafu 6.36 tar-Rapport Annwali);

108. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel dak kollu li huwa fis-setgħa tagħha sabiex tiżgura li l-Istati Membri jikkonformaw b'mod korrett mar-rekwiżit hawn fuq imsemmi li jipprovdu informazzjoni, u biex ma jsir l-ebda ħlas sakemm l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri jipprovdu l-informazzjoni mitluba;

109. Jinnota li bejn l-2004 u l-2006, il-Kummissjoni ħadet azzjoni sabiex tissospendi, fuq bażi temporanja, il-ħlasijiet ta' l-ERDF u l-ESF lil ċerti Stati Membri fejn kien hemm żbalji li wasslu għal riżervi rikorrenti, u jappoġġja din l-azzjoni;

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, Artikolu 71 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

110. Jitlob lill-Kummissjoni — b'konformita ma' dak li huwa stipulat fil-paragrafi 38 u l-paragrafi l-oħra ta' warajh ta' din ir-Riżoluzzjoni u minħabba n-nuqqas ta' garanziji minn Stat Membru wieħed — sabiex tapplika r-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sospensjoni ta' ħlasijiet [1] fil-kapaċita tagħha bħala korp illi huwa finalment responsabbli mit-tmexxija finanzjarja soda tal-fondi Komunitarji;

Politiki interni

111. Jiddispjaċih li, skond il-Qorti, fil-qasam ta' tmexxija diretta mill-Kummissjoni għad hemm l-istess problemi li kien hemm fi snin ta' qabel (żbalji fir-rimbors ta' spejjeż, kumplessita? tar-regoli applikabbli u nuqqas ta' sistema penali effettiva), u jitlob lill-Kummissjoni biex tissokta bl-isforzi tagħha biex tissimplifika u tkompli tiċċara r-regoli għal programmi bl-ispejjeż maqsuma, bmod partikolari fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-ħinijiet li tkun proporzjonata ma l-isforz li jsir għad-dokumentazzjoni (ir-rapport annwali tal-Qorti ta l-Awdituri għall-2005, paragrafu 7.29), biex tagħmel l-aħjar li tista', fi djalogu adattat mar-riċevituri ta' l-assistenza finanzjarja, sabiex tikkjarifika r-regoli, il-manwali u l-forom applikabbli u sabiex tiżgura li s-sistema penali eżistenti tiġi applikata b'mod effettiv u xieraq kull meta jkun meħtieġ (fejn hu xieraq, billi tipproponi l-bidliet neċessarji sabiex tagħmel din is-sistema aktar effettiva), u, minbarra dan, biex ittejjeb l-ambitu u l-kwalità, kif ukoll is-segwitu tal-verifiki tas-sistemi ta' l-aġenziji nazzjonali permezz ta' tagħrif imtejjeb u ta' tpartit reċiproku (ir-rapport annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri għall-2005, paragrafu 7.29, u l-emenda tal-Parlament għall-Artikolu 35a (ġdid) tar-regoli riformati għal-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju [2]; jistieden lill-Kummissjoni biex tispjega lill-awtorità baġitarja, f'sensiela ta' miżuri speċifiċi, kif hi għandha l-ħsieb li fil-mandat kurrenti tagħha tikseb dikjarazzjoni ta assigurazzjoni mingħajr kundizzjonijiet fil-qasam ta l-amministrazzjoni diretta;

Trasport u Turiżmu

112. Jinnota li fil-baġit 2005 kif ġie finalment adottat u emendat matul is-sena, ġie inkluż għall-politika tat-trasport total ta' EUR 917 200 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u kien hemm disponibbli EUR 931 800 000 f'approprjazzjonijiet ta' ħlas; jinnota wkoll li minn dawn it-totali:

— EUR 671 400 000 kienu disponibbli f'approprjazzjonijiet ta' impenn għan-Netwerks Transewropej tat-Trasport (TEN-T) u EUR 749 900 000 f'approprjazzjonijiet ta' pagament,

— EUR 15 900 000 kienu disponibbli f'impenji u EUR 18 100 000 fi ħlas għas-sikurezza tat-trasport,

— EUR 30 500 000 kienu disponibbli għall-programm Marco Polo u EUR 8 200 000 fi ħlas,

— EUR 69 000 000 kienu disponibbli f'impenji u EUR 62 000 000 fi ħlas għall-aġenziji tat-trasport,

113. Jilqa' r-rati kontinwament għoljin ta' utilizzazzjoni kemm ta' approprjazzjonijiet ta' impenji u kemm ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti għall-proġetti tat-TEN, li t-tnejn laħqu kważi 100 % iżda jesprimi dispjaċir li, minkejja dan, l-implimentazzjoni ta' proġetti għadha qed tkun bil-mod u mhix sodisfaċenti għalkemm it-tlestija ta' l-infrastuttura ta' tat-trasport normalment tieħu diversi snin;

114. Jesprimi t-tħassib tiegħu li għall-proġetti kollha l-limitu ta' kontribuzzjoni ta' l-UE ma kienx ċar għaliex ir-Regolament Finanzjarju ma jispeċifikax jekk il-limitu ta' 10 % ta' l-iffinanzjar ta' l-UE tapplikax għall-ispiża s'issa jew għat-total antiċipat ta' l-ispiża tal-proġett; jinnota li dan wassal għar-rimarka tal-Qorti ta' l-Awdituri li kien hemm infieq żejjed ta' EUR146 miljun; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni issa adottat pożizzjoni ċara u jaqbel li limiti ta' persentaġġi għandhom jiġu kkalkulati bħala persentaġġi ta' l-ispejjeż finali tal-proġett;

115. Jilqa' l-fatt li d-DĠ TREN issa qed jivverifika 49 % tan-nefqa totali tal-proġetti TEN-T, iżda jitlob li dan il-progress jiġi appoġġjat minn verifika ta' 20 % tal-proġetti kollha;

116. Jesprimi tħassib dwar ir-rata ta' żball misjuba għall-kuntratti ta' riċerka fil-qasam tat-trasport, li hija 'l fuq mill-medja tar-rata ta' żball, u jitlob għal azzjoni ta' rimedju f'dan il-qasam; jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri sabiex terġa' teżamina dan fir-Rapport Annwali ta' l-2006;

[1] L-Artikolu 106(4), tar-regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli settorjali speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 38(5) u l-Artikolu 39(2) tar-Regolament (KE) 1260/1999.

[2] Ara *Testi Adottati* tat-13.2.2007, P6_TA(2007)0027, emenda 10.

117. Jinnota bi ħassib li r-rata ta' utilizzazzjoni ta' pagamenti għas-sikurezza tat-trasport kienet ta' 74 % ta' l-approprjazzjonijiet disponibbli; jinsab ukoll imħasseb li r-rata ta' utilizzazzjoni ta' l-approporjazzjonijiet tal-pagamenti Marco Polo kienet ta' 53 %; huwa tal-fehma li dawn ir-rati ta' utilizzazzjoni għal objettiv prinċipali identifikat fil-White Paper dwar it-Trasport, huma kompletament inaċċettabbli, partikolarment it-tnaqqis qawwi fl-utilizzazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament;

118. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tibgħat lill-Parlament u lill-Kunsill kull sena deskrizzjoni aktar dettaljata tan-nefqa għal kull linja baġitarja kkomparata mall-kummenti magħmula fir-rigward ta' fik il-linja;

Ambjent, Saħħa Pubblika u Sikurezza ta' l-Ikel

119. Jikkunsidra r-rati komplessivi ta' implimentazzjoni ta' l-intestaturi tal-baġit għall-ambjent, is-saħħa pubblika u s-sikurezza ta' l-ikel bħala sodisfaċenti.

120. Jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu passi biex tippromwovi iżjed għajnuna għall-applikanti ta' programmi plurijennali; jilqa' l-isforzi biex is-sejħiet għall-offerti jiġu ffukkati aħjar u biex tingħata iżjed għajnuna lill-applikanti sabiex tiġi evitata l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal proġetti li jidhru ċar li mhumiex eliġibbli għall-iffinanzjar jew li huma ta' kwalità fqira; jinnota li hu meħtieġ aktar xogħol sabiex tintlaħaq sitwazzjoni sodisfaċenti; jistieden lill-Kummissjoni teżamina stadji differenti ta' implimentazzjoni sabiex tressaq 'il quddiem fis-sena ċ-ċiklu ta' implimentazzjoni;

121. Jinnota li r-rati ta' pagamenti għall-politika ta' l-ambjent, tas-saħħa u tas-sikurezza ta' l-ikel kienu taħt it-80 %; jagħraf id-diffikultajiet fl-ippjanar tal-ħlas ta' ħtiġijiet ta' approprjazzjonijiet, peress li l-Kummissjoni tiddependi parzjalment fuq il-preżentazzjoni bla dewmien ta' kontijiet minn benefiċjarji u kuntratturi; jitlob lill-Kummissjoni, madankollu, biex tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb il-proċeduri tagħha li għandhom impatt fuq l-implimentazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet ta' pagamenti;

122. Jittama illi l-mudell introdott fil-Prospettivi Finanzjarji ġodda, jiġifieri, li jiġbor l-attivitajiet kollha fi ħdan qasam tal-politika wieħed, taħt programm u linja tal-baġit waħda, iżid l-użu effiċjenti ta' l-approprjazzjonijiet disponibbli;

Kultura u edukazzjoni

123. Iqis aktar simplifikazzjoni tar-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti minn applikant taħt il-programmi plurijennali ġodda bħall-programm Żgħażagħ fl-Azzjoni, Ewropa għaċ-Ċittadini u l-Kultura 2007 bħala pass neċessarju lejn Unjoni aktar favur iċ-ċittadini u jistenna li l-Kummissjoni tkompli tesplora possibilitajiet bħal dawn fi ħdan il-qafas tar-regolament finanzjarju rivedut;

124. Jemmen li, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tqis jekk għandhiex tistandardizza l-proċeduri ta' għoti tal-kuntratti skond arranġamenti ta' ħlasijiet fissi, u tuża deċiżjonijiet tal-Kummissjoni biex tiffinanzja l-programmi;

125. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tagħmel aktar sforzi biex timmonitorja l-ħidma ta' kull waħda mid-99 aġenzija nazzjonali involuti fl-immaniġġjar tal-programm u li, f'għadd ta' każijiet, urew nuqqasijiet konsiderevoli fil-proċeduri ta' verifika applikati;

126. Jistenna li l-ħidma ta' l-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, Awdjoviżiv u l-Kultura twassal għal proċeduri operattivi mtejba; jisħaq li, b'mod speċjali, l-organizzazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha jiddependu fuq informazzjoni f'waqtha u ta' min jorbot fuqha rigward appoġġ għall-proġett; jinnota, f'dan il-kuntest, li dawn l-applikanti spiss huma organizzazzjonijiet żgħar ħafna jew persuni fiżiċi li m'għandhomx il-mezzi jew l-għarfien speċjalizzat biex iwettqu verifika professjonali;

127. Jinnota li l-ispejjeż għall-verifika ta' proġett fil-post huma għoljin ferm; jemmen, madankollu, ladarba l-għan hu li r-riskju ta' l-iżbalji jitnaqqas kemm jista' jkun, li l-ispejjeż tal-kontrolli mwettqa għandhom ikunu proporzjonali ma' l-effettività tagħhom sabiex tiwaqqaf l-aħjar relazzjoni possibbli bejn ir-riżorsi investiti fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Komunità u dawk immirati għat-twettiq tal-kontrolli;

128. Jixtieq jiżgura li fil-qasam ta' l-appoġġ għall-komunikazzjoni għal kampanji ta' informazzjoni mwaqqfa b'koperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni jinżamm il-prinċipju ta' addizzjonalità u jitlob lill-Kummissjoni sabiex titlob ċertifikazzjoni mill-Istati Membri li jagħtu prova li l-appoġġ finanzjarju ma jservix sempliċiment biex jieħu post l-appoġġ finanzjarju ta' l-Istati Membri stess għal miżuri nazzjonali dwar il-politika ta' l-informazzjoni ta' l-UE.

129. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li, meta talloka l-fondi, l-aġenziji nazzjonali ma jitbegħdux mill-kriterji ġenerali, bħalma ġara fil-Polonja fil-każ ta' proġett li kien jinvolvi omosesswali żgħażagħ, li jiġi rispettat b'mod xieraq l-Artikolu 13 tat-Trattat KE u li, jekk ikunu nkisru l-kriterji tal-programmi, l-irkupru tal-fondi ta' l-UE ikun possibilità li tista' tiġi meqjusa;

Drittijiet tan-Nisa u Ugwaljanza bejn is-Sessi

130. Jirrimarka li bis-saħħa ta' l-Artikolu 3(2) tat-Trattat KE, il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali ta' l-UE u hija objettiv li għandu rilevenza tul il-firxa sħiħa ta' l-attivitajiet u l-politiki Komunitarji kollha; itenni t-talba tiegħu sabiex l-integrazzjoni *(mainstreaming)* ta' kwistjonijiet dwar is-sessi tingħata l-kunsiderazzjoni meħtieġa fl-ippjanar baġitarju, bi qbil mal-prinċipju ta' bbaġittjar għall-kwistjonijiet dwar is-sessi, u jistieden lill-Kummisjoni sabiex tipprovdi dejta għall-evalwazzjoni;

131. Jirrepeti t-talba tiegħu sabiex fir-rapporti ta' kwittanza baġitarja tiġi inkluża informazzjoni dwar politiki ta' integrazzjoni ta' kwistjonijiet dwar is-sessi u data li tkun speċifika għas-sessi; jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma' pprovditx din l-informazzjoni;

132. Jinnota bi tħassib ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni ta' ħlas tal-programm 'Daphne' (58 %); filwaqt li jinsab konxju dwar l-argumenti tal-Kummissjoni dwar iż-żamma ta' standards ta' kwalità għall-proġetti, jinnota li ħafna proġetti ta' kwalità għolja ċċaħdu mill-appoġġ finanzjajru, u għalhekk jilqa' bi pjaċir iż-żieda fil-fondi allokati għat-tielet stadju tal-programm Daphne iżda jinsab imħasseb li l-kapaċità amministrattiva baqgħet l-istess; jitlob, għalhekk, li titwettaq investigazzjoni biex jiġi spjegat f'dettall akbar x'jistgħu jkunu r-raġunijiet għal din ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni ta' ħlas;

133. Jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqas ta' data relatata ma' l-attivitajiet li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi li rċevew appoġġ mill-Fond Strutturali u jistieden lill-Kummisjoni sabiex tirrimedja din is-sitwazzjoni;

134. Iqis li għandha tingħata attenzjoni akbar lill-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-soċjetà ta' l-għerf u, b'konsegwenza, għat-taħriġ ta' kwalita għolja u għall-impjieg tan-nisa fil-qasam tat-teknoloġiji ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni;

135. Jilqa' l-progress notevoli li kisbet il-Kummisjoni fir-rigward ta' l-objettivi għall-impjegar u l-ħatra ta' nisa fil-postijiet ta' maniġment u postijiet oħra fil-livell A*/AD fl-amministrazzjoni tal-Kummisjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tkompli bl-isforzi f'dan il-qasam;

Libertajiet Ċivili, Ġustizzja u Affarjiet Interni

136. Jilqa' l-fatt li twettaq xi progress fil-livell ta' implimentazzjoni ta' impenji tal-baġit fir-rigward taz-zona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; jiddeplora l-livell dejjem aktar baxx ta' implimentazzjoni ta' pagamenti (79.8 % skond il-Qorti ta' l-Awdituri mqabbla ma' 83.800000 % fl-2004); jinnota li dan il-livell huwa wieħed mill-aktar baxxi fil-Kummissjoni; jistieden lid-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà biex itejjeb l-implimentazzjoni tal-baġit fil-futur;

Riċerka u żvilupp

137. Jiddispjaċih li, skond il-Qorti, il-Kummissjoni għadha ma rnexxilhiex tintroduċi sistema soda għar-reġistrar ta' l-ispejjeż ta' l-istaff fil-qasam tar-riċerka; jikkunsidra li 'huwa essenzjali li jkun hemm rekwiżit ċar fil-ftehimiet ta' għoti biex jissostanzjaw il-ħin tax-xogħol ta' l-istaff involut fl-azzjoni' (paragrafu 7.7 tar-Rapport Annwali) [1];

[1] Ara wkoll l-Opinjoni Nru 1/2006 relatata mas-Seba' programm għar-Riċerka u l-Iżvilupp.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

138. Jinnota bi ħassib li, minkejja l-ispiża għolja tagħha, is-sistema ta' ċertifikazzjoni ta' verifika fl-2005 għadha ma pprovdietx il-garanziji tant mixtieqa, peress li l-Qorti sabet stqarrijiet żbaljati relatati ma' l-ispejjeż ta' l-istaff u n-nefqa ġenerali, li minħabba fihom inħarġu ċertifikati ta' verifika mingħajr riżerva; Jinnota, madanakollu, li l-kwalità taċ-ċertifikat tal-verifika tjieb wara li ġew ippubblikati r-rekwiżiti għal dawn iċ-ċertifikati; Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tiżviluppa kriterji adattati għaċ-ċertifikati tal-verifika sabiex titjieb l-utilità tagħhom;

139. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tħaffef l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fil-pjan ta' azzjoni msemmi hawn fuq għal Qafas ta' Kontroll Intern Integrat, b'mod speċifika l-Azzjoni 7 (il-promozzjoni ta' l-aħjar prassi biex jitjieb ir-rapport bejn il-benefiċċji u l-ispejjeż tal-verifiki fil-livell tal-proġetti);

140. Jitlob lill-Kummissjoni biex tissodisfa r-rekwiżit tar-regoli ta' l-FP7 għall-parteċipazzjoni li tiġi introdotta proċedura ta' pagamenti b'rata fissa, *inter alia*, u biex tgħarraf lill-Kumitat kompetenti tagħha fil-qafas tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu.

141. Jiddispjaċih li, skond il-Qorti, jeżistu xi inċertezzi minħabba dispożizzjonijiet kuntrattwali ġenerali wisq u mhux ċari, b'mod speċifiku f'dak li għandu x'jaqsam mal-kriterji ta' eliġibilità u l-indipendenza ta' awdituri mqabbda biċ-ċertifikazzjoni, u jinnota l-impebb meħud [1] mill-Kummissjoni li jiġi simplifikat il-qafas Komunitarju u li jiġi adattat l-użu taċ-ċertifikati ta' verifika;

142. Jinnota wkoll li l-awditur intern (IAS) tal-Kummissjoni iqis li jeżisti riskju li l-ħlasijiet mhux dovuti ma jiġux identifikati minħabba li m'hemm l-ebda sistema ta' kontroll effikaċi fil-mument tat-twettiq ta' l-impenji baġitarji, u jitlob għalhekk lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri ta' monitoraġġ xierqa;

Azzjonijiet esterni

143. Jinnota li l-Qorti ma sabet l-ebda żball fil-kontroll ta' kampjun tal-ħlasijiet imwettqa fil-livell tad-delegazzjonijiet imma li sabet żbalji fil-kontroll tal-kampjun tas-sejħiet għall-offerti u kif ukoll l-operazzjonijiet imqettqa fil-livell ta' l-entitajiet għall-implimentazzjoni;

144. Iqis li hija prijorità li tiġi żgurata l-koerenza tal-politiki Komunitarji li għandhom effett fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u b'hekk iqis li hemm bżonn li jiġi ċċarat it-tqassim tax-xogħol bejn id-Direttorati Ġenerali differenti li jimmaniġġjaw l-azzjonijiet esterni;

145. Josserva bi ħassib li, skond il-Qorti, l-analiżijiet tar-riskji mmexxija minn EuropeAid ma qisux ir-riskji li jirrapreżentaw it-tipi differenti ta' entitajiet għall-implimentazzjoni tal-proġetti (NGO, organizzazzjoni internazzjonali, istituzzjoni tal-gvern, eċċ.) jew il-metodi ta' finanzjar użati (sussidju, appoġġ baġitarju, fondi fiduċjarji, eċċ.); jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi aktar ċarezza, permezz ta' rappurtaġġ aktar għaqli, fir-rigward ta' l-effettività ta' strumenti ta' assistenza individwali; fir-rigward tal-kwistjoni ta' l-għajnuna għal pajjiżi li qed jiżviluppaw jipproponi li tiġi studjata l-introduzzjoni ta' sistema ta' stadji, bil-għan li fl-ewwel stadju, billi jiġu megħjuna proġetti individwali, jiġu stabbiliti wkoll il-kundizzjonijiet bażiċi minn qabel biex tingħata l-għajnuna baġitarja, i.e. forma ta' kontroll baġitarju demokratiku kif ukoll strutturi indipendenti tal-verifika;

146. Jiddispjaċih b'mod partikolari li, peress li l-kontrolli ta' EuropeAid ma koprewx kif xieraq l-operazzjonijiet imwettqa fil-livell ta' l-entitajiet għall-implimentazzjoni tal-proġetti, setgħu jikkontribwixxu biss b'mod limitat għall-assigurazzjoni globali f'dak li għandhom x'jaqsmu mal-legalità u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet li fuqhom huma bażati (punt 8.12 tar-Rapport Annwali);

147. Jitlob lil EuropeAid biex timplimenta programm ta' kontroll fil-livell ta' l-entitajiet għall-implimentazzjoni tal-proġetti u biex tiddedika l-isforzi kollha tagħha fil-verifiki ex post ta' l-NGOs differenti li magħhom tikkopera;

148. Iqis li huwa preokkupanti li, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-effikaċja ta' l-fondi allokati għall-programm TACIS, il-Kummissjoni, skond il-Qorti, ma setgħetx tistabbilixxi, fl-aħħar ta' l-2005, sa fejn il-programm ikkontribwixxa għat-titjib tas-sikurezza fl-impjanti nukleari (punt 8.36 tar-Rapport Annwali); iqis li din il-kritika hija estremament gravi peress li tiżvela n-nuqqas ta' garanzija fir-rigward ta' l-aspett fundamentali u prijoritarju ta' l-azzjoni Komunitarja, i.e. l-effikaċja tagħha;

[1] Fil-Komunikazzjoni tagħha "Sinteżi tar-riżultati tal-Kummissjoni fil-qasam ta' l-immaniġġjar għas-sena 2005".

149. Jieħu nota tal-kritiki tal-Qorti dwar is-Sistema Komuni ta' Informazzjoni Relex (CRIS), minn fejn mhux qed tiġi estratta biżżejjed informazzjoni finanzjarja jew li jonqsu mill-koerenza biex wieħed ikun jista' jibbaża analiżi tar-riskji dettaljata (punt 8.6 tar-Rapport Annwali); jitlob lill-Kummissjoni biex bla dewmien issewwi n-nuqqasijiet tas-sistema CRIS, u biex tutilizza l-potenzjal kollu ta' dan l-istrument biex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa għas-sistemi ta' kontroll;

150. Jinnota l-informazzjoni mill-Kummissjoni (tweġiba għal Mistoqsija bil-Miktub E-4481/06) li, fir-rigward ta' l-affari ta' frodi u tixħim li tikkonċerna l-Proġett ta' l-Ilma għar-Reġjuni Muntanjużi tal-Lesotho (l-LHWP), tliet ditti li rċevew assistenza mill-UE ġew immultati mill-Qorti Suprema tal-Lesotho: Schneider Electric SA (Franza), Impregilo Spa (l-Italja) and Lahmeyer International GmbH (il-Ġermanja);

151. Jikkritika l-fatt li, fil-każ tal-Proġett ta' l-Ilma għar-Reġjuni Muntanjużi tal-Lesotho, evidentement il-Kummissjoni ma ħadet l-ebda deċiżjoni skond l-Artikolu 93(1)(e) tar-Regolament Finanzjarju (bl-esklużjoni ta' l-għoti ta' kuntratti); jistenna li l-Kummissjoni issa tieħu u tħabbar id-deċiżjonijiet xierqa sa mhux aktar tard minn Ġunju 2007 u li tressaq rapport komprensiv dwar l-affari lill-Parlament, flimkien mal-Bank Ewropew għall-Investiment (li huwa wkoll imdaħħal), mhux aktar tard minn Settembru 2007, li jiċċara wkoll xi sforzi saru biex jiġu rkuprati l-għajnuniet;

Żvilupp

152. Jilqa' l-fatt li s-sehem tal-fondi ta' l-UE minfuqa fuq is-setturi tas-saħħa bażika u ta' l-edukazzjoni bażika tela' minn 4.98 % għal 6.83 %; madanakollu, jesprimi dispjaċir li dan is-sehem għadu 'l bogħod ħafna mill-mira ta' 20 % li ġiet iffissata fil-bażi ta' l-2005; ma jistax jaċċetta l-fatt li l-Kummissjoni qed tuża l-objettiv leġittimu u meħtieġ ta' koordinazzjoni aħjar tad-donaturi u l-kondiviżjoni tax-xogħol fosthom bħala skuża għal-livell wisq baxx ta' investiment fis-setturi tas-saħħa bażika u ta' l-edukazzjoni bażika u jħeġġiġha sabiex minn issa 'l quddiem taddotta miżuri sabiex tikseb il-mira ta' ta' 20 % u sabiex tinforma lill-Parlament bil-miktub ta' l-anqas darbtejn fis-sena dwar il-progress ta' l-implimentazzjoni u dwar il-fatturi meqjusa fil-kalkoli;

153. Jiddipjaċih dwar il-fatt li l-Kummissjoni għadha ma żviluppatx strateġija komprensiva flimkiem mal-pajjiżi benefiċjarji sabiex is-setturi tas-saħħa u ta' l-edukazzjoni jkunu prijorità fl-istrateġiji ġodda tal-pajjiżi;

154. Jesprimi dispjaċir ukoll li, minkejja li l-kummissjoni tat l-assigurazzjonijiet tagħha, id-dokumenti ta' strateġiji nazzjonali li bħalissa qed jiġu ppreparati huma nieqsa minn profil ċar ta' Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (Millenium Development Goals — MDG), biex ma nsemmux in-nuqqas ta' miri u skedi speċifiċi għall-kisba ta' kull MDG u jonqsu milli jitrattaw b'mod xieraq il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-kisba tagħhom;

155. Jilqa' d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni mhux kompluta ta' ċerti intestaturi tal-baġit, b'mod partikolari dawk għall-kontribuzzjoni tal-Komunità lejn skemi li jikkonċernaw pajjiżi li qed jiżviluppaw imwettqa minn organizzazzjonijiet mhux governattivi (Artikolu 21 02 03), għall-ambjent fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (Artikolu 21 02 05), għall-għajnuna kontra mard marbut mal-faqar f'pajjiżi li qed jiżviluppaw (punt 21 02 07 02), għall-għajnuna għall-kura tal-popolazzjoni u s-saħħa riproduttiva (Punt 21 02 07 03) u għall-kooperazzjoni deċentralizzata (Artikolu 21 02 13); jitlob, madankollu, għal aktar żieda fl-isforzi biex il-baġit jiġi implimentat bis-sħiħ;

156. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkontrolla aktar mill-qrib l-emigrazzjoni ta' xogħol tas-snajja mill-pajjiż li qed jiżviluppaw lejn l-UE u sabiex tipproponi miżuri xierqa li jippermettu lill-persuni mħarrġa li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jibqgħu jew jerġgħu jirritornaw lejn pajjiżhom sabiex azzjoni mid-donaturi, pereżempju fis-setturi tas-saħħa u ta' l-edukazzjoni, tista' tkun fit-tul u effettiva fil-ġlieda kontra l-faqar fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

157. Jilqa' l-fatt li l-Qorti ta' l-awdituri rreġistrat titjib fis-sistemi ta' superviżjoni u ta' kontroll tal-Kummissjoni; madankollu jiddispjaċih mill-fatt li dan it-titjib ma jestendix għas-superviżjoni, l-kontroll u l-verifika ta' l-istituzzjonijiet ta' implimentazzjoni; jikkunsidra mhux aċċettabbli li, bħala riżultat, jibqa' jsir numru kbir ta' żbalji materjali f'punt ċentrali fil-katina bejn l-Ewropew li jħallas it-taxxa u l-benefiċjarju finali fil-pajjiż li qed jiżviluppa; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li, b'mod partikolari, proċeduri ta' sejħiet ta' l-offerti għall-pubbliku li huma meħtieġa, jiġu mwettqa u li ma ssirx reġistrazzjoni doppja;

158. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni sabiex tagħmilha possibbli lill-Qorti ta' l-Awdituri biex twettaq verifiki effettivi fuq ir-riżorsi finanzjarji ta' l-UE, imwarrba għall-miżuri implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari, l-aġenziji tan-NU;

159. Jistenna li l-Kummissjoni tagħti istruzzjonijiet lid-delegazzjonijiet tagħha fil-pajjiżi benefiċċjarji bħala regola ġenerali biex fir-rapporti tagħhom jiddefinixxu r-riżultati prattiċi tat-tqassim tal-fondi ta' l-UE sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tikkalkula u tippubblika r-riżultati tal-koperazzjoni ta' l-UE fl-iżvilupp;

160. Jistieden lill-Kummissjoni biex tivverifika b'mod regolari l-użu li jsir mill-approprjazzjonijiet operattivi tad-delegazzjonijiet tagħha u l-kompatibilità ta' l-oqsma ta' azzjoni tagħhom mal-prijoritajiet ta' l-Unjoni Ewropea;

161. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni sabiex timplimenta l-istrateġija sabiex l-ambjent jiġi inkorporat fil-koperazzjoni għall-iżvilupp, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tkompli miexja 'l quddiem bid-dimensjoni ambjentali fil-politika għall-iżvilupp, inklużi mizuri li jippromwovu l-forniment ta' enerġija li tirrispetta l-ambjent;

162. Jilqa' l-għoti ġenerali ta' l-għajnuna umanitarja mill-Kummissjoni b'konnessjoni mad-diżastru tat-tsunami; madakollu, jiddispjaċih minħabba l-fatt li l-miżuri ta' għajnuna ta' emerġenza ma kinux koordinati biżżejjed; jistieden lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi b'mod aktar ċar l-irwoli tad-DG ECHO u DG Ambjent (proċeduri tal-Komunità għall-immaniġġjar tad-diżastri) u biex tiżviluppa approċċi li jiżguraw l-għajnuna għar-reġjuni kkonċernati meta tikkoordina d-donaturi differenti, u jilqa' b'sodisfazzjon ir-rieda tal-Kummissjoni li tinforma lill-Parlament regolarment bil-kitba dwar il-progress li jsir;

163. Jikkonkludi għal darba oħra li l-integrazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fil-baġit ta' l-UE isaħħaħ il-konsistenza globali tal-koperazzjoni Ewropea fl-iżvilupp, tiżgura aktar trasparenza u effettività u tiffaċilità l-iskrutinju demokratiku;

Is-Sħubija Ewro-Mediterranja

164. Jinsab kuntent bl-evalwazzjoni tal-Qorti li sar titjib konsiderevoli mill-Kummissjoni fir-rigward tal-ġestjoni tal-programm MEDA; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli żżid l-effettività u l-effiċjenza tagħha u tassigura tranżizzjoni mingħajr xkiel għall-istrumenti finanzjarji l-ġodda; jinsisti li l-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament infurmat dwar it-traduzzjoni fil-prattika ta' l-objettivi stipulati fid-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi skond l-istrumenti l-ġodda;

165. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta sistema ta' evalwazzjoni aktar sostanzjali li tikkonċerna n-nefqa ta' l-għajnuna esterna fejn tirriżulta r-rabta bejn in-nefqa u r-riżultati politiċi jew in-nuqqas tagħha huwa aktar trasparenti, sabiex il-Parlament Ewropew ikun jista' jeżerċita b'mod effettiv il-prerogattivi u l-obbligi tiegħu bħala awtorità baġitarja;

Il-ġirien tal-Lvant

166. Jinsab kuntent bl-isforzi tal-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb il-ġestjoni ta' proġetti fi ħdan it-TACIS fir-Russja u pajjiżi oħra benefikanti; jirrikonoxxi li l-Kummissjoni indirizzat ħafna mid-difetti msemmija fir-rapport speċjali tal-Qorti Nru 2/2006;

167. Jistenna b'interess l-evalwazzjoni tal-kontribuzzjoni magħmula għat-titjib fis-sikurezza fid-diversi impjanti ta' l-enerġija nukleari fi ħdan il-programm TACIS, li l-Kummissjoni bdiet fl-2006;

168. Jerġa' jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tikkjarifika ma' l-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti d-dritt ta' aċċess tal-Qorti ta' l-Awdituri għal proġetti mmexxija minn dawk l-aġenziji;

169. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinsisti dwar it-traċċabilità tal-fondi mogħtija mill-Unjoni Ewropea lill-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Bank Dinji u t-trasparenza fil-mod li dawn il-fondi jiġu amministratti u biex tgħaddi din l-informazzjoni lill-Parlament;

170. Huwa tal-fehma li r-reputazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għandu jkollha profil ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex ikomplu bir-riflessjonijiet tagħhom fil-metodu ta' komunikazzjoni biex jiżguraw li l-politika esterna ta' l-Unjoni Ewropea tkun aktar trasparenti u aktar viżibbli;

Strateġija għal qabel l-adeżjoni

171. Jinnota li skond il-Qorti, xi żbalji sinifikanti affetwaw it-tranzazzjonijiet Sapard li vverifikat u li minkejja li kien titjib fis-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Kummissjoni, instabu nuqqasijiet sinifikanti fi ħdan l-Istati Membri (paragrafi 9.10 u 9.19);

172. B'konsegwenza jirrakkomanda lill-Kummissjoni li ttejjeb il-monitoraġġ tas-sistemi ta' l-Istati Membri u, b'mod ġenerali, tagħti attenzjoni partikolari għad-dikjarazzjonijiet finali ta' l-ispejjeż relattivi għall-programmi u, b'mod aktar partikolari, biex tissorvellja mill-qrib l-entitajiet li jħallsu fil-qafas tal-Programm SAPARD;

173. Jinsab imħasseb dwar id-dewmien fl-akkreditazzjoni ta' l-EDIS għall-Phare u ISPA fil-Bulgarija, li jwassal għat-tlestija parzjali biss ta' dak il-proċess qabel it-tkabbir; jinnota l-fażi preparatorja estiża fuq inaħa tal-Bulgarija, li għamlet progress iżda għadha trid ittejjeb is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll kif ukoll il-kapaċitajiet amministrattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tal-proġetti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tikkopera ma' l-awtoritajiet Bulgari u Rumeni sabiex tappoġġjahom biex jadattaw aktar mar-rekwiżiti ta' l-EDIS;

174. Jinsab kuntent bl-evalwazzjoni tal-Qorti li l-ġestjoni deċentralizzata introdotta għall-proġetti CARDS fil-Kroazja wriet li kienet mingħajr problemi; jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem ma' l-aġenziji ta' implimentazzjoni nazzjonali biex iżżid il-kapaċitajiet ta' immaniġġjar tagħhom;

175. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-koperazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jinsisti li l-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li tipparteċipa fi proġetti konġunti biss jekk ikun żgurat l-użu effettiv tal-fondi; jinsisti dwar il-bżonn li l-għajnuna ta' l-UE tipprovdi valur miżjud ċar u jitlob li r-rendiment ta' proġetti konġunti jkun sorveljat mill-qrib mill-Kummissjoni;

176. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-klawżola ta' verifika nkluża fil-Ftehima ta' Qafas Finanzjarju u Amministrativ kif ukoll fuq il-linjigwida dwar livell miftiehem ta' dettall meħtieġ meta l-aġenziji tan-NU jirraportaw dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti, b'hekk jissalvagwardjaw l-interessi finanzjarji ta' l-UE u l-prerogattivi tal-Qorti ta' l-Awdituri;

Nefqa amministrattiva

177. Jinnota b'sodisfazzjoni li mill-verifika tal-Qorti ma ħareġ l-ebda żball sinifikattiv li jaffettwa l-legalità ta' l-ispejjeż amministrattivi;

178. Jistieden lill-Kummissjoni biex tgħarraf lill-Parlament qabel tmiem l-2007 dwar il-progress li jkun sar mill-Istati Membri l-ġodda, b'mod partikolari r-Rumanija u l-Bulgarija, fl-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni kontra l-korruzzjoni; jiddispjaċih li leġiżlazzjoni proposta kontra l-korruzzjoni mill-gvern Rumen, speċifikament mill-Ministru tal-Ġustizzja, ġiet imblukkata mill-Parlament Rumen; jappoġġja bis-sħiħ lill-Gvern fl-isforzi tiegħu biex din il-leġiżlazzjoni tiġi approvata u mdaħħla;

179. Jesprimi, madankollu, it-tħassib tiegħu dwar l-ispiża li qed tikber tal-pensjonijiet ta' l-invalidità u jqis bħala inaċċettabbli l-użu tal-pensjonijiet ta' l-invalidità mandatarji msejsa fuq diżordnijiet psikoloġiċi biex wieħed isolvi relazzjoni ta' kunflitt ma' l-impjegati tal-Kummissjoni;

Aġenziji

180. Jikkunsidra li n-numru li dejjem jiżdied ta' Aġenziji mhux dejjem jirrifletti l-ħtiġijiet veri ta' l-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tippreżenta studju dwar in-nefqa u l-benefiċċji miksuba minnha qabel ma tinħoloq kwalunkwe aġenzija ġdida u jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha dwar l-istudju dwar in-nefqa u l-benefiċċji miksuba minnha qabel ma l-Parlament jieħu d-deċiżjoni tiegħu;

181. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; jistieden lill-istituzzjonijiet relevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' l-Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jifformolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

182. Jiddispjaċih li, kif enfasizzat mill-Qorti fir-rapport annwali tagħha, din is-sena reġgħu ġew innutati dgħjufijiet f'dak li għandu x'jaqsam mar-reklutaġġ tal-persunal u mal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti u li l-immaniġġjar skond l-attività ma ġiex implimentat mill-aġenziji;

183. Jinnota li l-awditur intern, fir-Rapport Annwali ta' attività tiegħu għall-2005, ħareġ riżerva dwar il-fatt li m' għandux biżżejjed persunal biex ikun jista' jwettaq sew l-obbligu impost fuqu mir-Regolament Finanzjarju li jwettaq verifika annwali ta' dawn l-aġenziji; jistieden lill-Awditur Intern biex kemm ji sta' jkun malajr jispjega lill-awtorità baġitarja xi staff addizzjonali huwa meħtieġ għal dan;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

184. Iqis li meta wieħed iqis in-numru dejjem jikber ta' aġenziji regolatorji, qed isir iktar u iktar neċessarju li jiġu ċċarati r-responsabilitajiet ta' l-atturi istituzzjonali differenti tal-Komunità fi-rigward tagħhom u li jinħarġu regoli ċari fil-qasam, b'mod speċifiku f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-allokazzjoni tar-responsabilitajiet fil-qasam ta' kontroll;

185. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma setgħetx tagħmel progress fin-negozjati dwar l-abbozz ta' ftehima interistituzzjonali għal qafas għall-aġenziji regolatorji Ewropej, preżentat fi Frar 2005 (COM(2005)0059);

186. Jinnota li, bl-għajnuna ta' l-IAS, l-aġenziji bdew jimplimentaw is-servizzi ta' verifika interna tagħhom stess u li fil-ġejjieni l-IAS se jwettaq reviżjonijiet perjodiċi ta' dawn is-servizzi; barra minn hekk iqis li l-IAS għandu jikkontrolla li s-sistemi ta' verifika interna ta' l-aġenziji qed jaħdmu sew u għandu jinforma lill-Parlament dwar dan il-kontroll u l-progress li jkun sar;

187. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-idea li torganizza verifika għal kull waħda mill-aġenziji ta' l-UE bil-għan li teżamina l-mod kif jaħdmu, notevolment fir-rigward tal-ġestjoni tar-riżorsi umani, tal-baġit u jekk ikunux wettqu jew le x-xogħol mitlub minnhom;

188. Jieħu nota tal-ħolqien ta' Servizz ta' Appoġġ Komuni minn diversi aġenziji bl-intenzjoni li jiġu adattati s-sistemi informatiċi għall-immaniġġjar finanzjarju sabiex isiru kompatibbli ma' dawk li tuża l-Kummissjoni; jinnota li l-fondi tas-Servizz ġew immaniġġjati barra mis-sistemi baġitarji ta' l-aġenziji (punt 10.27 tar-Rapport Annwali 2005); iqis, flimkien mal-Qorti, li din il-koperazzjoni m'għandhiex tinjora l-prinċipji baġitarji ta' unità u trasparenza u li l-kontributi ta' l-aġenziji għas-Servizz ta' Appoġġ Komuni għandhom jiġu trattati bħala dħul assenjat, inkluż fis-sistemi baġitarji ta' l-aġenziji;

189. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitlu addizzjonali fir-Rapport Annwali tagħha li jkun iddedikat għall-Aġenziji sabiex ikun hemm stampa ħafna iktar ċara ta' l-użu ta' fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

L-iskejjel Ewropej

190. Jinnota r-rapport favorevoli tal-Qorti dwar il-kontijiet annwali ta' l-Iskejjel Ewropej; jinnota, madankollu, li skond il-Qorti, is-sistema ta' kontroll interna ta' l-Iskejjel ma tobdix il-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet bejn l-uffiċjal għall-awtorizzazzjoni u l-accountant u li l-funzjonijiet ta' l-uffiċjal għall-awtorizzazzjoni huma mwettqa b'delega miż-żewġ kapijiet ta' unità għall-intestaturi kollha u bla limitu finanzjarju; jittama li r-regolament finanzjarju l-ġdid ta' l-Iskejjel Ewropej, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007, se jsewwi dawn in-nuqqasijiet indikati mill-Qorti; jittama li, fil-ġejjieni, il-Kummissjoni tieħu aktar fuq spallejha r-responsabilità tagħha għal politika sostenibbli dwar l-iskejjel, li tkun proporzjonata ma' kemm tagħti fondi għall-Iskejjel Ewropej u mhux mad-drittijiet formali tal-vot tagħha fl-ogħla korpi fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet, u li taħdem biex ikun hemm politika għal perjodu twil ta' żmien li tiggarantixxi ċ-ċertezza fir-rigward ta' l-ippjanar u li dawk li għandhom interessi f'dan il-qasam ikunu jistgħu joqogħdu fuqha; jistieden biex, fuq perjodu medju ta' żmien, id-drittijiet tal-vot jinġiebu f'konformità mal-proporzjon ta' finanzjament li tagħti;

Kwistjonijiet marbuta mal-binjiet tal-Komunità

191. Jinnota l-osservazzjonijiet tad-Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċju "Infrastruttura u Loġistika" fi Brussell (OIB), li, fir-rapport ta' attività annwali tiegħu, iddenunċja d-defiċit strutturali maħluq mill-ispejjeż għall-manutenzjoni tal-Berlaymont wara l-arranġament mill-ġdid tiegħu [1], u kif ukoll sensiela ta' problemi fil-kontijiet u l-immaniġġjar; iqis li l-problemi ta' defiċit strutturali indikati għandhom jissolvew b'urġenza u jitlob lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri xierqa u biex tinforma lill-Parlament dwarhom;

192. Se jerġa' lura wkoll għal mistoqsijiet oħra rigward il-Binja Berlaymont hekk kif ikun disponibbli r-rapport speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-politika dwar il-binjiet, li ngħata avviż dwaru;

[1] Paragrafu 2.2.1.2. tar-Rapport ta' Attività annwali ta' l-OIB, "Immaniġġjar tar-riskji", paġna 23.

193. Jinnota li r-rapporti tal-21 ta' Frar 2007 tal-Kummissjoni dwar kartell tal-lifts u ta' l-iskalaturi, li l-membri tiegħu ġew immultati aktar minn EUR 990,000,000; sa Settembru 2007 jistenna mill-Kummissjoni rapport li juri sa liema punt anki l-istituzzjonijiet Komunitarji sfaw vittma ta' dak il-kartell, fir-rigward tad-diversi proġetti ta' binjiet tagħhom, u x'passi ttieħdu biex isiru talbiet għad-danni;

KONKLUŻJONIJIET DWAR IR-RAPPORTI SPEĊJALI TAL-QORTI TA' L-AWDITURI

Rapport Speċjali Nru 6/2005 dwar in-Netwerk Trans-Ewropew għat-Trasport

194. Jenfasizza l-fatt li l-Perspettivi Finanzjarji 2007-2013 il-ġodda se jkollhom impatt konsiderevoli fuq it-TEN-T, peress li l-ammont adottat hu bejn wieħed u ieħor 40 % inqas mill-proposta inizjali tal-Kummissjoni; hu tal-fehma li l-għażla u l-prijoritizzazzjoni tal-proġġetti, b'konsegwenza ta' dan, se jsiru aktar importanti;

195. Hu tal-fehma li, fil-kuntest finanzjarju attwali, jeħtieġ li tingħata importanza lit-taqsimiet transkonfinali tal-proġetti prijoritarji li jinvolvu diversi Stati Membri;

196. Jistieden lill-Istati Membri biex jappoġġaw approċċ li jqiegħed l-enfasi fuq il-valur miżjud li ġġib magħha l-Ewropa minflok ma jiġġieldu għall-prinċipju ta' "sehem ġust";

197. Hu tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tkompli ttejjeb il-koperazzjoni ma' l-Istati Membri meta jintgħażlu proġetti prijoritarji fil-livelli nazzjonali u Komunitarji;

198. F'dan il-kuntest, jinsab imħasseb sew b'kemm qed jitwettqu bil-mod il-proġetti prijoritarji tat-TEN-T u jitlob b'ħeġġa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu l-koordinazzjoni tal-finanzjament ta' l-infrastrutturi tat-trasport ta' l-UE fil-kuntest tal-programmi annwali u plurijennali;

199. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha sabiex jiġu stabbiliti oqfsa legali u proċeduri ċari, kif ukoll biex tiggarantixxi kontroll rigoruż u evalwazzjoni fil-fond tal-proġetti u l-programmi u biex tfassal lista kompluta tal-kriterji preċiżi li jippermettu li l-proġetti jiġu prijoritizzati b'mod trasparenti;

200. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiċċara l-proċeduri tal-ħatra tal-koordinatur waqt li tkun qiegħda tistabbilixxi qafas regolamentari applikabbli għall-kontenut tar-rapporti tagħhom;

201. Jirrakkomanda b'ħeġġa lill-Kummissjoni biex tqassam ir-responsabbiltajiet istituzzjonali b'mod ċar u trasparenti u biex tiddefinixxi qafas ta' koordinazzjoni ta' l-attivitajiet bejn id-DĠ REGIO u d-DĠ TREN sabiex jiġi evitat finanzjament doppju ta' proġetti identiċi;

202. Jinnota li l-Qorti warrbet l-ewwel analiżi tal-benefiċċji meta mqabbla ma' l-ispejjeż fir-rigward tal-ħolqien ta' Aġenzija Eżekuttiva; jitlob lill-Qorti biex tevalwa t-tieni waħda, iffinalizzata f'Lulju 2005, fi żmien utli għar-rapport ta' inizjattiva tal-kumitat parlamentari kompetenti;

203. Jenfasizza li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistipula l-istatut biex l-aġenziji eżekuttivi jkunu fdati b'ċerti xogħlijiet fil-ġestjoni tal-programmi Komunitarji [1] jeħtieġ, fl-Artikolu 3(1) tiegħu, analiżi tal-benefiċċji mqabbla ma' l-ispejjeż, li tqis għadd ta' fatturi, qabel tkun tista' ssir talba biex tiġi stabbilita aġenzija eżekuttiva; jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tippreżenta sa mill-bidunett analiżi sodisfaċenti tal-benefiċċji mqabbla ma' l-ispejjeż lill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri biex tkun stabbilita aġenzija eżekuttiva; jibqagħlu d-dubju, flimkien mal-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri, rigward il-kwalità tal-verżjoni riveduta ta' l-analiżi tal-benefiċċji mqabbla ma' l-ispejjeż dwar l-esternalizzazzjoni tal-ġestjoni ta' l-għajnuna finanzjarja Komunitarja għan-netwerks tat-TEN-T; għall-ġejjieni, jistieden lill-Kummissjoni biex iġġib opinjoni pożittiva mill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri dwar l-analiżijiet tal-benefiċċji mqabbla ma' l-ispejjeż qabel tagħmel talba lill-awtoritajiet baġitarji biex tkun stabbilita aġenzija eżekuttiva;

[1] ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

204. Hu tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tikkonsidra li tipproponi li l-kontribuzzjoni tal-Komunità għal-linja baġitarja tat-TEN-T tiżdied għall-proġetti transkonfinali; jilqa', f'dan il-kuntest, il-ftehima ta' koperazzjoni mal-Bank Ewropew ta' l-Investiment;

Rapport Speċjali Nru 1/2006 dwar il-kontribuzzjoni tal-Fondi Soċjali Ewropej għall-ġlieda kontra l-waqfien bikri mill-iskola

205. Iqiegħed importanza kbira fuq l-użu effiċjenti u responsabbli tal-baġit ta' l-UE u fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju li inizjattiva li mhijiex verifikabbli b'mod suffiċjenti m'għandhiex tiġi finanzjata mill-flus pubbliċi u għalhekk jiddispjaċih li ma nstabitx korrelazzjoni ċara bejn it-tnaqqis tal-waqfien bikri mill-iskola u l-finanzjament mill-UE;

206. Jirrikonoxxi li l-Kummissjoni għandha mekkaniżmu adegwat ta' monitoraġġ u ta' kontroll sabiex tiżgura konformita? mal-prinċipji ta' l-immaniġġar finanzjarju sod, iżda jenfasizza li dan il-mekkaniżmu għandu jitjieb b'konformita? ma' dak li qalet il-Kummissjoni stess; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tipproponi kif għandha tippjana dan;

207. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex taħdem flimkien ma' l-Istati Membri u ma' l-uffiċċji nazzjonali tagħhom ta' l-istatistika sabiex jiddefinixxu u jidentifikaw sew l-inċidenza ta' waqfien bikri mill-iskola u jħeġġeġ l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattika bejn l-organizzazzjonijiet lokali u nazzjonali kollha responsabbli minn din il-kwistjoni;

208. Jitlob li jkun hemm ftehim komuni bejn is-27 Stat Membru dwar il-kejl ta' standards u definizzjonijiet relatati mal-problema ta' dawk li jieqfu mill-iskola kmieni sabiex ikun żgurat li d-dejta nazzjonali hija komparabbli u ta' kwalita? suffiċjenti biex ikun stabbilit jekk il-prijoritajiet ta' l-Istrateġija ta' Liżbona humiex fil-fatt qed jintlaħqu jew le f'dan ir-rigward;

209. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li tiġi mwettqa evalwazzjoni fil-fond fl-Istati Membri l-ġodda kemm jista' jkun malajr u fil-ħin sabiex jekk ikun meħtieġ, tiġi mwettqa azzjoni ta' rimedju; barra minn hekk, jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tikkonduċi verifika simili b'mod parallel ma' dik li ġiet kondotta fil-passat fil-15-il Stat Membru, dwar l-impatt ta' fondi ta' waqfien bikri mill-iskola fl-Istati Membri l-ġodda nnifishom;

Rapport Speċjali Nru 2/2006 relatat mal-prestazzjoni tal-proġetti ffinanzjati fil-qafas ta' TACIS fil-Federazzjoni tar-Russja

210. Jenfasizza li minkejja r-riżultati pożittivi miksuba f'bosta oqsma, l-impatt globali tal-programm TACIS ma kienx dejjem effikaċi u sostenibbli daqs kemm previst; jinnota li n-natura ta' l-irregolaritajiet identifikati mill-Qorti kienet prinċipalment l-amministrazzjoni ħażina fil-proċess tal-programmazzjoni minnaħa tal-Kummissjoni;

211. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tintensifika d-djalogu mal-gvern Russu ħalli jiġu identifikati b'mod preċiż il-ħtiġijiet tal-pajjiż u d-direzzjoni li dan għandu jieħu, u sabiex tagħmel sforz ħalli tiddefinixxi jew tidentifika l-prijoritajiet u l-objettivi ta' l-azzjonijiet implimentati; ikun xieraq li l-Kummissjoni żżomm quddiem għajnejha l-prinċipji tal-"valur għall-flus", u għaldaqstant iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex timmonitorja u tevalwa l-programm b'mod aktar prudenti u b'aktar reqqa minn qabel;

212. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tiffoka l-għażla tal-prijoritajiet tagħha fuq għadd limitat ta' setturi u ta' programmi; Hu tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tgħaddi minn approċċ ibbażat fuq il-proġetti għal approċċ ibbażat fuq il-programmi, billi dan ta' l-ewwel wisq drabi llimita d-djalogu, l-approprijazzjoni u l-flessibilità u wassal għal proġetti indipendenti, li diffiċli jwasslu għall-għanijiet vasti fuq medda twila ta' żmien imħabbra fil-ftehima attwali ta' sħubija u ta' koperazzjoni;

213. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tadotta d-dispożizzjonijiet utli ħalli tipproponi bażi legali li tippermetti li jintużaw il-fondi TACIS fil-qafas ta' kofinanzjament mal-Federazzjoni tar-Russja, u sabiex tqis l-importanza estrema li għandha l-parteċipazzjoni finanzjarja ta' l-operaturi lokali u reġjonali u ta' l-imsieħba soċjali, kif ukoll il-parteċipazzjoni msaħħa tas-settur privat;

214. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tagħmel mezz li l-proġetti jkunu evalwati ta' spiss, anke wara li jkunu ntemmu, sabiex jinħarġu l-lezzjonijiet mill-esperjenzi li seħħew, u sabiex tiżgura d-disponibilità ta' informazzjoni ċara dwar proġetti fis-seħħ u tad-diversi programmi sabiex tiffaċilita l-aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni u tiftaħ u żżid it-trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-użu tal-fondi u t-teħid tad-deċiżjonijiet;

Rapport Speċjali Nru 3/2006 relatat ma' l-Għajnuna Umanitarja Mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea bħala Rispons għat-Tsunami

215. Jilqa' sew l-apprezzament ġenerali pożittiv espress mill-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-għajnuna umanitarja mogħtija mid-DĠ ECHO b'rispons għat-tsunami;

216. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tikkjarifika l-irwol tad-DĠ ECHO u tad-DĠ Ambjent (permezz tal-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili) biex jirreaġixxu għall-ħtiġijiet umanitarji, bil-għan li tiġi żgurata azzjoni koerenti;

217. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex issaħħaħ l-irwol tad-DĠ ECHO u sabiex tissokta bit-titjib tal-koordinazzjoni tagħha u tal-kapaċità tagħha li tirreaġixxi għall-ħtiġijiet tal-vittmi ta' diżastri umanitarji li għad jiġu, kif ukoll sabiex tapprezza kemm jixraq l-importanza li l-għajnuna umanitarja fuq medda qasira ta' żmien u r-rijabilitazzjoni jitkomplew b'rikostruzzjoni fuq medda itwal ta' żmien; jinnota li, għalissa, dawn iż-żewġ fażijiet jinsabu taħt Direttorati Ġenerali, proċeduri u mandati differenti;

218. Jinsisti fuq l-importanza tat-tmexxija finanzjarja tajba u jikkunsidra li l-komunikazzjoni ta' informazzjoni finanzjarja ddettaljata hija indispensabbli sabiex ikun iffaċilitat il-monitoraġġ effikaċi ta' l-implimentazzjoni tal-proġetti;

219. Jenfasizza r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li d-DĠ ECHO għandu jsaħħaħ is-sistemi ta' monitoraġġ tiegħu;

220. Jifhem li ż-żieda fil-prezzijiet ta' oġġetti u servizzi tista' tkun inevitabbli f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali; jistieden madanakollu lill-Kummissjoni biex tħejji miżuri maħsuba biex, sa fejn jistgħu, jikkontrollaw u jimmonitorjaw l-ispejjeż;

221. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward il-promozzjoni ta' ditti u l-kompetizzjoni għal viżibilità fost iddonaturi umanitarji waqt diżastri umanitarji, li jattiraw ħafna attenzjoni mill-midja minħabba li din il-prattika għandha impatt negattiv fuq il-koordinazzjoni ta' l-għajnuna umanitarja u fuq il-perspettiva ta' l-għajnuna mill-vittmi ta' katastrofi bħal dawn;

222. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi b'mod ċar x'inhi NGO;

Rapport Speċjali Nru 4/2006 dwar il-proġetti ta' investiment fil-qafas tal-Phare fil-Bulgarija u r-Rumanija

223. Ma jilqax il-prattika tal-Kummissjoni fejn il-ħtieġa ta' ċerti proġetti ffinanzjati bl-għajnuna tal-Phare ma kinitx stabbilita minn qabel u b'hekk inkisru l-prinċipji tal-legalità u tar-regolarità;

224. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tassoċja ruħha ma' l-awtoritajiet Bulgari u Rumeni f'koperazzjoni mutwali sabiex jiġu definiti bl-aktar mod preċiż il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet taż-żewġ pajjiżi u sabiex ikun hemm sforz ħalli jiġu ddeterminati u identifikati l-prijoritajiet u l-objettivi li jridu jintlaħqu;

225. Jinnota li għalkemm ittieħdu ċerti passi sabiex tinħall il-problema ta' kapaċità amministrattiva insuffiċjenti u ta' żbalji fl-opportunità tar-regola ta' natura kuntrattwali, u biex jiġi żgurat li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-kofinanzjament, għad iridu jsiru aktar sforzi;

226. Jitlob lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-ħolqien, fir-Rumanija u l-Bulgarija, ta' strutturi amministrattivi u ta' sistemi ta' informazzjoni adattati sabiex imexxu u jikkontrollaw il-fondi ta' l-UE u biex jissorveljaw l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' l-amministrazzjonijiet inkarigati mill-investiment ta' dawn il-fondi;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

227. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti informazzjoni ċara dwar il-proġetti u l-programmi li jkunu għaddejjin, kif ukoll dwar il-kapaċità globali tat-tmexxija u l-kontroll amministrattiv awtonomu ta' l-amministrazzjonijiet Rumeni u Bulgari u li jkun hemm ftuħ akbar u trasparenti fl-użu ta' fondi u fit-teħid ta' deċiżjonijiet f'dan ir-rigward;

228. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tikseb opinjoni indipendenti dwar il-kapaċità ta' l-amministrazzjonijiet Rumeni u Bulgari għat-tmexxija finanzjarja ppjanata u soda tal-fondi tal-Komunità;

Rapport Speċjali Nru 6/2006 dwar l-aspetti ambjentali tal-koperazzjoni għall-iżvilupp tal-Kummissjoni

229. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-politika l-ġdida għall-iżvilupp iffirmata f'Diċembru 2005, sabiex tistabbilixxi strateġija ambjentali globali għall-koperazzjoni dwar l-iżvilupp tagħha;

230. Iqis li strateġija bħal din għandha tirrikonoxxi li huwa importanti mhux biss li l-ambjent ikun integrat fil-programmi u l-proġetti kollha għall-iżvilupp, iżda wkoll li l-ambjent ikun qasam li jingħata prijorità fin-nefqa;

231. Jemmen li t-taħriġ fil-qasam ta' l-integrazzjoni ta' l-ambjent għandu jkun obbligatorju għall-uffiċjali tas-setturi ewlenin; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tlesti malajr kemm jista' jkun il-preparazzjoni ta' manwal dwar l-integrazzjoni ambjentali;

232. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li internament għandha nies esperti fil-qasam ambjentali u proċeduri ċari ta' integrazzjoni ta' l-ambjent li huma definiti u rrispettati;

233. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu ikbar mill-opinjoni ta' l-esperti magħrufa fl-amministrazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tat-tmexxija ta' proġetti ta' koperazzjoni għall-iżvilupp nazzjonali u ta' intrapriżi privati li għandhom esperjenza ppruvata bħala sħab ta' l-amministrazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tat-tmexxija ta' proġetti ambjentali;

234. Jinsisti li l-proġetti għandhom ikunu pjanati fuq il-bażi ta' dokument ta' speċifikazzjonijiet iddettaljati, bl-objettivi spjegati b'mod ċar u li għandhom ikunu inkarigati kontrolluri esterni li għandhom jevalwaw ir-rata ta' suċċess ta' kull proġett u jidentifikaw b'mod ċar kwalunkwe nuqqas jew difett;

Rapport Speċjali Nru 7/2006 dwar l-Investimenti fil-qasam ta' l-Iżvilupp Rurali: Dawn jittrattaw b'mod effettiv il-problemi taz-zoni rurali?

235. Jilqa' l-pubblikazzjoni tar-rapport u jħeġġeġ b'insistenza lill-Kummissjoni biex tikkunsidra n-nuqqasijiet identifikati fih li m'humiex koperti bir-regolament il-ġdid dwar l-iżvilupp rurali, jew bil-modalitajiet dettaljati ta' l-implimentazzjoni, b' mod partikolari fil-kuntest ta' l-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali;

236. Jistieden b'mod partikolari lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi xi strateġiji iktar ċari marbutin ma' objettivi preċiżi u taħdem, b'koperazzjoni ma' l-Istati Membri, sabiex ittejjeb id-definizzjoni ta' l-objettivi, tal-benefiċarji u taz-zoni, tiżgura l-għażla ta' proġetti l-iktar opportuni u tinkorpora dawn l-aspetti fid-dokumenti ta' pjanifikazzjoni għall-perijodu 2007-2013;

237. Jemmen li l-iskadenza stabbilita lill-Kummissjoni biex tapprova l-programmi nazzjonali tista' tiġi estiża ftit sabiex tippermetti analiżi dettaljata minħabba li l-kwalità tal-programmi nazzjonali jiddeterminaw ħafna kemm l-approprjazzjonijiet mogħtija lir-reġjuni u lill-benefiċarji li l-iktar għandhom bżonn huma ġustifikati tajjeb u jekk ikun possibbli sabiex titqies aħjar l-effettività ta' l-investimenti tal-futur;

238. Jafferma l-importanza mogħtija għal użu effettiv u responsabbli tal-baġit ta' l-UE kif ukoll l-applikazzjoni tal-prinċipju li permezz tiegħu inizjattiva li ma tkunx possibbli li tiġi evalwata adegwatament m'għandhiex tiġi ffinanzjata bil-fondi pubbliċi; iqis li l-holqien ta' objettivi preċiżi u d-definizzjoni ta' strateġiji ċari fil-programmi nazzjonali huma indispensabbli f'dan il-kuntest;

239. Jemmen li l-twettiq ta' l-objettiv doppju — strutturali u agrikolu — ta' l-investimenti għandu jkun assigurat permezz ta' approċċ kemm settorjali (għall-agrikoltura) kif ukoll territorjali (għall-koeżjoni ekonomika u soċjali) ibbilanċjat b'mod xieraq;

240. Jikkunsidra li t-tieni pilastru tal-PAK huwa element indispensabbli ta' l-iżvilupp taz-zoni rurali ta' l-UE u jistieden lill-Kummissjoni biex tħeġġeġ lill-Istati Membri janalizzaw il-fatturi ewlenin tas-suċċess tal-proġetti ta' investiment u jxerrdu prattiki tajba;

241. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni, bil-kollaborazzjoni sħiħa ta' l-Istati Membri, biex ittejjeb is-sistemi tal-kontroll u ta' l-evalwazzjoni, pereżempju billi jintużaw indikaturi kwalitattivi li jippermettu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni li jiddeterminaw jekk il-miżuri kinux effettivi u jekk l-objettivi ntlaħqux;

242. Jilqa' bi pjaċir il-fatt li d-diskussjoni dwar dan ir-rapport speċjali saret fl-istess ħin ta' l-ewwel preżentazzjoni introduttorja tal-proposta tal-Kummissjoni għar-riforma tal-qasam tal-frott u l-ħaxix li għandha tidħol fis-seħħ mill-2008;

Rapport Speċjali Nru 8/2006 dwar: Il-Kultivazzjoni tas-Suċċess? L-effettività ta' l-għajnuna mogħtija mill-Unjoni Ewropea favur il-produtturi tal-frott u l-ħxejjex

243. Jafferma l-impenn tiegħu favur l-għajnuna komunitarja lis-settur tal-frott u l-ħxejjex fl-UE, għajnuna meħtieġa biex ittejjeb il-kompetittività u l-vijabilità ta' dan is-settur;

244. Jenfasizza li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma l-pedament ta' l-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni (CMO) għall-prodotti tal-frott u l-ħxejjex, u għalhekk jappoġġa lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi u tappoġġa lil dawk li jkabbru l-uċuħ biex jiffurmaw organizzazzjonijiet tal-produtturi;

245. Jesprimi l-appoġġ tiegħu talli qegħdin nitbiegħdu mill-miżuri ta' ndħil, bħall-irtirar mis-suq jew is-sostenn lill-prodotti pproċessati, li huma meqjusa kontro-produttivi fir-rigward ta' l-objettivi fissi għas-settur tal-frott u l-ħxejjex;

246. Jemmen li s-sistemi ta' appoġġ għall-programmi operazzjonali għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex, kuntrarjament għall-miżuri ta' l-indħil, jikkostitwixxu strument ħafna iktar promettenti;

247. Jinnota u jilqa' b'sodisfazzjon l-evalwazzjoni mbassra għall-2009 u jitlob li l-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu adegwat ta' monitoraġġ u kontroll għas-settur tal-frott u l-ħxejjex bil-għan li jkunu osservati l-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba;

248. Jilqa' b'sodisfazzjon f'dan ir-rigward id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li permezz tagħha qed tippjana li ttejjeb il-kapaċità tagħha li tiġbor informazzjoni u tiżviluppa indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi li jippermettu d-definizzjoni ta' l-effettività u tar-rendiment; jemmen li l-indikaturi għandu jkollhom skala usa' ta' vantaġġi ppreżentati fil-programmi, li għandhom ikunu segwiti f'livell ogħla ta' aggregazzjoni; jipproponi, barra minn hekk, li l-Kummissjoni terġa' teżamina mingħajr dewmien il-pertinenza u l-eżattezza ta' l-indikaturi u ta' l-istatistika eżistenti;

249. Jaqbel mal-Qorti li s-sistema preżenti teħtieġ reviżjoni b'reqqa akbar bil-għan li ttejjeb l-effettività u r-rendiment; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkontrollaw b'mod rigoruż u jżidu l-effettività u r-rendiment tas-sistema tal-programmi operazzjonali għall-produtturi, jeżaminaw il-fatturi tas-suċċess ta' l-aħjar riżultati miksuba u fl-aħħar nett jiġbdu konklużjonijiet minnhom bil-għan li jiddefinixxu aħjar is-sistemi fil-livell komunitarju u jassiguraw implimentazzjoni aħjar fil-livell ta' l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-reġjuni li huma organizzati l-inqas;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

250. Jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li tipproponi li jkunu ppreċiżati u simplifikati l-kriterji ta' l-eliġibilità bil-għan li tiżdied it-trasparenza u jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi ġġenerati mis-sistemi ta' pagamenti;

251. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqiegħed il-proċeduri u r-regoli ta' l-iskema ta' għajnuna fuq l-istess linja ta' dawk tal-Fondi għall-Iżvilupp Rurali sabiex tikkjarifika meta jistgħu jikkumplimentaw lil xulxin u meta jeskludu lil xulxin;

252. Jitlob lill-Kummissjoni biex tissorvelja u tikkontrolla b'attenzjoni l-implimentazzjoni tas-sistema fl-Istati Membri ġodda;

Rapport Speċjali Nru 9/2006 dwar in-nefqa għat-traduzzjoni mill-Kummissjoni, l-Parlament u l-Kunsill

253. Jenfasizza li l-ispiża totali tas-servizzi lingwistiċi ta' l-istituzzjonijiet Ewropej, għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni, tirrappreżenta 1 % biss tal-baġit totali ta' l-UE;

254. Huwa sorpriż li l-istituzzjonijiet għadhom sa issa ma kkalkulawx la l-ispiża totali tat-traduzzjoni [1] u lanqas l-ispiża għal kull paġna; jinnota li fl-2005, il-volum ta' traduzzjonijiet kien ta' 1,324,000 paġna fil-Kummissjoni (1,450 traduttur), 1,080,000 paġna fil-Parlament (550 traduttur) u 475,000 paġna fil-Kunsill (660 traduttur); jinnota barra minn hekk li l-Qorti kkalkulat li l-ispiża totali tat-traduzzjoni fl-2003 kienet ta' EUR 414.2 miljun; ta' EUR 214.8 miljun għall-Kummissjoni, ta' EUR 99 miljun għall-Parlament u ta' EUR 100.4 miljun għall-Kunsill; jinnota li għall-istess sena l-ispiża medja għal kull paġna kienet ta' EUR 166.37: ta' EUR 150.2 fil-Kummissjoni, ta' EUR 149.7 fil-Parlament u ta' EUR 251.8 fil-Kunsill;

255. Iqis li l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex itejbu l-produzzjoni tas-servizzi tat-traduzzjoni ta' l-UE meta mqabbla mas-settur privat;

256. Iqis li jeħtieġ li tkun iċċarata r-raġuni għaliex il-prezzijiet li l-Parlament iħallas lit-tradutturi freelance huma ta' l-inqas 12 % ogħla milli tħallas il-Kummissjoni;

257. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill qablu li jillimitaw iż-żieda fil-volum tat-traduzzjoni wara t-tkabbir b'10 Stati Membri ġodda, biex b'hekk jikkontrollaw iż-żieda fl-ispejjeż;

258. Iqis li t-tliet istituzzjoniet għandhom jistabbilixxu l-ispejjeż tat-traduzzjoni fuq bażi annwali billi jużaw l-istess kriterji u metodi ta' kalkolu; hu tal-fehma li ċ-ċifri miksuba m'għandhomx jiġu użati biss għal skopijiet baġitarji, iżda wkoll biex l-utenti jiġu sensibilizzati dwar l-ispiża;

259. Jilqa' d-dispożizzjoni tal-Kummissjoni biex tistudja l-proċedura ta' l-awtorizzazzjoni u ta' l-għażla tat-talbiet ta' traduzzjoni fl-2006; jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-fatt li fl-*2004*, il-Kunsill stabbilixxa lista ta' dokumenti essenzjali, u b'hekk illimita t-traduzzjoni ta' testi oħra;

260. Jirrakkomanda li jiġu estiżi l-limitazzjonijiet li jikkonċernaw it-tul tad-dokumenti u tas-sommarji miktuba;

261. Iħeġġeġ lill-kumitati u lid-delegazzjonijiet parlamentari biex ma jipprovdux testi ħlief fil-lingwi tal-membri tal-kumitati u tas-sostituti tagħhom; jissuġġerixxi li l-verżjonijiet addizzjonali tal-lingwi jistgħu jingħataw wara talba speċifika;

262. huwa ġeneralment ta' l-opinjoni li l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiggarantixxu livell għoli fil-kwalità tat-traduzzjoni; jitlob għalhekk lill-Kunsill, lill-Parlament u lill-Kummissjoni biex jagħtu rendikont lill-Qorti u lill-Kummissjoni għall-Kontroll Baġitarju tal-miżuri adottati għall-kontroll u t-titjib fil-kwalità tat-traduzzjonijiet sal-ħin tal-proċedura ta' kwittanza 2006;

---

[1] Skond il-Qorti dawn il-figuri jkopru l-ispejjez għat-tradutturi, segretarji, amministrazzjoni, persunal tas-servizz, ippjanar, bini, IT u ġestjoni tar-riżorsi umani (iġifieri taħriġ).

263. Jistieden lill-istituzzjonijiet biex itejbu l-informazzjoni disponibbli għall-amministrazzjoni biex issir sorveljanza tal-proċessi tat-traduzzjoni, filwaqt li jqisu l-indikaturi tar-rendiment proposti mill-Qorti [1];

264. Jitlob lill-Kunsill, lill-Parlament u lill-Kummissjoni sabiex jużaw b'mod effettiv u effiċjenti r-riżorsi interni u esterni kif ukoll il-bażijiet tad-dejta, it-traduzzjoni assistita bil-kompjuter, it-teleworking u l-esternalizzazzjoni;

265. Jistieden kull istituzzjoni biex tivverifika l-kapaċitajiet tat-traduzzjoni tar-riżerva fiż-żewġ istituzzjonijiet l-oħra qabel ma jagħtu b'sottokuntratt xi traduzzjonijiet;

Rapport speċjali Nru 10/2006 dwar l-evalwazzjonijiet ex post tal-programmi għall-Objettivi 1 u 3 għall-1994-1999 (Fondi Strutturali)

266. Jistieden lill-Kummissjoni biex turi f'liema miżura l-metodoloġija għall-evalwazzjoni ex ante, matul u ex post ġiet konsolidata bil-għan li jiġu evitati, fejn dan ikun possibbli, għall-eżerċizzju ta' l-evalwazzjoni ex post 2000-2006, xi żbalji ta' interpretazzjoni bħal dawk imsemmija fir-rapport speċjali tal-Qorti;

267. Jissuġġerixxi li l-koperazzjoni bejn id-DĠ REGIO u d-DĠ EMPL tkun amplifikata fuq dak li jirrigwarda l-punti komuni tal-metodi ta' l-evalwazzjoni;

268. Jinnota li l-metodoloġija preżenti, ibbażata fuq il-mudell HERMIN, tqajjem xi problemi kbar; hu mħasseb li l-metodoloġija preżenti ma tħallix li tiġi kkunsidrata biżżejjed l-importanza tas-settur terzjarju għal ċerti ekonomiji, pereżempju t-turiżmu; jemmen li m'hemmx diffikultajiet gravi fl-evalwazzjoni tal-Fondi Strutturali fil-pajjiżi li saru membri ta' l-Unjoni Ewropea fl-2004, minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' l-ekonomiji tas-swieq żgħar tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni biex turi, qabel tibda l-evalwazzjoni ta' l-eżerċizzju 2000-2006 — x'modifiki għamlet għall-metodoloġija biex tikkunsidra din il-kritika;

269. Jitlob ukoll li xi elementi ġodda jiġu integrati fil-metodoloġija biex jitqiesu l-effetti mikro-ekonomiċi; jikkunsidra li l-investimenti privati huma importanti għall-impatt fuq perjodu twil tal-Fondi Strutturali u għall-ħolqien ta' l-impjiegi; jesiġi li dan għandu jitqies fl-eżerċizzju ex post 2000-2006;

270. Jitlob, sabiex jiġi assigrat approċċ koerenti fl-evalwazzjoni tal-Fondi Strutturali b'mod ġenerali, li l-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tal-Qorti jiġu kkunsidrati għall-evalwazzjonijiet ex ante, matul u ex post li jmiss għall-perjodi ta' programmazzjoni 2000-2006, 2007-2012 u l-perjodi ta' wara;

271. Jappoġġja l-idea li l-evalwazzjoni tal-Fondi Strutturali għandha tkun perċepita bħala proċess kontinwu, fornuta b'mod permanenti bil-konklużjonijiet ta' l-eżerċizzji differenti ta' l-evalwazzjoni ex ante, matul u ex post; jitlob li l-Istati Membri jkunu involuti f'dan il-proċess u jistieden lill-Kummissjoni turi kif se timplimenta dawn l-ideat mingħajr dewmien;

272. Hu tal-fehma li, biex il-pubbliku jintwera l-valur miżjud Ewropew tal-Fondi Strutturali, l-evalwazzjonijiet futuri għandhom juru wkoll l-effetti indiretti ta' dawn il-Fondi;

273. Jitlob lill-Kummissjoni biex il-grupp ta' tmexxija għall-evalwazzjoni ex post 2000-2006 jesplora l-possibilitajiet ta' koperazzjoni msaħħa mad-dinja akkademika, inklużi l-esperti esterni, taħt il-forma ta' sħubijiet ma' istituti speċjalizzati u studji dwar suġġetti speċifiċi;

274. Huwa ta' l-opinjoni li koperazzjoni bħal din tippermetti l-irfinar ta' l-evalwazzjoni u li tpoġġi enfasi fuq il-valur potenzjali tal-Fondi Strutturali; jistieden lill-Kummissjoni biex tissokta f'din ir-rotta biex toħloq mudell 'fanal' ta' evalwazzjoni tal-miżuri ta' koeżjoni ekonomiċi, soċjali u territorjali, li jkunu mudell proprju Ewropew iżda li jistgħu jservu ta' eżempju f'livell dinji.

[1] Ara l-paragrafi 53 u 88 tar-rapport tal-Qorti.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

P6_TA(2007)0133

Kwittanza 2005: Taqsima I — Il-Parlament Ewropew

1.

Deċiżjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0465/2006 — 2006/2071(DEC))

Il-Parlament Ewropew,,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2005 — Volum I (SEC(2006)0915 — C6-0465/2006) ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport dwar l-immaniġġjar baġitarju u finanzjarju għas-sena finanzjarja 2005, Taqsima I — Parlament Ewropew ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali ta' l-Awditur Intern għall-2005,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-istituzzjonijiet ([4]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti ta' l-Awdituri skond l-Artikolu 248 tat-Trattat KE ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10) u 275 tat-Trattat KE kif ukoll l-Artikolu 179a tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([6]), u b'mod partikulari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tar-Regoli Interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 147(1) tar-Regolament Finanzjarju skond liema kull Istituzzjoni Komunitarja għandha tieħu l-passi kollha xierqa biex twettaq l-osservazzjonijiet li jakkompanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza tal-Parlament Ewopew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 71 u 74(3) u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0094/2007),

A. billi mill-verifika tal-Qorti ta' l-Awdituri ma rriżulta l-ebda żball materjali (paragrafu 10.4),

([1]) ĠU L 60, 8.3.2005.
([2]) ĠU C 264, 31.10.2006, p. 1.
([3]) DV/614096EN.doc.
([4]) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 1.
([5]) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 10.
([6]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
([7]) PE 349.540/Bur/ann/def.

B. billi l-Qorti ta' l-Awdituri ġibdet l-attenzjoni għal nuqqasijiet persistenti f'sistemi superviżorji u ta' kontroll (paragrafi 10.5 — 10.10),

C. billi fit-tweġibiet tiegħu l-Parlament spjega l-miżuri meħuda biex jingħelbu n-nuqqasijiet osservati mill-Qorti ta' l-Awdituri,

D. billi r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament kienu emendati fit-23 ta' Ottubru 2002 sabiex jiġi stipulat li l-kwittanza għandha tingħata lill-President, u mhux lis-Segretarju Ġenerali,

1. Jagħti lill-President tiegħu l-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jistabbilixxi l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni u r-Riżoluzzjoni tal-Parlament li tifforma parti integrali minnu, lill-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti ta' l-Awdituri, l-Ombudsman Ewropew u s-Supervisur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u sabiex jagħmel arranġamenti għall-pubblikazzjoni tagħhom fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Serje L).

2.

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0465/2006 — 2006/2071(DEC))

Il-Parlament Ewropew,,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2005 — Volum I (SEC(2006)0915 — C6-0465/2006) ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport dwar l-immaniġġjar baġitarju u finanzjarju għas-sena finanzjarja 2005, Taqsima I — Parlament Ewropew ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali ta' l-Awditur Intern għall-2005,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-istituzzjonijiet ([4]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti ta' l-Awdituri skond l-Artikolu 248 tat-Trattat KE ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10) u 275 tat-Trattat KE kif ukoll l-Artikolu 179a tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([6]), u b'mod partikulari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tar-Regoli Interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew ([7]),

([1]) ĠU L 60, 8.3.2005.
([2]) ĠU C 264, 31.10.2006, p. 1.
([3]) DV/614096EN.doc.
([4]) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 1.
([5]) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 10.
([6]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
([7]) PE 349.540/Bur/ann/def.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra l-Artikolu 147(1) tar-Regolament Finanzjarju skond liema kull Istituzzjoni Komunitarja għandha tieħu l-passi kollha xierqa biex twettaq l-osservazzjonijiet li jakkompanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza tal-Parlament Ewopew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 71 u 74(3) u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0094/2007),

A. billi mill-verifika tal-Qorti ta' l-Awdituri ma rriżulta l-ebda żball materjali (paragrafu 10.4),

B. billi l-Qorti ta' l-Awdituri ġibdet l-attenzjoni għal nuqqasijiet persistenti f'sistemi superviżorji u ta' kontroll (paragrafi 10.5 — 10.10),

C. billi fit-tweġibiet tiegħu l-Parlament spjega l-miżuri meħuda biex jingħelbu n-nuqqasijiet osservati mill-Qorti ta' l-Awdituri,

D. billi r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament kienu emendati fit-23 ta' Ottubru 2002 sabiex jiġi stipulat li l-kwittanza għandha tingħata lill-President, u mhux lis-Segretarju Ġenerali,

E. billi r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2006 [1] dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2004 għandha tkun segwita u għandu jiġi evalwat il-progress ta' l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħha,

F. billi l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Settembru 2005 [2], wara l-ftehim tal-Kunsill fid-19 ta' Lulju 2005, se jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata ta' sessjoni Parlamentari li tibda fl-2009,

G. billi l-Kodoċi għall-Assistenti Parlamentari ġie adottat mill-Bureau fil-25 ta' Settembru 2006 [3]

Il-kontijiet tal-Parlament Ewropew, b'enfażi partikulari fuq il-politika dwar il-proprjetà

1. Jinnota li fl-2005 il-Parlament irċieva dħul li jammonta għal EUR 112 393 557 (2004: EUR 117 409 824);

2. Jieħu nota tal-figuri li għalqu l-kontijiet tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2005, b'mod partikolari:

(f'EUR)

Użu ta' approprjazzjonijiet	Approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2005		Approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja 2004
	Approprjazzjonijiet 2005	Approprjazzjonijiet mid-dħul allokat	Artikolu 9(1) u 9(4) tar-Regolament Finanzjarju
Approprijazzjonijiet disponibbli	1 264 024 722 (100 %)	31 412 881 (100 %)	281 461 344 (100 %)
Impenji meħuda	1 249 096 468 (98,82 %)		-
Il-ħlas li sar	941 932 832 (75,40 %)	29 679 028 (94,48 %)	259 853 230 (92,32 %)
Approprjazzjonijiet trasferiti għas-sena 2006			
Artikolu 9(1) u 9(2) tar-Regolament Finanzjarju	307 163 636		
Artikolu 9(1), 9(2)a u 9(5) tar-Regolament Finanzjarju	200 000		
Approprjazzjonijiet ikkanċellati	14 728 254	-	21 608 114 (7,68 %)
Il-Karta tal-bilanċ sal-31 ta' Diċembru 2005: 1 520 822 777			

(1) ĠU L 177, 6.7.2007, p. 3.
(2) ĠU L 262, 7.10.2005, p. 1.
(3) PE 377.686/BUR.

3. Jinnota li fl-2005 kienu impenjati 98,82 % ta' l-approprjazzjonijiet li ddaħħlu fil-baġit tal-Parlament, b'rata ta' kanċellazzjoni ta' 1,18 % u li, bħal fi snin ta' qabel, kien hemm rata għolja ħafna ta' implimentazzjoni tal-baġit;

4. Ifakkar, madankollu, li dan il-livell għoli ta' implimentazzjoni jista' jkun attribwit parzjalment għall-prattika konsistenti mill-1992 li jsiru trasferimenti 'ta' kklerjar' ('mopping-up') sabiex kull approprjazzjoni disponibbli fl-aħħar tas-sena tiġu trasferita fil-linji ta' baġit għall-bini u, b'mod partikolari, għal ħlasijiet ta' kapital bil-quddiem sabiex jitnaqqsu ħlasijiet ta' imgħax fil-futur; f'dan il-kuntest saru disponibbli EUR 124 144 556 (madwar 10 % ta' l-approprjazzjonijiet) permezz ta' trasferiment ta' kklerjar fl-aħħar ta' l-2005; minn dan l-ammont

— EUR 75,7 miljun intużaw għax-xiri tal-binjiet 'Winston Churchill' (WIC) u 'Salvador de Madariaga' (SDM) fi Strasburgu,

— EUR 46,2 miljun kienu trasferiti għal żburżar kmieni għall-ħlas tal-kera annwali għall-binjiet D4 u D5 fi Brussell,

— u EUR 2,3 miljun twarrbu għal Dar l-Ewropa fil-Belt Valletta;

barra minn hekk, permezz ta' trasferimenti normali, il-Parlament xtara — flimkien mal-Kummissjoni — Djar l-Ewropa f'Kopenħagen (EUR 10,6 miljun) u fl-Aja (EUR 7,4 miljun);

5. Ifakkar lill-korpi kompetenti tiegħu fid-deċiżjoni tiegħu li "… ħlasijiet għal bini… għandhom ikunu parti mill-istrateġija baġitarja" [1]; għalhekk jikkritika lill-korpi kompetenti tiegħu talli naqsu kontinwament milli jibbaġittjaw b'mod ċar biżżejjed il-politika dwar proprjetà tal-Parlament għal akkwist fil-futur (il-linja tal-baġit 'akkwisti ta' proprjetà immobbli' turi biss entrati għall-2005, 2006 u 2007);

6. Jerġa' jiddikjara t-talba tiegħu li jiġi emendat l-Artikolu 16 tar-Regoli Interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew sabiex proġetti ta' bini li jkollhom implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-baġit tal-Parlament jiġu suġġetti għal ftehim tal-Kumitat għall-Baġit;

7. Jerġa' jistieden lill-awtorità baġitarja biex tfassal tbassir għall-baġit li jiżgura li l-ammonti mdaħħla fl-abbozz ta' baġit jirriflettu ħtiġijiet reali fil-linji politiċi varji tal-Parlament; jitlob lill-uffiċjali ta' awtorizzazzjoni sabiex permezz ta' delega jiddikjaraw b'mod ċar fir-rapporti ta' l-attività annwali tagħhom, l-approprjazzjonijiet annwali li rċevew, l-impenji tagħhom, il-ħlasijiet li saru u l-ammonti li ma ntużawx; barra minn hekk jistieden lill-uffiċjali ta' awtorizzazzjoni sabiex permezz ta' delega jsiabbilixxu r-raġunijiet — kif diġà sar sa ċertu punt — għaliex approprjazzjonijiet tal-baġit ma ntużawx kollha;

8. Huwa konxju tal-fatt li l-Qorti ta' l-Awdituri se tippubblika rapport speċjali dwar il-linji politiċi tal-bini ta' l-Istituzzjonijiet fil-futur qarib; jitlob lill-kumitat kompetenti tiegħu biex ifassal rapport fuq inizjattiva personali fuq il-bażi ta' dan ir-rapport speċjali; barra minn hekk huwa ta' l-opinjoni li dan il-kumitat għandu jkollu d-dritt li jfassal rapporti fuq inizjattiva personali mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel u barra mill-kwota stabbilta għal rapporti ta' dan it-tip, fuq kwalunkwe rapport speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri jekk il-kumitat jiddeċiedi hekk;

9. Jiddispjaċih li l-linja tal-baġit għall-Uffiċji ta' Informazzjoni tal-PE baqgħet l-istess u jesprimi x-xewqa tiegħu biex ikollu evalwazzjoni ta' l-aħjar prattiċi ta' l-Uffiċji ta' l-Informazzjoni kollha li jqis ir-relazzjoni ta' l-ispejjeż u l-vantaġġi;

Kummenti tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar is-sena finanzjarja 2005

10. Jilqa' l-fatt li l-verifika tal-Qorti ta' l-Awdituri ma sabitx żbalji materjali (paragrafu 10.4);

11. Jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar l-applikazzjoni ġdida tal-kompjuter għall-kalkolu tal-pagi tal-persunal kif ukoll it-tweġiba tas-servizz kompetenti tal-Parlament li jenfasizza li kontrolli ex-post sistematiċi ilhom isiru minn Marzu 2006;

[1] Ara paragrafu 7 tar-Riżoluzzjoni tas-26 ta' Settembru 2006, hawn fuq imsemmija.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

12. Jirrikonoxxi l-kritika tal-Qorti dwar il-ħlasijiet fissi għal vjaġġi tal-persunal bejn it-tliet postijiet ta' ħidma tas-soltu; jaċċetta, madankollu, li kienet l-intenzjoni ta' l-amministrazzjoni tal-Parlament li ssib bilanċ bejn ir-rekwiżiti tal-qafas regolatorju u l-ħtiġijiet ta' l-ambjent ta' ħidma partikulari ta' l-istituzzjoni; jitlob lill-Qorti biex timmonitorja kif qed taħdem is-sistema ta' ħlasijiet fissi u biex tavża lill-awtorità ta' kwittanza jekk issib xi evidenza li qed jintużaw ħażin;

13. Jinnota li l-Qorti ġibdet l-attenzjoni għal nuqqasijiet f'sistemi superviżorji u ta' kontroll (paragrafu 10.9) li jikkonċernaw il-ħlas ta' 'allowances' lill-Membri tal-Parlament Ewropew; iqis li huwa inkwetanti li sa nofs l-2006 54 % biss tal-forniturі ta' servizzi, u 29 % biss ta' l-aġenti li jħallsu kienu ppreżentaw fatturi għall-perjodu minn Lulju 2004 sa Ġunju 2005; jinnota li l-verifika interna ta' l-'allowance' għall-assistenza parlamentari tal-Membri se tkun iffinalizzata fil-ħin għall-proċedura ta' kwittanza ta' l-2006;

Ir-rapport annwali ta' l-Awditur Intern

14. Jinnota li, fl-2005, Is-Servizz tal-Verifika Interna ffinalizza 7 rapporti: ir-rapport annwali ta' l-Awditur Intern, jitkellem dwar is-segwitu għar-reviżjoni tiegħu tal-Qafas ta' Kontroll Intern tad-direttorati ġenerali, dwar il-proċess ta' l-akkwist pubbliku, u dwar tnejn mill-Uffiċċji ta' Informazzjoni tal-Parlament (adotta wkoll żewġ rapporti dwar l-Ombudsman Ewropew);

15. Jilqa' l-fatt li l-Awditur Intern mhux biss kien lest jassisti lir-rapporteur ta' kwittanza tal-Parlament, iżda li jippreżenta wkoll uffiċjalment — għall-ewwel darba huwa stess — ir-riżultati tar-rapport annwali 2005 lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, biex b'ħekk juri li r-rapport tiegħu m'huwiex biss għodda ta' mmaniġġjar intern, iżda punt ta' referenza importanti fil-kwittanza annwali;

16. Jenfasizza li l-verifiki kkonfermaw li l-istituzzjoni għadha f'fażi ta' tranżizzjoni bejn żewġ kunċetti ta' kontroll intern fundamentalment differenti, u li l-implimentazzjoni sħiħa tal-Qafas ta' Kontroll Intern (ICF) fid-dipartimenti kollha teħtieġ aktar żmien;

17. Jilqa' l-fatt li l-Awditur Intern ikkonċentra xogħlu fl-2005 fuq il-proċess ta' l-akkwist u fuq is-segwitu għall-pjanijiet ta' azzjoni miftiehma li jirriżultaw mill-evalwazzjoni ta' l-ICF fl-2003 u l-2004;

18. Jenfasizza dan li ġej fil-qasam ta' l-akkwisti:

— trid tikiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-offerta se tissodisfa l-ħtiġijiet ewlenin, se tkun regolari, effettiva fis-sens ta' nfiq u trasparenti,

— trid tingħata dokumentazzjoni ta' l-offerta ċara u komprensiva,

— iridu jitfasslu kriterji xierqa ta' esklużjoni, għażla u għotja,

— iridu jingħataw garanziji ta' skadenzi, trattament ugwali u trasparenza f'kuntratti ma' min jitfa' l-offerti,

— iridu jkunu garantiti deċiżjonijiet trasparenti u koerenti mill-kumitat tal-ftuħ,

— l-evalwazzjoni ta' l-offerti trid tkun ibbażata fuq il-kriterji mħabbra,

— għandha tinżamm dokumentazzjoni tal-verifika kompleta fl-għoti ta' kuntratti,

— dispożizzjonijiet kuntrattwali jridu jkunu konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerta,

— jekk jintlaħqu dawn l-objettivi jfisser li kien hemm kontrolli xierqa fl-istadju kritiku bikri tal-proċess ta' l-akkwisti,

— trid tittejjeb l-effettività tal-verifika ex ante ta' impenji baġitarji għal akkwisti;

19. Jitlob lill-Qorti ta' l-Awditri biex tevalwa, sa mhux aktar tard mis-sena finanzjarja 2008, sa liema punt inkisbu dawn l-għanijiet fil-qasam ta' l-akkwisti;

20. Itenni li ICFs imwaqqfa minn uffiċjali ta' awtorizzazzjoni ddelegati biex jawtorizzaw għandhom l-objettivi ta' kontroll li ġejjin: konformità mal-leġiżlazzjoni, mar-regoli u mal-prattiċi applikabbli, l-affidabilità ta' l-informazzjoni dwar l-immaniġġjar u tar-reġistri, u l-ekonomija, l-effettività u l-effiċjenza ta' l-operat;

21. Ifakkar ukoll li l-uffiċjali li jawtorizzaw iridu josservaw 22 standard minimu sabiex jiksbu l-objettivi ta' kontroll; dawk l-istandards jistgħu jinġabru f'ħames kategoriji ta' kontroll: l-ambjent ta' kontroll, l-immaniġġjar tar-rendiment u tar-riskji, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, l-attivitajiet ta' kontroll u l-monitoraġġ (verifika u evalwazzjoni);

22. Jenfasizza dan li ġej fil-qasam ta' l-ICF (is-Servizz ta' Verifika Interna fl-2003/2004 ftehem dwar 454 azzjoni ma' dipartimenti li jawtorizzaw u wettaq proċeduri ta' segwitu biex jara jekk dawn kinux implimentati kif suppost; s'issa, kien ivvalidat l-istejtus ta' 341 azzjoni):

— mis-37 azzjoni mir-reviżjoni tas-sistema kompjuterizzata użata biex timmaniġġja tranżazzjonijiet baġitarji, 3 biss kienu għadhom mhux implimentati sa l-aħħar ta' l-2005, u 9 oħra kienu implimentati parzjalment;

— mit-304 azzjonijiet li kienu qed jirrevedu l-livell ta' konformità ma' standards minimi ta' kontroll intern u objettivi ta' kontroll, 150 kienu implimentati għal kollox, 86 kienu implimentati parzjalment u kienet għadha ma ttieħdet l-ebda azzjoni mid-dipartimenti dwar it-68 l-oħra;

— għall-azzjonijiet l-oħra kollha li għadhom ma ġewx implimentati għal kollox, is-Servizz ta' Verifika Interna ftehmet dwar skeda ta' żmien rivedut mad-dipartimenti li jawtorizzaw, liema kalendarju se ssegwi fl-2007;

23. Jiddispjaċih li l-verifika ta' l-allowances għall-assistenza parlamentari tal-Membri ma kinetx lesta fil-ħin għall-proċedura ta' kwittanza ta' l-2005; jitlob lill-kumitat kompetenti tiegħu sabiex jagħti l-attenzjoni meħtieġa lir-riżultati ta' din il-verifika fi stadju aktar 'il quddiem;

L-immaniġġjar finanzjarju tal-Parlament Ewropew

24. Jinnota li l-analiżi ta' l-immaniġġjar finanzjarju mehmuża mal-kontijiet ta' l-2005 tipprovdi dikjarazzjoni utli ta' l-avvenimenti finanzjarji ewlenin tas-sena li qed tkun riveduta;

25. Jirrimarka li proporzjon ta' l-attività ta' l-immaniġġjar fil-Parlament fl-2005 kien għadu immirat lejn l-aġġustament għall-ħtiġijiet ġodda tar-Regolament Finanzjarju, it-twaqqif ta' sistemi ta' kontroll ġodda, metodoloġiji u metodi ta' ħidma, it-tfassil ta' programmi ta' taħriġ u t-twaqqif ta' setturi ġodda ta' responsabbiltà;

26. Jinnota li l-esperjenza inizjali ta' l-applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju ġdid f'istituzzjoni bħalma hu l-Parlament, li għandu baġit amministrattiv x'jimmaniġġja, tindika f'ċerti każi li twaqqfu sistemi u ċirkwiti finanzjarji li kienu kumplessi żżejjed;

27. Jinnota li xi direttorati ġenerali għadhom tal-fehma li ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u tar-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu jwasslu għal burokrazija żejda fil-proċess ta' kontroll intern globali u jikkostitwixxu piż bla bżonn fuq l-immaniġġjar;

28. Jinnota li fid-Direttorat għall-Kontroll Finanzjarju ta' qabel 18-il membru tal-persunal (minn total ta' 20 membru tal-persunal) kien involut f'xogħol ta' kontroll, filwaqt li taħt l-istruttura ġdida stabbilita fir-Regolament Finanzjarju ġdid, 44 membru tal-persunal huma assenjati għal dan ix-xogħol fid-direttorati ġenerali differenti; minbarra dawn hemm 10 awdituri (minn total ta' 12-il membru tal-persunal) li qed jaħdmu fis-Servizz ta' Verifika Interna;

29. Jafferma mill-ġdid, għal darb'oħra, il-fehma espressa fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-26 ta' Settembru 2006, tat-12 ta' April 2005 [1], tal-21 ta' April 2004 [2] u tat-8 ta' April 2003 [3] li "l-iskop tal-proċedura ta' kwittanza m'għandux ikopri biss l-attivitajiet ta' mmaniġġjar tas-Segretarju Ġenerali u l-Amministrazzjoni tal-Parlament, iżda wkoll id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-korpi governattivi tiegħu, jiġifieri il-President, il-Bureau u l-Konferenza tal-Presidenti tiegħu";

[1] ĠU L 196, 27.7.2005, p. 28.
[2] ĠU L 330, 4.11.2004, p. 160.
[3] ĠU L 148, 16.6.2003, p. 62.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

30. Jenfasizza li l-Parlament ma jagħtix il-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali, imma lill-President peress li huma l-membri eletti, u mhux l-uffiċjali, li fl-aħħar mill-aħħar huma politikament responsabbli mill-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-baġit; għalhekk jistieden lill-President u lill-Viċi Presidenti responsabbli għall-baġit sabiex jipparteċipaw fil-laqgħat futuri tal-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju kif meħtieġ u sabiex jaqblu mal-Kumitat dwar il-forma xierqa biex ikun hemm djalogu politiku li jagħti l-frott matul il-proċedura ta' kwittanza;

31. Jilqa' li l-Bureau beda diskussjonijiet dwar ir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-awtorità baġitarja u ta' kwittanza bil-għan li tkun iċċarata t-tifsira prattika preċiża tar-responsabbiltà politika li għandhom il-Membri tal-korpi governattivi tal-Parlament fir-rigward ta' l-eżerċizzju ta' setgħat u t-teħid ta' deċiżjonijiet b'konsegwenzi finanzjarji sinifikanti; jitlob lill-Bureau li għadu kif ġie elett biex jerġa' jibda d-diskussjonijiet li jinvolvu l-kumitati kkonċernati f'dan id-dibattitu;

32. Jilqa' l-fatt li s-Segretarju Ġenerali fassal dokument qasir u faċli biex jinqara li jispjega l-baġit ta' l-2004 u l-2005, liema dokument huwa disponibbli wkoll fuq il-websajt tal-Parlament;

Ir-rapporti ta' l-attivitajiet tad-direttorati ġenerali

33. Jirrimarka li s-Segretarju Ġenerali tal-Parlament ippreżenta r-rapporti ta' attività għall-2005 tad-diretturi ġenerali lill-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju fl-10 ta' April 2006; f'dak il-kuntest is-Segretarju Ġenerali, fil-kariga tiegħu ta' uffiċjal iddelegat biex jawtorizza, stqarr li kien ingħata assigurazzjonijiet raġonevoli li l-baġit tal-Parlament kien ġie implimentat skond il-prinċipji ta' mmaniġġjar finanzjarju sod u li l-qafas ta' kontroll li ġie applikat jagħti l-garanziji meħtieġa tal-legalità u tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti;

34. Jilqa' l-fatt li d-diretturi ġenerali kollha ħarġu dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni assoluta għat-tranżazzjonijiet finanzjarji tad-dipartimenti tagħhom;

35. Japprezza l-progress li sar fl-armonizzazzjoni tal-preżentazzjoni u l-istruttura tar-rapporti ta' l-attività annwali; madankollu għadu tal-fehma li għandu jkun possibbli li jsir aktar progress biex jittejbu l-leġġibbiltà u l-komparabiltà; jitlob lis-servizzi tiegħu biex jinkludu sommarju eżekuttiv ta' paġna li jiddikjara l-approprjazzjonijiet li waslu, l-impenji meħuda, il-ħlasijiet li saru u kif intużaw l-ammonti li ma ntefqux (i.e. fondi trasferiti mis-sena ta' qabel, trasferimenti, trasferimenti ta' kklerjar eċċ.), kif ukoll avvenimenti ewlenin tas-sena finanzjarja li għaddiet;

36. Jinnota li l-konklużjonijiet fir-rapporti ta' l-attivitjiet jidentifikaw l-isfidi ġenerali li ġejjin:

— it-tqegħid fil-prattika tal-qafas ta' kontroll intern jieħu aktar ħin milli kien maħsub fil-bidu,

— l-implimentazzjoni ta' l-eżekuzzjoni tal-baġit skond ir-Regolament Finanzjarju ġdid,

— l-implimentazzjoni ta' talbiet politiċi fi żmien qasir,

— ir-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' persunal ġdid.

Akkwisti

37. Ifakkar li skond l-Artikoli 54 u 119 tar-regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju [1] istituzzjonijiet iressqu rapporti lill-awtorità baġitarja dwar proċeduri nnegozjati u dwar kuntratti li ma jaqgħux taħt direttivi ta' akkwist pubbliku; lista ta' kuntratturi li ngħataw kuntratti li jiswew aktar minn EUR 50 000 iżda inqas mil-limitu minimu skond id-direttivi msemmija, hija ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali, u kuntratti li jiswew bejn EUR 13 800 u EUR 50 000 jiġu ppubblikati fil-websajts ta' l-istituzzjonijiet; barra minn hekk, fl-2003 l-Parlament stieden lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jagħti rapport annwali dwar il-kuntratti konklużi [2];

[1] Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1).

[2] Paragrafu 90 tar-riżoluzzjoni ta' kwittanza tiegħu ta' l-2001 (ĠU L 148, 16.6.2003, p. 62).

38. Jinnota li r-rapport annwali fih l-informazzjoni li ġejja dwar kuntratti li ngħataw fl-2005 li għandhom valur ugwali għal jew aktar minn EUR 13 800:

It-tip ta' kuntratt	Numru [2004 f' ()]	Persentaġġ [2004 f' ()]	Ammont f'EUR [2004 f' ()]	Persentaġġ [2004 f' ()]
Servizzi	199 (229)	64 % (58 %)	89 551 639 (180 927 304)	44 % (75 %)
Provvisti	53 (99)	17 % (25 %)	29 036 604 (26 500 867)	14 % (11 %)
Xogħlijiet	48 (60)	15 % (15 %)	13 763 856 (18 876 271)	7 % (8 %)
Bini	12 (4)	4 % (2 %)	73 149 658 (15 593 025)	35 % (6 %)
Total	312 (392)	100 %	205 501 756 (241 897 467)	100 %

Tip ta' proċedura	Numru [2004 f' ()]	Persentaġġ [2004 f' ()]	Ammont f'EUR [2004 f' ()]	Persentaġġ [2004 f' ()]	Ammont medju [2004 f' ()]
Miftuħa	64 (95)	21 % (24 %)	94 187 176 (157 909 034)	71 % (70 %)	1 471 675 (1 662 200)
Ristretta	112 (110)	37 % (28 %)	26 676 276 (39 897 441)	20 % (18 %)	238 181 (362 704)
Innegozjata	124 (183)	42 % (48 %)	11 488 646 (28 497 967)	9 % (12 %)	92 650 (155 727)
Total	300 (388)	100 %	132 352 098 (226 304 442)	100 %	441 174 (585 259)

39. Jirrimarka li mit-312-il kuntratt mogħtija, 147 kienu jiswew mill-inqas EUR 50 000 filwaqt li 165 kienu jiswew bejn EUR 13 800 u EUR 50 000; isaqsi lill-amministrazzjoni tiegħu jekk taħsibx li l-proċeduri fis-sehh għall-għoti tat-tip ta' kuntratti msemmija l-aħħar skond ir-Regolament Finanzjarju rivedut humiex effettivi biżżejjed;

40. Ifakkar li l-Awditur Intern ikkonkluda verifika mifruxa ma' l-istituzzjoni kollha tal-proċess ta' l-akkwisti; ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu huma mniżżlin iktar 'il fuq;

41. Jilqa' — fir-rigward tal-valur — li 91 % tal-kuntratti ngħataw skond proċeduri miftuħa (71 %) u ristretti (20 %);

42. Jinnota t-tweġiba tas-Segretarju Ġenerali ([1]) li tistabbilixxi l-miżuri meħuda biex titwaqqaf id-database tal-kuntratti skond l-Artikolu 95 tar-Regolament Finanzjarju; jirrikonoxxi fl-istess ħin li r-Regolament Finanzjarju rivedut issa jaħseb għal database ċentrali waħda għall-istituzzjonijiet kollha, immaniġġjata mill-Kummissjoni;

([1]) Ittra liċ-"Chairman" tal-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju tal-11 ta' Jannar 2007 (300319).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

Gruppi politiċi (reviżjoni ta' kontijiet u proċeduri — Punt 3701 tal-baġit)

43. Ifakkar li l-paragrafu 2.7.3 tar-Regoli dwar l-użu ta' approprjazzjonijiet mill-Punt 3701 tal-baġit [1], jitlob li l-Bureau u l-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju jieħdu ħsieb il-kontijiet annwali vverifikati tal-gruppi politiċi skond is-setgħat moghtija lilhom mir-Regoli ta' Proċedura;

44. Itenni li l-gruppi politiċi huma responsabbli huma stess għall-immaniġġjar u l-użu tal-fondi tagħhom mill-baġit tal-Parlament, u li l-mandat tas-Servizz ta' Verifika Interna tal-Parlament ma jkoprix il-kundizzjonijiet applikabbli għall-użu ta' l-approprjazzjonijiet fil-Punt 3701 tal-baġit;

45. Jilqa' l-fatt li l-gruppi politiċi ppubblikaw ir-regoli finanzjarji u l-kontijiet interni tagħhom għall-2005 fil-websajt tal-Parlament;

46. Jagħmel notament tal-figuri li rriżultaw li ġejjin għal approprjazzjonijiet li ddaħħlu mal-Punt 3701 fl-2005:

(f'EUR 1000)

Total disponibbli fil-baġit						61 973
Membri Indipendenti						1 329
Ammont disponibbli għall-gruppi						60 644
Grupp	Ammont allokat mill-baġit tal-Parlament	Riżorsi proprji u ammonti trasferiti tal-Gruppi nfushom	Nefqa fl-2005	Rata ta' utilizzazzjoni	Limitu massimu ta' ammont trasferit [1]	Ammont trasferit għas-sena 2006
PPE-DE	17 282	4 510	15 066	69 %	8 641	6 727
PSE	13 107	5 447	11 679	63 %	6 554	6 554
ALDE	5 783	2 251	4 354	54 %	2 892	2 892
Verts/ALE	2 712	777	2 448	71 %	1 356	1 040
GUE/NGL	2 726	1 223	2 735	69 %	1 363	1 214
UEN	1 672	284	1 525	78 %	836	430
IND/DEM	2 182	688	2 044	71 %	1 091	826
NI	1 110	219	986	74 %	555	260
TOTAL	46 575	15 399	40 837	66 %	23 287	19 942

[1] Skond id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni għal Punt 3701 tal-baġit.

47. Jinnota li l-awdituri esterni tal-gruppi politiċi kkonfermaw li l-kontijiet kienu konformi mar-regoli preżenti u ma' l-istandards internazzjonali ta' kontabilità;

48. Jinnota li, fit-3 ta' Lulju 2006, il-Bureau approva r-rapporti tal-gruppi dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u r-rapporti ta' l-awdituri rispettivi; f'dan il-kuntest il-Grupp PSE ħallas lura EUR 322,107 u l-Grupp ALDE ħallas lura 788,845 mill-flus li ma ntużax lill-baġit tal-Parlament, billi dawn l-ammonti ma setgħux jiġu trasferiti;

49. Jinnota li l-gruppi politiċi użaw biss medja ta' 66 % ta' l-approprjazzjonijiet li kellhom disponibbli (2004: 74 %);

[1] Deċiżjoni tal-Bureau tat-30 ta' Ġunju 2003.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

Partiti politiċi fil-livell Ewropew

50. Jinnota l-preżentazzjoni li ġejja tal-kontijiet għall-għeluq tas-sena baġitarja 2005:

(f'EURO)

L-eżekuzzjoni tal-baġit ta' l-2005 kif miftiehem				
Partit [1]	riżorsi proprji	għotja totali mill-PE	dħul totali	għotja f'% tan-nefqa eleġibbli (mass. 75 %)
PPE	1 053 583.60	2 398 941.14	3 452 524.74	70,08 %
PSE	848 943.72	2 489 175.00	3 338 118.72	74,76 %
ELDR	358 234.17	819 562.69	1 177 796.86	70,10 %
EFGP	205 699.82	568 261.00	773 960.82	73,64 %
AEN	38 184.98	114 330.48	152 515.46	74,96 %
PDE	85 932.25	253 933.49	339 865.74	74,86 %
GE	121 956.00	365 868.00	487 824.00	69,49 %
EFA	84 530.51	217 906.00	302 436.51	72,05 %
Total	2 797 065.05	7 117 977.80	10 025 042.85	72,18 %

[1] PPE: Partit Popolari Ewropew PSE: Partit tas-Soċjalisti Ewropej: ELDR: Partit Ewropew tal-Liberali, Demokratiċi u Riformisti; EFPG: Alleanza Ħielsa tal-Ħodor Ewropej: AEN Unjoni għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet; PDE Partit Demokratiku Ewropew; GE Partit tax-Xellug Ewropew: EFA: Alleanza Ewropea Ħielsa.

51. Jenfasizza li l-fatt li l-awdituri esterni tal-partiti kkonfermaw li l-kontijiet kienu konformi mad-dispożizzjonijiet statutorji msemmijin fl-Artikoli 6, 7, 8 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Novembru 2003 dwar ir-regolamenti li jmexxu l-partiti politiċi fuq livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom [1], u li l-kontijiet ippreżentaw stampa vera u fidila tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-partiti politiċi lejn it-tmiem tas-sena finanzjarja 2005;

52. Madankollu jinnota li,

— il-Partit tax-Xellug Ewropew (GE) qabeż il-baġit proviżorju tiegħu u għamel telf ta' EUR 42 000, li mhux kopert għal kollox mill-kapital eżistenti; għalhekk dan il-partit għandu jtejjeb b'mod sinifikanti l-isrutturi ta' kontroll intern tiegħu u jikkapitalizza ruħu mill-ġdid sabiex jissodisfa l-passivi għall-2005 u biex jiggarantixxi riżerva suffiċjenti għall-ġejjieni,

— l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Unjoni għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet (AEN) u tal-Partit Demokratiku Ewropew (PDE) baqgħet taħt il-baġits proviżorji rispettivi tagħhom, li wassal għal tnaqqis fl-għotja u fl-irkupru ta' somom imħallsin iżżejjed (EUR 110 669,52 mill-AEN u EUR 113 690,51 mill-PDE);

53. Jenfasizza l-fatt li fuq livell Ewropew il-partiti laħqu livell għoli ta' użu ta' l-approprazzjonijiet disponibbli għalihom;

54. Jenfasizza mill-ġdid ir-rilevanza tal-proposti tiegħu għal titjib ulterjuri fir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 kif imsemmija fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006 [2];

[1] ĠU L 297, 15.11.2003, p. 1.
[2] ĠU C 292E, 1.12.2006, p.127.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

55. Huwa kuntent li t-titjib li ġej jistgħa jintlaħaq fir-rigward tal-finanzjament tal-partiti politiċi fil-livell Ewropew wara d-deċiżjoni mill-Bureau ta' l-1 ta' Frar 2006;

— l-ispejjeż eleġibbli li jaqgħu taħt l-għotja ta' din is-sena *(n)* jistgħu jitħallsu fis-sena *n+1*,

— il-Bureau adotta baġit multi-annwali indikattivi għall-perjodu 2007-2009;

56. Jibqa' konvint li l-partiti politiċi fil-livell Ewropew iridu jitħallew jistabbilixxu riżervi sabiex f'każ li jisfaxxaw, ikunu jistgħu jaqdu l-obbligi statutorji tagħhom lejn l-impjegati u l-kuntratturi tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni biex ma tibqax tonqos milli tonora l-impenji tagħha msemmija fil-proċedura ta' konċiljazzjoni tal-21 ta' Novembru 2006 sabiex tippreżenta proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru. 2004/2003 bl-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet xierqa biex teżenta r-riżorsi proprji mir-regola li ma tippermettix qligħ imwaqqfa mill-Artikolu 109 tar-regolament Finanzjarju, b'mod partikolari kontribuzzjonijiet u miżati ta' sħubija, miżjuda ma' l-operat annwali ta' partit politiku fuq livell Ewropew li jaqbżu l-25 % ta' l-ispiża eliġibbli li għandha tiġġarrab mill-benefiċjarju skond l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru. 2004/2003;

Il-politika dwar proprjetà tal-Parlament

57. Jirrikonoxxi li l-politika stabbilita tal-Parlament hija li jsir is-sid tal-bini li juża; bħala riżultat ta' dan, bejn l-1992 u l-2005, il-Parlament investa total ta' EUR 1 400 miljun f'proprjetà immobbli, u b'hekk, skond il-kalkoli tiegħu stess, sa l-aħħar ta' l-2006 ffranka madwar EUR 700 miljun fi kiri u spejjeż;

58. Jitlob lis-Segretarju Ġenerali sabiex lill-kumitat parlamentari rilevanti jagħtih dettalji ta' l-ispejjeż involuti biex jinżammu t-tliet postijiet ta' ħidma tal-Parlament, kemm meħudin bħala total kif ukoll għal kull post, peress li l-aħħar aġġornament li ntalab kien għas-sena 2000 meta l-Unjoni kellha biss 15-il Stat Membru, sabiex il-Parlament jista' jkollu idea aktar ċara fl-istruttura ta' l-ispejjeż tiegħu u jkun jista' jidentifika oqsma fejn jista' jsir xi ffrankar;

Strasburgu

59. Jerġa' jtenni li l-Kumitat għall-Kontrol tal-Baġit irreveda b'mod komprensiv l-avvenimenti fir-rigward tax-xiri tal-bini Winston Churchill (WIC), Salvador de Madariaga (SDM) u l-bini ta' l-IPE III bi preparazzjoni għall-kwittanza 2004 tal-Parlament;

60. Jenfasizza li minn dak iż-żmien 'l hawn il-Parlament sar is-sid tat-tliet binjiet, wara d-deċiżjoni unanima tal-Bureau tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2006; id-dispożizzjonijiet finanzjarji u legali tal-kuntratt tax-xiri pprevedew:

— prezz tal-bejgħ ta' EUR 143 125 000, li jridu jitħallsu fi flus kontanti ma' l-iffirmar tal-kuntratt, biżżewġ siti jiġu assenjati għall-prezz simboliku ta' EUR 1 kull wieħed,

— Il-Parlament jibda jgawdi l-pussess tal-bini mid-data ta' l-iffirmar tal-kuntratt,

— il-programm ta' xogħlijiet ta' rinnovazzjoni fuq il-bini, li kien sar qbil dwaru ma' l-SCI-Erasme, għandu jitkompla u jitlesta taħt ir-responsabilità tal-Belt ta' Strasburgu,

— il-Belt ta' Strasburgu tagħmel l-arranġamenti għall-finanzjament u l-eżekuzzjoni tax-xogħol meħtieġ sabiex il-bini IPE III ikun jista' jiġi klassifikat bħala 'bini għall-aċċess pubbliku ta' l-ewwel kategorija', sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2007;

61. Jinnota li l-Bureau, f'dik l-okkażjoni, awtorizza wkoll il-ħlas tal-kera tat-tliet binjiet li kopra s-sena 2006 sa l-iffirmar tal-ftehim kwadru (28 ta' Settembru 2006), skond l-opinjoni mogħtija mis-Servizz Legali nhar is-26 ta' Ġunju 2006; EUR 7 352 644,14 għall-bini WIC u SDM, u EUR 4 023 329,90 għall-bini IPE III;

62. Barra minn hekk, jinnota li l-kuntratt tal-bejgħ ippreveda li jekk il-Parlament jagħti l-kumpless tal-bini kollu — lil xi parti terza li ma tkunx istituzzjoni jew korp ta' l-Unjoni Ewropea — is-sjieda tas-sit(i) tmur lura għand il-Belt ta' Strasburgu għall-prezz simboliku ta' EUR 1; il-Parlament u l-Belt ta' Strasburgu għandhom jaqblu dwar il-prezz tal-bini t-tnejn li huma; jekk dan ma jseħħx il-prezz għandu jkun stabbilit minn evalwazzjoni ta' l-esperti,

Lussemburgu

63. Jinnota l-elementi tal-ftehim kwadru bejn l-awtoritajiet tal-Lussemburgu u l-Parlament dwar l-estensjoni tal-Bini Konrad-Adenauer (KAD I u II); il-ftehim kwadru jkopri l-art, id-dritt tal-Parlament li jikri l-bini jew biċċa minnu u l-kundizzjonijiet tal-konċessjoni tad-dritt in rem lil kwalunkwe xerrej tal-bini;

64. Jinnota, minbarra, li l-ispejjeż ta' l-immaniġġjar tal-proġett tat-twettiq ta' studji ulterjuri, ta' l-immaniġġjar tal-proġett tax-xogħlijiet ta' rinnovament tal-KAD u tal-kuntratti ta' xogħol ġew stmati EUR 345 170 900 (valur Mejju 2005);

65. Jenfasizza li ser iffittex ċertifikazzjoni ambjentali għall-estensjoni tal-bini KAD, b'mod konformi ma' l-aderenza tiegħu ma' l-Immaniġġar Ekoloġiku u l-Iskema ta' Verifika (EMAS);

Brussell

66. Ifakkar li nhar l-10 ta' Ottubru 2004 iffirma l-kuntratt tal-kiri għal żmien twil ma' l-iżviluppatur li jagħti d-drittijiet in rem għall-bini D4-D5 bl-għażla ta' xiri; il-baġit globali jammonta għal EUR 325,2 miljuni; saru ħlasijiet bil-quddiem ta' EUR 192,6 miljun;

67. Jinnota li l-Bureau approva t-twaqqif ta' żona ta' servizzi kulturali u taċ-Ċentru Ewropew tal-Viżitaturi fil-bini D4 f'Lulju 2005;

68. Jenfasizza li fit-28 ta' Settembru 2004, permezz ta' ittra mill-Prim Ministru Guy Verhofstadt, il-gvern Belġjan iggarantixxa li l-ispejjeż ta' l-art u ta' l-iżvilupp tagħha se jitħallsu lura lill-Parlament, u li din hi l-proċedura standard li tapplika wkoll għall-istituzzjonijiet Ewropej l-oħrajn;

69. Jiddispjaċih, madankollu, li l-awtoritajiet Belġjani s'issa għadhom m'onorawx il-ftehim dwar il-valur ta' l-art, li hija stmata EUR 43 miljun, u li qegħdin jikkontestaw l-ammont totali li għandu jitħallas lura lill-Parlament għall-ispejjeż ta' l-iżvilupp ta' l-art għall-bini D4-D5, stmati mis-servizzi tal-Parlament għal EUR 30,8 miljun;

70. Iqis l-offerta ta' EUR 15 miljun mill-awtoritajiet Belġjani bħala mhix aċċettabbli; huwa tal-fehma li bħala prinċipju, l-ispejjeż tal-kisi tas-soqfa ta' l-istazzjoni tal-ferrovija — li hu post pubbliku — ma jistgħux jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-Parlament;

71. Jesprimi l-appoġġ lill-President u lill-Bureau biex isolvu t-tilwim li nqala' bejn l-awtoritajiet Belġjani u l-awtoritajiet tal-Parlament filwaqt li jħarsu l-interessi finanzjarji u istituzzjonali tal-Parlament;

72. Għaldaqstant jitlob lill-gvern Belġjan biex jonora l-ftehim imsemmi hawn fuq;

73. Huwa ta' l-opinjoni li l-kostruzzjoni ta' binjiet ġodda tal-Parlament u l-investimenti fil-kostruzzjoni sussegwenti madwar dawn il-binjiet kellhom effett fuq il-viċinat fir-rigward ta' djar, traffiku u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u ta' l-għixien, u għaldaqstant jitlob lis-Segretarju Ġenerali li jfittex politika għal konsultazzjonijiet regolari ma' rappreżentanti ta' l-abitanti taz-zona u jirrapporta fuq ir-riżultati miksuba sabiex ikun limitat l-impatt negattiv tal-preżenza tal-Parlament f'kordinazzjoni ma' l-awtoritajiet lokali fil-ħin għall-kwittanza li jmiss;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

Skema ta' Pensjoni Volontarja

74. Ifakkar li l-Qorti ta' l-Awdituri fir-Rapporti Annwali tagħha kienet indikat kemm-il darba, l-iżjed riċenti fl-2005 (Tabella 10.2), li għandha tinħoloq bażi legali suffiċjenti għal skema ta' pensjoni parlamentari addizzjonali; ifakkar ukoll li, skond il-Qorti, iridu jiġu stabbiliti regoli ċari biex jieħdu ħsieb l-eventwalità ta' defiċit; jinnota, iżda, li l-opinjoni tas-servizzi legali tal-Parlament hija li diġà teżisti bażi legali suffiċjenti għal skema ta' pensjoni parlamentari addizzjonali fil-qafas ta' l-awtonomija regolatorja tal-Parlament Ewropew stipulata fl-Artikolu 199 tat-Trattat KE (li qabel kien l-Artikolu 142 tat-Trattat KEE) li jagħti lill-Parlament Ewropew id-dritt li jieħu kwalunkwe miżura li għandu bżonn għall-organizzazzjoni interna tiegħu, u li, barra minn hekk, ladarba l-Istatut tal-Membri jidħol fis-seħħ, l-Artikolu 27 tiegħu se jikkostitwixxi l-bażi legali għall-Fond tal-Pensjoni;

75. Jinnota li f'Novembru 2005 l-Iskema ta' Pensjoni Volontarja kellha 475 membru, li ħallsu kontribuzzjoni ta' kull xahar — li tnaqqset direttament mill-konċessjoni għall-ispejjeż ġenerali — ta' EUR 948, jiġifieri terz; fl-istess ħin il-Parlament ħallas kontribuzzjoni ta' xahar ta' EUR 1 896 għal kull membru;

76. Jitlob lill-membri ta' l-Iskema ta' Pensjoni Volontarja biex sa l-aħħar ta' Novembru 2007 juru li l-kontribuzzjonijiet tagħhom li tnaqqsu mill-konċessjoni għall-ispejjeż ġenerali tassew ħallsu lura minn sors ta' dħul privat; inkella l-membri ta' l-iskema se jibqgħu esposti għall-allegazzjonijiet ta' ġenerazzjoni ta' dħul ieħor moħbi;

77. Jitlob lill-amministrazzjoni sabiex — minn Jannar 2008 — twaqqaf il-pagamenti għal dawk il-Membri li ma jkunux ipprovaw li l-kontribuzzjoni personali tagħhom għall-Fond ta' Pensjoni Volontarja ġiet imħallsa lura minn sors ta' dħul privat;

78. Ifakkar lill-Bureau u lill-amministrazzjoni tiegħu biex qabel it-30 ta' Marzu 2007 huma kellhom jipproponu miżuri li jiżguraw li l-pagamenti personali mill-membri tal-Fond lill-iskema ta' pensjoni jsiru direttament mill-membri ta' l-iskema permezz ta' ħlas dirett minn sors ta' dħul personali ([1]);

79. Jinnota li l-Fond ta' Pensjoni Volontarja rnexxielha tnaqqas id-defiċit attwarjali tagħha, li kien ilu ħames snin, minn EUR 43 756 745 fl-2004 għal EUR 28 875 471 fl-2005, u b'hekk tejbet il-pożizzjoni attwarja tagħha minn 76.8 % fl-2004 għal 86.1 % fl-2005; jenfasizza li matul dawn l-aħħar snin is-suq ta' l-ishma kien volatili ħafna, u li għaldaqstant m'hemm l-ebda ċertezza dwar lejn liema direzzjoni se jiżviluppa d-defiċit attwarjali ta' l-Iskema;

80. Jistieden lill-maniġer ta' l-investiment tal-Fond biex jappoġġja investimenti "ta' risku baxx" u biex josserva l-istandards ta' investimenti etiċi kif mistqarra fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament;

81. Jinnota li minn Jannar 2006 'l hawn, membru jista' jiġbed pensjoni ta' EUR 1 304 fix-xahar mill-età ta' 60 sena 'l quddiem u wara biss ħames snin ta' kontribuzzjonijiet;

82. Jilqa' l-fatt li l-Bureau tiegħu waqqaf grupp ta' ħidma sabiex jeżamina s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Fond tal-Pensjoni Volontarja fuq il-bażi ta' studju attwarjali u indipendenti; jitlob li l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu jkun mgħarraf fuq bażi regolari dwar is-sejbiet tal-grupp ta' ħidma;

83. Huwa tal-fehma li wara li l-grupp ta' ħidma tal-Bureau jkun lesta x-xogħol tiegħu, ir-relazzjoni bejn il-Parlament u l-Fond tal-Pensjoni għandha titpoġġa fuq bażi kuntrattwali;

84. Huwa tal-fehma li wara li jkun daħal fis-seħħ l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew l-Iskema ta' Pensjoni Volontarja għandha tillimita ruħha biex tonora d-drittijiet (miksubin sa Ġunju 2009), li jfisser li l-ebda Membru tal-Parlament Ewropew jew tal-Fond ma jkun jista' jkompli jagħmel ħlasijiet fil-Fond; jistieden lill-Bureau sabiex jieħu l-miżuri meħtieġa,

([1]) Ara paragrafu 88 tar-Riżoluzzjoni tas-26 ta' Settembru 2006, hawn fuq imsemmija.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

Assistenti Parlamentari fil-Parlament Ewropew

85. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Bureau tiegħu tal-25 ta' Settembru 2006 li permezz tagħha adotta Kodiċi għall-assistenti parlamentari tal-Parlament Ewropew; huwa ta' l-opinjoni li għandha tinħareġ kopja personali tal-kodiċi għal kull Membru u fil-lingwa rispettiva tiegħu jew tagħha;

86. Jinnota, abbażi taċ-ċifri pprovduti mis-Segretarju-Ġenerali nhar l-24 ta' Jannar 2007, li bħalissa n-numru totali ta' assistenti akkreditati huwa 1 416, li minnhom 433 huma fornituri ta' servizzi (persuni naturali), madwar 583 għandhom kuntratt ta' impjieg dirett mal-Membru u l-400 l-oħrajn huma impjegati permezz ta' fornitur ta' servizz; minn dawk, madwar 138 għandhom kuntratt ta' impjieg taħt il-liġi Belġjana (14 % ta' l-assistenti akkreditatri b'kuntratti ta' impjieg); fl-2005 kien hemm 4 060 kuntratt għal assistenti parlamentari (inklużi l-1 673 impjegat u l-2 387 fornitur ta' servizzi, li minnhom 1 687 huma persuni fiżiċi u 700 persuni ġuridiċi) u 492 'trainees' tħallsu mill-konċessjoni għall-assistenza parlamentari;

87. Jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-verifika tal-konċessjoni għall-assistenza parlamentari tal-Membri, li se tkun disponibbli biss iżjed tard din is-sena; jitlob, għalhekk, lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit sabiex waqt il-kwittanza ta' l-2006 jsegwi dan ir-rapport tal-verifika flimkien ma' l-osservazzjonijiet tiegħu ta' qabel dwar il-kontribuzzjonijiet tal-Membri [1];

88. Jieħu nota li l-iżvilupp ta' Statut għall-Assistenti jeħtieġ negozjati mal-Kummissjoni u mal-Kunsill u li l-Bureau jixtieq ukoll jikkonsulta mal-Kumitat dwar l-Affarijiet Legali; jitlob għalhekk lill-Bureau li għadu kif ġie elett sabiex ikompli jaħdem fuq dan is-suġġett bil-ħsieb li jirregola l-kundizzjonijiet tar-reklutaġġ u tax-xogħol kif ukoll l-arranġamenti tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa għall-assistenti;

89. Huwa tal-fehma li fid-dawl tad-dibattitu li għadu għaddej dwar din il-kwistjoni, il-mandat tal-grupp ta' ħidma parlamentari għandu jiġi estiż;

Pjan Kyoto-plus għall-Parlament Ewropew

90. Ifakkar xi ftit miċ-ċifri ewlenin li jirriflettu l-impatt enormi li l-Parlament Ewropew għandu fuq l-ambjent (ċifri għall-2004):

— nefqa fuq l-elettriku EUR 6,2 miljuni

— tiswin u gass 235 364 GJ/sena

— emissjonijiet CO 11 245 t/sena

— karta/stampa 70 523 kaxxa ta' 2 500 folja A4 (846.3 t)

— ilma 167 830 m = EUR 258 836

— skart ordinarju 2,098 t = EUR 347,387

— parkeġġi tal-karozzi 5156 post

91. Jitlob lis-Segretarju Ġenerali jipprovdi lill-kumitat parlamentari rilevanti bl-analiżi ta' l-impatt ambjentali li għandhom it-tliet postijiet ta' ħidma tal-Parlament b'mod ġenerali u skond il-lokalità u dwar il-bżonnijiet għall-ivjaġġar relatati;

92. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Bureau tad-19 ta' April 2004 li twaqqaf Sistema ta' Mmaniġġjar Ambjentali fil-Parlament Ewropew, b'konformità mar-Regolament għall-Immaniġġjar Ambjentali u l-Iskema ta' Verifika (Regolament EMAS), li sservi bħala għodda tajba ħafna biex jiġi mmaniġġjat l-impatt ambjentali ta' l-attivitajiet tal-Parlament;

93. Jilqa' wkoll inizjattivi oħrajn sabiex jitnaqqas l-impatt tiegħu fuq l-ambjent, bħall-organizzazzjoni mill-ġdid tal-ħanut ta' l-istampa tiegħu, l-introduzzjoni ta' kontenituri ġodda u iżjed ħfief għat-trasport tad-dokumenti, id-disponibilità ta' roti f'Brussell u fil-Lussemburgu, l-organizzazzjoni tal-vidjokonferenzi u r-riċiklaġġ tal-kontenituri tal-linka;

[1] Ara paragrafi 73 sa 79 tar-Riżoluzzjoni tas-26 ta' Settembru 2006, hawn fuq imsemmija.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

94. Jilqa' r-reġistrazzjoni EMAS bħala pass tassew pożittiv; madankollu jiddispjaċih li l-pjan ta' azzjoni EMAS jistabbilixxi biss miri baxxi ħafna ta' tnaqqis (eż. 5 % għat-tisħin u l-klimatizzazzjoni ta' l-arja), jipproponi skadenzi tardivi (eż. l-2011 għat-tnaqqis ta' l-konsum ta' l-enerġija għad-dawl), u jwaqqaf bosta gruppi ta' studju li jaħdmu biss fuq titjib wieħed;

95. Jinnota li l-Unjoni Ewropea tilgħab parti ewlenija fid-dibattitu dwar it-tibdil fil-klima fuq livell internazzjonali; iqis għalhekk li l-Parlament m'għandux biss jikkontribwixxi b'mod attiv biex jilħaq l-impenji li għandha l-UE fil-Protokoll ta' Kyoto, iżda wkoll biex jilħaq l-għanijiet tar-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar it-tibdil fil-klima, b'mod partikulari t-tnaqqis ta' l-emissjonijiet CO b'30 % sa l-2020;

96. Jistieden lill-amministrazzjoni tiegħu biex telabora Pjan Kyoto-plus li jfassal pjan ta' azzjoni li jkun iżjed ambizzjuż u komprensiv mill-miżuri previsti taħt il-qafas EMAS, bil-ħsieb li juri lill-pubbliku ġenerali li tassew qed jirsisti sabiex jilħaq l-għanijiet li titlob li jilħaq ħaddieħor;

97. Huwa ta' l-opinjoni li l-azzjonijiet tal-Pjan Kyoto-plus għandhom jinkludu dan li ġej:

— il-garanzija li l-estensjoni tal-bini KAD fil-Lussemburgu se tagħti eżempju billi tuża l-aqwa prattika ambjentali (eż. permezz ta' l-installazzjoni ta' sistema għall-irkupru, l-ħażna u l-użu mill-ġdid ta' l-ilma tax-xita, l-użu ta' l-eko-teknoloġija sabiex jitnaqqas il-konsum ta' l-enerġija, l-użu ta' teknoloġija moderna bħall-iżolament tas-sħana termali avvanzat, jew sistemi ta' klimatizzazzjoni ta' l-arja li jħaffu l-irkupru tas-sħana jew il-*free cooling*, l-użu ta' panelli solari għall-finijiet tat-tisħin ta' ilma u l-possibilità li tiġi installata unità għall-ġenerazzjoni konġunta tas-sħana u l-elettriku),

— it-twaqqif ta' pjan integrat ta' effiċjenza fl-enerġija fuq il-bażi ta' verifika li ssir mhux biss fuq il-konsum ta' l-enerġija iżda wkoll fuq il-bażi ta' studju dwar il-kawżi prinċipali tat-telf ta' l-enerġija; it-telf ta' l-enerġija jista' jiġi viżwalizzat permezz ta' stampi termografiċi tal-bini,

— il-kunsiderazzjoni li jinbidel il-fornitur ta' l-elettriku jew l-innegozjar mill-ġdid tal-kuntratt ma' dak/dawk preżenti, bil-ħsieb li l-enerġija tinxtara minn kumpaniji li għandhom l-inqas impatt negattiv fuq l-ambjent,

— iżjed tnaqqis fl-użu tal-karta (fl-2004 kien ta' 846 tunnellata),

— tnaqqis notevoli fil-konsum ta' l-ilma (li ma jidhirx li hu wieħed mill-miri tal-pjan ta' azzjoni ta' l-EMAS attwali),

— it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet mill-karozzi ta' servizz tiegħu għal 130 gr/km CO sa l-2012;

— il-kunsiderazzjoni li, fejn possibbli, jintużaw vetturi ibridi bħala l-karozzi ta' servizz tiegħu,

— l-organizzazzjoni ta' kampanja ta' informazzjoni fil-Parlament, li matulha — fuq il-bażi tal-bżonnijiet u l-preferenzi ta' trasport ta' l-uffiċjali u ta' aġenti oħrajn diġà stabbiliti f'servejs — jitressaq pjan ta' mobilità Parlamentari li jenfasizza l-vantaġġi u jħeġġeġ l-użu ta' mezzi xierqa ta' trasport (eż. il-mixi, ir-roti, il-mezzi ta' trasport pubbliku, *car sharing*, *car pooling* eċċ),

— l-istabbiliment ta' kuntatti ma' fornituri ta' trasport pubbliku, kemm lokali kif ukoll reġjonali, bil-ħsieb li jkun hemm netwerk ta' trasport iżjed effiċjenti, biex b'hekk jiġu attirati iżjed klijenti mill-persunal tal-Parlament u minn istituzzjonijiet oħrajn;

— it-talba lill-Bureau sabiex iwaqqaf punt ta' informazzjoni permanenti u viżibbli dwar l-immaniġġjar tal-mobilità, li jagħti lill-konsumaturi iżjed informazzjoni u għajnuna dwar il-mobilità sostenibbli,

— it-tħeġġiġ ta' l-użu tat-tagħmir ta' l-informatika u tal-vidjokonferenzi sabiex jitnaqqas is-safar;

— l-isforz biex titnaqqas id-distanza li jivvjaġġa l-ikel li jinbiegħ fil-canteens u r-ristoranti tal-Parlament qabel ma jasal għand il-konsumatur;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

Opportunitajiet indaqs fil-Parlament Ewropew

98. Iqis li l-għoti ta' opportunitajiet indaqs għandu jkun parti integrali mill-politika tal-persunal tal-Parlament; għalhekk jilqa' r-rapport komprensiv ippreżentat mill-Viċi President responsabbli għall-ugwaljanza bejn is-sessi, li l-Bureau adotta fid-29 ta' Novembru 2006; jistenna li l-konklużjonijiet jiġu implimentati għal kollox;

99. Juri li l-politika ta' opportunitajiet indaqs tal-Parlament għandha tkun parti integrali minn proċeduri ta' offerti u għandha titqies kif xieraq meta jiġu konklużi kuntratti ma' kumpaniji li jipprovdu servizzi lill-Parlament;

100. Jaqbel mal-miri mfassla mill-Bureau għall-ħatra ta' nisa f'livell ta' maniġment; jinnota b'sodisfazzjon li l-miri għall-maniġment ta' grad ogħla kważi ntlaħqu;

101. Jiġbed l-attenzjoni għall-iżbilanċ kostanti fil-livell ta' maniġment ta' grad medju; jilqa' l-istħarriġ u l-miżuri meħuda mid-DG Personnel; madankollu jitlob evalwazzjoni tal-programm ta' taħriġ pilota għal nisa li jistgħu jinħatru kapijiet ta' l-unità;

102. Jenfasizza li bilanċ aħjar bejn il-ħajja professjonali u l-ħajja privata jista' jippromwovi l-opportunitajiet indaqs; għalhekk jitlob miżuri konkreti biex jiddaħħlu arranġamenti għax-xogħol iktar flessibbli għall-persunal, biex jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet statutarji eżistenti;

103. Jinnota l-isforzi tad-DG Persunal biex itejjeb il-proċeduri amministrattivi u baġitarji biex jiddaħħlu sostituti għal persunal bil-liv tal-maternità jew tal-ġenituri u persunal li qed jaħdem 'part-time'; jitlob lill-Bureau tiegħu u lill-Kumitat għall-Baġit biex iwarrbu l-mezzi baġitarji meħtieġa biex jiżguraw li dawn il-membri tal-persunal ikunu sostitwiti b'mod sistematiku;

104. Jilqa' l-isforzi biex tittejjeb l-aċċessibiltà tal-Parlament għal persuni b'diżabilitajiet, kemm jekk huma Membri, assistenti, persunal jew ċittadini; jilqa' l-programm pilota adottat mill-Bureau għal taħriġ għal persuni b'diżabilitajiet bħala miżura ta' azzjoni pożittiva, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-objettiv għall-futur imbiegħed huwa li l-aspett tad-diżabilità jkun integrat għal kollox fil-proċessi kollha tar-riżorsi umani;

105. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex iqis għalkollox ir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-integrazzjoni tas-sessi tat-13 ta' Marzu 2003 ([1]) għall-politika tal-persunal tal-Parlament; jirrakkomanda li jiddaħħal ibaġittjar għas-sessi fil-baġit ta' l-2008;

Il-Parlament u l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)

106. Jilqa' l-fatt li l-koperazzjoni bejn il-Parlament u l-OLAF ġeneralment titqies sodisfaċenti; madankollu, huwa inkwetat dwar iż-żmien twil meħtieġ biex jitlestew xi investigazzjonijiet;

107. Jitlob lill-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju biex jistieden lid-Direttur ta' l-OLAF għal diskussjoni dwar kwistjonijiet ta' interess komuni qabel l-aħħar ta' Lulju 2007;

108. Huwa konxju li l-Parlament u l-Kunsill se jiddiskutu r-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) ([2]) fil-futur qarib;

"Ngħollu l-Mira" — Ir-riforma ta' l-amministrazzjoni tal-Parlament

109. Jiġbed l-attenzjoni li l-organizzazzjoni mill-ġdid tas-segretarjat tal-Parlament sabiex jinħolqu aktar professjonaliżmu, kwalità għolja u sinerġija kważi tlestiet; jinnota li ddaħħlu l-bidliet li ġejjin:

— id-Direttorat Ġenerali għall-Kumitati u d-Delegazzjonijiet inqasam fi tnejn, u nħolqu Direttorat Ġenerali għall-Politika Interna u Direttorat Ġenerali għall-Politika Esterna, biex b'hekk tqiesu l-piż leġiżlattiv li qed jiżdied u l-livell ta' speċjalizzazzjoni,

([1]) ĠU C 61 E, 10.3.2004, p. 384.
([2]) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— titjib tar-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali,

— tneħħija tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka ta' qabel biex jerġa' jitwaqqaf bħala dipartimenti ta' politika li jaħdmu mill-qrib ma' kumitati parlamentari,

— il-kumitati parlamentari jingħataw baġit għall-istudji esterni u kontributi minn esperti indipendenti,

— żvilupp ta' l-użu tal-librerija tiegħu,

— twaqqif ta' timijiet ta' proġett orizzontali dwar kwistjonijiet ta' prijorità, u

— titjib tal-kwalità tat-testi parlamentari;

110. Jilqa' l-progress li sar bl-implimentazzjoni tar-riforma;

111. Jenfasizza, fl-istess ħin, li fir-rigward l-istudji esterni l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-istudji għandhom ikunu ċari, il-pakkett finanzjarju biżżejjed u l-iskadenzi realistiċi sabiex istituti ta' riċerka jagħtu pariri ta' kwalità;

Segwitu tar-riżoluzzjoni ta' kwittanza tas-sena l-oħra

112. Jinnota li fit-30 ta' Novembru 2005 il-Bureau tiegħu ħatar żewġ Viċi Presidenti u żewġ Kwesturi bil-ħsieb li jitħejjew regoli ġodda li jirregolaw il-ħlas ta' spejjeż u għotjiet finanzjarji lill-Membri skond l-Istatut tal-Membri li se jidħol fis-seħħ f'Lulju 2009; Jitlob li l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jingħata kopja tar-rapport intermedjarju, adottat fit-13 ta' Diċembru 2006, u ta' position papers oħra li jista' jabbozza l-grupp ta' ħidma; jenfasizza li l-verifika fuq l-għotja parlamentari tal-Membri se jkollha valur għoli għall-grupp ta' ħidma;

113. Jinnota li l-Bureau tiegħu bħalissa m'għandu l-ebda ħsieb li jimmodifika r-regoli tar-rimborż għall-ivvjaġġar għall-Membri bil-ħsieb li l-Membri li jkunu jixtiequ hekk jiġu rimborżati biss għall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar li jkunu saru; 27 Membru ħallsu lura lill-Parlament għal partijiet mill-għotja tagħhom għall-ivvjaġġar (EUR 148 963,57) fl-2005;

114. Jinnota li l-uffiċjali ta' l-awtorizzazzjoni ddelegati sistematikament irrevedew il-kuntratti tal-Parlament li ilhom ħafna u li dan l-eżerċizzju ma kixef l-ebda sitwazzjoni preġudizzjali għall-interessi finanzjarji tal-Parlament; Jilqa' l-fatt li fil-ġejjieni dan l-eżerċizzju se jibda jsir kull sena u li r-riżultati tiegħu se jkunu inklużi fir-rapporti annwali dwar l-attivitajiet;

115. Jinnota li fil-kuntest tat-tkabbir ta' l-2004 inħolqu 984 post għal uffiċjali: 489 fl-2003, 355 fl-2004 u 150 fl-2005; sa tmiem Novembru 2006 kienu ġew reklutati 518-l uffiċjal u 336 aġent temporanju; Barra minn hekk, 65 aġent kuntrattwali Bulgaru u 79 Rumeni wkoll kienu ġew reklutati sa tmiem Novembru 2006;

116. Jinnota l-problemi legali u organizzattivi marbuta ma' l-introduzzjoni ta' sistema ta' firem elettroniċi: minn aspett legali se jkun hemm bżonn ta' kjarifika dwar kif wieħed jirrikonċilja l-proġett mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli ta' Proċedura li jirregolaw it-tressiq ta' emendi fis-seduta plenarja; minn aspett organizzattiv ikunu jridu jiġu definiti mill-ġdid l-arranġamenti għat-tressiq ta' emendi u mistoqsijiet parlamentari;

117. Jistaqsi kif is-Segretarju Ġenerali għandu l-ħsieb li jimplimenta l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet;

118. Ifakkar li l-Bord tad-Dixxiplina temm ix-xogħol tiegħu fuq l-allokazzjoni tar-responsabbiltà f'dak li għandu x'jaqsam mad-diskrepanzi ta' BEF 4 136 125 fis-sitwazzjoni finanzjarja dwar flus kontanti u l-ammonti korrispondenti fl-1982; Jitlob lis-Segretarju Ġenerali biex jgħarraf lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit dwar ir-riżultat tal-proċedimenti ta' dixxiplina u wkoll dwar jekk l-ammont, inklużi l-interessi, ikunx ġie rkuprat.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

P6_TA(2007)0134

Kwittanza 2005: Taqsima II, Kunsill

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, Taqsima II — Kunsill (C6-0466/2006 — 2006/2072 (DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra l-kotba finali annwali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2005 — Volum I (C6-0466/2006) ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kunsill lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fl-2005,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005, u r-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet li jkunu għaddejjin, provduti mill-Qorti ta' l-Awdituri bi qbil ma' l-Artikolu 248 tat-Trattat KE ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar regolament finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]) u speċjalment l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0108/2007),

1. Jagħti lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jitlob lill-President tiegħu jgħaddi din id-deċiżjoni preżenti, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li tagħmel parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti ta' l-Awdituri u lill-Bank Ewropew għall-Investiment kif ukoll lill-istituzzjonijiet tal-kontrolli nazzjonali u reġjonali ta' l-Istati Membri, u li jiżgura li d-deċiżjoni tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

([1]) ĠU L 60, 8.3.2005.
([2]) ĠU C 264, 31.10.2006, p. 1.
([3]) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 1.
([4]) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 10.
([5]) ĠU L 248 tas-16.9.2002, p.1 Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L390 tat-30.12.2006, p.1).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

2.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 b'kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, Taqsima II — Kunsill (C6-0466/2006 — 2006/2072(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra l-kotba finali annwali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2005 — Volum I (C6-0466/2006) ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kunsill lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fl-2005,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005, u r-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet li jkunu għaddejjin, provduti mill-Qorti ta' l-Awdituri bi qbil ma' l-Artikolu 248 tat-Trattat KE ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar regolament finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]) u speċjalment l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0108/2007),

1. Jinnota li fl-2005 il-Kunsill kellu disponibbli approprjazzjonijiet ta' impenn li jammontaw għal total ta' EUR 588 182 640,52 b'rata ta' utilizzazzjoni ta' 96.69 %;

2. Jinnota li wara l-introduzzjoni tal-kontabilità tad-dovut (accrual accounting) b'effett mill-1 ta' Jannar 2005, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Kunsill juru bilanċ ekonomiku pożittiv ta' EUR 19 386 891.40 u ammonti identiċi (EUR 398 520 004.03) ta' attivi u ta' passivi;

3. Ifakkar li, għall-kuntrarju ta' Istituzzjonijiet oħra, il-Kunsill ma jressaqx rapport ta' attività annwali quddiem il-Parlament Ewropew, filwaqt li jsemmi l-Ftehima tal-Ġentlomi ta' l-1970 (Riżoluzzjoni reġistrata fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tat-22 ta' april 1970) u n-nuqqas ta' xi rekwiżit korrispondenti fir-Regolament Finanzjarju; jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkunsidra d-deċiżjoni li ma jippubblikax rapport ta' attività sabiex ikollu jagħti iżjed rendikont lill-pubbliku ġenerali u lil dawk li jħallsu t-taxxa;

4. Jirrimarka dwar is-sejba tal-Qorti ta' l-Awdituri (ECA) (paragrafu 10.11) li filwaqt li s-sistema rriformata tal-Kunsill għar-rimbors ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar tad-delegati tal-Membri tal-Kunsill naqqset ħafna mill-piż amministrattiv, kien hemm kontrolli insuffiċjenti dwar il-validità tad-dikjarazzjonijiet ta' l-Istati Membri qabel ma sar il-ħlas tal-pagament ta' Lulju 2005;

([1]) ĠU L 60, 8.3.2005.
([2]) ĠU C 264, 31.10.2006, p. 1.
([3]) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 1.
([4]) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 10.
([5]) ĠU L 248 tas-16.9.2002, p.1 Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390 tat-30.12.2006, p.1).

5. Jinnota mir-rapport annwali ta' l-Awditur Intern li rigward l-ispejjeż tal-missjonijiet tad-delegati tal-Kunsill, l-Awditur Intern jisħaq fuq il-ħtieġa li jkun hemm aktar trasparenza f'dak li jirrigwarda l-eliġibilità tal-laqgħat u ta' l-ispejjeż li jistgħu jkunu rimborsati u jirrakkomanda li jkun stabbilit grupp ta' ħidma sabiex jeżamina kwistjonijiet bħal dawn;

6. Jinnota t-tweġiba tal-Kunsill lill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri li fuq il-bażi ta' rapport tas-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kunsill fuq kif qed taħdem is-sistema l-ġdida ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar tad-delegati tal-Membri tal-Kunsill sena wara l-introduzzjoni tagħha fl-2004, is-segretarjat tal-Kunsill bħalissa qiegħed jirrevedi s-sistema; jinnota li kull delegazzjoni issa tirċievi mis-segretarjat tal-Kunsill baġit limitat b'limitu ffissat;

7. Ifakkar li s-Segretarjat tal-Kunsill ma kienx irid jirrispondi b'mod uffiċjali għal kwestjonarju indirizzat lill-Istituzzjonijiet kollha (inkluż il-Parlament Ewropew) rigward l-użu ta' karozzi uffiċjali fir-rigward tat-termini tal-Ftehima tal-Ġentlomi fuq imsemmija;

8. Jenfasizza li l-Ftehima tal-Ġentlomi rigward it-taqsima tal-baġit f'dak li għandu x'jaqsam mal-Parlament Ewropew, tipprovdi li

"Il-Kunsill jimpenja ruħu li ma jagħmel l-ebda emenda lill-istima ta' l-ispiża tal-Parlament Ewropew. Dan l-impenn għandu jkun obbligatorju biss sakemm din l-istima ta' l-ispiża ma tiġix f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet tal-Komunità, b'mod partikulari fir-rigward tar-Regolamenti ta' l-Istaff ta' l-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Impjegati Oħra, u fir-rigward tas-sede ta' l-Istituzzjonijiet;"

9. Hu tal-fehma li minħabba l-età tagħha u d-diskrepanza sustanzjali bejn il-kliem użat u t-tifsira jew l-interpretazzjoni li hi attribwita lilhom, il-Ftehima tal-Ġentlomi ji sta' jkun li teħtieġ li tkun irriveduta;

10. Jemmen li l-kompromess li hemm bħalissa li jikkonsisti fi djalogu informali bejn il-Kunsill u ċ-chairman flimkien mar-rapporteur tal-kumitat kompetenti għandu jitwessa' sabiex jinkludi Membru minn kull grupp politiku; jagħti istruzzjonijiet lill-kumitat kompetenti tiegħu biex jibda negozjati mal-Kunsill bil-ħsieb li jiġu pprovduti arranġamenti rriveduti għal djalogu informali bil-lest għall-proċedura tal-kwittanza li tmiss;

11. Josserva li fir-rapport speċjali tagħha Nru 9/2006 il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri (ECA) sabet li fl-2005 kull paġna ta' traduzzjoni tal-Kunsill ġiet tqum EUR 276 (meta mqabbla mal-EUR 194 fil-Kummissjoni u l-EUR 119 fil-Parlament Ewropew); jinnota li din id-differenza hija spjegata parzjalment mis-suċċess tas-segretarjat tal-Kunsill fit-tnaqqis li għamel fin-numru u t-tul tad-dokumenti li ntbagħtu għat-traduzzjoni u mis-suċċess ta' meta stabbilixxa lista ta' dokumenti l-aktar importanti u jinnota li meta jasal il-waqt il-Kunsill qed jippjana li jnaqqas in-numru ta' l-istaff ta' tradutturi b'mod sostanzjali;

12. Jitlob li jkun hemm trasparenza massima fil-qasam tal-Politika Komuni ta' l-Affarijiet Barranin u tas-Sigurtà (CFSP); jitlob lill-Kunsill biex jiżgura, bi qbil ma' punt 42 tal-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-maniġment finanzjarju sod [1], li l-ebda spiża tas-CFSP li topera ma tkun tidher fil-baġit tal-Kunsill; iżomm id-dritt li, fejn hu xieraq, jieħu passi neċessarji jekk ikun hemm ksur tal-ftehima.

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

P6_TA(2007)0135

Kwittanza 2005: Taqsima VII, Kumitat tar-Reġjuni

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, Taqsima VII — Kumitat tar-Reġjuni (C6-0470/2006 — 2006/2076(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 [1],

[1] ĠU L 60, 8.3.2005.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2005 — Volum I (C6-0470/2006) [1],

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005, u r-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati [2],

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għall-affidabilità tal-kontijiet u għal-legalità u għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduti mill-Qorti ta' l-Awdituri bi qbil ma' l-Artikolu 248 tat-Trattat KE [3],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [4], u partikularment l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0106/2007),

1. Jagħti kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kumitat tar-Reġjuni għas-sena finanzjara 2005;

2. Jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, u r-riżoluzzjoni li tagħmel parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti ta' l-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, u li jippubblikahom fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

(1) ĠU C 264, 31.10.2006, p. 1.
(2) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 1.
(3) ĠU C 263, 31.10.2006, p.10.
(4) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).

2.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 b'osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali minnha dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005, Taqsima VII — Kumitat tar-Reġjuni (C6-0470/2006 — 2006/2076(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2005 — Volum I (C6-0470/2006) [2],

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005, u r-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati [3],

(1) ĠU L 60, 8.3.2005.
(2) ĠU C 264, 31.10.2006, p. 1.
(3) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 1.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għall-affidabilità tal-kontijiet u għal-legalità u għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduti mill-Qorti ta' l-Awdituri bi qbil ma' l-Artikolu 248 tat-Trattat KE [1],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [2], u partikularment l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0106/2007),

1. Jinnota li fl-2005 il-Kumitat tar-Reġjuni (CoR) kellu approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli li jammontaw għal total ta' EUR 69570456.32 b'rata ta' utilizzazzjoni ta' 96.650000 %;

2. Jinnota li wara l-introduzzjoni tal-kontabilità tad-dovut (accrual accounting) b'effett mill-1 ta' Jannar 2005, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Kumitat tar-Reġjuni juru bilanċ ekonomiku pożittiv għas-sena (EUR 4050062.65) u totali identiċi ta' assi u obbligazzjonijiet (EUR 118221197.95);

3. Jinnota r-rimarka mill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri fil-paragrafu 10.18 tar-Rapport Annwali tiegħu ta' l-2005 li wara l-verifika DAS tal-Qorti ta' l-Awdituri ta' 2004 u żewġ verifiki interni, l-amministrazzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni talbet lil ċerti benefiċjarji ta' trasferimenti sostanzjali ta' salarji biex iressqu evidenza supplimentari, u bosta trasferimenti li ma kinix saru b'mod regolari qabel Mejju 2004 u/jew trasferimenti li l-benefiċjarji tagħhom ma ressqux evidenza suffiċjenti twaqqfu; fl-2005, skond ir-Rapport tal-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri, l-amministrazzjoni ma rkuprat l-ebda somom li tħallsu iżżejjed, minkejja li skond l-Artikolu 85 tar-Regolamenti ta' l-Istaff, "kwalunkwe somma li tkun tħallset iżżejjed għandha tiġi rkuprata jekk min ikun irċieviha kien jaf li ma kien hemm l-ebda raġuni xierqa għall-ħlas jew jekk il-fatt tal-ħlas żejjed kien b'mod evidenti ta' natura li ma setax ikun mhux infurmat dwarha"; jinnota li r-risposta tal-Kumitat tar-Reġjuni, li hija inkluża fir-Rapport tal-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri, tgħid li l-verifika interna fuq it-trasferimenti tas-salarji li ntalbet mis-Segretarju Ġenerali tlestiet fi Frar 2006, u li l-amministrazzjoni issa qiegħda tipproċedi bl-irkupru tas-somom imħallsa iżżejjed li jikkonċernaw numru limitat ta' uffiċjali;

4. Jinnota li fir-rapport ta' l-Awditur Intern tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-awtorità ta' kwittanza tat-18 ta' Mejju 2006 dwar verifiki magħmulin fl-2005 (skond l-Artikolu 86(4) tar-Regolament Finanzjarju), l-Awditur Intern tal-Kumitat tar-Reġjuni għamlet il-punti li ġejjin:

— it-trasferimenti tas-salarji inkwistjoni saru fuq il-bażi tar-regoli li jistgħu jkunu interpretati b'mod differenti skond il-verżjoni lingwistika u skond il-liġi applikabbli fl-Istat Membru rilevanti;

— ġew innotati xi nuqqasijiet rigward is-separazzjoni ta' l-inizjazzjoni u l-funzjonijiet tal-verifika kif ukoll kunfliti ta' interess potenzjali konnessi mad-daqs ta' l-Istituzzjoni,

— l-istandards li jmexxu l-ambjent ta' kontroll ma tqisux żviluppati biżżejjed sabiex jiggarantixxu r-regolarità ta' dawn l-operazzjonijiet;

5. Jinnota li n-nuqqasijiet li nstabu fir-rigward tat-trasferimenti sostanzjali ta' salarji ma wasslux biex l-uffiċjal li awtorizza permezz ta' delega jħoss il-ħtieġa li jżid xi riżerva jew osservazzjoni mad-dikjarazzjoni ta' l-assikurazzjoni tiegħu mehmuża mar-rapport ta' attività tal-Kumitat tar-Reġjuni (CoR);

6. Jinnota li hekk kif sar jaf b'din il-problema, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni talab minnufih lill-Awditur Intern ta' dak iż-żmien biex ikompli x-xogħol tiegħu fuq it-trasferimenti sostanzjali ta' salarji;

[1] ĠU C 263, 31.10.2006, p.10.

[2] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

7. Jinnota li hekk kif is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni ġie informat dwar din il-kwistjoni, huwa adotta interpretazzjoni restrittiva tar-regoli relevanti tar-Regolamenti ta' l-Istaff li ġew emendati dan l-aħħar, u ordna biex isir l-irkupru ta' l-ammonti kollha li kienu meqjusin bħala mħallsa indebitament; jinnota li whud mill-uffiċjali li ġew obbligati jħallsu qegħdin jikkontestaw il-mod kif is-Segretarju Ġenerali qed jinterpreta r-regoli rilevanti u rreferew il-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja;

8. Jappoġġja l-intenzjoni tas-Segretarju Ġenerali li jaħtar inkjesta amministrattiva u jistenna li jibda proċeduri dixxiplinarji bbażat fuq ir-rapport ta' l-OLAF rigward l-istaff inkwistjoni; jitlob li ssir prosekuzzjoni stretta fil-każi kollha li fihom tiġi provata imġiba qarrieqa;

9. Jinnota bi tħassib li ma kienx possibbli li l-postijiet vakanti jimtlew kollha mil-listi ta' riżerva magħmulin wara l-kompetizzjonijiet ta' l-EPSO; jistaqsi lill-Kumitat tar-Reġjuni biex janaliżża r-raġunijiet għannuqqas ta' kandidati kwalifikati u biex jinforma lill-kumitat kompetenti;

10. Jinnota, fil-kuntest ta' paragrafu 8 tar-riżoluzzjoni ta' kwittanza tiegħu tas-27 ta' April 2006 dwar ir-rinnovament tal-bini Belliard I u II [1], li matul l-2006, żewġ kumpaniji ta' konsulenti esterni taw ċertifikat ta' konformità pożittiv li attesta li x-xogħol fuq il-bini sar skond l-ispeċifikazzjonijiet; jirrimarka li l-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri se tippubblika dalwaqt rapport speċjali dwar in-nefqa ġenerali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE fuq il-bini tagħhom;

11. Jinnota li l-koperazzjoni amministrattiva bejn il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (EESC) għandha tkun ta' benefiċċju liż-żewġ kumitati u ta' vantaġġ finanzjarju dawk li jħallsu t-taxxi fl-UE; jinsisti li kwalunkwe struttura ġdida li tiġi applikata għall-koperazzjoni amministrattiva bejn iż-żewġ kumitati għandha tipproduċi benefiċċji finanzjarji u organizzattivi; jitlob li ż-żewġ kumitati jsibu mod xieraq biex ikomplu l-koperazzjoni amministrattiva;

12. Ifakkar li l-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, permezz tas-servizzi konġunti tagħhom, jimmaniġġjaw ċerti attivitajiet flimkien (traduzzjoni, stampar, bini, sigurtà, librerija, akkwisti, catering, uxxiera, servizzi mediċi, karozzi u xufiera, informatika, eċċ.), u li dan l-aħħar il-ftehima ta' koperazzjoni tagħhom ġiet imġedda għal sitt xhur (bil-possibilità li tiġi estiża għal sitt xhur oħra) sakemm tittieħed deċiżjoni dwar jekk din il-koperazzjoni għandhiex titkompla fil-ġejjieni;

13. Jistieden lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-EESC, wara li kkunsidra d-diverġenzi sostanzjali bejn is-sejbiet tar-rapporti tas-servizzi konġunti u ż-żewġ rapporti esterni tal-Kumitat tar-Reġjuni, sabiex jagħmlu analiżi konġunta ibbażata fuq 'benchmarks' xierqa — jekk meħtieġa bl-għajnuna tal-Qorti ta' l-Awdituri — ta' l-ispejjeż preċiżi, tal-benefiċċji u tat-tifdil iġġenerati bil-kooperazzjoni u sabiex ir-riżultati ta' l-eżami tagħhom jippreżentawhom lill-kumitat kompetenti sal-31 ta' Ottubru 2007.

[1] ĠU L 340, 6.12.2006, p. 44.

P6_TA(2007)0136

Kwittanza 2005: Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni

1.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0388/2006 — 2006/2155(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija [2],

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 7.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 18.

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni [2], u b'mod partikulariil-Artikolu 8 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0116/2007),

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, u r-riżoluzzjoni li tagħmel parti integrali minnha, lid-Direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri sabiex dawn jippubblikawhom fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Serje L).

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
[2] ĠU L 306, 7.12.2000, p. 7. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1756/2006 (ĠU L 332, 30.11.2006, p. 18).
[3] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

2.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-egħluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0388/2006 — 2006/2155(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2005 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

[1] ĠU C 266, 31.10.2006, p. 7.
[2] ĠU C 312, 19.12.2006, p. 18.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni [2], u b'mod partikulari l-Artikolu 8 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0116/2007),

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-snin finanzjarji 2004 u 2005 huma kif ġejjin:

(f'EUR 1000)

Kont ta' dħul u nfiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2005		
	2005	**2004**
Dħul		
Sussidju tal-KE	261 009	231 909
Rkupru ta' spejjeż (użu mill-ġdid tat-Titolu III)	546	1 229
Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi (użu mill-ġdid tat-Titoli I u II)	210	181
Dħul operattiv ieħor	1 076	6 113
Dħul operattiv totali	262 841	239 432
Nefqa		
Nefqa amministrattiva		
— Spejjeż ta' l-istaff	15 727	17 575
— Spejjeż amministrattivi oħra	7 212	6 290
Nefqa operattiva		
— Immaniġġjar ċentralizzat dirett	243 442	268 965
Nefqa amministrattiva u operattiva totali	266 381	292 830
Bilanċ favorevoli/(Defiċit) mill-attivitajiet operattivi	-3 540	-53 398
Dħul straordinarju	0	738
Telf straordinarju	0	-1 269
Riżultat ekonomiku tas-sena	-3 540	-53 929

Sors: Informazzjoni ta' l-Aġenzija — Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-dejta provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha.

2. Japprova l-għeluq tal-kotba ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri sabiex jagħmlu arranġamenti għall-publikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Serje L).

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).

[2] ĠU L 306, 7.12.2000, p. 7. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1756/2006 (ĠU L 332, 30.11.2006, p. 18).

[3] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

3.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 b'osservazzjonijiet li jiffurmaw parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0388/2006 — 2006/2155(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 — C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni ([4]), u partikularment l-Artikolu 8 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0116/2007),

A. billi l-Qorti ta' l-Awdituri qalet li hija kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu affidabbli u li t-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħthom, suġġetti għar-riserva, kienu legali u regolari;

B. billi fis-27 ta' April 2006 il-Parlament ta' kwittanza lid-Direttur rigward l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2004 ([6]) u fir-riżoluzzoni li takkumpanja d-deċiżjoni tal-kwittanza tal-Parlament, inter alia

— iħeġġeġ lill-Aġenzija sabiex tfittex gwida biex ittejjeb il-Politika ta' Mmaniġġjar tat-Teżor sabiex isir l-aħjar użu tas-sommom li spiss ikunu konsiderevoli miżmuma fil-kontijiet kurrenti tal-bank;

— jinnota li t-tranżazzjonijiet relatati mal-fondi ekwivalenti, ma' l-iskemi ta' linji ta' kreditu u ma' fondi speċjali ġew irrekordjati kompletament fl-assenza ta' proċeduri effettivi ta' kontroll intern għal riċevibbli fit-tul; jinsisti li t-transazzjonijiet kollha jkunu jistgħu jiġu verifikati mill-Qorti ta' l-Awdituri;

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 7.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 18.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).
([4]) ĠU L 306, 7.12.2000, p. 7. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1756/2006 (ĠU L 332, 30.11.2006, p. 18).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
([6]) ĠU L 340, 6.12.2006, p. 74.

— sabiex ikunu indirizzati l-problemi serji ta' nuqqas ta' affidabilità (u ta' akkużi ta' prattiċi korrotti) li bħalissa qed jiċċirkondaw il-kundizzjonijiet li taħthom qed jingħataw il-kuntratti ta' akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet għal proġetti sensittivi (eżempju l-operaturi tat-telefonija ċellulari), ħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija, b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-UNMIK (Il-Missjoni Temporanja ta' Amministrazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo) u mal-FIU (l-Unità għall-Investigazzjoni Finanzjarja), sabiex jistipulaw regoli ċari u trasparenti ta' appalt, jistabbilixxu istituzzjonijiet interni u superjuri ta' verifika ta' kontabilità, u jżommu lill-Parlament Ewropew infurmat dwar il-progress li jsir;

Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' Aġenziji ta' l-UE li jirrikjedu kwittanza individwali

1. Iqis li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji tal-Komunità u l-attivitajiet ta' xi whud minnhom ma jidhirx li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-aspettativi taċ-ċittadini, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom immaġini tajba jew rappurtaġġ tajjeb mill-media;

2. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas ta' politika ġenerali għat-twaqqif ta' Aġenziji ġodda tal-Komunità u sabiex tippreżenta studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji qabel ma titwaqqaf aġenzija ġdida, filwaqt illi toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attivitajiet bejn l-Aġenziji jew mal-mandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;

3. Jitlob lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju dwar ir-relazzjoni bejn il-benefiċċju u l-ispejjeż qabel il-Parlament jieħu deċiżjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; jistieden lill-istituzzjonijiet relevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jifformolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;

5. Jiddeplora l-fatt li, tenut kont tan-numru dejjem jikber ta' aġenziji ta' regolamentazzjoni, n-negozjati fir-rigward tal-proġett ta' ftehima interistituzzjonali għal kwadru ta' dawn l-aġenziji għadhom ma ntemmux u jistieden lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu, flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, sabiex din il-ftehima tiġi konkluża malajr;

6. Jinnota li r-responsabiltà baġitarja tal-Kummissjoni titlob li jsiru konnessjonijiet iktar stretti bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li tibblokka fl-entitajiet ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji ta' regolamentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdu għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkunu qed jitwaqqfu Aġenziji ġodda;

7. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitlu ieħor fir-Rapport Annwali tagħha, li jkun dwar l-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;

8. Ifakkar il-prinċipju skond liema l-Aġenziji kollha tal-Komunità, kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma suġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta jkun hemm awtorità ta' kwittanza minħabba t-testi kostituttivi tagħhom;

9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri tagħmel verifiki tal-prestazzjoni għall-Aġenziji kollha u tirrapporta lura lill-kumitati relevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, bi qbil mar-responsabiltà politika tal-Kummissjoni għat-tħaddim ta' l-Aġenziji, li tmur ferm oltre s-sempliċi appoġġ loġistiku, hemm bżonn saħansitra ikbar li d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni għall-Aġenziji; iqis illi struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għall-koordinament fost id-DGs konċernati tkun mod pragmatiku lejn metodu komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li tiġi meqjusa l-kumplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u problemi tekniċi tal-Komunità;

12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunità, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi implimentat malajr;

13. Jilqa' bi pjaċir it-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji, li tippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li tagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;

14. Huwa ta' l-opinjoni illi l-istabbiliment ta' servizz ta' apppoġġ minn numru ta' Aġenziji bil-għan illi jagħmlu s-sistemi ta' ġestjoni finanzjarja kompjuterizzata tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;

15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-benchmarking mal-partijiet fil-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija tqis bħala neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji ħalli jtejbu l-immaġini tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-attivitajiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tfassal proposta għall-armonizzazzjoni tar-rapport annwali ta' l-Aġenziji sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun bejn l-effiċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' prestazzjoni li magħhom jistgħu jkunu mkejla;

18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi ta' l-għanijiet;

19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-Aġenziji; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja u, fejn ikun meħtieġ, tmexxi u tgħin l-immaniġġjar ta' l-Aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni xierqa tal-proċeduri tat-tfigħ ta' offerti, it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, l-immaniġġjar finanzjarju sod (nuqqas ta' nfiq u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;

20. Jikkunsidra li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontribuzzjonijiet tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-konsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Interni tal-Kummissjoni;

Punti Speċifiċi

21. Jissottolinea l-apprezzament għoli tar-riżultati miksuba mill-Aġenzija u t-titjib konsiderevoli li l-Aġenziji jistgħu jwettqu sabiex jirreaġixxu b'mod pożittiv għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri u tal-Parlament;

22. Jikfraħ lid-Direttur u l-istaff tiegħu tal-ħidma mwettqa f'ambjent diffiċli ħafna u titjib konsiderevoli tad-dehera ta' l-UE u tal-viżibilità tagħha;

23. Jinsisti li l-Kummissjoni għandha ttawwal l-attività ta' l-Aġenzija li hija skedata li tintemm fl-2008; huwa ta' l-opinjoni li l-Aġenzija għandha tiġi trasformata f'Aġenzija għall-implimentazzjoni ta' ċertu azzjonijiet esterni ta' l-UE, liema trasformazzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi preċedenti ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji, partikularment bil-għan li jiġu mmaniġġjati sitwazzjonijiet ta' wara konflitt, filwaqt li ssir attenzjoni sabiex tiġi evitata kull koinċidenza ma' l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet Ewropej jew internazzjonali oħra, sabiex kapaċitajiet miksuba ma jintilfux;

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

24. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tinforma lill-Parlament bir-raġunijiet, minn barra l-intenzjoni tagħha li tagħlaq l-Aġenzija fl-2008, li wasslu għall-fatt li din ma kinitx inkarigata mill-implimentazzjon tal-programm speċjali ta' l-Unjoni dwar it-Tramuntana ta' Ċipru u l-għajnuna għall-popolazzjoni Palestinjana;

25. Jikkunsidra li l-Aġenzija m'għandiex biss is-sistemi (loġistika, sistemi ta' IT, u oħrajn) sabiex timplimenta malajr ammonti kbar ta' għajnuna f'żoni milquta wara konflitt, imma speċjalment ukoll li uriet livell għoli ta' għarfien speċjalizzat u konoxxenza dwar rikostruzzjoni wara gwerra;

26. Huwa konvint li fil-punt fejn il-Kummissjoni tkun trid tieħu l-immaniġġjar ta' l-Istrument il-ġdid ta' Għajnuna għall-Qabel is-Shubija fid-dawl tal-kompiti relatati ma' l-acquis dwar il-Balkani, l-Aġenzija għandha tieħu f'idejha l-kompiti meħtieġa mill-"Aġenzija għall-azzjonijiet esterni RELEX";

27. Iqis li mandat ġdid ta' din l-Aġenzija ta' suċċess ikun l-aktar mod effiċjenti sabiex ikunu implimentati l-kompiti l-ġodda fl-azzjonijiet esterni, li ma jistgħux ikunu implimentati mis-servizzi tal-Kummissjoni fi Brussell jew minn delegazzjonjiet tal-Kummissjoni;

28. Iqis li l-Aġenzija jista' jkollha rwol effiċjenti ħafna fl-oqsma fejn l-għajnuna tradizzjonali għall-iżvilupp ma tistax tkun implimentata; jikkunsidra wkoll li dan iżid b'mod sinifikanti l-viżibilità ta' l-UE;

29. Jilqa' l-miżuri meħuda mill-Aġenzija għat-titjib tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti wara l-osservazzjonijiet li qajmet il-Qorti ta' l-Awdituri fir-rapporti annwali tagħha ta' l-2003 u l-2004, li rriżultaw f'żieda fit-trasparenza f'oqsma varji: eżempju, deċiżjonijiet importanti meħuda waqt il-proċess ta' evalwazzjoni li affettwaw l-għoti ta' kuntratti huma dokumentati aħjar u barra minn hekk tjiebet id-dixxiplina globali fuq l-evalwazzjoni u l-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti;

30. Jistieden lill-Aġenzija sabiex tiżviluppa aktar kriterji ta' għażla sabiex isiru aktar realistiċi peress li xi drabi mhumiex adattati għaċ-ċirkostanzi li fihom topera l-Aġenzija;

31. Jilqa' l-progress magħmul fil-qasam ta' l-appalt u jinkoraġġixxi lill-Aġenzija sabiex tintensifika aktar l-isforzi tagħha sabiex tiżgura li kuntratti mogħtija jkunu jikkonformaw kompletament mad-dispożizzjonijiet regolatorji;

32. Jinnota li fir-rapport tagħha ta' l-2004, il-Qorti ta' l-Awdituri iddikjarat nuqqas ta' kontroll finanzjarju xieraq fil-pagamenti f'reviżjoni ta' l-operat mħolli f'idejn il-UNMIK u diffikultajiet serji fl-għeluq ta' l-operat, prinċipalment minħabba n-nuqqas ta' kontijiet xierqa għall-proġetti u nuqqas ta' ġustifikazzjoni għan-nefqa; jilqa' l-isforzi sinifikanti magħmula fl-2005 mill-Aġenzija sabiex issolvi din is-sitwazzjoni, madankollu jinnota li baqgħu xi problemi għall-għeluq ta' l-operat.

P6_TA(2007)0137

Il-ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi tal-madwar, 2006-2009

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi tal-madwar, 2006-2009 (2006/2232(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2006 dwar "HIV/AIDS: Żmien ta' azzjoni" [1],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Novembru 2006 dwar l-AIDS [2],

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2005 dwar il-ġlieda kontra l-HIV/AIDS,

[1] *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0321.
[2] *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0526.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-24 ta' Novembru 2005 dwar "Jum Dinji tal-Ġlieda kontra l-AIDS — Dikjarazzjoni ta' l-UE dwar il-Prevenzjoni ta' l-HIV għal Ġenerazzjoni Ħielsa mill-AIDS",

— wara li kkunsidra l-Istrateġija ta' l-UE dwar id-Drogi (2005-2012) adottata mill-Kunsill fit-17 ta' Diċembru 2004,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar Il-Ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi tal-madwar, 2006-2009 (COM(2005)0654),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar "Qafas Koerenti tal-Politika Ewropea għal Azzjonijiet Esterni fil-Ġlieda kontra l-HIV/AIDS, il-Malarja u t-Tuberkulosi" (COM(2004)0726),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-Dokument ta' Strateġija dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat (COM(2004)0373),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar it-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (COM(2006)0726),

— wara li kkunsidra d-"Dikjarazzjoni ta' Dublin" dwar Sħubija fil-ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Ewropa u fl-Asja Ċentrali, adottata fil-Konferenza Ministerjali "Negħlbu l-Ostakoli — Sħubija fil-ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Ewropa u fl-Asja Ċentrali" li saret fil-qafas tal-Presidenza Irlandiża fit-23 u l-24 ta' Frar 2004,

— wara li kkunsidra id-"Dikjarazzjoni ta' Vilnius" dwar il-miżuri biex jissaħħaħ ir-rispons għall-HIV/AIDS fl-Unjoni Ewropea u fil-Pajjiżi tal-Madwar, adottata mill-Ministri u mir-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Unjoni Ewropea u tal-pajjiżi tal-madwar fil-konferenza "L-Ewropa u l-HIV/AIDS — Sfidi Ġodda, Opportunitajiet Ġodda", li nżammet f'Vilnius, il-Litwanja, fis-16 u s-17 ta' Settembru 2004,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-55 Sessjoni tagħha fit-8 ta' Settembru 2000 kif ukoll l-Objettivi ta' Żvilupp tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti u b'mod partikolari l-objettiv li tinbidel it-tendenza tat-tixrid ta' l-HIV/AIDS sa l-2015,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' l-Impenji dwar l-HIV/AIDS adottata mis-Sessjoni Speċjali ta' l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-HIV/AIDS fis-27 ta' Ġunju 2001,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-"Dikjarazzjoni ta' Impenn dwar l-HIV/AIDS" tat-2 ta' Awwissu 2001,

— wara li kkunsidra x-xogħol ta' segwitu ta' l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Impenn dwar l-HIV/AIDS, "Lejn aċċess universali: Evalwazzjoni tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-HIV/AIDS biex ikunu żviluppati l-prevenzjoni, it-trattament, il-kura u l-appoġġ fil-qasam ta' l-AIDS" ta' l-24 ta' Marzu 2006,

— wara li kkunsidra r-Rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti rigward id-Dikjarazzjoni ta' Impenn dwar l-HIV/AIDS: ħames snin wara, ta' l-24 ta' Marzu 2006,

— wara li kkunsidra id-"Dikjarazzjoni Politika dwar l-HIV/AIDS" adottata fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tat-2 ta' Ġunju 2006,

— wara li kkunsidra l-HIV/AIDS Programm tad-WHO "Lejn Aċċess Universali sa l-2010" ta' l-2006,

— wara li kkunsidra r-rapport ta' l-2006 tal-UNAIDS dwar l-Epidemija Globali ta' l-AIDS,

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

— wara li kkunsidra r-rapport dwar l-Epidemija tal-UNAIDS ta' Diċembru 2006,

— wara li kkunsidra r-Rapport ta' Nofs is-Sena għall-2005 ta' l-EuroHIV ta' Awwissu 2006,

— wara li kkunsidra l-Eurobarometer dwar il-Prevenzjoni ta' l-AIDS ta' Frar 2006,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropa 1399 (2004) kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni tiegħu 1675 (2004) dwar Strateġija Ewropea għall-promozzjoni tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0091/2007),

A. Billi skond ir-rapport dwar l-Epidemija tal-UNAIDS għall-2006 aktar minn 39,5 miljun qegħdin jgħixu bl-HIV u 4,3 miljun persuna ġdida ħadu l-HIV fl-2006, filwaqt li 95 % tal-persuni affetwati bl-HIV/AIDS jgħixu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

B. Billi r-Rapport ta' Nofs is-Sena għall-2005 tal-EuroHIV juri li 215,510 persuni ġodda ħadu l-marda ta' l-HIV fil-perjodu 1998-2005 fl-Unjoni Ewropea u 646,142 persuna ħadu l-marda ta' l-HIV fir-Reġjun Ewropew ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO),

C. Billi, skond il-EuroHIV, kważi kwart mill-infezzjonijiet HIV ġodda kollha jolqtu liż-żgħażagħ taħt l-età ta' 25 sena,

D. Billi l-persuni li għandhom l-HIV/AIDS jiffaċċjaw stigma u diskriminazzjoni

E. Billi progress riċenti fit-trattament ta' l-HIV/AIDS, flimkien ma' nuqqas ta' ffinanzjar tal-prevenzjoni, ikkontribwixxa għal żieda f'imġieba ħażina u għalhekk f'numri li qed jikbru ta' infezzjonijiet ġodda ta' l-HIV,

F. Billi r-Rapporti tal-EuroHIV u tal-UNAIDS jikkonfermaw li n-numru ta' nies infettati ġodda għadu qiegħed jikber b'rata allarmanti fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-pajjiżi tal-madwar, u li huwa stmat f'xi pajjiżi li n-numru ta' persuni infettati bl-HIV huwa kważi tliet darbiet akbar min-numru uffiċjali,

G. Billi minkejja n-numru li żdied ta' infezzjonijiet ta' l-HIV, it-tnaqqis stabbli fin-numru ta' każijiet ta' l-AIDS li instab f'dawn l-aħħar snin kompla fl-2005, b'inqas minn nofs tan-numru ta' każijiet misjuba fl-2005 meta mqabbel ma' l-1998,

H. Billi proporzjon kbir ta' infezzjonijiet ta' l-HIV jibqgħu ma jinstabux; billi ħafna nies ma jafux li jkunu HIV positive u x'aktarx jiskopru dan biss ladarba jimirdu b'mard relatat ma' l-HIV/AIDS ([1]),

I. Billi l-infettività ta' l-HIV tiżdied b'mod sinifikanti meta jkun hemm mard ieħor trażmess sesswalment (bħall-gonorrea, il-klamidja, l-erpete u s-sifilide),

J. Billi l-gruppi esposti għall-akbar riskju li jieħdu l-HIV jinkludu Persuni li Jieħdu d-Drogi bis-siringa, irġiel li jkollhom relazzjonijiet omosesswali, dawk li joffru servizzi sesswali u l-klijenti tagħhom, migranti, priġunieri u żgħażagħ taħt l-età ta' 25 sena,

K. Billi l-epidemija fost dawk li jieħdu d-droga bis-siringa hija waħda mir-raġunijiet għat-tixrid mgħaġġel ħafna ta' l-infezzjoni HIV f'ħafna pajjiżi ta' Ewropa tal-Lvant,

([1]) *HIV/AIDS fl-Ewropa*, Kunsill ta' l-Ewropa, Kumitat għall-Affarijiet Soċjali, tas-Saħħa u tal-Familja, rapporteur: Sra Christine McCafferty, dok. 11033, 27 ta' Settembru 2006.

L. Billi r-rapport dwar l-Epidemija tal-UNAIDS għall-2006 sab li madwar tliet kwarti ta' l-infezzjonijiet ta' l-HIV li ttieħdu eterosesswalment fl-Ewropa Ċentrali u tal-Punent huma fost l-immigranti u l-migranti,

M. Billi fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-prevalenza ta' l-HIV fid-donazzjonijiet tad-demm tibqa' baxxa; billi ċ-ċifri ta' dan l-aħħar għal xi pajjiżi ta' l-Ewropa tal-Lvant, madankollu, juru xejra fid-direzzjoni opposta,

N. Billi d-dikjarazzjoni ta' Dublin tirrikonoxxi li "il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u l-bniet u s-subien, u r-rispett għad-dritt għal saħħa riproduttiva u sesswali, u l-aċċess għall-edukazzjoni dwar is-sesswalità, l-informazzjoni u s-servizzi tas-saħħa kif ukoll in-nuqqas ta' ħabi dwar is-sesswalità, huma fatturi fundamentali fil-ġlieda kontra l-pandemija",

O. Billi programmi ta' prevenzjoni, inklużi l-edukazzjoni, iż-żieda fl-aċċess għall-informazzjoni u għall-kondoms, u aċċess għat-trattament u r-rijabilitazzjoni mid-droga u għal servizzi għat-tnaqqis tal-ħsara, huma l-għodda l-aktar effettiva fil-ġlieda kontra l-HIV/AIDS,

P. Billi l-condom għan-nisa għadu qed jintuża ftit wisq, għalkemm jikkostitwixxi l-unika għodda li hemm diġà disponibbli u li hija kkontrollata min-nisa li tipproteġihom minn tqala mhux mixtieqa, mill-HIV u minn infezzjonijiet oħra trażmessi sesswalment,

Q. Billi l-EuroHIV m'għandu ebda data nazzjonali minn Spanja jew mill-Italja għalkemm it-tnejn jitqiesu mill-EuroHIV bħala żoni ewlenin ta' l-epidemija,

R. Billi data reċenti tikkonferma li l-ambitu ta' infezzjonijiet ġodda ta' l-HIV kif ukoll in-numru ta' persuni li qed jgħixu bl-AIDS huma differenti għal kull Stat Membru u għall-pajjiżi tal-madwar, u bl-istess mod huma l-gruppi meqjusa l-aktar vulnerabbli,

S. Billi n-nisa issa jirrapreżentaw l-50 % tan-nies li qed jgħixu bl-HIV/AIDS fid-dinja kollha, iżda l-bżonnijiet speċjali tagħhom fir-rigward tas-saħħa riproduttiva f'termini ta' l-ippjanar tal-familja, tat-twelid bla periklu u ta' l-irdigħ tat-trabi spiss jiġu traskurati; billi, skond il-UNAIDS, matul l-aħħar sentejn, in-numru ta' nisa u bniet infettati bl-HIV żdied f'kull reġjun tad-dinja, bir-rati jiżdiedu partikolarment fl-Ewropa tal-Lvant, fl-Asja, u fl-Amerika Latina; u billi, skond id-WHO, in-nisa huma probabilment iktar suxxettibbli mill-irġiel għal infezzjoni mill-HIV fi kwalunkwe relazzjoni eterosesswali, minħabba fatturi bijoloġiċi;

T. Billi numru jikber ta' nisa qed ikunu infettati bla ma jintebħu bil-Virus-HI fil-ħajja privata tagħhom permezz ta' kuntatt eterosesswali mhux sikur u jibdew iġorru l-virus li mbagħad jistgħu jittrażmettuh lit-tfal tagħhom; billi reazzjonijiet effettivi għall-AIDS iridu jindirizzaw il-fatturi li qed ikomplu jqiegħdu lin-nisa f'riskju u li jżidu l-vulnerabilità tagħhom, bħan-nuqqas ta' determinazzjoni proprja, bħall-vjolenza kontra u t-traffikar tan-nisa, il-faqar u d-diskriminazzjoni sesswali,

U. Billi l-aħħar Eurobarometer dwar il-prevenzjoni ta' l-AIDS ta' Frar 2006 wera li 54 % tal-popolazzjoni ta' l-UE-25 jemmnu jew huma konvinti li jistgħu jiġu infettati bl-HIV "billi jbusu fuq il-ħalq xi ħadd li jkollu l-AIDS jew li jkun HIV positive" u 42 % jemmnu jew huma konvinti li huwa possibbli li jiġu infettati bl-HIV "billi jixorbu mill-istess tazza li kienet għadha kemm ntużat minn xi ħadd bl-AIDS jew li jkun HIV positive",

V. Billi fid-"Dikjarazzjoni ta' Dublin", rappreżentanti tal-gvernijiet mill-Ewropa u l-Asja Ċentrali wieghdu li "nippromwovu tmexxija soda u responsabbli fil-livell tal-Kapijiet ta' l-Istati u tal-Gvernijiet tagħna biex in-nies (tagħna) jkunu mħarsa minn din it-theddida għall-futur tagħhom, u nippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u nindirizzaw l-istigma u niżguraw l-aċċess għall-edukazzjoni, l-informazzjoni u s-servizzi għal dawk kollha fil-bżonn" u "nagħmlu l-ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Ewropa u fl-Asja Ċentrali punt regolari fuq l-aġendi ta' l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet reġjonali tagħna",

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

W. Billi Ministri u Rappreżentanti tal-Gvernijiet mill-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-madwar ikkonfermaw mill-ġdid l-impenji magħmula fid-"Dikjarazzjoni ta' Dublin" permezz tad-"Dikjarazzjoni ta' Vilnius"; iżżewġ Dikjarazzjonijiet jenfasizzaw il-bżonn ta' miżuri ta' segwitu qawwija u komprensivi għall-azzjonijiet imsemmijin fihom,

X. Billi d-"Dikjarazzjoni ta' Vilnius" issemmi espressament l-użu ta' strumenti finanzjarji nazzjonali kif ukoll fondi tal-Komunità, inklużi l-Fondi Strutturali, għall-implimentazzjoni tal-politiki biex jiġu indirizzati l-HIV/AIDS,

Y. Billi l-NGOs jiddependu spiss mill-finanzjamenti pubbliċi; billi l-proċeduri ta' sejħiet pubbliċi għall-offerti tal-programmi ffinanzjati mill-Komunità s-soltu jkunu komplikati u l-isħubija fl-UE spiss tfisser it-tmiem ħesrem ta' l-appoġġ finanzjarju għall-NGOs minn sorsi internazzjonali oħra li mhumiex dawk ta' l-UE,

Z. Billi mhux l-Istati Membri kollha għandhom aċċess ugwali għal trattament u mediċini u f'ħafna minnhom — partikolarment fl-Istati Membri l-ġodda — jeżistu inugwaljanzi rigward id-disponibilità ta' finanzjament u riżorsi,

AA. Billi l-Istati Membri jeħtieġu appoġġ sabiex jibnu programmi li jinkoraġġixxu t-testijiet, it-taħriġ ta' konsulenti kif ukoll tkomplija tat-taħriġ tul il-ħajja u appoġġ għall-persuni infettati mill-HIV, b'mod partikulari peress li t-trattament mediku jittieħed tul il-ħajja, jikkawża ta' spiss effetti kollaterali u peress li meta wieħed ma jżommx strettament ma' l-istruzzjonijiet ta' l-użu ta' mediċina kontra l-HIV, ladarba jkun beda joħodha, dan jista' jirriżulta f'reżistenza ta' razez ta' l-HIV,

AB. Billi matul l-aħħar snin kompetizzjoni ġenerika ħarxa fil-qasam tal-Mediċini Antiretrovirali (ARVs) ta' l-ewwel linja kkontribwiet għal tnaqqis fil-prezz ta' kważi 99 %, minn $10,000 għal, bejn wieħed u ieħor, $130 għal kull pazjent fis-sena, iżda l-prezzijiet tad-drogi tat-tieni linja, li l-pazjenti jkollhom bżonn, kif ir-reżistenza tiżviluppa b'mod naturali, għadhom għoljin, l-aktar minħabba aktar ostakoli dwar privattivi fil-pajjiżi ewlenin li jipproduċu mediċini ġeneriċi,

AC. Billi ma teżisti l-ebda tilqima kontra l-HIV u għadhom qed jitkomplew ir-riċerki fil-qasam tal-mikrobiċidi u fi żviluppi oħra għal drogi innovattivi ġodda,

AD. Billi ħames snin wara d-Dikjarazzjoni ta' Doha (skond liema kull Stat membru tad-WTO "għandu d-dritt li jagħti liċenzji obbligatorji u l-libertà li jistabbilixxi r-raġunijiet għal liema jingħataw liċenzji ta' dan it-tip"), id-WHO rrimarkat li 74 % tad-drogi għall-AIDS għadhom imħarsa bi privattiva,

AE. Billi skond l-istima tal-WHO 10 % ta' l-infezzjonijiet kollha ġodda ta' l-HIV globalment huma relatati mat-teħid tad-droga bis-siringa, u li anqas minn 5 % ta' dawk li jieħdu d-droga bis-siringa fid-dinja kollha għandhom aċċess effettiv għall-prevenzjoni u għas-servizzi ta' trattament u ta' kura ta' l-HIV,

AF. Billi t-tuberkulosi (TB) tgħaġġel l-iżvilupp ta' l-HIV f'AIDS, u li 90 % ta' persuni HIV-positive imutu bit-TB fix-xhur minn meta jiżviluppaw sintomi attivi tat-TB minħabba nuqqas ta' kura xierqa, li għalhekk huwa stmat, li t-tuberkulosi hija ħtija ta' terz ta' l-imwiet bl-AIDS,

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi tal-madwar u jappoġġja l-azzjonijiet u l-inizjattivi ssuġġeriti fiha;

2. Itenni d-dritt ta' kull bniedem għal edukazzjoni dwar is-saħħa, informazzjoni korretta, prevenzjoni tal-mard, kura tas-saħħa, servizzi mediċi u aċċess għall-prodotti farmaċewtiċi;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex tanalizza l-aħħar data disponibbli dwar l-infezzjonijiet ġodda ta' l-HIV biex tidentifika l-pajjiżi u l-gruppi ta' popolazzjonijiet l-aktar milquta minn din l-epidemija u biex tikkomunika s-sejbiet tagħha lill-Istati Membri rispettivi;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tispeċifika, skond id-data nazzjonali pprovduta mill-Istati Membri, il-gruppi l-aktar vulnerabbli f'kull soċjetà u biex tistabbilixxi lista komprensiva ta' dawn il-gruppi sabiex il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu jistgħu jindirizzawhom u jilħquhom b'mod effiċjenti, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitajiet ta' kull pajjiż, u tingħatalhom informazzjoni dwar kif jipproteġu lilhom infushom u lil sħabhom;

5. Allarmat bin-numru ta' każi li qed jiżdied b'rata mgħaġġla ta' razez ta' l-HIV/AIDS li huma reżistenti għal diversi drogi kif ukoll ta' TB li hija reżistenti għal diversi drogi jew li hija kompletament reżistenti, jistieden lill-Kummissjoni biex iżomm statistika separata dwar dawn u biex tidentifika u taqsam l-aħjar prassi fil-prevenzjoni tagħhom;

6. Iħeġġeg lill-Kummissjoni biex tikkunsidra miżuri xierqa biex jintlaħqu popolazzjonijiet migranti u immigranti fl-Unjoni Ewropea, b'mod speċjali meta jiġu minn pajjiżi b'rati għoljin ta' prevalenza sabiex tittaffa t-tendenza allarmanti ta' infezzjonijiet ġodda ta' l-HIV fost dawn il-gruppi;

7. Jinsisti li l-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva 2002/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi livelli stabbiliti ta' kwalità u sigurtà għall-ġbir, l-ittestjar, l-ipproċessar, il-ħażna u t-tqassim ta' demm tal-bniedem u komponenti tad-demm ([1]), b'mod partikolari fir-rigward ta' screening b'mod sistematiku għall-HIV tad-donazzjonijiet tad-demm;

8. Jenfasizza l-importanza li tiġi rrappurtata data korretta; jirrimarka li l-ġbir tad-data għandha tkun kunfidenzjali u bbażata fuq testijiet anonimi u volontarji; jistieden lill-Istati Membri biex itejbu l-kwalità tal-metodi rispettivi tagħhom ta' l-ittestjar u r-rappurtaġġ;

9. Jinnota li ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) se jkollu r-responsabbiltà sħiħa għas-sorveljanza, l-ġbir u l-pubblikazzjoni tad-data dwar l-HIV/AIDS fl-2008; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tieħu miżuri xierqa biex ma jithalliex li jkun hemm vojt possibbli fir-rappurtaġġ tad-data l-ġdida; jitlob lill-ECDC biex iżomm f'moħħu s-sensittivitajiet relatati mas-suġġett meta jiġu ppubblikati r-rapporti;

10. Jistieden lil Spanja u lill-Italja biex jirrappurtaw id-data nazzjonali tagħhom lill-ECDC;

11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tuża l-istrumenti disponibbli kollha, bħalma huma l-Politika għall-Viċinanzi u l-Istrumenti tad-Dimensjoni tat-Tramuntana, biex jintlaħqu l-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni fil-pajjiżi tal-madwar**,** b'attenzjoni partikolari għaż-żona ta' Kaliningrad fir-Russja;

12. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa programmi bbażati fuq l-evidenza u biex tippromwovi l-implimentazzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' ħsara, inklużi l-użu tal-kondoms, il-kura ta' sostituzzjoni tad-droga, l-aċċess għall-ittestjar volontarju, l-iskambju ta' labar u siringi ġodda u l-għoti ta' pariri lil membri jew gruppi li jitqiesu vulnerabbli għall-HIV jew li huma affetwati jew infettati bih, u biex tistimula u tferrex l-aħjar prassi fil-prevenzjoni pożittiva u tipprovdi rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' tali miżuri;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu kampanji ta' komunikazzjoni li jipprovdu lill-popolazzjoni b'informazzjoni ċara dwar l-infezzjoni HIV, dwar metodi biex tipprevjeni l-infezzjoni, dwar prattiki mhux sikuri u dwar prattiki li jistgħu jgħinu jipprevenu l-infezzjoni bl-HIV;

14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, minħabba l-fatt li n-nisa infettati bl-HIV ħafna drabi kienu ssuġġettati għal vjolenza minn sieħeb maskili u li n-nisa għandhom iktar riskju ta' infezzjoni mill-HIV, biex jieħdu l-miżuri biex tkun miġġielda l-vjolenza li huma stipulati fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2006 dwar is-sitwazzjoni preżenti fil-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u kwalunkwe azzjoni fil-futur ([2]);

15. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex jinħoloq Forum għas-Soċjetà Ċivili u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli u tintensifika l-koperazzjoni tagħha mas-soċjetà ċivili fil-qafas ta' dan il-Forum;

([1]) ĠU L 33, 8.2.2003, p.30.
([2]) ĠU C 288E, 25.11.2006, p.66.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

16. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jeżaminaw il-possibilitajiet li jiġu stabbiliti Fora tas-Soċjetà Ċivili fuq livell nazzjonali sabiex titjieb il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi tal-gvernijiet nazzjonali, is-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-NGOs lokali li jaħdmu fil-qasam ta' l-HIV/AIDS;

17. Jenfasizza l-importanza kemm tad-"Dikjarazzjoni ta' Dublin" u kemm tad-"Dikjarazzjoni ta' Vilnius" u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issegwihom;

18. Jenfasizza l-bżonn li l-Kummissjoni torganizza l-isforzi tagħha fil-ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-oqsfa differenti tad-Direttorati Ġenerali responsabbli u biex ittejjeb il-proċessi u l-mekkaniżmi amministrattivi differenti sabiex tipprovdi l-miżuri l-aktar effettivi u koordinati possibbli, biex jiġu evitati standards doppji u biex jitwettqu l-aħjar sinerġiji possibbli;

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex toffri appoġġ politiku u għajnuna teknika lill-pajjiżi ġirien li jixtiequ japprofittaw ruħhom mill-flessibilitajiet inklużi fil-Ftehima TRIPS meta jiġu affaċċjati bi problema fis-saħħa pubblika, u biex toffri appoġġ fil-bini ta' infrastruttura għall-konsulenza dwar l-HIV u l-ittestjar kif ukoll għat-tqassim u t-tkomplija tal-medikazzjoni;

20. Jiddeplora l-fatt li r-regoli attwali dwar l-iffinanzar dirett ta' l-NGOs mill-Komunità kif ukoll ir-regoli dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fi proġetti ffinanzjati bi programmi tal-Komunità ma ġewx armonizzati; jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa l-proċeduri attwali bl-iskop li jitjieb l-aċċess ta' l-NGOs għall-forom differenti ta' l-iffinanzjar tal-Komunità,

21. Itenn li s-sħubija fl-UE spiss tfisser tmiem ħesrem ta' l-appoġġ finanzjarju ta' l-NGOs minn sorsi internazzjonali oħra li mhumiex dawk ta' l-UE; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni bħala kwistjoni ta' urġenza biex timmonitorja s-sitwazzjoni fil-Bulgarija u r-Rumanija b'urġenza u tipproponi miżuri biex jimtela l-vojt finanzjarju;

22. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi biċ-ċar ir-regoli għall-użu tal-Fondi Strutturali u tal-Fondi Soċjali għall-proġetti u l-programmi relatati ma' l-HIV/AIDS;

23. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tuża l-possibilitajiet kollha disponibbli fis-Seba' Programm ta' Qafas dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp biex tkompli tiffinanzja u tidentifika proġetti promettenti oħra li jirrigwardjaw ir-riċerka dwar l-HIV/AIDS u l-iżvilupp ta' mediċini ARV innovattivi ġodda, tilqim u mikrobiċidi; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li r-riċerka dwar l-HIV/AIDS tkun bbilanċjata fir-rigward tas-sessi u tinkludi diversi aspetti fiżjoloġiċi u bijoloġiċi fir-rigward tan-natura tal-viruses li jiġu trasmessi;

24. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tiżviluppa riċerka u evalwazzjoni ta' metodi preventivi li jiffukaw fuq l-imġiba, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex taħdem lejn programmi ta' prevenzjoni bbażati fuq il-provi u li jiffukaw fuq l-imġiba;

25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jallokaw aktar fondi pubbliċi għar-riċerka farmaċewtika billi jirrikjedu li l-benefiċjarji tal-fondi pubbliċi jiddedikaw ammont sostanzjali tar-riċerka tagħha għall-mard ta' dan it-tip;

26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex talloka riżorsi għal miżuri ta' prevenzjoni fil-qafas tal-Programm ta' Azzjoni dwar is-Saħħa Pubblika fil-ġlieda kontra l-HIV/AIDS;

27. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibilitajiet u l-mezzi prattiċi u biex tuża r-riżultati tar-riċerka klinika biex tkun miġġielda l-HIV/AIDS fil-pajjiżi sħab, fil-Punent tal-Balkani u fl-Asja Ċentrali, skond il-proċeduri għal għajnuna esterna u f'konformità mad-direttivi għal azzjoni kif miftiehma fid-dokumenti ta' strateġija mall-pajjiżi rilevanti u fil-programmi indikattivi;

28. Jemmen li l-kura biex titwaqqaf il-firxa tal-marda għandha rwol importanti fil-kura ta' nies bl-HIV/AIDS u jħeġġeġ l-iżvilupp u l-espansjoni tagħha fl-Unjoni Ewropea kollha;

29. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni partikolari għall-promozzjoni tal-programmi dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva għan-nisa biex tpatti kontra ż-żieda fit-tixrid ta' l-epidemija fost il-popolazzjoni femminili;

30. Jinkoraġġixxi bil-qawwa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jagħtu sussidji u jipprovdu flus għar-riċerka u l-iżvilupp ta' mikrobiċidi u kondoms tan-nisa li permezz tagħhom in-nisa jkunu kapaċi jipproteġu lilhom infushom u lil sieħeb raġel mill-HIV/AIDS bi ftehim jew mingħajr ftehim mas-sieħeb, minħabba li l-kondoms qed jibqgħu jkunu l-protezzjoni l-iktar magħrufa u disponibbli b'mod wiesa' kontra l-HIV/AIDS u l-mard trażmess sesswalment (STDs), iżda jeħtieġu ftehim ma' sieħeb raġel ([1]),

31. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw strateġiji nazzjonali biex iżidu l-kapaċità tan-nisa u tat-tfajliet li jipproteġu lilhom infushom mir-riskju ta' infezzjoni bl-HIV;

32. Jenfasizza l-bżonn li jissaħħu s-sinerġiji bejn il-prevenzjoni ta' l-HIV/AIDS u l-programmi biex jippromwovu d-drittijiet sesswali u s-saħħa;

33. Jitlob lill-Istati Membri biex jirrispettaw id-drittijiet sesswali u ta' riproduzzjoni ta' persuni li jkunu infettati bl-HIV/AIDS;

34. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu l-involviment ibbilanċjat bejn is-sessi kemm min-naħa tan-nisa u kemm min-naħa ta' l-irġiel fil-ġlieda kontra l-AIDS u jħeġġiġhom sabiex jirrevedu l-korpi nazzjonali ta' koordinazzjoni dwar l-AIDS;

35. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jgħinu lill-persuni kollha affettwati, u b'mod partikolari lin-nisa tqal, biex ikollhom aċċess, għal mediċina kontra l-HIV sabiex titnaqqas l-inċidenza ta' trażmissjoni tal-marda lit-tfal li jkunu għadhom ma twildux;

36. Jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tagħti l-assistenza finanzjarja u l-appoġġ totali lill-isforzi siewja tal-Fond Globali għall-ġlieda kontra l-AIDS, it-tuberkulosi u l-malarja; jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu l-istess;

37. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-infezzjoni doppja HIV/TB hija l-kawża tal-mewt ta' terz tal-persuni li jkunu HIV positive; għalhekk jirrakkomanda bil-qawwa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jagħrfu dan il-fatt billi jistabbilixxu u jippromwovu programmi għall-ġlieda kontra ż-żewġ infezzjonijiet fl-istess waqt; jinnota t-tixrid allarmanti ta' razez tat-TB reżistenti għal ħafna drogi jew totalment reżistenti; jinnota ulterjurment id-djanjożi doppja frekwenti ta' HIV u epatite u dipressjoni, u jħeġġeġ azzjoni biex pazjenti ta' dan it-tip jiġu ttrattati u kkurati;

38. Jenfasizza l-importanza li l-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, dawk li jipprovdu s-servizzi tas-saħħa, l-industrija farmaċewtika, l-NGOs u s-soċjetà ċivili jkunu responsabbli biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri li jirrigwardjaw il-kopertura universali tal-prevenzjoni, it-trattament u l-kura;

39. Jinsab imħasseb dwar l-ispejjeż għoljin ta' drogi ġodda u tat-tieni linja għat-trattament ta' l-AIDS; jitlob li jseħħ dibattitu fundamentali dwar il-liġi tal-privattivi; iqis li tibdil żgħir fi prodott jew ingredjent attiv m'għandu jitħalla iwassal għal xejn ħlief estensjoni proporzjonali għall-perjodu tal-ħarsien tal-privattiva;

40. Jitlob lill-Istati Membri biex iqisu jagħtux lill-Kummissjoni, f'isem l-UE, mandat limitat fl-iskop u fiż-żmien, skond l-Artikoli 300 u 308 tat-Trattat KE, biex tinnegozja ftehima ma' l-industrija farmaċewtika bil-għan li jitraħħsu l-prezzijiet għal mediċini ARV fl-Unjoni Ewropea;

41. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu użu ikbar tal-media u l-mezzi ta' distribuzzjoni l-iktar adattati sabiex jinfurmaw aħjar il-popolazzjoni, speċjalment l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, dwar l-infezzjoni ta' l-HIV, il-modi li bihom tiġi trażmessa, l-ittestjar għall-HIV u t-tip ta' aġir li jippromwovi l-prevenzjoni;

([1]) "Women and HIV/AIDS: Confronting the Crisis" Rapport Konġunt mill-UNAIDS/UNFPA/UNIFEM 2004, p.45.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

42. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-possibiltà li tinkludi fil-Portal taż-Żgħażagħ Ewropej sezzjoni ddedikata għall-ġlieda kontra l-AIDS, inkluża data dwar ir-riżorsi ta' informazzjoni, gwida u kura rigward l-HIV/AIDS disponibbli fl-Istati Membri;

43. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lis-soċjetà ċivili u lis-settur privat sabiex jibdew jew jappoġġaw programmi u jiżviluppaw kampanji ta' informazzjoni u għarfien għall-ġlieda kontra l-omofobija, l-istigma li jġorru n-nies li jgħixu bl-HIV/AIDS u d-diskriminazzjoni kontra gruppi vulnerabbli u kontra dawk infettatti bl-HIV, bil-għan li jitkissru l-barrieri li jnaqqsu l-effett ta' l-immaniġġar ta' l-HIV/AIDS; iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jipprojbixxu d-diskriminazzjoni kontra persuni bl-HIV/AIDS, b'mod partikulari fis-settur tas-servizzi (pereżempju fir-rigward ta' l-assikurazzjoni, is-servizzi bankarji u l-kura tas-saħħa);

44. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu politiki u programmi għall-integrazzjoni soċjali u d-dħul fis-suq tax-xogħol tal-persuni bl-HIV/AIDS;

45. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jidhru bħala l-mexxejja tal-promozzjoni u l-iffinanzjar ta' l-aċċess għall-edukazzjoni dwar l-HIV/AIDS fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali, inkluż l-għoti ta' pariri dwar l-imġiba sesswali responsabbli u l-prevenzjoni u t-trattament ta' mard li jiġi trasmess permezz tas-sess (STDs), u għall-informazzjoni, ittestjar u servizzi relatati, b'attenzjoni xierqa għall-prinċipji tal-kunfidenzjalità u tal-kunsens infurmat;

(17) Atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu miżuri u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni ta' l-istandards komuni ***bażiċi u*** li jkun fihom informazzjoni sensittiva dwar is-sigurtà, flimkien ma' rapporti ta' spezzjonijiet tal-Kummissjoni u tweġibiet ta' l-awtoritajiet xierqa għandhom jitqiesu bħala "informazzjoni klassifikata ta' l-UE" fis-sens tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom tad-29 ta' Novembru 2001 li temenda r-regoli interni ta' proċedura [1]. Dawk il-punti m'għandhomx jiġu pubblikati; huma għandhom ikunu disponibbli biss għal dawk l-operaturi u l-entitajiet b'interess leġittimu.

(18) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi proċeduri għall-eżerċizzju ta' poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni [2].

(19) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom għandhom jiġu adottati l-miżuri msemmija *fl-Artikoli 4(5) u 13(2)*. Billi dawk huma miżuri ta' ambitu ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jew sabiex jissupplimentawh permezz taż-żieda ta' elementi mhux essenzjali ġodda, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(20) Sabiex il-passiġġieri fi tranżitu u l-bagalji fi tranżitu jkunu jistgħu jiġu eżentati minn skrinjar meta jaslu fuq titjira minn pajjiż terz, li huwa magħruf bħala l-kunċett ta' "one-stop security", kif ukoll sabiex passiġġieri li jaslu fuq titjiriet bħal dawn ikunu jistgħu jitħalltu ma' passiġġieri sejrin li diġà jkunu ġew skrinjati, hu xieraq li jiġu nkuraġġuti ftehimiet bejn il-Komunità u pajjiżi terzi, li jirrikonoxxu li l-istandards ta' sigurtà applikati minn pajjiż terz huma ekwivalenti għal standards tal-Komunità.

(21) L-għan tas-"sistema ta' kontroll tas-sigurtà unika" ("one-stop security") għat-titjiriet kollha fl-Unjoni Ewropea għandu jiġi avvanzat.

(22) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' regoli dwar is-sigurtà ta' l-avjazzjoni, inklużi dawk relatati mat-trasport ta' oġġetti perikoluż.

(23) ***Għandhom jiġu previsti penali għal*** ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. ***Dawk il-penali għandhom*** ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

[1] ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1.
[2] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

(24) Id-Dikjarazzjoni Ministerjali dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà, miftiehma f'Kordoba fit-18 ta' Settembru 2006 matul l-ewwel laqgħa Ministerjali tal-Forum ta' Djalogu dwar Ġibiltà, ser tissostitwixxi d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà magħmula f'Londra fit-2 ta' Diċembru 1987, u l-konformità shiha magħha tiġi meqjusa li tikkostitwixxi konformità mad-Dikjarazzjoni ta' l-1987.

(25) Għandu jiġi kkunsidrat il-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà li jkun jista' joffri assistenza wara atti terroristiċi li jkollhom impatt qawwi fil-qasam tat-trasport.

(26) Ladarba l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri s-salvagwardja ta' l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali u li jipprovdi għal interpretazzjoni komuni ta' l-Anness 17 għall-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tar-Regolament, jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DAN ir-Regolament:

Artikolu 1

Għanijiet

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni ***sabiex*** l-avjazzjoni ċivili ***tiġi mħarsa minn*** atti ta' interferenza illegali ***li jippreġudikaw is-sigurtà tagħha.***

Huwa jipprovdi wkoll il-bażi għal interpretazzjoni komuni ta' l-Anness 17 għall-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.

2. Il-mezzi sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-paragrafi 1 għandhom ikunu:

a) l-istabbiliment ta' regoli komuni u standards bażiċi komuni dwar is-sigurtà ta' l-avjazzjoni;

b) mekkaniżmi għall-monitoraġġ tal-konformità.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal dawn li ġejjin:

a) l-ajruporti kollha jew partijiet minn ajruporti ***li jaqdu l-avjazzjoni ċivili*** li jinsabu fit-territorju ta' Stat ***Membru;***

b) l-operaturi kollha, inklużi *kumpaniji ta' l-ajru,* li jipprovdu servizzi f'ajruporti msemmijin fil-punt (a);

c) l-entitajiet kollha li japplikaw standards ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni li joperaw f'postijiet li jinsabu fit-territorju jew barra mit-territorju ta' ajruporti u jipprovdu oġġetti u/jew servizzi lil ajruporti msemmijin fil-punt (a) jew minn ajruporti msemmijin fil-punt (a).

2. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà hija mifhuma bħala li hi mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit fir-rigward tat-tilwima dwar is-sovranità fuq it-territorju li fih jinsab l-ajruport.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

1) "avjazzjoni ċivili" tfisser kwalunkwe operazzjoni *ta' trasport bl-ajru* ***kemm kummerċjali u kemm mhux kummerċjali, kif ukoll operazzjoniet skedati u mhux skedati,*** *imma eskluż* operazzjonijiet imwettqin minn inġenji ta' l-ajru *statali* li huma msemmijin fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali;

2) "sigurtà ta' l-avjazzjoni" tfisser taħlita ta' miżuri u riżorsi umani u materjali maħsubin għas-salvagwardja ta' l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali ***li jippreġudikaw is-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili***;

3) "ajruport" tfisser kwalunkwe medda ta' art [jew ilma] mħejjija speċjalment għall-inżul, it-tlugħ u l-manuvri ta' inġenji ta' l-ajru, inklużi installazzjonijiet kumplimentari li dawn l-operazzjonijiet jistgħu jinvolvu, għall-ħtiġijiet tat-traffiku u s-servizzi ta' l-ajru, inklużi l-installazzjonijiet meħtieġa għall-assistenza tas-servizzi ta' l-ajru kummerċjali;

4) "operatur" tfisser persuna, organizzazzjoni jew intrapriża impenjata, jew li toffri li timpenja ruħha, f'operazzjoni ta' trasport bl-ajru;

5) "kumpannija ta' l-ajru" tfisser impriża tat-trasport bl-ajru li għandha liċenzja valida sabiex topera, jew l-ekwivalenti;

6) "kumpannija ta' l-ajru Komunitarja" tfisser kumpannija ta' l-ajru b'liċenzja valida li topera mogħtija minn Stat Membru skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar liċenzjar ta' air carriers [1];

7) "entità" tfisser persuna, organizzazzjoni jew intrapriża, minbarra operatur;

8) "artikoli projbiti" tfisser armi, splussivi jew tagħmir perikoluż ieħor, oġġetti jew sustanzi li jistgħu jintużaw biex isir att ta' intereferenza illegali ***li jippreġudika s-sigurtà***;

9) "skrinjar" tfisser l-applikazzjoni ta' mezzi tekniċi jew mezzi oħra li huma maħsubin biex jidentifikaw u/jew jikxfu oġġetti projbiti;

10) "kontroll tas-sigurtà" tfisser l-applikazzjoni ta' mezzi sabiex ma jitħallewx jiġu introdotti oġġetti projbiti;

11) "kontroll fuq l-aċċess" tfisser l-applikazzjoni ta' mezzi li permezz tagħhom jista' jiġi prevenut id-dħul ta' persuni mhux awtorizzati jew vetturi mhux awtorizzati, jew it-tnejn;

12) "iż-żona ta' l-ajru" ("*airside*") tfisser iż-żona ta' moviment ta' ajruport, u artijiet u bini li jmissu magħha jew partijiet minnhom, li l-aċċess għalihom huwa ristrett;

13) "iż-żona ta' l-art" ("*landside*") tfisser dawk in-naħat ta' ajruport, u artijiet u bini li jmissu magħhom jew partijiet minnhom, li mhumiex fiż-żona ta' l-ajru;

14) "żona ta' sigurtà ristretta" tfisser parti miż-żona ta' l-ajru li fiha, minbarra l-fatt li l-aċċess ikun ristrett, *jiġi applikat* ***kontroll ta' l-aċċess***;

15) "żona demarkata" tfisser żona ***li mhix aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali u*** li hija ***separata minn*** żoni ta' sigurtà ristretti, jew, jekk iż-żona demarkata nnifisha hija żona ta' sigurtà ristretta, minn żoni ta' sigurtà ristretti oħra ta' ajruport;

16) "kontroll tal-kondotta" tfisser kontroll ***verifikabbli*** ta' l-identità ta' persuna, inkluża kwalunkwe kondotta kriminali ***u data ta'intelligence***;

17) "passiġġieri, bagalji, merkanzija jew posta fi trasferiment" tfisser passiġġieri, bagalji, merkanzija jew posta li jitilqu fuq inġenju ta' l-ajru differenti minn dak li waslu fuqu;

[1] ĠU L 240, 24.8.1992, p. 1.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

18) "passiġġieri, bagalji, merkanzija jew posta fi transitu" tfisser passiġġieri, bagalji, merkanzija jew posta li jitilqu fuq l-istess inġenju ta' l-ajru li waslu fuqu ***fuq titjira bl-istess numru tat-titjira***;

19) "passiġġier potenzjalment problematiku" tfisser passiġġier li jkun qed jiġi deportat, jew persuna li titqies bħala inammissibbli għal raġunijiet ta' immigrazzjoni jew persuna f'kustodja legali;

20) "bagalji tal-kabina" tfisser bagalji maħsuba għal ġarr fil-kabina ta' inġenju ta' l-ajru;

21) "bagalji ta' l-istiva" tfisser bagalji maħsuba għal ġarr fl-istiva ta' inġenju ta' l-ajru;

22) "bagalji ta' l-istiva akkumpanjati" tfisser bagalji, li nġarru fl-istiva ta' inġenju ta' l-ajru, li jkunu ġew reġistrati għal titjira minn passiġġier li jkun qed jivvjaġġa fuq dik l-istess titjira;

23) "posta tal-*kumpannija ta' l*-ajru" tfisser posta li l-oriġini u d-destinazzjoni tagħha huma t-tnejn kumpanija ta' l-ajru;

24) "materjali tal-kumpannija ta' l-ajru" tfisser materjali li l-oriġini u d-destinazzjoni tagħhom huma t-tnejn kumpannija ta' l-ajru jew li jintużaw minn kumpannija ta' l-ajru;

25) "posta" tfisser ***ittri, pakketti,*** dispaċċi ta' korrispondenza u oġġetti ***oħrajn maħsubin*** għal kunsinna *lil* ***kumpaniji ta' servizzi*** postali ***responsabbli biex imexxuhom*** skond ***id-dispożizzjonijiet*** ta' l-Unjoni Postali Universali ***(UPU)***;

26) "merkanzija" tfisser kwalunkwe proprjetà maħsuba għall-ġarr fuq inġenju ta' l-ajru, ħlief bagalji, posta, posta ta' kumpannija ta' l-ajru, materjali ta' kumpanniji ta' l-ajru u provvisti għal matul it-titjira;

27) "aġent regolat" tfisser kumpannija ta' l-ajru, aġent, speditur ta' merkanzija jew kwalunkwe entità oħra li tiżgura l-kontrolli ta' sigurtà fir-rigward ta' merkanzija jew posta ***skond dan ir-Regolament***;

28). "kunsinnatarju magħruf" tfisser kunsinnatarju li joriġina merkanzija jew ***posta u*** li l-proċeduri tiegħu jissodisfaw regoli u standards komuni ta' sigurtà li huma biżżejjed biex jippermettu l-ġarr ta' dik il-merkanzija jew posta fuq kwalunkwe inġenju ta' l-ajru;

29) "kunsinnatarju in konto" tfisser kunsinnatarju li joriġina merkanzija jew ***posta u*** li l-proċeduri tiegħu jissodisfaw regoli u standards komuni ta' sigurtà li huma biżżejjed biex jippermettu l-ġarr ta' dik il-merkanzija fuq inġenji ta' l-ajru għall-merkanzija biss ***u fuq inġenji ta' l-ajru li jġorru biss posta***;

30) "kontroll ta' sigurtà ta' l-inġenju ta' l-ajru" tfisser spezzjoni ta' dawk il-partijiet ta' ġewwa ta' l-inġenju ta' l-ajru li għalihom il-passiġġieri setgħa kellhom aċċess, flimkien ma' spezzjoni ta' l-istiva ta' l-inġenju ta' l-ajru sabiex jiġu individwati oġġetti projbiti u interferenzi ***li jippreġudikaw is-sigurtà ta' l-inġenju ta' l-ajru***;

31) "tfittxija ta' sigurtà ta' l-inġenju ta' l-ajru" tfisser spezzjoni tal-parti ta' ġewwa u l-parti ta' barra ta' l-inġenju ta' l-ajru li jkunu aċċessibbli sabiex jiġu individwati oġġetti projbiti u interferenzi illegali ***li jippreġudikaw is-sigurtà ta'*** l-inġenju ta' l-ajru;

32) "uffiċjal ta' sigurtà abbord titjira" tfisser persuna li hija impjegata minn Stat Membru sabiex tivvjaġġja fuq inġenju ta' l-ajru *ta' kumpannija ta' l*-ajru *liċenzjata minnu* bil-għan li jipproteġi dak l-inġenju ta' l-ajru u l-okkupanti tiegħu kontra atti ta' interferenza illegali ***li jippreġudikaw is-sigurtà tat-titjira***.

Artikolu 4

Standards bażiċi komuni

1. L-istandards bażiċi komuni għas-salvagwardja ta' l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali ***li jippreġudikaw is-sigurtà tagħha*** għandhom ikunu kif stabbiliti fl-Anness.

2. L-Istati Membri u l-utenti għandhom jaqsmu l-ispiża ta' l-applikazzjoni ta' l-istandards bażiċi komuni biex jiġġieldu atti ta' interferenza illegali. Sabiex ikun evitat kwalunkwe tgħawwiġ tal-kompetizzjoni bejn Stati Membri u bejn ajruporti, kumpaniji ta' l-ajru u entitajiet interessati oħrajn fil-Komunità kif ukoll bejn Stati Membri u pajjiżi terzi, il-Kummissjoni għandha malajr kemm jista' jkun tippreżenta proposta sabiex tintroduċi dispożizzjonijiet uniformi għall-iffinanzjar ta' dawn il-miżuri ta' sigurtà.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

3. Miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-istandards bażiċi komuni msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu stabbiliti skond il-proċedura *regolatorja* msemmija *fl-Artikolu 19(2)*.

Dawn il-miżuri għandhom, b'mod partikolari, jirrigwardaw:

a) metodi ta' skrinjar, kontroll fuq l-aċċess u kontrolli ta' sigurtà oħra;

b) metodi ta' eżekuzzjoni ta' kontrolli ta' sigurtà fuq inġenji ta' l-ajru u tiftix ta' sigurtà fuq inġenji ta' l-ajru;

c) oġġetti projbiti;

d) kriterji ta' eżekuzzjoni u t-testijiet ta' aċċettazzjoni għat-tagħmir;

e) ħtiġiet ta' reklutaġġ u taħriġ tal-persunal;

f) id-definizzjoni ta' partijiet kritiċi ta' żoni ristretti ta' sigurtà;

g) l-obbligi ta', u l-proċeduri ta' validazzjoni għal, aġenti regolati, konsenjaturi magħrufin u konsenjaturi in konto;

h) kategoriji ta' persuni, oġġetti u inġenji ta' l-ajru li għal raġunijiet oġġettivi għandhom ikunu soġġetti għal proċeduri ta' sigurtà speċjali jew għandhom ikunu eżentati minn skrinjar, kontroll fuq l-aċċess jew kontrolli ta' sigurtà oħrajn;

i) kontrolli tal-kondotta preċedenti.

4. Il-miżuri ddettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-istandards bażiċi komuni għandhom jiskadu sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tagħhom. Il-miżuri ddettaljati jistgħu jinżammu skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 19(2), iżda biss wara evalwazzjoni bir-reqqa mill-ġdid tar-riskji għas-sigurtà u evalwazzjoni bir-reqqa ta' l-ispejjeż u ta' l-impatt operazzjonali assoċjati ma' dawn il-miżuri.

5. Il-Kummissjoni għandha, ***skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 19(3)***, tistabbilixxi kriterji ***sabiex*** jippermettu lill-Istati Membri jidderogaw mill-istandards bażiċi komuni msemmijin fil-paragrafu 1 u jadottaw miżuri ta' ***sigurtà li*** jipprovdu livell ta' protezzjoni adegwat ***fl-ajruporti, jew fiż-żoni demarkati tagħhom,*** abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju lokali. Tali miżuri alternattivi għandhom jiġu ġustifikati b'raġunijiet marbutin mad-daqs ta' l-inġenju ta' ***l-ajru, in-***natura ***ta' l-operazzjoni u/jew*** il-frekwenza ta' l-operazzjonijiet ***fl-ajruporti kkonċernati***.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ***l-applikazzjoni ta'*** l-istandards bażiċi komuni msemmijin fil-***paragrafu 1.***

7. Kull waħda mill-miżuri u l-proċeduri ddettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-istandards bażiċi komuni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun stabbilita fuq bażi ta' evalwazzjoni ta' riskju u ta' l-impatt. L-evalwazzjoni għandha tinkludi l-ispejjeż li jkunu stmati.

8. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-miżuri stabbiliti skond il-paragrafu 3, li l-ispejjeż finanzjarji u spejjeż oħrajn tagħhom, fil-mument ta' l-implimentazzjoni tal-miżura, ma jkunux proporzjonati mas-sigurtà akbar, jekk din tirriżulta, li l-miżuri joħolqu. F'dawn is-sitwazzjonijiet il-Kummissjoni għandha tippermetti lill-Istati Membri sabiex jidderogaw mill-istandards bażiċi komuni skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 19(3).

Artikolu 5

Trasparenza fil-ħlas

Meta l-ispejjeż tas-sigurtà fl-ajruporti jew abbord ikunu inklużi fil-prezz tal-biljett ta' l-ajru, dawk l-ispejjeż għandhom jintwerew separatament fuq il-biljett jew għandhom jintwerew lill-passiġġier b'mod ieħor.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 6

L-ipotekar tat-taxxi u l-ħlas tas-sigurtà

It-taxxi u l-ħlas tas-sigurtà, kemm jekk imposti mill-Istati Membri jew mill-kumpaniji ta' l-ajru jew minn entitajiet oħra, għandhom ikunu trasparenti, għandhom jintużaw biss sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tas-sigurta' ta' l-ajruporti jew dik abbord, u m'għandhomx ikunu aktar mill-ispejjeż sabiex iknuu applikati l-istandards bażiċi komuni msemmija fl-Artikolu 4.

Artikolu 7

Azzjoni li għandha tittieħed f'każ ta' ksur tas-sigurtà

Fejn l-Istati Membri jkollhom raġuni biex jaħsbu li l-livell ta' sigurtà ġie kompromess minħabba ksur tas-sigurtà, huma għandhom jiżguraw li tittieħed azzjoni adegwata u f'waqtha biex dak il-ksur ikun rettifikat u li jiżguraw is-sigurtà kontinwa ta' l-avjazzjoni ċivili.

Artikolu 8

Miżuri aktar stringenti applikati minn Stati Membri

1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw miżuri aktar stringenti mill-istandards bażiċi komuni kif stabbiliti fl-Artikolu 4. Meta jagħmlu dan, huma għandhom jaġixxu abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u b'konformità mal-liġi Komunitarja. *Miżuri* ***aktar stringenti*** għandhom ikunu rilevanti, oġġettivi, mhux diskriminatorji u proporzjonati mar-riskju li jkun qed jiġi indirizzat.

2. ***Il-Kummissjoni tista' teżamina l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 u, wara li tikkonsulta l-Kumitat msemmi fl-Artikolu 19, tista' tiddeċiedi jekk l-Istat Membru jithalliex ikompli japplika l-miżuri.***

Il-Kummissjoni għandha tgħaddi d-deċiżjoni tagħha lill-Kunsill u lill-Istati Membri.

Fi żmien xahar minn meta d-deċiżjoni tiġi mgħarrfa lill-Kummissjoni, Stat Membru jista' jirreferi d-deċiżjoni lill-Kunsill. Il-Kunsill jista', permezz ta' maġġoranza kwalifikata, fi żmien tliet xhur, jieħu deċiżjoni differenti.

3. ***Il-Paragrafu 2 ma japplikax jekk il-miżuri aktar rigoruż*** jkunu limitati għal titjira partikolari f'data speċifika.

4. L-Istati Membri għandhom ikopru l-ispejjeż ta' l-applikazzjoni tal-miżuri aktar rigoruż, kif imsemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 9

Miżuri ta' sigurtà meħtieġa minn pajjiżi terzi

1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe ftehim bilaterali li għalih il-Komunità hija parti, Stat Membru għandu ***jinnotifika*** lill-Kummissjoni dwar ***miżuri meħtieġa*** minn pajjiż terz jekk dawn ikunu differenti mill-istandards bażiċi komuni kif stabbilit fl-Artikolu 4 fir-rigward ta' titjiriet minn ajruport fi Stat Membru għal, jew minn fuq, dak il-pajjiż terz.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkopera ma' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) fl-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Biex tiġi ffaċilitata din il-koperazzjoni, il-Kummissjoni hija awtorizzata li tikkonkludi ftehimiet ma' l-ICAO għall-fini ta' l-iskambju ta' informazzjoni u ta' appoġġ reċiproku fir-rigward ta' verifiki u spezzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tinnegozja dawk il-ftehimiet bl-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 19.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

3. Fuq talba ta' l-Istat Membru konċernat jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni għandha teżamina ***l-applikazzjoni tal-paragrafu 1*** u tista', skond il-proċedura *regolatorja* msemmija *fl-Artikolu 19(2)*, ***u wara li tikkonsulta mal-pajjiż terz,*** tfassal rispons xieraq għall-pajjiż ***terz.***

Il-Kummissjoni għandha tgħaddi d-deċiżjoni tagħha lill-Kunsill u lill-Istati Membri.

4. Il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx jekk:

a) l-Istat Membru konċernat japplika l-miżuri konċernati skond *l-Artikolu 8*; jew

b) il-ħtieġa tal-pajjiż terz hija limitata għal titjira partikolari f'data speċifika.

Artikolu 10

Awtorità ***nazzjonali***

Fejn, fi Stat Membri wieħed, ikun hemm żewġ korpi jew aktar involuti fis-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili, dak l-Istat Membru għandu jinnomina awtorità waħda (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-awtorità xierqa) li għandha tkun responsabbli mill-koordinazzjoni u l-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni ta' l-istandards bażiċi komuni msemmijin fl-Artikolu 4.

Artikolu 11

Programmi

L-Istati Membri, l-operaturi ta' l-ajruporti, il-kumpaniji ta' l-ajru u entitajiet oħra li japplikaw standards tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni għandhom ikunu responsabbli għat-tfassil, l-applikazzjoni u ż-żamma tal-programmi tas-sigurtà rispettivi tagħhom bil-mod stabbilit fl-Artikoli 12 sa 16.

L-Istati Membri għandhom ukoll iwettqu l-funzjoni wiesa' ta' kontroll ta' kwalità definita fl-Artikolu 17.

Artikolu 12

Programm nazzjonali ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili

1. Kull Stat Membru għandu jfassal, japplika u jżomm programm nazzjonali ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili.

Dak il-programm għandu jiddefinixxi r-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni ta' l-istandards bażiċi komuni msemmijin fl-Artikolu 4 u għandu jiddeskrivi l-miżuri meħtieġa minn operaturi u entitajiet oħra għal din il-għan.

2. L-awtorità adatta għandha tagħmel disponibbli bil-miktub fuq bażi ta' "ħtieġa għall-għarfien" il-partijiet adatti tal-programm nazzjonali tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili tagħha għal operaturi u entitajiet ***li jkollhom*** interess leġittimu.

Artikolu 13

Programm nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità

1. Kull Stat Membru għandu jfassal, japplika u jżomm programm nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità.

Dak il-programm għandu jippermetti lill-Istat Membru li jikkontrolla l-kwalità tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili sabiex jimmonitorja l-aderenza kemm ma' dan ir-Regolament kif ukoll mal-programm nazzjonali ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili tiegħu.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

2. L-ispeċifikazzjonijiet għall-programm nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità għandhom jiġu ***adottati skond*** il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 19(3).***

Il-programm għandu jippermetti l-iskoperta u t-tiswija mgħaġġla tan-nuqqasijiet. Huwa għandu jipprovdi wkoll li l-ajruporti, l-operaturi u l-entitajiet kollha responsabbli mill-implimentazzjoni ta' standards ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni li jinsabu fit-territorju ta' l-Istat Membru konċernat għandhom ikunu monitorjati direttament u regolarment minn, jew taħt is-superviżjoni ta' l-awtorità adatta.

Artikolu 14

Programm ta' sigurtà ta' l-ajruporti

1. Kull Stat Membru għandu jfassal, japplika u jżomm programm ta' sigurtà ta' l-ajruporti.

Dak il-programm għandu jiddeskrivi l-metodi u l-proċeduri li għandu jsegwi operatur ta' ajruport sabiex jaderixxi kemm ma' dan ir-Regolament kemm mal-programm nazzjonali ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili ta' l-Istat Membru li fih jinsab l-ajruport.

Il-programm għandu ***jiddeskrivi wkoll*** kif l-aderenza ma' dawn il-metodi u l-proċeduri hija mmonitorjata mill-operatur ta' l-ajruport.

2. Il-programm tas-sigurtà ta' l-ajruport għandu jiġi ppreżentat lill-awtorità ***adatta.***

Artikolu 15

Programm ta' sigurtà ta' kumpannija ta' l-ajru

1. Kull ***Stat Membru għandu jiżgura li l-kumpaniji ta' l-ajru li jipprovdu servizzi mit-territorju tiegħu jimplimentaw*** u ***jżommu*** programm ta' sigurtà ta' *kumpanniji* ta' l-ajru ***li jkun xieraq sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-programmi nazzjonali tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili***.

Dak il-programm għandu jiddeskrivi l-metodi u l-proċeduri li għandha ssegwi *kumpanija* ta' l-ajru sabiex taderixxi kemm ma' dan ir-Regolament kif ukoll mal-programm nazzjonali ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili ta' l-Istat Membru li minnu tipprovdi s-servizzi.

Il-programm għandu ***jiddeskrivi wkoll*** kif l-aderenza ma' dawn il-metodi u l-proċeduri hija mmonitorjata mill-*kumpanija* ta' l-ajru.

2. Fuq talba, il-programm tas-sigurtà ta' *kumpanija* ta' l-ajru għandu jiġi sottomess lill-awtorità ***adatta.***

3. Fejn programm tas-sigurtà ta' *kumpanija* ta' l-ajru tal-Komunità jkun ingħata validità mill-awtorità adatta ta' l-Istat Membru li jagħti l-liċenzja biex topera, ***din*** għandha tiġi rikonoxxuta mill-Istati Membri l-oħra ***kollha. Il-validazzjoni u r-rikonoxximent ma japplikawx għal dawk il-partijiet tal-programm li jikkonċernaw kwalunkwe miżuri aktar rigoruż li jiġu applikati fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru li jagħti l-liċenzja biex il-kumpanija topera.***

Artikolu 16

Programm tas-sigurtà ta' ***aġent regolat li japplika standards għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni***

1. Kull *aġent regolat* li taħt ***il-***programm nazzjonali tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili *imsemmi fl-Artikolu 12 huwa meħtieġ li japplika* standards tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni *għandu jfassal, japplika* u *jżomm* programm ta' ***sigurtà***.

Dak il-programm għandu jiddeskrivi l-metodi u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-*aġent regolat* sabiex *ikun* konformi ***primarjament*** mal-programm nazzjonali tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili ta' l-Istat Membru ***relevanti*** fir-rigward ta' l-operazzjonijiet *tiegħu* f'dak l-Istat Membru ***u ma' dan il-Regolament***.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Il-programm għandu ***jiddeskrivi wkoll*** kif l-aderenza ma' dawn il-metodi u l-proċeduri ***għandha tiġi*** *mmonitorata mill-aġent regolat* ***nnifisu***.

2. Malli jintalab, il-programm ***tas-sigurtà ta' l-aġent regolat li japplika standards tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni*** għandu jiġi ppreżentat lill-awtorità ***adatta.***

Artikolu 17

Spezzjonijiet mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni ***għandha tagħti istruzzjonijiet lill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni,*** *filwaqt* li taġixxi f'kooperazzjoni ma' l-awtorità adatta ta' l-Istat Membru konċernat, ***sabiex*** twettaq spezzjonijiet, inklużi spezzjonijiet ta' ajruporti, operaturi u entitajiet li japplikaw standards tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni, sabiex timmonitorja l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-Istati Membri***, sabiex tidentifika punti dgħajfa fis-sigurtà ta' l-avjazzjoni*** u, kif xieraq, tagħmel rakkomandazzjonijiet biex titjieb is-sigurtà ta' l-avjazzjoni. Għal dan il-fini, l-awtorità adatta għandha tinforma bil-miktub lill-Kummissjoni dwar l-ajruporti kollha fit-territorju tagħha li jservu l-avjazzjoni ċivili minbarra dawk koperti ***bit-tielet subparagrafu ta' l-****Artikolu 4(5)*.

Il-proċeduri biex isiru l-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni għandhom jiġu adottati skond il-proċedura *regolatorja* msemmija *fl-Artikolu 19(2)*.

2. Spezzjonijiet mill-Kummissjoni ta' ajruporti, operaturi u entitajiet li japplikaw standards ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni m'għandhomx jiġu ***mħabbrin.***

3. Kull rapport ta' spezzjoni mill-Kummissjoni għandu jiġi kkomunikat lill-awtorità adatta ta' l-Istat Membru konċernat, li għandu, fit-tweġiba tiegħu, jindika l-miżuri meħuda għar-rimedju ta' kwalunkwe defiċjenza identifikata.

Ir-rapport, flimkien mat-tweġiba ta' l-awtorità adatta, sussegwentement għandu jiġi komunikat lill-awtoritajiet adatti ta' l-Istati Membri l-oħra kollha.

4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li kull ajruport Ewropew li jidħol fil-kamp t'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġi spezzjonat mill-inqas darba qabel … [1].

Artikolu 18

Tixrid ta' informazzjoni

Id-dokumenti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala "dokumenti klassifikati ta' l-UE" għall-finijiet tad-Deċiżjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom, u m'għandhomx jitqiegħdu għad-disponibbiltà tal-pubbliku:

a) miżuri u proċeduri kif imsemmijin fl-***Artikolu 4(3) u 4(5), jekk*** ikun fihom informazzjoni ta' sigurtà sensittiva;

b) rapporti ta' spezzjoni mill-Kummissjoni u risposti ta' l-awtoritajiet nazzjonali, kif jissemma *fl-Artikolu 17(3)*.

Artikolu 19

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn Kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal xahar.

---

[1] ***Erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 *tagħha*.

Artikolu 20

Rapport

Kull sena l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Istati Membri u lill-parlamenti nazzjonali, u tinfurmahom bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-impatt tiegħu fuq it-titjib tas-sigurtà mtejba ta' l-ajru, kif ukoll bi kwalunkwe dgħjufija jew nuqqasijiet li jinkixfu mill-kontrolli u l-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni.

Article 21

Grupp ta' Konsulenza tal-Partijiet Interessati

Mingħajr ħsara għall-irwol tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 19, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Grupp ta' Konsulenza tal-Partijiet Interessati dwar is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni, magħmul minn organizzazzjonijiet rappreżentattivi Ewropej li jaħdmu fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni jew li huma direttament affettwati minnha. L-irwol ta' dan il-grupp għandu jkun biss dak ta' l-għoti ta' pariri lill-Kummissjoni. Il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 19 għandu jżomm infurmat lill-Grupp ta' Konsulenza tal-Partijiet Interessati matul il-proċess regolatorju kollu.

Artikolu 22

Pubblikazzjoni ta' l-informazzjoni

Kull sena l-Kummissjoni għandha tagħmel il-konklużjonijiet tagħha mir-rapporti ta' spezzjonijiet u tippubblika, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni [1]***, rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar is-sitwazzjoni fil-Komunità f'dak li tikkonċerna s-siġurtà ta' l-avjazzjoni.***

Artikolu 23

Pajjiżi terzi

Fil-ftehimiet globali dwar l-avjazzjoni bejn il-Komunità u pajjiż terz b'konformità ma' l-Artikolu 300 tat-Trattat għandhom jiġu inklużi l-ftehimiet li jirrikonoxxu li l-istandards tas-sigurtà applikati f'pajjiż terz ikunu ekwivalenti ma' l-istandards tal-Komunità sabiex jiġi promoss l-objettiv ta' "one-stop security" għat-titjiriet kollha bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi.

Artikolu 24

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-isposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali jridu jkunu effettivi, propozjonati u disswasivi.

Artikolu 25

Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru. 2320/2002 huwa b' dan imħassar.

[1] ***ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.***

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 26

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn … ([1]), ħlief *għall-Artikoli 4(3), 4(5), 13(2), 17(1) u 19*, li għandhom japplikaw *minn* … ([2]).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul *fi,* …

Għall-Parlament Ewropew	Mill-Kunsill
Il-President	*Il-President*

([1]) ***Sena*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
([2]) ***Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

ANNESS

STANDARDS BAŻIĊI KOMUNI ***GĦALL-ĦARSIEN TA' L-AVJAZZJONI ĊIVILI KONTRA ATTI TA' INTERFERENZA ILLEGALI*** (ARTIKOLU 4)

1. SIGURTÀ TA' L-AJRUPORT

1.1 Ħtiġiet ta' l-ippjanar ta' ajruport

1. Meta jiġu ddisinjati u mibnija faċilitajiet ġodda ta' ajruport jew isir tibdil fil-faċilitajiet eżistenti ta' ajruport, għandu jittieħed kont sħiħ tal-ħtiġiet għall-implimentazzjoni ta' l-istandards bażiċi komuni stabbiliti f'dan l-Anness u ta' l-atti implimentattivi tiegħu.
2. Fl-ajruporti, għandhom jiġu stabbiliti ż-żoni li ġejjin:
   a) iż-żona ta' l-art *(landside)*;
   b) iż-żona ta' l-ajru *(airside)*;
   c) żoni ta' sigurtà ristretta; u
   d) partijiet kritiċi ta' żoni ta' sigurtà ristretta.

1.2 Kontroll fuq l-Aċċess

1. Aċċess għaż-żona ta' l-ajru għandu jkun ristrett sabiex id-dħul minn persuni u vetturi mhux awtorizzati f'dawn l-inħawi jiġi prevenut.
2. L-aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà għandu jkun kontrollat sabiex persuni u vetturi mhux awtorizzati ma jidħlux f'dawn iż-żoni.
3. Persuni u vetturi jistgħu biss jingħataw aċċess għan-naħa ta' l-ajru u żoni ristretti ta' sigurtà jekk ikunu jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' sigurtà meħtieġa.
4. ***Il-persunal kollu***, inklużi membri ta' l-ekwipaġġ tat-titjira, għandhom ikunu temmew kontroll tal-kondotta qabel ma tinħarġilhom karta ta' *identifikazzjoni* ***ta' l-ajruport jew*** ta' ***l-ekwipaġġ li*** tawtorizza aċċess bla skorta għal żoni ta' sigurtà ristretta. ***Il-karti ta' identifikazzjoni jistgħu jkunu rikonoxxuti minn awtorità kompetenti differenti minn dik li ħarġithom.***

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

1.3 Skrinjar ta' persuni minbarra passiġġieri u oġġetti

1. Persuni minbarra passiġġieri, flimkien ma' l-oġġetti li jġorru, għandhom jiġu skrinjati fuq bażi kontinwa aleatorja meta jidħlu fiż-żoni ristretti ta' sigurtà sabiex oġġetti projbiti ma jitħallewx jidħlu f'dawn iż-żoni.
2. Il-persuni kollha minbarra passiġġieri, flimkien ma' l-oġġetti li jġorru, għandhom jiġu skrinjati meta jidħlu fil-partijiet kritiċi taż-żoni ristretti ta' sigurtà sabiex oġġetti projbiti ma jitħallewx jidħlu f'dawn iż-żoni.

1.4 Eżami tal-vetturi

Vetturi li jidħlu f'żona ristretta ta' sigurtà għandhom jiġu eżaminati sabiex oġġetti projbiti ma jitħallewx jidħlu f'dawn iż-żoni.

1.5 Sorveljanza, ronda u kontrolli fiżiċi oħra

Għandu jkun hemm sorveljanza, rondi u kontrolli fiżiċi oħrajn ***fiż-żoni ta' sigurtà ristretta u*** fiż-żoni kollha biswit b'aċċess pubbliku, sabiex tiġi identifikata mġieba suspettuża ta' persuni, jiġu identifikati vulnerabbiltajiet li jistgħu jiġu sfruttati biex jitwettaq att ta' interferenza illegali u sabiex jinżammu lura persuni ***minn*** tali atti.

2. ŻONI DEMARKATI TA' L-AJRUPORTI

Inġenji ta' l-ajru pparkjati f'żoni demarkati ta' ajruporti li għalihom japplikaw il-miżuri alternattivi msemmijin *fl-Artikolu 4(5)*, għandhom ikunu separati minn inġenji ta' l-ajru li għalihom japplikaw bis-shiħ ***dawn*** l-istandards bażiċi komuni, sabiex jiġi żgurat li l-istandards ta' sigurtà applikati għal inġenji ta' l-ajru, passiġġieri, bagalji ***u merkanzija ta'*** dawn ta' l-aħħar ma jiġux kompromessi.

3. SIGURTÀ TA' L-INĠENJI TA' L-AJRU

1. ***Jekk passiġġieri jiżbarkaw minn inġenju ta' l-ajru, l-***inġenju ta' l-ajru għandu jiġi soġġett għal ***kontroll ta'*** sigurtà ***qabel it-tluq*** sabiex jiġi żgurat li l-ebda oġġett ipprojbit ma jkun preżenti abbord. Inġenju ta' ***l-ajru jista'*** *jkun* ***eżentat mill-kontroll jekk jasal minn Stat Membru, ħlief jekk il-Kummissjoni jew dak l-Istat Membru ma jkunx ipprovda informazzjoni li tindika li l-passiġġieri u l-bagalji tagħhom tal-kabina ma jistgħux jitqiesu li ġew skrinjati skond l-istandards bażiċi komuni msemmija fl-Artikolu 4.***

2. Passiġġieri li minħabba kwistjonijiet tekniċi jiġu żbarkati minn inġenju ta' l-ajru f'ajruport rikonoxxut u, wara dan, jinżammu f'żona sikura f'dak l-ajruport, m'għandhomx ikunu soġġetti għall-skrinjar mill-ġdid.

3. Kull inġenju ta' l-ajru għandu jiġi protett minn interferenza mhux awtorizzata. ***Il-preżenza ta' inġenju ta' l-ajru fil-partijiet kritiċi taż-żona ristretta ta' sigurtà għandha titqies bħala protezzjoni suffiċjenti.***

4. Kull inġenju ta' l-ajru li ma kienx protett minn interferenza mhux awtorizzata għandu jkun suġġett għat-tfittxija.

4. PASSIĠĠIERI U BAGALJI TAL-KABINI

4.1 Skrinjar ta' passiġġieri u bagalji tal-kabina

1. Il-passiġġieri kollha ta' oriġini, ta' trasferiment u ta' transitu u l-bagalji tal-kabina tagħhom għandhom jiġu skrinjati sabiex oġġetti projbiti ma jitħallewx jiddaħħlu f'żoni ristretti ta' sigurtà u abbord inġenji ta' l-ajru.
2. Passiġġieri ta' trasferiment u l-bagalji tal-kabina tagħhom jistgħu jiġu eżentati minn skrinjar, jekk:
   a) jaslu minn Stat Membru, dment li l-Kummissjoni jew dak l-Istat Membru ma jkunux ipprovdew informazzjoni li dawk il-passiġġieri u l-bagalji tal-kabina tagħhom ma jistgħux jitqiesu bħala li jkunu ġew skrinjati skond l-istandards komuni bażiċi; jew
   b) jaslu minn pajjiż terz ***li miegħu l-Komunità għandha ftehima li tirrikonoxxi li dawk il-passiġġieri u l-bagalji tal-kabina tagħhom ġew skrinjati skond standards ta' sigurtà ekwivalenti għall-istandards tal-Komunità.***

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

3. Passiġġieri fi transitu u l-bagalji tal-kabina tagħhom jistgħu jiġu eżentati minn skrinjar, jekk:
   a) jibqgħu abbord l-inġenju ta' l-ajru; jew
   b) ma jitħalltux ma' passiġġieri li se jitilqu li jkunu diġà ġew skrinjati minbarra dawk li jitilgħu fuq l-istess inġenju ta' l-ajru; jew
   c) jaslu minn Stat Membru, sakemm il-Kummissjoni jew dak l-Istat Membru ma jkunux ipprovdew informazzjoni li dawk il-passiġġieri u l-bagalji tal-kabina tagħhom ma jistgħux jitqiesu bħala li jkunu ġew skrinjati skond l-istandards bażiċi komuni; jew
   d) jaslu minn pajjiż terz ***li miegħu l-Komunità għandha ftehima li tirrikonoxxi li dawk il-passiġġieri u l-bagalji tal-kabina tagħhom ġew skrinjati skond standards ta' sigurtà ekwivalenti għall-istandards tal-Komunità.***

4.2 Protezzjoni tal-passiġġieri u tal-bagalji tal-kabina

1. Il-passiġġieri u l-bagalji tal-kabina tagħhom għandhom jiġu protetti minn interferenzi mhux awtorizzati mill-punt li fih jiġu skrinjati sat-tluq ta' l-inġenju ta' l-ajru li fuqu jinġarru.
2. Passiġġieri għat-tluq li jkunu ġew skrinjati m'għandhomx jitħalltu ma' passiġġieri li jkunu qed jaslu, dment li:
   a) il-passiġġieri ma jaslux minn Stat Membru, dment li l-Kummissjoni, jew dak l-Istat Membru, ma jkunux ipprovdew informazzjoni li dawk il-passiġġieri li qed jaslu u l-bagalji tal-kabina tagħhom ma jistgħux jitqiesu bħala li ġew skrinjati skond l-istandards bażiċi komuni; jew
   b) il-passiġġieri jaslu minn pajjiż terz ***li miegħu l-Komunità għandha ftehima li tirrikonoxxi li dawn il-passiġġieri ġew skrinjati skond standards ta' sigurtà ekwivalenti għall-istandards tal-Komunità.***

4.3 Passiġġieri potenzjalment problematiċi

Qabel it-tluq passiġġieri potenzjalment problematiċi għandhom jiġu soġġetti għal miżuri ta' sigurtà adatti.

5. BAGALJI TA' L-ISTIVA

5.1 *Il-President*

1. Il-bagalji kollha ta' l-istiva għandhom jiġu skrinjati qabel ma jiġu mgħobbija fuq inġenju ta' l-***ajru.***
2. Bagali ta' l-istiva fi trasferiment jistgħu jiġu eżentati minn skrinjar, jekk:
   a) jaslu minn Stat Membru, sakemm il-Kummissjoni jew dak l-Istat Membru ma provdewx informazzjoni li dawk il-bagalji ta' l-istiva ma jistgħux jitqiesu bħala mgħoddija mill-kontrolli tekniċi ta' sigurtà bl-istandards komuni; jew
   b) jaslu minn pajjiż terz ***li miegħu l-Komunità għandha ftehima li tirrikonoxxi li dawn il-bagalji ta' l-istiva ġew skrinjati skond standards ta' sigurtà ekwivalenti għall-istandards tal-Komunità.***
3. Bagalji ta' l-istiva fi transitu jistgħu jiġu eżentati minn skrinjar jekk jibqgħu abbord l-inġenju ta' l-ajru.

5.2 Protezzjoni tal-bagalji ta' l-istiva

Bagalji ta' l-istiva li għandhom jinġarru fuq inġenju ta' l-ajru għandhom jiġu protetti minn interferenza mhux awtorizzata mill-punt li fih jiġu skrinjati jew li ġew aċċettati fil-kura tal-kumpannija ta' l-ajru, skond liema jiġi l-ewwel, sat-tluq ta' l-inġenju ta' l-ajru li fuqu għandhom jinġarru.

5.3 Tqabbil tal-bagalji

1. Kull biċċa tal-bagalja fl-istiva għandha tiġi identifikata bħala akkumpanjata jew mhux akkumpanjata. ***Il-bagalja ta' l-istiva ta' passiġġier li jkun għamel check in għal titjira iżda li ma jkunx abbord fl-inġenju ta' l-ajru għandha tiġi identifikata bħala mhux akkompanjata.***
2. Bagalji ta' l-istiva mhux akkumpanjati m'għandhomx jinġarru, sakemm dawk il-bagalji jew ikunu ġew separati minħabba fatturi li jmorru lil hinn mill-kontroll tal-passiġġier, jew ikunu ġew suġġetti għal kontrolli ***xierqa*** ta' sigurtà.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

6. MERKANZIJA U POSTA

6.1 Kontrolli ta' sigurtà għal ***merkanzija***

1. ***Il-merkanzija kollha*** *għandha tiġi soġġetta* għal kontrolli ta' sigurtà qabel ma jiġu mgħobbijin fuq inġenju ta' l-ajru. Kumpannija ta' l-ajru ma għandhiex taċċetta ***merkanzija għall-ġarr*** fuq inġenju ta' l-ajru *ħlief jekk* ***l-applikazzjoni ta'*** kontrolli ***ta' sigurtà tkun*** ġiet ikkonfermata ***u jingħata*** kont tagħha minn aġent regolat, kunsinnatarju magħruf jew kunsinnatarju in konto.

2. Merkanzija fi trasferiment ***għandha*** *tiġi soġġetta* għal kontrolli ta' sigurtà ***kif*** *iddettaljat* f'att implimentattiv. ***Tista' tiġi eżentata minn kontrolli ta' sigurtà:***

   a) jekk tasal minn Stat Membru, ħlief jekk il-Kummissjoni jew dak l-Istat Membru jkunu ipprovdew informazzjoni li tindika li l-merkanzija ma tistax titqies li ġiet skrinjata skond l-istandards bażiċi komuni msemmija fl-Artikolu 4, jew

   b) jekk tasal minn pajjiż terz li miegħu l-Komunità għandha ftehima li tirrikonoxxi li l-merkanzija kienet ġiet skrinjata skond standards ta' sigurtà ekwivalenti għall-istandards tal-Komunità, jew

   c) f'każijiet ddettaljati f'att implimentattiv.

3. Merkanzija fi transitu u posta fi transitu jistgħu jiġu eżenti minn kontrolli ta' sigurtà jekk jibqgħu abbord l-inġenju ta' l-ajru.

6.2 Protezzjoni ta' ***merkanzija***

1. ***Merkanzija li*** *għandha tinġarr* fuq inġenju ta' l-ajru *għandha tiġi protetta* minn interferenza mhux awtorizzata mill-punt minn fejn jiġu applikati kontrolli ta' sigurtà sat-tluq ta' l-inġenju ta' l-ajru li *tinġarr* fuqu.

2. ***Merkanzija li*** *mhix protetta* adegwatament minn interferenza mhux awtorizzata wara li jkunu ġew applikati kontrolli ta' sigurtà għandhom jiġu skrinjati.

6.3 Kontrolli ta' sigurtà għal posta

1. Il-posta kollha għandha tiġi soġġetta għal kontrolli ta' sigurtà qabel ma tiġi mgħobbija fuq inġenju ta' l-ajru. Kumpanija ta' l-ajru ma għandhiex taċċetta posta għal ġarr fuq inġenju ta' l-ajru ħlief jekk jiġi ikkonfermat li kontrolli xierqa ta' sigurtà għall-posta ġew applikati kif speċifikat f'att implimentattiv.

2. Posta fi trasferiment għandha tiġi soġġetta għal kontrolli ta' sigurtà kif iddettaljat f'att implimentattiv. Tista' tiġi eżentata minn kontrolli ta' sigurtà fuq il-bażi tal-kriterji ta' eżenzjoni stipulati fit-taqsima 5.1, paragrafu 2.

3. Posta fi tranżitu tista' tiġi eżentata mill-kontrolli tas-sigurtà, jekk tibqa' abbord inġenju ta' l-ajru

7. POSTA U MATERJALI TAL-KUMPANNIJI TA' L-AJRU

Posta u materjali tal-kumpanniji ta' l-ajru għandhom jiġu soġġetti għal kontrolli ta' sigurtà u wara dan protetti sakemm jitgħabbew fuq l-inġenju ta' l-ajru sabiex oġġetti projbiti ma jitħallewx jittellgħu fuq inġenju ta' l-ajru.

8. PROVVISTI GĦAT-TITJIRA

Provvisti għat-titjira, inkluż l-ikel u x-xorb, maħsubin għall-ġarr jew l-użu abbord inġenju ta' l-ajru għandhom jiġu soġġetti għal kontrolli ta' sigurtà u wara dan protetti sakemm jittellgħu fuq l-inġenju ta' l-ajru sabiex oġġetti projbiti ma jitħallewx jittellgħu fuq inġenju ta' l-ajru.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

9. PROVVISTI TA' L-AJRUPORT

Provvisti maħsubin għall-bejgħ jew l-użu f'żoni ristretti ta' sigurtà ta' l-ajruporti, inklużi l-provvisti għall-ħwienet tal-bejgħ mingħajr dazju u r-ristoranti, għandhom jiġu soġġetti għal kontrolli ta' sigurtà sabiex oġġetti projbiti ma jitħallewx jidħlu f'dawn iż-żoni.

10. MIŻURI TA' SIGURTÀ MATUL TITJIRA

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni applikabbli:
   a) persuni mhux awtorizzati ma għandhomx jitħallew jidħlu fil-kompartiment ta' l-ekwipaġġ tat-titjira matul titjira;
   b) passiġġiera potenzjalment problematiċi għandhom ikunu soġġetti għall-miżuri ta' sigurtà adatti matul titjira.

2. ***Jekk, waqt titjira, passiġġier jipprova jikkommetti att ta' interferenza illegali, miżuri adegwati ta' sigurtà*** għandhom ***jittieħdu biex jiġu*** prevenuti ***atti bħal dawn***.

3. Ma għandhomx jinġarru armamenti ***abbord*** inġenju ta' l-ajru***, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jinġarru bħala merkanzija ddikjarata,*** *ħlief jekk* ***jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet rekwiżiti ta' sigurtà, u***
   a) tkun ingħatat awtorizzazzjoni mill-Istat li jkun ta l-liċenzja tat-tħaddim lill-kumpanija ta' l-ajru kkonċernata, u
   b) tkun ingħatat approvazzjoni minn qabel mill-Istati tat-tluq u tal-wasla, u, fejn huwa applikabbli, minn kwalunkwe Stat li fuqu għaddiet it-titjira jew li fih saru waqfiet intermedji.

4. Uffiċjali ta' sigurtà ta' matul it-titjira jistgħu jitqiegħdu abbord inġenju ta' l-ajru biss jekk il-kundizzjonijiet tas-sigurtà u tat-taħriġ rikjesti jkunu ġew sodisfatti. L-Istati Membri jżommu d-dritt li ma jawtorizzawx l-użu ta' uffiċjali ta' sigurtà ta' matul it-titjira fuq titjiriet ta' kumpaniji ta' l-ajru liċenzjati minnhom.

5. Il-paragrafu 3 għandu japplika wkoll għal uffiċjali ta' sigurtà ta' matul it-titjira jekk dawn iġorru armamenti.

6. Ir-responsabbiltà għat-teħid ta' azzjoni adegwata fil-każ ta' xi att ta' interferenza illegali mwettqa abbord inġenju ta' l-ajru ċivili jew matul titjira għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar, mingħajr ħsara għall-prinċipju ta' l-awtorità tal-kaptan ta' l-inġenju ta' l-ajru.

11. REKLUTAĠĠ U TAĦRIĠ TAL-PERSUNAL

1. Persuni li jimplimentaw, jew li huma responsabbli għall-implimentazzjoni, l-iskrinjar, il-kontroll fuq l-aċċess jew għal kontrolli ta' sigurtà oħra għandhom jiġi reklutati, imħarrġin u, fejn xieraq, iċċertifikati sabiex jiġi żgurat li huma adegwati għall-impjieg u kompetenti biex iwettqu d-dmirijiet li jiġu assenjati għalihom.

2. Persuni minbarra passiġġieri ***u persuni skortati b'pass ta' l-ajruport għal perjodu qasir*** li jeħtieġu aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà għandhom jingħataw taħriġ fil-qasam tas-sigurtà, qabel tinħarġilhom jew karta ta' l-identifikazzjoni ta' l-ajruport jew karta ta' l-identifikazzjoni ta' l-ekwipaġġ***, ħlief jekk ikunu kontinwament skortati minn persuna jew aktar li jkollhom karta ta' l-identità ta' l-ajruport jew karta ta' l-identità ta' l-ekwipaġġ.***

3. It-taħriġ kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandu jsir fuq bażi inizjali u rikorrenti.

4. L-istrutturi li jieħdu ħsieb it-taħriġ tal-persuni msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikollom il-kwalifiki meħtieġa.

12. TAGĦMIR TA' SIGURTÀ

Tagħmir użat għall-iskrinjar, il-kontroll ta' l-aċċess u kontrolli ta' sigurtà oħra għandu ***jkun konformi mal-karatteristiċi approvati u*** jkun kapaċi jwettaq il-kontrolli ta' sigurtà konċernati.

13. KONTROLLI TAL-KONDOTTA

Il-piloti kollha u dawk kollha li japplikaw għal-liċenzji ta' piloti għal inġenju ta' l-ajru bil-mutur għandhom ikunu soġġetti għall-kontrolli tal-kondotta uniformi li jiġu rripetuti f'intervalli regolari. Id-deċiżjonijiet ta' l-awtoritajiet kompetenti rigward kontrolli tal-kondotta għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' l-istess kriterji.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

P6_TA(2007)0143

Il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji ta' l-għargħar ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' April 2007 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji ta' l-għargħar (12131/6/2006 — C6-0038/2007 — 2006/0005(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (12131/6/2006 — C6-0038/2007),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari [1] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0015) [2],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomondazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0064/2007),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] *Testi Adottati*, 13.6.2006, P6_TA(2006)0253.
[2] Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

P6_TC2-COD(2006)0005

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fil-25 ta' April 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2007/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji ta' l-għargħar

(Billi intlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari tikkorrispondi ma' l-att leġiżlattiv aħħari, id-Direttiva 2007/60/KE.)

P6_TA(2007)0144

Prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-25 ta' April 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (COM(2005)0567 — C6-0401/2005 — 2005/0227(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0567) [1],

[1] Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0401/2005),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0031/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi il-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TC1-COD(2005)0227

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' April 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004

(Billi intlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari tikkorrispondi ma' l-att leġiżlattiv aħħari, ir-Regolament (KE) Nru … /2007.)

P6_TA(2007)0145

Infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (Miżuri kriminali) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' April 2007 dwar il-proposta emendata għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dwar miżuri kriminali bil-għan li jiżguraw l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (COM(2006)0168 — C6-0233/2005 — 2005/0127(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0168) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0233/2005),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0073/2007),

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

P6_TC1-COD(2005)0127

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fil-25 ta' April 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2007/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri kriminali bil-għan li jiżguraw l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-*Kummissjoni,*

wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunisdraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [1],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Il-Green Paper dwar il-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija fis-Suq Intern ippreżentata mill-Kummissjoni fil-15 ta' Ottubru 1998 tinnota li l-falsifikazzjoni u l-piraterija saru fenomeni internazzjonali li għandhom riperkussjonijiet importanti fil-livell ekonomiku u soċjali u f'termini ta' protezzjoni tal-konsumatur, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà pubblika. Ġie mfassal pjan ta' azzjoni bħala parti mis-segwitu tal-Green Paper u ġie inkluż fil-Komunikazzjoni dwar l-istess suġġett li l-Kummissjoni indirizzat lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali fit-30 ta' Novembru 2000.

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu, il-Kunsill Ewropew ta' Brussell ta' l-20 u l-21 ta' Marzu 2003, stieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex itejbu l-isfruttament tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali billi jieħdu miżuri kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija.

(3) Fuq livell internazzjonali, l-Istati Membri kif ukoll il-Komunità, għall-kwistjonijiet ta' kompetenza tagħhom, huma marbutin bil-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Marbuta mal-Kummerċ (il-Ftehim TRIPS), konkluż fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE [3]. Il-Ftehim TRIPS fih, b'mod partikolari, numru ta' dispożizzjonijiet kriminali li jiffurmaw standards komuni applikabbli fuq livell internazzjonali iżda d-differenzi bejn l-Istati Membri għadhom kbar wisq biex il-ġlieda kontra r-reati tal-proprjetà intellettwali tkun effettiva, partikolarment fil-każijiet l-aktar serji. Dan inaqqas il-fiduċja fost il-gruppi ekonomiċi fis-suq intern u jwassal għal tnaqqis ta' investimenti fl-innovazzjoni u l-kreazzjoni.

(4) Il-Kummissjoni adottat ukoll, f'Novembru 2004, Strateġija għall-Infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali għall-pajjiżi terzi.

(5) Id-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar *l-infurzar* tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali [4] *tistabbilixxi* miżuri, proċeduri u rimedji ta' natura ċivili u amministrattiva. Huma meħtieġa għadd ta' *pieni* li huma biżżejjed *disważivi,* applikabbli *fil-*Komunità *kollha sabiex id-dispożizzjonijiet ta' dik* id-Direttiva *jkunu kompluti. Hija meħtieġa l-*armonizzazzjoni ta' *ċerti* dispożizzjonijiet kriminali sabiex *il-falsifikazzjoni u l-piraterija fis-suq intern jiġu miġġielda b'mod effettiv.* Il-*leġiżlatura Komunitarju hija* kompetenti biex *tfassal il-*miżuri *tal-liġi* kriminali meħtieġa biex *tiggarantixxi* l-effettività sħiħa *tar-regoli* li *tistabbilixxi dwar il-*protezzjoni tal-proprjetà intellettwali***, *kif definit f'din id-Direttiva għajr il-kwistjoni ta' brevetti.***

[1] ĠU C […], […], p. […].
[2] *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' April 2007.*
[3] ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.
[4] *ĠU L 157, 30.4.2004, p. 45. Rettifika ppubblikata fil-ĠU L 195, 2.6.2004, p.16.*

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

(6) Waqt li tkompli tibni fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar rispons tad-Dwana għall-falsifikazzjoni u l-piraterija adottata f'Ottubru 2005, il-Kunsill adotta Riżoluzzjoni fit-13 ta' Marzu 2006, fejn *enfasizza* li l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Liżbona "jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' suq intern li jiffunzjona sew b'miżuri xierqa biex jinkuraġġixxu l-investiment f'ekonomija bbażata fuq l-għarfien u biex tkun rikonoxxuta t-theddida mit-tkattir serju tal-falsifikazzjoni u l-piraterija għall-ekonomija bbażata fuq l-għarfien ta' l-Unjoni Ewropea u partikularment għas-saħħa u s-sikurezza (…)".

(7) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2006 dwar il-falsifikazzjoni tal-prodotti mediċinali, il-Parlament Ewropew kien tal-fehma li l-Komunita' Ewropea għandha, bl-akbar urġenza, tgħammar lilha nnifisha bil-mezzi neċessarji biex tkun tista' tiġġieled b'mod effettiv l-prattiċi illeċiti fil-qasam tal-piraterija u ta' l-falsifikazzjoni tal-mediċini.

(8) *Għandu jkun armonizzat* il-livell tal-pieni għall-persuni fiżiċi u *ġuridiċi* li jkunu wettqu reati ta' *dan it-tip*. *Għandha jiġu armonizzati b'mod partikolari, ir-regoli dwar* is-sentenzi ta' priġunerija, il-multi u l-konfiski.

(9) Fir-rigward ta' persuni akkużati li kkommettew ir-reati stipulata f'din id-Direttiva, u biex tiġi stabbilita l-intenzjoni tagħhom li jiksru d-dritt tal-proprjetà intelletwali msemmi, għandu jitqies kemm l-akkużat, qabel ir-reat, kellu raġuni sostanzjali biex jargumenta li d-dritt tal-proprjetà intellettwali in kwistjoni ma kienx validu.

(10) Għandhom jiġu *stabbiliti* dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw l-investigazzjonijiet kriminali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ***il-koperazzjoni tad-detenturi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali mal-gruppi konġunti ta' l-investigazzjoni skond l-arranġamenti stipulati fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/465/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-gruppi konġunti ta' l-investigazzjoni*** [1]. ***L-involviment tad-***detenturi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali konċernati ***għandu jikkostitwixxi rwol ta' appoġġ li ma jinterferixxix man-newtralità ta' l-investigazzjonijiet ta' l-istat***.

(11) Sabiex l-investigazzjonijiet *jew il-*proċeduri kriminali dwar ir-reat tal-proprjetà intellettwali jiġu *ffaċilitati*, dawn m'għandhomx jiddependu fuq *rapport* jew akkuża li *jsir* mill-vittma tar-reat.

(12) Id-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea għandhom, matul l-investigazzjonijiet u l-proċedura ġudizzjarja, ikunu rispettati bis-sħiħ meta jiġu definiti l-atti u l-pieni kriminali.

(13) Din id-Direttiva ma taffettwax is-sistemi ta' responsabbiltà *speċifiċi bħal dik stabbilita għall-fornituri tas-*servizz ta' l-Internet ***permezz*** *tad-*Direttiva 2000/31/KE ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000*** fuq ***ċerti aspetti legali tas-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni, b'mod partikolari*** dwar il-kummerċ elettroniku, ***fis-Suq Intern*** [2] ***u permezz tad-Direttiva ma taffettwax is-sistemi ta' responsabbiltà speċifiċi bħal dik stabbilita fid-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tad-drittijiet ta' l-awtur u d-drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni*** [3].

(14) Peress li l-għan ta' *din id-Direttiva* ma jistax *jintlaħaq b'mod suffiċjenti* mill-Istati Membri u jista' għalhekk *jintlaħaq aħjar* fuq livell *Komunitarju*, il-Komunità tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif *stabbilit* fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif *stabbilit* f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan.

(15) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din id-Direttiva tara li jkun hemm irrispett sħiħ lejn il-proprjetà intellettwali, skond l-Artikolu 17 (2) tal-Karta.

(16) Hu neċessarju li tiġi żgurata protezzjoni adegwata tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fis-settur awdjoviżiv, kif indikat fid-Direttiva 98/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 1998 dwar il-protezzjoni legali tas-servizzi bbażati fuq, jew li jikkonsistu fi, aċċess kondizzjonat [4],

---

(1) ***ĠU L 162, 20.6.2002, p. 1.***
(2) *ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.*
(3) ***ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10.***
(4) ***ĠU L 320, 28.11.1998, p. 54.***

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Objettiv u *kamp* ta' applikazzjoni

Din id-Direttiva tistabbilixxi l-miżuri kriminali meħtieġa biex jiġi *żgurat l-infurzar* tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali***, kif definit hawn taħt fil-kuntest tal-falsifikazzjoni u l-piraterija.***

Dawn il-miżuri *ser* japplikaw għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali***, għajr il-brevetti,*** *stabbiliti fil*-leġiżlazzjoni ***Komunitarja***.

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma japplikawx għad-drittijiet industrijali li jkollhom brevett.

B'mod partikulari, din id-Direttiva ma tapplikax għal ksur tal-liġi dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali relatati ma':

— ***drittijiet tal-privattivi, mudelli utilitarji u drittijiet ta' varjetà ta' pjanti, inklużi d-drittijiet miċ-ċertifikati supplimentari ta' protezzjoni;***

— ***importazzjoni parallela ta' prodotti oriġinali minn pajjiż terz li tħallew isiru mid-detentur tad-dritt.***

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-*finijiet* ta' din id-***Direttiva:***

a) "drittijiet ta' proprjetà intellettwali" tfisser wieħed jew aktar mid-drittijiet li ġejjin:

— ***drittijiet ta' l-awtur,***

— ***drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur,***

— ***id-dritt sui generis ta' produttur ta' database,***

— ***drittijiet ta' min joħloq it-topografiji ta' prodott semikonduttur,***

— ***id-drittijiet tal-marka kummerċjali, sakemm il-protezzjoni tal-liġi kriminali estiża għalihom ma tfixkilx ir-regoli tas-suq ħieles u l-attivitajiet ta' riċerka,***

— ***drittijiet dwar disinni,***

— ***l-indikazzjonijiet ġeografiċi,***

— ***l-ismijiet kummerċjali, sakemm dawn ikunu protetti bħala drittijiet esklużivi ta' proprjetà fil-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata,***

— ***u fi kwalunkwe każ id-drittijiet, sakemm ikun sar provvediment għalihom f'livell Komunitarju, rigward prodotti li jaqgħu fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar azzjoni tad-dwana kontra prodotti li huma ssuspettati li jkunu kisru ċerti drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra prodotti li jinstabu li kisru dawn id-drittijiet*** [1]***, u fi kwalunkwe każ bl-esklużjoni tal-brevetti;***

b) "ksur tal-liġi fuq skala kummerċjali" tfisser kull ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali magħmul biex jinkiseb vantaġġ kummerċjali; dan jeskludi atti li jsiru minn utenti privati għal skopijiet personali u mhux għall-qligħ;

c) "ksur tal-liġi intenzjonat ta' dritt tal-proprjetà intellettwali" tfisser kull ksur tal-liġi magħmul apposta u koxjentement tad-dritt ikkonċernat bi skop li jinkiseb vantaġġ ekonomiku fuq skala kummerċjali;

d) "persuna *ġuridika"* ***tfisser kull entità ġuridika li għandha dan l-istatut skond il-liġi nazzjonali applikabbli, bl-eċċezzjoni ta' l-Istati u ta' kull*** *korpi pubbliċi* ***oħra li*** *jaġixxu* ***fl-eżerċizzju tal-prerogattiva tagħhom tas-setgħa pubblika, kif ukoll l-organizzazzjonijiet pubbliċi internazzjonali.***

(1) ***ĠU L 196, 2.8.2003, p. 7.***

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 3

Reati

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ksur kollu intenzjonat ta' dritt ta' proprjeta' intellettwali fuq skala kummerċjali, kif ***ukoll l-għajnuna*** u *l*-kompliċita' ***fil-ksur effettiv*** għandhom jitqiesu bħala reati kriminali.

Sanzjonijiet kriminali ma għandhomx jiġu applikati f'każi ta' importazzjoni parallela ta' prodotti oriġinali minn pajjiżi terzi li tħallew isiru mid-detentur tad-dritt.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-użu ġust ta' xogħol imħares, inkluż r-riproduzzjoni permezz ta' kopji jew awdjo jew permezz ta' kull mezz ieħor, għall-finijiet ta' kritika, reċensjoni, rapportaġġ għall-aħbarjiet, tagħlim (inkluża l-produzzjoni ta' bosta kopji għall-użu fil-klassi), studju jew riċerka, ma jikkostitwix reat kriminali.

Artikolu 4

Natura tal-*pieni*

1. Għar-reati msemmija fl-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jipprovdu *għall-pieni li ġejjin*:

a) fir-rigward tal-persuni fiżiċi: sentenza ta' kustodja;

b) fir-rigward ta' persuni fiżiċi u *ġuridiċi*:

i) multi ***kriminali għal persuni fiżiċi u kriminali jew multi mhux kriminali għal persuni ġuridiċi***;

ii) il-konfiska ta' l-oġġetti, l-istrumenti u l-prodotti li ġejjin mir-reati jew ta' oġġetti li l-valur tagħhom jikkorrispondi għal dawn il-prodotti.

2. Għar-reati msemmija fl-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jipprovdu li dawn *il-pieni jkunu* wkoll applikabbli fil-każijiet fejn ikun xieraq:

a) il-qerda ta' l-oġġetti ***inkluż il-materjal jew it-tagħmir użati biex*** jiksru d-dritt tal-proprjetà intellettwali;

b) l-għeluq totali jew parzjali, definittiv jew temporanju, ta' l-istabbiliment li jkun ***intuża biex*** *jitwettaq* ir-reat;

c) il-projbizzjoni permanenti jew temporanja ta' l-eżerċizzju ta' attivitajiet kummerċjali;

d) it-tqegħid taħt *supervizzjoni ġudizzjarja*;

e) *l-istralċ ġudizzjarju*;

f) il-projbizzjoni ta' l-aċċess għall-għajnuna u s-sussidji pubbliċi;

g) il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji***;**

h) ordni li titlob il-ħlas, min-naħa tal-falsifikatur, ta' l-ispejjeż għall-kustodja ta' l-oġġetti kkonfiskati.

Artikolu 5

Livell *tal-pieni*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex *jiżguraw* li, *f'każ li reat issir minn* persuni fiżiċi, ir-reati msemmija fl-Artikolu 3 jkunu kkastigati b'sentenza ***ta' mill-inqas*** 4 snin ħabs, ***meta dawn ir-reati jkunu ta' natura gravi fis-sens ta' l-Artikolu 3 (5) tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-għan tal-money laundering jew il-finanzjament tat-terroriżmu*** [1] ***jew li*** jkunu mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali fis-sens tad-Deċiżjoni Kwadru *2007/…/JHA* dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew meta dawn ir-reati jkunu ta' riskju għas-saħħa jew għas-*sigurtà*.

[1] ***ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15***.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

2. L-Istati Membri *għandhom* jieħdu l-miżuri neċessarji biex *jiżguraw* li, *f'każ li* persuni fiżiċi jew *entitajiet ġuridiċi huma* responsabbli mir-reati msemmija fl-Artikolu 3 jkunu kkastigati *b'pieni* effettivi, proporzjonati u disswasivi. Dawn *il-pieni* jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali:

a) sa massimu ta' mill-inqas EUR 100 000 għall-każijiet barra ***dawk imsemmija fil-Paragrafu 1***;

b) sa massimu ta' mill-inqas EUR 300 000 għall-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li reati ripetuti fis-sens ta' l-Artikolu 3 li jitwettqu minn persuni fiżiċi u ġuridiċi fi Stat Membru għajr dak ta' l-oriġini jew ta' domiċilju tagħhom jitqiesu meta jiddeterminaw il-livell tal-piena skond il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 6

Setgħat imwessa' ta' konfiska

L-Istati Membri *ser* jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-konfiska totali jew parzjali ta' l-oġġetti tal-persuni fiżiċi jew *ġuridiċi* kkundannati skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni *Kwadru tal-Kunsill* 2005/212/JHA ta' l-24 ta' Frar 2005 *dwar il-konfiska ta' rikavati, mezzi strumentali u propjeta' marbuta mal-kriminalita* ([1])', meta r-reati jkunu ***gravi fis-sens ta' l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2005/60/KE jew li*** jkunu mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali fis-sens tad-Deċiżjoni *Kwadru 2007/…/JHA* dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew fejn dawn ir-reati jwasslu għal riskju għas-saħħa jew għas-*sigurta*' tal-persuni.

Artikolu 7

L-Użu inġust ta' drittijiet

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, permezz ta' miżuri kriminali, ċivili u proċedurali, l-użu ħażin ta' theddid ta' sanzjonijiet kriminali huwa projbit u jsir suġġett għal piena.

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu ħażin tal-proċedura, l-aktar fejn il-miżuri kriminali jintużaw għall-infurzar tar-rekwiżiti tal-liġi ċivili.

Artikolu 8

Id-drittijiet tal-konvenuti

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tal-konvenuti jiġu mħarsa u ggarantiti kif jixraq.

Artikolu 9

Gruppi konġunti ta' investigazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw *li* d-detenturi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali *kkonċernati, jew ir-rappreżentanti tagħhom, u esperti, jitħallew jassistu l-investigazzjonijiet mwettqa minn* gruppi konġunti *fir-reati msemmija fl-Artikolu 3*.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiżguraw li assistenza simili ma tikkompromettix id-drittijiet ta' l-akkużat, pereżempju billi taffettwa l-preċiżjoni, l-integrità jew l-imparzjalità tal-provi.

([1]) *ĠU L 68, 15.3.2005, p. 49.*

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

3. L-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, li għandu x'jaqsam mal-ħarsien tad-data personali, u d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-ħarsien ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment ħieles ta' tali data [1] ***għandhom ikunu rrispettati bis-sħiħ waqt l-investigazzjoni u l-proċeduri ġudizzjarji.***

Artikolu 10

Id-dritt li tirċievi informazzjoni mill-awtoritajiet ta' l-infurzar

L-Istati Membri għandhom jistipulaw li, fejn l-awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi jaqbdu oġġetti inkriminanti jew jiksbu provi oħra ta' xi reat, l-awtoritajiet għandhom jipproduċu dawn il-provi biex jintużaw fi proċeduri ċivili pendenti jew ikkontempati kontra l-allegat akkużat miġjub mid-detentur tad-dritt quddiem qorti b'ġurisdizzjoni kompetenti fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u, fejn prattikabbli, li dawn l-awtoritajiet jinfurmaw lid-detentur tad-dritt jew lir-rappreżentant tiegħu li għandhom il-pussess ta' dawn l-oġġetti jew provi. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-għoti ta' dawn il-provi lid-detentur tad-dritt ikun suġġett għal aċċess raġonevoli sabiex tiġi żgurata l-integrita' tal-provi u sabiex jiġi evitat ħsara lil kwalunkwe proċedura kriminali li tista' ssegwi.

Artikolu 11

Il-*bidu* tal-*proċeduri kriminali*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-possibilità li jinbdew investigazzjonijiet jew il-prosekuzzjoni, tar-reati msemmija fl-Artikolu 3 ma tiddependix fuq rapport jew akkuża li tkun ġejja mill-vittma tar-reat, għall-inqas jekk l-att ikun twettaq fuq it-territorju ta' l-Istat Membru.

Artikolu 12

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex isiru konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill- … (*) Għandhom *minnufih* jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll *tabella* ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandha tiġi mehmuża magħhom referenza bħal din *fil-jum* tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-*proċedura* ta' kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak *tal-pubblikazzjoni tagħha* fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

---

(1) ***ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).***

(*) *Tmintax-il xhar wara d-data ta' l-adozzjoni.*

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 14

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi, …

Għall-Parlament Ewropew	Għall-Kunsill
Il-President	*Il-President*

P6_TA(2007)0146

Sistema Komunitarja ta' monitoraġġ tat-traffiku ta' bastimenti u ta' tagħrif ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-25 ta' April 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/59/KE dwar it-twaqqif ta' sistema Komunitarja tal-monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti u tat-tagħrif (COM(2005)0589 — C6-0004/2006 — 2005/0239(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005) 0589) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 80(2) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0004/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0086/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

P6_TC1-COD(2005)0239

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' April 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2007/…/KE li temenda d-Direttiva 2002/59/KE dwar it-twaqqif ta' sistema Komunitarja tal-monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti u tat-tagħrif

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 80, paragrafu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

F'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat [3],

Billi:

(1) Permezz ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2002/59/KE *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* tas-27 ta' Ġunju 2002 li għandha x'taqsam mat-twaqqif ta' sistema Komunitarja tal-monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti u tat-tagħrif, u li tabolixxi d-Direttiva 93/75/KEE tal-Kunsill [4], l-Unjoni Ewropea ssovvenzjonat ruħha b'mezzi supplementari biex twaqqaf is-sitwazzjonijiet li jkunu ta' theddida għall-ħarsien tal-ħajja umana fil-baħar u għall-protezzjoni ta' l-ambjent tal-baħar.

(2) Skond din id-Direttiva, l-Istati Membri li huma Stati *kostali għandhom* jkunu jistgħu jiskambjaw it-tagħrif li jiġbru fil-qafas ta' missjonijiet fejn isegwu t-traffiku marittimu li huma jissorveljaw fiż-żoni ta' żoni ta' kompetenza tagħhom. Is-sistema Komunitarja ta' skambju ta' tagħrif SafeSeaNet, żviluppata mill-Kummissjoni bi qbil ma' l-Istati Membri, tinkludi min-naħa waħda sistema ta' skambju ta' informazzjoni u min-naħa l-oħra standardizzazzjoni tat-tagħrif ewlieni disponibbli dwar il-bastimenti u t-tagħbijiet tal-merkanzija tagħhom (preavviżi u rendikonti). Din b'ħekk tippermetti li tkun lokalizzata sa ras il-għajn u li tkun ikkomunikata lill-awtoritajiet kollha informazzjoni preċiża u aġġornata dwar il-bastimenti f'ibħra Ewropej, il-movimenti tagħhom u t-tagħbijiet tal-merkanziji perikoluži jew niġġiesa tagħhom, kif ukoll dwar l-avvenimenti fil-baħar.

(3) F'dan il-kuntest, sabiex tiġi ggarantita utilizzazzjoni siewja tat-tagħrif miġbur b'dan il-mod, jinħtieġ li l-infrastrutturi neċessarji għall-ġabra u għall-iskambju ta' informazzjoni speċifikati f'din id-Direttiva, u mwaqqfa mill-amministrazzjonijiet nazzjonali, jiġu integrati mas-sistema Komunitarja ta' skambju ta' tagħrif SafeSeaNet.

(4) Fost it-tagħrif avżat u skambjat taħt id-Direttiva 2002/59/KE, dak relatat mal-karatteristiċi preċiżi tal-merkanziji perikoluži jew niġġiesa ttrasportati bil-baħar jieħu xejra ta' importanza partikulari. F'dan il-kuntest, u meta jiġu kkunsidrati l-inċidenti marittimi reċenti, hemm bżonn li jingħata permess lill-awtoritajiet tal-kosta biex ikollhom aċċess aktar faċli għall-karatteristiċi ta' l-idrokarburi ttrasportati, bil-baħar, element essenzjali fl-għażla tat-teknika għall-ġlieda l-aktar adattata, u li tiżgurahom li f'każ t'urġenza jkun hemm kuntatt dirett ma' l-operaturi li jkollhom l-aħjar għarfien tal-prodotti trasportati.

(5) It-tagħmir li jippermetti l-identifikazzjoni awtomatika tal-bastimenti (AIS — Automatic Identification System) *imsemmi fil-Konvenzjoni Internazzjonali ta' 1974 għas-Sikurezza tal-Ħajja fuq il-Baħar (il-Konvenzjoni SOLAS)* jippermetti, mhux biss li jiġu mtejjba l-possibilitajiet tal-monitoraġġ ta' dawn il-bastimenti, iżda fuq kollox li jtejbu s-sikurezza tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' tbaħħir fil-qrib ħafna. Għaldaqstant ġie integrat mal-pjan ta' azzjoni tad-Direttiva 2002/59/KE. Minħabba n-numru importanti ta' ħabtiet bejn il-bastimenti tas-sajd li b'mod evidenti ma kienux identifikati mill-bastimenti kummerċjali jew li ma kienux identifikaw il-bastiment kummerċjali ta' madwarhom, huwa ferm mixtieq li din il-miżura tkun estiża għall-bastimenti tas-sajd li jkunu itwal minn 15-il metru. ***L-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima (IMO) irrikonoxxiet li l-pubblikazzjoni għal skopijiet kummerċjali fl-internet jew f' xi post ieħor ta' data AIS tażmessa minn bastimenti tista' tkun ta' detriment għas-sikurezza u s-sigurtà ta' bastimenti u ta' faċilitajiet portwali u ħeġġet lill-gvernijiet membri, suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali tagħhom, biex jiskoraġġixxu milli jagħmlu dan lil dawk li jippreżentaw data AIS lill-oħrajn għal pubblikazzjoni fl-internet, jew f'post ieħor. Minbarra dan, id-disponibilità ta' informazzjoni AIS dwar rotot u merkanzija ta' bastimenti m'għandiex tkun ta' detriment għal kompetizzjoni ġusta bejn il-protagonisti fl-industrija tat-tbaħħir.***

(6) Ta' min jikkunsidra li jiġu studjati s-sinerġiji possibbli bejn l-AIS u s-sistemi ta' pożizzjonament u ta' komunikazzjoni użati fil-qasam tal-politika komuni tas-sajd, bħas-sistema ta' sorveljanza tal-bastimenti bis-satellita (VMS). ***L-iskeda għat-tagħmir ta' bastimenti bl-AIS għandha tkun determinata b'mod xieraq fid-dawl tas-sejbiet ta' studju bħal dan.*** Ir-riċerka għall-integrazzjoni ta' dawn is-sistemi trid tikkunsidra l-bżonnijiet u l-esiġenzi għall-kontroll tal-flotot tas-sajd, b'mod partikulari dak relatat mas-sikurezza u s-segretezza ta' l-informazzjoni trasmessa.

[1] ĠU C 318, 23.12.2006, p. 195.
[2] ĠU C 229, *22.9.2006, p. 38*.
[3] *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' April 2007*.
[4] ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

(7) ***Din id-Direttiva tipprovdi li l-vapuri ġodda jkunu mgħammra bl-AIS. Biex tkun mgħammra l-flotta tas-sajd attwali, għandha tinħoloq linja baġitarja speċjali b'żjieda ma' l-Istrument Finanzjarju għal Gwida għas-Sajd, li għandha tippermetti kofinanzjar sa madwar 90 % mill-fondi Komunitarji, tkun xi tkun iz-zona ġeografika.***

(8) L-Artikolu 16 tad-Direttiva 2002/59/KE jirrekjedi li l-Istati Membri jadottaw miżuri partikulari fil-każ ta' bastimenti li jistgħu jkunu ta' riskju, minħabba l-imġiba tagħhom jew l-istat tagħhom. Għaldaqstant, kien jidher mixtieq li jiżdiedu mal-lista ta' dawn il-bastimenti, dawk li ma jippreżentawx l-assigurazzjonijiet jew il-garanziji finanzjarji sodisfaċenti jew inkella dawk imwissija mill-bdoti jew mill-awtoritajiet tal-port li l-bastimenti għandhom xi anomaliji li jistgħu jkunu ta' ħsara tant li jikkompromettu s-sikurezza tat-tbaħħir jew li jkunu ta' riskju għall-ambjent.

(9) Bħall-Artikolu 18 tad-Direttiva 2002/59/KE li għandu x'jaqsam mar-riskji maħluqa minn kundizzjonijiet meteoroloġiċi mhux eċċezzjonalment favorevoli, deher il-bżonn li għandhom jiġu kkunsidrati l-perikli li jistgħu jinħolqu għat-tbaħħir bil-formazzjoni ta' meddiet kbar ta' silġ. Minn dak il-mument, meta awtorità kompetenti nnominata minn Stat Membru tikkunsidra, fuq il-bażi ta' previżjonijiet relatati ma' l-istat ta' dawn il-meddiet ta' silġ ipprovduti minn servizz kwalifikat ta' informazzjoni, li l-kundizzjonijiet għat-tbaħħir joħolqu riskju serju għas-sikurezza tal-ħajja umana jew riskju serju ta' tniġġis, ikun jaqbel li din tavża lill-kaptani tal-bastimenti li jkunu fiż-żona ta' ġurisdizzjoni tagħha jew li jkunu jridu jidħlu jew joħorġu mill-portijiet li qegħdin fiż-żona konċernata. Ikun hemm bżonn, f'dan il-kuntest, li din l-awtorità tkun ti sta' tieħu kull miżura adattata biex tiżgura l-ħarsien tal-ħajjiet umani fil-baħar u l-protezzjoni ta' l-ambjent. ***Biex ikunu evitati problemi possibbli fir-rigward tar-regoli tas-silġ stipulati minn xi soċjetajiet ta' klassifikazzjoni, għandu jkun ta' għajnuna jekk l-Istati jistandardizzaw ir-regoli tagħhom; f'dan ir-rigward jista' jkun hemm rekwiżiti unifikati mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' Soċjetajiet ta' Klassifikazzjoni (IACS) jew minn soċjetajiet ewlenin oħra biex ikunu evitati konflitti possibbli bħal dawn.***

(10) L-Artikolu 20 tad-Direttiva 2002/59/KE jirrekjedi b'mod partikulari li l-Istati Membri jistabbilixxu pjanijiet biex jippermettu, jekk is-sitwazzjoni teħtieġ, li jilqgħu bastimenti fil-periklu fil-portijiet tagħhom jew f'kull post protett ieħor fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli, sabiex titrażżan il-vastità tal-konsegwenzi ta' l-inċidenti marittimi.

(11) Madankollu, fid-dawl tal-linji tat-tmexxija dwar il-postijiet tal-kenn adottati mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2002/59/KE, u wara l-ħidmiet li saru bil-kooperazzjoni tal-Kummissjoni, ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima u ta' l-Istati Membri, kien jidher li kien hemm bżonn li jiġu speċifikati l-miżuri essenzjali li jridu jinkludu l-pjanijiet "postijiet ta' kenn" sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni armonizzata u effikaċi ta' din il-miżura u biex tkun iċċarata l-importanza ta' l-obbligazzjonijiet li tagħhom huma responsabbli l-Istati Membri.

(12) ***Huwa importanti, fil-każ*** ta' xi sitwazzjoni gravi fil-baħar, jiġifieri sitwazzjoni li ti sta' twassal għall-għarqa jew xi periklu għall-ambjent jew għat-tbaħħir, ***li jkun possibbli li tissejjaħ awtorità indipendenti li jkollha s-setgħat u t-tagħrif biex tieħu kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa biex tassisti l-bastiment fil-periklu bil-ħsieb li tipproteġi l-ħajjiet ta' persuni u l-ambjent u biex timminimizza l-ħsara ekonomika. Huwa mixtieq li l-awtorità kompetenti għandha tkun ta' natura permanenti. B'mod partikulari, din l-awtorità għandu jkollha s-setgħa li tieħu*** deċiżjoni ***b'mod indipendenti*** dwar l-ilqugħ ta' bastiment fil-periklu f'post tal-kenn. Għal dan il-għan, ikun siewi li l-awtorità konċernata tagħmel evalwazzjoni preliminari tas-sitwazzjoni, fuq il-bażi tat-tagħrif li jinstab fil-pjan "post tal-kenn" applikabbli.

(13) Il-pjanijiet għall-ilqugħ ta' bastimenti ***li jeħtieġu assistenza*** jridu jagħtu deskrizzjoni eżatta tal-katina ta' deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sejħa ta' allarm u kif ġew ikkontrollati s-sitwazzjonijiet imsemmija. L-awtoritajiet konċernati u l-attributi tagħhom iridu jiġu deskritti b'mod ċar, kif ukoll il-mezzi ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet konċernati. Il-proċeduri applikabbli jridu jiggarantixxu li deċiżjoni tittieħed malajr, fuq bażi ta' kompetenza marittima speċifika ***fl-indirizzar ta' inċidenti li fihom huma mistennija konsegwenzi serji u ta' periklu***.

(14) Ta' min jirrikkmanda wkoll li l-Istati Membri, waqt l-elaborazzjoni tal-pjanijiet, joħolqu inventarju tal-postijiet tal-kenn mal-kosta, bil-ħsieb li l-awtorità kompetenti, f'każ ta' aċċident jew inċident fil-baħar, tkun ti sta' tidentifika b'mod ċar u ta' malajr iż-żoni l-aktar adattati biex jilqgħu l-bastimenti fil-periklu. Tali inventarju jrid jinkludi l-ġabra ta' fatti rilevanti, li għandhom x'jaqsmu b'mod partikulari mal-karatteristiċi fiżiċi, ambjentali u ekonomiċi tal-postijiet ikkunsidrati u mat-tagħmir u l-installazzjonijiet disponibbli biex jiffaċilitaw l-ilqugħ tal-bastimenti fil-periklu jew il-ġlieda kontra l-konsegwenzi ta' inċident jew ta' tniġġis.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

(15) Huwa importanti li l-lista ta' l-awtoritajiet responsabbli li jieħdu d-deċiżjoni dwar l-ilqugħ ta' bastiment f'post tal-kenn, kif ukoll l-awtoritajiet responsabbli biex jilqgħu u jieħdu ħsieb l-allarm, tkun issuġġett ta' pubblikazzjoni adattata. Il-Kummissjoni għandha wkoll tiġi nfurmata mill-Istati Membri bl-inventarju tal-postijiet potenzjali tal-kenn. Fl-aħħarnett, ji sta' jkun siewi jekk it-tagħrif adattat dwar il-pjanijiet u l-postijiet tal-kenn ikun ukoll aċċessibbli għall-partijiet li jieħdu sehem f'operazzjoni marittima ta' salvataġġ u għall-awtoritajiet ta' l-Istati Membri fil-qrib li jkunu fir-riskju li jintlaqtu minn sitwazzjoni ta' periklu fil-baħar. ***Huwa importanti li l-partijiet li jippossedu informazzjoni bħal din jiggarantixxu l-kunfidenzjalità tagħha***.

(16) L-implimentazzjoni ta' netwerk ta' żoni marittimi protetti għandha tiġi mgħaġġla, u minbarra dan, l-Istati Membri, taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni, għandhom ifasslu mapep ta' l-ambjent marittimu staġjonali u ta' l-indiċi ta' riżorsi umani.

(17) ***In-nuqqas ta' garanziji finanzjarji jew ta' assigurazzjoni m' għandhomx jeżoneraw Stat Membru mill-obbligi tiegħu li jassisti bastiment f'diffikultà u li jakkomodah f'post ta' rifuġju jekk b'dan huwa jista' jnaqqas ir-riskji lill-ekwipaġġ u lill-ambjent. Minkejja li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu*** jivverifikaw jekk il-bastiment hux kopert b'assigurazzjoni jew b'garanzija finanzjarja oħra li tippermetti indennizz adattat għall-ispejjeż u l-ħsarat konnessi ma' l-ilqugħ tiegħu fil-post tal-kenn, ***l-att li jitlob din l-informazzjoni ma għandux idewwem l-operazzjoni ta' salvataġġ***.

(18) Portijiet li jakkomodaw bastiment f'diffikultà jridu jkunu fi grad li jserrħu fuq rimbors fil-pront fir-rigward ta' spejjeż u kwalunkwe ħsara assoċjata ma' l-operazzjoni. Għal dan il-għan huwa importanti li jkunu applikati ukoll mhux biss id-Direttiva 2007/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … [dwar ir-responsabilità ċivili u l-garanziji finanzjarji tas-sidien tal-vapuri] u r-regolamenti tal-Fondi ta' Kumpens Internazzjonali għat-Tniġġis miż-Żejt, iżda wkoll il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' l-1996 dwar ir-Responsabilità u l-Kumpens għal Ħsarat Marbuta mat-Trasport bil-Baħar ta' Sustanzi Perikoluży u li Jagħmlu Ħsara (il-'Konvenzjoni HNS') u l-Konvenzjoni Internazzjonali ta' l-2001 dwar Responsabilitajiet Ċivili għal Ħsarat minn Tniġġis ikkaġunat minn Żejt tal-Bunker (il-'Konvenzjoni dwar Żejt tal-Bunker'). Għalhekk l-Istati Membri għandhom jirratifikaw dawn il-konvenzjonijiet mill-aktar fis possibbli. Huwa mixtieq ukoll li l-Istati Membri għandhom jinsistu, fi ħdan l-IMO, għall-adozzjoni tal-Konvenzjoni għat-Tneħħija ta' Vapuri Mkissra. F'każijiet ta' eċċezzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw kumpens għall-ispejjeż u t-telf ekonomiku mġarrba minn port b'riżultat ta' l-akkomodazzjoni ta' bastiment fil-periklu, b'mod partikulari jekk dawn l-ispejjeż u t-telf ekonomiku ma jkunux koperti bil-garanziji finanzjarji tas-sidien tal-bastimenti u b'mekkaniżmi ta' kumpens attwali oħrajn.

(19) Sabiex tinkiseb il-koperazzjoni u l-fiduċja sħiħa tal-kaptani u l-ekwipaġġi tal-bastimenti, għandu jkun żgurat li dawn jistgħu jserrħu rashom li jingħatalhom trattament tajjeb u ġust mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jkun mitlub jilqa' l-bastiment tagħhom fil-periklu. Għal dan il-għan, ikun xieraq li l-Istati Membri jimxu mal-linji gwida ta' l-IMO dwar it-trattament ġust ta' l-ekwipaġġi.

(20) Is-sorveljanza tal-kosti ta' l-Unjoni u l-monitoraġġ tal-bastimenti li jidħlu fl-ibħra territorjali tagħha huma sisien tas-sikurezza marittima Ewropea. Biex il-bastimenti ma jkollhomx impunità u jkun żgurat li kwalunkwe post tal-kenn jirċievi kumpens fil-każ ta' xi inċident, hu essenzjali li jiżdiedu l-kontrolli kostali u li jkun żgurat li l-ebda bastiment ma' jidħol fl-ibħra territorjali ta' l-Unjoni jekk ma jkollux garanzija finanzjarja skond it-tifsira tad-Direttiva 2007/…/KE [dwar ir-responsabbiltà ċivili u l-garanziji finanzjarji tas-sidien tal-vapuri].

(21) Il-miżuri ta' monitoraġġ u ta' organizzazzjoni tat-traffiku marittimu għandhom il-funzjoni speċifika li jħallu lill-Istati Membri jiksbu għarfien reali tal-bastimenti li jgħaddu mill-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom u b'hekk jevitaw mill-aħjar ir-riskji potenzjali, jekk ikun hemm bżonn. F'dan il-qasam, l-iskambju tat-tagħrif jippermetti li titjieb il-kwalità tal-fatti miġbura u jiffaċilita l-ipproċessar tagħhom.

(22) F'konformità mad-Direttiva 2002/59/KE l-Istati Membri u l-Kummissjoni, għamlu progress importanti f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-armonizzazzjoni ta' l-iskambju ta' informazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi, b'mod partikulari dawk relatati mat-trasport ta' merkanziji perikoluży jew niġġiesa. Is-sistema Komunitarja ta' skambju ta' informazzjoni msejħa SafeSeaNet, żviluppata mill-2002, illum għandha tkun stabbilita bħala s-sistema ta' referenza fil-pjan Komunitarju. ***Hu importanti li jkun***

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

żgurat li s-sistema SafeSeaNet ma ġġibx magħha piżijiet amministrattivi jew ta' spejjeż miżjuda għall-industrija, li jkun hemm armonizzazzjoni mar-regoli internazzjonali u li titqies il-kunfidenzjalità b'relazzjoni ma' kwalunkwe implikazzjoni kummerċjali possibbli.

(23) Il-progress miksub fit-teknoloġiji ġodda u b'mod partikulari fl-implimentazzjoni spazjali tagħhom, bħall-istrumenti li jsegwu l-bastimenti permezz ***tas-satelliti***, is-sistemi ta' l-immaġni kif ukoll Galileo, llum jippermettu li s-sorveljanza tat-traffiku marittimu testendi lejn il-baħar miftuħ u b'hekk ikopru aħjar l-ibħra Ewropej. ***Barra minn hekk***, l-IMO ***emendat il-Konvenzjoni SOLAS sabiex jitqiesu żviluppi fis-sikurezza u s-sigurtà marittima u fl-ambjent marittimu sabiex jiġu żviluppati sistemi għall-identifikazzjoni u l-ittraċċar globali mill-bogħod ta' vapuri (LRIT). Skond l-arkitettura approvata mill-IMO, li tagħti l-possibilità li jitwaqqfu ċentri reġjonali tad-data LRIT, u jekk titqies l-esperjenza miksuba bis-sistema SafeSeaNet, għandu jitwaqqaf Ċentru Ewropew tad-Data LRIT għall-ġbir u l-immaniġġar ta' tagħrif LRIT. Sabiex iġib data LRIT, Stat Membru jeħtieġ li jkun imqabbad maċ-Ċentru Ewropew tad-Data LRIT.***

(24) Ir-rekwiżiti ta' l-IMO biex is-sistema LRIT titwaħħal fil-bastimenti japplikaw biss għal dawk il-bastimenti li jkunu fuq vjaġġi internazzjonali. Madankollu, billi l-bastimenti fuq vjaġġi domestiċi bejn portijiet ta' Stat Membru jistgħu jkunu ta' riskju għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà u għall-ambjent, l-LRIT għandu jitwaħħal fuqhom ukoll, skond skeda li se tkun proposta mill-Kummissjoni meta jasal il-waqt.

(25) Sabiex tiggarantixxi l-aħjar utilizzazzjoni armonizzata fil-pjan Komunitarju tat-tagħrif miġbur taħt id-Direttiva preżenti jew strumenti oħra relatati mas-sikurezza marittima, il-Kummissjoni, jekk ikun hemm bżonn, għandha tkun ti sta' tipproċessa, tuża u xxerred din id-data ma' l-awtoritajiet innominati mill-Istati Membri.

(26) L-informazzjoni miġbura li hi konformi ma' din id-Direttiva tista' tixxerred u tintuża biss biex tevita sitwazzjonijiet li jheddu s-sikurezza tal-ħajja umana fuq il-baħar u l-ħarsien ta' l-ambjent tal-baħar; huwa għalhekk mixtieq li l-Kummissjoni, bil-koperazzjoni ta' l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni, tinvestiga kif tittratta l-problemi tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(27) F'dan il-qafas, l-iżvilupp tas-sistema "Equasis" juri l-importanza ta' l-inkoraġġiment ta' kultura ta' sikurezza marittima, b'mod partikulari ma' l-operaturi tat-trasport marittimu, f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni għandha tkun ti sta' tikkontribwixxi, b'mod partikulari permezz ta' din is-sistema, għat-tixrid ta' kull informazzjoni ta' interess marittimu miġbura mill-entitajiet pubbliċi jew privati differenti involuti fis-sikurezza marittima.

(28) Ir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi Kumitat għas-Sikurezza Marittima u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Bastimenti (COSS) [1], jiġbor id-dmirijiet tal-kumitati stabbiliti fil-qasam tal-leġiżlazzjoni Komunitarja relatata fis-suġġett ta' sikurezza marittima, prevenzjoni tat-tniġġis mill-bastimenti u l-ħarsien tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol abbord. Bħala riżultat ta' dan ikun opportun li l-kumitat eżistenti jiġi sostitwit *mill-COSS*.

(29) Ikun opportun ukoll li jiġu kkunsidrati l-modifiki fl-istrumenti internazzjonali msemmija.

(30) L-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima mwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *tas-27 ta' Ġunju 2002* [2] għandha tipprovdi l-għajnuna meħtieġa biex tassigura l-implimentazzjoni konverġenti u effikaċi ta' din id-Direttiva.

(31) B'riżultat ta' dan, ikun opportun li tiġi modifikata d-Direttiva 2002/59/KE,

---

[1] ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-*Regolament (KE) Nru 93/2007 (ĠU L 22, 31.1.2007, p. 12)*.

[2] ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-*Regolament (KE) Nru 1891/2006 (ĠU L 394, 30.12.2006, p. 1)*.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

IDDEĊIDEW HEKK DWAR DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2002/59/KE *għandha tiġi mibdula b'dan li ġej*:

(1) Il-premessa 19 għandha tinbidel b'dan li ġej:

"***(19) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (*). B'mod partikulari, il-Kummissjoni għandu jkollha l-poter li tħejji anness dwar is-SafeSeaNet u li temenda l-Annessi I, III u IV fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba. Billi dawk il-miżuri huma ta' skop ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom ikunu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-poter ukoll li tippreskrivi r-rekwiżiti biex jitwaħħal it-tagħmir LRIT fuq bastimenti li jagħmlu vjaġġi interni u li timmodifika d-definizzjonijiet, ir-referenzi jew l-annessi sabiex jiġu jaqblu mal-liġijiet tal-KE jew ma' dawk internazzjonali. Dawk il-miżuri għandhom ikunu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.***

———

(*) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11)."

(2) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"***L-għan ta' din id-Direttiva hu li jistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ u informazzjoni dwar it-traffiku tal-baħar fil-Komunità għat-tisħiħ tas-sikurezza u l-effiċjenza tat-traffiku marittimu, it-titjib tas-sikurezza tal-portijiet u l-ibħra, it-titjib tar-rispons ta' l-awtoritajiet għal inċidenti, aċċidenti jew sitwazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' periklu fil-baħar, fosthom operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ, u kontribut lejn prevenzjoni u stħarriġ aħjar tat-tniġġis mill-bastimenti.***"

(3) L-Artikolu 2(2) għandu jiġi emendat kif ġej:

a) *il-kliem ta' introduzzjoni għandu jinbidel b'dan li ġej: "Ħlief jekk jingħad mod ieħor, din id-Direttiva ma tapplikax għal:";*

b) il-punt (c) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"***c) il-provvisti u t-tagħmir li jintużaw abbord il-bastimenti.***"

(4) L-Artikolu 3 *għandu jiġi emendat* kif ġej:

a) *il-punt a) għandu jiġi* emendat kif ġej:

i) fl-ewwel sentenza, il-kliem ta' introduzzjoni "l-istrumenti li ġejjin:" huma mibdula bil-kliem:"l-istrumenti li ġejjin, fil-verżjoni attwali tagħhom:";

(ii) *Għandhom jiżdiedu l-inċiżi* li ġejjin:

"— "ir-Riżoluzzjoni A.949/(23) ta' l-IMO", ir-Riżoluzzjoni 949/(23) ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali li turi "Id-Direttivi dwar il-postijiet tal-kenn għall-bastimenti li għandhom bżonn l-għajnuna"

— "ir-Riżoluzzjoni A.950/(23) ta' l-IMO", ir-Riżoluzzjoni 950/(23) ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali intitolata "Servizzi għall-għajnuna marittima (MAS)";

— ***'Ir-Riżoluzzjoni A.917(22) ta' l-IMO' tirreferi għar-Riżoluzzjoni A.917(22) ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali bit-titolu "Linji gwida għall-użu abbord ta' l-AIS", kif emendata mir-Riżoluzzjoni A.956(23) ta' l-IMO;***

— ***"Ir-Riżoluzzjoni A.987(24) ta' l-IMO" tirreferi għar-Riżoluzzjoni A.987(24) ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali bit-titolu "Linji gwida dwar it-trattament ġust tal-baħħara fil-każ ta' inċident marittimu";***"

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

b) *għandhom jiżdiedu il-punti (s), (t), (u) u (v) li ġejjin*:

"(s) "SafeSeaNet": *tfisser* is-sistema Komunitarja ta' skambju ta' tagħrif marittimu żviluppata mill-Kummissjoni bil-kooperazzjoni ta' l-Istati Membri sabiex tiżgura l-implimentazzjoni tal-Leġiżlazzjoni Komunitarja***, *kif stabbilit f' Anness Speċjali li jitfassal f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(3)***;

(t) "servizz regolari": *tfisser* sensiela ta' vjaġġi organizzata b'mod li tiżgura kollegament bejn żewġ portijiet simili kif ukoll, kemm skond orarju tal-ħinijiet pubbliċi, kif ukoll b'mod regolari jew b'tali frekwenza li din tikkostitwixxi sensiela sistematika li tingħaraf;

(u) "bastiment tas-sajd": *tfisser* kull bastiment mgħammar jew użat bi skopijiet kummerċjali għall-qbid tal-ħut jew ta' riżorsi ħajjin oħra tal-baħar;

(v) ***"LRIT" tfisser sistema li tittrażmetti awtomatikament informazzjoni dwar l-identifikazzjoni u l-ittraċċar mill-bogħod skond ir-Regolament 19, Kapitolu V tal-Konvenzjoni SOLAS***."

(5) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:

"*Artikolu 6a*

L-użu ta' sistemi ta' identifikazzjoni awtomatika AIS mill-bastimenti tas-sajd

Kull bastiment tas-sajd, li ***b'kollox*** huwa itwal minn ***24 metru***, u li jbaħħar *f' ibħra* li huma taħt il-ġurisdizzjoni ta' xi Stat Membru jrid ikun mgħammar, skond il-kalendarju li jidher fl-Anness II, paragrafu I (3), b'sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) skond in-normi ta' azzjoni ta' l-IMO.

Il-bastimenti tas-sajd mgħammra b'AIS għandhom iżommuha taħdem il-ħin kollu, ħlief meta ftehimiet, regoli jew istandards internazzjonali jagħtu dispożizzjonijiet għall-protezzjoni ta' tagħrif ta' navigazzjoni.

Skond il-linji gwida ta' l-IMO għall-użu ta' l-AIS fuq il-bastimenti, l-AIS ti sta' tintefa meta l-kaptan iqis li dan ikun meħtieġ fl-interess tas-sikurezza jew tas-sigurtà tal-bastiment tiegħu."

(6) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 6b li ġej:

"***Artikolu 6b***

Użu ta' identifikazzjoni u traċċjar mill-bogħod ta' bastimenti (LRIT)

1. Bastimenti li jagħmlu vjaġġi internazzjonali, ħlief meta jkunu mgħammra bl-AIS u meta joperaw esklużivament f'zona tal-baħar A1 koperta minn netwerk AIS, għandhom ikunu mgħammra b'sistema LRIT skond ir-Regolament 19 Kapitolu V tal-Konvenzjoni SOLAS u skond l-istandards ta' rendiment u r-rekwiżiti funzjonali adottati mill-IMO.

Il-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 28(2), għandha tistipula r-rekwiżiti biex jitwaħħal tagħmir LRIT fuq bastimenti li jagħmlu vjaġġi interni bejn portijiet ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw biex, sal-31 ta' Diċembru 2008, iwaqqfu Ċentru Ewropew tad-Data LRIT li jkun inkarigat li jipproċessa t-tagħrif dwar l-identifikazzjoni u t-traċċjar mill-bogħod.

Iċ-Ċentru Ewropew tad-Data LRIT għandu jkun komponent tas-sistema Ewropea ta' tagħrif u skambju marittimu, is-SafeSeaNet. L-ispejjeż relatati mal-modifiki ta' l-elementi nazzjonali tas-SafeSeaNet biex jinkludu t-tagħrif LRIT għandhom jitħallsu mill-Istati Membri.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

L-Istati Membri, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008, għandhom jistabbilixxu u jżommu kuntatt maċ-Ċentru Ewropew tad-Data LRIT.

3. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-politika u l-prinċipji għall-aċċess tat-tagħrif miżmum fiċ-Ċentru Ewropew tad-Data LRIT skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 28(2)."

(7) L-Artikolu 12 għandu jiġi mibdul *b'dan* li ġej:

"*Artikolu 12*

Obbligazzjonijiet ta' min qiegħed jibgħat il-merkanzija

1. Jekk min jibgħat il-merkanzija, joffri għall-ġarr *merkanzija perikoluża* jew *niġġiesa* ***f'port ta' Stat Membru, għandu jagħti lill-kaptan jew lill-amministratur ta' bastiment,*** *ikun ta' liema daqs ikun,* ***qabel ma l-merkanzija titgħabba fuq il-bastiment,*** dikjarazzjoni li jkollha t-tagħrif li ġej:

a) it-tagħrif fl-Anness I(2);

b) għas-sustanzi msemmija fl-Anness I għall-Konvenzjoni Marpol, id-dokument bid-data ta'sigurta bil-karatteristiċi fiżiko-kimiċi tal-prodotti, inkluż il-viskosità tagħhom espressa f'cSt mal-50°C u d-densità mal-15°C ***u d-data l-oħra li qiegħda fid-dokument bid-data ta' sikurezza skond ir-riżoluzzjoni IMO MSC.150(77);***

c) in-numri ta' emerġenza ta' min qed jibgħat il-merkanzija jew ta' kull persuna oħra fil-pussess ta'tagħrif fuq il-karatteristiċi fiżiko-kimiċi tal-prodotti u dwar l-azzjoni li għandha tittieħed f'emerġenza.

2. Bastimenti ġejjin minn port barra l-Komunità u li sejrin lejn port ta' Stat Membru jew li se jankraw fl-ibħra territorjali ta' Stat Membru u li għandhom sustanzi perikoluży jew niġġiesa għandu jkollhom dikjarazzjoni mingħand min jibgħat il-merkanzija li fiha t-tagħrif li ġej:

a) it-tagħrif elenkat fl-Anness I(3);

b) it-tagħrif meħtieġ taħt il-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. *Għandhom ikunu d-dmir* ***u r-responsabiltà*** ta' min qiegħed jibgħat il-merkanzija ***biex jiżgura*** li t-tagħbija miġjuba għat-trasport taqbel sew ma' dak li jkun hemm iddikjarat b'mod konformi ***mal-paragrafi 1 u 2.***"

(8) Fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 14, il-punt (c) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"***c) kull Stat Membru għandu jkun jista' jibgħat bla dewmien, meta jkun mitlub, tagħrif permezz tas-SafeSeaNet dwar il-bastiment u l-merkanzija perikoluża jew li tniġġes li jkollu abbord lill-awtoritajiet nazzjonali u lokali kompetenti ta' Stat Membru ieħor. Dan m'għandux iwassal biex l-Istati Membri jitolbu tagħrif b'mod regolari dwar il-bastimenti u l-merkanziji tagħhom għal skopijiet oħra għajr dawk ta' sikurezza jew ta' sigurtà marittima jew ta' ħarsien ta' l-ambjent marittimu.***"

(9) Fl-Artikolu 16(1) għandhom jiżdiedu il-punti d) u e) li ġejjin:

"d) bastimenti li ma jinnotifikawx jew li m#għandhomx ċertifikati ta' assigurazzjoni jew garanziji finanzjarji skond *id-Direttiva 2007/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'* … [dwar ir-responsabbilta ċivili u garanziji finanzjarji tal-propjetarji tal-bastimenti] (*);

e) bastimenti li ġew rappurtati minn bdoti jew awtoritajiet tal-port talli għandhom difetti li jistgħu jippreġudikaw in-navigazzjoni fis-sigurta jew joħolqu riskju għall-ambjent.

(*) ĠU L …"

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

*(10) Għandu jiddaħħal l-*Artikolu 18*a* li ġej:

"*Artikolu 18 a*

Miżuri f'każ ta' riskji minħabba l-preżenza ta' silġ

1. Jekk l-awtoritajiet kompetenti nnominati mill-Istati Membri jaħsbu li, minħabba l-istat tas-silġ, ikun hemm riskju serju għall-protezzjoni tal-ħajja umana fil-baħar jew għall-ħarsien taż-żoni marittimi jew tal-kosta tagħhom jew taż-żoni marittimi jew tal-kosta ta' l-Istati l-oħra:

a) jridu jgħaddu lill-kaptani tal-bastimenti, li jkunu fiż-żoni ta' ġurisdizzjoni tagħhom jew li jkunu jixtiequ jidħlu jew joħorġu minn wieħed mill-portijiet tagħhom, l-informazzjoni adattata dwar l-istat tas-silġ, ir-rotot irrikkmandati u s-servizzi ta' vapuri li jkissru s-silġ fiż-żona ta' ġurisdizzjoni tagħhom;

b) jistgħu jitolbu li l-bastimenti, li jkunu fiż-żoni konċernati u li jixtiequ jidħlu jew joħorġu minn port jew moll jew inkella jitilqu miż-żona ta' l-irmiġġ, ***jagħti prova permezz ta' xhieda dokumentarja li jissodisfa*** *r-rekwiżiti* tar-reżistenza u l-qawwa relatati mas-sitwazzjoni tas-silġ fiż-żona kkonċernata.

2. Il-miżuri meħuda biex jiġu implimentati l-arranġamenti għall-paragrafi 1 u 2 huma bbażati, għal dawk l-informazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-istat tas-silġ, fuq il-previżjonijiet fir-rigward tas-sitwazzjoni tas-silġ u l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi pprovduti minn servizz kwalifikat ta' informazzjoni meteoroloġika, rikonoxxut mill-Istat Membru."

(11) Fl-Artikolu 19(2) għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Għal dan il-għan, huma jittrasmettu t-tagħrif fir-rigward ta' l-Artikolu 12 lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, wara t-talba tagħhom."

(12) L-Artikolu 20 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 20*

Ilqugħ ta' bastimenti fil-periklu fil-postijiet tal-kenn

1. L-Istati Membri ***għandhom jinnominaw awtorità kompetenti li jkollha l-għerf espert meħtieġ u li tkun indipendenti fis-sens li jkollha s-setgħa, meta ssir il-ħidma ta' salvataġġ, li tieħu deċiżjonijiet fuq inizjattiva tagħha stess dwar l-ilqugħ ta' bastimenti fil-periklu bil-għan li:***

— ***tiħares il-ħajja umana;***

— ***tiħares il-kosta;***

— ***jiħares l-ambjent marittimu;***

— ***jkun hemm sigurtà fil-baħar; u***

— ***titnaqqas kemm ji sta' jkun it-telf ekonomiku.***

2. L-awtorità msemmija fil-paragrafu 1 ti sta', inter alia:

a) tirrestrinġi ċ-ċaqliq tal-bastiment jew tmexxih biex isegwi rotta speċifika. Dan ir-rekwiżit ma jaffettwax ir-responsabiltà tal-kaptan għall-imaniġġjar sikur tal-bastiment tiegħu;

b) tagħti avviż uffiċjali lill-kaptan tal-bastiment biex iwaqqaf it-theddida għall-ambjent jew għas-sikurezza marittima;

c) titla' fuq il-bastiment jew tibgħat tim ta' evalwazzjoni fuq il-bastiment biex tevalwa l-ħsara lill-bastiment u l-grad ta' riskju, tgħin lill-kaptan biex jirrimedja s-sitwazzjoni u tgħarraf lill-istazzjon kostali kompetenti;

d) titlob u tibgħat ħaddiema tas-salvataġġ hija stess fejn meħtieġ;

e) tara li l-bastiment jiġi piklotat jew jiġi rmunkat.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

3. L-Istati Membri, taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni, għandhom ifasslu mapep ta' l-ambjent marittimu staħonali (transkonfinali) u ta' l-indiċi ta' riżorsi umani.

4. L-awtorità msemmija fil-paragrafu 1 għandha tieħu r-responsabiltà għat-twettiq tal-pjanijiet msemmija fl-Artikolu 20a.

5. Fuq il-bażi ta' evalwazzjoni preliminari taċ-ċirkustanzi, l-awtorità msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiddeċiedi dwar l-ilqugħ ta' bastiment f'periklu f'post ta' kenn.

L-awtorità msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiżgura li, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi skond il-pjanijiet imsemmija fl-Artikolu 20a, bastimenti f'periklu jiddaħħlu f'post ta' kenn fil-każijiet kollha fejn l-ilqugħ tal-bastiment f'periklu f'post ta' kenn jippermetti li jitnaqqsu r-riskji assoċjati ma' dawk iċ-ċirkustanzi.

6. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-Linji Gwida ta' l-IMO dwar it-trattament ġust tal-baħħara fil-każ ta' xi inċident marittimu fir-rigward ta' l-ekwipaġġ ta' bastiment li jkun jinsab fil-periklu f'ilmijiet li jiġu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

7. L-awtoritajiet speċifikati *fil-paragrafu 4* jiltaqgħu ta' sikwit sabiex jiskambjaw il-kompetenzi tagħhom u jtejbu l-miżuri meħuda skond l-Artikolu preżenti. Jistgħu jiltaqgħu meta jridu, minħabba ċirkostanzi partikulari, fuq inizjattiva ta' waħda minnhom jew tal-Kummissjoni."

(13) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 20a li ġej:

"*L-Artikolu 20a*

Pjanijiet għall-ilqugħ ta' bastimenti fil-periklu

(1) L-Istati Membri jistabbilixxu pjanijiet bil-ħsieb li jirrispondu għar-riskji maħluqa mill-bastimenti fil-periklu li jsibu ruħhom fl-ibħra relatati mal-ġurisdizzjoni tagħhom ***u sabiex jiżguraw l-ilqugħ ta' bastimenti u l-ħarsien tal-ħajja umana.***

(2) Il-pjanijiet speċifikati f'paragrafu 1 huma elaborati wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-direttivi rilevanti ta' l-IMO speċifikati fl-Artikolu 3, punt a), u jinkludu mill-inqas l-elementi li ġejjin:

a) l-identità ta' l-awtorità jew ta' l-awtoritajiet bl-inkarigu li jirċievu u li jieħdu ħsieb is-sejħiet ta' l-allarm;

b) l-identità ta' l-awtorità li għandha r-responsabbiltà li tevalwa s-sitwazzjoni, li tiddetermina post tal-kenn adattat u li tieħu deċiżjoni dwar l-ilqugħ ta' bastiment fil-periklu fil-post tal-kenn magħżul;

c) l-inventarju tal-postijiet tal-kenn potenzjali li jiġbor il-punti prinċipali ta' l-elementi maħsuba biex jiffaċilitaw evalwazzjoni u deċiżjoni ta' malajr, li jinkludi wkoll id-deskrizzjoni tal-fatturi ambjentali u soċjali u tal-kundizzjonijiet naturali tal-postijiet potenzjali li ġew ikkunsidrati;

d) il-proċeduri ta' evalwazzjoni fir-rigward tad-deċiżjoni dwar il-post tal-kenn fuq il-bażi tal-postijiet potenzjali rreġistrati fl-inventarju;

e) il-mezzi u l-installazzjonijiet adegwati għall-għajnuna, s-salvataġġ u l-ġlieda kontra t-tniġġis;

f) il-mekkaniżmi eventwali internazzjonali ta' koordinazzjoni u ta' deċiżjoni li japplikaw;

g) il-proċeduri ta' garanziji finanzjarji u ta' responsabbiltà mwaqqfa fir-rigward tal-bastimenti milqugħa f'post tal-kenn.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

(3) L-Istati Membri jippubblikaw l-isem ta' l-awtorità kompetenti speċifikata fl-Artikolu 20(4) kif ukoll il-lista tal-kuntatti adattati għall-ilqugħ u r-rispons għas-sejħiet ta' l-allarm. Huma jgħaddu lill-Kummissjoni l-inventarju tal-postijiet tal-kenn potenzjali. Barra minn dan, huma jgħaddu t-tagħrif li għandu x'jaqsam mal-pjanijiet u l-postijiet tal-kenn lill-Istati Membri ġirien.

Minn meta jibdew jitħaddmu l-proċeduri msemmija fil-pjanijiet għall-ilqugħ tal-bastimenti fil-periklu, huma jiżguraw li kull tagħrif li għandu x'jaqsam mal-pjanijiet u l-postijiet tal-kenn ikun għad-dispożizzjoni tal-partijiet involuti fl-operazzjonijiet, fosthom is-servizzi ta' salvataġġ u ta' rmonk.

Persuni li jirċievu informazzjoni relevanti skond dan il-paragrafu dwar pjanijiet ta' emerġenza u postijiet ta' refuġju għandhom jiggarantixxu l-kunfidenzjalità ta' din l-informazzjoni."

(14) *Għandu jiddaħħal l-*Artikolu 20*b* li ġej:

"Artikolu 20b

Garanziji finanzjarji ***u kumpens***

(1) ***In-nuqqas ta' ċertifikat ta' assigurazzjoni jew ta' garanzija finanzjarja m'għandux jeżonera lill-Istati Membri mill-evalwazzjoni u d-deċiżjoni preliminari msemmija fl-Artikolu 20 u m'huwiex, fih innifsu, raġuni suffiċjenti biex Stat Membru jirrifjuta li jilqa' f'post ta' kenn bastiment li jkun jinsab fil-periklu.***

(2) ***Mingħajr ħsara għall-paragrafu 1, meta jkun qed jilqa' f'post ta' kenn bastiment li jkun jinsab fil-periklu, l-Istat Membru ji sta' jitlob lill-operatur, aġent jew kaptan tal-bastiment jippreżenta ċertifikat ta' assigurazzjoni jew garanzija finanzjarja, fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2007/…/KE [dwar ir-responsabilità ċivili u l-garanziji finanzjarji tas-sidien tal-vapuri], li jkunu jkopru r-responsabilità tiegħu għad-dannu kkawżat mill-bastiment. L-att tat-talba għal dan iċ-ċertifikat m'għandux iwassal biex bastiment li jkun jinsab fil-periklu jdum ma jiġi akkomodat.***

(3) L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kumpens ta' l-ispejjez u tat-telf ekonomiku potenzjali mġarrba minn port bħala riżultat ta' deċiżjoni li tkun ittieħdet skond l-Artikolu 20(5) jekk spejjeż jew telf ekonomiku bħal dawn ma jkunux kumpensati mis-sid jew l-operatur tal-vapur fi żmien raġonevoli skond id-Direttiva 2007/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar ir-responsabilità ċivili u l-garnanziji finanzjarji tas-sidien tal-vapuri] u l-mekkaniżmi internazzjonali ta' kumpens eżistenti."

(15) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 22a li ġej:

"*Artikolu 22 a*

Sistema Ewropea ta' skambju ta' tagħrif marittimu SafeSeaNet

1. L-Istati Membri jwaqqfu sistemi ta' amministrazzjoni tat-tagħrif marittimu, nazzjonali u lokali sabiex jiżguraw l-ipproċessar tat-tagħrif kif speċifikat f'din id-Direttiva.

2. Is-sistemi ta' komunikazzjoni stabbiliti biex jimplimentaw il-paragrafu 1 iridu jippermettu l-ħidma siewja tat-taħrig miġbur u jissodisfaw b'mod notevoli l-kundizzjonijiet esposti fl-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva.

3. Sabiex ikun hemm garanzija ta' skambju tajjeb tat-tagħrif speċifikat f'din id-Direttiva, l-Istati Membri jiżguraw li s-sistemi, nazzjonali u lokali, mwaqqfa biex jiġbru, jipproċessaw u jerfgħu t-tagħrif speċifikat minn din id-Direttiva, jistgħu jkunu konnessi mas-sistema Komunitarja ta' skambju ta' tagħrif marittimu msejħa SafeSeaNet. ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li s-sistema Komunitarja għall-iskambju ta' tagħrif marittimu SafeSeaNet tkun topera 24 siegħa kuljum.***

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

4. Meta jkunu qegħdin jikkoperaw fi ħdan ftehimiet reġjonali jew fil-qafas ta' proġetti transkonfinali, interreġjonali jew transnazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi jew netwerks ta' tagħrif żviluppati jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u jkunu kompatibbli u marbuta mas-sistema SafeSeaNet.

5. Sabiex ikun żgurat li hemm perjodu biżżejjed biex ikun ippruvat il-funzjonament tas-sistema SafeSeaNet, dik is-sistema għandha tkun qed taħdem b'mod sħiħ fl-1 ta' Jannar 2009…"

(16) *L-Artikolu 23 għandu jiġi emendat kif ġej*:

a) il-paragrafu (ċ) *għandu jinbidel* b'dan li ġej:

"c) jestendu l-kopertura tas-sistema Komunitarja ta' monitoraġġ u ta' tagħrif dwar it-traffiku tal-bastimenti u/jew jattwalizzawha sabiex itejjbu l-identifikazzjoni u l-monitoraġġ tal-bastimenti, filwaqt li jqisu l-iżviluppi fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni. Għal dan il-għan, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkooperaw biex, jekk jinqala' l-każ, jitwaqqfu s-sistemi obbligatorji ta' rendikonti, s-servizzi obbligatorji tat-traffiku marittimu u s-sistemi adattati għall-organizzazzjoni tat-traffiku, bl-iskop li jissottomettuhom lill-IMO għall-approvazzjoni. Huma jikkooperaw ukoll, fi ħdan l-awtoritajiet reġjonali jew internazzjonali kkonċernati, għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi għal monitoraġġ tat-traffiku u għal sorveljanza marittima fuq distanzi twal;"

b) *għandhom jiżdiedu l-punti (e), (f)* ***u (g)*** *li ġejjin*:

"e) jiżguraw *l-interkonnessjoni u l-interoperabilità* tas-sistemi nazzjonali użati *għall-immaniġjar ta' l-informazzjoni msemmija fl-Anness,* ***jintegraw sistemi konvenzjonali ma' sistemi bbażati fuq is-satelliti****, u jiżviluppaw* u jaġġornaw is-*sistema tas*-SafeSeaNet;

f) jistudjaw il-probabbiltà u *jiddeterminaw ir-regoli dettaljati għall-integrazzjoni ta' l-AIS* mas-sistemi ta' pożizzjonament u ta' komunikazzjoni użati fil-qasam tal-politika komuni tas-sajd. ***Is-sejbiet ta' dak l-istudju għandhom ikunu disponibbli sa mhux aktar tard minn tnax-il xahar qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-obbligu msemmi fl-Artikolu 6a, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2008***;

g) jistudjaw u jimplimentaw il-proċeduri li se jiggarantixxu b'mod aktar effettiv il-kunfidenzjalità tat-tagħrif miġbur."

(17) *Għandu jiddaħħal l-*Artikolu 23*a* li ġej:

"*Artikolu 23a*

Ipproċessar u amministrazzjoni tat-tagħrif ta' sikurezza marittima

(1) Il-Kummissjoni tiżgura lill-awtoritajiet innominati mill-Istati Membri, jekk ikun hemm bżonn, li tipproċessa, tutilizza u xxerred it-tagħrif miġbur taħt din id-Direttiva jew miġbur minn kull entità pubblika jew privata fi ħdan il-missjonijiet rispettivi tagħhom.

(2) Jekk jinqala' l-każ, il-Kummissjoni tikkontribwixxi għall-iżvilupp u għall-ħidma ta' sistemi ta' ġbir u ta' tixrid tal-fatti relatati mas-sikurezza marittima, notevolment permezz tas-sistema "Equasis" jew ta' kull sistema oħra ekwivalenti ta' karattru pubbliku."

(18) L-Artikolu 24 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"***Artikolu 24***

Kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni

1. L-Istati Membri, skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw il-kunfidenzjalità tat-tagħrif mibgħut lilhom skond din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri, skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, għandhom jaraw li d-data ta' l-AIS u ta' l-LRIT trażmessa mill-bastimenti tinżamm milli tkun disponibbli għall-pubbliku jew użata għal għanijiet li jmorru kontra s-sikurezza, is-sigurtà u l-ħarsien ta' l-ambjent, jew li jaffettwaw il-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-bastimenti. B'mod partikulari, m'għandhomx jawtorizzaw it-tixrid ta' tagħrif dwar id-dettalji tal-merkanzija jew tal-persuni abbord, ħlief jekk il-kaptan jew l-operatur tal-bastiment ikun qabel ma' dan l-użu.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

3. F'koperazzjoni ma' l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tan-Netwerks u t-Tagħrif, il-Kummissjoni għandha tinvestiga kif għandhom jingħelbu l-problemi tas-sigurtà tan-netwerks u t-tagħrif li jistgħu jkunu assoċjati mal-miżuri pprovduti taħt din id-Direttiva, u b'mod partikulari l-Artikoli 6, 6a, 14 u 22a tagħha. Sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi meħtieġa sabiex tiġġieled kontra l-użu mhux awtorizzat jew l-abbuż kummerċjali tad-data li tagħha jkun sar skambju skond din id-Direttiva."

(19) L-Artikolu 27(2) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"***2. Barra minn hekk, l-Annessi I, III u IV jistgħu jkunu emendati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 28(3), fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba b'din id-Direttiva, sakemm dawn l-emendi ma jwessgħux il-kamp ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.***"

(20) L-Artikolu 28 *għandu għandu jinbidel b'dan* li ġej:

"*Artikolu 28*

Kumitat

1. Il-Kummissjoni hija megħjuna mill-Kumitat għas-Sikurezza Marittima u l-Ħarsien mit-Tniġġis mill-Bastimenti (COSS), imwaqqaf mill-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Fil-każ fejn issir referenza għall-paragrafu preżenti, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE jiġu applikati, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Iż-żmien imsemmi fl-Artikolu 5, paragrafu 6, tad-Deċiżjoni 1999/468/KE huwa ffissat għal tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 ta' l-istess Deċiżjoni.

(*) ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 93/2007 (ĠU L 22, 31.1.2007, p. 12)."

(21) Fl-Anness I, l-Inċiż X tal-punt 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"— ***X. tagħrif varju:***

— ***il-karatteristiċi u l-kwantità stmata ta' karburant tal-bunker għall-bastimenti kollha li jġorru karburant tal-bunker,***

— ***l-istatus tan-navigazzjoni.***"

(22) Fl-Anness II (I), għandu jiżdied il-punt 3 li ġej:

"3. Bastimenti tas-sajd

Kull bastiment tas-sajd li t-tul totali tiegħu *ikun minn* ***24 metru*** *'il fuq* huwa suġġett għar-rekwiżitit tal-ġarr kif imsemmi fl-Artikolu 6 *bis* skond il-kalendarju li ġej:

— ***bastiment tas-sajd ġdid ta' tul totali ta' 24 metru u aktar …(*);***

— bastiment tas-sajd li *t-tul totali tiegħu huwa ta'* 24 metru jew aktar *iżda ta'* anqas minn 45 metru: sa mhux aktar tard minn …(**);

(*) ***fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva;***
(**) ***sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***"

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn … (*). Huma għandhom jgħaddu immedjatament lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll tabella li turi r-relazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom tali referenza meta tohroġ il-pubblikazzjoni uffiċjali. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet prinċipalital-liġi nazzjonali li huma għandhom jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Id-Direttiva preżenti tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 4

L-Istati Membri huma d-destinatarji ta' din id-Direttiva.

Magħmula fi […],

Għall-Parlament Ewropew	Għall-Kunsill
Il-President	*Il-President*

(*) 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

P6_TA(2007)0147

Investigazzjoni ta' aċċidenti ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-25 ta' April 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttivi 1999/35/KE u 2002/59/KE (COM(2005)0590 — C6-0056/2006 — 2005/0240(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005) 0590) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 80(2) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0056/2006),

([1]) Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0079/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TC1-COD(2005)0240

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' April 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttivi 1999/35/KE u 2002/59/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-*Kummissjoni*,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat [3],

Billi:

(1) Għandu jinżamm livell ġenerali għoli ta' sigurtà fit-trasport marittimu fl-Ewropa u għandu jsir kull sforz sabiex jitnaqqas l-għadd ta' diżgrazzji u okkorrenzi marittimi.

(2) L-investigazzjonijiet tekniċi fil-pront meta jseħħu xi diżgrazzji fuq il-baħar itejbu s-sigurtà marittima billi jgħinu ħalli jiġu pprevenuti milli jseħħu mill-ġdid diżgrazzji simili li jwasslu għal imwiet, telf ta' bastimenti u t-tniġġis ta' l-ambjent marittimu.

(3) Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu [4] sabiex tittejjeb is-sigurtà fuq il-baħar, ħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposta għal direttiva dwar l-investigazzjoni ta' l-inċidenti fit-tbaħħir.

(4) L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt Marittimu ta' l-1982 *(UNCLOS)* [5], jistabbilixxi d-dritt ta' l-Istati kostali sabiex jinvestigaw il-kawża ta' kwalunkwe diżgrazzja marittima li sseħħ fil-limiti ta' l-ibħra territorjali tagħhom li għandha mnejn tkun ta' riskju għall-ħajja jew għall-ambjent, li tinvolvi l-awtoritajiet tat-tiftix u s-salvataġġ ta' l-Istat kostali, jew li b'xi mod ieħor taffettwa lill-Istat kostali.

(5) L-Artikolu 94 ta' l-*UNCLOS* jistabbilixxi li l-Istati tal-bandiera inkwistjoni għandhom jaraw li ssir inkjesta minn jew quddiem persuna jew persuni kkwalifikata(i) kif jixraq dwar ċerti diżgrazzji jew okkorrenzi tan-navigazzjoni fl-ibħra internazzjonali.

---

[1] ĠU C *318, 23.12.2006, p. 195*.
[2] ĠU C *229, 22.9.2006, p. 38*.
[3] *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' April 2007*.
[4] *ĠU C 104 E, 30.4.2004, p. 730*.
[5] L-Att Finali tat-Tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt Marittimu 1973 — 1982, Klassi Nru 341.45 L 412 1997.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

(6) Il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar, ta' l-1974 (ir-regolament *SOLAS* I/21)), il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sinjal tat-Tagħbija, ta' l-1966 u l-Konvenzjoni Internazzjoanli għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Bastimenti, ta' l-1973 jistabbilixxu r-responsabbiltajiet ta' l-Istati tal-bandiera sabiex dawn imexxu investigazzjonijiet dwar id-diżgrazzji u jgħaddu dak kollu li jinstab li jkollu x'jaqsam ma' dan lill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO).

(7) L-[abbozz tal-] Kodiċi għall-implimentazzjoni ta' l-Istrumenti Mandatorji ta' l-*IMO* [1] ifakkar dwar l-obbligu ta' l-Istati tal-bandiera sabiex dawn jiżguraw li l-investigazzjonijiet dwar is-sigurtà marittima jitmexxew minn investigaturi kkwalifikati kif jixraq, li jkunu kompetenti f'dak li għandu x'jaqsam mad-diżgrazzji u l-okkorrenzi marittimi. Barraminnhekk, il-Kodiċi jirrikjedi lill-Istati tal-bandiera sabiex ikunu ppreparati li jipprovdu investigaturi kkwalifikati għal dak il-għan, irrispettivament mill-inħawi tad-diżgrazzja jew l-okkorrenza.

(8) Għandu jitqies il-Kodiċi għall-Investigazzjoni tad-Diżgrazzji u l-Okkorrenzi Marittimi adottata f'Novembru 1997 permezz tar-Riżoluzzjoni A.849 ta' l-Assemblea ta' l-*IMO*, li jipprevedi l-implimentazzjoni ta' metodu komuni għall-investigazzjoni tas-sigurtà f'dak li għandhom x'jaqsmu d-diżgrazzji u l-okkorrenzi marittimi u l-kooperazzjoni bejn l-Istati sabiex jiġu identifikati l-fatturi li jwasslu għal diżgrazzji u okkorrenzi marittimi. Għandhom jitqiesu wkoll iċ-Ċirkulari 953 tal-Kumitat għas-Sigurtà Marittima *(MSC)* fi ħdan l-*IMO*, li tipprovdi definizzjonijiet aġġornati tat-termini użati fil-Kodiċi, u r-Riżoluzzjonijiet ta' l-*IMO* A.861(20) u MSC.163(78), li jipprovdu definizzjoni ta' "reġistraturi tad-data tul il-vjaġġ" *(voyage data recorders)*.

(9) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE tad-29 ta' April 1999 dwar sistema ta' stħarriġ obbligatorju għall-operazzjoni bla periklu ta' laneċ ro-ro regolari u servizzi ta' inġenji tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri [2] tirrikjedi li l-Istati Membri jiddeffinixxu, fil-qafas tas-sistemi ġuridiċi interni rispettivi tagħhom, status ġuridiku li jippermettilhom u lil kwalunkwe Stat Membru li jkun sostanzjalment interessat sabiex jipparteċipaw, jikkooperaw, jew fejn ikun previst skond il-Kodiċi għall-investigazzjoni tad-diżgrazzji marittimi, li jamministraw kwalunkwe investigazzjoni ta' xi diżgrazzja jew okkorrenza marittima li jkun jinvolvi lanċa ro-ro jew inġenji tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri.

(10) Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema ta' informazzjoni u monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti tal-*Komunità* [3] tirrikjedi li l-Istati Membri jkunu konformi mal-Kodiċi ta' l-*IMO* għall-Investigazzjoni tad-Diżgrazzji u l-Okkorrenzi Marittimi u jiżguraw li s-sejbiet ta' l-investigazzjonijiet ta' l-okkorrenzi jiġu ppubblikati mill-aktar fis possibbli wara l-konklużjoni tagħhom.

(11) L-investigazzjoni tad-diżgrazzji u l-okkorrenzi li tkun tinvolvi bastimenti li jbaħħru, jew bastimenti oħra fil-portijiet jew żoni marittimi ristretti oħra, għandha ssir minn entità jew organizzazzjoni indipendenti ***mogħnija b'mod permanenti bis-setgħat li jippermettulha tieħu deċiżjonijiet*** jew taħt il-kmand tagħha sabiex jiġi evitat kull kunflitt ta' interessi.

(12) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi ġuridiċi interni tagħhom jippermettu lilhom u lil kull Stat Membru ieħor li huwa sostanzjalment interessat li jipparteċipa u li jikkoopera fi, jew li jmexxi investigazzjonijiet dwar inċidenti abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' l-*IMO* għall-investigazzjoni tad-diżgrazzji marittimi

(13) Skond ir-regolament *SOLAS* V/20, il-bastimenti tal-passiġġieri u l-bastimenti l-oħra għajr dawk tal-passiġġieri ta' tunnellaġġ gross ta' 3,000 jew aktar mibnija fl-1 ta' Lulju 2002 jew wara għandhom iġorru reġistraturi tad-data tul il-vjaġġ (VDRs — *Voyage Data Recorders)* li jkunu ta' għajnuna fl-investigazzjonijiet dwar l-inċidenti. Minħabba l-importanza tiegħu fit-tfassil ta' politika sabiex jiġu pprevenuti l-inċidenti fit-tbaħħir, it-tali apparat għandu jkun rekwiżit sistematikament abbord il-vapuri li jbaħħru fuq vjaġġi nazzjonali jew internazzjonali li jidħlu fil-portijiet Komunitarji.

(14) Id-data pprovduta permezz ta' sistema *VDR*, flimkien ma' apparat elettroniku ieħor, ti sta' tintuża kemm retrospettivament wara xi diżgrazzja jew okkorrenza marittima sabiex jiġi investigati x'wassal għal dan, kif ukoll bil-ħsieb ta' prevenzjoni sabiex tinkiseb esperjenza taċ-ċirkustanzi li jafu jwasslu għal okkorrenzi ta' dan it-tip. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tali data, meta tkun disponibbli, tintuża kif jixraq għaż-żewġ għanijiet.

(15) Għandhom jiġu investigati jew mixtarra b'xi mod ieħor is-sinjali ta' allarm mill-bastimenti jew l-informazzjoni minn kwalunkwe sors li xi bastiment, jew persuni fuqu jew minnu jinsabu fil-periklu jew li, minħabba xi okkorrenza konnessa mat-tħaddim tal-bastiment, hemm xi riskju potenzjali serju ta' danni lill-persuni, lill-istruttura tal-bastiment jew lill-ambjent.

---

[1] Il-verżjoni *IMO* FSI 13/WP.3 tad-9 ta' Marzu 2005.

[2] ĠU L 138, 1.6.1999, p. 1. Direttiva kif emendata mid-Direttiva *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* 2002/84/KE (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 53).

[3] ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

(16) Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *tas-27 ta' Ġunju 2002* ([1]) jirrikjedi li l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (minn hawn 'il quddiem imsejħa: "l-Aġenzija") taħdem ma' l-Istati Membri sabiex tiżviluppa soluzzjonijiet tekniċi u tipprovdi assistenza teknika konnessa ma' l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja. Fil-qasam ta' l-investigazzjoni ta' l-inċidenti, l-Aġenzija għandha l-kompitu speċifiku li tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-iżvilupp, b'kunsiderazzjoni xierqa lis-sistemi ġuridiċi differenti fl-Istati Membri, ta' metodoloġija komuni għall-investigazzjoni ta' l-inċidenti marittimi skond il-prinċipji internazzjonali li hemm qbil fuqhom.

(17) Skond ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002, l-Aġenzija għandha tiffaċilita l-kooperazzjoni f'dak li huwa forniment ta' appoġġ lill-Istati Membri f'attivitajiet li jikkonċernaw investigazzjonijiet konnessi ma' *aċċidenti* marittimi serji, u fit-twettiq ta' analiżi tar-rapporti investigattivi *eżistenti* dwar id-diżgrazzji. ***L-Aġenzija għandha wkoll, fid-dawl tar-riżultati ta' l-analiżi, tinkorpora fil-metodoloġija konġunta kwalunkwe elementi li jirriżultaw minn dan, li jistgħu jkunu ta' interess għall-prevenzjoni ta' diżastri ġodda u t-titjib tas-sikurezza marittima fl-UE.***

(18) Il-linji gwida IMO dwar it-trattament ġust tal-baħħara fil-każ li jkun hemm diżastru marittimu m'għandhomx l-għan li jinkriminaw lill-kaptan u lill-ekwipaġġ. Dawn jistgħu jagħtuhom aktar kunfidenza fil-metodi ta' investigazzjoni, u għalhekk għandhom jintużaw mill-Istati Membri.

(19) Ir-rakkomandazzjonijiet ta' sigurtà li jirriżultaw minn investigazzjoni tas-sigurtà marbuta ma' xi diżgrazzja jew okkorrenza għandhom jiġu kkunsidrati mill-Istati Membri ***u mill-Komunita***.

(20) Billi għan l-investigazzjoni teknika huwa l-prevenzjoni ta' diżgrazzji jew okkorrenzi marittimi futuri, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà m'għandhomx jintużaw sabiex tiġi ddeterminata r-responsabbiltà jew li dak li jkun jingħata tort.

(21) Billi *l-għan* ta' l-azzjoni li għandha tittieħed, jiġifieri t-titjib tas-sigurtà marittima fil-Komunità u b'hekk it-tnaqqis tar-riskju ta' diżgrazzji marittimi fil-futur, *ma jistax jintlaħaq* biżżejjed mill-Istati Membri u *jista'* għalhekk, minħabba l-iskala ta' l-azzjoni jew ta' l-effetti ta' l-azzjoni, *jintlaħaq* aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu *meħtieġ* sabiex *jintlaħaq dak l-għan*.

(22) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li teżiġi l-proċeduri għal eżerċizju ta' setgħat implementattivi mogħtija lill-Kummissjoni ([2]).

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Is-Suġġett

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tittejjeb is-sigurtà marittima u b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' diżgrazzji marittimi billi:

a) jiġi ffaċilitat li jsiru investigazzjonijiet u analiżi xierqa fil-pront ta' diżgrazzji u okkorrenzi marittimi u

b) jiġi żgurat li jsir rappurtar preċiż u f'waqtu ta' investigazzjonijiet dwar is-sigurtà u proposti għal azzjoni ta' rimedju.

L-investigazzjonijiet skond din id-Direttiva m'għandhomx ikollhom x'jaqsmu mad-determinazzjoni tar-responsabbiltà u ***lanqas mad-deċiżjoni*** ta' fuq min se jaqa' t-tort.

([1]) ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1. *Regolament* kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1891/2006, *(ĠU L 394, 30.12.2006, p. 1)*.

([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. *Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11)*.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 2

Il-kamp ta' applikazzjoni

1. ***B'konformita? ma' l-obbligi ta' l-Istati Membri skond il-Konvenzjoni dwar il-Liġi ta' l-Ibħra (UNCLOS),*** *din* id-Direttiva għandha tapplika għal diżgrazzji, okkorrenzi u sinjali ta' allarm marittimi li:

a) jinvolvu bastimenti li jtajru l-bandiera ta' xi wieħed mill-Istati Membri, jew

b) iseħħu fil-limiti ta' żoni li l-Istati Membri huma intitolati li jeżerċitaw il-ġuriżdizzjoni tagħhom fuqhom, jew

c) jinvolvu interessi sostanzjali oħra ta' l-Istati Membri.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal diżgrazzji, okkorrenzi u sinjali ta' allarm marittimi li jinvolvu biss:

a) bastimenti tal-gwerra u bastimenti li jġorru s-suldati u bastimenti oħra li jkunu proprjetà jew li jitħaddmu minn Stat Membru u jintużaw biss għal servizz mhux kummerċjali tal-gvern,

b) bastimenti li ma jitħaddmux b'mezzi mekkaniċi, bastimenti ta' l-injam b'kostruzzjoni primittiva, jotts għad-divertiment u inġenji għad-divertiment, sakemm dawn ma jkunux jew mhumiex se jkunu ekwipaġġati u jġorru aktar minn 12-il passiġġier għal għanijiet kummerċjali,

c) bastimenti ta' mgħodijiet ta' l-ilma interni li jitħaddmu f'mogħdijiet ta' l-ilma interni,

d) bastimenti tas-sajd ta' tul ta' anqas minn 24 metru,

e) unitajiet fissi tat-tħaffir 'il hinn mill-art.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

1. "*SOLAS*" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Ħajja fil-Baħar ta' l-1974 *(SOLAS* 1974), kif emendata mill-Protokolli ta' l-1978 u l-1988.

   "Il-Kodiċi ta' l-*IMO*" tfisser il-Kodiċi għall-Investigazzjoni tad-Diżgrazzji u l-Okkorrenzi Marittimi adottat mill-Organizzazzjni Marittima Internazzjonali permezz tar-Riżoluzzjoni ta' l-Assemblea A.849 tas-27 ta' Novembru 1997 kif ġie emendat.

2. It-termini li ġejjin għandhom jiġu miftiehma skond id-definizzjonijiet misjuba fil-Kodiċi ta' l-*IMO*:

   (a) "Diżgrazzja marittima",

   (b) "Diżgrazzja serja ħafna",

   (c) "Okkorrenza marittima",

   (d) "Investigazzjoni dwar is-sigurtà konnessa ma' okkorrenza jew diżgrazzja marittima",

   (e) "Stat li għandu interessi sostanzjali".

3. It-termini "diżgrazzja serja" u "diżgrazzja inqas serja" għandhom jiġu miftiehma skond id-definizzjonijiet aġġornati li jinsabu fiċ-Ċirkulari 953 *ta' l-MSC* ta' l-*IMO*.

4. It-termini "lanċa ro-ro" u "inġenji tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri" għandhom jiġu miftiehma skond id-definizzjonijiet misjuba fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/35/KE.

5. "L-Istat Membru li jmexxi l-investigazzjoni" jfisser Stat Membru li huwa obbligat li jamministra, jew, fil-każ ta' aktar minn Stat wieħed li jkun interessat sostanzjalment, imexxi, investigazzjoni dwar is-sigurtà skond din id-Direttiva.

6. "Ir-reġistratur tad-data tul il-vjaġġ *(voyage data recorder)*" *(VDR)* għandu jiġi miftiehem skond id-definizzjoni misjuba fir-Riżoluzzjonijiet ta' l-*IMO* A.861(20) u MSC.163 (78).

7. "Sinjal ta' allarm" ifisser sinjal li jingħata minn bastiment, jew informazzjoni minn kwalunkwe sors, li tindika li bastiment, jew il-persuni fuqu jew minnu, ikunu f'periklu fuq il-baħar.

8. "Rakkomandazzjoni dwar is-sigurtà" tfisser kwalunkwe proposta***, inklużi dawk għall-iskopijiet ta' reġistrazzjoni u kontroll, minn waħda minn dawn***:

   a) entità investigattiva ta' l-Istat li jkun qed jamministra jew imexxi l-investigazzjoni dwar is-sigurtà rigward diżgrazzja jew okkorrenza marittima abbażi ta' l-informazzjoni miġjuba minn dik l-investigazzjoni; jew, f'każi fejn ikun jixraq,

   b) mill-Kummissjoni***, bl-għajnuna ta' l-Aġenzija u*** abbażi ta' analiżi tad-data astratta ***u r-riżultati ta' investigazzjonijiet li jkunu saru***.

Artikolu 4

L-istatus ta' l-investigazzjonijiet dwar is-sigurtà

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, skond is-sistemi ġuridiċi interni rispettivi tagħhom, ir-regoli ta' kif jitmexxew l-investigazzjonijiet dwar is-sigurtà f'każijiet ta' diżgrazzja jew okkorrenza marittima. Permezz ta' dan, dawn għandhom jiżguraw li t-tali investigazzjonijiet:

a) ikunu indipendenti minn investigazzjonijiet kriminali jew ***investigazzjonijiet oħrajn*** li jkunu qed isiru fl-istess waqt sabiex tiġi ddeterminata r-responsabbiltà jew biex jingħata t-tort; ***u jkun permess li l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-investigazzjonijiet li bdew taħt din id-Direttiva biss jistgħu jikkontribwixxu għal investigazzjonijiet oħra;*** kif ukoll

b) ma jkunux preklużi, sospiżi jew imdewma minħabba it-tali investigazzjonijiet.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li waqt dawn l-investigazzjonijiet jiġu protetti x-xiehda biex l-istqarrijiet tagħhom u informazzjoni oħra li huma jipprovdu ma jiġux miksuba minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi sabiex dawn l-istqarrijiet jew informazzjoni ma jintużawx f'investigazzjonijiet kriminali f'dawn il-pajjiżi.

2. Ir-regoli li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għandhom jinkludu dispożizzjonijiet sabiex jippermettu:

a) il-kooperazzjoni u l-assistenza reċiproka fl-investigazzjonijiet dwar is-sigurtà f'każijiet ta' xi diżgrazzja jew okkorrenza marittima mmexxija minn Stati Membri oħrajn, jew id-delega lil Stat Membru ieħor ta' l-intrigu li jmexxi l-investigazzjoni dwar diżgrazzja jew okkorrenza marittima skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva*;*

b) il-koordinament, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, ta' l-attivitajiet ta' l-entitajiet investigattivi rispettivi tagħhom sal-punt neċessarju ħalli jinkisbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva *u*

c) miżuri ta' senjalazzjoni bikrija fil-każ ta' diżgrazzja jew okkorenza.

Artikolu 5

L-obbligu li ssir investigazzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li ssir investigazzjoni mill-entità investigattiva msemmija fl-Artikolu 8 wara diżgrazzji marittimi serji jew serji ħafna:

a) li jinvolvu bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu, ġrat fejn ġrat id-diżgrazzja, jew

b) li tkun seħħet fil-limiti taż-żoni li fuqhom huwa intitolat li jeżerċita l-ġuriżdizzjoni tiegħu, irrispettivament mill-bandiera mtajra mill-bastiment(i) involuti fid-diżgrazzja, jew

c) li tinvolvi interess sostanzjali ta' l-Istat Membru, irrispettivament mill-inħawi fejn tkun seħħet id-diżgrazzja u mill-bandiera mtajra mill-bastiment jew bastimenti inkwistjoni.

2. Minnbarra li tinvestiga diżgrazzji serji u serji ħafna, l-entità investigattiva msemmija fl-Artikolu 8 għandha, wara li tkun stabbilixxiet l-fatti inizjali tal-każ, tiddeċiedi jekk għandhiex issir jew le investigazzjoni dwar is-sigurtà ta' okkorrenza marittima, sinjal ta' allarm jew diżgrazzja anqas serja.

Fid-deċiżjoni tagħha, għandha tqis is-serjetà tad-diżgrazzja jew okkorrenza, it-tip ta' bastiment u/jew merkanzija involut/a fis-sinjal ta' l-allarm u/jew kwalunkwe talba mill-awtoritajiet tat-tiftix u s-salvataġġ.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

3. L-ambitu u l-arranġamenti prattiċi għall-amministrazzjoni ta' l-investigazzjonijiet dwar is-sigurtà għandhom jiġu ddeterminati mill-entità investigattiva ta' l-Istat Membru li jkun qed imexxi l-investigazzjoni b'kooperazzjoni ma' l-entitajiet ekwivalenti ta' l-Istati l-oħrajn li jkunu sostanzjalment interessati, b'tali mod u manjiera li jidhrilha li l-aktar li jkunu jistgħu jwasslu għall-kisba ta' l-għanijiet ta' din id-Direttiva, u bil-ħsieb li jilqgħu kontra diżgrazzji u okkorrenzi futuri.

4. L-investigazzjonijiet dwar is-sigurtà għandhom isegwu l-metodoloġija komuni għall-investigazzjoni tad-diżgrazzji u l-okkorrenzi marittimi żviluppata skond l-Artikolu 2(e) tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002. L-adozzjoni***, l-aġġornament*** jew il-modifika tat-tali metodoloġija għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandha tiġi deċiża skond il-proċedura *regolatorja bi skrutinju* stabbilita fl-***Artikolu 19(3)***.

5. Għandha tinbeda investigazzjoni dwar is-sigurtà mill-aktar fis possibbli skond il-prattiċità wara li sseħħ id-diżgrazzja jew l-okkorrenza *marittimi* ***u mhux aktar tard minn xahrejn minn wara li tkun ġrat.***

Artikolu 6

L-obbligu li jitħejja rapport

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu, fil-qafas tas-sistema ġuridika nazzjonali tagħhom, li l-entità investigattiva tagħhom tiġi mgħarrfa minnufih, mill-awtoritajiet responsabbli u/jew mill-partijiet involuti, kull meta jseħħu diżgrazzji u okkorrenzi jew jingħataw sinjali ta' allarm li jaqgħu fil-limiti tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Artikolu 7

Investigazzjonijiet dwar is-sigurtà konġunti

1. F'każi ta' diżgrazzji serji jew serji ħafna li jinvolvu interess sostanzjali għal żewġ Stati Membri jew aktar, l-Istati Membri inkwistjoni għandhom jaqblu mingħajr dewmien liema fosthom se jkun l-Istat Membru li jmexxi l-investigazzjoni. ***Jekk l-Istati Membri konċernati ma jiddeterminawx liema Stat Membru se jmexxi l-investigazzjoni, għandhom jimplimentaw immedjatament rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kwistjoni, ibbażata fuq opinjoni mill-Aġenzija.***

L-Istati Membri għandhom joqgħodu lura milli jmexxu investigazzjonijiet dwar is-sigurtà parallelli dwar l-istess diżgrazzja jew okkorrenza marittima. Huma m'għandhom jieħdu ebda miżura li għandha mnejn timmina l-amministrazzjoni ta' investigazzjoni dwar is-sigurtà li taqa' fil-limiti tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Stat Membru ji sta', b'kunsens komuni, jiddelega lil xi Stat Membru ieħor l-intrigu tat-tmexxija f'investigazzjoni dwar is-sigurtà ta' diżgrazzja jew okkorrenza marittima. Jistà jistieden Stat Membru ieħor jipparteċipa f'tali investigazzjoni.

3. Meta lanċa ro-ro jew biċċa tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri tkun involuta f'okkorrenza, sinjal ta' allarm jew diżgrazzja marittima, il-proċedura ta' investigazzjoni għandha tinfetaħ mill-Istat Membru li fl-ibħra tiegħu jkun seħħ l-inċident jew okkorrenza jew, jekk dan ikun seħħ f'ibħra ekstraterritorjali, mill-aħħar Stat Membru fejn il-lanċa jew il-biċċa tal-baħar tkun żaret.

Dan l-Istat għandu jibqa' responsabbli mill-investigazzjoni u l-koordinament ma' l-Istati Membri l-oħrajn li jkunu sostanzjalment interessati sakemm jasal iż-żmien meta jintlaħaq qbil reċiproku dwar liema Stat fosthom għandu jmexxi l-investigazzjoni.

Artikolu 8

Entitajiet investigattivi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-investigazzjonijiet dwar is-sigurtà rigward diżgrazzji marittimi jitmexxew taħt ir-responsabbiltà ta' organizzazzjoni jew entità ***investigattiva (minn*** hawn 'il quddiem imsejħa "entità investigattiva")***, li għandha s-setgħat neċessarji, fuq bażi permanenti, u li tikkonsisti minn investigaturi li huma kwalifikati kif jixraq*** *fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu* ma' diżgrazzji u *okkorrenzi* marittimi.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Dik l-entità investigattiva għandha tkun, b'mod partikolari, funzjonalment indipendenti mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-aċċertar li l-bastimenti jilħqu l-istandards biex jitħallew ibaħħru, miċ-ċertifikazzjoni, l-ispezzjoni, ir-riżorsi umani, in-navigazzjoni bla periklu, il-manutenzjoni, il-kontroll tat-traffiku marittimu, il-kontroll statali tal-portijiet, l-operat tal-portijiet marittimi ***ta' korpi responsabbli minn investigazzjonijiet għall-iskopijiet ta' responsabilta?u infurzar tal-liġi*** u, b'mod ġenerali, minn kull parti li l-interessi tagħha jafu jkunu konflinġenti mal-kompitu afdat f'idejha.

2. L-entità investigattiva għandha tiżgura li l-investigaturi individwali jkollhom għarfien u esperjenza prattiċi f'dawk l-oqsma li jkollhom x'jaqsmu mad-dmirijiet investigattivi normali tagħhom. Barraminnhekk, l-entità investigattiva għandha tiżgura li tkun lesta li tagħti aċċess lil esperti adatti, jekk dawn ikun meħtieġa.

3. L-attivitajiet fdati lill-entità investigattiva jistgħu jiġu estiżi għall-ġabra u l-analiżi ta' data relatata massigurtà marittima, b'mod partikolari għal skopijiet ta' prevenzjoni, sakemm dawn l-attivitajiet ma jaffetwawx l-indipendenza tagħha u ma jinkludux responsabbilità f'affarijiet regolatorji, amministrattivi jew ta' standardizzazzjoni.

4. L-Istati Membri, li jkunu qed jaġixxu fil-qafas tas-sistemi ġuridiċi rispettivi tagħhom, u fejn ikun xieraq b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet responsabbli mill-inkjesta ġuridika, għandhom jirrikjedu li l-investigaturi fi ħdan l-entità investigattiva, jew fi ħdan kwalunkwe entità investigattiva oħra li din tkun iddelegatilha l-intrigu ta' l-investigazzjoni, jkunu awtorizzati li:

a) jkollhom aċċess liberu għal kwalunkwe sit tad-diżgrazzja jew żona relevanti kif ukoll għal kwalunkwe bastiment, relitt, jew struttura li tkun tinkludi merkanzija, tagħmir jew bċejjeċ li jirriżultaw mid-diżgrazzja,

b) jiżguraw li minnufih isir elenku ta' l-evidenza u t-tiftix ikkontrollat għar-relitt, bċejjeċ li jirriżultaw middiżgrazzja jew komponenti jew sustanzi oħra u t-tneħħija tagħhom ħalli dawn jittieħdu biex jiġu eżaminati jew analizzati,

c) jirrikjedu l-eżami jew l-analiżi ta' l-oġġetti msemmija fil-punt (b), u jkollhom aċċess liberu għar-riżultati tat-tali eżamijiet jew analiżi,

d) ikollhom aċċess liberu għal kwalunkwe informazzjoni relevanti u data rreġistrata, inkluża d-data tarreġistratur tad-data tul il-vjaġġ *(VDR)*, konnessa ma' xi bastiment, vjaġġ, merkanzija, ekwipaġġ jew kwalunkwe persuna, oġġett, kundizzjoni jew ċirkustanza, flimkien mal-jedd li jikkupjawha u jutilizzawha,

e) ikollhom aċċess liberu għar-riżultati ta' l-eżamijiet ta' l-iġsma tal-vittmi jew ta' testijiet fuq kampjuni li jkunu ttieħdu mill-iġsma tal-vittmi,

f) jirrikjedu u jkollhom aċċess liberu għar-riżultati ta' l-eżamijiet ta' persuni involuti fl-operat tal-vapur jew kwalunkwe persuna relevanti oħra, jew ta' testijiet fuq kampjuni mittieħda minnhom,

g) jeżaminaw ix-xhieda mingħajr il-preżenza ta' kwalunkwe persuna oħra li l-interessi tagħha jitqiesu millinvestigaturi bħala ostakolanti għall-investigazzjoni dwar is-sigurtà,

h) jakkwistaw dokumenti ta' *survery* u informazzjoni relevanti miżmuma mill-Istat tal-bandiera, is-sidien, issoċjetajiet ta' klassifikazzjoni jew kwalunkwe parti relevanti oħra, kull meta dawk il-partijiet jew irrappreżentanti tagħhom ikunu stabbiliti fl-Istat Membru,

i) jitolbu għal assistenza mill-awtoritajiet relevanti fl-Istati rispettivi, inklużi s-servejers ta' l-Istat tal-port u dak tal-bandiera, l-uffiċjali li jgħassu l-kosta, l-operaturi tas-servizzi tat-traffiku tal-basimenti, l-iskwadri tat-tiftix u s-salvataġġ, il-bdoti jew staff tal-port jew marittimu ieħor.

5. L-entità investigattiva għandha tingħata l-jedd li tirreaġixxi minnufih kull meta tiġi mgħarrfa b'xi diżgrazzja, u li tikseb riżorsi suffiċjenti sabiex twettaq ħidmietha b'mod indipendenti. L-investigaturi tagħha għandhom jingħataw status li jintitolhom għall-garanziji neċessarji ta' indipendenza.

6. L-entità investigattiva ti sta' tgħaqqad il-kompiti tagħha skond din id-Direttiva mal-ħidma ta' investigazzjonijiet ta' okkorrenzi għajr diżgrazzji marittimi bil-kundizzjoni li t-tali investigazzjonijiet ma jipperikolawx l-indipendenza tagħha.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 9

Is-segretezza tar-reġistri

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri li ġejjin ma jkunux disponibbli ħlief għall-finijiet ta' l-investigazzjoni dwar ***is-sigurtà:***

a) kull evidenza tax-xhieda u stqarrijiet, kontijiet u noti oħra meħuda jew riċevuti mill-entità investigattiva matul l-investigazzjoni dwar is-sigurtà,

b) rekords li juru l-identità tal-persuni li jkunu taw xhieda fil-kuntest ta' l-investigazzjoni dwar is-sigurtà,

c) informazzjoni medika jew privata dwar il-persuni involuti fid-diżgrazzja jew l-okkorrenza.

Artikolu 10

Qafas ta' kooperazzjoni permanenti

1. L-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, għandhom jistabbilixxu qafas ta' kooperazzjoni permanenti li jagħmilha possibbli għall-entitajiet investigattivi rispettivi tagħhom dwar is-sigurtà rigward id-diżgrazzji jew inċidenti marittimi sabiex jikkoperaw bejniethom u mal-Kummissjoni sa fejn ikun meħtieġ ħalli jinkisbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva.

2. Ir-regoli proċedurali tal-qafas ta' kooperazzjoni permanenti u l-arranġamenti organizzattivi rikjesti minnhom għandhom jiġu deċiżi skond il-proċedura *regolatorja* stabbilita fl-*Artikolu 19(2)*.

3. L-entitajiet investigattivi fl-Istati Membri u l-Kummissjoni, fi ħdan il-qafas ta' kooperazzjoni permanenti, għandhom jiftiehemu, b'mod partikolari, dwar l-aħjar modalitajiet ta' kooperazzjoni sabiex:

a) jużaw bejniethom l-istess installazzjonijiet, l-impjanti u t-tagħmir għall-investigazzjoni teknika tar-relitt u t-tagħmir tal-bastiment u oġġetti oħra relevanti għall-investigazzjoni dwar is-sigurtà, inklużi l-estrazzjoni u l-evalwazzjoni ta' l-informazzjoni mir-reġistraturi tad-data tul il-vjaġġ *(voyage data recorders)* u tagħmir elettroniku ieħor,

b) jipprovdu lil xulxin il-kooperazzjoni u l-ħiliet tekniċi meħtieġa sabiex jitwettqu kompiti speċifiċi,

c) jiksbu u jużaw bejniethom informazzjoni relevanti għall-analiżi tad-data dwar id-diżgrazzja u jagħmlu rakkomandazzjonijiet xierqa dwar is-sigurtà fuq livell Komunitarju,

d) ifasslu prinċipji komuni għas-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà u għall-addattament ta' metodi investigattivi għall-iżvilupp ta' progress tekniku u xjentifiku,

e) jistabbilixxu regoli dwar il-kunfidenzjalità sabiex jiġu kondiviżi l-evidenza tax-xhieda u l-ipproċessar tad-data,

f) jorganizzaw, meta jkun xieraq, l-attivitajiet ta' taħriġ relevanti għall-investigaturi individwali,

g) jippromwovu l-kooperazzojni ma' l-entitajiet jew organizzazzjonijiet investigattivi ta' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għall-investigazzjoni ta' l-inċidenti marittimi fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.

4. Kwalunkwe Stat Membru li l-impjanti jew is-servizzi tiegħu ntużaw, jew normalment ikunu ntużaw, minn bastiment qabel diżgrazzja jew okkorrenza, u li għandu informazzjoni konnessa ma' l-investigazzjoni, għandu jgħaddi t-tali informazzjoni lill-entità investigattiva li tkun qed tmexxi l-investigazzjoni.

Artikolu 11

L-ispejjeż

L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jevitaw milli jitolbu ħlas għall-għoti ta' kwalunkwe assistenza meħtieġa minn Stati Membri oħra għall-finijiet ta' l-amministrazzjoni ta' investigazzjonijiet dwar is-sigurtà skond din id-Direttiva.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 12

Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi li jkollhom interess sostanzjali

1. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw, sa kemm possibbilment jistgħu, ma' pajjiżi terzi li jkollhom interess sostanzjali fl-investigazzjoni ta' diżgrazzji tal-baħar.

2. Il-pajjiżi terzi li jkollhom interess sostanzjali għandhom, b'kunsens reċiproku, jitħallew jissieħbu f'investigazzjoni dwar is-sigurtà mmexxija minn Stat Membru skond it-termini ta' din id-Direttiva fi kwalunkwe stadju ta' l-investigazzjoni.

3. Il-kooperazzjoni ta' Stat Membru f'investigazzjoni mmexxija minn pajjiż terz li jkollu interess sostanzjali m'għandhiex tippreġudika l-ħtiġijiet amministrattivi u ta' rappurtar ta' l-investigazzjonijiet dwar is-sigurtà rigward diżgrazzji jew okkorrenzi marittimi skond din id-Direttiva.

Artikolu 13

Iż-żamma ta' l-evidenza

L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri sabiex jiżguraw li l-partijiet involuti f'diżgrazzji, okkorrenzi u sinjali ta' allarm taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jagħmlu kull sforz possibbli sabiex jinkiseb dan li ġej:

a) li jirreġistraw l-informazzjoni kollha minn tabelli, ġurnal ta' abbord, każetts tal-vidjo u reġistrazzjonijiet elettroniċi u manjetiċi, inkluża l-informazzjoni mir-reġistraturi tad-data tul il-vjaġġ *(voyage data recorders)* u apparat elettroniku ieħor konness mal-perjodu ta' qabel, waqt u wara xi inċident,

b) li jżommu milli t-tali informazzjoni titħassar billi tiġi rreġistrata fuqha informazzjoni oħra jew titbiddel b'xi mod ieħor,

c) li jwaqqfu milli ssir interferenza ma' kwalunkwe apparat ieħor, meta dan l-apparat ji sta' b'mod raġjonevoli jitqies bħala konness ma' l-investigazzjoni ta' l-inċident,

d) li, minnufih, jiġbru u jżommu kull evidenza għall-finijiet ta' l-investigazzjonijiet dwar is-sigurtà marittima f'disgrazzja jew inċident.

Artikolu 14

Ir-rapporti dwar l-inċidenti

1. L-investigazzjonijiet dwar is-sigurtà rigward id-diżgrazzji u l-okkorrenzi marittimi mwettqa skond it-termini ta' din id-Direttiva għandhom jidhru f'rapport ippubblikat ippreżentat skond il-linji ta' gwida ffissati fl-Anness I.

2. L-entitajiet investigattivi għandhom jagħmlu l-almu tagħhom sabiex ir-rapport ikun disponibbli għall-pubbliku***, u b'mod speċjali għas-settur marittimu kollu, li se jirċievi konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet speċifiċi, meta jkun meħtieġ,*** fi żmien 12-il xahar minn dakinhar tad-diżgrazzja. Jekk ma jkunx possibbli li r-rapport finali joħroġ f'waqtu, għandu jiġi ppubblikat rapport interim fi żmien 12-il xahar minn dakinhar tad-diżgrazzja jew l-okkorrenza.

3. L-entità investigattiva ta' l-Istat Membru li jmexxi l-investigazzjoni għandha tibgħat lill-Kummissjoni kopja tar-rapport finali jew ta' dak interim. Din għandha tqis l-osservazzjoni possibbli min-naħa tal-Kummissjoni għat-titjib tal-kwalità tar-rapport bl-aktar mod li jwassal sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva.

4. Kull tliet snin il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni lill-Parlament Ewropew f'forma ta' rapport li għandu jistipula l-grad ta' implimentazzjoni u konformita? ma' din id-Direttiva, kif ukoll passi oħra li hemm bżonn jittieħdu fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet stipulati fir-rapport.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 15

Rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà li jkunu saru mill-entitajiet investigattivi jingħataw il-piż li jixirqilhom minn dawk indirizzati u, fejn ikun il-każ, tittieħed azzjoni dwarhom skond id-dritt Komunitarju u dak internazzjonali. ***Il-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' l-Aġenzija, għandha tinkorpora fil-metodoloġija konġunta l-konklużjonijiet tar-rapporti ta' diżastri u r-rakkomandazzjonijiet ta' sikurezza li hemm fihom.***

2. Fejn ikun il-każ, xi entità investigattiva jew il-Kummissjoni***, bl-għajnuna ta' l-Aġenzija,*** għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà abbażi ta' analiżi tad-data b'mod astratt ***u tar-riżultati ta' kwalunkwe investigazzjonijiet li jkunu saru***.

3. Rakkomandazzjoni dwar is-sigurtà jew rakkomandazzjoni interim fl-ebda ċirkustanza m'għandha tiġġudika fuq min jaqa' t-tort jew ir-responsabbiltà ta' xi diżgrazzja.

Artikolu 16

Sistema ta' allarm minn kmieni

Jekk l-entità investigattiva ta' xi Stat Membru jidhrilha, f'xi stadju ta' investigazzjoni ta' inċident jew diżgrazzja marittima, li hemm bżonn ta' azzjoni urġenti fuq livell Komunitarju sabiex jiġi pprevenut ir-riskju ta' diżgrazzji oħra, din għandha mingħajr telf ta' żmien tinforma lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li dawk konċernati jiġu allarmati minn kmieni.

Il-Kummissjoni għandha tixtarr il-kwistjoni minnufih u, jekk ikun neċessarju, toħroġ nota ta' twissija għall-attenzjoni ta' l-awtoritajiet responsabbli fl-Istati Membri kollha l-oħra, l-industrija tat-tbaħħir, u lil kwalunkwe parti relevanti oħra.

Artikolu 17

Id-database Ewropew dwar id-diżgrazzji marittimi

1. Id-data dwar id-diżgrazzji u l-okkorrenzi marittimi għandha tinżamm u tiġi analizzata permezz ta' database elettroniku Ewropew li għandu jitwaqqaf mill-Kummissjoni, li għandu jissejjaħ il-Pjattaforma Ewropea ta' l-Informazzjoni dwar id-Diżgrazzji tal-Baħar *(EMCIP — European Marine Casualty Information Platform)*.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet intitolati li jingħatalhom aċċess għad-database.

3. L-entitajiet investigattivi ta' l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar id-diżgrazzji u l-okkorrenzi marittimi skond il-format ta' l-Anness II. Huma għandhom jipprovdu wkoll lill-Kummissjoni d-data li tirriżulta mill-investigazzjonijiet dwar is-sigurtà rigward l-okkorrenzi u d-diżgrazzji tal-baħar skond l-iskema tad-database *EMCIP*.

4. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-entitajiet investigattivi ta' l-Istati Membri dwar ir-rekwiżiti u l-iskala taż-żmien tal-proċeduri tan-notifika u r-rapportar.

Artikolu 18

Trattament ġust tal-baħħara

L-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-linji gwida IMO dwar it-trattament ġust tal-baħħara fil-każ ta' diżgrazzja marittima.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 19

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (COSS) istitwit permezz ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill *tal-5 ta' Novembru 2002* [1].

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, *għandhom* japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu *stipulat* fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal xahrejn.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 ta' l-istess Deċiżjoni.

Artikolu 20

Setgħat biex isiru emendi

Il-Kummissjoni ti sta' taġġorna d-definizzjonijiet f'din id-Direttiva, u r-riferenzi għall-atti Komunitarji u l-istrumenti ta' l-*IMO*, skond il-proċedura *regolatorja* imsemmija fl-*Artikolu 19(2)* sabiex tikkonformahom mal-miżuri Komunitarji jew ta' l-*IMO* li daħlu fis-seħħ, suġġetta għall-osservanza tal-limiti ta' din id-Direttiva.

Filwaqt li taġixxi skond l-istess proċedura, il-Kummissjoni tista' temenda wkoll l-Annessi.

Artikolu 21

Miżuri addizzjonali

M'hemm xejn f'din id-Direttiva li għandu jżomm lil xi Stat Membru milli jieħu miżuri addizzjonali dwar is-sigurtà marittima li mhumiex koperti minn din id-Direttiva, sakemm it-tali miżuri ma jiksrux lil din id-Direttiva jew b'xi mod jaffettwaw b'mod negattiv il-kisbiet li hija mmirata lejhom***, u lanqas tipperikola r-realizzazzjoni ta' l-objettivi ta' l-Unjoni***.

Artikolu 22

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali li jistgħu jiġu applikati għall-kontravenzjonijiet kontra d-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u diżwassivi.

Artikolu 23

Emendi ta' atti eżistenti

1. L-Artikolu 12 tad-Direttiva 1999/35/KE jitħassar.

2. L-Artikolu 11 tad-Direttiva 2002/59/KE jitħassar.

[1] ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1. *Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 93/2007 (ĠU L 22, 31.1.2007, p. 12).*

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 24

It-traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn … Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella li turi l-korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza meta dawn jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha issir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 25

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 26

Id-destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi, …

Għall-Parlament Ewropew	Għall-Kunsill
Il-President	*Il-President*

ANNESS I

IL-FORMAT U L-KONTENUT TAR-RAPPORT RIGWARD INVESTIGAZZJONIJIET DWAR IS-SIGURTÀ

Kelmtejn qabel

Dan jidentifika l-uniku għan ta' l-investigazzjoni dwar is-sigurtà, li rakkomandazzjoni dwar is-sigurtà fl-ebda każ ma toħloq preżunzjoni ta' responsabbiltà jew tort, u li r-rapport ma jkunx inkiteb, f'dawk li huma kontenut u stil, bl-intenzjoni li jintuża fi proċeduri ġuridiċi.

(Ir-rapport m'għandu jagħmel l-ebda referenza għal evidenza tax-xhieda u lanqas jorbot lil xi ħadd li jissemma fir-rapport ma' xi persuna li tkun tat xhieda matul l-investigazzjoni.)

1. Sommarju

Din il-parti tagħti ħarsa ġenerali tal-fatti bażiċi tad-diżgrazzja jew l-okkorrenza tal-baħar: x'ġara, meta, fejn u kif; u tistqarr jekk irriżultax li kien hemm xi mwiet, korrimenti, danni lill-bastiment, lill-merkanzija, lil partijiet terzi jew lill-ambjent.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

2. Informazzjoni fattwali

Din il-parti tinkludi għadd ta' taqsimiet diskreti, li jipprovdu informazzjoni suffiċjenti li l-entità investigattiva tifhem li hija fattwali, u li minnha timla b'mod komplet il-partijiet relevanti tad-database Ewropew dwar id-diżgrazzji fuq il-baħar, tissostanzja l-analiżi u tiffaċilita li wieħed jifhem.

Dawn it-taqsimiet għandhom, talanqas, jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

2.1. Id-dettalji tal-bastiment:

— Il-bandiera mtajra mill-vapur/ir-reġistru li fih huwa mniżżel,

— L-identifikazzjoni tal-bastiment,

— Il-karatteristiċi ewlenin tal-vapur,

— Is-sidien u dawk li jimmaniġġjawh,

— Id-dettalji tal-kostruzzjoni,

— L-istaff minimu biex tiġi assigurata s-sigurtà,

— Il-merkanzija awtorizzata.

2.2. Id-dettalji tal-vjaġġ:

— Il-portijiet li żar,

— It-tip ta' vjaġġ,

— Informazzjoni dwar il-merkanzija,

— Ir-riżorsi umani.

2.3. L-informazzjoni dwar id-diżgrazzja jew l-okkorrenza marittima:

— It-tip ta' diżgrazzja jew okkorrenza marittima,

— Id-data u l-ħin,

— Il-pożizzjoni u l-inħawi tad-diżgrazzja jew okkorrenza marittima,

— L-ambjent estern u intern,

— L-operat tal-vapur u t-taqsima tal-vjaġġ,

— Il-post abbord,

— Data dwar il-fatturi umani,

— Il-konsegwenzi (lil persuni, il-bastiment, il-merkanzija, l-ambjent, oħrajn).

2.4. L-involviment ta' l-awtorità tax-xatt u r-reazzjoni ta' emerġenza:

— Min kien involut,

— Il-mezzi użati,

— Il-ħeffa tar-reazzjoni,

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

— L-azzjonijiet meħuda,

— Ir-riżultati miksuba.

Minbarra li tipprovdi d-dettalji neċessarji u informazzjoni oħra ta' l-isfond, din il-parti tar-rapport tinkludi r-riżultati ta' kwalunkwe eżamijiet jew testijiet relevanti u kwalunkwe azzjoni ta' sigurtà li għandha mnejn tkun diġà ttieħdet sabiex tipprevjeni milli jseħħu diżgrazzji marittimi futuri.

3. In-narrattiva

Din il-parti tirrakonta d-diżgrazzja jew okkorrenza marittima permezz ta' sekwenza ta' ġrajjiet, f'ordni kronoloġika li twassal sa qabel, waqt u wara d-diżgrazzja jew okkorrenza marittima u l-involviment ta' kulmin kien imdaħħal fiha (jiġifieri persuni, materjal, l-ambjent, apparat jew aġenti esterni). Il-perjodu kopert minnarrattiva jiddependi mis-sekwenza taż-żmien ta' dawk l-ġrajjiet inċidentali partikolari li kkontribwew direttament għad-diżgrazzja jew okkorrenza marittima.

4. L-analiżi

Din il-parti tinkludi għadd ta' taqsimiet diskreti, li jipprovdu analiżi ta' kull ġrajja inċidentali, b'kummenti marbuta mar-riżultati ta' kwalunkwe eżamijiet jew testijiet relevanti li jkunu saru tul l-investigazzjoni u kwalunkwe azzjoni ta' sigurtà li għandha mnejn tkun diġà ttieħdet sabiex jiġu pprevenuti d-diżgrazzji marittimi futuri.

Dawn it-taqsimiet għandhom ikopru kwistjonijiet bħal:

— Il-kuntest u l-ambjent tal-ġrajja inċidentali,

— Azzjonijiet żbaljati jew nuqqasijiet umani, avvenimenti li jinvolvu materjal perikoluż, effetti fuq l-ambjent, ħsarat fl-apparat, u influwenzi esterni,

— Il-fatturi kontributorji li jinvolvu funzjonijiet marbuta ma' persuni, operazzjonijiet abbord il-vapur (shipboard operations), amministrazzjoni tax-xatt jew influwenza regolatorja.

L-analiżi u l-kummentarju jagħmluha possibbli għar-rapport sabiex jagħmel konklużjonijiet loġiċi, jistabbilixxi l-fatturi kontributorji kollha, jinkludi dawk b'riskji li għalihom id-difiżi eżistenti mmirati lejn il-prevenzjoni ta' ġrajjiet inċidentali, u/jew dawk immirati lejn l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tal-konsegwenzi tagħhom, jinstabu li jew mhumiex adegwati inkella nieqsa.

5. Konklużjonijiet

Din il-parti tikkonsolida l-fatturi kontributorji stabbiliti u d-difiżi nieqsa jew inadegwati (materjali, funzjonali, simboliċi jew proċedurali) li għalihom għandhom jiġu żviluppati azzjonijiet ta' sigurtà sabiex jiġu pprevenuti d-diżgrazzji marittimi futuri.

6. Rakkomandazzjonijiet ta' sigurtà

Meta jkun il-każ, din il-parti tar-rapport tinkludi rakkomandazzjonijiet tas-sigurtà dderivati mill-analiżi u l-konklużjonijiet u li jorbtu ma' oqsma partikolari, bħal-leġiżlazzjoni, it-tifsil, il-proċeduri, l-ispezzjoni, it-tmexxija, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, it-taħriġ, ix-xogħol ta' tiswija, il-manutenzjoni, l-assistenza max-xatt u r-reazzjoni ta' emerġenza.

Ir-rakkomandazzjonijiet ta' sigurtà huma indirizzati lil dawk li jkunu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jimplimentawhom, bħal sidien il-bastimenti, il-maniġers, organizzazzjonijiet rikonoxxuti, awtoritajiet marittimi, servizzi ta' traffiku tal-bastimenti, entitajiet ta' l-emerġenza, organizzazzjonijiet marittimi internazzjonali u l-istituzzjonijiet Ewropej, bil-ħsieb li jiġu pprevenuti d-diżgrazzji marittimi futuri.

Din il-parti tinkludi wkoll kwalunkwe rakkomandazzjonijet tas-sigurtà interim li jafu jkunu saru matul l-investigazzjoni tas-sigurtà.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

7. Appendiċi

Fejn ikun il-każ, il-lista li ġejja li mhix waħda eżawrjenti tinthemeż mar-rapport f'format elettroniku u/jew stampat:

— Ritratti, xbihat iffilmjati, reġistrazzjonijiet ta' ħsejjes, tabelli, tpinġijiet,

— L-istandards applikabbli,

— It-termini tekniċi u l-abbrevjazzjonijiet użati,

— Studji speċjali dwar is-sigurtà,

— Tagħrif mixxellanju.

ANNESS II

DATA TA' NOTIFIKA RIGWARD DIŻGRAZZJI JEW OKKORRENZI MARITTIMI

(Parti mill-Pjattaforma Ewropea ta' l-Informazzjoni dwar id-Diżgrazzji tal-Baħar)

01. L-Istat Membru responsabbli / persuna li għandha tiġi kkuntattjata

02. L-Istat Membru investigatur

03. Ir-rwol ta' l-Istat Membru

04. L-istat kostali affettwat

05. In-numru ta' stati li għandhom interess sostanzjali

06. L-istati li għandhom interessi sostanzjali

07. L-entità notifikatriċi

08. Ħin tan-notifika

09. Data tan-notifika

10. Isem il-bastiment

11. In-numru ta' l-*IMO* / ittri distintivi

12. Bandiera mtajra mill-bastiment

13. It-tip ta' diżgrazzja jew l-okkorrenza marittima

14. It-tip tal-bastiment

15. Id-data tad-diżgrazzja jew l-okkorrenza marittima

16. Il-ħin tad-diżgrazzja jew l-okkorrenza marittima

17. Pożizzjoni — Latitudni

18. Pożizzjoni — Lonġitudni

19. L-inħawi tad-diżgrazzja jew l-okkorrenza marittima

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

20. Il-port minn fejn salpa l-bastiment

21. Il-port fejn kien destinat

22. L-iskema ta' separazzjoni tat-traffiku

23. It-taqsima tal-vjaġġ

24. L-operat tal-bastiment

25. Il-post abbord

26. Imwiet:

— Ekwipaġġ

— Passiġġieri

— Oħrajn

27. Korrimenti gravi:

— Ekwipaġġ

— Passiġġieri

— Oħrajn

28. Tniġġis

29. Dannu lill-bastiment

30. Dannu lill-merkanzija

31. Dannu ieħor

32. Deskrizzjoni qasira tad-diżgrazzja jew l-okkorrenza marittima

Nota: In-numri sottolineati jfissru li d-data għandha tiġi pprovduta għal kull bastiment jekk aktar minn bastiment wieħed ikun involut fid-diżgrazzja jew l-okkorrenza marittima.

P6_TA(2007)0148

Responsabbiltà ta' min iġorr passiġġieri bid-dgħajjes f'każ ta' inċidenti ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-25 ta' April 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-responsabbiltà ta' min iġorr passiġġieri bil-baħar u fuq ilmijiet interni f'każ ta' inċidenti (COM(2005)0592 — C6-0057/2006 — 2005/0241(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0592) [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 80(2) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0057/2006),

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0063/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TC1-COD(2005)0241

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' April 2007 bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament (KE) Nru .../2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-obbligazzjoni ta' min iġorr il-passiġġieri *bil-baħar f'każ* ta' *aċċidenti*

(Test b'relevanza EEA)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

B'referenza għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita` Ewropea, u b'mod partikulari Artikoli 71(1) u 80(2) marbuta miegħu,

B'referenza għall-proposta mill-*Kummissjoni*,

B'referenza għall-opinjoni tal-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali [1],

B'referenza għall-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

Li jaġixxi skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 251 tat-Trattat [3],

Billi:

(1) Fi ħdan l-istruttura ta' politika komuni tat-trasport, iridu jkunu adottati aktar miżuri biex itejbu s-sigurta` fit-trasport marittimu u tal-kanali fil-maghluq. Dawk il-miżuri jinkludi r-regoli ta' obbligazzjoni għall-ħsara kkawżata lill-passiġġieri; minħabba li hu importanti li jkun żgurat livell xieraq ta' kumpens għall-passiġġieri involuti f'*aċċidenti* ***marittimi***.

(2) Il-Protokoll ta' l-2002 tal-Konvenzjoni ta' Ateni Marbuta mal-Ġarr tal-Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom bil-Baħar, 1974 kien adottat fl-1 ta' Novembru 2002 taħt l-awspiċi ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO). [li fiha ssieħbet il-Komunita` [4]].

(3) Il-Konvenzjoni ta' Ateni 2002, Marbuta mal-Ġarr tal-Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom bil-Baħar, 1974 kif emendata mill-Protokoll tal-2002 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Il-Konvenzjoni ta' Ateni 2002") tgħodd għat-trasport internazzjonali biss. Fis-suq marittimu intern, tneħħiet id-distinzjoni bejn trasport nazzjonali u internazzjonali u għalhekk jixraq li jkun hemm l-istess livell u tip ta' obbligazzjoni kemm fit-trasport internazzjonali kif ukoll f'dak nazzjonali ***fil-Komunità.***

---

[1] *ĠU C 318, 23.12.2006, p. 195.*
[2] *ĠU C 229, 22.9.2006, p. 38.*
[3] *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' April 2007.*
[4] Daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill li adottat id-dokument.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

(4) L-arranġamenti ta' l-assigurazzjoni rikjesti taħt il-Konvenzjoni ta' Ateni 2002 għandhom ikunu xierqa għall-kapaċitajiet finanzjarji tas-sidien tal-vapuri u tal-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni. Is-sidien tal-vapuri għandhom ikunu f'pożizzjoni li jimmaniġġjaw l-arranġamenti ta' l-assigurazzjoni tagħhom b'mod ekonomikament aċċettabbli u, b'mod partikulari fil-każ ta' kumpanniji tat-tbaħħir żgħar li joperaw servizzi nazzjonali ta' trasport, għandha titqies in-natura staġunali ta' l-operazzjonijiet tagħhom. Il-perjodu tranżizzjonali li hu pprovdut għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jkun twil biżżejjed li jippermetti li l-assigurazzjoni obbligatorja prevista mill-Konvenzjoni ta' Ateni ta' l-2002 tkun implimentata mingħajr ma taffettwa l-iskemi ta' assigurazzjoni eżistenti.

(5) Jixraq li min iġorr ikun obbligat biex jagħmel ħlas bil-quddiem fil-każ ta' mewt jew korriment ta' passiġġier, ***fejn il-ħlas bil-quddiem ma jikkostitwixxix l-għarfien ta' responsabbiltà***…

(6) *Informazzjoni* xierqa ***, sħiħa u li tinftiehem*** dwar id-drittijiet mogħtija lill-passiġġieri lil dawk il-passiġġieri qabel il-vjaġġ.

(7) Kull emenda għall-Konvenzjoni *ta' Ateni* se tiddaħħal fil-leġiżlazzjoni tal-Komunita`, sakemm dik l-emenda mhix eskluża wara l-proċedura taħt Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi Kumitat dwar l-Ibħra Siguri u l-Prevenzjoni tat-Tniġġiż mill-Vapuri (COSS) u jemenda r-Regolamenti dwar is-sigurta` marittima u l-prevenzjoni tat-tniġġiż mill-vapuri [1].

(8) L-Aġenzija Ewropea dwar is-Siġurta` Marittima (EMSA) imwaqqfa permezz ta' Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], għandha tgħin lill-Kummissjoni *fit-tħejjija* u l-abbozzar ta' rapport dwar il-funzjonament tar-regoli l-ġodda u fil-proposti għall-emendi għall-Konvenzjoni ta' Ateni 2002.

(9) Minħabba l-ħtieġa li jkun hemm konsultazzjoni akbar fost l-Istati Membri fuq kwistjonijiet ta' sikurezza marittima, huwa vitali li jkunu evalwati mill-ġdid il-Kompetenzi ta' l-EMSA u possibilment li jkun ikkunsidrat għandhomx ikunu estiżi l-poteri tagħha.

(10) L-awtoritajiet nazzjonali, b'mod partikolari l-awtoritajiet tal-port, jilagħbu parti fundamentali u vitali fl-identifikazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji varji għas-sikurezza marittima.

(11) *Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jinħoloq* sett wieħed ta' regoli li jkopri d-drittijiet ta' min iġorr u tal-passiġġieri tiegħu f'każ ta' xi *aċċident*, ma *jistax jintlaħaq* sew mill-Istati Membri u *jista'* għalhekk, minħabba l-bżonn biex ikunu żgurati limiti identiċi ta' obbligazzjoni fl-Istati Membri kollha, *jintlaħaq* aħjar fuq livell ta' Komunita`, il-Komunita` ti sta' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjeta` kif stipulat f'Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalita`, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex *jintlaħaq dak l-għan*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' obbligazzjoni uniformi għall-ġarr ta' passiġġieri bil-*baħar*.

Għal dak il-għan, dan ir-Regolament jinkorpora d-dispożizzjonijiet relevanti tal-Konvenzjoni ta' Ateni Marbuta mal-Ġarr ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom bil-Baħar, 1974, kif emendata mill-Protokoll tal-2002 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Il-Konvenzjoni ta' Ateni 2002") u jestendi l-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet għall-ġarr bil-baħar fi Stat Membru ***wieħed.***

[1] ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1. Regolament *kif emendat l-aħħar* bir-Regolament (KE) *Nru 93/2007 tal-Kummissjoni, (ĠU L 22, 31.1.2007, p. 12).*

[2] ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1. Regolament *kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1891/2006, (ĠU L 394, 30.12.2006, p. 1).*

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 2

Firxa

Ir-Regolament għandu japplika għal kull ġarr internazzjonali jew domestiku, bil-***baħar jekk***:

a) il-vapur ikollu tittajjar fuqu l-bandiera ta' Stat Membru,

b) il-kuntratt tal-ġarr sar fi Stat Membru, jew

c) il-post tat-tluq jew destinazzjoni, skond il-kuntratt tal-ġarr, jinsab fi Stat Membru.

Artikolu 3

Obbligazzjoni ta' min iġorr

L-obbligazzjoni ta' min iġorr u ta' min qed jagħmel att ta' ġarr fil-każ tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom għandha tkun koperta bid-dispożizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni ta' Ateni 2002 relevanti għal *responsabilità bħal din,* ***inklużi r-riżerva ta' l-IMO u l-linji gwida għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ateni ta' l-2002 adottati mill-Kumitat Legali ta' l-IMO fid-19 ta' Ottubru 2006 (minn hawn 'il quddiem imsejjħa "ir-riservazzjoni ta' l-IMO 2006"). Il-Konvenzjoni ta' Ateni u r-Riservazzjoni ta' l-IMO 2006 huma annesi ma' dan ir-Regolament***.

It-termini "min iġorr" u "min qed jagħmel l-att tal-ġarr" għandhom jinftiehmu skond it-tifsiriet mogħtija f'Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Ateni 2002.

Artikolu 4

Limiti ta' l-obbligazzjoni

Artikolu 7(2) tal-Konvenzjoni ta' Ateni 2002 ma jgħoddx għall-ġarr tal-passiġġieri li jaqgħu fl-iskop ta' dan ir-Regolament, ***ħlief jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, jemendaw dan ir-Regolament f'dan is-sens.***

L-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni ta' Ateni ta' l-2002 mhuwiex applikabbli għall-ġarr ta' passiġġieri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

F'każ ta' telf jew ħsara lill-apparat mobbli/apparat mediku li jappartjeni għall-passiġġier li ma jistax jiċċaqlaq sew, il-kumpens jistà jkun daqs iżda mhux aktar mill-valur biex jinbidel l-apparat.

Artikolu 5

Ħlas bil-quddiem

Fil-każ *tal-mewt,* jew *il-korriment* ta' *xi passiġġier* ***b'riżultat ta' xi aċċident jew aċċident tat-tbaħħir,*** min iġorr ***jew min ikun qed iwettaq l-att tal-ġarr*** għandu jagħmel ħlas bil-quddiem biżżejjed biex ikopri l-bżonnijiet ekonomiċi immedjati, fi żmien 15-il ġurnata minn meta jkun identifikat dak li hu intitolat għall-ħsarat. *Fil-każ tal-mewt* ***jew ta' l-invalidità assoluta u permanenti ta' xi passiġġier, jew fil-każ tal-feriment ta' 75 % jew aktar tal-ġisem tal-passiġġier meqjus klinikament serju ħafna,*** dan il-ħlas m'għandux ikun *ta'* inqas minn EUR 21 000.

Ħlas bil-quddiem m'għandux jikkostitwixxi għarfien tar-responsabilita' u jista' jitpaċċa kontra kwalunkwe somma sussegwenti mħallsa fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament u ma jistax jitreġġa' lura ħlief fejn il-persuna li tkun irċeviet il-ħlas bil-quddiem ma tkunx il-persuna intitolata għall-kumpens jew fejn min iġorr il-passiġġieri huwa meqjus li m'għandux tort.

Il-ħlas jew ir-riċeviment, skond il-każ, ta' ħlas bil-quddiem għandu jagħmilha possibbli lil min iġorr, lil min wettaq l-att tal-ġarr jew lil passiġġier li jagħti bidu għal proċedimenti ġudizzjarji biex ikunu stabbiliti r-responsabilitajiet u t-tort.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 6

Informazzjoni lill-passiġġieri

Min iġorr, min iwettaq l-att tal-ġarr u/jew l-operatur turistiku għandu jagħti lill-passiġġieri, qabel jitilqu, informazzjoni ***xierqa, sħiħa u komprensiva*** dwar id-drittijiet tagħhom taħt dan ir-Regolament, speċjalment informazzjoni dwar il-limiti ta' kumpens għal mewt, korriment personali jew telf u ħsara lill-bagalji, dwar id-dritt tagħhom għal azzjoni diretta kontra l-assiguratur jew il-persuna li qed tagħti sigurta` finanzjarja u dwar id-dritt tagħhom għall-ħlas bil-quddiem.

Din l-informazzjoni għandha tkun *ippro*vduta ***f'***format xieraq***, sħiħ u li jinftiehem u, fil-każ ta' l-informazzjoni pprovduta mill-operaturi tal-ġiti, skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 90/314/KEE tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż*** ([1]).

Artikolu 7

Rapport u emendi għall-Konvenzjoni ta' Ateni 2002

Mhux aktar tard minn tliet snin wara li jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha ssawwar rapport dwar l-applikazzjoni tiegħu, li għandu, fost affarijiet oħra, iqis l-iżviluppi ekonomiċi u l-iżviluppi f'fora internazzjonali.

Dak ir-rapport ji sta' jkollu miegħu proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament, jew proposta biex issir sottomissjoni mill-Komunita` Ewropea quddiem il-fora internazzjonali relevanti.

Meta tkun qed tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar l-Ibħra Siguri u l-Prevenzjoni tat-Tniġġiż mill-Vapuri (COSS), stabbiliti b'Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002.

Emendi għall-Konvenzjoni ta' Ateni 2002 jistgħu jkunu esklużi mill-iskop ta' dan ir-Regolament, skond Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fi […] jum wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid- … ([*])

F'dak li jirrigwarda l-ġarr domestiku mil-linji tal-vapuri tat-traġitt regolari dan għandu japplika minn sentejn wara … ([*])

F'dak li jirrigwarda l-ġarr permezz ta' ilmijiet navigabbli interni, dan għandu japplika minn er ba' snin wara … ([*]).

F'dak li jirrigwarda l-ġarr domestiku mil-linji tal-vapuri tat-traġitt regolari koperti mill-Artikolu 299(2) tat-Trattat, dan għandu japplika minn er ba' snin wara …. ([*]).

Dan ir-Regolament għandu jorbot bi sħiħ u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi […],

Għall-Parlament Ewropew	Għall-Kunsill
Il-President	*Il-President*

([1]) ***ĠU L 158, 23.6.1990, p. 59.***

([*]) Id-d*ata tad-dħul fis-seħħ jew id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ta' Ateni 2002 għall-Komunita`, liema minnhom tiġi l-aħħar.*

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ANNESS I

KONVENZJONI TA' ATENI MARBUTA MAL-ĠARR TA' PASSIĠĠIERI U L-BAGALJI TAGĦHOM BIL-BAĦAR, 2002

(Test konsolidat tal-Konvenzjoni ta' Ateni marbuta mal-Ġarr tal-Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom bil-Baħar, 1974 u l-Protokoll ta' l-2002 tal-Konvenzjoni)

ARTIKOLU 1

Tifsiriet

F'din il-Konvenzjoni l-espressjonijiet li ġejjin għandhom it-tifsira li qiegħda hawnhekk tingħatalhom:

1. (a) "min iġorr" tfisser persuna li jew f'isimha ġie iffirmat kuntratt ta' ġarr, sew jekk il-ġarr isirx fil-verita`minn dik il-persuna jew minn min ikun qed jagħmel l-att tal-ġarr;

   (b) "min qed jagħmel l-att tal-ġarr" tfisser persuna barra min iġorr, sew jekk tkun is-sid, xi ħadd mikri jew operatur ta' vapur, li fil-verita` jagħmel il-ġarr kollu jew parti mill-ġarr;

   (c) "min iġorr li fil-verita` jagħmel il-ġarr kollu jew parti mill-ġarr" tfisser dak li jagħmel l-att tal-ġarr, jew, sakemm min iġorr fil-verita` jagħmel il-ġarr, min iġorr;

2. "kuntratt ta' ġarr" tfisser kuntratt magħmul minn jew f'isem min iġorr għall-ġarr bil-baħar ta' passiġġier jew ta' passiġġier u l-bagalji tiegħu, kif ji sta' jagħti l-każ;

3. "vapur" tfisser opra tal-baħar, barra vettura li taħdem bl-arja;

4. "passiġġier" tfisser kull persuna li tinġarr fuq vapur,

   a) taħt kuntratt tal-ġarr, jew

   b) li, bil-kunsens ta' min iġorr, tkun qed takkumpanja vettura jew annimali ħajjin li huma koperti bil-kuntratt tal-ġarr ta' oġġetti mhux koperti b'din il-Konvenzjoni;

5. "bagalji" tfisser kull oġġett jew vettura li tinġarr minn min iġorr taħt il-kuntratt tal-ġarr, barra:

   a) oġġetti u vetturi li jinġarru taħt kuntratt biex jinkera vapur, att ta' merkanzija jew xi kuntratt ieħor li għandu x'jaqsam primarjament mal-ġarr ta' oġġetti, u

   b) annimali ħajjin;

6. "bagalji fil-kabini" tfisser bagalji li l-passiġġier ikollu fil-kabina tiegħu jew inkella li għandu fil-pussess, kustodja jew kontroll tiegħu. Ħlief għall-applikazzjoni ta' paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu u Artikolu 8, bagalji fil-kabini jinkludu bagalji li l-passiġġier għandu ġo jew fuq il-vettura tiegħu;

7. "telf ta' jew ħsara lill-bagalji" jinkludi telf fi flus minħabba li l-bagalji ma ġewx imwassla lura lill-passiġġier fi żmien raġonevoli wara li wasal il-vapur li fuqu kien hemm jew kellu jkun hemm il-bagalji, iżda ma jinkludix dewmien minħabba xi strajk;

8. "ġarr" tkopri l-perjodi li ġejjin:

   a) fil-każ tal-passiġġier u l-bagalji tiegħu tal-kabina, il-perjodu li matulu l-passiġġier u/jew il-bagalji tal-kabina tiegħu huma abbord il-vapur jew waqt l-embarkazzjoni jew id-diżembarkazzjoni, u l-perjodu li fih il-passiġġier u l-bagalji tal-kabina tiegħu jinġarru bl-ilma mill-art sal-vapur jew viċi-versa, jekk l-ispiża ta' dak il-ġarr hi inkluża fin-noll jew jekk l-opra użata għal dan l-iskop ta' trasport awżiljari tqegħdet għad-dispożizzjoni tal-passiġġier minn min iġorr. Iżda, rigward il-passiġġier, il-ġarr ma jinkludix il-perjodu li fih hu jkun f'terminal jew stazzjon marittimu jew fuq moll jew ġo jew fuq xi installazzjoni oħra tal-port;

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

b) fejn jidħlu l-bagalji tal-kabina, anki l-perjodu li fih il-passiġġier ikun f'terminal jew stazzjon marittimu jew fuq moll jew ġo jew fuq xi installazzjoni oħra tal-port jekk dawk il-bagalji ttieħdu minn min iġorr jew il-qaddej jew l-aġent tiegħu u ma ġewx ritornati lill-passiġġier;

c) fejn jidħlu bagalji oħra li mhumiex bagalji fil-kabina, il-perjodu minn meta dawn jittieħdu minn min iġorr jew mill-qaddej jew l-aġent tiegħu fuq ix-xatt jew abbord sakemm jerġa' jiġu ritornati minn min iġorr jew mill-qaddej jew l-aġent tiegħu;

9. "ġarr internazzjonali" tfisser kull ġarr li fih, skond il-kuntratt tal-ġarr, il-post tat-tluq u l-post tad-destinazzjoni jinsabu f'żewġ Stati differenti, jew jekk fi Stat wieħed, skond il-kuntratt tal-ġarr jew l-itinerarju skjedat, hemm port ta' waqfien intermedjarju fi Stat ieħor;

10. "Organizzazzjoni" tfisser l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

11. "Segretarju-Ġenerali" tfisser is-Segretarju-Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni.

ARTIKOLU 1bis

Anness

L-anness għal din il-Konvenzjoni għandu jifforma parti integrali mill-Konvenzjoni.

ARTIKOLU 2

Applikazzjoni

1. Din il-Konvenzjoni għandha tapplika għal kull tip ta' ġarr internazzjonali jekk:

a) il-vapur ikollu tittajjar fuqu l-bandiera ta' jew ikun reġistrat fi Stat li aċċetta din il-Konvenzjoni, jew

b) il-kuntratt ta' ġarr ikun sar fi Stat li aċċetta din il-Konvenzjoni, jew

c) il-post tat-tluq jew destinazzjoni, skond il-kuntratt ta' ġarr, jinsab fi Stat li aċċetta din il-Konvenzjoni.

2. Minkejja paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, din il-Konvenzjoni m'għandhiex tapplika meta l-ġarr ikun soġġett, taħt xi konvenzjoni oħra internazzjonali li tolqot il-ġarr ta' passiġġieri jew il-bagalji tagħhom b'xi mezz ieħor ta' trasport, għal sistema ta' obbligazzjoni ċivili taħt id-dispożizzjonijiet ta' dik il-konvenzjoni, sakemm dawk id-dispożizzjonijiet japplikaw b'mod obbligatorju fuq il-ġarr bil-baħar.

ARTIKOLU 3

Obbligazzjoni ta' min iġorr

1. Għat-telf li ġarrab passiġġier minħabba mewt jew korriment ikkawżati minn *aċċident* bil-vapur, min iġorr għandu jkun obbligat sa tali punt li dak it-telf li ġarrab il-passiġġier f'kull okkażjoni separata ma jkunx aktar minn 250 000 unit ta' account, sakemm min iġorr ma jġibx provi li l-*aċċident*:

a) kien riżultat ta' att ta' gwerra, ġlied, gwerra ċivili, reżistenzi jew fenomu naturali ta' natura eċċezzjonali, inevitabbli u irreżistibbli, jew

b) kien ikkawżat għal kollox minn att jew inqabżet xi ħaġa bil-ħsieb li terza parti tikkawża l-*aċċident*.

Jekk u sal-punt li t-telf qabeż l-ogħla limitu, min iġorr għandu jkun obbligat iktar sakemm ma jġibx provi li l-*aċċident* li kkawża t-telf ġara mingħajr tort jew negliġenza min-naħa tiegħu.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

2. Għat-telf li jġarrab passiġġier minħabba mewt jew korriment li mhux ikkawżat minn *aċċident* bil-vapur, min iġorr għandu jkun obbligat jekk l-*aċċident* li wassal għat-telf kien tort jew minħabba negliġenza tiegħu. Ir-responsabbilta` biex jiġi ppruvat it-tort jew negliġenza għandha taqa' fuq min għamel it-talba.

3. Għat-telf li jiġġarrab minħabba telf jew ħsara tal-bagalji fil-kabina, min iġorr għandu jkun obbligat jekk l-*aċċident* li wassal għat-telf kien tort jew minħabba negliġenza tiegħu. It-tort jew in-negliġenza ta' min iġorr għandhom jitqiesu għal telf ikkawżat minħabba *aċċident* bil-vapur.

4. Għat-telf li jiġġarrab minħabba telf jew ħsara lill-bagalji barra l-bagalji fil-kabini, min iġorr għandu jkun obbligat sakemm hu ma jġibx provi li l-*aċċident* li wassal għat-telf ġara mingħajr ma kellu tort jew minħabba negliġenza min-naħa tiegħu.

5. Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

a) "*aċċident* bil-vapur" tfisser meta vapur jegħreq, jinqaleb, jaħbat jew jieqaf, ikun hemm splużjoni jew nar fuq il-vapur, jew difett fil-vapur;

b) "tort jew negliġenza ta' min iġorr" tinkludi t-tort jew negliġenza tal-qaddejja ta' min iġorr, li jaġixxu fl-iskop ta' l-impjieg tagħhom;

c) "difett fil-vapur" tfisser kull ħsara, nuqqas jew nuqqas ta' konformita` mal-leġiżlazzjonijiet applikabbli dwar is-sigurta` fil-każ ta' xi parti mill-vapur jew l-apparat tiegħu meta jkunu użati biex jaħarbu, jiġu evakwati, jitilgħu u jinżlu l-passiġġieri, jew meta jkunu użati biex isuqu, idawru, ibaħħru b'mod sigur, jintrakkaw, jankraw, jaslu fil-jew iħallu l-moll jew fejn ikunu ankrati, jew kontroll tal-ħsara wara li jegħreq; jew meta jkun użat biex jintefa' tagħmir li jsalva l-ħajjiet; u

d) "it-telf" m'għandux jinkludi ħsarat severi ħafna jew tajbin ħafna.

6. L-obbligazzjoni ta' min iġorr taħt dan l-Artiklu tirrigwarda biss it-telf li jinqala' minħabba *aċċident*i li saru waqt il-ġarr. Ir-responsabbilta` biex ikun pruvat li l-*aċċident* li wassal għat-telf ġara waqt il-ġarr, u l-kobor tat-telf, għandhom jaqgħu fuq min għamel it-talba.

7. L-ebda ħaġa f'din il-Konvenzjoni m'għandha tippreġudika kull dritt ta' rikors minn min iġorr kontra terza parti, jew biex jiddefendi n-negliġenza kontributorja taħt Artikolu 6 ta' din il-Konvenzjoni. L-ebda ħaġa f'dan l-Artikolu m'għandha tippreġudika kull dritt ta' limitazzjoni taħt Artikoli 7 jew 8 ta' din il-Konvenzjoni.

8. Meta jkun hemm preżunzjonijiet dwar tort jew negliġenza ta' parti jew ir-responsabbilta` tal-provi tintefa' fuq xi parti dawn m'għandhomx iżommu milli titqies evidenza favur dik il-parti.

ARTIKOLU 4

Min qed jagħmel l-att tal-ġarr

1. Jekk l-att tal-ġarr jew parti minnu ġie afdat f'idejn min qed jagħmel att tal-ġarr, min iġorr għandu xorta waħda jibqa' obbligat għall-ġarr kollu skond id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni. Barra minn hekk, min qed jagħmel l-att tal-ġarr għandu jkun soġġett u intitolat għad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni għal dik il-parti tal-ġarr li jkun għamel hu.

2. Min iġorr għandu, rigward il-ġarr li jkun għamel min qed jagħmel l-att tal-ġarr, ikun obbligat għall-atti u l-affarijiet li nesa min qed jagħmel l-att tal-ġarr u l-qaddejja u l-aġenti tiegħu li jaġixxu fl-iskop ta' l-impjieg tagħhom.

3. Kull ftehim speċjali li permezz tiegħu min iġorr jassumi obbligazzjonijiet li mhumiex imposti b'din il-Konvenzjoni jew kull tneħħija ta' drittijiet mogħtija b'din il-Konvenzjoni għandhom jaffettwaw biss lil min qed jagħmel l-att tal-ġarr jew hu jkun qabel magħhom espliċitament u bil-miktub.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

4. Meta u sakemm min iġorr u min qed jagħmel l-att tal-ġarr huma obbligati, l-obbligazzjoni tagħhom għandha tkun konġunta u ħafna.

5. L-ebda ħaġa f'dan l-Artikolu m'għandha tippreġudika kull dritt għal rikors bejn min iġorr u min qed jagħmel l-att tal-ġarr.

ARTIKOLU 4bis

Assigurazzjoni obbligatorja

1. Meta passiġġieri jinġarru abbord vapur reġistrat fi Stat li huwa Parti li hu reġistrat biex iġorr aktar minn tnax-il passiġġier, u din il-Konvenzjoni tapplika, kull min iġorr li fil-verita` jagħmel il-ġarr kollu jew parti minnu għandu jżomm assigurazzjoni jew xi sigurta` finanzjarja oħra, bħal garanzija ta' bank jew istituzzjoni finanzjarja simili, biex ikopri l-obbligazzjoni taħt din il-Konvenzjoni rigward mewt u korriment lill-passiġġieri. Il-limitu ta' l-assigurazzjoni obbligatorja jew xi sigurta` finanzjarja oħra m'għandhiex tkun inqas minn 250 000 ta' account għal kull passiġġier f'kull okkażjoni separata.

2. Ċertifikat li jiddikjara li dik l-assigurazzjoni jew xi sigurta` finanzjarja oħra qiegħda fis-seħħ skond id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni għandu jinħareġ lil kull vapur wara li l-awtorita` addattata ta' Stat li qiegħed f'Parti tkun iddeterminat li l-ħtiġijiet ta' paragrafu 1 intlaħqu. Fil-każ ta' vapur reġistrat fi Stat li qiegħed f'Parti, dak iċ-ċertifikat għandu jinħareġ jew ikun ċertifikat mill-awtorita` addattata ta' l-Istat tar-reġistru tal-vapur; fil-każ ta' vapur mhux reġistrat fi Stat li qiegħed f'Parti ji sta' jinħareġ jew ikun ċertifikat mill-awtorita` addattata ta' kwalunkwe Stat li qiegħed f'Parti. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun forma tal-mudell mogħti fl-anness għal din il-Konvenzjoni u għandu jkun fih id-dettalji li ġejjin:

a) l-isem tal-vapur, numru distintiv jew ittri u l-port tar-reġistru;

b) l-isem u l-post prinċipali tan-negozju ta' min iġorr li fil-fatt jagħmel il-vjaġġ kollu jew parti mill-vjaġġ;

c) in-numru ta' identifikazzjoni IMO tal-vapur;

d) tip u tul tas-sigurta`;

e) l-isem u l-post prinċipali tan-negozju ta' l-assiguratur jew persuna oħra li tagħti sigurta` finanzjarja u, fejn jixraq, il-post tan-negozju fejn hi stabbilita l-assigurazzjoni jew xi sigurta` oħra finanzjarja; u

f) il-perjodu tal-validita` taċ-ċertifikat, li m'għandux ikun itwal mill-perjodu ta' validita` ta' l-assigurazzjoni jew xi sigurta` finanzjarja oħra.

3. (a) Stat li qiegħed f'Parti ji sta' jawtorizza lil xi istituzzjoni jew organizzazzjoni rikonoxxuta minnu biex toħroġ iċ-ċertifikat. Dik l-istituzzjoni jew l-organizzazzjoni għandha tgħarraf lil dak l-Istat dwar il-ħruġ ta' kull ċertifikat. Fil-każijiet kollha, il-Grupp ta' Stat għandu jiggarantixxi bis-sħiħ li ċ-ċertifikat li nħareġ huwa komplut u eżatt, u għandu jagħmel minn kollox biex jiżgura l-arranġamenti meħtieġa biex jaqdi dan l-obbligu.

(b) Stat li qiegħed f'Parti għandu jgħarraf lis-Segretarju-Ġenerali dwar:

i) ir-responsabbiltajiet speċifiċi u l-kundizzjonijiet ta' l-awtorita` delegata lil xi istituzzjoni jew organizzazzjoni rikonoxxuta minnu;

ii) it-tneħħija ta' dik l-awtorita`; u

iii) id-data li minnha dik l-awtorita` jew it-tneħħija ta' dik l-awtorita` tibda sseħħ.

Awtorità li hi delegata m'għandhiex tibda sseħħ qabel ma jgħaddu tliet xhur mid-data tan-notifika għal dak il-għan li tkun ingħatat lis-Segretarju-Ġenerali.

c) L-istituzzjoni jew l-organizzazzjoni awtorizzata biex toħroġ ċertifikati skond dan il-paragrafu għandha, minn ta' l-inqas, tkun awtorizzata biex tirtira dawn iċ-ċertifikati jekk ma jintlaħqux il-kundizzjonijiet li fihom inħarġu. Fil-każijiet kollha l-istituzzjoni jew l-organizzazzjoni għandha tirrapporta dak l-irtirar lill-Istat li f'ismu nħareġ iċ-ċertifikat.

4. Iċ-ċertifikat għandu jkun fl-ilsien jew l-ilsna uffiċjali ta' l-Istat li joħorġu. Jekk il-lingwa użata mhix Ingliż, Franċiż jew Spanjol, it-test għandu jkun fih traduzzjoni b'waħda minn dawn il-lingwi, u, fejn l-Istat jiddeċiedi hekk, l-ilsien uffiċjali ta' l-Istat ji sta' jitneħħa.

5. Iċ-ċertifikat għandu jinġarr abbord il-vapur, u kopja tiegħu għandha titħalla ma' l-awtoritajiet li jżommu rekord tar-reġistru tal-vapur jew, jekk il-vapur mhux reġistrat fi Stat li qiegħed f'Parti, ma' l-awtorita` ta' l-Istat li ħareġ jew iċċertifika ċ-ċertifikat.

6. Assigurazzjoni jew sigurta` finanzjarja oħra m'għandhiex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' dan l-Artikolu jekk tieqaf milli, għal raġunijiet barra li jiskadi l-perjodu ta' validita` ta' l-assigurazzjoni jew sigurta` speċifikata fiċ-ċertifikat, qabel ma jgħaddu tliet xhur mid-data li fiha jingħata avviż tat-tmiem tagħha lill-awtoritajiet imsemmija f'paragrafu 5, sakemm iċ-ċertifikat ma ngħatax lura lil dawn l-awtoritajiet u nħareġ ieħor ġdid fl-istess perjodu. Id-dispożizzjonijiet imsemmija qabel għandhom bl-istess mod japplikaw għal kull modifika li twassal biex l-assigurazzjoni jew xi sigurta` finanzjarja oħra ma tibqax tissodisfa l-ħtiġiijet ta' dan l-Artikolu.

7. L-Istat tar-reġistru tal-vapur għandu, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, jiddetermina l-kundizzjonijiet dwar il-ħruġ u l-validita` taċ-ċertifikat.

8. L-ebda ħaġa f'din il-Konvenzjoni m'għandha tkun interpretata li qiegħda żżomm Stat li qiegħed f'Parti milli jserraħ fuq informazzjoni miksuba minn Stati oħra jew mill-Organizzazzjoni jew xi organizzazzjonijiet oħra internazzjonali marbuta mal-pożizzjoni finanzjarja ta' l-assigurazzjoni jew xi sigurta` finanzjarja oħra għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni. F'dawk il-każijiet, l-Istat li qiegħed f'Parti li jserraħ fuq dik l-informazzjoni mhux eżentat mir-responsabbilta` tiegħu bħala Stat li joħroġ iċ-ċertifikat.

9. Ċertifikati maħruġa jew iċċertifikati taħt l-awtorita` ta' xi Stat li qiegħed f'Parti għandhom ikunu aċċettati minn Stati oħra li qegħdin f'Parti għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni u għandhom jitqiesu minn Stati oħra li qegħdin f'Parti li għandhom l-istess saħħa bħaċ-ċertifikati maħruġa minnhom, anki jekk maħruġa jew iċċertifikati fil-każ ta' vapur mhux reġistrat fi Stat li qiegħed f'Parti. Stat li qiegħed f'Parti ji sta' meta jrid jitlob li jikkonsulta ma' l-Istat li ħarġu jew iċċertifikah jekk jidhirlu li l-assiguratur jew il-garantur imsemmi fiċ-ċertifikat ta' l-assigurazzjoni mhux finanzjarjament kapaċi jilħaq l-obbligazzjonijiet imposti b'din il-Konvenzjoni.

10. Kull talba għall-kumpens koperta b'assigurazzjoni jew xi sigurta` finanzjarja skond dan l-Artikolu ti sta' titressaq direttament kontra l-assiguratur jew xi persuna oħra li tagħti sigurta` finanzjarja. F'dak il-każ, l-ammont stipulat f'paragrafu 1 jgħodd bħala l-limitu ta' l-obbligazzjoni ta' l-assiguratur jew xi persuna oħra li tagħti sigurta` finanzjarja, anki jekk min iġorr jew min qed jagħmel l-att tal-ġarr mhux intitolat għal-limitazzjoni ta' l-obbligazzjoni. Id-difensur ji sta' jibqa' jappella l-każijiet (barra minn falliment jew xoljiment) li min iġorr imsemmi f'paragrafu 1 kien ikun intitolat biex jappella skond din il-Konvenzjoni. Barra minn hekk, id-difensur ji sta' jappella l-każ li l-ħsara ġrat minħabba n-nuqqas ta' mġiba tajba konxja ta' l-assiguratur, iżda d-difensur m'għandux jappella xi każ ieħor li hu seta' kien intitolat biex jappella fil-passi li jieħu l-assiguratur kontra d-difensur. Id-difensur għandu f'kull każ ikollu dritt jitlob lil min iġorr u lil min qed jagħmel l-att tal-ġarr biex jgħinuh fil-passi.

11. Kull somma li tagħti l-assigurazzjoni jew xi sigurta` finanzjarja oħra miżmuma skond paragrafu 1 għandha tkun disponibbli esklussivament għas-sodisfazzjon tat-talbiet taħt din il-Konvenzjoni, u kull ħlas li jsir ta' dawk l-ammonti għandu jneħħi kull obbligazzjoni li ġġib magħha din il-Konvenzjoni rigward l-ammont tas-somom imħallsa.

12. Stat li qiegħed f'Parti m'għandux iħalli vapur bil-bandiera tiegħu li għalih japplika dan l-Artikolu biex jopera meta jrid sakemm ma jkunx inħareġ ċertifikat taħt paragrafi 2 sa 15.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

13. Skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, kull Grupp ta' Stat għandu jiżgura, permezz tal-liġi nazzjonali, li l-assigurazzjoni jew xi sigurta` finanzjarja oħra, sad-daqs speċifikat f'paragrafu 1, tkun fis-seħħ fil-każ ta' kull vapur li hu liċenzjat biex iġorr aktar minn tnax-il passiġġier, reġistrat fejn ikun, li jidħol jew jitlaq minn port fit-territorju tiegħu sakemm tapplika din il-Konvenzjoni.

14. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 5, Stat li qiegħed f'Parti ji sta' jgħarraf lis-Segretarju-Ġenerali li, għall-finijiet ta' paragrafu 13, vapuri mhumiex meħtieġa jġorru abbord jew jipproduċu ċ-ċertifikat meħtieġ f'paragrafu 2 meta jidħlu jew jitilqu minn portijiet fit-territorju tiegħu, dejjem jekk l-Istat li qiegħed f'Parti li joħroġ iċ-ċertifikat ikun għarraf lis-Segretarju-Ġenerali li hu jżomm rekords f'format elettroniku, aċċessibbli għall-Istati kollha li qegħdin f'Parti, li jiddikjara l-eżistenza taċ-ċertifikat u jgħin lil dawn l-istess Stati biex jeħilsu mill-obbligazzjonijiet tagħhom taħt paragrafu 13.

15. Jekk l-assigurazzjoni jew xi sigurta` finanzjarja oħra ma tinżammx għal xi vapur li għandu Stat li qiegħed f'Parti, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu marbuta miegħu m'għandhomx japplikaw għal dak il-vapur, iżda l-vapur għandu jġorr ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet addattati ta' l-Istat tar-reġistru tal-vapur, li jistqarr li l-vapur huwa ta' dak l-Istat u li l-obbligazzjoni hi koperta bl-ammont preskritt skond paragrafu 1. Dak iċ-ċertifikat għandu kemm jista' jkun isegwi l-mudell preskritt f'paragrafu 2.

ARTIKOLU 5

Oġġetti ta' valur

Min iġorr m'għandux jagħmel tajjeb għal telf jew ħsara lill-flus, sigurtajiet negozjabbli, deheb, fidda, dehbijiet, ornamenti, xogħlijiet ta' l-arti, jew oġġetti oħra ta' valur, ħlief meta dawk l-oġġetti ta' valur ġew imħollija ma' min iġorr bil-għan miftiehem li jinżammu f'post sigur f'liema każ min iġorr għandu jkun obbligat sal-limitu msemmi f'paragrafu 3 ta' Artikolu 8 sakemm ma jkunx miftiehem limitu ogħla skond paragrafu 1 ta' Artikolu 10.

ARTIKOLU 6

Tort kontributorju

Jekk min iġorr iġib provi li l-mewt jew korriment ta' passiġġier jew it-telf jew ħsara lill-bagalji tiegħu kienu kkawżati minn jew ġraw minħabba tort jew negliġenza tal-passiġġier, il-Qorti li qed tisma' l-każ ti sta' teżonora lil min iġorr għal kollox jew parzjalment mill-obbligazzjoni tiegħu skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' dik il-qorti.

ARTIKOLU 7

Limitazzjoni ta' l-obbligazzjoni għal mewt u korriment

1. L-obbligazzjoni ta' min iġorr għal mewt jew korriment ta' xi passiġġier taħt Artikolu 3 m'għandhiex taqbeż l-400 000 unit ta' account kull passiġġier f'kull okkażjoni separata. Meta, skond il-liġi tal-qorti li qed tisma' l-każ, il-ħsarat jitħallsu f'forma ta' pagamenti perjodiċi tad-dħul, il-valur tal-kapital ekwivalenti ta' dawk il-pagamenti m'għandux jaqbeż il-limitu msemmi.

2. Stat li qiegħed f'Parti ji sta' jirregola permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġi nazzjonali l-limitu ta' l-obbligazzjoni preskritta f'paragrafu 1, dejjem jekk dak il-limitu nazzjonali ta' l-obbligazzjoni, jekk jeżisti, mhux inqas minn dak preskritt f'paragrafu 1. Grupp ta' Stat, li jagħmel użu mill-għażla li jaħseb għaliha dan il-paragrafu, għandu jgħarraf lis-Segretarju-Ġenerali dwar il-limitu ta' obbligazzjoni adottat jew il-fatt li m'hemm xejn.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ARTIKOLU 8

Limitu ta' l-obbligazzjoni għal telf ta' jew ħsara lill-bagalji u lill-vetturi

1. L-obbligazzjoni ta' min iġorr għal telf ta' jew ħsara lill-bagalji fil-kabina m'għandha fl-ebda każ tkun aktar minn 2 250 unit ta' account kull passiġġier, kull vjaġġ.

2. L-obbligazzjoni ta' min iġorr għal telf ta' jew ħsara lill-vetturi inkluż il-bagalji kollha li jinġarru fil- jew fuq il-vettura m'għandha fl-ebda każ tkun aktar minn 12 700 unit ta' account kull vettura, kull vjaġġ.

3. L-obbligazzjoni ta' min iġorr għal telf ta' jew ħsara lill-bagalji barra dawk imsemmija f'paragrafi 1 u 2 m'għandha fl-ebda każ tkun aktar minn 3 375 unit ta' account kull passiġġier, kull vjaġġ.

4. Min iġorr u l-passiġġier jistgħu jaqblu li l-obbligazzjoni ta' min iġorr għandha tkun soġġetta għal tnaqqis li ma jaqbiżx it-330 unit ta' account fil-każ ta' ħsara lil xi vettura u li ma jaqbiżx 149 unit ta' account kull passiġġier fil-każ ta' telf ta' jew ħsara lil xi bagalji oħra, liema somma trid titnaqqas mit-telf jew mill-ħsara.

ARTIKOLU 9

Unit ta' Account u konverżjoni

1. Il-Unit ta' l-Account imsemmija f'din il-Konvenzjoni hija d-Dritt Speċjali biex Tiġbed kif imfisser fil-Fond Monetarju Internazzjonali. L-ammonti msemmija f'Artikolu 3, paragrafu 1, Artikolu 4bis, paragrafu 1, Artikolu 7, paragrafu 1, u Artikolu 8 għandhom jissarrfu fil-munita nazzjonali ta' l-Istat tal-qorti li qed tisma' l-każ skond il-valur ta' dik il-munita b'referenza għad-Dritt Speċjali li Tiġbed fid-data tal-ġudizzju jew id-data miftehma mill-partijiet. Il-valur tal-munita nazzjonali, fil-każ tad-Dritt Speċjali li Tiġbed, ta' Stat li qiegħed f'Parti li hu membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali, għandu jkun stmat skond il-metodu ta' valutazzjoni applikat mill-Fond Monetarju Internazzjonali fis-seħħ fid-data msemmija għall-operat u t-tranżazzjonijiet tiegħu. Il-valur tal-munita nazzjonali, skond id-Dritt Speċjali li Tiġbed, ta' Stat li qiegħed f'Parti li mhux membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali, għandu jkun ikkalkulat b'mod determinat minn dak l-Istat li qiegħed f'Parti.

2. Minkejja kollox, Stat li mhux membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali u li l-liġi tiegħu ma tippermettix l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 1 ji sta', meta ssir ir-ratifika, tiġi aċċettata, approvata jew tissieħeb f'din il-Konvenzjoni jew f'xi żmien wara, tiddikjara li dak il-Unit ta' Account imsemmi f'paragrafu 1 għandu jkun daqs 15-il frank tad-deheb. Il-frank tad-deheb imsemmi f'dan il-paragrafu jikkorrispondi għal ħamsa u sittin milligramma u nofs ta' deheb ta' finezza milleżima ta' disa' mija. It-tisrif tal-frank tad-deheb fil-munita nazzjonali għandu jsir skond il-liġi ta' l-Istat konċernat.

3. Il-kalkulazzjoni msemmija fl-aħħar sentenza ta' paragrafu 1, u l-konverżjoni msemmija f'paragrafu 2 għandha ssir b'tali mod biex tkun imsarrfa fil-munita nazzjonali ta' l-Istati li qegħdin f'Parti, kemm ji sta' jkun l-istess valur reali ta' l-ammonti f'Artikolu 3, paragrafu 1, Artikolu 4bis, paragrafu 1, Artikolu 7, paragrafu 1 u Artikolu 8 bħalma kieku jirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-ewwel tliet sentenzi ta' paragrafu 1. L-Istati għandhom jgħarrfu lis-Segretarju-Ġenerali dwar il-metodu ta' kalkulazzjoni skond paragrafu 1, jew ir-riżultat tal-konverżjoni f'paragrafu 2, kif ji sta' jagħti l-każ, meta jqiegħdu strument biex jirratifikaw, jaċċettaw, japprovaw jew jissieħbu f'din il-Konvenzjoni u kull meta jkun hemm bidla f'xi waħda minnhom.

ARTIKOLU 10

Dispożizzjonijiet supplimentari dwar il-limiti ta' l-obbligazzjoni

1. Min iġorr u l-passiġġier jistgħu jaqblu, espliċitament u bil-miktub, dwar limiti ta' obbligazzjoni ogħla minn dawk preskritti f'Artikoli 7 u 8.

2. L-interessi fuq il-ħsarat u l-ispejjeż legali m'għandhomx jiddaħħlu fil-limiti ta' l-obbligazzjoni preskritta f'Artikoli 7 u 8.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ARTIKOLU 11

Difiżi u limiti għall-qaddejja ta' min iġorr

Jekk tittieħed azzjoni kontra qaddej jew aġent ta' min iġorr jew min jagħmel l-att tal-ġarr li tinqala' minħabba ħsara koperta b'din il-Konvenzjoni, dak il-qaddej jew l-aġent, jekk iġib provi li aġixxa fl-iskop ta' l-impjieg tiegħu, se jkun imwassal biex juża' d-difiżi u l-limiti ta' obbligazzjoni li min iġorr jew min qed jagħmel l-att tal-ġarr hu intitolat biex jappella taħt din il-Konvenzjoni.

ARTIKOLU 12

Ġabra ta' talbiet

1. Meta l-limiti ta' l-obbligazzjoni preskritta f'Artikoli 7 u 8 iseħħu, huma għandhom japplikaw għall-ġabra ta' l-ammonti irkuprati fit-talbiet kollha minħabba mewt jew korriment ta' xi wieħed mill-passiġġieri jew telf ta' jew ħsara lill-bagalji tiegħu.

2. Fil-każ tal-ġarr li jsir minn min qed jagħmel l-att tal-ġarr, il-ġabra ta' l-ammonti irkuprati minn min iġorr u min qed jagħmel l-att tal-ġarr u mill-qaddejja tiegħu u l-aġenti li jaġixxu fl-iskop ta' l-impjieg tagħhom m'għandhiex taqbeż l-ogħla ammont li kieku jingħata kontra jew min iġorr jew min qed jagħmel l-att tal-ġarr taħt din il-Konvenzjoni, iżda ħadd minn dawk imsemmija m'għandu jkun obbligat għas-somma li taqbeż il-limitu applikabbli għalih.

3. F'kwalunkwe każ meta qaddej jew aġent ta' min iġorr jew min qed jagħmel l-att tal-ġarr hu intitolat taħt Artikolu 11 ta' din il-Konvenzjoni biex jagħmel użu mil-limiti ta' obbligazzjoni preskritti f'Artikoli 7 u 8, il-ġabra ta' ammonti irkuprati minn min iġorr, jew minn min jagħmel l-att tal-ġarr kif ji sta' jagħti l-każ, u minn dak il-qaddej jew aġent, m'għandhomx jaqbżu dawk il-limiti.

ARTIKOLU 13

Telf tad-dritt biex titnaqqas l-obbligazzjoni

1. Min iġorr m'għandux ikun intitolat għal-limiti ta' obbligazzjoni preskritti f'Artikoli 7 u 8 u paragrafu 1 ta' Artikolu 10, jekk jinstabu provi li l-ħsara saret minħabba xi att jew nesa jagħmel xi ħaġa min iġorr bl-intenzjoni li jikkawża dik il-ħsara, jew bi traskuraġni u konsapevoli li dik il-ħsara x'aktarx issir.

2. Il-qaddej jew l-aġent ta' min iġorr jew min qed jagħmel l-att tal-ġarr m'għandux ikun intitolat għall-benefiċċji ta' dawk il-limiti jekk ikun pruvat li l-ħsara saret minħabba att jew nesa jagħmel xi ħaġa dak il-qaddej jew l-aġent bl-iskop li jikkawża dik il-ħsara, jew bi traskuraġni u konsapevoli li dik il-ħsara x'aktarx issir.

ARTIKOLU 14

Bażi għal talbiet

L-ebda azzjoni għall-ħsarat għal mewt jew korriment ta' xi passiġġier, jew telf ta' jew ħsara lill-bagalji, m'għandha tittieħed kontra min iġorr jew min għamel l-att tal-ġarr aktar milli msemmija skond din il-Konvenzjoni.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ARTIKOLU 15

Avviż dwar telf ta' jew ħsara lill-bagalji

1. Il-passiġġier għandu jagħmel avviż bil-miktub lil min iġorr jew lill-aġent tiegħu:

a) fil-każ ta' ħsara li tidher lill-bagalji:

i) għall-bagalji fil-kabina, qabel jew wara li l-passiġġier jinżel mill-vapur;

ii) għall-bagalji l-oħra kollha, qabel jew wara li jerġgħu jitwasslu;

b) fil-każ ta' ħsara lill-bagalji li ma tkunx tidher, jew telf ta' bagalji, fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data li tniżżlu jew twasslu lura jew minn meta suppost kellhom jitwasslu lura.

2. Jekk il-passiġġier jonqos milli jikkonforma ma' dan l-Artikolu, hu se jitqies, sakemm ma jkunx pruvat mod ieħor, li rċieva l-bagalji f'kundizzjoni tajba.

3. L-avviż bil-miktub m'għandux għalfejn jingħata jekk il-kundizzjoni tal-bagalji kienet meta ġew irċevuti s-suġġett ta' servej konġunt jew spezzjoni.

ARTIKOLU 16

Żmien stipulat għal azzjonijiet

1. Kull azzjoni għal ħsarat li jinqalgħu minħabba mewt jew korriment ta' xi passiġġier jew minħabba telf ta' jew ħsara lill-bagalji se tkun limitata biż-żmien wara perjodu ta' sentejn.

2. Il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jkun ikkalkulat kif ġej:

a) fil-każ ta' korriment, mid-data meta jinżel il-passiġġier mill-vapur;

b) fil-każ ta' mewt li tiġri waqt il-vjaġġ, mid-data meta l-passiġġier suppost kellu jinżel, u fil-każ ta' korriment li jiġri waqt il-vjaġġ u jwassal għall-mewt ta' persuna wara li tinżel mill-vapur, dejjem jekk dan il-perjodu ma jaqbiżx it-tliet snin mid-data meta jinżel mill-vapur;

c) fil-każ ta' telf ta' jew ħsara lill-bagalji, mid-data meta jinżel mill-vapur jew mid-data meta suppost kellu jinżel mill-vapur, liema minnhom hi l-iktar tard.

3. Il-liġi tal-Qorti li qed tisma' l-każ għandha tkopri r-raġunijiet għal sospensjoni u interruzzjoni tal-perjodi limitati, iżda fl-ebda każ m'għandha tittieħed azzjoni taħt din il-Konvenzjoni wara li jiskadi xi wieħed minn dawn il-perjodi ta' żmien li ġejjin:

(a) Perjodu ta' ħames snin li jibda bid-data meta jinżel il-passiġġier jew mid-data meta suppost kellu jinżel il-passiġġier, liema minnhom hi l-iktar tard; jew, jekk aktar kmieni

b) perjodu ta' tliet snin li jibda mid-data meta min għamel it-talba kien jaf jew suppost kellu jkun jaf bil-korriment, telf jew ħsara kkawżati bl-*aċċident*.

4. Minkejja paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-perjodu ta' limitazzjoni jista' jkun estiż permezz ta' dikjarazzjoni ta' min iġorr jew bi ftehim tal-partijiet wara li nqalgħet il-kawża ta' l-azzjoni. Id-dikjarazzjoni jew il-ftehim għandu jsir bil-miktub.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ARTIKOLU 17

Ġurisdizzjoni kompetenti

1. Azzjoni li tinqala' taħt Artikoli 3 u 4 ta' din il-Konvenzjoni għandha, fuq għażla ta' min jagħmel it-talba, titressaq quddiem waħda mill-qrati msemmija hawn taħt, dejjem jekk il-qorti tinsab fi Stat li hu Parti minn din il-Konvenzjoni, u esposta għal-liġi domestika ta' kull Stat li qiegħed f'Parti li jkopri l-lok eżatt f'dawk l-Istati b'ħafna forums possibbli:

a) il-Qorti ta' l-Istat tar-residenza permanenti jew post prinċipali tan-negozju tad-difensur, jew

b) il-Qorti ta' l-Istat tat-tluq jew dak tad-destinazzjoni skond il-kuntratt tal-ġarr, jew

c) il-Qorti ta' l-Istat tar-residenza domiċili jew permanenti ta' min qed jagħmel it-talba, jekk id-difensur għandu post tan-negozju u hu soġġett għal ġurisdizzjoni f'dak l-Istat, jew

d) il-Qorti ta' l-Istat fejn sar il-kuntratt tal-ġarr, jekk id-difensur għandu post tan-negozju u hu soġġett għal ġurisdizzjoni f'dak l-Istat.

2. Azzjonijiet taħt artikolu 4bis ta' din il-Konvenzjoni għandhom, fuq għażla ta' min jagħmel it-talba, jitressqu quddiem waħda mill-qrati fejn azzjoni ti sta' tittieħed kontra min iġorr jew min jagħmel l-att tal-ġarr skond paragrafu 1.

3. Wara li jiġri l-*aċċident* li kkawża l-ħsara, il-partijiet jistgħu jaqblu li t-talba għall-ħsarat għandha ssir lil kull ġurisdizzjoni jew arbitraġġ.

ARTIKOLU 17bis

Għarfien u infurzar

1. Kull ġudizzju mogħti minn qorti bil-ġurisdizzjoni skond Artikolu 17 li ji sta' jiġi infurzat fl-Istat ta' l-oriġni fejn m'għadux soġġett għall-forom komuni ta' reviżjoni, għandu jkun rikonoxxut f'kull Grupp ta' Stat, ħlief

a) fejn il-ġudizzju nkiseb bi frodi; jew

b) fejn id-difensur ma ngħatax avviż biżżejjed u opportunita` ġusta biex jagħmel il-każ tiegħu jew tagħha.

2. Ġudizzju rikonoxxut taħt paragrafu 1 għandu ji sta' jkun infurzat f'kull Stat li qiegħed f'Parti hekk kif jintlaħqu l-formalitajiet meħtieġa f'dak l-Istat. Il-formalitajiet m'għandhomx jagħtu lok biex jerġgħu jinfetħu l-merti tal-każ.

3. Stat li qiegħed f'Parti għal dan il-Protokoll ji sta' japplika regoli oħra għall-għarfien u l-infurzar tal-ġudizzji, dejjem jekk l-effett tagħhom hu li jkun żgurat li l-ġudizzji huma rikonoxxuti u infurzati ta' l-inqas fl-istess livell bħal f'paragrafi 1 u 2.

ARTIKOLU 18

Invalidita` tad-dispożizzjonijiet kuntrattwali

Kull dispożizzjoni kuntrattwali ffirmata qabel ma jiġri *aċċident* li kkawża l-mewt jew il-korriment ta' passiġġier jew it-telf jew il-ħsara tal-bagalji ta' passiġġier, li tidher li qed teħles lill-persuna obbligata taħt din il-Konvenzjoni mill-obbligazzjoni lejn il-passiġġier jew biex tippreskrivi limitu ibaxx ta' obbligazzjoni minn dak iffissat fil-Konvenzjoni ħlief kif provdut f'Artikolu 8, paragrafu 4, u kull dispożizzjoni simili li tidher li

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

qed tneħħi r-responsabbilta` tal-provi minn fuq min iġorr jew min qed jagħmel l-att tal-ġarr, jew li jkollha l-effett li tnaqqas l-għażliet speċifikati f'Artikolu 17, paragrafi 1 jew 2, għandha tkun nulla u ma torbotx legalment, iżda n-nullità ta' dik id-dispożizzjoni m'għandhiex tħalli milli jorbot legalment il-kuntratt tal-ġarr li għandu jibqa' espost għad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

ARTIKOLU 19

Konvenzjonijiet oħra dwar il-limitazzjoni ta' l-obbligazzjoni

Din il-Konvenzjoni m'għandhiex timmodifika d-drittijiet jew id-dmirijiet ta' min iġorr, min qed jagħmel l-att tal-ġarr, u l-qaddejja jew l-aġenti tiegħu li jissemmew fil-konvenzjonijiet internazzjonali marbuta mal-limitazzjoni ta' l-obbligazzjoni tas-sidien tal-vapuri li jbaħħru.

ARTIKOLU 20

Ħsara nukleari

L-ebda obbligazzjoni m'għandha tinħoloq taħt din il-Konvenzjoni għall-ħsara kkawżata minħabba *aċċident* nukleari:

a) jekk l-operatur ta' installazzjoni nukleari hu obbligat għal dik il-ħsara jew taħt il-Konvenzjoni ta' Pariġi tad-29 ta' Lulju 1960 dwar Obbligazzjoni ta' Terza Parti fil-Qasam ta' l-Enerġija Nukleari kif emendata bil-Protokoll Addizzjonali tat-28 ta' Jannar 1964, jew il-Konvenzjoni ta' Vjenna tal-21 ta' Mejju 1963 dwar l-Obbligazzjoni Ċivili għal Ħsara Nukleari, jew xi emenda jew Protokoll marbut magħha li hu fis-seħħ; jew

b) jekk l-operatur ta' installazzjoni nukleari għandu jagħmel tajjeb għal dik il-ħsara permezz ta' liġi nazzjonali li tkopri l-obbligazzjoni għal dik il-ħsara, dejjem jekk dik il-liġi hi fis-sens wiesa' favorevoli għal persuni li jistgħu jġarrbu ħsara bħal jew il-Konvenzjoni ta' Pariġi jew ta' Vjenna jew xi emenda jew Protokoll marbut magħha li hu fis-seħħ.

ARTIKOLU 21

Ġarr kummerċjali minn awtoritajiet pubbliċi

Din il-Konvenzjoni għandha tapplika għall-ġarr kummerċjali li jsir minn Stati jew Awtoritajiet Pubbliċi permezz tal-kuntratt tal-ġarr skond it-tifsira ta' Artikolu 1.

ARTIKOLU 22

Dikjarazzjoni biex ma ssirx applikazzjoni

1. Kull Parti ti sta' meta tiffirma, tirratifika, taċċetta, tapprova jew tissieħeb f'din il-Konvenzjoni, tiddikjara bil-miktub li hi mhix se ddaħħal fis-seħħ din il-Konvenzjoni meta l-passiġġier u min iġorr huma suġġetti jew ċittadini ta' dik il-Parti.

2. Kull dikjarazzjoni li ssir taħt paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ti sta' tiġi irtirata meta tkun b'notifika bil-miktub lis-Segretarju-Ġenerali.

ARTIKOLU 22bis

Klawżoli finali tal-Konvenzjoni

Il-Klawżoli finali ta' din il-Konvenzjoni għandhom ikunu Artikoli 17 sa 25 tal-Protokoll ta' l-2002 għall-Konvenzjoni ta' Ateni marbuta mal-Ġarr ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom bil-Baħar, 1974. Referenzi f'din il-Konvenzjoni għal Stati li qegħdin f'Parti għandha titqies li tfisser referenzi għal Stati li qegħdin f'Parti minn dan il-Protokoll.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

KLAWŻOLI FINALI

[Artikoli 17 sa 25 tal-Protokoll ta' l-2002 tal-Konvenzjoni ta' Ateni marbuta mal-Ġarr ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom bil-Baħar, 1974.]

ARTIKOLU 17

Firma, ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni u sħubija

1. Dan il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-firem fil-Kwartieri ta' l-Organizzazzjoni mill-1 ta' Mejju 2003 sat-30 t'April 2004 u għandu minn hemm "l quddiem jibqa" miftuħ għal sħubija.

2. L-Istati jistgħu juru l-qbil tagħhom li jintrabtu b'dan il-Protokoll billi:

a) jiffirmaw mingħajr riserva r-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni; jew

b) jiffirmaw skond ir-ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni wara li ssir ir-ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni; jew

c) sħubija.

3. Ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew is-sħubija għandhom jiġu affettwati billi jiġi depożitat strument għal dak il-għan mas-Segretarju-Ġenerali.

4. Kull strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew sħubija depożitat wara d-dħul fis-seħħ ta' xi emenda għal dan il-Protokoll fil-każ ta' l-Stati kollha eżistenti li qegħdin f'Parti, jew wara li jitkomplew il-miżuri kollha meħtieġa biex tidħol fis-seħħ l-emenda fil-każ ta' dawk l-Istati li qegħdin f'Parti għandu jitqies li japplika għal dan il-Protokoll kif modifikat mill-emenda.

5. Stat m'għandux jagħti l-kunsens tiegħu li jintrabat b'dan il-Protokoll sakemm, jekk ikun Parti minnu, jiddenunċja:

a) il-Konvenzjoni ta' Ateni Marbuta mal-Ġarr ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom bil-Baħar, magħmul f'Ateni fit-13 ta' Diċembru 1974;

b) il-Protokoll għall-Konvenzjoni ta' Ateni marbuta mal-Ġarr ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom bil-Baħar, magħmul f'Londra fid-19 ta' Novembru 1976; u

c) il-Protokoll ta' l-1990 biex jemenda l-Konvenzjoni ta' Ateni marbuta mal-Ġarr ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom bil-Baħar, magħmul f'Londra fid-29 ta' Marzu 1990,

b'effett minn meta dan il-Protokoll se jidħol fis-seħħ għal dak l-Istat skond Artikolu 20.

ARTIKOLU 18

Stati b'aktar minn sistema waħda ta' liġijiet

1. Jekk Stat ikollu żewġ units territorjali jew aktar li fih sistemi differenti ta' liġijiet huma applikabbli fil-każ ta' suġġetti trattati f'dan il-Protokoll, ji sta' meta jsir l-iffirmar, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew is-sħubija jiddikjara li dan il-Protokoll għandu jestendi għall-units territorjali tiegħu kollha jew biss għal wieħed jew aktar minnhom, u jista' jimmodifika din id-dikjarazzjoni billi jissottometti dikjarazzjoni oħra meta jrid.

2. Kull dikjarazzjoni ta' dak it-tip għandha tkun mgħarrfa lis-Segretarju-Ġenerali u għandha tistqarr bil-miftuħ il-units territorjali li għalihom japplika dan il-Protokoll.

3. Fil-każ ta' Stat li qiegħed f'Parti li għamel dik it-tip ta' dikjarazzjoni:

a) referenzi għall-Istat tar-reġistru tal-vapur u, fir-rigward ta' ċertifikat obbligatorju ta' assigurazzjoni, lill-Istat li ħarġu jew iċċertifikah, għandu jiġi interpretat li qed jirreferi għall-unit territorjali rispettivament li fih hu reġistrat il-vapur u li joħroġ jew jiċċertifika ċ-ċertifikat;

b) referenzi għall-ħtiġijiet tal-liġi nazzjonali, limitu nazzjonali ta' obbligazzjoni u munita nazzjonali għandhom ikunu interpretati rispettivament bħala referenzi għall-ħtiġijiet tal-liġi, il-limitu ta' l-obbligazzjoni u l-munita tal-unit territorjali relevanti; u

c) referenzi għall-qrati, u għall-ġudizzji li jridu jkunu rikonoxxuti mill-Istati li qegħdin f'Parti, għandhom ikunu interpretati bħala referenzi rispettivament għall-qrati tal-, u għall-ġudizzji li għandhom ikunu rikonoxxuti fil-, unit territorjali relevanti.

ARTIKOLU 19

Organizzazzjonijiet Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika

1. Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika, li hi mwaqqfa minn Stati sovrani li għaddew il-kompetenza fuq ċerti suġġetti koperti b'dan il-Protokoll lil dik l-Organizzazzjoni, ti sta' tiffirma, tirratifika, taċċetta, tapprova jew tissieħeb f'dan il-Protokoll. Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika li hi Parti minn dan il-Protokoll għandu jkollha d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ta' Stat li qiegħed f'Parti, sal-punt li l-Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika jkollha kompetenza fuq suġġetti koperti b'dan il-Protokoll.

2. Meta Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika teżerċita id-dritt tal-vot f'suġġetti li fuq-hom għandha kompetenza, hi għandu jkollha għadd ta' voti ekwivalenti għan-numru ta' l-Istati Membri tagħha li huma Partijiet f'dan il-Protokoll u li għaddewlha l-kompetenza tagħhom fuq is-suġġett imsemmi. Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika m'għandhiex teżerċita d-dritt tagħha li tivvota jekk l-Istati Membri tagħha jeżerċitaw tagħhom, u viċi versa.

3. Meta numru ta' Stati li qegħdin f'Parti hu relevanti f'dan il-Protokoll, inkluż iżda mhux limitat għal Artikoli 20 u 23 ta' dan il-Protokoll, l-Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika m'għandhiex tingħadd bħala Stat li qiegħed f'Parti flimkien ma' l-Istati Membri tagħha li huma Stati li qegħdin f'Parti.

4. Meta jsir l-iffirmar, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew is-sħubija l-Organizzazzjoni Reġjo-nali ta' Integrazzjoni Ekonomika għandha tagħmel dikjarazzjoni lis-Segretarju-Ġenerali li fiha tispeċifika s-suġġetti koperti b'dan il-Protokoll li għalihom għaddiet il-kompetenza lil dik l-Organizzazzjoni mill-Istati Membri tagħha li huma firmatarji jew Partijiet f'dan il-Protokoll u kull restrizzjoni oħra relevanti rigward l-iskop ta' dik il-kompetenza. L-Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika għandha mall-ewwel tgħarraf lis-Segretarju-Ġenerali dwar kull tibdil fit-tqassim ta' kompetenza, inkluż trasferimenti ġodda ta' kompetenza, speċifikati fid-dikjarazzjoni f'dak il-paragrafu. Kull dikjarazzjoni ta' dak it-tip għandha ssir dis-ponibbli mis-Segretarju-Ġenerali skond Artikolu 24 ta' dan il-Protokoll.

5. L-Istati li qegħdin f'Parti li huma Stati Membri ta' Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekono-mika li hi Parti minn dan il-Protokoll għandhom jitqiesu li għandhom kompetenza fuq is-suġġetti kollha koperti b'dan il-Protokoll li għalihom trasferimenti ta' kompetenza lill-Organizzazzjoni ma ġewx dikjarati speċifikament jew notifikati taħt paragrafu 4.

ARTIKOLU 20

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ tnax-il xahar wara d-data li fiha 10 Stati jkunu jew iffirmawh mingħajr riserva dwar ir-ratifika, l-aċċettazzjoni jew approvazzjoni jew ikunu ħallew strumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew sħubija mas-Segretarju-Ġenerali.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

2. Għal kull Stat li jirratifika, jaċċetta, japprova jew jissieħeb f'dan il-Protokoll wara li jintlaħqu l-kundizzjonijiet f'paragrafu 1 għad-dħul fis-seħħ, dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ tliet xhur wara d-data tat-tqegħid minn dak l-Istat ta' l-istrument addattat, iżda mhux qabel dan il-Protokoll ikun daħal fis-seħħ bi qbil ma' paragrafu 1.

ARTIKOLU 21

Denunzja

1. Dan il-Protokoll ji sta' jkun denunċjat minn kull Stat li qiegħed f'Parti meta jkun wara d-data li fiha dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ għal dak l-Istat.

2. Id-denunzja għandha tiġi affettwata billi jiġi depożitat strument għal dak il-għan mas-Segretarju-Ġenerali.

3. Id-denunzja għandha tidħol fis-seħħ tnax-il xahar, jew perjodu itwal kif ji sta' jkun speċifikat fl-istrument tad-denunċja, wara li jkun depożitat mas-Segretarju-Ġenerali.

4. Kif hemm bejn l-Istati li qegħdin Parti minn dan il-Protokoll, id-denunzja minn xi ħadd minnhom tal-Konvenzjoni skond Artikolu 25 marbut miegħu għandha tkun interpretata fi kwalunkwe mod bħala denunzja tal-Konvenzjoni kif reveduta minn dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 22

Reviżjoni u Emenda

1. Tista' titlaqqa' Konferenza bil-għan li tirrevedi jew temenda dan il-Protokoll mill-Organizzazzjoni.

2. L-Organizzazzjoni għandha tlaqqa' Konferenza ta' l-Istati li qegħdin Parti minn dan il-Protokoll biex tirrevedi jew temenda dan il-Protokoll fuq talba ta' mhux inqas minn terz ta' l-Istati li qegħdin f'Parti.

ARTIKOLU 23

Emenda tal-limiti

1. Minħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 22, il-proċedura speċjali f'dan l-Artikolu għandha tapplika biss għall-finijiet li temenda l-limiti stipulati f'Artikolu 3, paragrafu 1, Artikolu 4bis, paragrafu 1, Artikolu 7, paragrafu 1 u Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kif revedut permezz ta' dan il-Protokoll.

2. Fuq talba ta' mill-inqas nofs, iżda fl-ebda każ inqas minn sitta, mill-Istati li qegħdin Parti minn dan il-Protokoll, kull proposta biex ikunu emendati l-limiti, inkluż it-tnaqqis, speċifikat f'Artikolu 3, paragrafu 1, Artikolu 4bis, paragrafu 1, Artikolu 7, paragrafu 1, u Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kif reveduta b'dan il-Protokoll għandha tkun ċirkolata mis-Segretarju-Ġenerali lill-Membri kollha ta' l-Organizzazzjoni u lill-Istati kollha li qegħdin f'Parti.

3. Kull emenda proposta u ċirkolata kif imsemmija hawn fuq għandha tkun sottomessa lill-Kumitat Legali ta' l-Organizzazzjoni (minn issa 'l quddiem magħruf bħala "l-Kumitat Legali") għall-kunsiderazzjoni f'data ta' mill-inqas sitt xhur wara d-data taċ-ċirkolazzjoni tagħha.

4. Il-Istati kollha li qegħdin Parti minn din il-Konvenzjoni kif reveduta minn dan il-Protokoll, sew jekk humiex Membri ta' l-Organizzazzjoni jew le, għandhom ikunu intitolati biex jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kumitat Legali dwar il-konsiderazzjoni u l-adozzjoni ta' l-emendi.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

5. Emendi għandhom ikunu adottati minn maġġoranza ta' żewġ terzi ta' l-Istati Parti mill-Konvenzjoni kif reveduta minn dan il-Protokoll preżenti u jivvutaw fil-Kumitat Legali mkabbar kif maħsub f'paragrafu 4, dejjem jekk ta' l-inqas nofs l-Istati li qegħdin Parti minn din il-Konvenzjoni kif reveduta minn dan il-Protokoll għandhom ikunu preżenti meta ssir il-votazzjoni.

6. Meta jaġixxi fuq proposta biex jemenda l-limiti, il-Kumitat Legali għandu jqis l-esperjenza ta' l-*aċċident*i u, b'mod partikulari, l-ammont ta' ħsara li jġibu magħhom, bidliet fil-valuri monetarji u l-effett ta' l-emenda proposta dwar l-ispiża ta' l-assigurazzjoni.

7. (a) L-ebda emenda tal-limiti taħt dan l-Artikolu ma ti sta' titqies inqas minn ħames snin mid-data li fiha dan il-Protokoll infetaħ għall-iffirmar jew inqas minn ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' emenda ta' qabel taħt dan l-Artikolu.

(b) L-ebda limitu ma ji sta' jiżdied sabiex jaqbeż ammont li jaqbel mal-limitu stipulat fil-Konvenzjoni kif reveduta minn dan il-Protokoll miżjud b'sitta fil-mija kull sena kkalkulat fuq bażi ta' interessi akkumulati mid-data li fiha dan il-Protokoll infetaħ għall-iffirmar.

(c) L-ebda limitu ma ji sta' jiżdied sabiex jaqbeż l-ammont li jikkorrispondi għal-limitu stipulat fil-Konvenzjoni kif revedut b'dan il-Protokoll immultiplikat bi tlieta.

8. Kull emenda adottata skond paragrafu 5 għandha tkun mgħarrfa mill-Organizzazzjoni lill-Istati kollha li qegħdin f'Parti. L-emenda għandha titqies li ġiet aċċettata fl-aħħar tal-perjodu ta' tmintax-il xahar wara d-data tan-notifika, sakemm f'dak il-perjodu mhux inqas minn kwart ta' l-Istati li kienu Stati f'Parti meta l-adozzjoni ta' l-emenda ġiet mgħarrfa lis-Segretarju-Ġenerali li huma ma jaċċettawx l-emenda, f'liema każ l-emenda mhix aċċettata u m'għandux ikollha effett.

9. Emenda li titqies li ġiet aċċettata skond paragrafu 8 għandha tidħol fis-seħħ tmintax-il xahar wara li tkun aċċettata.

10. L-Istati kollha li qegħdin f'Parti għandhom ikunu marbuta bl-emenda, sakemm ma jiddenunċjawx dan il-Protokoll skond Artikolu 21, paragrafu 1 u 2 ta' l-inqas sitt xhur qabel ma l-emenda tidħol fis-seħħ. Dik id-denunzja għandha ssehh meta l-emenda tidħol fis-seħħ.

11. Meta tiġi adottata emenda iżda l-perjodu ta' tmintax-il xahar biex tkun aċċettata għadu ma skadiex, Stat li jsir Stat f'Parti waqt dak il-perjodu għandu jkun marbut bl-emenda jekk tidħol fis-seħħ. Stat li jsir Stat f'Parti wara dak il-perjodu għandu jkun marbut b'emenda li ġiet aċċettata skond paragrafu 8. Fil-każijiet imsemmija f'dan il-paragrafu, Stat ikun marbut b'emenda meta dik l-emenda tidħol fis-seħħ, jew meta dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ għal dak l-Istat, jew wara.

ARTIKOLU 24

Depożitarju

1. Dan il-Protokoll u kull emenda adottata taħt Artikolu 23 għandhom ikunu depożitati mas-Segretarju-Ġenerali.

2. Is-Segretarju-Ġenerali għandu:

a) jgħarraf lill-Istati kollha li ffirmaw jew issieħbu f'dan il-Protokoll dwar:

i) kull firma ġdida jew depożitu ta' xi strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew sħubija flimkien mad-data tagħhom;

ii) kull dikjarazzjoni u komunikazzjoni taħt Artikolu 9, paragrafi 2 u 3, Artikolu 18, paragrafu 1 u Artikolu 19, paragrafu 4 tal-Konvenzjoni kif reveduta minn dan il-Protokoll;

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

iii) id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll;

iv) kull proposta biex jiġu emendati l-limiti li saret skond Artikolu 23, paragrafu 2 ta' dan il-Protokoll;

v) kull emenda li ġiet adottata skond Artikolu 23, paragrafu 5 ta' dan il-Protokoll;

vi) kull emenda meqjusa li ġiet aċċettata taħt Artikolu 23, paragrafu 8 ta' dan il-Protokoll, flimkien mad-data li fiha dik l-emenda għandha tidħol fis-seħħ skond paragrafi 9 u 10 ta' dak l-Artikolu;

vii) id-depożitu ta' xi strument ta' denunzja ta' dan il-Protokoll flimkien mad-data tad-depożitu u d-data li fiha jidħol fis-seħħ;

viii) kull komunikazzjoni li tintalab minn xi Artikolu ta' dan il-Protokoll;

b) jiġu trażmessi kopji ċertifikati veri ta' dan il-Protokoll lill-Istati kollha li ffirmaw jew aċċettaw dan il-Protokoll.

3. Hekk kif dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ, it-test għandu jkunu mgħoddi mis-Segretarju-Ġenerali lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti għar-reġistrazzjoni u pubblikazzjoni skond Artikolu 102 taċ-Ċarter tan-Nazzjonijiet Uniti.

ARTIKOLU 25

Lingwi

Dan il-Protokoll hu stabbilit f'oriġinal wieħed bil-lingwa Għarbija, biċ-Ċiniż, bl-Ingliż, bil-Franċiż, bir-Russu u bl-Ispanjol, kull test huwa awtentiku ugwalment.

MAGĦMUL F'LONDRA din l-ewwel ġurnata ta' Novembru 2002.

LI KIENU XHIEDA TIEGĦU dawn iffirmati hawn taħt, li kienu awtorizzati biżżejjed mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom għal dak il-għan, iffirmaw dan il-Protokoll.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ANNESS GĦALL-KONVENZJONI TA' ATENI

ĊERTIFIKAT TA' ASSIGURAZZJONI JEW SIGURTA` OĦRA FINANZJARJA FIL-KAŻ TA' OBBLIGAZZJONI GĦALL-MEWT U KORRIMENT TA' PASSIĠĠIERI

Maħruġ skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 4bis tal-Konvenzjoni ta' Ateni marbuta mal-Ġarr ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom bil-Baħar, 2002

Isem tal-Vapur	Numru jew ittri distintivi	Numru ta' identifikazzjoni IMO tal-vapur	Port tar-reġistru	Isem u indirizz sħiħ tal-post prinċipali tan-negozju ta' min iġorr li fil-fatt jagħmel il-ġarr.

B'dan qed ikun iċċertifikat li hemm fis-seħħ fil-każ tal-vapur imsemmi hawn fuq polza ta' assigurazzjoni jew xi sigurta`oħra finanzjarja li tissodisfa l-ħtiġijiet ta' Artikolu 4bis tal-Konvenzjoni ta' Ateni marbuta mal-Ġarr ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom bil-Baħar, 2002.

Tip ta' Sigurtà: .....

Kemm ittul is-Sigurtà: .....

Isem u indirizz ta' l-assiguratur(i) u/jew tal-garantur(i)

Isem: .....

Indirizz: .....

.....

Dan iċ-ċertifikat hu validu sa .....

Maħruġ jew iċċertifikat mill-Gvern ta' .....

.....

(Titolu sħiħ ta' l-Istat)

JEW

It-test li ġej għandu jkun użat meta Stat li qiegħed f'Parti jagħmel użu minn Artikolu 4bis, paragrafu 3:

Iċ-ċertifikat preżenti hu maħruġ bl-awtorita` tal-Gvern ta' .....

(titolu sħiħ ta' l-Istat) minn ..... (isem ta' l-istituzzjoni jew organizzazzjoni)

Fi ..... Nhar .....

(Post) (Data)

.....

(Firma u Titolu ta' l-uffiċjal li ħarġu jew iċċertifikah)

Noti ta' spjegazzjoni:

1. Jekk ikun hekk mixtieq, id-dežinjazzjoni ta' Stat tista' tinkludi referenza għall-awtorità pubblika kompetenti tal-pajjiż fejn jinħareġ iċ-Ċertifikat.

2. Jekk l-ammont totali tal-garanzija ngħata minn aktar minn sors wieħed, l-ammont ta' kull wieħed minnhom għandu jiġi indikat.

3. Jekk il-garanzija tingħata f'forom diversi, dawn għandhom jiġu nnumerati.

4. Il-parti "Tul tal-Garanzija" trid tistipula d-data meta tiġi fis-seħħ din il-garanzija.

5. Il-parti "Indirizz" ta' l-assiguratur(i) u/jew tal-garanti trid tindika l-post ewlieni tan-negozju ta' l-assiguratur(i) u/jew tal-garanti. Jekk xieraq, għandu jiġi indikat il-post tan-negozju fejn l-assigurazzjoni jew garanzija oħra tkun stabbilita.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ANNESS II

RISERVAZZJONI TA' L-IMO 2006

P6_TA(2007)0149

Kontroll mill-port ta' l-Istat ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-25 ta' April 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-port mill-Istat (Verżjoni ta' tfassil mill-ġdid) (COM(2005)0588 — C6-0028/2006 — 2005/0238(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005) 0588) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 80(2) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0028/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0081/2007),

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

P6_TC1-COD(2005)0238

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' April 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2007/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-port mill-Istat (Tfassil mill-ġdid)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-*Kummissjoni*,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

([1]) *ĠU C 318, 23.12.2006, p. 195.*

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [1],

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 95/21/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 dwar il-kontroll portwali ta' l-Istat tat-tbaħħir [3] kienet emendata sostanzjalment diversi drabi. peress li jridu jsiru aktar emendi, għandha titfassal mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Billi l-Komunità hija serjament konċernata dwar korrimenti fuq bastimenti u tniġġis ta' l-ibħra u l-kosti ta' l-Istati Membri.

(3) Il-Komunità hija ugwalment konċernata fuq il-kondizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol abbord.

(4) Is-sigurtà, prevenzjoni ta' tniġġis u għajxien abbord bastimenti u kondizzjonjiet tax-xogħol jistgħu jkunu miżjuda b'riduzzjoni drastika minn ibħra tal-Komunità *ta' bastimenti substandard*, ***permezz ta' l-applikazzjoni*** b'mod strett Konvenzjonijiet Internazzjonali, kodiċijiet u riżoluzzjonijiet.

(5) Għal dan il-għan, il-Komunità tispera li jkun hemm ratifika malajr tal-Konvenzjoni tax-Xogħol Marittimu 2006 ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), li l-parti 5.2.1 tagħha tirreferi għall-obbligi ta' l-Istat tal-port.

(6) Il-monitoraġġ tat-tħaris tal-bastimenti ta' l-istandards internazzjonali għal sigurtà, prevenzjoni tat-tniġġis u kondizzjoniiet tax-xogħol għandhom ikunu primarjament ta' l-Istat tal-bandiera; madankollu, kien hemm nuqqas serju fuq numru dejjem jiżdied ta' Stati tal-bandiera biex jimplimentaw u jinforzaw standards internazzjonali; mil-lum 'il quddiem l-osservanza ta' standards internazzjonali għal sigurtà, prevenzjoni ta' tniġġis u kondizzjonijiet tax-xogħol għandhom ukoll jiġu osservati mill-Istat tal-port, ***fuq il-ftehim li spezzjoni ta' l-Istat tal-port mhijiex analiżi esperta, li r-rapporti ta' spezzjoni mhumiex ekwivalenti għal ċertifikat ta' adegwatezza għall-baħar, u li l-kontroll mill-Istat tal-port ma jistax jneħħi r-responsabbilta' ta' l-Istati tal-bandiera.***

(7) Ħsieb armonizzat għal infurzar effettiv ta' dawn l-istandards internazzjonali mill-Istati Membri dwar bastimenti li jbaħħru taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom u jużaw il-portijiet tagħhom jevitaw tagħwiġ tal-kompetittività.

(8) L-industrija tat-tbaħħir hija vulnerabbli għal atti ta' terroriżmu; miżuri għas-sigurtà tat-trasport għandhom ikunu implimentati effettivament u l-Istati Membri għandhom jimmoniterjaw b'reqqa l-konformità mar-regoli tas-sigurtà milli jagħmlu kontrolli tas-sigurtà.

(9) Għandu jittieħed vantaġġ mill-esperjenza gwadanjata waqt l-operazzjoni tal-Memorandum ta' ta' Fteħim ta' Pariġi *dwar* Kontroll Portwali ta' l-*Istat*, iffirmat f'Pariġi fis-26 Jannar 1982 *(MOU ta' Pariġi)*.

(10) L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà Marittima (EMSA) imwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilltas-27 ta' Ġunju 2002 [4], għandha tagħti l-assistenza meħtieġa biex tiżgura l-implimentazzjoni konverġenti u effettiva tas-sistema tal-kontroll portwali ta' l-Istat; b'mod partikulari l-EMSA għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' skema Komunitarja armonizzata għall-kwalifika u t-taħriġ ta' spetturi ta' kontroll portwali ta' ***l-Istat.***

([1]) *ĠU C 229, 22.9.2006, p. 38.*

([2]) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' April 2007.*

([3]) ĠU L 157, 7.7.1995, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/84/KE *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 53).

([4]) ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) *No 1891/2006 (ĠU L 394, 30.12.2006, p. 1).*

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

(11) ***Sistema*** effiċjenti ta' kontroll portwali ta' l-Istat ***għandha tfittex li*** tiżgura li l-bastimenti kollha li jidħlu f'port fl-Unjoni Ewropea jkunu spezzjonati ***regolarment. L-ispezzjoni*** għandha tkun ikkonċentrata fuq bastimenti substandard, filwaqt li bastimenti ta' kwalità, jiġifieri dawk li għandhom rekords ta' spezzjoni sodisfaċenti jew li jtajru l-bandiera ta' Stat li huwa konformi ma' l-Iskema ta' Verifika ta' l-Istati Membri ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), għandhom ikunu ppremjati billi jsirulhom spezzjonijiet anqas spissi; dawn l-arranġamenti ta' spezzjoni ġodda għandhom ikunu inkorporati fis-sistema Komunitarja ta' kontroll portwali ta' l-Istat malli l-varji aspetti tagħha jkunu definiti u fuq il-bażi ta' skema ta' qsim ta' spezzjonijiet fejn kull Stat Membru jikkontribwixxi b'mod ġust biex jinkiseb l-objettiv Komunitarju ta' sistema ta' spezzjoni komprensiva. ***Minbarra dan, l-Istati Membri għandhom jimpjegaw u jżommu n-numru meħtieġ ta' persunal, inklużi spetturi kwalifikati, filwaqt li jitqies il-volum u l-karatteristiċi tat-traffiku tal-baħar ta' kull port.***

(12) Is-sistema ta' spezzjoni stabbilit f'din id-direttiva għandha tkun koordinata mal-ħidma li saret mill-MOU ta' Pariġi. Peress li għandu jsir qbil dwar kwalunkwe żvilupp li jirriżulta mill-MOU ta' Pariġi fuq livell Komunitarju qabel ma jsiru applikabbli fi ħdan l-UE, għandha tiġi stabbilita koordinazzjoni mill-qrib bejn il-Komunita? u l-MOU ta' Pariġi bil-ħsieb li tinkiseb sistema uniformi ta' spezzjoni.

(13) Ir-regoli u proċeduri għal spezzjonijiet ta' portijiet ta' Stat, inklużi kriterji għad-detenzjoni tal-bastimenti, għandhom ikunu armonizzati biex jassiguraw effiċjenza konsistenti fil-portijiet kollha, li tnaqqas radikalment ukoll l-użu selettiv ta' ċertu portijiet ta' destinazzjoni biex tevita ix-xibka ta' kontroll xieraq.

(14) Ċerti kategoriji ta' bastimenti huma periklu ewlieni ta' inċidenti jew ta' tniġġis meta jkollhom ċertu żmien u għalhekk għandhom ikunu suġġetti għal spezzjoni profonda; jeħtieġ li jiġu stipulati d-dettalji ta' din l-ispezzjoni profonda.

(15) Fil-qafas tas-sistema ta' spezzjoni stabbilita minn din id-direttiva, l-intervalli bejn spezzjonijiet perjodiċi fuq vapuri jiddependu mill-profil ta' riskju tagħhom, li huwa stabbilit permezz ta' ċerti parametri ġeneriċi u storiċi. Għall-vapuri b'riskju għoli, dan l-intervall m'għandux jaqbeż sitt xhur.

(16) Xi bastimenti huma riskju ovvju għas-sigurtà marittima u għall-ambjent tal-baħar minħabba l-kundizzjoni ħażina, il-bandiera u l-istorja tagħhom; għalhekk għandhom ikunu rifjutati l-aċċess għall-portijiet ***u l-ankraġġi fil-***Komunitarji, sakemm ma jistax jintwera li jistgħu joperaw bla periklu fl-ibħra Komunitarji; għandhom ikunu stabbiliti linji gwida li jistipulaw il-proċeduri applikabbli fil-każ ta' impożizzjoni ta' tali projbizzjoni ta' l-aċċess u tat-tneħħija tal-projbizzjoni; fl-interess tat-trasparenza, il-lista ta' bastimenti li ġew irrifjutati l-aċċess għall-portijiet ***u l-ankraġġi fil-***Komunitarji għandha tkun pubblika.

(17) Sabiex jitnaqqas il-piż fuq ċerti amministrazzjonijiet u kumpaniji minħabba spezzjonijiet ripetittivi, perizja li saret fuq laneċ tat-tip "ro-ro" jew fuq dgħajsa tal-passiġġieri b'veloċità għolja skond id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE tad-29 ta' April 1999 dwar sistema ta' perizji obbligatorji għall-operat sikur ta' servizzi regolari ta' laneċ "ro-ro" u ta' dgħajjes tal-passiġġieri b'veloċità għolja [1], bl-approvazzjoni ta' l-Istat li qed jilqa' l-bastiment, għandha titqies bħala spezzjoni profonda skond is-sistema ta' kontroll portwali ta' l-Istat.

(18) Non-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjonijiet relevanti għandha tiġi rranġata; bastimenti li jeħtieġ li jkunu suġġetti għal azzjoni korrettorja, meta n-nuqqasijiet osservati huma kjarament perikoluži għas-sigurtà, saħħa, jew l-ambjent, għandhom jinżammu sakemm jiġu kkoreġuti n-nuqqasijiet.

(19) Għandu jkun disponibbli dritt ta' appell kontra deċiżjonijiet għal detenzjoni meħuda minn awtoritajiet kompetenti, biex ma jħallux li jittieħdu deċiżjonijiet mhux raġjonevoli li jistgħu jikkawżaw detenzjoni u dewmien mhux dovuti.

(20) L-awtoritajiet u l-ispetturi involuti f'attivitajiet ta' kontroll portwali ta' l-Istat m'għandux ikollhom kunflitt ta' interess, kemm mal-port ta' spezzjoni kif ukoll mal-bastimenti spezzjonati u interessi relatati; l-ispetturi għandhom ikunu kwalifikati kif xieraq u għandu jkollhom taħriġ xieraq sabiex iżommu u jtejbu l-kompetenza tagħhom meta jagħmlu l-ispezzjonijiet; l-Istati Membri għandhom jikkoperaw fl-iżvilupp u l-promozzjoni ta' skema Komunitarja armonizzata għall-kwalifika u t-taħriġ ta' l-ispetturi.

[1] ĠU L 138, 1.6.1999, p. 1. *Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/84/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 53).*

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

(21) Piloti u awtoritajiet tal-portijiet għandhom ikunu kapaċi jipprovdu informazzjoni utili fuq ***anomaliji li jinstabu*** abbord il-bastimenti.

(22) Ilmenti ***minn persuni li għandhom interess leġittimu konfermat,*** dwar kundizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol abbord għandhom ikunu investigati. ***Għandha tingħata prijorita? lill-ipproċessar ta' ilmenti fuq il-vapur.*** Kwalunkwe persuna li tagħmel ilment għandha tkun infurmata dwar dak li sar wara l-ilment.

(23) Koperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u awtoritajiet oħra jew organizzazzjonijiet hija neċessarja biex tassigura "follow-up" effettiv dwar bastimenti b'nuqqasijiet li ġew permessi jipproċedu u għat-tpartit ta' informazzjoni dwar bastimenti fil-port.

(24) Peress li l-bażi ta' dejta ta' l-ispezzjonijiet hija parti essenzjali mill-kontroll portwali ta' l-Istat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun aġġornata fid-dawl tar-rekwiżiti Komunitarji.

(25) Pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar bastimenti u l-operaturi jew il-kumpaniji tagħhom li ma jisservawx standards internazzjonali fuq sigurtà, saħħa u protezzjoni ta' l-ambjent tal-baħar, tista' tkun deterrent effettiv li taqta' qalb il-baħħara milli jużaw dawn il-bastimenti, u inċentiv għas-sidien biex jieħdu azzjoni korrettiva.

(26) L-ispejjeż kollha ta' l-ispezzjoni ta' bastimenti li ħaqqhom ikunu detenuti, u l-ispejjeż biex tkun revokata projbizzjoni għall-aċċess, għandhom jitħallsu mis-sid jew l-operatur.

(27) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni [1]. *Peress li dawn il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, dawn għandom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.*

(28) B'mod partikolari, sabiex ma jkunx impost piż amministrattiv sproporzjonat fuq Stati Membri li m'għandhomx portijiet fuq il-baħar, regola de minimis għandha tippermettilhom li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Miżuri li jimplimentaw dik ir-regola għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju.

(29) Peress li l-objettivi ta' l-azzjoni li trid tittieħed, l-aktar li jitnaqqas it-tbaħħir substandard fl-ibħra Komunitarji permezz tat-titjib tas-sistema Komunitarja ta' spezzjoni għall-bastimenti li jbaħħru u li jkunu żviluppati l-mezzi biex tittieħed azzjoni preventiva fil-qasam tat-tniġġis ta' l-ibħra, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu, għalhekk, minħabba l-kobor u l-effetti tagħhom, jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tieħu miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat; skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(30) L-obbligu li din id-Diretiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali għandu jgħodd biss għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva ta' qabel; l-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li ma nbidlux ġej mid-Direttiva ta' qabel.

(31) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stipulati fl-Anness XV, Parti B.

(32) Skond il-punt 34 tal-Ftehima Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet [2]***, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu għalihom u fl-interessi tal-Komunità, it-tabelli tagħhom li jindikaw il-korrelazzjoni bejn id-Direttivi u l-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, u għandhom jippubblikawhom,***

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. *Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).*
[2] ***ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.***

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Skop

L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tnaqqas b'mod drastiku tbaħħir substandard fl-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri, billi:

a) iżżid it-tħaris tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità internazzjonali relevanti fuq sikurezza marittima, sigurtà marittima, protezzjoni ta' l-ambjent tal-baħar, u kondizzjonijiet ta' għajxien u xogħol fuq bastimenti ta' kull bandiera;

b) twaqqaf kriterji komuni għal kontroll ta' bastimenti mill-Istat tal-port u tarmonizza l-proċeduri dwar spezzjoni u detenzjoni**;**

c) jiġi assigurat li l-vapuri kollha li jidħlu f'portijiet jew f'ankraġġi fil-Komunità jiġu spezzjonati bi frekwenza li tiddependi fuq il-profil ta' riskju tagħhom, sabiex vapuri li joħolqu riskju akbar jiġu spezzjonati aktar bir-reqqa u aktar b'mod aktar frekwenti;

d) jiġu introdotti elementi marbuta ma' sistema Komunitarja ta' kontroll mill-Istat ta' port, sabiex jiġu stabbiliti kriterji komuni għall-kontroll tal-vapuri mill-Istat ta' port u ssir l-armonizzazzjoni tal-proċeduri dwar l-ispezzjoni u d-detenzjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskop ta' din id-Direttiva:

1. "Konvenzjonijiet" tfisser il-Konvenzjonijiet li ġejjin, flimkien mal-protokolli u l-emendi tagħhom u kodiċijiet relatati ta' status mandatarju, fil-verżjoni aġġornata tagħhom:

   a) il-Konvenzjoni Internazzjonali tal-Linji ta' Tagħbija, 1966 (LL 66);

   b) il-Konvenzjoni Internazzjonali għal Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar, 1974 (Solas 74);

   c) il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Prevenzjoni ta' Tniġġis mill-Bastimenti, 1973, u l-Protokoll ta' 1978 dwarhom (Marpol 73/78);

   d) il-Konvenzjoni Internazzjonali fuq standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għal dawk li jaħdmu fuq il-bastimenti, 1978 (STEW 78);

   e) il-Konvenzjoni fuq Regolamenti Internazzjonali biex tevita Kolliżjonijiet fuq il-Baħar, 1972 (Colreg 72);

   f) il-Konvenzjoni Internazzjonali fuq Tkejjil ta' kemm Jiżnu l-Bastimenti, 1969 (ITC 69);

   g) il-Konvenzjoni dwar il-Bastimenti Merkantili (Standards Minimi), 1976 (ILO No 147);

   h) il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabiltà Ċivili għall-Ħsara mit-Tniġġis taż-Żejt, 1992 (CLC 92).

2. "Paris MOU" tfisser il-Memorandum ta' Ftehim fuq Kontroll Portwali ta' l-Istat, iffirmat f'Pariġi fis-26 Jannar 1982, fil-verżjoni aġġornata tiegħu.

3. "Qafas u proċeduri għall-Iskema Volontarja ta' Verifika ta' l-Istati Membri ta' l-IMO" tfisser ir-Riżoluzzjoni A.974(24) ta' l-IMO.

4. "Reġjun kopert bil-MOU ta' Pariġi": tfisser iz-zona ġeografika li fiha l-Istati membri ta' l-MOU ta' Pariġi jagħmlu spezzjonijiet fil-kuntest ta' l-MOU ta' Pariġi.

5. "Bastiment" ifisser kull bastiment li jbaħħar li għalihom tapplika waħda jew iktar mill-Konvenzjonijiet, li jtajru bandiera barra minn dik ta' l-Stat ta' dak il-port.

6. "Installazzjoni Off-shore" tfisser pjattaforma mwaħħla jew li żżomm f'wiċċ l-ilma li topera fuq jew 'mal-blata kontinentali ta' Stat Membru.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

7. "Port" tfisser zona ta' art u ilma b'xogħolijiet u tagħmir li tippermetti, prinċipalment, id-dħul ta' vapuri, it-tgħabbija u l-ħatt tagħhom, il-ħażna tal-merkanzija, l-aċċettazzjoni u l-kunsinna ta' din il-merkanzija, kif ukoll l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri.

8. "Ankraġġ" tfisser post f'port jew f'żona oħra fi ħdan il-ġurisdizzjoni ta' port li huwa adattat biex jankraw il-bastimenti.

9. "Spettur" ifisser ħaddiem tas-settur pubbliku jew persuna oħra, awtorizzata mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru biex jagħmel spezzjonijiet ta' kontroll portwali ta' l-Istat, u responsabbli lejn dik l-awtorità kompetenti.

10. "Awtorità kompetenti" tfisser awtorità marittima responsabbli għall-kontroll portwali ta' l-Istat skond din id-Direttiva.

11. "Awtorità kompetenti għas-sigurtà marittima" tfisser awtorità kompetenti għas-sigurtà marittima kif definita fl-Artikolu 2, punt 7 tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet [1].

12. "Spezzjoni ***inizjali***" tfisser żjara abbord bastiment minn spettur, *sabiex* ***jivverifika l-konformità*** *mal-Konvenzjonijiet u r-regolamenti relevanti u li tinkludi ta' l-inqas il-kontrolli meħtieġa fl-****Artikolu 12 (2).***

13. "Spezzjoni aktar dettaljata" tfisser spezzjoni fejn il-bastiment, it-tagħmir u l-ekwipaġġ tiegħu fil-parti kbira jew, kif xieraq, parti minhom huma soġġetti, fiċ-ċirkostanzi speċifikati fl-***Artikolu 12(3)***, għal evalwazzjoni kbira li tkopri l-kostruzzjoni tal-bastiment, tagħmir, tħaddim, kondizzjonijiet ta' xogħol u għajxien u konformità ma' proċeduri operazzjonali abbord.

14. "Spezzjoni aktar intensiva" tfisser spezzjoni li l-għan tagħha jinkludi mill-inqas il-punti *elenkati* fl-*Anness VIII*. Spezzjoni aktar intensiva tista' tinkludi spezzjoni aktar *dettaljata* kull meta jkun hemm *raġunijiet ġustifikati* b'konformita? ma' l-Artikolu ***13***.

15. "Ilment" tfisser kwalunkwe informazzjoni jew rapport***, barra r-rapport dwar anomaliji jew difetti evidenti mhejji mill-piloti jew mill-awtoritajiet tal-port b'konformita? ma' l-Artikolu 22,*** imressaq minn kwalunkwe persuna ***fiżika jew ġuridika*** b'interess ***leġittimu*** fis-sikurezza tal-vapur, inkluż interess fis-sikurezza jew fil-perikli għas-saħħa għall-ekwipaġġ tiegħu, fil-kundizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol fuq il-vapur u fil-prevenzjoni tat-tniġġis.

16. "Detenzjoni" tfisser il-projbizzjoni formali ta' bastiment biex ibaħħar minħabba ħsarat stabbiliti, li, individwalment jew flimkien, jagħmlu l-bastiment mhux tajjeb għal baħar.

17. "Ordni ta' rifjut għall-aċċess" tfisser ***deċiżjoni maħruġa*** lill-kaptan ta' bastiment u lill-kumpanija responsabbli għall-bastiment ***u lill-Istat tal-bandiera*** li javżahom li l-bastiment se jkun rifjutat l-aċċess għall-portijiet ***u l-ankraġġi kollha*** tal-Komunità.

18. "Twaqqif ta' operazzjoni" tfisser projbizzjoni formali ta' bastiment milli jkompli b'operazzjoni minħabba ħsarat stabbiliti li, individwalment jew flimkien, jagħmlu l-kontinwazzjoni ta' l-operazzjoni perikoluża.

19. "Kumpanija" tfisser is-sid tal-bastiment jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna bħall-maniġer, jew il-kerrej ta' bastimenti li jinkrew mingħajr kaptan jew ekwipaġġ ('bareboat charterer'), li ħa r-responsabiltà għall-operat tal-bastiment minn sid il-bastiment u li, wara li ħa din ir-responsabiltà, qabel li jieħu ħsieb id-dmirijiet u r-responsabiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Immaniġġjar tas-Sigurtà ("ISM").

20. "Organizzazzjoni Rikonoxxuta" tfisser soċjetà ta' klassifikazzjoni jew korp privat ieħor, li jwettqu xogħlijiet statutarji f'isem l-amministrazzjoni ta' Stat tal-bandiera.

21. "Ċertifikat statutarju" tfisser ċertifikat maħruġ minn jew f'isem Stat tal-bandiera skond il-Konvenzjonijiet internazzjonali.

22. Ċertifikat *ta'* ***klassifikazzjoni*** tfisser dokument maħruġ minn organizzazzjoni rikonoxxuta***, li jikkonferma l-konformita ma' SOLAS 74, Kapitolu II.1, Parti A.1, Regolament 3.1.***

23. 23. "*Ġabra* ta' *data* ta' l-ispezzjoni" tfisser is-sistema ta' ***tagħrif għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll mill-Istat ta' port fi ħdan il-Komunità u tikkunsidra l-ispezzjonijiet magħmula fir-reġjun ta' l-MOU ta' Pariġi.***

[1] ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 3

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tapplika għal kwalunkwe bastiment u l-ekwipaġġ tiegħu li jidħlu f'port jew f'ankraġġ ta' Stat Membru:

Franza tista' tiddeċiedi li l-portijiet koperti minn dan il-paragrafu ma jinkludux il-portijiet li qegħdin fid-dipartimenti extra-Ewropej imsemmija fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat.

Fejn Stat Membru jagħmel spezzjoni fuq vapur fl-ibħra territorjali tiegħu iżda barra minn port, din il-proċedura għandha titqies bħala spezzjoni għall-finijiet ta' din id-direttiva.

Xejn f'dan l-Artikolu ma taffettwa d-drittijiet ta' l-intervent li għandu kull Stat Membru skond il-Konvenzjonijiet internazzjonali relevanti.

L-Istati Membri li m'għandhomx portijiet fuq il-baħar jistgħu, b'ċerti kundizzjonijiet, ikollhom id-dritt għal deroga mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju imsemmija fl-Artikolu 30(2), il-miżuri għall-implimentazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu ta' deroga.

2. Fil-każ ta' bastimenti ta' tunnellaġġ inqas minn 500, l-Istati Membri għandhom japplikaw dawk ir-rekwiżiti ta' Konvenzjoni relevanti li huma applikabbli u safejn ma tapplikax il-Konvenzjoni, għandhom jieħdu dawk il-miżuri biex jassiguraw li l-bastimenti konċernati mhumiex kjarament perikolużi għas-sigurtà, is-saħħa u l-ambjent. Fl-applikazzjoni tagħhom ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom ikunu gwidati minn Anness 1 għall-MOU ta' Pariġi.

3. Meta jispezzjonaw bastiment li qiegħed itajjar bandiera ta' Stat li ma rratifikax il-Konvenzjoni, Stati Membri għandhom jassiguraw li t-trattament mogħti lil dan il-bastiment u l-ekwipaġġ tiegħu mhuwiex aktar favorevoli għal dak mogħti lil bastiment li jtajjar bandiera ta' Stat li ffirma dik il-Konvenzjoni.

4. Bastimenti tas-sajd, bastimenti tal-gwerra, awżiljarji navali, bastimenti ta' l-injam mibnija b'mod primittiv użati għal skopijiet mhux kummerċjali u "yachts" tad-divertiment li mhumiex użati għan-negozju għandhom ikunu eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Artikolu 4

Setgħat ta' spezzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex ikunu intitolati legalment biex iwettqu abbord bastimenti barranin l-ispezzjonijiet imsemmija f'din id-Direttiva skond il-liġi internazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom iwaqqfu awtoritajiet kompetenti xierqa, għall-ispezzjoni ta' bastimenti u għandhom jieħdu kull miżura xierqa biex jassiguraw li ***dawn*** jaqdu dmirijiethom kif stabbilit f'din id-Direttiva. B'mod partikulari, għandhom jimpjegaw u jżommu n-numru ta' staff meħtieġ, inkluži spetturi kwalifikati, filwaqt li jitqiesu l-volum u l-karatteristiċi tat-traffiku tat-tbaħħir f'kull port.

L-Istati Membri għandhom ifasslu l-arranġamenti xierqa biex jiżguraw li l-ispetturi jkunu disponibbli biex iwettqu spezzjonijiet ***inizjali u spanduti*** skond ***l-Artikoli 12 u 13*** u l-Anness ***I, Parti II.***

Artikolu 5

Sistema Komunitarju ta' spezzjoni

1. L-Istati Membri ***għandhom iwettqu l-ispezzjonijiet skond l-iskema ta' l-għażla deskritta fl-Artikolu 12 u fid-dispożizzjonijiet ta***' *l-Anness* ***I***.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

2. ***Kull Stat Membru għandu jwettaq kull sena numru totali ta' spezzjonijiet ta' vapuri individwali li jikkorrispondi għas-sehem tiegħu tan-numru totali ta' spezzjonijiet li għandhom jitwettqu kull sena fil-Komunita? u fiż-żona ta' l-MOU ta' Pariġi. Dan is-sehem għandu jkun ibbażat fuq in-numru ta' vapuri li jidħlu fil-portijiet jew fl-ankraġġi ta' l-Istat Membru konċernat b'konnessjoni mas-somma tan-numru ta' vapuri li jidħlu fil-portijiet u fl-ankraġġi ta' kull Stat Membru tal-Komunita? u ta' l-istati partijiet mill-MOU ta' Pariġi.***

Artikolu 6

Konformita' mas-sistema ta' spezzjoni Komunitarja

B'konformità ma' l-Artikolu 5, kull Stat Membru għandu:

a) jagħmel spezzjoni tal-vapuri ta' Prijorita' I, kif jingħad fl-Artikolu 11(a), li jidħlu fil-portijiet u l-ankraġġi tiegħu; u

b) kull sena jagħmel numru totali ta' spezzjonijiet ta' vapuri ta' Prijorità I u II, skond kif stabbilit fl-Artikolu 11(a) u (b), li għall-inqas ikun jikkorrispondi għall-impenji annwali tiegħu fil-qasam ta' l-inspezzjoni.

Artikolu 7

Iċ-ċirkostanzi li fihom ċerti vapuri ma jiġux spezzjonati

1. Fiċ-ċirkostanzi li ġejjin, Stat Membru ji sta' jiddeċiedi li jipposponi l-ispezzjoni ta' vapur ta' Prijorita? I:

i) jekk l-ispezzjoni tista' titwettaq fil-port li jmiss li fih jidħol il-vapur fl-istess Stat Membru, sakemm il-vapur ma jidholx, f'port jew ankraġġ ieħor tal-Komunità jew taż-żona koperta mill-MOU ta' Pariġi u li l-posponiment ma jaqbiżx ħmistax-il ġurnata; jew

ii) jekk l-ispezzjoni ti sta' ssir fi żmien ħmistax-il ġurnata f'port ieħor tal-Komunità jew taż-żona koperta mill-MOU ta' Pariġi, sakemm l-Istat fejn jinsab il-port ikun aċċetta li jwettaq l-ispezzjoni.

F'każ li spezzjoni tiġi posposta, iżda mhux skond is-subparagrafi (i) u (ii) u ma tiġiex rreġistrata fid-database ta' l-ispezzjonijiet, ser titqies bħala spezzjoni nieqsa fir-rigward ta' l-Istat Membru li jkun ipposponiha.

2. Fil-każijiet eċċezzjonali li ġejjin, spezzjoni li ma ssirx, għal raġunijiet operattivi, fuq vapuri ta' Prijorita I ma tiġix meqjusa bħala spezzjoni nieqsa, sakemm ir-raġuni għalfejn ma saritx l-ispezzjoni tiġi rreġistrata fid-database ta' l-ispezzjonijiet, jekk fuq fehma ta' l-awtorità kompetenti, it-tmexxija ta' l-ispezzjoni tkun ta' riskju għas-sikurezza ta'l-ispetturi, tal-vapur, ta' l-ekwipaġġ jew tal-port, jew ta' l-ambjent tal-baħar.

3. Jekk spezzjoni ma titwettaqx fuq vapur ankrat, m'għandhiex titqies bħala spezzjoni nieqsa, sakemm, jekk japplika is-subparagrafu (ii), ir-raġuni li għaliha ma tkun saret l-ispezzjoni tiġi rreġistrata fid-database ta' l-ispezzjonijiet, jekk:

i) il-vapur jiġi spezzjonat f'port ieħor tal-Komunità jew taż-żona li jagħmel parti mill-MOU ta' Pariġi, skond l-Anness I, fi żmien 15-il ġurnata, jew

ii) fil-fehma ta' l-awtorita kompetenti, it-twettiq ta' l-ispezzjoni toħloq sogru għas-sikurezza ta' l-ispetturi, tal-vapur, ta' l-ekwipaġġ tiegħu jew tal-port, jew lill-ambjent tal-baħar.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju imsemmija fl-Artikolu 30(2), il-miżuri għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 8

Notifika tal-wasla ta' bastimenti

1. L-operatur, l-aġent jew sid il-bastiment ***eliġibbli għal spezzjoni intensiva skond l-Artikolu 13, u li jkun sejjer fid-direzzjoni*** f'port jew f'ankraġġ ta' Stat Membru għandu jinnotifika l-wasla tiegħu skond ***id-dispożizzjonijiet ta' l-***Anness III.

2. Mal-wasla tan-notifika msemmija fil-paragrafu 1 u fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 dwar l-implimentazzjoni ta' sistema Komunitarja ta' monitoraġġ u informazzjoni dwar it-traffiku ta' bastimenti [1]***, l-awtorita? portwarja relevanti għandha tgħaddi din l-informazzjoni lill-awtorita? kompetenti.***

3. Għandhom jintużaw mezzi elettroniċi għal kwalunkwe komunikazzjoni stabbilita f'dan l-artikolu. Mezzi oħra ta' komunikazzjoni għandhom jintużaw biss meta l-mezzi elettroniċi ma jkunux disponibbli.

4. Il-proċeduri u l-formati żviluppati mill-Istati Membri għall-implimentazzjon ta' l-Anness III għandhom ikunu konformi mad-Direttiva 2002/59/KE.

Artikolu 9

Il-profil ta' riskju tal-vapuri

1. Kull bastiment li jidħol f'port jew ankraġġ ta' Stat Membru għandu jiġi attribwit profil ta' riskju li jiddetermina l-livell ta' prijorità ta' l-ispezzjoni, l-intervalli bejn l-ispezzjonijiet u l-ambitu tagħhom. Il-profil tar-riskju ta' kull bastiment ser jiddaħħal fid-database ta' l-ispezzjonijiet.

2. Il-profil tar-riskju ta' bastiment huwa determinat minn għażla ta' parametri ġeneriċi u storiċi kif ġej:

(a) Parametri ġeneriċi

Il-parametri ġeneriċi ser ikunu msejsa fuq it-tip, l-età, il-bandiera, l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti involuti u r-rendiment tal-kumpanija, kif stipulat fl-Anness I, parti I, punt 1 u l-Anness II.

(b) Parametri storiċi

Il-parametri storiċi huma bbażati fuq ir-rata ta' l-anomaliji u d-detenzjonijiet tul perjodu determinat, kif stipulat fl-Anness I, parti I, punt 2 u l-Anness II.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 30(2), r-regoli ta' l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu filwaqt li tispeċifika b'mod partikolari:

— ***il-valuri attribwibbli għal kull parametru ta' riskju,***

— ***taħlita ta' parametri ta' riskju li tikkorrispondi ma' kull livell tal-profil tar-riskju tal-vapur,***

— ***il-kundizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni tal-kriterji ta' l-Istat tal-bandiera li taħtha jbaħħar imsemmija fl-Anness I, parti I, punt 1 (c) (iii) dwar id-dimostrazzjoni ta' konformità ma' l-istrumenti applikabbli.***

---

[1] ***ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10.***

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 10

Frekwenza ta' l-ispezzjonijiet

1. Il-vapuri li jidħlu fil-portijiet jew l-ankraġġi tal-Komunita? huma suġġetti għal spezzjonijiet perjodiċi jew spezzjonijiet supplimentari skond l-iskema li ġejja:

a) il-vapuri huma suġġetti għal spezzjonijiet perjodiċi b'intervalli stabbiliti minn qabel skond il-profil ta' riskju tagħhom, b'konformità ma' l-Anness I, part II, taqsima 1. Iż-żmien bejn spezzjonijiet perjodiċi għal vapuri b'riskju għoli ma jistax ikun ta' aktar minn sitt xhur. Iż-żmien bejn spezzjonijiet perjodiċi għal vapuri bi profil ieħor ta' riskju jikber meta r-riskju jonqos, b'konformità ma' l-Anness I, part II, taqsima 1.

(b) Il-vapuri għandhom ikunu suġġetti għal-spezzjonijiet addizjonali b'mod indipendenti minn l-aħħar spezzjoni perjodika hekk kif ġej:

i) l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li vapuri li għalihom japplikaw il-fatturi predominanti elenkati fl-Anness I, part II, taqsima 2.1 huma suġġetti għal spezzjoni,

ii) vapuri li għalihom japplikaw il-fatturi mhux mistennija elenkati fl-Anness I, part II, taqsima 2.2 jistgħu ikunu suġġetti għal spezzjoni. Id-deċiżjoni li jsir dan it-tip ta' spezzjoni addizzjonali għandha titħalla fil-ġudizzju professjonali ta' l-awtorità kompetenti.

2. L-ispezzjonijiet perjodiċi u supplimentari għandhom jinkludu eżami ta' sensiela ta' punti stabbilita minn qabel li jvarjaw għal kull tip ta' vapur, it-tip ta' spezzjoni u l-konklużjonijiet ta' l-ispezzjonijiet li jkunu saru qabel mill-Istat tal-port.

Id-database ta' l-ispezzjonijiet ser tindika l-elementi sabiex jiġu identifikati ż-żoni ta' riskju li għandhom jiġu kkontrollati f'kull spezzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju imsemmija fl-Artikolu 30(2) u filwaqt li jitqiesu l-proċeduri applikati fil-kuntest ta' l-MOU ta' Pariġi, ir-regoli ta' implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, u b'mod partikolari jispeċifika l-lista tal-punti li jridu jiġu verifikati skond it-tip ta' vapur.

Artikolu 11

Għażla ta' vapuri għal skopijiet ta' spezzjoni

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-vapuri jiġu magħżula għal spezzjoni skond il-profil ta' riskju tagħhom kif deskritt fl-Anness I, part I, u skond il-fatturi dominanti jew imprevisti li jinqalgħu, b'konformità ma' l-Anness I, part II, taqsima 2.

Għal skopijiet ta' spezzjonjiet ta' vapuri, l-awtorità kompetenti:

a) tagħżel il-bastimenti għal spezzjoni obbligatorja, jew vapuri "ta'Prijorità I", b'konformita ma' l-iskema ta' spezzjoni msemmija fl-Anness I, part II, taqsima 3.1,

b) ti sta' tagħżel il-vapuri eleġibbli għal spezzjoni, jew vapuri "ta' Prijorità II", b'konformità ma' l-Anness I, part II, taqsima 3.2.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 12

Tipi ta' spezzjonijiet

1. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vapuri li jintgħażlu għal spezzjoni b'konformità ma' l-Artikolu 11 jiġu suġġetti għal spezzjoni inizjali, spezzjoni aktar dettaljata jew spezzjoni intensiva, kif ġej:***

2. Spezzjoni inizjali

(a) F'kull spezzjoni inizjali ta' bastiment, l-awtorità kompetenti għandha tieħu ħsieb li mill-inqas l-ispettur ***jiċċekkja*** ċ-ċertifikati u d-dokumenti ***msemmija f'Anness IV*** li għandhom jinstabu abbord b'konformità mal-liġi komunitarja ***applikabbli*** dwar is-***sigurtà*** marittima u mal-konvenzjonijiet ***internazzjonali,***

(b) Meta bastiment ikun awtorizzat iħalli port bil-kundizzjonijiet li n-nuqqasijiet jitranġaw fil-port li jmiss, l-ispezzjoni fil-port li jmiss għandha tkun limitata għall-ivverifikar li dawk in-nuqqasijiet tranġaw.

Madankollu, l-ispetur jista', bħala parti mill-ġudizzju professjonali tiegħu, jiddeċiedi li l-ispezzjoni trid tkun estiża biex tkopri verifiki ***addizzjonali.***

3. ***Spezzjoni aktar dettaljata***

Spezzjoni aktar dettaljata, inkluża verifika addizzjonali tal-konformità ta' l-eżiġenzi operattivi abbord il-vapur, issir kull *meta* hemm raġunijiet biex taħseb, wara l-ispezzjoni msemmija ***fil-paragrafu 2 punt (b)*** li l-kondizzjoni tal-bastiment jew tat-tagħmir tiegħu jew l-ekwipaġġ tiegħu ma tissodisfax sostanzjalment ir-rekwiżiti relevanti tal-***Konvenzjoni.***

"***Raġunijiet*** ċari" jeżistu meta l-ispettur isib evidenza li fil-ġudizzju professjonali tiegħu tinħtieġ spezzjoni aktar dettaljata tal-bastiment, it-tagħmir jew l-ekwipaġġ tiegħu.

Eżempji ta' "raġunijiet ċari" huma stabbiliti fl-Annessi V u VII, ***taqsima C.***

Artikolu 13

Spezzjoni aktar intensiva

1. Il-kategoriji ta' bastimenti li ġejjin ikunu eleġibbli għal spezzjonijiet intensivi kif jistipula l-Anness I, parti II, taqsima 3.1, punt 3.1 (a) u (b):

— ***bastimenti bi profil ta' riskju għoli,***

— ***bastimenti tal-passiġġieri, tankers taż-żejt, tankers tal-gass u prodotti kimiċi, bastimenti għall-ġarr bl-ingrossa li jkollhom aktar minn 12-il sena,***

— ***bastimenti bi profil ta' riskju għoli jew bastimenti tal-passiġġieri, tankers taż-żejt, tankers tal-gass u prodotti kimiċi, bastimenti għall-ġarr bl-ingrossa li jkollhom aktar minn 12-il sena, fil-każ ta' fatturi preponderanti jew fatturi imprevisti,***

— ***bastimenti suġġetti għal spezzjoni oħra wara ċaħda ta' aċċess skond l-Artikolu 20.***

2. Meta tirċievi notifika minn qabel minn bastiment li jista' jkollu spezzjoni intensiva, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf immedjatament lill-bastiment jekk se ssirlux spezzjoni intensiva jew le.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 14

Linji gwida u proċeduri skond il-liġi Komunitarja li tirregola s-sigurtà marittima

1. ***Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, il-proċeduri u l-linji gwida relevanti għall-kontroll ta' vapuri stipulat fl-Anness VI għandu jitqies kif jixraq.***

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jiġu infurmati kif xieraq dwar il-linji gwida jew proċeduri relevanti li jkun jeħtieġ li jiġu implimentati skond il-liġi Komunitarja, u għandhom jivverifikaw l-implimentazzjoni xierqa tagħhom.

2. ***F'dak li għandu x'jaqsam ma' kontrolli ta' sikurezza, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċeduri stipulati fl-Anness VII għall-bastimenti kollha msemmija fl-Artikolu 3, paragrafi 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 li jankraw fil-portijiet tagħhom, sakemm dawn ma jbaħħrux taħt il-bandiera ta' l-Istat tal-port li jagħmel l-ispezzjoni.***

Huma japplikaw dawn il-proċeduri għall-bastimenti msemmija fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 meta d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ikunu ġew estiżi għall-bastimenti msemmija fl-Artikolu 3(3).

3. ***Id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 13 dwar spezzjonijiet intensivi għandhom japplikaw għal vapuri ro-ro u għal vapuri tal-passiġġieri b'veloċità qawwija msemmija fl-Artikolu 2(a) u 2(b) tad-Direttiva 1999/35/KE.***

Meta vapur ikun ġie spezzjonat skond l-Artikoli 6 u 8 tad-Direttiva 1999/35/KE, dan it-tip ta' spezzjoni speċifika għandha tiġi meqjusa bħala spezzjoni aktar dettaljata jew spezzjoni estiża, kif relevanti, u rreġistrata bħala tali fil-bażi ta' dejta ta' l-ispezzjonijiet.

Bla preġudizzju għal prevenzjoni ta' l-operazzjoni ta' vapur ro-ro jew ta' bastiment tal-passiġġieri b'veloċità qawwija deċiża skond l-Artikolu 10 tad-Direttiva 1999/35/KE, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jirrigwardaw il-korrezzjoni tan-nuqqasijiet, id-detensjoni, is-segwitu ta' l-ispezzjonijiet, id-detensjoni u ċ-ċaħda ta' l-aċċess, fejn huwa xieraq, għandhom japplikaw.

Artikolu 15

Miżuri ta' rifjut għall-aċċess li jikkonċernaw ċerti bastimenti

1. Stat Membru għandu jiżgura li kwalunkwe bastiment li jissodisfa l-kriterji ***speċifikati f'dan il-paragrafu,*** jkun irrifjutat l-aċċess għall-portijiet u l-ankraġġi tiegħu, ħlief fis-sitwazzjonijiet deskritti fl-*Artikolu 20 (6)* ***jekk dawn il-bastimenti:***

— ***ibaħħru taħt bandiera ta' Stat li jinsab fuq il-lista s-sewda jew il-lista griża, kif adottati mill-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi fuq il-bażi ta' informazzjoni rreġistrata fid-database ta' l-ispezzjonijiet u kif ippubblikati kull sena mill-Kummissjoni, u***

— ***inżammu milli jbaħħru skond id-direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE jew ġew miċħuda l-użu tagħhom għal aktar minn darbtejn matul is-sitta u tletin xahar preċedenti f'port ta' Stat Membru jew ta' Stat firmatarju tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi.***

Għall-iskopijiet ta' dan il-paragrafu, il-lista definita mill-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju ta' kull sena.

L-ordni ta' ċaħda ta' aċċess ma titneħħiex qabel ma jgħaddu tliet xhur mid-data ta' l-ordni u sakemm ma jkunux sodisfatti l-kundizzjonijiet tal-paragrafi 4 sa 10 ta' l-Anness IX.

Jekk il-bastimenti jerġa' jkollhom ċaħda oħra ta' aċċess, il-perjodu jiżdied għal tnax-il xahar. Kwalunkwe żamma oħra mit-tbaħħir minn port tal-Komunità tirriżulta f'ċaħda permamenti ta' aċċess jew ta' ankraġġ għall-bastiment f'port tal-Komunità.

2. Għall-għanijiet *ta'* ***dan l-Artikolu***, l-Istati Membri għandhom ikunu konformi mal-proċeduri stipulati fl-Anness IX, punt B.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 16

Rapport ta' spezzjoni lill-kaptan

Meta titlesta spezzjoni, spezzjoni iktar dettaljata, jew spezzjoni profonda, l-ispettur għandu jfassal rapport skond l-Anness X. Il-kaptan għandu jingħata kopja tar-rapport ta' l-ispezzjoni.

Artikolu 17

Ilmenti

L-ilmenti kollha, ***kif mifhuma fl-Artikolu 2(15), li jiġu minn persuni li jkollhom interess leġittimu kkonfermat*** dwar il-kundizzjonijiet abbord ***issir inkjesta inizjali dwarhom mill-awtorità kompetenti.***

L-inkjesta inizjali għandha tippermetti li jiġi ddeterminat, kemm jista' jkun malajr, jekk l-ilment ikunx ammissibbli jew jekk ikun ovvju li m'għandux bażi jew li jkun abbużiv b'mod ċar.

Meta l-awtorità kompetenti tqis li l-ilment m'għandux bażi soda biżżejjed, għandha tinforma lil min għamel l-ilment bid-deċiżjoni tagħha u bir-raġunijiet għaliha.

L-identità tal-persuna li tressaq l-ilment m'għandhiex tkun żvelata lill-kaptan jew lis-sid konċernat. L-ispettur għandu jiżgura l-kunfidenzjalità matul kwlaunkwe intervista tal-membri ta' l-ekwipaġġ.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw l-amministrazzjoni ta' l-Istat tal-bandiera, b'kopja lill-ILO jekk xieraq, dwar ilmenti li m'humiex bla bażi u dwar l-azzjonijiet li ttieħdu.

Artikolu 18

Korrezzjoni u detenzjoni

1. L-awtorità kompetenti għandha tkun sodisfatta li xi defiċjenzi konfermati jew żvelati *mill-ispezzjoni huma* jew se jiġu korretti skond il-Konvenzjonijiet.

2. F'każ ta' nuqqasijiet illi diġà huma perikoluż għas-sigurtà, is-saħħa jew l-ambjent, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat tal-port fejn qiegħed jiġi spezzjonat il-bastiment għanha tassigura li l-bastiment jinżamm, jew li titwaqqaf l-operazzjoni li matulha ġew rappurtati n-nuqqasijiet. L-ordni ta' detenzjoni jew twaqqif ta' operazzjoni m'għandhiex tkun irrevokata sakemm jitneħħa l-perikolu jew sakemm din l-awtorità tista' tistabbilixxi illi l-bastiment jista' soġġett għal kondizzjonijiet neċessarji, ibaħħar jew titkompla l-operazzjoni mingħajr riskju għas-sigurtà u s-saħħa tal-passiġġieri jew l-ekwipaġġ, jew riskju lil bastimenti oħra, jew mingħajr ma hemm theddida mhux raġjonevoli lill-ambjent tal-baħar.

3. Bla ħsara għar-restrizzjonijiet għal raġunijiet ta' sigurtà deċiżi skond ir-Regolament (KE) Nru 725/2004, ordni ta' detenzjoni maħruġa minn awtorità kompetenti tista':

a) tinkludi gwida li l-bastiment għandu jibqa' f'post partikulari, jew għandu jiċċaqlaq għal ankraġġ jew irmiġġ partikulari; u

b) tispeċifika ċ-ċirkustanzi li fihom il-kaptan tal-bastiment jista' jċaqlaq il-bastiment minn post speċifikat għal raġunijiet ta' sigurtà jew ta' prevenzjoni tat-tniġġis.

4. Meta jeżerċita l-ġudizzju professjonali tiegħu dwar jekk bastiment għandux jinżamm jew le, l-ispettur għandu japplika l-kriterji stabbiliti fl-Anness XI.

F'dan ir-rigward, jekk l-ispezzjoni tiżvela li l-bastiment m'huwiex mgħammar b'rekorder tad-dejta tal-vjaġġ li jaħdem sew, meta l-użu tiegħu jkun obbligatorju skond id-Direttiva 2002/59/KE, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-bastiment jinżamm.

Jekk in-nuqqasijiet li jiġġustifikaw id-detenzjoni ma jistgħux jitrangaw malajr fil-port ta' detenzjoni, l-awtorità kompetenti tista' tippermetti lill-bastiment jipproċedi għat-tarzna tat-tiswija li tkun l-eqreb għall-port ta' destinazzjoni fejn jista' jissewwa malajr jew tista' tirrikjedi li n-nuqqasijiet jitrangaw f'perjodu massimu ta' 30 jum, skond il-linji gwida mfassla mill-MOU ta' Pariġi. Għal dawn l-għanijiet, għandhom japplikaw il-proċeduri stipulati fl-*Artikolu 20*.

5. F'ċirkostanżi eċċezzjonali, fejn il-kondizzjoni tal-bastiment inġenerali hija ovvjament substandard, l-awtorità kompetenti tista' tissospendi l-ispezzjoni ta' dak il-bastiment sakemm l-entitajiet responsabbli jieħdu l-passi neċessarji biex jassiguraw li jkun konformi ma' rekwiżiti relevanti tal-Konvenzjonijiet.

6. Fil-każ li l-ispezzjonijiet msemmija fl-Artikoli 6 u 7 jagħtu lok għal detenzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tinforma immedjatament, bil-miktub, l-amministrazzjoni ta' l-Istat tal-bandiera jew lill-Konslu, jew fl-assenza tiegħu l-iktar rappreżentant diplomatiku viċin ta' l-Istat, biċ-ċirkostanzi kollha li fihom huwa meqjus neċessarju intervent. Barra minn hekk, periti nominati jew organizzazzjonijiet rikonoxxuti responsabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati tal-klassi jew għal ***ċertifikati statutorji*** skond il-Konvenzjonijiet internazzjonali għandhom ikunu ***notifikati.***

7. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu bla ħsara għar-rekwiżiti addizzjonali tal-Konvenzjonijiet li jikkonċernaw proċeduri ta' notifikazzjoni u rapurtaġġ dwar kontroll portwali ta' l-Istat.

8. Meta jkun qed jiġi eżerċitat kontroll portwali ta' l-Istat skond din id-Diretttiva, għandhom isiru l-sforzi kollha possibbli biex ikun evitat li bastiment jinżamm jew jiddewwem ta' xejn. Jekk bastiment jinżamm jew jiddewwem ta' xejn, is-sid jew l-operatur ikun intitolat għal kumpens għal kull ħsara jew telf li jiġġarrab. F'xi każ ta' allegazzjoni ta' detenzjoni mhux meħtieġa jew dewmien, l-oneru tal-prova jkun tas-sid jew l-operatur tal-bastiment.

9. Meta miżura ta' detenzjoni tiġi deċiża, l-awtorità kompetenti tinforma b'dan lill-awtorità tal-port mill-aktar fis possibbli.

10. Sabiex titnaqqas il-konġestjoni tal-portijiet, awtorità kompetenti tista' tħalli bastiment miżmum jitressaq għal parti oħra tal-port jekk ikun sikur. Madankollu, ir-riskju ta' konġestjoni tal-portijiet m'għandux jitqies meta tittieħed deċiżjoni dwar detenzjoni jew dwar rilaxx mid-detenzjoni.

L-awtoritajiet tal-port għandhom jikkoperaw ma' l-awtorità kompetenti bil-għan li jkun iffaċilitat l-ilqugħ ta' bastimenti miżmuma.

Artikolu 19

Dritt ta' appell

1. Is-sid jew l-operatur tal-bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu fi Stat Membru għandu jkollu dritt ta' appell kontra deċiżjoni ta' detenzjoni meħuda mill-awtorità kompetenti. Appell m'għandux ikun il-kawża li tiġi sospiża d-detenzjoni***, iżda għandu jkun imsemmi fid-databases ta' l-ispezzjonijiet.***

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jwaqqfu proċeduri xierqa għal dan l-iskop skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. ***Huma għandhom jikkoperaw sabiex jiksbu normi u proċeduri koerenti għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, speċjalment bl-intenzjoni li l-appelli jistemgħu fi żmien raġjonevoli.***

3. L-awtorità kompetenti għandha tinforma sewwa lill-kaptan tal-bastiment imsemmi fil-paragrafu 1 dwar dritt ta' appell ***u bl-arranġamenti prattiċi marbuta miegħu***.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

4. Meta, minħabba appell jew talba mis-sid jew mill-operatur ta' bastiment jew mir-rappreżentant tiegħu, detenzjoni jew rifjut għall-aċċess ikunu revokati jew emendati:

(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bażi ta' dejta ta' l-ispezzjonijiet tkun emendata kif xieraq mingħajr dewmien,

(b) L-Istat Membru li ħareġ l-ordni ta' detenzjoni jew l-ordni ta' rifjut għall-aċċess, fi żmien 24 siegħa minn deċiżjoni bħal din, għandu jiżgura li t-tagħrif ippubblikat skond l-*Artikolu 25* jitranġa.

Artikolu 20

Stħarriġ wara l-ispezzjonijiet u d-detenzjonijiet

1. Fejn nuqqasijiet kif imsemmija fl-*Artikolu 18(2)* ma jistgħux jitranġaw fil-port ta' l-ispezzjoni, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru tista' tħalli l-bastiment konċernat ibaħħar ***direttament*** lejn it-tarzna l-aktar viċina u disponibbli tal-port ta' detenzjoni fejn tista' tittieħed azzjoni, kif magħżul mis-sid u l-awtoritajiet konċernati, sakemm jitħarsu l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat tal-bandiera u aċċettati minn dak l-Istat Memru. Dawn il-kondizzjonijiet għandhom jassiguraw li l-bastiment jista' jipproċedi mingħajr riskju għas-sigurtà jew is-saħħa tal-passiġġieri jew l-ekwipaġġ, jew riskju lil bastimenti oħra, jew mingħajr ma jkun hemm theddida mhux raġjonevoli ta' ħsara għall-ambjent tal-baħar.

2. Meta d-deċiżjoni biex bastiment jintbagħat f'tarzna tkun minħabba nuqqas ta' konformità mar-Riżoluzzjoni A. 744(18) ta' l-IMO, kemm jekk fir-rigward tad-dokumentazzjoni ta' bastiment kif ukoll fir-rigward tan-nuqqasijiet u d-deficjenzi strutturali ta' bastiment, l-awtorità kompetenti tista' tirrikjedi li l-kejl meħtieġ tal-ħxuna jsir fil-port tad-detenzjoni qabel ma l-bastiment jitħalla jbaħħar.

3. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fil-port ta' spezzjoni għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat fejn tkun qiegħda t-tarzna, lill-entitajiet imsemmija fl-*Artikolu 18(6)* u kull awtorità oħra kif xieraq tal-kondizzjonijiet kollha għall-vjaġġ.

L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tirċievi din in-notifika għandha tinforma lill-awtorità ta' notifika dwar l-azzjoni li ttieħdet.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jassiguraw li l-aċċess għal kwalunkwe port ***jew ankraġġ*** fi ħdan il-Komunità jkun irrifjutat għall-bastimenti msemmija fil-paragrafu 1 li jitilqu biex ibaħħru:

a) mingħajr ħarsien tal-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fil-port ta' spezzjoni; jew

b) li jirrifjutaw li josservaw ir-rekwiżiti applikabbli tal-Konvenzjonijiet billi ma jmorrux fit-tarzna indikata.

Tali rifjut għandu jibqa' sakemm is-sid jew l-operatur produċew evidenza għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn instab li l-bastiment kien difettuż li turi li l-bastiment jikkonforma għal-kollox mar-rekwiżiti applikabbli tal-Konvenzjonijiet.

5. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi 4(a), l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn instab difettuż il-bastiment għandha tinfurma immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kollha.

Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 4(b), l-awtorità kompetenti fejn tinstab it-tarzna ta' l-Istat Membru immedjatament għandha tinforma lill-awtoritjiet kompetenti ta' l-Istati Membri kollha.

Qabel ma jkun rifjutat id-dħul, l-Istat Membru jista' jitlob konsultazzjonijiet ma' l-amministrazzjoni tal-bastiment konċernat.

6. B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4, jista' jiġi permess aċċess għall-port ***jew għal ankraġġ*** speċifiku mill-awtorità relevanti ta' dak l-Istat tal-port fil-każ ta' forza maġġuri jew konsiderazzjonijiet ta' sigurtà aktar importanti, jew biex tnaqqas jew timminimizza r-riskju ta' tniġġis jew ikollha ħsarat korretti, sakemm miżuri adegwati għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti ta' dak l-Stat Membru ġew implimentati mis-sid, l-operatur jew il-kaptan tal-bastiment biex tassigura dħul sigur.

Artikolu 21

Profil professjonali ta' l-ispetturi

1. L-ispezzjonijiet għandhom isiru biss mill-ispetturi li jaderixxu għall-kriterji ta' kwalifikazzjoni speċifikati fl-Anness XII u li huma awtorizzati biex iwettqu kontroll portwali ta' l-Istat mill-awtorità kompetenti.

2. Meta l-ħila professjonali meħtieġa ma tistax tiġi provduta mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat tal-port, l-ispettur ta' dik l-awtorità kompetenti jista' jkun assistit minn kull persuna bil-ħila rikjesta.

3. L-awtorità kompetenti, l-ispetturi li jagħmlu kontroll portwali ta' l-Istat u l-persuni li jassistuhom ma għandux ikollhom interess kummerċjali jew fil-port ta' spezzjoni jew fil-bastimenti spezzjonati, u l-ispetturi lanqas ma għandhom ikunu mqabbda minn jew jagħmlu xogħol f'isem organizzazzjonijiet mhux governattivi li joħorġu ċertifikati statutarji u ta' klassifikazzjoni jew li jagħmlu spezzjonijiet neċessarji għal ħruġ ta' dawk iċ-ċertifkati għall-bastimenti.

4. Kull spettur għandu jġorr dokument personali fil-forma ta' karta ta' l-identità maħruġ mill-awtorità kompetenti skond id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/40/KE tal-25 ta' Ġunju 1996 li tistabbilixxi mudell komuni għal karta ta' l-identità għal spetturi li jagħmlu kontroll ta' l-Istat fil-portijiet ([1]).

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kompetenza ta' l-ispetturi tkun ivverifikata, u li l-għerf tagħhom kif imsemmi fl-Anness XII ikun ittestjat, qabel ma jawtorizzawhom biex iwettqu l-ispezzjonijiet u dan għandu jsir kull ħames snin.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispetturi jirċievu taħriġ xieraq fir-rigward ta' bidliet tas-sistema ***Komunitarja*** ta' kontroll portwali ta' l-Istat kif stipulat f'din id-Direttiva u fl-emendi għall-Konvenzjonijiet.

7. B'koperezzjoni ma' l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u tippromwovi skema Komunitarja armonizzata għall-kwalifika u t-taħriġ ta' l-ispetturi.

Artikolu 22

Rapporti minn piloti u awtoritajiet tal-port

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li ***l-piloti li jaħdmu*** fuq bastimenti li sejrin lejn port fl-Istat Membru ***jistgħu*** immedjatament jinfurmaw lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat tal-port jew ta' l-Istat kostali, kif xieraq, meta jsiru jafu waqt il-qadi ta' dmirijiethom li hemm ***anomaliji/sejbiet jew*** difetti ***li jidhru*** li jistgħu jippreġudikaw in-navigazzjoni sigura tal-bastiment, jew li jistgħu jkunu ta' theddida għall-ambjent tal-baħar.

2. Jekk awtoritajiet tal-port, meta qed jaqdu dmirijiethom, isiru jafu li bastiment fil-port tagħhom għandu ***anomaliji/sejbiet jew*** difetti ***li jidhru*** li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-bastiment jew li huma ta' theddida ta' ħsara mhux raġjonevoli għall-ambjent tal-baħar, din l-awtorità għandha tinforma immedjatament lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat tal-port konċernat.

([1]) ĠU L 196, 7.8.1996, p. 8.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

3. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li*** l-piloti u l-awtoritajiet tal-port ***jirrappurtaw l-informazzjoni sussegwenti*** f'forma elettronika kulmeta possibbli.

— ***informazzjoni dwar il-bastimenti (isem, numru IMO, sinjal ta' sejħa u bandiera);***

— ***informazzjoni dwar it-tbaħħir (port ta' oriġini, port ta' destinazzjoni);***

— ***deskrizzjoni ta' l-anomaliji/sejbiet jew difetti li jidħru abbord.***

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju mniżżla fl-Artikolu 30(2), tista' tadotta miżuri għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, inkluż format elettroniku armonizzat u proċeduri għar-rappurtaġġ ta' anomaliji/sejbiet jew difetti li jidħru min-naħa ta' piloti u awtoritajiet tal-port u ta' azzjoni ta' tkomplija meħuda mill-Istati Membri.

Artikolu 23

Koperazzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet tal-port tiegħu u awtoritajiet jew korpi rilevanti oħra jagħtu lill-awtorità kompetenti għall-kontroll portwali ta' l-Istat it-tip ta' tagħrif li ġej li jkun fil-pusses tagħhom:

— tagħrif notifikat skond l-Annes III;

— tagħrif dwar bastimenti li naqsu li jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' notifika skond din id-Direttiva u d-Direttivi 2000/59/KE *tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet ta' l-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija* ([1]) u 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll, jekk xieraq, skond ir-Regolament (KE) Nru 725/2004;

— tagħrif dwar bastimenti li baħħru mingħajr ma kienu konformi ma' l-Artikolu 7 jew 10 tad-Direttiva 2000/59/KE;

— tagħrif dwar bastimenti li ġew irrifjutati l-aċċess jew li tkeċċew mill-port għal raġunijiet ta' sigurtà.

2. L-Istati Membri għandhom iżommu dispożizzjonijiet għat-tpartit ta' informazzjoni u ko-operazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Stati Membri kollha u jżommu r-relazzjoni eżistenti bejn l-awtoritajiet kompetenti, il-Kummissjoni u l-bażi ta' dejta ta' l-ispezzjonijiet.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw l-aġġornar tal-bażi ta' dejta ta' l-ispezzjonijiet fid-dawl tar-rekwiżiti li johorġu minn din id-Direttiva.

Sabiex isiru l-ispezzjonijiet, l-ispetturi għandhom jikkonsultaw il-bażijiet ta' dejta pubbliċi u privati dwar l-ispezzjonijiet tal-bastimenti aċċessibbli permezz tas-sistema ta' tagħrif Equasis.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li t-tagħrif dwar l-ispezzjonijiet jiġi trasferit għall-bażi ta' dejta ta' l-ispezzjonijiet mingħajr dewmien.

L-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu tkun dik speċifikata fl-Annessi X u *XIII*.

4. Kull Stat Membru għandu jara li l-awtorità kompetenti fil-qasam tal-kontroll mill-Istat tal-port tforni lill-awtoritajiet tal-port b'informazzjoni rilevanti li jkollha f'idejha.

([1]) ĠU L 332, 28.12.2000, p. 81. *Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2002/84/KE (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 53).*

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 24

Database ta' l-ispezzjoni

1. Għandha titwaqqaf database komuni ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll għall-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u taġġorna database ta' spezzjoni, bl-għajnuna ta' l-EAMS. Id-database għandha turi l-profili ta' riskju tal-bastimenti, billi tindika l-bastimenti kollha li jkun imisshom li jiġu spezzjonati, billi tikkalkula l-impenn ta' spezzjoni u li tkun kapaċi tirċievi dejta dwar iċ-ċaqliq tal-bastimenti.

2. Id-database għandha wkoll tintuża sabiex tikklassifika l-bastimenti ta' l-Istati Membri fil-listi bojod, griżi u suwed bi qbil mal-metodu ta' kalkolazzjoni stabbilit mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 30(2).

3. Il-bażi tas-sistema għandha tkun magħmula mir-rekwiżiti konġunti MoU ta' l-UE u Pariġi. Madankollu, fil-każ ta' rekwiżiti speċifiċi ta' l-UE, il-Komunità għandu jkollha d-diskrezzjoni totali li tieħu d-deċiżjonijiet dwar l-iżvilupp u l-adattament possibbli tas-sistema sabiex tissodisfa dawn ir-rekwiżiti.

4. Id-database ta' l-ispezzjoni għandu jkollha l-kapaċità li tadatta ruħha għal żviluppi futuri u li tkun konnessa ma' databases Komunitarji dwar is-sigurtà marittima oħrajn u, meta dan ikun xieraq, ma' sistemi ta' informazzjoni nazzjonali rilevanti.

5. Id-database ta' spezzjoni, hekk kif xieraq, għandha tinkorpora rekwiżiti speċifiċi mill-MoU ta' Pariġi u tkun kapaċi li tirċievi informazzjoni rigward spezzjonijiet irreġistrata minn Stati terzi li huma firmatarji ta' l-MoU ta' Pariġi għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva.

6. Id-database ta' spezzjoni għandha tkun aċċessibbli fil-mod "read only" mill-amministrazzjonijiet tal-Membri ta' l-IMO, mill-entitajiet taħt ir-responsabiltà tagħha u mill-partijiet ikkonċernati. Dan l-aċċess għandu jkun jiddependi fuq ftehim ta' kunfidenzjalità simili għal dak meħtieġ għall-ispetturi ta' l-Istati Membri.

Artikolu 25

Pubblikazzjoni ta' l-informazzjoni

1. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tkun żgurata l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar spezzjonijiet, detenzjonijiet u rifjuti għall-aċċess skond l-*Anness XIII*.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu m'għandhomx jaffettwaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar ir-responsabiltà.

Artikolu 26

"Black-list" dwar rendiment ta' operaturi u kumpaniji tal-bastimenti

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tippubblika ***minn ta' l-inqas darba fix-xahar, fuq sit ta' l-Internet pubbliku, l-informazzjoni relatata mal-kumpaniji li l-livell ta' prestazzjoni tagħhom, iddeterminat bil-għan li jiġi kkaratterizzat il-livell ta' riskju tal-bastimenti skond il-proċedura msemmija fl-Anness I, parti I, punt (e), ikun ġie iġġudikat bħala baxx jew baxx ħafna matul perjodu ta' tliet xhur jew iktar.***

Il-Kummissjoni għandha tadotta r-regoli neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija mill-Artikolu 30(2).

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 27

Rimbors ta' spejjeż

1. Jekk l-ispezzjonijiet imsemmija fl-***Artikoli 12 u 13*** jikkonfermaw jew jikxfu nuqqasijiet rigward ir-rekwiżiti tal-Konvenzjoni li teżiġi d-detenzjoni ta' bastiment, l-ispejjeż kollha relatati ma' l-ispezzjonijiet f'perjodu normali ta' tagħrif normali għandhom jitħallsu mis-sid tal-bastiment jew mill-operatur jew mir-rappreżentant tiegħu fl-Istat tal-port tiegħu.

2. L-ispejjeż kollha dwar l-ispezzjonijiet li saru mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skond id-dispożizzjonijiet ta' l-*Artikolu 20(4)* u l-*Artikolu 15* jkunu fuq is-sid jew operatur tal-bastiment.

3. Fil-każ ta' detenzjoni ta' bastiment, l-ispejjeż kollha tad-detenzjoni fil-port għandhom jitħallsu mis-sid jew mill-operatur tal-bastiment.

4. Id-detenzjoni m'għandhiex tkun irrevokata sakemm isir il-ħlas totali jew tingħata garanzija suffiċjenti għar-rimbors ta' l-ispejjeż.

Artikolu 28

Informazzjoni biex issegwi l-implimentazzjoni

L-Istati Membri jagħtu lill-Kummissjoni ***u lill-EMSA*** l-informazzjoni elenkata fl-*Anness XIV* skond l-intervalli msemmija f'dak l-Anness.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex ikun żgurat li l-Kummissjoni ***u lill-EMSA*** jkollha aċċess sħiħ u bla restrizzjoni għad-dejta kollha amministrata mill-bażi ta' dejta ta' l-ispezzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu 23(2)*.

Artikolu 29

L-immonitorjar tal-konformità u r-rendiment ta' l-Istati Membri

Sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva u sabiex ikun immonitorjat it-tħaddim globali tas-sistema Komunitarja ta' kontroll portwali ta' l-Istat skond l-Artikolu 2(b)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, il-Kummissjoni għandha tiġbor it-tagħrif meħtieġ u żżur l-Istati Membri.

Artikolu 30

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) imwaqqaf bl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' *l-5 ta' Novembru 2002* [1].

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw ***l-Artikolu 5a, paragrafi 1 sa 4, u l-Artikolu 7*** tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

[1] ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1. Rgolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 93/2007 (ĠU L 22, 31.1.2007, p. 12).

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 31

Proċedura ta' emenda

Din id-Direttiva, mingħajr ma jitwessa' l-qasam ta' applikazzjoni tagħha, tista' tiġi emendata skond il-proċedura *regolatorja bi skrutinju msemmija* fl-*Artikolu 30(2)*, sabiex:

a) ***tadatta l-Annessi*** għal liema jirreferu dawn l-Artikoli, fuq il-bażi ta' esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tqis l-iżviluppi fl-MOU ta' Pariġi;

b) tadatta l-Annessi***, minbarra l-Anness I,*** biex tqis l-emendi li daħlu fis-seħħ għal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar is-sikurezza u s-sigurtà marittima, u għall-Konvenzjonijiet, Protokolli, kodiċijiet u reżoluzzjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti għall-MOU ta' Pariġi;

c) temenda d-definizzjonijiet *f'* Konvenzjonijiet internazzjonali *u l-listi ta' Konvenzjonijiet internazzjonali* li huma rilevanti għall-għanijiet ta' din id-Direttiva.

L-emendi għall-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Artikolu 2 jistgħu jkunu esklużi mill-qasam ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) ***Nru 2099/2002.***

***Artikolu** 32*

Pieni

L-Istati Membri għandhom ifasslu sistema ta' ***pieni*** għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawk *il-**pieni*** ikunu applikati. *Il-**pieni*** għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-pieni hekk iddefiniti jippermettu applikazzjoni uniformi ta' l-iskema ta' kontroll fil-Komunità, u ma joħolqux tagħwiġ tal-fatti bejn l-Istati Membri.

Artikolu 33

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva mhux aktar tard minn 18-il xahar wara li jiskadi l-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-reviżjoni se teżamina, inter alia, ***lejn it-twettiq ġenerali ta' l-isforzi fil-livell Komunitarju fil-qasam ta' l-ispezzjoni hekk kif previst fl-Artikolu 5***, in-numru ta' spetturi ta' kontroll portwali ta' l-Istat f'kull Stat Membru u n-numru ta' spezzjonijiet li jsiru, ***u lejn it-tħaddim kif suppost tal-mekkaniżmu ta' tqassim indaqs ta' l-ispezzjonijiet li ma sarux, hekk kif imsemmi fl-Artikolu 7.***

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultati tar-reviżjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha tiddetermina fuq il-bażi tar-reviżjoni huwiex meħtieġ li tipproponi Direttiva ta' emenda jew aktar leġiżlazzjoni f'dan il-qasam.

Artikolu 34

Implimentazzjoni u notifika

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' l-Artikoli […] u l-punti […] ta' l-Annessi [….] [artikoli jew suddiviżjonijiet tagħhom, u punti ta' l-Annessi li tbiddlu fis-sustanza tagħhom meta mqabbla mad-Direttiva ta' qabel] mhux aktar tard minn 18-il xahar wara d-data ffissata ***fl-Artikolu 36.***

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jiġu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li referenzi f'liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-direttiva[i] rrevokati minn din id-Direttiva għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva.Il-metodi dwar kif trid issir din ir-referenza u x'għandu jitniżżel fid-dikjarazzjoni għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġijiet nazzjonali adottat fis-settur kopert minn din id-Direttiva.

4. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq bażi regolari dwar il-progress ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva fi ħdan l-Istati Membri.

Artikolu 35

Revoka

Id-Direttiva 95/21/KE, kif emendata bid-Direttivi elenkati fl-*Anness XV*, Parti A, hija rrevokata b'effett minn … (*), bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri marbuta ma' l-iskadenzi għat-traspożizzjoni tad-Direttivi stipulati fl-*Anness XV*, Parti B fil-liġi nazzjonali.

Ir-referenzi għad-Direttiva rrevokati għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella tal-korrelazzjoni fl-*Anness XVI*.

Artikolu 36

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara li tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

L-Artikoli […] u l-punti […] ta' l-annessi […] [artikoli, jew suddiviżjonijiet tagħhom, u punti ta' l-annessi li ma nbidlux meta mqabbla mad-direttiva ta' qabel] għandhom japplikaw minn … (*).

Artikolu 37

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

(*) *Data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ANNESS I

ELEMENTI TAS-SISTEMA KOMUNITARJA TA' SPEZZJONI PORTWALI TA' L-ISTAT

(kif imsemmija fl-***Artikolu 5***)

L-elementi li ġejjin għandhom ikunu inklużi fis-Sistema Komunitarja ta' Spezzjoni Portwali ta' l-Istat:

I. PROFIL TAR-RISKJI TA' BASTIMENT

Il-profil tar-riskji ta' bastiment huwa stabbilit b'kombinazzjoni tal-parametri li ġejjin:

1. Parametri ġeneriċi

(a) It-tip ta' bastiment

Bastimenti tal-passiġġieri, tankers taż-żejt u tal-kimiċi, "carriers" tal-gass u tal-merkanzija mhux ippakkjata jitqiesu li huma ta' riskju ogħla.

(b) Kemm għandu żmien il-bastiment

Bastimenti eqdem jitqiesu li huma ta' riskju ogħla ***wara tnax-il sena***.

(c) Rendiment ta' l-Istat tal-Bandiera

(i) Bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat b'rata ta' detenzjoni għolja fi ħdan l-UE u r-reġjun ta' l-MOU ta' Pariġi jitqiesu li huma ta' riskju ogħla.

(ii) Bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat b'rata ta' detenzjoni baxxa fi ħdan l-UE u r-reġjun ta' l-MOU ta' Pariġi jitqiesu li huma ta' riskju iżgħar.

(iii) Bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat għal liema saret verifika indipendenti skond il-***qafas u mal-proċeduri tas-sistema volontarja ta' verifika ta' l-Istati Membri*** l-IMO li wera konformità ma' l-istrumenti rilevanti ***billi kien konformi mal-miżuri previsti fl-Artikolu 9(3), tielet inċiż, jew inkella, sakemm dawn il-miżuri jkunu ttieħdu, billi tiġi fornita l-prova li jkun ressaq pjan ta' azzjoni korrettriċi,*** jitqiesu li huma ta' riskju iżgħar.

(d) Organizzazzjonijiet rikonoxxuti

(i) Bastimenti li ngħataw ċertifikati minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti li għandhom livell ta' rendiment baxx jew baxx ħafna fir-rigward tar-rati ta' detenzjoni tagħhom fi ħdan l-UE u r-reġjun ta' l-MOU ta' Pariġi jitqiesu li huma ta' riskju ogħla.

(ii) Bastimenti li ngħataw ċertifikati minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti li għandhom livell ta' rendiment għoli fir-rigward tar-rati ta' detenzjoni tagħhom fi ħdan l-UE u r-reġjun ta' l-MOU ta' Pariġi jitqiesu li huma ta' riskju iżgħar.

(iii) Bastimenti b'ċertifikati maħruġa minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti skond il-kundizzjonijiet tad-Direttiva *tal-Kunsill* 94/57/KE *tat-22 ta' Novembru 1994 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-ispezzjoni tal-bastimenti u l-organizzazzjonijiet tal-perizji u għall-attivitajiet relevanti ta' l-amministrazzjoniet marittimi* [1] jitqiesu li huma ta' riskju iżgħar.

(e) Rendiment tal-kumpaniji

(i) Bastimenti ta' kumpanija b'rendiment baxx jew baxx ħafna skond in-nuqqasijiet u r-rati ta' detenzjoni tal-bastimenti tagħha fi ħdan l-Unjoni Ewropea u r-reġjun ta' l-MOU ta' Pariġi jitqiesu li huma ta' riskju ogħla.

(ii) Bastimenti ta' kumpanija b'rendiment għoli skond in-nuqqasijiet u r-rati ta' detenzjoni tal-bastimenti tagħha fi ħdan l-Unjoni Ewropea u r-reġjun ta' l-MOU ta' Pariġi jitqiesu li huma ta' riskju iżgħar.

[1] *ĠU L 319, 12.12.1994, p. 20. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 53).*

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

2. Parametri storiċi

(i) Bastimenti li nżammu aktar minn darba jitqiesu li huma ta' riskju ogħla.

(ii) Il-vapuri li, waqt spezzjoni jew spezzjonijiet li twettqu matul l-aħħar sitta u tletin xahar, ippreżentaw inqas minn ħames anomaliji għal kull spezzjoni u li ma ġewx detenuti waqt l-aħħar sitta u tletin xahar jitqiesu li jippreżentaw riskju aktar baxx.

(iii) Bastimenti li ma nżammux fl-aħħar 36 ***xahar jitqiesu*** li huma ta' riskju iżgħar.

Il-parametri ***ġeneriċi u storiċi*** tar-riskji msemmija ***fl-ewwel u t-tieni taqsima*** għandhom jingħaqdu biex ikunu stabbiliti l-profili tar-riskji ta' bastiment li ġejjin:

— riskju għoli,

— riskju standard,

— riskju baxx.

Meta jiġu stabbiliti dawn il-profili tar-riskju tingħata aktar importanza lill-parametri ***mat-tip ta' vapur,*** għarrendiment ta' l-Istat tal-bandiera, organizzazjonijiet rikonoxxuti u rendiment tal-kumpaniji

II. SPEZZJONI TAL-BASTIMENTI

Bastimenti li jidħlu f'portijiet Komunitarji huma suġġetti għal spezzjonijiet perjodiċi f'intervalli regolari, u għal spezzjonijiet addizzjonali meta jinqalgħu fatturi mhux mistennija.

1. Spezzjonijiet perjodiċi

L-ispezzjonijiet perjodiċi ***jitwettqu b'intervalli*** ffissati ***minn qabel. Il-frekwenza tagħhom hija ddeterminata*** mill-profil tar-riskji tal-bastiment. L-intervall bejn spezzjonijiet perjodiċi ta' bastimenti b'riskju għoli m'għandux ikun aktar minn *sitt* xhur. L-intervall bejn spezzjonijiet perjodiċi ta' bastimenti bi profili ta' riskju oħra għandu jiżdied meta r-riskju jonqos.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu spezzjoni perjodika fuq:

— Kwalunkwe bastiment bi profil ta' riskju għoli li ma kienx spezzjonat f'port ta' l-Unjoni Ewropea jew tar-reġjun ta' l-MOU ta' Pariġi matul l-aħħar *sitt* xhur. Bastimenti b'riskju għoli jsiru eliġibbli għal spezzjoni mill-ħames xahar.

— Kwalunkwe bastiment bi profil ta' riskju standard li ma kienx spezzjonat f'port ta' l-Unjoni Ewropea jew tar-reġjun ta' l-MOU ta' Pariġi matul l-aħħar 12-il xahar. Bastimenti b'riskju standard jsiru eliġibbli għal spezzjoni mill-għaxar xahar.

— Kwalunkwe bastiment bi profil ta' riskju baxx li ma kienx spezzjonat f'port ta' l-Unjoni Ewropea jew tar-reġjun ta' l-MOU ta' Pariġi matul l-aħħar ***30 xahar***. Bastimenti b'riskju baxx isiru eliġibbli għal spezjoni mill-24 xahar.

2. Spezzjonijiet addizzjonali

Bastimenti għal liema japplikaw il-fatturi ***predominanti jew*** mhux mistennija li ġejjin huma suġġetti għal spezzjoni jkun xi jkun il-perjodu mill-aħħar spezzjoni perjodika tagħhom.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

2.1. Elementi predominanti

Il-bastimenti li għalihom japplikaw l-elementi predominanti elenkati hawn taħt huma soġġetti għal spezzjoni jkun xi jkun iż-żmien li għadda sa mill-aħħar spezzjoni perjodika tagħhom:

— Bastimenti li ġew sospiżi jew irtirati mill-klassi tagħhom għal raġunijiet ta' sigurtà mill-aħħar spezzjoni fl-Unjoni Ewropea jew fir-reġjun ta' l-MOU ta' ***Pariġi.***

— ***Bastimenti*** li kienu s-suġġett ta' rapport jew ta' notifika minn Stat Membru ieħor.

— Bastimenti li ma jistgħux ikunu identifikati fil-bażi ta' dejta ta' l-ispezzjonijiet.

— Bastimenti li:

  — kienu involuti f'ħabta jew li inkaljaw fi triqhom lejn il-port;

  — kienu akkużati bi ksur allegat tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rilaxx ta' sustanzi jew effluwenti li jagħmlu l-ħsara, jew

  — immanuvraw ħażin jew b'mod mhux sikur għaliex ma ntużawx miżuri ta' mmanuvrar, adottati mill-IMO, jew ma segwewx prattiki u proċeduri għat-tbaħħir sikur.

— ***Il-bastimenti li ma jissodisfawx l-eżiġenzi relatati man-notifiki sabiex ikunu konformi ma' l-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva, mad-Direttivi 2000/59/KE u 2002/59/KE, u, jekk ikun il-każ, mar-Regolament (KE) Nru 725/2004.***

— ***Il-bastimenti li ġew indikati bħala li jippreżentaw anomaliji li għad ma ġewx korretti, minbarra bastimenti li l-anomaliji tagħhom iridu jiġu kkanċellati fi żmien erbatax-il jum wara t-tluq jew li jridu jiġu kkanċellati qabel it-tluq.***

2.2. Elementi mhux mistennija

Il-bastimenti li għalihom japplikaw l-elementi mhux mistennija elenkati hawn taħt huma soġġetti għal spezzjoni jkun xi jkun iż-żmien li jkun għadda sa mill-aħħar spezzjoni perjodika. Madankollu huwa l-parir professjonali ta' l-ispettur li jiddeċiedi jekk issrix din l-ispezzjoni supplimentari jew le.

— ***Il-bastimenti:***

  — ***kienu*** operati b'tali mod li jkunu ta' periklu għall-persuni, il-proprjetà jew l-ambjent, jew

  — ma kinux konformi ma' rakkomandazzjonijiet ***dwar navigazzjoni mid-daħliet għall-Baħar Baltiku, hekk kif jidhru fl-annessi tar-riżoluzzjoni MSC.138(76)*** *ta'* l-IMO.

— ***Il-bastimenti li jkollhom ċertifikat mogħti minn entità li kienet rikonoxxuta iżda li r-rikonoxximent tagħha ġie irtirat sa mill-aħħar spezzjoni effettwata fl-Unjoni Ewropea jew fir-reġjun kopert mill-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi.***

— Bastimenti li ġew rappurtati minn piloti jew awtoritajiet tal-port li għandhom ***anomaliji jew*** difetti ***li jidhru*** li jistgħu jippreġudikaw in-navigazzjoni sigura tagħhom jew li jistgħu jkunu theddida ta' ħsara lill-ambjent skond l-*Artikolu 22* ta' din id-***Direttiva.***

— ***Bastimenti*** li sarilhom rapport jew ilment mill-kaptan, membru ta' l-ekwipaġġ, jew kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni b'interess leġittimu fl-operat sikur tal-bastiment, fil-kundizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol abbord jew fil-prevenzjoni tat-tniġġis, sakemm l-Istat Membru konċernat ma jqsix li r-rapport jew l-ilment huwa bla bażi b'mod ċar.

— Bastimenti li nżammu aktar minn tliet xhur ***ilu.***

— ***Bastimenti*** li kienu rrappurtati bi problemi fir-rigward tal-merkanzija, partikolarment merkanzija noċiva u perikoluża.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

— Bastimenti li kienu operati b'tali mod li jkunu ta' periklu għall-persuni, il-proprjetà jew l-ambjent.

— ***Il-bastimenti li, permezz ta' sors affidabbli, wieħed jaf li l-fattur ta' riskju tagħhom huwa ogħla minn dak indikat u li għalhekk il-livell ta' riskju huwa ogħla.***

3. ***Sistema ta' selezzjoni***

3.1. Il-bastimenti ta' prijorità I għandhom jiġu spezzjonati b'dan il-mod:

a) — għandha titwettaq ispezzjoni msaħħa:

— ***fuq kull bastiment b'livell ta' riskju għoli li ma ġiex spezzjonat waqt l-aħħar sitt xhur,***

— ***fuq kull bastiment għall-passiġġiera, kull tanker taż-żejt, tal-gass jew tal-prodotti kimiċi, jew kull bastiment għall-ġarr ta' merkanzija mhux ippakkjata, ta' iktar minn 12-il sena b'livell ta' riskju normali li ma ġiex spezzjonat waqt l-aħħar tnax -il xahar,***

— ***fuq kull bastiment tal-passiġġieri, kull tanker taż-żejt, tal-gass jew tal-prodotti kimiċi, jew kull bastiment għall-ġarr ta' merkanzija mhux ippakkjata, ta' iktar minn 12-il sena b'livell baxx ta' riskju li ma ġiex spezzjonat waqt l-aħħar sitta u tletin xahar;***

b) għandha titwettaq ispezzjoni inizjali jew, skond il-każ, aktar dettaljata:

— ***fuq kull bastiment li ma jkunx bastiment tal-passiġġieria, tanker taż-żejt, tal-gass jew tal-prodotti kimiċi, jew bastiment għall-ġarr ta' merkanzija mhux ippakkjata, ta' iktar minn 12-il sena b'livell ta' riskju normali li ma ġiex spezzjonat waqt l-aħħar tnax-il xahar,***

— ***fuq kull bastiment li ma jkunx bastiment tal-passiġġieri, tanker taż-żejt, tal-gass jew tal-prodotti kimiċi, jew bastiment għall-ġarr ta' merkanzija mhux ippakkjata, ta' iktar minn 12-il sena b'livell ta' riskju baxx li ma ġiex spezzjonat waqt l-aħħar sitta u tletin xahar;***

c) fil-każ li jkun hemm element predominanti:

— ***għandha titwettaq spezzjoni aktar dettaljata jew imsaħħa, skond il-ġudizzju professjonali ta' l-ispettur, fuq kull bastiment b'riskju għoli u fuq kull bastiment tal-passiġġieri, kull tanker taż-żejt, tal-gass jew tal-prodotti kimiċi, jew kull bastiment għall-ġarr ta' merkanzija mhux ippakkjata, ta' iktar minn 12-il sena,***

— ***għandha titwettaq spezzjoni aktar dettaljtata fuq kull bastiment ta' aktar minn tnax-il sena li ma jkunx bastiment tal-passiġġieri, tanker taż-żejt, tal-gass jew tal-prodotti kimiċi, jew bastiment għall-ġarr ta' merkanzija mhux ippakkjata.***

3.2. Il-bastimenti ta' prijorità II għandhom jiġu spezzjonati b'dan il-mod:

a) għandha titwettaq spezzjoni msaħħa:

— ***fuq kull bastiment b'livell ta' riskju għoli li ma ġiex spezzjonat waqt l-aħħar ħames xhur,***

— ***fuq kull bastiment tal-passiġġieri, kull tanker taż-żejt, tal-gass jew tal-prodotti kimiċi, jew kull bastiment għall-ġarr ta' merkanzija mhux ippakkjata, ta' iktar minn 12-il sena b'livell ta' riskju normali li ma ġiex spezzjonat waqt l-aħħar għaxar xhur,***

— ***fuq kull bastiment tal-passiġġieri, kull tanker taż-żejt, tal-gass jew tal-prodotti kimiċi, jew kull bastiment għall-ġarr ta' merkanzija mhux ippakkjata, ta' iktar minn 12-il sena b'livell baxx ta' riskju li ma ġiex spezzjonat waqt l-aħħar erbgħa u għoxrin xahar;***

b) għandha titwettaq spezzjoni inizjali jew, skond il-każ, aktar dettaljata:

— ***fuq kull bastiment li ma jkunx bastiment tal-passiġġieri, tanker taż-żejt, tal-gass jew tal-prodotti kimiċi, jew bastiment għall-ġarr ta' merkanzija mhux ippakkjata, ta' iktar minn 12-il sena b'livell ta' riskju normali li ma ġiex spezzjonat waqt l-aħħar għaxar xhur,***

— ***fuq kull bastiment li ma jkunx bastiment tal-passiġġieri, tanker taż-żejt, tal-gass jew tal-prodotti kimiċi, jew bastiment għall-ġarr ta' merkanzija mhux ippakkjata, ta' iktar minn 12-il sena b'livell ta' riskju baxx li ma ġiex spezzjonat waqt l-aħħar erbgħa u għoxrin xahar;***

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

c) fil-każ li jkun hemm element imprevist:

— *għandha titwettaq spezzjoni aktar dettaljata jew imsaħħa, skond il-ġudizzju professjonali ta' l-ispettur, fuq kull bastiment b'riskju għoli u fuq kull bastiment tal-passiġġieri, kull tanker taż-żejt, tal-gass jew tal-prodotti kimiċi, jew kull bastiment għall-ġarr ta' merkanzija mhux ippakkjata, ta' iktar minn 12-il sena,*

— *għandha titwettaq spezzjoni aktar dettaljtata fuq kull bastiment ta' aktar minn tnax-il sena li ma jkunx bastiment tal-passiġġieri, tanker taż-żejt, tal-gass jew tal-prodotti kimiċi, jew bastiment għall-ġarr ta' merkanzija mhux ippakkjata.*

ANNESS II

LIVELL TA' RISKJU TAL-VAPURI

				Livell ta' riskju			
				Vapuri b'livell ta' riskju għoli (HRS)		*Vapuri b'livell ta' riskju normali (SRS)*	*Vapuri b'livell ta' riskju baxx (LRS)*
Parametri ġeneriċi				*Kriterji*	*Importanza (f'punti)*	*Kriterji*	*Kriterji*
1	*Tip ta' vapur*			*Sustanzi kimiċi Gass Żejt Merkanzija mhux ippakkjata Passiġġieri*	*2*	*La vapur b'riskju għoli u lanqas vapur b'riskju baxx*	*It-tipi kollha*
2	*Kemma għandu żmien il-vapur*			*It-tipi kollha > 12-il sena*	*1*		*Ta' kull żmien*
3A	*Bandiera*	*Listi suwed, griżi u bojod*		*Sewda — Riskju għoli ħafna Riskju għoli, Riskju medju għal għoli*	*2*		*Bajda*
				Sewda — Riskju medju	*1*		
3B		*Verifika — IMO*		*-*	*-*		*Iva*
4A	*Entitajiet rikonoxxuti*	*Riżultati*	*Għolja*	*-*	*-*		*Għolja*
			Medji	*-*	*-*		*-*
			Baxxi	*Baxxi*	*1*		*-*
			Baxxi ħafna	*Baxxi ħafna*			*-*
4B		*Rikonoxxuti mill-UE*		*-*	*-*		*Iva*
5	*Kumpanija*	*Riżultati*	*Għolja*	*-*	*-*		*Għolja*
			Medji	*-*	*-*		*-*
			Baxxi	*Baxxi*	*2*		*-*
			Baxxi ħafna	*Baxxi ħafna*			*-*
Parametri storiċi							
6	*Numru ta' anomaliji reġistrati waqt kull spezzjoni waqt l-aħħar 36 xahar*		*Anomaliji*	*Mhux eliġibbli*	*-*		*≤ 5 (u mill-inqas ispezzjoni mwettqa waqt l-aħħar 36 xahar)*
7	*Numru ta' detenzjonijiet waqt l-aħħar 36 xahar*		*Detenzjonijiet*	*≥ 2 detenzjonijiet*	*1*		*L-ebda detenzjoni*

L-HRS huma vapuri li jilħqu l-kriterji b'importanza totali ta' 5 punti jew aktar.
Il-LRS huma vapuri li jilħqu l-kriterji kollha fil-kuntest tal-parametri applikabbli għar-riskju baxx.
L-SRS huma l-vapuri li la huma HRS u lanqas LRS.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ANNESS III

NOTIFIKA

Informazzjoni li trid tiġi provduta bi qbil ma' l-Artikolu 8(2).

L-informazzjoni *elenkata hawn taħt* ***għandha tinbagħat*** lill-awtorità tal-port jew lill-awtorità jew lill-korp maħtura għal dak il-għan talanqas tlett ijiem qabel il-ħin li mistenni jasal fil-port jew fl-ankraġġ jew qabel ma jitlaq il-port jew l-ankraġġ preċedenti jekk huwa mistenni li l-vjaġġ idum anqas minn tlett ijiem:

a) l-identifikazzjoni tal-bastiment (l-isem, il-kodiċi ta' komunikazzjoni, in-numru ta' identifikazzjoni ta' l-IMO jew in-numru MMSI);

b) kemm hu ppjanat li jdum fil-port ***u lista ta' portijiet Komunitarji li suċċessivament jiġu miżjura waqt l-istess vjaġġ***;

c) għat-tankers:

   i) l-istruttura: buq wieħed, buq wieħed bl-SBT, żewġ bwieq;

   ii) il-kundizzjoni tal-merkanzija u tat-tankijiet tas-saborra: mimlija, vojta, inerti;

   iii) il-volum u n-natura tal-merkanzija;

d) ix-xogħol ippjanat fil-port jew fl-ankraġġ tad-destinazzjoni (tagħbien, ħatt, oħrajn);

e) l-ispezzjonijiet ta' perizja statutarji ppjanati u xogħol sostanzjali ta' manutenzjoni u tiswija li jridu jsiru waqt li jkun fil-port jew fl-ankraġġ tad-destinazzjoni;

f) id-data ta' l-aħħar spezzjoni dettaljata fl-MOU ta' ***Pariġi.***

ANNESS IV

LISTA TA' ĊERTIFIKATI U DOKUMENTI

(kif imsemmija fl-*Artikolu 12(2)*)

1. Ċertifikat ta' Tunnellaġġ Internazzjonali (1969).

2. — Ċertifikat ta' Sigurtà tal-Passiġġieri tal-Bastiment;
   — Ċertifikat ta' Kostruzzjoni Sigura ta' Bastiment tat-Tagħbija;
   — Ċertifikat ta' Tagħmir Sigur ta' Bastiment tat-Tagħbija;
   — Ċertifikat ta' Radjutelegrafija Sigura ta' Bastiment tat-Tagħbija;
   — Ċertifikat ta' Radjutelefonija Sigura ta' Bastiment tat-Tagħbija;
   — Ċertifikat ta' Radju Sigur ta' Bastiment tat-Tagħbija;
   — Ċertifkat ta' eżenzjoni, anke, meta xieraq, il-lista tat-tagħbijiet;
   — Ċertifikat ta' Sigurtà għal Bastiment tat-Tagħbija.

3. Ċertifikat Internazzjonali tas-Sigurtà ta' Bastiment (ISSC).

4. Rekord ta' Sinopsi Kontinwa.

5. Ċertifikat Internazzjonali ta' Addazzjoni għall-Ġarr ta' Gassijiet Likwidi bil-Massa;
   — Ċertifikat ta' Idonjetà għall-Ġarr ta' Gassijiet Likwefatti bil-Massa.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

6. Ċertifikat Internazzjonali ta' Idonjetà għall-Ġarr ta' Kimiċi Perikolużi bil-Massa;

   — Ċertifikat ta' Idonjetà għall-Ġarr ta' Kimiċi Perikolużi bil-Massa.

7. Ċertifikat Internazzjonali ta' Prevenzjoni mit-Tniġġis ta' Żejt.

8. Ċertifikat Internazzjonali ta' Prevenzjoni ta' Tniġġis għall-Ġarr ta' Sustanzi Likwidi Perikolużi bil-Massa.

9. Ċertifikat Internazzjonali Load Line (1966);

   — Ċertifikat Internazzjonali ta' eżenzjoni Load Line.

10. Ktieb ta' tagħrif taż-żejt, partijiet I u II.

11. Ktieb ta' rekords tat-tagħbija.

12. Dokument ta' maniġġjar minimu sigur.

13. Ċertifikati jew kwalunkwe dokumenti oħra maħruġa skond il-Konvenzjoni STCW.

14. Ċertifikati mediċi, (Ara l-Konvenzjoni Nru 73 ta' l-ILO li tikkonċerna Eżami Mediku ta' Baħrin).

15. Tabella ta' arranġamenti ta' ħidma abbord (Konvenzjoni ta' l-ILO Nru 180 u STCW 95).

16. Rekords tas-sigħat ta' xogħol u ta' mistrieħ tal-baħrin (Konvenzjoni ta' l-ILO Nru 180).

17. Informazzjoni ta' stabilità.

18. Kopja tad-Dokument ta' Osservazzjoni u Ċertifikat maħruġ skond il-Kodiċi ta' Tmexxija Internazzjonali għall-Operazzjoni Sigura tal-Bastimenti u għal Prevenzjoni ta' Tniġġis (SOLAS 74, Kapitolu IX).

19. Ċertifikati dwar il-qawwa tal-qafas tal-bastiment u stallazzjonijiet ta' makkinarju maħruġa mill-organizzazzjoni rikonoxxuta konċernata (meħtieġa biss jekk il-bastiment iżomm il-klassi tiegħu ma' organizzazzjoni rikonoxxuta).

20. Dokument ta' konformità mar-rekwiżiti speċjali għal bastimenti li jġorru oġġetti perikolużi.

21. Ċertifikat ta' sigurtà għal dgħajjes b'veloċità għolja u permess għall-operat ta' dgħajjes b'veloċità għolja.

22. Lista jew manifest speċjali ta' oġġetti perikolużi, jew pjan dettaljat ta' l-istivar.

23. Il-'log book' tal-bastiment fir-rigward tar-rekords ta' testijiet u provi, inklużi provi tas-sigurtà, u l-'log' għal rekords ta' spezzjoni u manutenzjoni ta' apparat u arranġamenti li jsalvaw il-ħajja u ta' apparat u arranġamenti kontra n-nar.

24. Ċertifikat għal skop speċjali tas-sigurtà ta' bastiment.

25. Ċertifikat ta' sigurtà għal unità mobbli għat-tħaffir "offshore".

26. Għal tankers taż-żejt, ir-rekord ta' monitoraġġ ta' telf ta' żejt u s-sistema ta' kontroll għall-aħħar vjaġġ bis-saborra biss.

27. Il-lista ta' l-ekwipaġġ, il-pjan ta' kontroll tan-nar, u għal bastimenti tal-passiġġieri, pjan ta' kontroll talħsara.

28. Pjan ta' emerġenza għat-tniġġis miż-żejt abbord.

29. Fajls tar-rapporti tal-perizji (fil-każ ta' "bulk carriers" u tankers taż-żejt).

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

30. Rapporti ta' spezzjonijiet preċedenti ta' kontroll portwali ta' l-Istat.

31. Għal bastimenti tal-passiġġieri tat-tip "ro-ro", informazzjoni dwar il-proporzjon massimu A/A.

32. Dokument ta' awtorizzazzjoni għall-ġarr ta' qamħ.

33. Manwal tas-sigurtà tat-tagħbija.

34. Pjan ta' mmaniġġjar taż-żibel u ktieb tar-rekords taż-żibel.

35. Sistema ta' appoġġ tad-deċiżjonijiet għal kaptani ta' bastimenti tal-passiġġieri.

36. Pjan ta' koperazzjoni *għal tfittxija u salvataġġ* SAR għal bastimenti tal-passiġġieri li jagħmlu l-kummerċ f'rotot fissi.

37. Lista ta' limitazzjonijiet operazzjonali għal bastimenti tal-passiġġieri.

38. Ktejjeb tal-'bulk carriers'.

39. Pjan ta' tagħbien u ħatt għal "bulk carriers".

40. Ċertifikat ta' assikurazzjoni jew ta' kwalunkwe sigurtà finanzjarja oħra fir-rigward tar-responsabiltà ċivili għal ħsara mit-tniġġis taż-żejt (Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabiltà Ċivili għal Ħsara mit-Tniġġis taż-Żejt, 1992).

41. Ċertifikati meħtieġa skond id-Direttiva 2007/…/KE *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' …* [dwar ir-responsabiltà ċivili u l-garanziji finanzjarji ta' sidien il-bastimenti].

42. Ċertifikat meħtieġ skond ir-Regolament (KE) Nru …/*2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' …* [dwar ir-responsabiltà ta' bastimenti tal-passiġġieri bil-baħar u minn passaġġi ta' l-ilma interni fil-każ ta' inċidenti].

ANNESS V

EŻEMPJI TA' "RAĠUNIJIET ĊARI" GĦAL SPEZZJONI IKTAR DETTALJATA

(kif imsemmija fl-***Artikolu 12(3)***)

1. Bastimenti identifikati fl-***Anness I, parti II, sezzjoni 2.***

2. Il-ktieb tar-rekords taż-żejt ma ġiex miżmum sewwa.

3. Waqt l-eżami taċ-ċertifikati u dokumentazzjoni oħra, ġew żvelati ineżattezzi.

4. Indikazzjonijiet li l-membri ta' l-ekwipaġġ ma jistgħux josservaw ir-rekwiżiti dwar komunikazzjoni abbord stipulati fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2001/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' April 2001 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara [1].

5. Ċertifikat inkiseb bil-qerq jew il-possessur ta' ċertifikat m'huwiex il-persuna għal liema ċ-ċertifikat inħareġ fil-bidu.

6. Il-bastiment għandu kaptan, uffiċjal jew gradi oħra li għandhom ċertifikat maħruġ minn pajjiż li ma rratifikax il-konvenzjoni STCW.

7. Evidenza ta' tagħbija u operazzjonijiet oħra li mhumiex immexxija sewwa, jew skond il-gwidi ta' l-IMO, eż. il-kontenut ta' ossiġnu fil-'mains' tal-gass ta' ġewwa għat-tankijiet ta' tagħbija huwa iktar għoli mil-livell massimu preskritt.

[1] ĠU L 136, 18.5.2001, p. 17. *Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2005/45/KE (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 160).*

8. Nuqqas tal-kaptan ta' tanker taż-żejt li jipproduċi r-rekord monitorjat ta' tnixxija ta' żejt u tas-sistema tal-kontroll għall-aħħar vjaġġ bla tagħbija.

9. Assenza ta' lista miġbura tajba, jew membri ta' l-ekwipaġġ li ma jafux l-obbligi tagħhom fil-każ ta' nar jew ordni biex iħallu l-bastiment.

10. Il-ħruġ ta' sejħiet għall-għajnuna foloz li ma jkunux segwiti minn proċeduri ta' kanċellazzjoni xierqa.

11. In-nuqqas ta' tagħmir ewlieni jew arranġamenti meħtieġa mill-konvenzjonijiet.

12. Kundizzjonijiet mhux iġeniċi eċċessivi abbord il-bastiment.

13. Evidenza mill-impressjoni u l-osservazzjonijiet ġenerali ta' l-ispettur li jeżistu nuqqasijiet jew deterjorament strutturali serji li jistgħu jkunu ta' riskju għall-integrità strutturali tal-bastiment, u kemm jiflaħ għall-ilma u l-maltemp.

14. Informazzjoni jew evidenza li l-kaptan jew l-ekwipaġġ m'humiex familjari ma' operazzjonijiet essenzjali abbord fir-rigward tas-sigurtà tal-bastimenti jew il-prevenzjoni tat-tniġġis, jew li tali operazzjonijiet ma twettqux.

15. In-nuqqas ta' tabella ta' arranġamenti ta' ħidma abbord jew ta' rekords tas-sigħat ta' xogħol jew ta' mistrieħ tal-baħħara.

ANNESS VI

PROĊEDURI GĦALL-KONTROLL TAL-BASTIMENTI

1. Prinċipji ta' maniġġjar sigur (Riżoluzzjoni IMO A.890(21) kif emendata).

2. Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Internazzjonali Marittimu dwar Oġġetti Perikoluż.

3. Il-pubblikazzjoni ta' l-ILO "Spezzjoni ta' Kondizzjonijiet tax-Xogħol Abbord il-Bastimenti: Gwidi għal proċeduri".

4. L-Anness I, "Proċeduri ta' Kontroll Portwali ta' l-Istat" għall-MOU ta' Pariġi u l-istruzzjonijiet jew il-linji gwida rilevanti maħruġa mill-MOU ta' Pariġi.

5. Ir-Riżoluzzjoni MSC.159(78) ta' l-IMO (adottata fil-21 ta' Mejju 2004) "Gwida interim dwar miżuri ta' kontroll u ta' konformità biex tittejjeb is-sigurtà marittima".

ANNESS VII

PROĊEDURI GĦALL-KONTROLL TA' BASTIMENTI FIR-RIGWARD TA' ASPETTI TAS-SIGURTÀ

A. Qabel ma jitilgħu abbord.

1. Din il-gwida tapplika biss għall-bastimenti msemmija fl-Artikoli 3(1), ***u*** 3(2) u ***skond il-każ,*** fl-Artikolu 3(3), tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, sakemm ma jtajrux il-bandiera ta' l-Istat tal-port ta' l-ispezzjoni.

2. L-ispetturi għandhom ikunu konxji dwar il-livell ta' sigurtà tal-faċilità tal-port li fiha l-bastiment se jiġi spezzjonat.

3. Rapporti jew ilmenti dwar is-siġurtà li jaslu lill-ispetturi qabel ma jitla' abbord il-bastiment għandhom jingħataw lill-awtorità kompetenti għas-sigurtà marittima [1] li tiddeċiedi dwar il-prijorità għall-ispezzjoni ta' sigurtà permezz ta' Uffiċjal għas-Sigurtà Awtorizzat kif Xieraq.

---

[1] L-Awtorità maħtura mill-Istat għall-applikazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

4. Filwaqt li s-sigurtà tal-bastiment hija d-diskrezzjoni tal-kaptan, m'huwiex intitolat li jirrifjuta l-aċċess lil spettur awtorizzat kif xieraq biex iwettaq spezzjoni. Jista' jkun hemm każijiet meta huwa obbligatorju li ssir spezzjoni ta' kontroll portwali ta' l-Istat iżda l-kaptan jipprova jillimita l-ispezzjoni għal raġunijiet ta' sigurtà. Jekk l-ispettur iqis li dan m'huwiex raġonevoli għandu jikkonsulta lill-awtorità kompetenti għas-sigurtà.

5. L-ispetturi għandhom ikunu konxji li fuq bastiment b'livell ta' sigurtà 3 l-miżuri protettivi mfassla jistgħu jirrestrinġu l-qasam ta' applikazzjoni ta' l-ispezzjoni ta' kontroll tas-"sigurtà" portwali ta' l-Istat.

   Pereżempju taħriġ sħiħ ta' emerġenza jista' ma jkunx permess. Jista' jkun hemm ukoll ċirkustanzi meta l-awtorità kompetenti għas-sigurtà tirrestrinġi l-attività ta' kontroll portwali ta' l-Istat.

B. Spezzjoni tal-bidu

Waqt l-ispezzjoni tal-bidu l-ispettur għandu:

1. filwaqt li jersaq lejn u jitla' abbord il-bastiment u filwaqt li jdur mal-bastiment, jinnota aspetti tas-sigurtà kif definiti fil-linji gwida rilevanti ta' l-MOU ta' Pariġi, filwaqt li jqis il-livell ta' sigurtà impost mill-port u l-bastiment. L-ispetturi m'humiex meħtieġa jittestjaw is-sistema ta' sigurtà u għandhom iqisu biss dawk l-aspetti biss li jitfaċċaw waqt xogħolhom abbord;

2. jiċċekkja li ċ-Ċertifikat Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Bastimenti (ISSC) jew l-ISSC Interim ikun abbord, huwa validu u nħareġ mill-Amministrazzjoni tal-bastiment, minn organizzazzjoni rikonoxxuta minnha jew minn Stat ieħor fuq talba ta' l-Amministrazzjoni;

3. isaqsi lill-kaptan il-livell ta' sigurtà ma' liema l-bastiment huwa konformi u jikkonferma li dan huwa talanqas il-livell impost mill-port;

4. meta jiċċekkja dokumentazzjoni oħra jitlob evidenza li sar taħriġ tas-sigurtà f'intervalli xierqa — talanqas kull 3 xhur iżda wkoll wara ċerti bidliet ta' l-ekwipaġġ — (Kodiċi ISPS parti A taqsima 13 u Parti B paragrafi 13.6 u 13.7) u jfittex informazzjoni dwar kwalunkwe eżerċizzju li jinvolvi l-bastiment;

5. jiċċekkja r-rekords ta' l-aħħar għaxar żjarat f'faċilitajiet tal-port anke kwalunkwe konnessjoni bejn bastiment u port jew bejn bastiment u ieħor li għandhom jinkludu għal kull konnessjoni:

   — il-livell ta' sigurtà li bih opera l-bastiment — kwalunkwe miżuri ta' sigurtà speċjali jew addizzjonali li ttieħdu,

   — li nżammu miżuri ta' sigurtà tal-bastiment xierqa matul kwalunkwe attività bejn bastiment u ieħor.

6. jevalwa jekk membri ewlenin ta' l-istaff ta' bastiment humiex kapaċi jikkomunikaw b'mod effettiv ma' xulxin.

C. Raġunijiet ċari

1. L-ispettur jista' jistabbilixxi raġunijiet ċari għal aktar miżuri ta' kontroll dwar is-sigurtà matul l-ispezzjoni PSC tal-bidu kif ġej:

   1.1. L-ISSC m'huwiex validu jew skada

   1.2 Il-bastiment għandu livell ta' sigurtà aktar baxx minn dak tal-port

   1.3. Provi marbuta mas-sigurtà tal-bastiment ma twettqux

   1.4. Rekorda għall-aħħar konnessjonijiet bejn bastiment u port jew bejn bastiment u ieħor m'humiex kompleti

   1.5. Evidenza jew osservazzjoni li membri ewlenin ta' l-istaff ma jistgħux jikkomunikaw ma' xulxin

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

1.6. Evidenza minn osservazzjonijiet li jeżistu nuqqasijiet serji fl-arranġamenti tas-sigurtà

1.7. Informazzjoni minn partijiet terzi bħal rapport jew ilment dwar informazzjoni fir-rigward tas-sigurtà

1.8. Il-bastiment *ikollu* ISSC *Interim* maħruġ wara u konsekuttivament u skond il-ġudizzju professjonali ta' l-ispettur wieħed mill-għanijiet tal-bastiment jew tal-kumpanija li jitolbu ċertifikat bħal dan huwa li jevitaw konformità sħiħa mas-SOLAS 74 Kapitolu XI-2 u ma' parti A tal-Kodiċi ISPS, sa wara l-perjodu taċ-Ċertifikat Interim tal-bidu. Parti A tal-Kodiċi ISPS tispeċifika ċ-ċirkustanzi meta jista' jinħareġ Ċertifikat Interim.

2. Jekk jiġu stabbiliti raġunijiet ċari kif deskritti hawn fuq l-ispettur irid jinforma lill-awtorità kompetenti għas-sigurtà minnufih (sakemm l-ispettur ma jkunx ukoll Uffiċjal għas-Sigurtà Awtorizzat kif Xieraq). Imbagħad l-awtorità kompetenti għas-sigurtà trid tiddeċiedi liema miżuri oħra ta' kontroll huma meħtieġa filwaqt li jitqies il-livell ta' sigurtà skond ir-Regolament 9 tas-SOLAS 74 Kapitolu XI.

3. Raġunijiet ċari għajr dawk hawn fuq huma kwistjoni għall-Uffiċjali għas-Sigurtà Awtorizzat kif Xieraq.

D. Miżuri oħra ta' kontroll.

1. Jekk ma jkunx hemm ISSC jew ISSC Interim validi abbord l-ispettur irid iżomm il-bastiment u japplika l-proċedura ta' detenzjoni fl-Anness XI ta' din id-Direttiva.

2. Il-miżuri l-oħra kollha ta' kontroll ikunu deċiżi mill-awtorità kompetenti għas-sigurtà. Dawn huma elenkati fis-SOLAS 74 Kapitolu XI-2.

3. Skond rekwiżiti applikabbli fil-leġiżlazzjoni Komunitarja, leġiżlazzjoni u arranġamenti nazzjoanli, l-awtorità kompetenti għas-sigurtà tista' titlob l-ispettur li jagħmel aktar verifiki qabel ma tieħu deċiżjoni jew sakemm Uffiċjali għas-Sigurtà Awtorizzati kif Xieraq ikunu jistgħu jitilgħu abbord il-bastiment.

Dawn il-verifiki għandhom ikunu limitati għal:

a) verifika li hemm pjan tas-sigurtrà abbord u li hemm uffiċjali għas-sigurtà tal-bastiment (SSO) abbord;

b) verifika li l-kaptan u l-istaff tal-bastiment, b'mod partikulari l-SSO, l-uffiċjal li jkun xogħol u l-persuni li jikkontrollaw l-aċċess, ikunu familjari ma' proċeduri essenzjali tas-sigurtà abbord;

c) verifika li ġiet stabbilita komunikazzjoni bejn l-SSO u l-Uffiċjal għas-Sigurtà tal-Faċilità tal-Port;

d) verifika li jeżistu rekords tal-manutenzjoni tas-sistema ta' sigurtà tal-bastiment inklużi:
   — verifiki u evalwazzjonijiet interni ta' attivitajiet ta' sigurtà,
   — reviżjoni perjodika ta' l-evalwazzjoni ta' sigurtà tal-bastiment,
   — reviżjoni perjodika tal-pjan ta' sigurtà tal-bastiment,
   — implimentazzjoni ta' kwalunkwe emendi għall-pjan ta' sigurtà tal-bastiment,
   — manutenzjoni, kalibrazzjoni u ttestjar ta' kwalunkwe tagħmir tas-sigurtà abbord anke l-ittestjar tas-sistema ta' twissija tas-sigurtà tal-bastiment;

e) l-iċċekkjar ta' rekords ta' kwalunkwe:
   — theddid għas-sigurtà,
   — infrazzjonijiet tas-sigurtà,
   — bidliet fil-livelli tas-sigurtà,
   — komunikazzjonijiet marbuta mas-sigurtà diretta tal-bastiment.

4. Meta l-uniku mezz biex tkun ivverifikata jew irranġata n-non-konformità huwa reviżjoni tar-rekwiżiti rilevanti tal-pjan ta' sigurtà tal-bastiment, aċċess limitat għal taqsimiet speċifiċi tal-pjan dwar in-non-konformità huwa permess b'eċċezzjoni, iżda biss bil-kunsens ta' l-Istat tal-bandiera, jew tal-kaptan, tal-bastiment konċernat. Dawn it-taqsimiet speċifiċi huma elenkati fil-Parti A tal-Kodiċi ISPS.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

5. Xi dispożizzjonijiet tal-pjan dwar ċerta informazzjoni kunfidenzjali ma jistgħux ikunu suġġetti għal spezzjoni sakemm ma jkunx hemm il-qbil ta' l-Istat tal-bandiera konċernat.

   Dawn it-taqsimiet speċifiċi huma elenkati fil-Parti A tal-Kodiċi ISPS.

6. Jekk l-awtorità kompetenti għas-sigurtà tieħu aktar azzjonijiet ta' kontroll li jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni jew ma jippermettux it-tlestija ta' l-ispezzjoni ta' kontroll tas-"sigurtà" portwali ta' l-Istat, l-ispettur għandu jikkomunika ma' l-awtorità kompetenti għas-sigurtà u jipprova jlesti l-ispezzjoni tas-sigurtà meta l-bastiment ikun rilaxxjat. Il-prinċipju li bastiment m'għandux jinżamm aktar milli xieraq għadu japplika. Madankollu l-fatt li nstabu infrazzjonijiet tas-sigurtà normalment jiġġustifika li l-ispettur ilesti l-ispezzjoni tas-sigurtà tal-bidu jew li jkompli meta jkunu nstabu raġunijiet ċari għal spezzjoni aktar dettaljata ta' aspetti mhux marbuta mas-sigurtà.

7. Jekk l-awtorità kompetenti għas-sigurtà tiddeċiedi li tkeċċi l-bastiment l-ispettur għandu jiżgura li l-awtorità kompetenti għas-sigurtà tkun konxja għalkollox mill-konsegwenzi ta' sigurtà u/jew ambjentali possibbli jekk il-bastiment jitlaq l-irmiġġ u/jew ibaħħar. Dan jista' jinkludi riskji li ġejjin mill-interruzzjoni ta' operazzjonijiet ta' tagħbija. L-awtorità kompetenti għas-sigurtà għandha tiddeċiedi dwar l-azzjoni meħtieġa filwaqt li jitqiesu r-riskji kollha.

8. Jekk bastiment jinżamm għal raġunijiet mhux marbuta mas-sigurtà iżda mbagħad jitkeċċa qabel ma l-bastiment ikun rilaxxjat, id-detenzjoni tgħodd għal rifjut għall-aċċess skond l-*Artikolu 15*.

ANNESS VIII

PROĊEDURI GĦAL SPEZZJONIJIET PROFONDI TA' BASTIMENTI

(kif imsemmija fl-***Artikolu 13***)

PROĊEDURI MARBUTA MA' L-ISPEZZJONI PROFONDA TA' ĊERTI KATEGORIJI TA' ***BASTIMENTI***

Skond il-fattibiltà prattika tagħhom jew kwalunkwe restrizzjonijiet marbuta mas-sigurtà tal-persuni, tal-bastiment jew tal-port, il-punti li ġejjin talanqas iridu jkunu parti minn spezzjoni profonda. L-ispetturi jridu jkunu jafu li l-eżekuzzjoni sigura ta' ċerti operazzjonijiet abbord, eż. operazzjoni ta' tagħbija, tista' tkun ipperikolata jekk testijiet li għandhom effett dirett fuqhom, jeħtieġ li jsiru waqt dawn l-operazzjonijiet.

1. *BASTIMENTI INĠENERALI*

   — simulazzjoni ta' nuqqas ta' enerġija ewlenija ('black-out test'),

   — spezzjoni tad-dawl ta' l-emerġenza,

   — thaddim ta' pompi tan-nar ta' l-emerġenza b'żewġ pompi tat-tifi tan-nar li huma mqabbda mal-'mainline' prinċipali,

   — thaddim ta' pompi għat-tneħħija ta' l-ilma mis-sentini,

   — għeluq tal-'watertight doors',

   — tniżżil ta' "lifeboat" fl-ilma,

   — test ta' "remote emergency stop" għal eż. "boilers", ventilazzjoni u pompi tal-karburanti,

   — testing ta' "steering gear" inkluż "steering gear" awżiljarju,

   — spezzjoni ta' sors ta' emerġenza ta' enerġija għal stallazzjonijiet tar-radju,

   — spezzjoni u, sal-limitu possibli, test ta' "engine-room separator".

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

2. TANKERS TAL-GASS U KIMIĊI

Minbarra l-punti mniżżla fil-*punt 1*, dawn il-punti jistgħu wkoll jiġu kkunsidrati bħala parti mill-ispezzjoni profonda għal tankers tal-gass u kimiċi:

— "monitoring" ta' tagħbija ta' tanker u tagħmir ta' sigurtà fir-rigward tattemperatura, il-pressa u t-telf ta' likwidi,

— tagħmir għall-analiżi ta' l-ossiġnu u "explosimeter" inkluża l-kalibrazzjoni tagħhom; disponibilità ta' tagħmir ta' detenzjoni tal-kimika (minfaħ) b'numru xieraq ta' tubi xierqa li jgħarrfu l-preżenza tal-gass għal oġġett speċifiku li qiegħed jinġarr,

— "cabin escape sets" li jagħtu protezzjoni respiratorja u għall-għajnejn, għal kull persuna abbord (jekk meħtieġ mill-prodotti mniżżla fiċ-Ċertifikat Internazzjonali ta' Qagħda Tajba jew fiċ-Ċertifikati ta' Qagħda Tajba għall-Ġarr ta' Kimiċi Perikoluży bil-Massa jew Gassijiet Likwidi bil-Massa kif applikabbli),

— kontroll li l-prodott li qiegħed jinġarr huwa mniżżel fiċ-Ċertifikat Internazzjonali ta' Qagħda Tajba jew Ċertifikat ta' Qagħda Tajba għall-Ġarr ta' Kimiċi Perikoluży bil-Massa jew Gassijiet Likwidi bil-Massa kif applikabbli,

— l-installazzjonijiet imwaħħla ta' tifi li jinsabu fuq il-gverta tal-bastiment sew jekk ikunu rawa sew jekk kimiċi niexfa jew oħra kif meħtieġ mill-prodotti li qed jinġarru.

3. "BULK CARRIERS"

Minbarra l-punti mniżżla fil-*punt 1*, dawn il-punti jistgħu wkoll jiġu kkunsidrati bħala parti mill-ispezzjoni profonda għal tankers tal-gass u kimiċi:

— tmermir possibbli għal makkinarju tal-gverta tal-bastiment,

— deformazzjoni possibbli u/jew tmermir ta' "hatch covers",

— xquq possibli jew tmermir fi "transverse bulkheads",

— aċċess għall-istivi tat-tagħbija,

— verifika li d-dokumenti li ġejjin qegħdin abbord, evalwazzjoni tagħhom u konferma li l-Istat tal-bandiera jew is-soċjetà ta' klassifikazzjoni approvawhom:
  1) rapporti ta' perizji strutturali,
  2) rapporti ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni,
  3) rapporti tal-kejl tal-ħxuna,
  4) dokument deskrittiv imsemmi fir-Riżoluzzjoni A.744(18) ta' l-IMO.

4. TANKERS TAŻ-ŻEJT

Minbarra l-punti mniżżla *fil-punt 1*, dawn il-punti jistgħu wkoll jiġu kkunsidrati bħala parti minn spezzjoni profonda għal tankers taż-żejt:

— "fixed-deck foam system",

— tagħmir inġenerali għat-tifi tan-nar,

— spezzjoni ta' "fire dampers" tal-kamra tal-magni, "pump-room" u akkomodazzjoni,

— kontroll ta' pressjoni ta' gass minn ġewwa u l-kontenut ta' l-ossiġnu tiegħu,

— tankijiet tas-saborra: talanqas wieħed mit-tankijiet tas-saborra fiż-żona tat-tagħbija irid ikun eżaminat minn fetħa fit-tank/aċċess mill-gverta għall-ewwel u minn ġewwa jekk l-ispettur jistabbilixxi raġuni ċara għal aktar spezzjoni,

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

— verifika li d-dokumenti li ġejjin qegħdin abbord, evalwazzjoni tagħhom u konferma li l-Istat tal-bandiera jew is-soċjetà ta' klassifikazzjoni approvawhom:

1) rapporti ta' perizji strutturali,
2) rapporti ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni,
3) rapporti tal-kejl tal-ħxuna,
4) dokument deskrittiv imsemmi fir-Riżoluzzjoni A.744(18) ta' l-IMO.

5. BASTIMENTI TAL-PASSIĠIERI MHUX KOPERTI BID-DIRETTIVA 1999/35/KE

Minbarra l-punti mniżżla fil-*punt 1*, dawn il-punti jistgħu wkoll jiġu kkunsidrati bħala parti mill-ispezzjoni profonda għall-bastimenti tal-passiġġieri:

— testing tas-sistema li tagħraf in-nar u tas-sistema ta' allarm,

— testing ta' għeluq sewwa tal-bibien tal-ħruġ ta' emerġenza,

— test tas-sistema ta' indirizz pubbliku,

— "fire drill" fejn, bħala minimu, it-tibdiliet kollha tal-pompieri jirdu jintwerew u parti mill-ekwipaġġ tal-'catering' jieħu sehem,

— dimostrazzjoni li membri prinċipali ta' l-ekwipaġġ jafu l-pjan ta' kontroll tal-ħsara.

Jekk jidher xieraq l-ispezzjoni tista' titkompla waqt li l-bastiment ikun ġej jew sejjer minn port fl-Istat Membru, bil-kunsens tal-kaptan tal-bastiment jew l-operatur. L-ispetturi ma jridux ixekklu l-operazzjoni tal-bastiment, u lanqas m'għandhom joħolqu sitwazzjonijiet, fejn fid-diskrezzjoni tal-kaptan, jista' jipperikola is-sigurtà tal-passiġġieri, l-ekwipaġġ u l-bastiment.

ANNESS IX

DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IR-RIFJUT TA' AĊĊESS GĦALL-PORTIJIET KOMUNITARJI

(kif imsemmija fl-*Artikolu 15*)

A. KRITERJI GĦAR-RIFJUT TA' L-AĊĊESS (kif imsemmija fl-*Artikolu 15(1)*)

1. Ir-rifjut ta' l-aċċess huwa applikabbli għal kwalunkwe bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat li r-rata ta' detenzjoni tiegħu taqa' fil-'black list' jew fil-'grey list' kif definiti mill-MOU ta' Pariġi li nżamm jew ingħata ordni li ma jistax jopera skond id-Direttiva tal-Kunsill Nru 99/35/KE aktar min darbtejn matul is-36 xahar preċedenti f'port ta' Stat Membru jew ta' Stat firmatarju ta' l-MOU.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, il-lista definita mill-MOU ta' Pariġi għandha tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Lulju kull sena.

B. PROĊEDURI DWAR IR-RIFJUT TA' L-AĊĊESS GĦALL-PORTIJIET KOMUNITARJI (kif imsemmija fl-*Artikolu 15(2)*)

1. Jekk il-kundizzjonijiet deskritti fil-Punt A jiġu ssodisfati, l-awtorità kompetenti tal-port jew ta' l-ankraġġ li fih il-bastiment jinżamm għat-tielet darba għandha tinforma lill-kaptan tal-bastiment bil-miktub li se tinħareġ ordni ta' rifjut għall-aċċess li ssir applikabbli minnufih wara li l-bastiment ikun ħalla l-port jew l-ankraġġ. L-ordni ta' rifjut għall-aċċess għandha ssir applikabbli minnufih wara li l-bastiment ikun telaq il-port jew l-ankraġġ wara li jkunu tranġaw in-nuqqasijiet li jwasslu għad-detenzjoni.

2. L-awtorità kompetenti għandha tibgħat kopja ta' l-ordni ta' rifjut għall-aċċess lill-amministrazzjoni ta' l-Istat tal-bandiera, lill-organizzazzjoni rikonoxxuta konċernata, lill-Istati Membri l-oħra, u lill-firmatarji l-oħra ta' l-MOU, lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat ta' l-MOU ta' Pariġi. L-awtorità kompetenti għandha taġġorna wkoll il-bażi ta' dejta ta' l-ispezzjonijiet b'informazzjoni dwar ir-rifjut għall-aċċess mingħajr dewmien.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

3. L-ordni ta' rifjut għall-aċċess għandha titneħħa biss wara li għadda perjodu ta' tliet xhur mid-data tal-ħruġ ta' l-ordni u meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fil-paragrafi 4 sa 10.

   Jekk il-bastiment ikun suġġett għat-tieni rifjut għall-aċċess, il-perjodu għandu jkun ta' tnax-il xahar. Kwalunkwe detenzjoni sussegwenti f'port tal-Komunità għandha twassal biex il-bastiment jibqa' jiġi rrifjutat l-aċċess b'mod permanenti fi kwalunkwe port jew ankraġġ fi ħdan il-Komunità.

4. Sabiex tiġi rrevokata l-ordni ta' rifjut għall-aċċess, is-sid jew l-operatur għandu jindirizza talba formali lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li impona l-ordni ta' rifjut għall-aċċess. Ma' din it-talba irid jintbagħat dokument mill-amministrazzjoni ta' l-Istat tal-bandiera maħruġ wara żjara abbord minn perit awtorizzat kif xieraq mill-amministrazzjoni ta' l-Istat tal-bandiera, liema dokument juri li l-bastiment huwa konformi għalkollox mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Konvenzjonijiet internazzjonali. L-amministrazzjoni ta' l-Istat tal-bandiera għandha tipprovdi evidenza lill-awtorità kompetenti li saret żjara abbord.

5. Mat-talba għar-revoka ta' l-ordni ta' rifjut għall-aċċess għandu jintbagħat ukoll, meta xieraq, dokument mis-soċjetà ta' klassifikazzjoni li għandha l-bastiment f'isimha wara żjara abbord minn perit mis-soċjetà ta' klassifikazzjoni, liema dokument juri li l-bastiment huwa konformi ma' l-istandards tal-klassi stipulati minn dik is-soċjetà. Is-soċjetà ta' klassifikazzjoni għandha tipprovdi evidenza lill-awtorità kompetenti li saret żjara abbord.

6. L-ordni ta' rifjut ta' aċċess tista' titneħħa biss, wara li l-perjodu ta' tliet xhur imsemmi fil-paragrafu 3 aktar 'il fuqikun skada u wara ispezzjoni mill-ġdid tal-vapur f'port jew ankraġġ miftiehem.

   Jekk il-port jew l-ankraġġ miftiehem qiegħed fi Stat Membru, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat tista', fuq talba ta' l-awtorità kompetenti li ħarġet l-ordni ta' rifjut għall-aċċess, tawtorizza lill-bastiment jidħol fil-port miftiehem sabiex terġa' ssir l-ispezzjoni. F'każijiet bħal dawn m'għandux isir xogħol ta' tagħbija fil-port sakemm tiġi rrevokata l-ordni ta' rifjut għall-aċċess.

7. Jekk id-detenzjoni li wasslet għall-ħruġ ta' ordni ta' rifjut għall-aċċess kienet tinkludi nuqqasijiet fl-istruttura tal-bastiment, l-awtorità kompetenti li ħarġet l-ordni ta' rifjut għall-aċċess tista' tirrikjedi li ċerti spazji, inklużi spażi tat-tagħbija u tankijiet, isiru disponibbli għall-evalwazzjoni waqt l-ispezzjoni mill-ġdid.

8. L-ispezzjoni mill-ġdid għandha ssir mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li imponiet l-ordni ta' rifjut għall-aċċess, jew mill-awtorità kompetenti tal-port tad-destinazzjoni bil-qbil ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li imponiet l-ordni ta' rifjut għall-aċċess. L-awtorità kompetenti tista' tirrikjedi sa 14-il jum ta' avviż għall-ispezzjoni mill-ġdid. Għandha tingħata evidenza għas-sodisfazzjon ta' dan l-Istat Membru li l-bastiment huwa konformi għalkollox mar-rekwiżiti applikabbli tal-Konvenzjonijiet Internazzjonali.

9. L-ispezzjoni mill-ġdid għandha tikkonsisti minn spezzjoni profonda li trid tkopri talanqas il-punti rilevanti ta' l-*Anness VIII*.

10. L-ispejjez kollha ta' din l-ispezzjoni profonda għandhom jitħallsu mis-sid jew mill-operatur.

11. Jekk ir-riżultati ta' l-ispezzjoni profonda jissodisfaw l-Istat Membru skond l-*Anness VIII*, l-ordni ta' rifjut għall-aċċess trid tiġi rrevokata u l-kumpanija tal-bastiment trid tkun infurmata b'dan bil-miktub.

12. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika wkoll id-deċiżjoni tagħha bil-miktub lill-amministrazzjoni ta' l-Istat tal-bandiera, lis-soċjetà ta' klassifikazzjoni konċernata, lill-Istati Membri l-oħra, lill-firmatarji l-oħra għall-MOU ta' Pariġi, lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat ta' l-MOU ta' Pariġi. L-awtorità kompetenti trid taġġorna wkoll il-bażi ta' dejta ta' l-ispezzjonijiet b'informazzjoni dwar ir-revoka ta' l-aċċess mingħajr dewmien.

13. Informazzjoni dwar bastimenti li ġew irrifjutati l-aċċess għal portijiet Komunitarji trid tkun disponibbli fil-bażi ta' dejta ta' l-ispezzjonijiet u ppubblikata b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-*Artikolu 25* u ta' l-*Anness XIII*.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ANNESS X

RAPPORT TA' L-ISPEZZJONI

(kif imsemmi fl-*Artikolu 16)*

Ir-rapport ta' l-ispezzjoni għandu jkun fih talanqas il-punti li ġejjin:

I. ĠENERALI

1. L-awtorità kompetenti li kitbet ir-rapport
2. Id-data u l-post ta' l-ispezzjoni
3. L-isem tal-bastiment spezzjonat
4. Il-bandiera
5. It-tip ta' bastiment (kif indikat fiċ-Ċertifikat ta' Mmaniġjar tas-Sigurtà)
6. In-numru IMO
7. Il-kodiċi ta' komunikazzjoni
8. It-tunnellaġġ (gt)
9. It-tunnellaġġ totali li jiflah il-bastiment (meta rilevanti)
10. Is-sena tal-kostruzzjoni kif determinata fuq il-bażi tad-data indikata fiċ-ċertifikati ta' sigurtà tal-bastiment
11. L-organizzazzjoni rikonoxxuta jew l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti, meta rilevanti, li ħareġ/ħarġu ċ-ċertifikati tal-klassi għal dan il-bastiment, jekk inħarġu
12. L-organizzazzjoni rikonoxxuta jew l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti u/jew kwalunkwe entità oħra li ħarġet/ħarġu ċertifikati għal dan il-bastiment skond il-konvenzjonijiet applikabbli f'isem l-Istat tal-bandiera
13. L-isem u l-indirizz tal-kumpannija jew ta' l-operatur tal-bastiment
14. L-isem u l-indirizz tal-kerrej responsabbli għall-għażla tal-bastiment u t-tip ta' kirja fil-każ ta' bastimenti li jġorru tagħbijiet likwidi jew solidi bil-massa
15. Id-data finali biex jinkiteb ir-rapport ta' l-ispezzjoni
16. Indikazzjoni li informazzjoni dettaljata dwar spezzjoni jew detenzjoni tista' tkun suġġetta għall-pubblikazzjoni.

II. INFORMAZZJONI DWAR L-ISPEZZJONI

1. Iċ-ċertifikati maħruġa bħala parti mill-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, l-awtorità jew l-organizzazzjoni li ħarġet iċ-ċertifikat(i) konċernati, inkluża d-data tal-ħruġ u ta' l-iskadenza
2. Il-partijiet jew l-elementi tal-bastiment li kienu spezzjonati (fil-każ ta' spezzjoni aktar dettaljata jew profonda)
3. Il-port u d-data ta' l-aħħar perizja intermedja jew annwali u l-isem ta' l-organizzazzjoni li wettqet il-perizja
4. It-tip ta' spezzjoni (spezzjoni, spezzjoni aktar dettaljata, spezzjoni profonda)
5. In-natura tan-nuqqasijiet
6. Il-miżuri li ttieħdu.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

III. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI FIL-KAŻ TA' DETENZJONI

1. Id-data ta' l-ordni tad-detenzjoni

2. Id-data tar-revoka ta' l-ordni tad-detenzjoni

3. In-natura tan-nuqqasijiet li wasslu għall-ordni tad-detenzjoni (referenzi għal Konvenzjonijiet, jekk rilevanti)

4. Indikazzjoni, meta rilevanti, ta' jekk is-soċjetà ta' klassifikazzjoni jew kwalunkwe korp privat ieħor li wettqu l-perizja għandhomx responsabiltà fir-rigward tan-nuqqasijiet li, waħedhom jew f'daqqa, wasslu għad-detenzjoni

5. Il-miżuri li ttieħdu.

ANNESS XI

KRITERJI GĦAD-DETENZJONI TA' BASTIMENT

(kif imsemmija fl-*Artikolu 18(4)*)

Introduzzjoni

Qabel tistabbilixxi jekk defiċjenzi misjuba waqt spezzjoni jeżiġu detenzjoni tal-bastiment involut, l-ispettur irid japplika l-kriterji msemmija aktar 'l isfel fil-punti 1 u 2.

Il-punt 3 jinkludi eżempji ta' defiċjenzi li jistgħu minnhom infushom jeżiġu detenzjoni tal-bastiment involut (ara l-*Artikolu 18(4)*).

Meta r-raġuni għad-detenzjoni tkun ir-riżultat ta' ħsara aċċidentali li seħħet waqt il-vjaġġ tal-bastiment lejn il-port, m'għandhiex tinħareġ ordni għad-detenzjoni, sakemm:

a) (a) tqiesu kif xieraq ir-rekwiżiti inklużi fir-Regolament I/11(c) tas-SOLAS 74 dwar notifika lill-amministrazzjoni ta' l-Istat tal-bandiera, lill-perit innominat jew lill-organizzazzjoni rikonoxxuta responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat rilevanti;

b) (b) qabel ma jidħol fil-port, il-kaptan jew sid il-bastiment ma jkunx ippreżenta lill-awtorità ta' kontroll portwali ta' l-Istat id-dettalji dwar iċ-ċirkustanzi ta' l-inċident u l-ħsara li saret u informazzjoni dwar in-notifika meħtieġa lill-amministrazzjoni ta' l-Istat tal-bandiera;

c) (c) qed tittieħed azzjoni xierqa ta' rimedju, b'liema azzjoni l-Awtorità tkun sodisfatta; u

d) (d) l-awtorità tkun żgurat, wara li tkun ġiet notifikata bit-tlestija ta' l-azzjoni ta' rimedju, li n-nuqqasijiet li kienu ta' periklu b'mod ċar għas-sigurtà, għas-saħħa jew għall-ambjent tranġaw.

1. Kriterji prinċipali

Meta jeżerċita diskrezzjoni professjonali tiegħu dwar jekk bastiment għandux jinżamm jew le, l-ispettur irid japplika dawn il-kriterji:

Ħin:

Bastimenti li mhumiex siguri biex jbaħħru jridu jinżammu wara l-ewwel spezzjoni irrispettivament minn kemm ser jinżamm fil-port il-bastiment.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Kriterji:

Il-bastiment jinżamm jekk il-ħsarat tiegħu huma daqshekk serji li jimmeritaw ritorn ta' spettur biex ikun ċert li dawn ġew ikkorreġuti qabel ma jsalpa l-bastiment.

Il-ħtieġa biex jirritorna l-ispettur hija miżura tas-sigurtà tan-nuqqasijiet. Iżda, ma timponix obbligazzjoni għal kull każ. Timplika li l-awtorità trid tivverifika mod jew ieħor, preferibilment bi żjara oħra, li n-nuqqasijiet ġew ikkorreġuti qabel it-tluq.

2. Applikazzjoni tal-kriterji *ewlenin*

Meta jiddeċiedi jekk il-ħsarat misjuba fil-bastiment humiex daqshekk serji li jeħtieġu detenzjoni l-ispettur irid jiċċertifika jekk:

1. il-bastiment għandux dokumentazzjoni relevanti u valida;

2. il-bastiment għandux l-ekwipaġġ meħtieġ fid-Dokument ta' sigurtà minima ta' ekwipaġġ.

Waqt l-ispezzjoni l-ispettur irid jara jekk il-bastiment u/jew l-ekwipaġġ hux kapaċi:

3. ibaħħar b'mod sigur fil-vjaġġ li ġej;

4. jimmaniġġja b'mod sigur, iwassal u jiċċekkja l-kondizzjoni tat-tagħbija waqt il-vjaġġ li ġej;

5. iħaddem il-kamra tal-magni b'mod sigur waqt il-vjaġġ li jmiss;

6. iżomm propulsjoni tajba u "steering" waqt il-vjaġġ li jmiss;

7. jiġġieled nirien b'mod effettiv f'kull parti tal-bastiment jekk neċessarju waqt il-vjaġġ li jmiss;

8. jabbandunaw il-bastiment malajr u b'sigurtà u jagħmlu salvataġġ waqt il-vjaġġ li jmiss;

9. jipprevjenu tniġġis ta' l-ambjent waqt il-vjaġġ li jmiss;

10. iżommu stabilità adegwata waqt il-vjaġġ li jmiss;

11. iżommu integrità "watertight" adegwata waqt il-vjaġġ li jmiss;

12. jikkomunikaw f'sitwazzjoni ta' inkwiet jekk neċessarju waqt il-vjaġġ li jmiss;

13. jipprovdu kondizzjonijiet siguri u sani abbord waqt il-vjaġġ li jmiss;

14. jipprovdu l-aktar informazzjoni possibbli fil-każ ta' inċident.

Jekk ir-risposta għal xi waħda minn dawn il-verifiki hija negattiva, wara li jkunu kkonsidrati l-ħsarat kollha misjuba, il-bastiment għandu jiġi kunsidrat biex jinżamm. Kombinazzzjoni ta' ħsarat ta' natura inqas serja tista' wkoll teżiġi d-detenzjoni tal-bastiment.

3. Biex tassisti l-ispettur fl-użu ta' dawn il-gwidi, hemm lista ta' defiċjenzi, imniżżla flimkien taħt konvenzjonijiet relevanti u/jew kodiċijiet, li huma kunsidrati ta' natura hekk serja li jistgħu jeżiġu d-detenzjoni tal-bastiment involut. Din il-lista mhix maħsuba biex tkun esklussiva.

3.1. Ġenerali

In-nuqqas ta' ċertifikati u dokumenti validi kif meħtieġa mill-istrumenti relevanti. Iżda, bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stati li ma jadirixxux mal-konvenzjoni (strument relevanti) jew li ma implimentawx dokument ieħor relevanti, mhumiex intitolati għal ċertifikati provduti mill-Konvenzjoni jew strument ieħor relevanti. Għalhekk, assenza ta' ċertifikati meħtieġa m'għandhiex minnha nnifisha tikkostitwixxi raġuni biex jinżammu dawn il-bastimenti; iżda, meta tapplika il-klawżola ta' "mhemmx iktar trattament favorevoli", konformità sostanzjali mad-dispożizzjonijiet hija meħtieġa qabel isalpa l-bastiment.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

3.2. Oqsma taħt il-Konvenzjoni SOLAS 74

1. Nuqqas ta' l-operazzjoni serja ta' propulsjoni u makkinarju essenzjali ieħor, kif ukoll stallazzjonijiet elettriċi.
2. Nuqqas ta' ndafa fil-kamra tal-magni, ammont eċċessiv ta' taħlit ta' ilma biż-żejt fil-qiegħ tal-bastiment, insulazzjoni tal-katusi fil-kamra tal-magni kontaminati biż-żejt, operazzjoni ħażina ta' arranġamenti ta' pumpjar mill-qiegħ tal-bastiment.
3. Nuqqas ta' tħaddim tajjeb tal-ġeneratur ta' l-emerġenza, dwal, batteriji u "switches".
4. Nuqqas ta' tħaddim tajjeb ta' "steering gear" prinċipali u awżiljarju.
5. Assenza, kapaċità insuffiċjenti jew deterjorazzjoni serja ta' tagħmir ta' salvataġġ, "survival craft" u tagħmir minn fejn wieħed jaqbeż.
6. Assenza, nuqqas ta' osservanza jew deterjorazzjoni sostanzjali ta' sistemi ta' kxif tan-nar, "fire-alarms" tagħmir għat-tifi tan-nar, installazzjoni mwaħħla għat-tifi tan-nar, "valves" tal-ventilazzjoni, "fire dampers", tagħmir li jingħalaq malajr sal-limitu li ma jistgħux iħarsu l-użu maħsub tagħhom.
7. Assenza, deterjorazzjoni sostanzjali jew nuqqas ta' operazzjoni tajba taż-żoni fejn hemm it-tagħbija mill-protezzjoni tan-nar fuq tankers.
8. Assenza, non-konformità jew deterjorazzjoni serja ta' dwal, forom jew sinjali tal-ħoss.
9. Assenza jew nuqqas ta' tħaddim serju ta' tagħmir tar-radju għall-ajjut u sigurtà u komunikazzjoni sigura.
10. Assenza jew nuqqas ta' l-operazzjoni serja ta' tagħmir ta' navigazzjoni, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tar-Regolament SOLAS 74 V/16.2.
11. Assenza ta' "charts" ta' navigazzjoni kkorreġuti, u/jew pubblikazzjonijiet nawtiċi oħra relevanti neċessarji għal vjaġġ maħsub, filwaqt li jitqies li "charts" elettroniċi u sistema ta' informazzjoni (ECDIS) tat-tip approvat li jaħdmu b'dejta uffiċjali jistgħu jintużaw bħala sostituzzjoni għaċ-'charts'.
12. Assenza ta' ventilazzjoni ta' "exhaust non-sparking" għal "pump rooms" tat-tagħbija.
13. Nuqqas serju fir-rekwiżiti għat-tħaddim, kif deskritt f'Taqsima 5.5 ta' l-Anness *1* għall-MOU ta' Pariġi.
14. In-numru, il-kompożizzjoni jew iċ-ċertifikazzjoni ta' l-ekwipaġġ li m'huwiex konformi mad-dokument ta' mmaniġġjar sikur.
15. Nuqqas li jitwettaq il-programm imtejjeb tal-perizji skond SOLAS 74, Kapitolu XI, Regolament 2.

3.3. Oqsma taħt il-kodiċi IBC

1. Trasport ta' sustanza li mhix imsemmija fiċ-Ċertifikat ta' Qagħda Tajba jew informazzjoni nieqsa dwar tagħbija.
2. Tagħmir ta' sigurtà ta' pressa għolja mitluf jew bil-ħsara.
3. Installazzjonijiet elettriċi li mhux intrinsikament siguri jew li ma jikkorispondux għar-rekwiżiti tal-kodiċi.
4. Sorsi ta' taqbid f'postijiet perikoluż.
5. Kontravenzjonijiet ta' rekwiżiti speċjali.
6. Qabża ta' tagħbija ta' kwantità massima permessa għal kull tank.
7. Protezzjoni insuffiċjenti mis-sħana għal prodotti sensittivi.

3.4. Oqsma taħt il-kodiċi IGC

1. Trasport ta' sustanza li mhix imsemmija fiċ-Ċertifikat ta' Qagħda Tajba jew informazzjoni nieqsa dwar tagħbija.
2. Apparati ta' għeluq għal akkomodazzjoni jew spazji ta' servizz nieqsa.
3. "Bulkhead" mhux "gastight".

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

4. "Air locks" difettużi.
5. Valvoli li jingħalqu malajr nieqsa jew difettużi.
6. "Safety valves" mitlufa jew difettużi.
7. Installazzjonijiet elettriċi li mhux intrinsikament siguri jew li ma jikkorispondux għar-rekwiżiti tal-kodiċi.
8. Ventilaturi fiż-żona ta' tagħbija ma jaħdmux.
9. "Pressure alarms" għal tankijiet ta' tagħbija li ma jistgħux jintużaw.
10. Impjant ta' sejba tal-gass u/jew impjant ta' sejba ta' gass tossiku difettuż.
11. Trasport ta' sustanzi li se jinżammu mingħajr ċertifkat validu ta' inibizzjoni.

3.5. Oqsma taħt il-Konvenzjoni Load Lines

1. Żoni sinifikanti ta' ħsara jew tmermir, jew "pitting" tal-'plating' u ebusija assoċjata fil-gverti u fil-buq li jaffettwaw is-'seaworthiness' jew is-saħħa għat-treġija ta' tagħbija lokali, sakemm ma sarux tiswijiet temproanji xierqa għal vjaġġ ġewwa port għal tiswijiet permanenti.
2. Każ rikonoxxut ta' stabilità insuffiċjenti.
3. L-assenza ta' informazzjoni suffiċjenti u ta' min joqgħod fuqha, f'forma approvata, li b'mezzi rapidi u sempliċi, tħalli lill-kaptan jirranġa għat-tagħbija "ballasting" tal-bastiment b'tali manjiera li jinżamm marġini sigur ta' stabilità f'kull stadju u kondizzjonijiet varji tal-vjaġġ, u l-kreazzjoni ta' "stresses" mhux aċċettabli fl-istruttura tal-bastiment huma evitati.
4. Assenza, deterjorazzjoni sostanzjali jew "closing devices" difettużi, "hatch closing arrangements" u bibien "watertight".
5. Tagħbija żejda.
6. Assenza ta' "draft mark" jew "draft mark" li impossibbli biex taqraha.

3.6. Oqsma taħt il-Konvenzjoni Marpol, l-Anness I

1. Assenza, deterjorazzjoni serja jew nuqqas ta' operazzjoni proprja ta' "oily-water filtering equipment", l-immonitorjar tat-tnixxija taż-żejt u sistema ta' kontroll jew l-arranġamenti ta' l-allarm 15ppm.
2. Kapaċità li fadal ta' "slop" u/jew "sludge tank" insuffiċjenti għall-vjaġġ maħsub.
3. Ktieb tar-rekords taż-żejt mhux disponibbli.
4. "Discharge bypass" mhux awtorizzat imwaħħal.
5. Fajl tar-rapporti tal-perizji mhux disponibbli jew mhux konformi mar-Regolament 13G(3)(b) tal-Konvenzjoni Marpol.

3.7. Oqsma taħt il-Konvenzjoni Marpol, l-Anness II

1. Assenza tal-manwali P & A.
2. Tagħbija mhux kategorizzata.
3. M'hemm ebda ktieb dwar tagħbija disponibbli.
4. Trasport ta' sostanzi li qishom żejt mingħajr ma jkunu ssodisfati r-rekwiżiti jew mingħajr ċertifikat adegwatament emendat.
5. "Discharge bypass" mhux awtorizzat imwaħħal.

3.8. Oqsma taħt il-Konvenzjoni Marpol, l-Anness V

1. Assenza tal-pjan ta' mmaniġġjar taż-żibel.
2. M'hemm ebda ktieb dwar iż-żibel disponibbli.
3. L-istaff tal-bastiment m'huwiex familjari mar-rekwiżiti tar-rimi tal-pjan ta' mmaniġġjar taż-żibel.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

3.9. Oqsma taħt il-Konvenzjoni STCW u d-*Direttiva 2001/25/KE*

1. Nuqqas tal-baħħara li jkollhom ċertifikat, li jkollhom ċertifikat xieraq, li jkollhom dispensa valida jew li jagħtu prova dokumentata li tressqet applikazzjoni għal approvazzjoni lill-amministrazzjoni ta' l-Istat tal-bandiera.
2. Evidenza li ċertifikat inkiseb bil-qerq jew li l-possessur ta' ċertifikat m'huwiex il-persuna għal liema ċ-ċertifikat inħareġ fil-bidu.
3. Nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli ta' tgħammir sikur ta' l-amministrazzjoni ta' l-Istat tal-bandiera.
4. Nuqqas ta' konformità ta' l-arranġamenti ta' sorveljanza tat-tbaħħir jew ta' l-inġinerija mar-rekwiżiti speċifikati għall-bastiment mill-amministrazzjoni ta' l-Istat tal-bandiera.
5. Assenza waqt sorveljanza ta' persuna kwalifikata biex topera tagħmir essenzjali għat-tbaħħir sikur, komunikazzjonijiet bir-radju għas-sigurtà jew għall-prevenzjoni ta' tniġġis tal-baħar.
6. Nuqqas li tingħata prova ta' ħila professjonali għad-dmirijiet assenjati lill-baħħara għas-sigurtà tal-bastiment u l-prevenzjoni tat-tniġġis.
7. Inabiltà li jkun hemm persuni għall-ewwel sorveljanza fil-bidu ta' vjaġġ u għas-sorveljanzi ta' wara li straħu biżżejjed u b'saħħithom biżżejjed biex jagħmlu dmirhom.

3.10. Oqsma taħt il-Konvenzjonijiet ILO

1. Ikel mhux suffiċjenti għall-vjaġġ lejn il-port li jmiss.
2. Ilma mhux suffiċjenti għall-vjaġġ lejn il-port li jmiss.
3. Kondizzjonijiet mhux sanitarji b'mod eċċessiv abbord.
4. M'hemmx sħana fl-akkomodazzjoni ta' bastiment li jopera f'żoni fejn temperaturi jistgħu jkunu baxxi b'mod eċċessiv.
5. Żibel eċċessiv, "blockage" mit-tagħmir jew tagħbija jew altrimenti kondizzjonijiet perikoluż fil-passaġġi/akkomodazzjonijiet.
6. Evidenza ċara li rekords tas-sorveljanza u staff ieħor li qed jagħmlu dmirhom għall-ewwel sorveljanza jew għas-sorveljanzi ta' wara mhux jagħmlu xogħolhom sew minħabba l-għeja.

3.11. Oqsma li ma jirrikjedux detenzjoni, iżda fejn eż. operazzjonijiet ta' tagħbija jridu jiġu sospiżi

Nuqqas ta' tħaddim serju (jew manutenzjoni) tas-sistema ta' gass ta' ġewwa, "cargo-related gear" jew makkinarju huwa kkunsidrat raġuni suffiċjenti biex titwaqqaf operazzjoni ta' tagħbija.

ANNESS XII

KRITERJI MINIMI GĦALL-ISPETTURI

(kif imsemmija fl-*Artikolu 21(1)* u (5))

1. L-ispetturi jrid ikollhom għerf teoretiku xieraq u esperjenza prattika tal-bastimenti u t-tħaddim tagħhom. Iridu jkunu kompetenti fl-infurzar tar-rekwiżiti tal-konvenzjonijiet internazzjonali u tal-proċeduri rilevanti ta' kontroll portwali ta' l-Istat. L-għerf u l-kompetenza fl-infurzar tar-rekwiżiti internazzjonali u Komunitarji jridu jinkisbu permezz ta' programmi dokumentati ta' taħriġ inklużi eżamijiet u validazzjoni mill-ġdid f'intervalli speċifikati fl-*Artikolu 21*.

2. L-ispetturi jridu, bħala minimu, ikollhom jew:

a) kwalifiki xierqa minn istitut tal-baħar jew nawtiku u esperjenza ta' tbaħħir relevanti bħala uffiċjal fuq bastiment b'ċertifikat li għandu jew li kellu ċertifikat tal-kompetenza validu ta' l-STCW II/2 jew III/2; jew

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

b) ikunu għaddew minn eżami rikonoxxut mill-Awtorità kompetenti bħala perit navali, inġinier mekkaniku jew inġinier li għandu x'jaqsam ma' l-oqsma marittimi u li ħadem f'dik il-kapaċità għal talanqas ħames snin; jew

c) ikollhom lawrja relevanti mill-università jew l-ekwivalenti u jkunu tħarrġu u kkwalifikaw fi skola għal spetturi għas-sigurtà tal-bastimenti.

3. L-ispettur irid ikun serva mill-inqas għal sena bħala spettur ta' Stat tal-bandiera li għandu x'jaqsam ma' perizji u ċertifikazzjoni skond il-Konvenzjonijiet.

4. L-ispetturi msemmija taħt 2(a) iridu jkunu servew għal perjodu ta' mhux anqas minn ħames snin fuq il-baħar bħala uffiċjali fid-dipartiment tal-gverta jew tal-magna rispettivament.

5. L-ispetturi jrid ikollhom l-abilità li jikkomunikaw oralment u bil-miktub ma' nies li jaħdmu fuq il-bastimenti fil-lingwa l-aktar mitkellma fuq il-baħar.

6. L-ispetturi li ma josservawx il-kriterji msemmija hawn fuq jiġu aċċettati wkoll jekk imqabbda minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru għal kontroll portwali ta' l-Istat fid-data ta' adozzjoni ta' din id-Direttiva.

7. Meta fi Stat Membru *l-ispezzjonijiet isiru* minn spetturi ta' kontroll portwali ta' l-Istat; dawk l-ispetturi għandu jkollhom kwalifiki xierqa, li għandhom jinkludu biżżejjed esperjenza teoretika u prattika fis-sigurtà marittima. Normalment dan għandu jinkludi:

a) għarfien tajjeb tas-sigurtà marittima u kif hija applikata għall-operazzjonijiet li qed ikunu eżaminati;

b) għarfien ta' ħidma tajjeb tat-teknoloġiji u t-tekniki tas-sigurtà;

c) għarfien tal-prinċipji, il-proċeduri u t-tekniki ta' l-ispezzjoni;

d) għarfien ta' ħidma ta' l-operazzjonijiet li qed ikunu ***eżaminati.***

ANNESS *XIII*

PUBBLIKAZZJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR SPEZZJONIJIET, DETENZJONIJIET U RIFJUTI GĦALL-AĊĊESS F'PORTIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI

(kif imsemmija fl-*Artikolu 25(1)*)

1. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-informazzjoni elenkata fil-paragrafi 3.1 u 3.2 hawn taħt f'websajt pibbliku fi żmien 72 siegħa wara li l-ispezzjoni tlestiet jew li d-detenzjoni ġiet revokata jew li ġie impost ir-rifjut għall-aċċess.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika regolarment f'websajt l-informazzjoni dwar bastimenti li ġew irrifjutati l-aċċess għal portijiet Komunitarji bħala parti mill-applikazzjoni ta' *l-Artikoli 15 u 20*.

3. Informazzjoni ppubblikata skond *l-Artikolu 25(1)* trid tinkludi dan li ġej:

(a) l-isem tal-bastiment,

(b) in-numru IMO,

(c) it-tip ta' bastiment,

d) (d) it-tunnellaġġ (gt),

(e) is-sena tal-kostruzzjoni kif determinata fuq il-bażi tad-data indikata fiċ-ċertifikati ta' sigurtà tal-bastiment,

(f) l-isem u l-indirizz tal-kumpanija tal-bastiment,

(g) fil-każ ta' bastimenti li jġorru tagħbijiet likwidi jew solidi bil-massa, l-isem u l-indirizz tal-kerrej responsabbli għall-għażla tal-bastiment u t-tip ta' kirja,

(h) l-Istat tal-bandiera,

(i) iċ-ċertifikati tal-klassi u statutarji maħruġa skond il-Konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, u l-awtorità jew l-organizzazzjoni li ħarġet kull wieħed miċ-ċertifikati konċernati, inkluża d-data tal-ħruġ u ta' l-iskadenza,

(j) il-port u d-data ta' l-aħħar perizja intermedja jew annwali għaċ-ċertifikati fil-punt (i) hawn fuq u l-isem ta' l-awtorità jew ta' l-organizzazzjoni li wettqet il-perizja,

(k) id-data, il-port tal-pajjiż jew l-ankraġġ tad-detenzjoni.

4. Għal bastimenti li ġew detenuti, l-informazzjoni ppubblikata skond l-Artikolu 19 trid tinkludi wkoll:

(a) in-numru ta' detenzjonijiet matul is-36 xahar preċedenti,

(b) id-data meta d-detenzjoni ġiet irrevokata,

(c) in-numru ta' ġranet ta' detenzjoni,

d) ir-raġunijiet għad-detenzjoni, f'termini ċari u espliċiti,

(e) indikazzjoni, meta rilevanti, ta' jekk l-organizzazzjoni rikonoxxuta li wettqet il-perizja għandhiex responsabiltà fir-rigward tan-nuqqasijiet li, waħedhom jew f'daqqa, wasslu għad-detenzjoni,

(f) deskrizzjoni tal-miżuri li ttieħdu fil-każ ta' bastiment li tħalla jbaħħar lejn l-eqreb tarzna xierqa għat-tiswija,

(g) jekk il-bastiment ġie rrifjutat l-aċċess għal kwalunkwe port fil-Komunità, ir-raġunijet għall-miżura f'termini ċari u ***espliċiti.***

ANNESS *XIV*

DATA PROVDUTA FIL-KUNTEST TAL-MONITORAĠĠ TA' L-IMPLIMENTAZZJONI

(kif imsemmija fl-*Artikolu 28)*

1. Kull sena l-Istati Membri jridu jagħtu lill-Kummissjoni d-dejta li ġejja għas-sena preċedenti sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju.

1.1. In-numru ta' spetturi li jaġixxu f'isimhom fil-qafas tal-kontroll portwali ta' l-Istat

Din l-informazzjoni trid tkun komunikata lill-Kummissjoni permezz tat-tabella li ġejja li sservi ta' mudell. [1] [2]

Port/żona	Numru ta' spetturi "full-time" (A)	Numru ta' spetturi "part-time" (B)	Bidla ta' (B) għal "full-time" (C)	Total (A+C)
Port X …				
Port Y ….				
TOTAL				

[1] Meta l-ispezzjonijiet li saru fil-kuntest tal-kontroll portwali ta' l-Istat jirrappreżentaw biss parti mix-xogħol ta' l-ispetturi, in-numru totali ta' spetturi għandu jinbidel għal numru ekwivalenti għal spetturi "full-time". Meta l-istess spettur jahdem f'aktar minn port wieħed jew f'aktar minn żona ġeografika waħda l-ekwivalenti "part-time" applikabbli jrid jingħadd f'kull port.

[2] Din l-informazzjoni trid tingħata f'livell nazzjonali u għal kull port ta' l-Istat Membru konċernat. Għall-għanijiet ta' dan l-Anness, port jitqies li jfisser port individwali u ż-żona ġeografika koperta minn spettur jew minn tim ta' spetturi, li jinkludi diversi portijiet individwali meta xieraq.

1.2. In-numru totali ta' bastimenti individwali li daħlu fil-portijiet tagħhom f'livell nazzjonali. Iċ-ċifra għandha tkun in-numru ta' bastimenti baranin koperti bid-Direttiva li daħlu fil-portijiet tagħhom f'livell nazzjonali u li jingħaddu darba.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

2. L-Istati Membri jridu:

(a) jagħtu lill-Kummissjoni kull tliet xhur, lista tal-movimenti ta' bastimenti individwali, għajr servizzi regolari ta' laneċ tal-passiġġieri u tal-merkanzija, li daħlu fil-portijiet tagħhom jew li nnotifikaw il-wasla tagħhom f'ankraġġ lil awtorità tal-port, liema lista jkun fiha għal kull moviment tal-bastiment, in-numru IMO tiegħu, id-data tal-wasla tiegħu u l-port jew l-ankraġġ. Il-lista għandha tingħata f'forma ta' programm "spreadsheet" li jippermetti l-irkupru u l-ipproċessar awtomatiku ta' l-informazzjoni msemmija hawn fuq. Il-lista għandha tingħata fi żmien 4 xhur mit-tmien tal-perjodu għal liema perjodu d-dejta kienet tapplika,

u

(b) jagħtu lill-Kummissjoni listi separati ta' servizzi regolari ta' laneċ tal-passiġġieri u ta' servizzi regolari ta' laneċ tal-merkanzija msemmija fil-punt (a), mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, u wara dan kull darba li jsiru bidliet f'servizzi bħal dawn. Il-lista għandha tinkludi għal kull bastiment in-numru IMO, ismu u r-rotta koperta mill-bastiment. Il-lista għandha tingħata f'forma ta' programm "spreadsheet" li jippermetti l-irkupru u l-ipproċessar awtomatiku ta' li l-informazzjoni msemmija hawn fuq.

ANNESS XV

Parti A

DIRETTIVA MĦASSRA BL-EMENDI SUĊĊESSIVI TAGĦHA

(kif imsemmija fl-*Artikolu 35*)

Direttiva tal-Kunsill 95/21/KE (ĠU L 157, 7.7.1995, p. 1)	
Direttiva tal-Kunsill 98/25/KE (ĠU L 133, 7.5.1998, p. 19)	
Direttiva tal-Kummissjoni 98/42/KE (ĠU L 184, 27.6.1998, p. 40)	
Direttiva tal-Kummissjoni 1999/97/KE (ĠU L 331, 23.12.1999, p. 67)	
Direttiva 2001/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 19, 22.1.2002, p. 17)	
Direttiva 2002/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 53)	L-Artikolu 4 biss

Parti B

LISTA TA' SKADENZI GĦAT-TRASPOŻIZZJONI FIL-LIĠI NAZZJONALI

(kif imsemmija fl-*Artikolu 35*)

Direttiva	Skadenza għat-traspożizzjoni
Direttiva 95/21/KE	30 ta' Ġunju 1996
Direttiva 98/25/KE	30 ta' Ġunju 1998
Direttiva 98/42/KE	30 ta' Settembru 1998
Direttiva 1999/97/KE	13 ta' Diċembru 2000
Direttiva 2001/106/KE	22 ta' Lulju 2003 [1]
Direttiva 2002/84/KE	23 ta' Novembru 2003

[1] Skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/106/KE, Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-22 ta' Lulju 2006. L-evalwazzjoni teżamina, inter alia, in-numru ta' spetturi ta' kontroll portwali ta' l-Istat f'kull Stat Membru u n-numru ta' spezzjonijiet li jsiru, inklużi spezzjonijiet obbligatorji profondi. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultati tar-reviżjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha tiddetermina fuq il-bażi tar-reviżjoni huwiex meħtieġ li tipproponi Direttiva ta' emenda jew aktar leġiżlazzjoni f'dan il-qasam.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ANNESS XVI

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 95/21/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 1, parti introduttorja	Artikolu 1, parti introduttorja
Artikolu 1, l-ewwel inċiż	Artikolu 1(a)
Artikolu 1, it-tieni inċiż	Artikolu 1(b)
Artikolu 2, parti introduttorja	Artikolu 2, parti introduttorja
Artikolu 2(1), parti introduttorja	Artikolu 2(1), parti introduttorja
Artikolu 2(1), l-ewwel inċiż	Artikolu 2(1)(a)
Artikolu 2(1), it-tieni inċiż	Artikolu 2(1)(b)
Artikolu 2(1), it-tielet inċiż	Artikolu 2(1)(c)
Artikolu 2(1), ir-raba' inċiż	Artikolu 2(1)(d)
Artikolu 2(1), il-ħames inċiż	Artikolu 2(1)(e)
Artikolu 2(1), is-sitt inċiż	Artikolu 2(1)(f)
Artikolu 2(1), is-seba' inċiż	Artikolu 2(1)(g)
Artikolu 2(1), it-tmien inċiż	Artikolu 2(1)(h)
Artikolu 2(2)	Artikolu 2(2)
-	Artikolu 2*(5)*
Artikolu 2(3)	Artikolu 2*(6)*
Artikolu 2(4)	Artikolu 2*(8)*
-	Artikolu 2*(9)*
Artikolu 2(5)	Artikolu 2*(10)*
-	Artikolu 2*(11)*
-	-
Artikolu 2(6)	Artikolu 2*(13)*
Artikolu 2(7)	Artikolu 2*(14)*
Artikolu 2(8)	-
-	Artikolu 2*(16)*
Artikolu 2(9)	Artikolu 2*(17)*
-	Artikolu 2*(18)*
Artikolu 2(10)	-
-	Artikolu 2*(20)*
-	Artikolu 2*(21)*
-	Artikolu 2*(22)*

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Direttiva 95/21/KE	Din id-Direttiva
Artikolu *3(1)*	*Artikolu 3(1)*
-	Artikolu 4(1)
Artikolu 4	Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu
-	-
-	-
Artikolu 5(1)	-
-	-
Artikolu 5(2) sa 5(5)	-
-	Artikolu *8*
Artikolu *6*	Artikolu *12*
Artikolu 7(1) u (2)	-
Artikolu 7(3)(a)	-
Artikolu 7(3)(b)	-
Artikolu 7(4), l-ewwel subparagrafu	-
Artikolu 7(4), it-tieni subparagrafu	-
Artikolu 7(5)	-
Artikolu 7(6)	-
Artikolu 7a(1)	-
Artikolu 7a(2)	-
-	-
Artikolu 7a(3) sa (5)	-
Artikolu 7b(1) u (2)	-
Artikolu 7b(3)	-
Artikolu 8	Artikolu *16*
-	Artikolu *17*
Artikolu 9(1) u (2)	Artikolu *18*(1) u (2)
-	Artikolu *18*(3)
Artikolu 9(3) sa (7)	Artikolu *18*(4) sa (8)
-	Artikolu *18*(9)
Artikolu 9a	-
Artikolu 10(1) sa (3)	-
-	Artikolu *19*(4)
Artikolu 11(1)	Artikolu *20*(1)
-	Artikolu *20*(2)

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Direttiva 95/21/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 11(2)	Artikolu *20*(3), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 11(3), l-ewwel subparagrafu	-
Artikolu 11(3) it-tieni subparagrafu	Artikolu *20*(3) it-tieni subparagrafu
Artikolu 11(4) sa (6)	Artikolu *20*(4) sa (6)
Artikolu 12(1) sa (3)	Artikolu *21*(1) sa (3)
Artikolu 12(4), l-ewwel subparagrafu	Artikolu *21*(4), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 12(4) it-tieni subparagrafu	-
-	Artikolu *21*(5) sa (7)
Artikolu 13(1)	Artikolu *22(1)*
Artikolu 13(2)	Artikolu *22*(2)
-	Artikolu *22*(3)
Artikolu 14(1)	Artikolu *23*(1)
Artikolu 14(2), l-ewwel subparagrafu	Artikolu *23*(2), l-ewwel subparagrafu
-	Artikolu *23*(2), it-tieni subparagrafu
Artikolu 14(2) it-tieni subparagrafu	Artikolu *23*(2), it-tielet subparagrafu
Artikolu 14(3)	Artikolu *23*(3)
Artikolu 15(1)	Artikolu *25*(1)
Artikolu 15(2) sa (4)	-
Artikolu 15(5)	Artikolu *25*(2)
-	Artikolu *26*
Artikolu 16(1) u (2)	Artikolu *27*(1) u (2)
Artikolu 16(2a)	Artikolu *27*(3)
Artikolu 16(3)	Artikolu *27*(4)
Artikolu 17	Artikolu *28*(1)
-	Artikolu *28*(2)
-	Artikolu *29*
Artikolu 18	Artikolu *30*
Artikolu 19	Artikolu *31*
Artikolu 19a	Artikolu *32*
Artikolu 3 Direttiva 2001/106/KE	Artikolu *33*
Artikolu 20	Artikolu *34*
-	Artikolu *35*
Artikolu 21	Artikolu *36*
Artikolu 22	Artikolu *37*
Anness I	-
-	Anness *I*
-	Anness III

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Direttiva 95/21/KE	Din id-Direttiva
Anness II	Anness IV
Anness III	Anness V
Anness IV	Anness VI
-	Anness VII
Anness V	Anness VIII
Anness VI	Anness XI
Anness VII	Anness XII
Anness VIII	Anness *XIII*
Anness IX	Anness X
Anness X	Anness *XIV*
Anness XI	Anness IX
Anness XII	-
-	*Anness XV*
-	*Anness XVI*

P6_TA(2007)0150

Spezzjoni ta' vapuri u organizzazzjonijiet tal-perizji (verżjoni ta' tfassil mill-ġdid) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-25 ta' April 2007 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-ispezzjoni tal-bastimenti u l-organizzazzjonijiet tal-perizji u għall-attivitajiet relevanti ta' l-amministrazzjonijiet marittimi (verżjoni ta' tfassil mill-ġdid) (COM(2005)0587 — C6-0038/2006 — 2005/0237(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005) 0587) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 251(2) u 80(2), skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0038/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0070/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

P6_TC1-COD(2005)0237

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' April 2007 bil-ħsieb li tiġi adottata Direttiva Nru 2007/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-ispezzjoni tal-bastimenti u l-organizzazzjonijiet tal-perizji u għall-attivitajiet relevanti ta' l-amministrazzjonijiet marittimi *(verżjoni ta' tfassil mill-ġdid)*

(Test b'rilevanza għaz-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-*Kummissjoni*,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat [3],

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE tat-22 ta' Novembru 1994 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-ispezzjoni tal-bastimenti u l-organizzazzjonijiet tal-perizji u għall-attivitajiet relevanti ta' l-amministrazzjonijiet marittimi [4] ġiet emendata b'mod sostanzjali bosta drabi. Peress li jridu jsiru aktar emendi, għandha titfassal mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 1993 dwar pożizzjoni komuni fuq ibħra siguri [5], il-Kunsill stabbilixxa l-għan li jneħħi l-bastimenti kollha substandard mill-ibħra tal-Komunità u ta prijorità lill-azzjoni Komunitarja biex jiżgura l-implimentazzjoni effettiva u uniformi tar-regoli internazzjonali billi elabora l-istandards komuni għas-***soċjetajiet ta' klassifikazzjoni, iddefiniti bħala organizzazzjonijiet ta' spezzjoni tal-bastimenti u tal-perizji (hawn aktar 'l isfel imsejħa "organizzazzjonijiet rikonoxxuti")***.

(3) Is-sigurtà u l-prevenzjoni tat-tniġġiż fil-baħar jistgħu jittejbu b'mod effettiv billi jiġu applikati b'mod riġidu l-konvenzjonijiet internazzjonali, il-kodiċijiet u r-riżoluzzjonijiet filwaqt li jitmexxa 'l quddiem l-għan li tiġi żgurata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

(4) Il-kontroll tal-konformità tal-bastimenti ma' l-istandards internazzjonali uniformi għas-sigurtà u l-prevenzjoni tat-tniġġiż ta' l-ibħra huma r-responsabilità ta' l-Istati tal-bandiera u tal-portijiet.

(5) L-Istati Membri huma responsabbli mill-ħruġ taċ-ċertifikati internazzjonali għas-sigurtà u ***l-prevenzjoni tat-***tniġġiż ipprovduti skond konvenzjonijiet bħas-Solas 74, il-Linji tat-Tagħbija 66 u l-Marpol 73/78, u għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħhom.

(6) Skond dawn il-konvenzjonijiet l-Istati Membri kollha jistgħu jawtorizzaw sa limitu varjat l-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** tekniċi għaċ-ċertifikazzjoni ta' din il-konformità u jistgħu jiddelegaw il-ħruġ taċ-ċertifikati tas-sigurtà rilevanti ***għas-sikurezza u l-prevenzjoni tat-tniġġis***.

(7) Mad-dinja kollha numru kbir ***organizzazzjonijiet rikonoxxuti*** tal-klassifika ma jiżgurawx l-implimentazzjoni adegwata tar-regoli u l-affidabilità meta jaġixxu f'isem l-amministrazzjonijiet nazzjonali għaliex ma għandhomx l-istrutturi u l-esperjenza adegwati ta' min joqgħod fuqhom u sabiex ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet tagħhom f'manjiera mill-iktar professjonali.

([1]) *ĠU C 318, 23.12.2006, p.195.*
([2]) *ĠU C 229, 22.9.2006, p.38.*
([3]) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' April 2007.*
([4]) ĠU L 319, 12.12.1994, p. 20. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/84/KE (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 53).
([5]) 1 ĠU C 271, 7.10.1993, p. 1.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

(8) Barra minn hekk, dawn ***l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti jipproduċu*** u ***jimplimentaw*** regoli għaddisinn, il-kostruzzjoni, il-manutenzjoni u l-ispezzjoni ta' bastimenti u ***huma responsabbli illi jwettqu spezzjonijiet ta' bastimenti f'isem l-Istati tal-bandiera u jiċċertifikaw li dawk il-bastimenti*** jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-konvenzjonijiet internazzjonali għall-ħruġ taċ-ċertifikati rilevanti. Sabiex huma jkunu jistgħu jwettqu dmirhom b'mod sodisfaċenti, jeħtieġ li jkollhom indipendenza stretta, kompetenza teknika speċjalizzata ħafna u ġestjoni tal-kwalità rigoruża.

(9) L-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** għandhom ikunu jistgħu joffru s-servizzi tagħhom fil-Komunità kollha u jikkompetu ma' xulxin filwaqt li jipprovdu livell indaqs ta' ħarsien tas-sigurtà u ta' l-ambjent. L-istandards professjonali meħtieġa għall-attività tagħhom għandhom għalhekk ikunu stabbiliti u applikati b'mod uniformi fil-Komunità kollha.

(10) Dan il-għan għandu jintlaħaq permezz ta' miżuri li jkunu konnessi b'mod xieraq max-xogħol ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) u, meta dan ikun xieraq, li jibnu fuq dan ix-xogħol u jikkomplimentawh.

(11) Għandhom ikunu stipulati kriterji minimi għar-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet.

(12) Sabiex jingħata r-rikonoxximent inizjali lill-organizzazzjonijiet li jixtiequ li jkunu awtorizzati biex jaħdmu f'isem l-Istati Membri, il-konformità mal-kriterji minimi msemmija hawn fuq tista' tkun evalwata b'mod aktar effettiv b'mod armonizzat u ċentralizzat mill-Kummissjoni flimkien ma' l-Istati Membri li qed jitolbu r-rikonoxximent.

(13) Ir-rikonoxximent għandu jingħata biss fuq il-bażi tar-rendiment ta' kwalità u ta' sigurtà ta' ***l-organizzazzjoni konċernata***. Għandu jkun żgurat li *dak ir-rikonoxximent jingħata* dejjem skond il-kapaċità reali ta' l-organizzazzjoni konċernata. Barra minn hekk ir-rikonoxximent għandu jqis id-differenzi ta' l-istejtus legali u ta' l-istruttura ta' l-impriżi ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti filwaqt li jibqgħu jkunu żgurati l-applikazzjoni uniformi tal-kriterji minimi msemmija hawn fuq u l-effettività tal-kontrolli Komunitarji.

(14) Il-ħruġ taċ-Ċertifikat tas-Sigurtà bir-Radju tal-Bastimenti tat-Tagħbija jista' jiġi fdat lil korpi privati li għandhom esperjenza suffiċjenti u l-persunal ikkwalifikat.

(15) Stat Membru jista' jirrestrinġi n-numru ta' organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** li huwa jawtorizza bi qbil mal-bżonnijiet tiegħu, fuq il-bażi ta' raġunijiet oġġettivi u trasparenti, soġġetti għall-kontroll eżerċitat mill-Kummissjoni b'konformità ma' proċedura ta' kumitat.

(16) Peress li din id-Direttiva tiżgura l-libertà li wieħed jipprovdi servizzi fi ħdan il-Komunità, il-***Kummissjoni*** għandu jkollha d-dritt li tinnegozja, ma' dawk il-pajjiżi terzi fejn jinsabu xi whud mill-organizzazzjonijiet rikonoxxuti, trattament indaqs għall-organizzazzjonijiet rikonoxxuti ***li għandhom is-sede tagħhom*** fil-Komunità.

(17) Jeħtieġ li jkun hemm involviment qawwi ta' l-amministrazzjonijiet nazzjonali fl-ispezzjoni tal-bastimenti u fil-ħruġ taċ-ċertifikati relatati sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mar-regoli internazzjonali tas-sigurtà anke jekk l-Istati Membri jimpjegaw organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** li mhumiex fl-amministrazzjoni tagħhom sabiex iwettqu dmirijiet statutarji. Huwa għalhekk xieraq li titwaqqaf relazzjoni ta' ħidma mill-qrib bejn l-amministrazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti awtorizzati minnhom***, u dan jista' jkun jeħtieġ li ***l-organizzazzjonijet rikonoxxuti jkollhom*** rappreżentanza lokali fit-territorju ta' l-Istat Membru li jkunu qed iwettqu d-dmirijiet ***tagħhom f'isimhom***.

(18) Id-diverġenza tas-sistemi ta' responsabiltà ***finanzjarja*** ta' l-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** li jaħdmu f'isem l-Istati Membri timpedixxi l-implimentazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva. Sabiex jingħata kontribut biex din il-problema tissolva, xieraq li jkun hemm ċerta armonizzazzjoni fil-livell Komunitarju tar-responsabiltà marbuta ma' kwalunkwe ***aċċident marittimu*** ikkawżat minn organizzazzjoni rikonoxxuta, kif ikun deċiż minn qorti tal-ġustizzja, inkluża s-soluzzjoni ta' tilwima permezz ta' *arbitraġġ*.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

(19) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni [1].

(20) ***B'mod partikulari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda din id-Direttiva sabiex tapplika emendi sussegwenti lill-konvenzjonijiet internazzjonali, protokolli, kodiċi u riżoluzzjonijiet relatati magħha, li taġġorna l-kriterji fl-ewwel Anness u li tadotta l-kriterji sabiex tiġi mkejla l-prestazzjoni tas-sigurtà u tal-prevenzjoni tat-tniġġis ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti. Peress li dawn il-miri huma ta' portata ġenerali u huma kkonċepiti sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, u sabiex jissupplimentaw lil din id-Direttiva biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista mill-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.***

(21) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, u b'mod partikulari l-kriterji minimi u l-obbligi li jridu jkunu ssodisfati mill-organizzazzjonijiet rikonoxxuti, għandhom jinżammu aġġornati, filwaqt li jitqies il-progress f'fora internazzjonali, skond il-proċedura tal-kumitati.

(22) Huwa ta' importanza fundamentali li n-nuqqas, minn organizzazzjoni rikonoxxuta, li taqdi dmirijietha jkun jista' jiġi indirizzat malajr u b'mod effettiv u proporzjonat. L-objettiv ewlieni għandu jkun li jiġu korretti xi nuqqasijiet bl-iskop li titneħħa kwalunkwe theddida għas-sigurtà jew għall-ambjent fi stadju bikri. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tingħata s-setgħat neċessarji sabiex tirrikjedi li l-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** tieħu l-azzjoni preventiva u ta' rimedju meħtieġa, u sabiex timponi multi u ħlasijiet penali perjodiċi bħala miżuri kostrinġenti.

(23) Skond l-approċċ fil-Komunità kollha, id-deċiżjoni li jkun irtirat ir-rikonoxximent ta' organizzazzjoni li tonqos li tissodisfa d-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva jekk il-miżuri msemmija hawn fuq ma jkunux effettivi jew jekk l-organizzazzjoni ***rikonoxxuti*** tkun theddida inaċċettabbli għas-sigurtà jew għall-ambjent, trid tittieħed fil-livell Komunitarju, u għalhekk mill-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-proċedura tal-kumitati.

(24) L-Istati Membri jrid ikollhom mandankollu l-possibilità li jissospendu l-awtorizzazzjoni tagħhom lil organizzazzjoni rikonoxxuta għar-raġunijiet ta' perikolu serju għas-sigurtà jew għall-ambjent. Il-Kummissjoni trid tiddeċiedi bil-heffa skond il-proċedura *ta' kumitat* jekk hux meħtieġ li tannulla din il-miżura nazzjonali.

(25) Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jevalwa perjodikament il-qadi tax-xogħol ta' l-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** li jaħdmu f' ismu u jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'tagħrif preċiż dwar dan il-qadi tax-xogħol.

(26) Il-monitoraġġ kontinwu a posteriori ta' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti sabiex tiġi evalwata l-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jista' jitwettaq b'mod iktar effettiv, armonizzat u ċentralizzat. Għalhekk huwa xieraq li l-Kummissjoni, flimkien ma' l-***Istati*** Membri ***li jawtorizzaw lill-organizzazzjonijiet rikonoxxuti illi jaġixxu f'isimhom,*** tingħata dan il-kompitu f'isem il-Komunità kollha.

(27) ***Bħala parti mill-monitoraġġ ta' l-operazzjonijiet ta' organizzazzjoniet rikonoxxuti,*** l-ispetturi tal-Komunità ***għandu*** jkollhom aċċess għal bastimenti u għal fajls ta' bastimenti tkun xi tkun il-bandiera tal-bastiment sabiex ikun żgurat li l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti jkunu konformi mal-kriterji minimi ***mniżżla f'din id-Direttiva*** fir-rigward tal-bastimenti kollha fil-klassi rispettiva tagħhom.

(28) L-Istati Membri, bħala awtoritajiet tal-port, huma meħtieġa illi jkabbru s-sigurtà u l-prevenzjoni tat-tniġġiż fl-ibħra tal-Komunità bi spezzjonijiet ta' prijorità tal-bastimenti li għandhom iċ-ċertifikati ta' l-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** li ma jwettqux il-kriterji komuni, biex b'hekk jiżguraw illi ma jingħatax trattament iktar vantaġġjuż lill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat terz.

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p.11).

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

(29) Fil-preżent ma jeżistux standards internazzjonali uniformi rilevanti li magħhom iridu jikkonformaw il-bastimenti kollha fil-fażi tal-kostruzzjoni u matul il-ħajja kollha tagħhom, rigward il-buq, il-makkinarju u l-istallazzjonijiet elettriċi u tal-kontroll. Dawn l-istandards jistgħu jiġu ffissati skond ir-regoli tas-soċjetajiet irrikonxxuti tal-klassifika jew għal standards ekwivalenti li jridu jiġu deċiżi mill-amministrazzjonijiet nazzjonali skond il-proċedura stabbilita fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 98/34/KE tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-provvediment tat-tagħrif fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi [1].

(30) Il-kapaċità ta' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jidentifikaw u jikkoreġu malajr nuqqasijiet fir-regoli, proċeduri u verifiki interni tagħhom hija kritika għas-sigurtà tal-bastimenti li huma jispezzjonaw u jiċċertifikaw. Din il-kapaċità għandha tittejjeb permezz ta' ***kumitat ta' evalwazzjoni*** indipendenti li għandu ***jaġixxi b'mod indipendenti sabiex*** jipproponi azzjoni komuni għal titjib sostenut ta' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti kollha u jiżgura interazzjoni produttiva mal-Kummissjoni.

(31) Ir-regoli u r-regolamenti ta' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti jikkostitwixxu fattur prinċipali tas-sigurtà u l-prevenzjoni ta' inċidenti u tniġġis. L-organizzazzjonijiet rikonoxxuti taw bidu għall-proċess li għandu jwassal għall-armonizzazzjoni tar-regoli u r-regolamenti tagħhom. Dan il-proċess għandu jiġi inkoraġġut u appoġġjat mil-leġiżlazzjoni tal-Komunità, peress li għandu jkollu impatt pożittiv fuq is-sigurtà marittima u fuq il-kompetittività ta' l-industrija tal-bini ta' bastimenti Ewropea.

(32) L-organizzazzjonijiet rikonoxxuti għandhom ikunu obbligati li jaġġornaw l-istandards tekniċi tagħhom u li jinfurzawhom b'mod konsistenti sabiex jarmonizzaw ir-regoli ta' sigurtà u jiżguraw implimentazzjoni uniformi ta' regoli internazzjonali fi ħdan il-Komunità. Meta l-istandards tekniċi ta' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti jkunu identiċi jew simili ħafna, għandu jitqies ir-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati tal-klassi ***f'każijiet meta dan ikun possibbli, u billi jittieħdu l-iktar ċertifikati esiġenti u rigoruż bħala mudelli***.

(33) Billi t-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet interessati, kif ukoll id-dritt pubbliku ta' aċċess għat-tagħrif, huma għodda fundamentali għall-prevenzjoni ta' l-inċidenti fil-baħar, l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti għandhom jipprovdu t-tagħrif statutarju rilevanti kollu dwar il-kundizzjonijiet tal-bastimenti fil-klassi tagħhom lill-awtoritajiet ta' kontroll ta' l-Istat tal-port, liema tagħrif għandu jkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali.

(34) Sabiex *jiġi evitat li l-bastimenti jbiddlu l-klassi ħalli jkunu jistgħu jevitaw li jwettqu tiswija* ***mitluba minn soċjetajiet ta' klassifikazzjoni fl-ispezzjoni tagħhom, għandhom isiru arranġamenti minn qabel sabiex*** l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti jagħmlu skambju ta' l-informazzjoni kollha rilevanti bejnethom fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-bastimenti ***li għalihom tintalab bidla fil-***klassi u jinvolvu l-bandiera ta' l-Istat meta jkun meħtieġ.

(35) L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà Marittima (EMSA) imwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] għandha tagħti l-assistenza meħtieġa biex tiżgura l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

(36) Peress li l-objettiv ta' l-azzjoni li trid tittieħed, jiġifieri l-adozzjoni ta' regoli u standards komuni għall-ispezjoni tall-bastimenti u l-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** li joperaw fil-Komunità u għall-attivitajiet rilevanti ta' l-amministrazzjonijiet marittimi, ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-kobor ta' l-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(37) L-obbligu li din id-Diretiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali għandu jgħodd biss għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabbla mad-*Direttiva 94/57/KE*. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li ma nbidlux *jiġi minn dik id-Direttiva*.

(38) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stipulati fl-Anness II, Parti B,

---

[1] ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37. Direttiva kif emendata *l-aħħar* bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

[2] ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1891/2006, (ĠU L 394, 30.12.2006, p. 1).

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri u mill-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti li huma għażlu*** sabiex iwettqu l-ispezzjoni, monitoraġġ u għoti taċ-ċertifikat lill-bastimenti għall-konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar is-sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis marittimu, filwaqt li jiġi appoġġjat l-għan ta' libertà li wieħed jipprovdi s-servizzi. Din il-proċedura tinkludi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti ta' sigurtà għall-buq, għall-makkinarju u għal installazzjonijiet elettriċi***, tar-radju*** u tal-kontroll ta' bastimenti li jaqgħu taħt il-portata tal-konvenzjonijiet internazzjonali.

L-Artikolu 2

Għall-għan ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

a) "konvenzjonijiet internazzjonali" ifissru l-Konvenzjoni Internazzjonali ta' l-1974 dwar is-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar (SOLAS), bl-eċċezzjoni tal-kapitolu XI-2 ta' l-Anness u l-Kodiċi ta' Sigurtà tal-Bastimenti Internazzjonali u tal-Faċilitajiet tal-Portijiet, il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' l-1966 dwar il-Linji tat-Tagħbija u l-Konvenzjoni Internazzjonali ta' l-1973/1978 dwar il-Prevenzjoni tat-Tniġġiż mill-Bastimenti, flimkien mal-protokolli u l-emendi tagħhom, u l-kodiċijiet li għandhom x'jaqsmu magħhom tal-livell mandatorju fl-Istati Membri kollha, fil-verżjoni aġġornata tagħhom;

b) "bastiment" ifisser bastiment li jidħol fl-iskop tal-konvenzjonijiet internazzjonali;

c) "bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru" ifisser bastiment irreġistrat fi Stat Membru u jtajjar il-bandiera tiegħu skond il-leġiżlazzjoni tiegħu. Il-bastimenti li ma jikkorispondux ma' din id-definizzjoni jiġu magħduda mal-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz;

d) "spezzjonijiet u perizji" ifissru l-ispezzjonijiet u l-perizji magħmula mandatorji bil-kovenzjonijiet internazzjonali, ***u taħt din id-Direttiva u oħrajn tal-Komunità rigward is-sigurtà marittima***;

e) "organizzazzjoni *rikonoxxuta*" tfisser entità legali, is-sussidjarji tagħha u kwalunkwe entitajiet oħra taħt il-kontroll tagħha, li flimkien jew b'mod separat iwettqu x-xogħlijiet fil-qasam ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva *u li hija rikonoxxuta skond din id-Direttiva*;

f) "kontroll" ifisser għall-fini tal-punt (e), drittijiet, kuntratti jew kwlunkwe mezzi oħra, fil-liġi jew fil-fatt, li, jew separatament jew flimkien jagħtu l-possibiltà li tkun eżerċitata influwenza deċiżiva fuq entità legali jew jippermettu lil tali entità twettaq ix-xogħlijiet fil-qasam ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva;

g) "awtorizzazzjoni" tfisser att li bih Stat Membru jagħti awtorizzazzjoni jew jiddelega poteri lil organizzazzjoni rikonoxxuta;

h) "ċertifikat statutarju" ifisser ċertifikat maħruġ minn jew f'isem Stat tal-bandiera skond il-konvenzjonijiet internazzjonali;

i) "regoli u regolamenti" tfisser ir-rekwiżiti *stabbiliti u magħmulha pubbliċi* ta' organizzazzjoni rikonoxxuta għad-disinn, il-kostruzzjoni, it-tagħmir, il-manutenzjoni u l-perizja tal-bastimenti;

j) "***ċertifikat*** tal-klassi" ifisser dokument maħruġ minn organizzazzjoni rikonoxxuta li jiċċertifika kemm ikun b'saħħtu bastiment għal użu jew servizz partikolari skond ir-regoli u r-regolamenti stipulati u magħmula pubbliċi minn dik l-organizzazzjoni rikonoxxuta;

k) "ċertifikat ta' sigurtà bir-radju tal-bastimenti tat-tagħbija" ifisser iċ-ċertifikat introdott bir-Regolamenti emendati dwar ir-Radju tas-Solas 1974/1978, adottati mill-IMO;

l) "***pajjiż ta'*** lokazzjoni" tirreferi għall-***Istat fejn hemm*** l-uffiċċju rreġistrat, il-post ta' l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju ta' organizzazzjoni ***rikonoxxuta***.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

L-Artikolu 3

1. Meta jidħlu għar-responsabilitajiet u l-obbligi tagħhom skond il-konvenzjonijiet internazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-amministrazzjonijiet kompetenti tagħhom jistgħu jiżguraw l-infurzar xieraq tad-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari rigward l-ispezzjoni u l-perizja tal-bastimenti u l-ħruġ taċ-ċertifikati statutarji u taċ-ċertifikati ta' eżenzjoni kif stipulat mill-konvenzjonijiet internazzjonali. L-Istati Membri għandhom jaġixxu skond id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Anness u ta' l-Appendiċi għar-Riżoluzzjoni A.847(20) ta' l-IMO dwar linji gwida biex jassistu l-Istati tal-bandiera fl-implimentazzjoni ta' l-istrumenti ta' l-IMO.

2. *Għall-iskopijiet* tal-paragrafu 1, *l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu* rigward bastimenti li jtajru *l-bandiera tagħhom*:

i) li jawtorizza lill-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** biex jindaħlu bis-sħiħ jew f'parti fl-ispezzjonijiet u l-perizji li għandhom x'jaqsmu maċ-ċertifikati statutarji inklużi dawk għall-istima tal-konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 19(2) u, fejn xieraq, biex joħorġu jew iġeddu ċ-ċertifikati rrelatati; jew

ii) li joqgħod fuq l-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** sabiex jindaħlu bis-sħiħ jew f'parti fl-ispezzjonijiet u l-perizji msemmija fil-punt (i).

L-amministrazzjoni kompetenti għandha fil-każijiet kollha tapprova l-ewwel ħarġa taċ-ċertifikati ta' eżenzjoni.

Madankollu, *fir-rigward taċ-Ċertifikat tas-Sigurtà bir-Radju tal-Bastimenti tat-Tagħbija* dawn id-dmirijiet jistgħu jiġu fdati f'idejn korp privat rikonoxxut minn amministrazzjoni kompetenti u li jkollu l-kompetenza biżżejjed u l-persunal ikkwalifikat biex iwettaq ix-xogħol speċifikat ta' l-istima tas-sigurtà bil-komunikazzjoni bir-radju f'ismu.

3. Dan l-Artikolu ma jirrigwardax iċ-ċertifikazzjoni ta' oġġetti speċifiċi tat-tagħmir tal-baħar.

L-Artikolu 4

1. L-Istati Membri li jixtiequ jagħtu awtorizzazzjoni lil xi organizzazzjoni li għadha m'hijiex rikonoxxuta għandhom iressqu talba għar-rikonoxximent lill-Kummissjoni flimkien ma' tagħrif komplet dwar, u evidenza ta' konformità mal-kriterji stipulati fl-Anness I u dwar ir-rekwiżit u l-impenn li se tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 20 u 21.

2. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri rispettivi li qed iressqu t-talba, għandha tagħmel evalwazzjonijiet ta' l-organizzazzjonijiet li tkun irċiviet it-talba tagħhom għar-rikonoxximent sabiex tivverifika li l-organizzazzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti *msemmija fil-paragrafu 1* u jimpenjaw ruħhom biex ikunu konformi magħhom.

L-Artikolu 5

Il-Kummissjoni *għandha,* ***skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 9(2),*** tirrifjuta ili tirrikonoxxi organizzazzjonijiet li ma jissodisfawx *il-kriterji stabbiliti fl-Anness I jew ir-rekwiżiti ta' l-Artikoli 20 u 21, kif imsemmija fl-Artikolu 4(1),* jew li l-prestazzjoni tagħhom hija kkunsidrata li *tikkostitwixxi* theddida *mhux* aċċettabbli għas-sigurtà jew l-ambjent fuq il-bażi tal-kriterji mniżżla bi qbil ma' l-Artikolu 14.

L-Artikolu 6

1. Ir-rikonoxximent għandu jingħata mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 9 (2).

2. Ir-rikonoxximent għandu jingħata lill-entità ewlenija, ***legali rilevanti għall-entitajiet legali kollha li jikkostitwixxu l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti, billi jiġi estiż ir-rikonoxximent lill-enitatjiet legali kollha f'organizzazzjoni rikonoxxuta li jikkontribwixxu billi jiżguraw li l-entità legali ewlenija tkopri s-servizzi tagħhom glabalment.***

3. Ir-rikonoxximent jista' jiġi limitat jew estiż fi kwalunkwe ħin fir-rigward tat-tipi ta' bastimenti, bastimenti ta' ċertu daqs, ċerti negozji, jew kumbinazzjoni tagħhom, skond il-kapaċità ppruvata ta' l-organizzazzjoni ***rikonoxxuta*** konċernata, mill-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 9(2).

4. Il-Kummissjoni għandha tfassal u taġġorna regolarment lista ta' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti b'konformità ma' dan l-Artikolu. Il-lista għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 7

1. Meta japplikaw l-Artikolu 3(2), l-Istati Membri ma għandhomx fil-prinċipju jirrifjutaw illi jawtorizzaw xi waħda mill-organizzazzjonijiet rikonoxxuti lokati fil-Komunità milli jindaħlu għal dawn il-funzjonijiet, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u ta' l-Artikoli 8 u 16. Madankollu, jistgħu jirrestringu n-numru ta' l-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** illi jawtorizzaw skond il-ħtiġiet tagħhom sakemm ikun hemm raġunijiet trasparenti u oġġettivi għalbiex jagħmlu dan.

Fuq it-talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri xierqa skond il-proċedura *regolatorja* stabbilita fl-Artikolu 9(2).

2. Sabiex Stat Membru jaċċetta illi organizzazzjoni lokata fi Stat terz twettaq id-dmirijiet msemmija fl-Artikolu 3 jew parti minnhom ***f'ismu*** tista' titlob ***jeħtieġ*** illi l-Istat terz imsemmi jagħti rikonoxximent reċiproku lil dawk l-organizzazzjonijiet irrikonoxxuti li jkunu lokati fil-Komunità.

Barra minn hekk, il-Komunità tista' titlob lill-Istat terz fejn tkun stabbilita organizzazzjoni rikonoxxuta biex jagħti trattament reċiproku lil dawk l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li huma stabbiliti fil-Komunità.

L-Artikolu 8

1. L-Istati Membri illi jiddeċiedu li jaġixxu kif deskritt fl-Artikolu 3(2), għandhom jistabbilixxu konnessjoni tax-xogħol bejn l-amministrazzjoni kompetenti tagħhom u l-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** li jaġixxu f'isimhom.

2. Il-konnessjoni tax-xogħol għandha tkun regolata bi ftehim formalizzat bil-miktub u mhux diskriminatorju jew b'arranġamenti legali ekwivalenti illi jistabbilixxu d-doveri u l-funzjonijiet speċifiċi midħula għalihom mill-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** u jinkludu għall-inqas:

a) id-dispożizzjonijiet imniżżla fl-Appendiċi II tar-Riżoluzzjoni A.739(18) ta' l-IMO dwar linji gwida għall-awtorizzazzjoni ta' organizzazzjonijiet li jaġixxu f'isem l-amministrazzjoni, filwaqt li tittieħed ispirazzjoni mill-Anness, Appendiċijiet u Dokumenti mehmuża għal IMO MSC/Ċirkolari 710 u MEPC/Ċirkolari 307 fuq ftehima mudell għall-awtorizzazzjoni ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jaġixxu f'isem l-amministrazzjoni;

Għalhekk, meta organizzazzjoni rikonoxxuta, l-ispetturi tagħha jew l-istaff tekniku tagħha joħorġu ċ-ċertifikati meħtieġa f'isem l-amministrazzjoni, dawn għandhom ikunu soġġetti għall-istess salvagwardji legali u għall-istess protezzjoni ġurisdizzjonali, inkluż l-eżerċizzju ta' kwalunkwe azzjoni ta' difiża, bħal dawk li jistgħu jirrikorru għalihom l-amministrazzjoni u l-membri tagħha f'każijiet fejn l-amministrazzjoni ħarġet iċ-ċertifikati rikjesti msemmija hawn fuq hija nnifisha;

b) id-dispożizzjonijiet li ġejjin dwar ir-responsabiltà finanzjarja:

   i) jekk responsabiltà li ġejja minn kwalunkwe ***aċċident marittimu*** tkun imposta b'mod finali u definittiv fuq l-amministrazzjoni minn qorti tal-ġustizzja bħala parti mis-soluzzjoni ta' tilwima permez ta' proċeduri arbitrarji, flimkien ma' rekwiżit biex il-partijiet li saritilhom il-ħsara jingħataw kumpens għal telf jew ħsara ta' proprjetà jew għal korriment fiżiku jew mewt, li jkunu ppruvati f'dik il-qorti tal-ġustizzja li kienu kkawżati minn att maħsub jew ommissjoni jew negliġenza kbira ta' l-organizzazzjoni rikonoxxuta, il-korpi, l-impjegati, l-aġenti tagħha jew oħrajn li jaġixxu f'isem l-organizzazzjoni rikonoxxuta, l-amministrazzjoni għandha tkun intitolata għal kumpens finanzjarju mill-organizzazzjoni rikonoxxuta sakemm it-telf, il-ħsara, il-korriment jew il-mewt huma, kif deċiż minn dik il-qorti, ikkawżati mill-organizzazzjoni rikonoxxuta;

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ii) jekk tiġi imponuta b'mod finali u definittiv responsabiltà dovuta għal xi ***aċċident marittimu*** fuq l-amministrazzjoni minn xi qorti jew bħala parti mis-soluzzjoni ta' tilwima permezz ta' proċeduri ta' arbitraġġ, flimkien ma' rekwiżit li jiġu kkumpensati l-partijiet feruti għal feriti personali ***li ma jirriżultawx f'***mewt, li l-qorti tkun ippruvat li ġew ikkawżati minn kwalunkwe att ta' negliġenza jew imprudenti jew ommissjoni ta' l-organizzazzjoni rikonoxxuta, l-entitajiet, l-impjegati, l-aġenti tagħha jew oħrajn li jaġixxu f'isem l-organizzazzjoni rikonoxxuta, l-amministrazzjoni għandu jkollha d-dritt ***titlob*** li tiġi kumpensata finanzjarjament mill-organizzazzjoni rikonoxxuta sakemm il-qorti tkun iddeċidiet li l-imsemmija feriti personali ***li ma jirriżultawx f'***mewt kienu kkawżati mill-organizzazzjoni rikonoxxuta; l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammont massimu li jrid jitħallas mill-organizzazzjoni rikonoxxuta, liema ammont, madankollu, irid ikun talanqas *EUR 4 000 000****, minbarra meta l-ammont iddeterminat fis-sentenza jew ftehima huwa inqas, u f'dan il-każ iċ-ċifra ta' l-aħħar għandha tapplika;***

iii) jekk tiġi imponuta b'mod finali u definittiv responsabiltà dovuta għal xi ***aċċident marittimu*** fuq l-amministrazzjoni minn xi qorti jew bħala parti mis-soluzzjoni ta' tilwima permezz ta' proċeduri ta' arbitraġġ, flimkien ma' rekwiżit li jiġu kkumpensati l-partijiet feruti għal telf jew dannu lill-proprjetà, li l-qorti tkun ippruvat li ġew ikkawżati minn kwalunkwe att ta' negliġenza jew imprudenti jew ommissjoni ta' l-organizzazzjoni rikonoxxuta, l-entitajiet, l-impjegati, l-aġenti tagħha jew oħrajn li jaġixxu f'isem l-organizzazzjoni rikonoxxuta, l-amministrazzjoni għandu jkollha d-dritt ***titlob*** li tiġi kumpensata finanzjarjament mill-organizzazzjoni rikonoxxuta sakemm il-qorti tkun iddeċidiet li l-imsemmija telf jew dannu kienu kkawżati mill-organizzazzjoni rikonoxxuta; l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammont massimu li jrid jitħallas mill-organizzazzjoni rikonoxxuta, liema ammont, madankollu, irid ikun talanqas *EUR 2 000 000* ***minbarra meta l-ammont iddeterminat fis-sentenza jew ftehima huwa inqas, u f'dan il-każ iċ-ċifra ta' l-aħħar għandha tapplika;minbarra meta l-ammont iddeterminat fis-sentenza jew ftehima huwa inqas, u f'dan il-każ iċ-ċifra ta' l-aħħar għandha tapplika;***

c) id-dispożizzjonijiet għal verifika perjodika mill-amministrazzjoni jew minn korp imparzjali estern maħtur mill-amministrazzjoni dwar id-dmirijiet li l-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** jkunu qegħdin iwettqu f'isimha, kif imsemmija fl-Artikolu 16(1);

d) il-possibilità ta' spezzjonijiet iddettaljati u mingħajr għażla bil-quddiem tal-bastimenti;

e) id-dispożizzjonijiet ***għar-***rappurtaġġ ***obbligatorju ta'*** tagħrif essenzjali dwar il-flotta tagħhom skond il-klassi, il-bdil tal-klassi jew it-tneħħija mill-klassi tal-bastimenti, kif imsemmija fl-Artikolu 20(*4*).

3. Il-ftehim jew l-arranġament legali ekwivalenti *imsemmija fil-paragrafu 2* jistgħu jistabbilixxu l-ħtieġa illi l-organizzazzjoni rrikonoxxuta jkollha rappreżentanza lokali fit-territorju ta' l-Istat Membru li f'isimha taqdi x-xogħol riferit fl-Artikolu 3. Tista' tissodisfa din il-ħtieġa rappreżentanza ***lokali li*** tiżgura l-personalità legali skond il-liġi ta' l-Istat Membru u ***ġurisdizzjoni*** tal-qrati nazzjonali tiegħu.

4. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jipprovdi lill-Kummissjoni tagħrif preċiż dwar il-konnessjoni tax-xogħol stabbilita skond dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha sussegwentement tgħarraf lill-Istati Membri ***l-oħra***.

L-Artikolu 9

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) imwaqqaf bl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, fil-waqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. ***Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 ta' l-istess Deċiżjoni.***

([1]) ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1. *Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-kummissjoni (KE) Nru 93/2007 (ĠU L 22, 31.1.2007, p.12).*

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

L-Artikolu 10

1. Din id-Direttiva, mingħajr ma jitwessa' l-qasam ta' applikazzjoni tagħha, tista' tiġi emendata skond il-proċedura stabbilita fl-***Artikolu 9(3)***, sabiex:

a) tapplika, għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, l-emendi sussegwenti għall-konvenzjonijiet, il-protokolli, il-kodiċijiet u r-riżoluzzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikoli 2(d), 3(1) u 8(2), li jkunu daħlu fis-seħħ,

b) taġġorna l-kriterji fl-Anness I, billi tqis, b'mod partikolari, id-deċiżjonijiet rilevanti ta' l-IMO,

c) tbiddel l-ammonti speċifikati fil-punti (ii) u (iii) ta' l-Artikolu 8 (2)(b).

2. Wara l-adozzjoni ta' l-istrumenti jew il-protokolli l-ġodda mal-konvenzjonijiet riferiti fl-Artikolu 2(d), il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi, waqt li jqis il-proċeduri parlamentari ta' l-Istati Membri kif ukoll il-proċeduri rilevanti fl-IMO, dwar l-arranġamenti dettaljati sabiex jirratifika dawn l-istrumenti jew protokolli ġodda, filwaqt li jiżgura li jiġu applikati b'mod uniformi u simultanju fl-Istati Membri.

L-emendi għall-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(d) u fl-Artikolu 8 jistgħu jkunu eskluży mill-qasam ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002.

L-Artikolu 11

Meta l-Kummissjoni tqis li organizzazzjoni rikonoxxuta naqset milli tissodisfa l-kriterji stipulati fl-Anness I jew l-obbligi tagħha skond din id-Direttiva, jew li r-rendiment tas-sigurtà u tal-prevenzjoni tat-tniġġis ta' organizzazzjoni rikonoxxuta mar għall-agħar b'mod sinifikanti, madankollu, mingħajr ma dan ikun ta' theddida għas-sigurtà jew għall-ambjent, għandha tirrikjedi li l-organizzazzjoni ***rikonoxxuta*** konċernata tieħu l-azzjoni preventiva u ta' rimedju meħtieġa biex tiżgura konformità sħiħa mal-kriterji u l-obbligi msemmija u, b'mod partikulari, li tneħħi kwalunkwe theddida potenzjali għas-sigurtà jew għall-ambjent, jew inkella li tindirizza l-kawżi tar-rendiment li sejjer għall-agħar.

L-azzjoni preventiva u ta' rimedju tista' tinkludi miżuri protettivi interim meta t-theddida potenzjali għas-sigurtà jew għall-ambjent hija immedjata.

Madankollu, u mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni immedjata tagħhom, il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istati Membri kollha li jkunu taw awtorizzazzjoni lill-organizzazzjoni rikonoxxuta kkonċernata minn qabel dwar il-miżuri li hija jkollha l-intenzjoni li tieħu.

L-Artikolu 12

1. Minbarra l-miżuri meħuda skond l-Artikoli 11, il-Kummissjoni tista' timponi multi fuq organizzazzjoni rikonoxxuta,

a) li n-nuqqas ***serju jew, b'mod alternattiv, ripetut*** li tissodisfa l-kriterji mniżżla fl-Anness I jew l-obbligi tagħha skond din id-Direttiva jew li r-rendiment tagħha li sejjer għall-agħar juri nuqqasijiet serji fl-istruttura, fis-sistemi, fil-proċeduri jew fil-kontrolli interni tagħha, jew

b) li tkun tat informazzjoni inkorretta, mhux kompleta ***minn jeddhom*** jew qarrieqa lill-Kummissjoni fil-kors ta' l-evalwazzjoni tagħha skond l-Artikolu 16(3) jew li tkun ostakolat b'mod ieħor din l-evalwazzjoni.

2. Bla ħsara għall-paragrafu 1, meta organizzazzjoni tonqos milli timplimenta l-azzjoni preventiva u ta' rimedju rikjesta mill-Kummissjoni, jew iddum b'mod inġustifikat, il-Kummissjoni tista' timponi ħlasijiet perjodiċi ta' multi fuq *dik* l-organizzazzjoni ***rikonoxxuta*** sakemm l-azzjoni rikjesta tkun implimentata għalkollox.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

3. Il-multi u l-ħlasijiet perjodiċi ta' multi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu dissważivi u proporzjonati kemm mal-gravità tal-każ kif ukoll mal-kapaċità ekonomika ta' l-organizzazzjoni ***rikonoxxuta*** konċernata, filwaqt li jingħata kas partikulari tal-punt safejn is-sigurtà tkun ġiet kompromessa.

Dawn għandhom jiġu imposti biss wara li l-organizzazzjoni ***rikonoxxuta u l-Istati Membri*** kkonċernati ***jkunu*** ngħataw l-opportunità li jressqu l-osservazzjonijiet ***tagħhom***.

L-ammont globali tal-multi u l-ħlas penali perjodiku m'għandux ikun ta' iktar minn ***5 %*** tad-dħul totali min-negozju ta' l-organizzazzjoni rikonoxxuta fis-sena finanzjarja preċedenti għall-attivitajiet li jaqgħu taħt l-iskop ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 13

1. Il-Kummissjoni għandha tirtira r-rikonoxximent ta' l-organizzazzjonijiet:

a) li n-nuqqas ***ripetut u serju*** tagħhom li jissodifaw il-kriterji mniżżla fl-Anness I jew l-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva huwa b'tali mod li jikkostitwixxi theddida mhux aċċettabbli għas-sigurtà jew għall-ambjent;

b) li ***n-nuqqas ripetut u serju*** fil-prestazzjoni fis-sigurtà u l-prevenzjoni tat-tniġġis ***tagħhom*** hija b'tali mod li tikkostitwixxi theddida mhux aċċettabbli għas-sigurtà u għall-ambjent;

c) li ma jippermettux jew jostakolaw ripetutament l-evalwazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni; jew

d) li jonqsu li jħallsu l-multi u/jew il-ħlasijiet perjodiċi ta' multi msemmija fl-Artikolu 12(1) u (2).

2. Għall-fini tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fuq il-bażi tat-tagħrif kollu disponibbli, inklużi:

a) ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni tagħha stess ta' l-organizzazzjoni ***rikonoxxuta*** konċernata skond l-Artikolu 16(3);

b) rapporti mressqa minn Stati Membri skond l-Artikolu 18;

c) analiżi tal-midruba fil-każ ta' bastimenti kklassifikati mill-organizzazzjonijiet rikonoxxuti;

d) kwalunkwe ripetizzjoni tan-nuqqasijiet msemmija fl-Artikolu 12(1), punt (a);

e) kemm hija affettwata l-flotta fil-klassi ta' l-organizzazzjoni ***rikonoxxuta***; u

f) l-ineffettività tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 12(2).

3. It-tneħħija ta' l-awtorizzazzjoni għandha tkun deċiża mill-Kummissjoni, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba minn Stat Membru, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 9(2) u wara li l-organizzazzjoni ***rikonoxxuta*** konċernata tkun ingħatat l-opportunità li tressaq l-osservazzjonijiet tagħha.

L-Artikolu 14

Il-Kummissjoni, bi qbil mal-proċedura msemmija fl-***Artikolu 9(3)***, għandha tadotta ***u tippubblika***:

a) kriterji sabiex tiġi mkejla ***l-effettività tar-regoli, regolamenti, u l-prestazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà ta', u l-prevenzjoni tat-tniġġis mill-bastimenti kklassifikati tagħhom***, partikulari d-dejta mill-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll ta' l-Istat tal-Port u/jew minn skemi simili oħra; ***u***

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

b) kriterji sabiex jiġi determinat meta prestazzjoni ***partikulari, omissjoni jew dewmien*** għandhom bħala theddida mhux aċċettabbli għas-sigurtà jew għall-ambjent, li jistgħu jqisu ċirkostanzi speċifiċi li jaffettwaw organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** ta' daqs żgħir jew speċjalizzati ferm.

Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 12 u, jekk xieraq, ta' l-Artikolu 13 ***bi qbil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 9(2).***

L-Artikolu 15

Minkejja l-kriterji speċifikati fl-Anness I, fejn Stat Membru jqis illi organizzazzjoni rrikonoxxuta ma tistax tibqa' awtorizzata aktar sabiex twettaq f'ismu d-dmirijiet speċifikati fl-Artikolu 3 jista' jissospendi din l-awtorizzazzjoni fuq il-bażi tal-proċedura li ġejja:

a) l-Istat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bid-deċiżjoni tiegħu mingħajr dewmien, u jagħti raġunijiet issostanzjati għaliha;

b) il-Kummissjoni ***fir-rigward tas-sigurtà u l-prevenzjoni tat-tniġġis, għandha tevalwa r-raġunijiet imressqa mill-Istat Membru għas-sospensjoni ta' l-awtorizzazzjoni tiegħu ta' l-organizzazzjoni rikonoxxuta***;

c) filwaqt li taġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 9(2), il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru jekk id-deċiżjoni tiegħu li jissospendi l-awtorizzazjoni hix iġġustifikata għar-raġunijiet ta' perikolu serju għas-sigurtà jew għall-ambjent u, jekk mhix iġġustifikata, ***biżżejjed*** jew le għal raġunijiet ta' periklu serju għas-sigurtà jew għall-ambjent. ***Jekk id-deċiżjoni*** ma tkunx ġustifikata, ***il-Kummissjoni għandha*** titlob lill-Istat Membru sabiex jirtira s-sospensjoni. ***Jekk id-deċiżjoni tkun ġustifikata u l-Istat Membru, skond l-Artikolu 7(1), irrestrinġa n-numru ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jaġixxu f'ismu, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Istat Membru sabiex jagħti awtorizzazzjoni ġdida lil organizzazzjoni rikonoxxuta oħra sabiex tieħu post l-organizzazzjoni sospiża.***

L-Artikolu 16

1. Kull wieħed mill-Istati Membri ***jikkontrolla*** lilu nnifsu illi l-organizzazzjonijiet irrikonoxxuti li jaġixxu f'ismu għall-għan ta' l-Artikolu 3(2), iwettqu effettivament il-funzjonijiet riferiti f'dan l-Artikolu għas-sodisfazzjon ta' l-amministrazzjoni kompetenti tiegħu.

2. Kull wieħed mill-Istati Membri ***jikkontrolla kull organizzazzjoni rikonoxxuta li taġixxi f'ismu*** u għandu jipprovdi lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni rapport dwar ir-riżultati ta' ***dawn*** l-***attivitajiet*** ta' monitoraġġ mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara s-snin meta ***dawn jiġu eżegwiti.***

3. L-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** għandhom jiġu evalwati mill-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istat Membru li ppreżenta r-rikjesta rilevanti għar-rikonoxximent, fuq bażi regolari mill-anqas kull sentejn biex issir verifika li dawn jissodisfaw l-obbligi tagħhom skond din id-direttiva u jissodisfaw il-kriterji ta' l-Anness I. ***L-evalwazzjoni għandha tkun limitata għall-attivitajiet marittimi ta' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jaqgħu taħt l-iskop ta' din id-Direttiva.***

Meta tagħżel l-organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** *għall-evalwazzjoni*, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikulari lir-rendiment tas-sigurtà u tal-prevenzjoni tat-tniġġis ta' l-organizzazzjoni, lir-rekords tal-midruba u lir-rapporti magħmula mill-Istati Membri skond l-Artikolu 18.

L-evalwazzjoni tista' tinkludi żjara lill-fergħat reġjonali ta' l-organizzazzjoni ***rikonoxxuta*** kif ukoll l-ispezzjoni għal għarrieda tal-bastimenti, kemm dawk li qed jaħdmu kif ukoll dawk li qed jinbnew, sabiex ikun ivverifikat ir-rendiment ta' l-organizzazzjoni. F'dan il-każ il-Kummissjoni, meta xieraq, għandha tinforma lill-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa reġjonali. Il-Kummissjoni għandha tagħti rapport lill-Istati Membri dwar ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni.

4. *L-organizzazzjonijiet* ***rikonoxxuti*** *għandhom iqiegħdu r-riżultati ta' l-evalwazzjoni tagħhom* tal-kwalità tas-sistema ta' mmaniġġjar għad-dispożizzjoni tal-Kumitat imwaqqaf skond l-Artikolu 9(1), kull sena.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

L-Artikolu 17

1. Ma tista' ssir referenza għall-ebda klawsola ta' organizzazzjoni rikonoxxuta ma' parti terza jew fi fteħima ta' awtorizzazzjoni ma' Stat tal-bandiera biex ikun limitat l-aċċess tal-Kummissjoni għat-tagħrif meħtieġ għall-għanijiet ta' l-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 16(3).

2. L-organizzazzjonijiet rikonoxxuti għandhom jiżguraw fil-kuntratti tagħhom ma' partijiet terzi għall-ħruġ ta' ċertifikati jew ta' ċertifikati tal-klassi lil bastiment, li tali ħruġ għandu jiddependi mill-fatt li l-partijiet imsemmija ma jopponux l-aċċess lill-ispetturi Komunitarji abbord dak il-bastiment għall-finijiet ta' l-Artikolu 16(3).

L-Artikolu 18

Fl-eżerċizzju tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom ta' spezzjoni bħala Stati tal-portijiet, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, u jinfurmaw lill-Istat tal-bandiera konċernat, jekk isibu li nħarġu ċertifikati statutarji validi minn organizzazzjonijiet li jaġixxu f'isem Stat tal-bandiera lil bastiment li ma jissodisfax ir-rekwiżiti meħtieġa tal-konvenzjonijiet internazzjonali, jew fil-każ ta' kwalunkwe nuqqas ta' bastiment li għandu ċertifikat tal-klassi validu u fir-rigward ta' oġġetti koperti minn dak iċ-ċertifikat.

Huma biss dawk il-każijiet ta' bastimenti li jirrappreżentaw theddida serja għas-sigurtà u għall-ambjent jew li juru evidenza ta' imġiba partikolarment negliġenti ta' l-organizzazzjonijiet li għandhom ikunu rrappurtati għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

L-organizzazzjoni rikonoxxuta konċernata għandha tkun avżata bil-każ meta ssir l-ewwel spezzjoni sabiex tkun tista' tieħu l-azzjoni ta' segwitu xierqa minnufih.

L-Artikolu 19

1. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jiżgura illi l-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu jkunu ddisinjati, mibnija, mgħammra u miżmuma skond ir-regoli u r-regolamenti dwar il-buq, il-makkinarju u l-istallazzjoniijiet ta' l-elettriku u tal-kontroll ta' organizzazzjoni rikonoxxuta.

2. Stat Membru jista' jiddeċiedi illi juża r-regoli biss li jikkonsidra ekwivalenti għar-***regoli u regolamenti*** għal dawk ta' organizzazzjoni rrikonoxxuta bil-kondizzjoni illi jkun innotifikahom immedjatament lill-Kummissjoni skond il-proċedura tad-Direttiva *98/34/KE* u lill-Istati Membri l-oħra u li ma jkunx hemm oġġezzjonijiet għalihom minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni għaliex ikunu ġew misjuba mhux ekwivalenti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 9(2).

3. L-Istati Membri għandhom jikkoperaw ma' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jawtorizzaw fl-iżvilupp tar-regoli u/jew regolamenti ta' dawk l-organizzazzjonijiet. Għandhom jikkonsultaw ma' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti bil-għan li jiksbu interpretazzjoni konsistenti tal-konvenzjonijiet internazzjonali skond l-Artikolu 20(1).

L-Artikolu 20

1. L-organizzazzjonijiet irrikonoxxuti għandhom jikkonsultaw bejniethom perjodikament bil-ħsieb li jżommu l-***u jiżguraw l-armonizzazzjoni*** tar-regoli u r-regolamenti tagħhom u l-implimentazzjoni tagħhom. Għandhom jikkoperaw flimkien bl-intenzjoni li jiksbu interpretazzjoni konsistenti tal-konvenzjonijiet internazzjonali, minħajr preġudizzju lejn il-poteri ta' l-Istati tal-bandiera. L-organizzazzjonijiet rikonoxxuti għandhom, ***f'każijiet xierqa,*** jaqblu fuq il-kundizzjonijiet ***tekniċi u tal-mod ta' proċedura*** li taħthom għandhom jirrikonoxxu reċiprokament il-klassi taċ-ċertifikati rispettivi tagħhom ibbażati fuq standards ekwivalenti; ***billi jieħdu l-mudell l-aktar impenjattiv u preċiż bħala r-referenza tagħhom u*** billi jikkunsidraw partikolarment it-tagħmir marittimu li għandu Wheelmark skond id-*Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE ta' l-20 ta' Diċembru 1996 dwar it-tagħmir marittimu* [1].

Għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapporti perjodiċi dwar il-progress bażiku fl-istandards u r-rikonoxximent reċiproku.

[1] ĠU L 46, 17.2.1997, p.25. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/84/KE (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 53).

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

2. Il-Kummissjoni għandha, sa … (*)***, tippreżenta rapport ibbażat fuq studju indipendenti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar il-livell li ntlaħaq fil-proċess ta' armonizzazzjoni tar-regoli u r-regolamenti u dwar ir-rikonoxximent reċiproku. F'każ li l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti jonqsu milli jissodisfaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20(1), il-Kummissjoni għandha tipproponi l-miżuri neċessarji lill-Parlament u lill-Kunsill.***

3. L-organizzazzjonijiet irrikonoxxuti għandhom juru r-rieda li jikkooperaw ma' l-amministrazzjonijiet tal-kontroll ta' l-Istat tal-port meta jinteressa bastiment tal-klassi tagħhom, b'mod partikolari, sabiex jiffaċilitaw il-korrezzjoni tan-nuqqasijiet u d-diskrepanzi l-oħra rrapportati.

4. L-organizzazzjonijiet irrikonoxxuti għandhom jipprovdu t-tagħrif rilevanti kollu lill-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri li taw kwalunkwe waħda mill-awtorizzazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3, rigward il-flotta klassifikata tagħhom, il-bdil, is-sospensjonijiet u t-tneħħija mill-klassi, tkun xi tkun il-bandiera tal-bastimenti.

Tagħrif dwar trasferimenti, bidliet, sospensjonijiet, u tneħħija tal-klassi, inkluż tagħrif dwar perizji li suppost saru, rakkomandazzjonijiet li suppost saru, kundizzjonijiet tal-klassi, kundizzjonijiet tal-ħidma jew limitazzjonijiet tal-ħidma maħruġ għall-bastimenti klassifikati tagħhom — tkun xi tkun il-bandiera tal-bastimenti — għandu jkun ikkomunikat ukoll b'mod elettroniku lill-bażi ta' dejta komuni ta' spezzjoni użata mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tad-Direttiva *2007/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … [dwar il-kontroll ta' l-istat tal-port]* (1) fl-istess żmien li jkun irrekordjat fis-sistemi ta' l-organizzazzjoni ***rikonoxxuta*** stess u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 72 siegħa wara l-avveniment li qajjem l-obbligu li jkun ikkomunikat it-tagħrif. Dak it-tagħrif, bl-eċċezzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u tal-kundizzjonijiet tal-klassi li għad iridu jsiru, għandu jkun ippubblikat fil-websajt ta' dawn l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti.

5. L-organizzazzjonijiet irrikonoxxuti ma għandhomx joħorġu ċertifikati statutarji lil bastiment li jkun ġie ddeklassat jew li nbidlitlu l-klassi għar-raġunijiet tas-sigurtà, qabel ma jikkonsultaw lill-amministrazzjoni kompetenti ta' l-Istat tal-bandiera sabiex jiddeċiedu ***dwar*** jekk tkunx meħtieġa spezzjoni sħiħa.

6. F'każijiet ta' trasferiment minn organizzazzjoni rikonoxxuta għal oħra, l-organizzazzjoni telliefa għandha ***tipprovdi*** lill-organizzazzjoni rebbieħa ***file komplet tal-vapur u, b'mod partikolari, tinfurmha*** dwar:

a) kwalunkwe perizji li suppost saru;

b) kwalunkwe rakkomandazzjonijiet u kundizzjonijiet tal-klassi li suppost saru;

c) kundizzjonijiet tal-ħidma maħruġa għall-bastiment, u

d) il-limitazzjonijiet tal-ħidma maħruġa għall-bastiment.

Iċ-ċertifikati ***ġodda għall-***vapuri jistgħu jinħarġu mill-organizzazzjoni biss tal-bastiment jistgħu jinħarġu mill-organizzazzjoni li se tiggwadanja biss wara li jitlestew b'mod sodisfaċenti l-ispezzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha li suppost saru jew wara li l-kundizzjonijiet tal-klassi fir-rigward tal-bastiment maħruġa preċedentement jiġu kkompletati kif speċifikat mill-organizzazzjoni t-telliefa.

Qabel ma jitlestew iċ-ċertifikati l-***ġodda,*** l-organizzazzjoni r-rebbieħa għandha tinnotifika lill-organizzazzjoni t-telliefa bid-data tal-ħruġ ***tagħhom*** u ***għal kull spezzjoni, rakkomandazzjoni u kundizzjoni ta' klassi li suppost saret,*** għandha tikkonferma l-azzjoni li ttieħdet, ***billi tispeċifika l-post u d-data minn fejn bdiet, u l-post u d-data ta' meta tlestiet.***

L-organizzazzjonijiet rikonoxxuti għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw rekwiżiti komuni xierqa dwar każijiet ta' trasferiment tal-klassi meta huma meħtieġa prekawzjonijiet speċjali. Bħala minimu dawk il-każijiet għandhom jinkludu it-trasferiment tal-klassi ta' bastimenti ta' ħmistax-il sena jew aktar u t-trasferiment minn organizzazzjoni mhux rikonoxxuta għal organizzazzjoni rikonoxxuta.

L-organizzazzjonijiet rikonoxxuti għandhom jikkoperaw ma' xulxin biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu b'mod xieraq.

(*) ***Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***
(1) ĠU L …

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

L-Artikolu 21

1. ***L-Istati Membri, flimkien ma' l-***organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti***, għandhom joħolqu ***Kumitat ta' Evalwazzjoni skond l-istandards ta' kwalità EN 45012 sa …*** (*). ***L-assoċjazzjonijiet professjonali rilevanti fl-industrija tat-tbaħħir jistgħu jipparteċipaw f'kapacità konsultattiva. Il-Kumitat ta' Evalwazzjoni għandu jwettaq*** il-kompiti li ġejjin:

a) ***regolament u*** evalwazzjoni ***tas-sistemi ta' l-immaniġjar tal-kwalità ta' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti, skond il-kriterji ta' l-istandards ta' kwalità ISO 9001;***

b) ċertifikazzjoni ***tas-sistema ta' kwalità ta' l-organizzazzjonijet rikonoxxuti;***

c) il-ħruġ ta' interpretazzjonijiet li jorbtu ta' l-***immaniġġjar*** ta' kwalità rikonoxxuti internazzjonalment, b'mod partikolari biex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tan-natura u ta' l-obbligi ta' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti, u

d) l-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet individwali u kollettivi għat-titjib tar-regoli, tal-proċessi u tal-mekkaniżmi ta' kontroll intern ta' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti.

Il-***Kumitat ta' l-Evalwazzjoni għandu jkun indipendenti, għandu jkollu l-kompetenzi meħtieġa biex jaġixxi indipendentement*** mill-organizzazzjonijiet rikonoxxuti u għandu jkollu l-mezzi meħtieġa biex iwettaq dmirijietu b'mod effettiv u bl-ogħla standards professjonali. ***Il-Kumitat għandu jistabilixxi l-metodi taxxogħol u r-regoli ta' proċedura tiegħu.***

Il-Kumitat ta' l-Evalwazzjoni għandu jipprovdi ***lill-partijiet interessati inkluża*** għandu jagħti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li jawtorizzaw, l-informazzjoni sħiħa dwar il-pjan tax-xogħol annwali tiegħu kif ukoll dwar ir-riżultati li jikseb u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, partikolarment fir-rigward ta' sitwazzjonijiet fejn jista' jkun li ġiet ikkompromessa s-sikurezza.

2. Il-***Kumitat ta' l-Evalwazzjoni*** għandu jiġi ***verifikat*** perjodikament mill-Kummissjoni, li tista' ***b'azzjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 9(2),*** titlob lill-***Kumitat ta' l-Evalwazzjoni jadotta*** l-Kummissjoni jidhrilha li huma xierqa biex tkun żgurata l-konformità sħiħa mal-paragrafu 1.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Istati Membri dwar ir-riżultati u s-segwitu ta' l-evalwazzjoni tagħha.

L-Artikolu 22

1. L-organizzazzjonijiet li mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva kienu ngħataw ir-rikonoxximent skond id-Direttiva 94/57/KE għandhom iżommu r-rikonoxximent tagħhom, suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3.

2. L-organizzazzjonijiet rikonoxxuti għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet ġodda stipulati f'din id-Direttiva mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

3. Bla ħsara għall-Artikoli 11 u 13, il-Kummissjoni għandha terġa' teżamina r-rikonoxximenti limitati kollha mogħtija skond id-Direttiva 94/57/KE fid-dawl ta' l-Artikolu 6(3) ta' din id-Direttiva sa … (**), bil-għan li jkun deċiż, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolun9(2), jekk il-limitazzjonijiet għandhomx ikunu sostitwiti b'oħrajn jew jekk għandhomx jitneħħew. Il-limitazzjonijiet għandhom jibqgħu japplikaw sakemm il-Kummissjoni tkun ħadet azzjoni.

L-Artikolu 23

Matul l-evalwazzjoni skond l-Artikolu 16(3), il-Kummissjoni għandha tivverifika li sid ir-rikonoxximent huwa l-entità ***legali rilevanti*** fl-organizzazzjoni ***li għaliha japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.***

Meta l-Kummissjoni temenda r-rikonoxximent, l-Istati Membri għandhom jadattaw l-ftehimiet tagħhom ma' l-organizzazzjoni ***rikonoxxuta*** biex titqies *dik* l-emenda.

(*) ***18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

(**) *Tnax-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

L-Artikolu 24

Il-Kummissjoni, fuq bażi regolari, għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva fi ħdan l-Istati Membri.

L-Artikolu 25

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' l-Artikoli […] u mal-punti […] ta' l-Anness I *[artikoli, jew suddiviżjonijiet tagħhom u punti ta' l-Anness I li nbidlu fis-sustanza tagħhom meta mqabbla mad-Direttiva 94/57/KE]* mhux iktar tard minn … (*). Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jiġu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li referenzi f'liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-direttivi rrevokati minn din id-Direttiva għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. Il-metodi dwar kif trid issir din ir-referenza u x'għandu jitniżżel fid-dikjarazzjoni għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fis-settur kopert minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 26

Id-Direttiva 94/57/KE, kif emendata bid-Direttivi elenkati fl-Anness II, Parti A, hija rrevokata b'effett minn … (**), bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri marbuta ma' l-iskadenzi għat-traspożizzjoni tad-Direttivi stipulati fl-Anness II, Parti B fil-liġi nazzjonali.

Ir-referenzi għar-Regolamenti rrevokati għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw b'mod konformi mat-tabella tal-korrelazzjoni fl-Anness III.

L-Artikolu 27

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara li tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli […] u l-punti […] ta' l-Anness I *[Artikoli, jew suddiviżjonijiet tagħhom, u punti ta' l-Anness I li ma nbidlux meta mqabbla mad-Direttiva 94/57/KE]* għandhom japplikaw minn … (**).

L-Artikolu 28

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi, …

Għall-Parlament Ewropew	*Il-President*
Għall-Kunsill	*Il-President*

(*) *Tmintax-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*
(**) *Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ANNESS I

IL-KRITERJI MINIMI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET *RIKONOXXUTI MSEMMIJA* FL-ARTIKOLU 3

(minn hawn 'il quddiem imsejjħa "organizzazzjonijiet")

A. KRITERJI ĠENERALI MINIMI

1. ***Biex tkun eliġibbli biex tikseb jew tkompli tgawdi r-rikonoxximent Komunitarju***, organizzazzjoni għandu jkollha personalità legali fl-Istat fejn tkun stabbilita. Il-kontijiet tagħha għandhom ikunu ċċertifikati minn awdituri indipendenti.

2. L-organizzazzjoni trid tkun kapaċi tiddokumenta esperjenza estensiva fl-evalwazzjoni tad-disinn u l-kostruzzjoni tal-bastimenti tal-merkanzija.

3. L-organizzazzjoni trid tkun stabbilita ***l-ħin kollu*** bi staff maniġerjali, staff tekniku ta' appoġġ u riċerka sinifikanti li jirrifletti d-daqs tal-flotta fil-klassi tagħha, il-kompożizzjoni tagħha u l-involviment ta' l-organizzazzjoni fil-kostruzzjoni u t-trasformazzjoni tal-bastimenti. L-organizzazzjoni trid tkun tista' tagħti lil kull post tax-xogħol, meta u kif ikun hemm bżonn, mezzi u staff li jirriflettu l-ħidmiet li għandhom jitwettqu skond il-kriterji ġenerali minimi 6 u 7 u skond il-kriterji minimi speċifiċi.

4. L-organizzazzjoni għandu jkollha regoli u trid tapplika regoli u regolamenti komprensivi għad-disinn, il-kostruzzjoni u l-perizja perjodika tal-bastimenti tal-merkanzija, li għandhom il-kwalità ta' standards internazzjonali rikonoxxuti. Dawn iridu jkunu ppubblikati u kontinwament aġġornati u ameljorati mill-programmi tar-riċerka u l-iżvilupp.

5. L-organizzazzjoni għandha tippubblika r-reġistru tagħha tal-bastimenti fuq bażi annwali jew iżżomm dan ir-reġistru f'bażi elettronika li jkun aċċessibbli għall-pubbliku.

6. L-organizzazzjoni ma għandhiex tkun ikkontrollata mis-sidien jew mill-benneja tal-bastimenti, jew minn oħrajn imqabbda b'mod kummerċjali fil-fabbrikazzjoni, it-tagħmir, it-tiswija jew ix-xogħol tal-bastimenti. L-organizzazzjoni ma tridx tkun sostanzjalment dipendenti fuq id-dħul finanzjarju ta' impriża kummerċjali waħda. L-organizzazzjoni rikonoxxuta ma tridx tagħmel xogħol tal-klassi jew statutarju jekk tkun identika ma' jew ikollha rabtiet tan-negozju, personali jew tal-familja ma' sid il-bastiment jew ma' l-operatur. Din l-inkompatibilità għandha tapplika wkoll għall-periti impjegati mill-organizzazzjoni rikonoxxuta.

7. L-organizzazzjoni trid topera skond id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness għar-Riżoluzzjoni A.789(19) ta' l-IMO dwar speċifikazzjonijiet dwar il-funzjoni ta' perizja u ta' ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jaġixxu f'isem l-amministrazzjoni, sakemm ikopru kwistjonijiet li jaqgħu fil-qasam ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

B. KRITERJI SPEĊIFIĊI MINIMI

1. L-organizzazzjoni tipprovdi kopertura dinjija mill-persunal esklużiv tekniku tagħha jew, f'każijiet eċċezzjonali u ġustifikati b'mod xieraq, permezz tal-persunal esklużiv tekniku ta' organizzazzjonijiet oħra rrikonoxxuti.

2. L-organizzazzjoni għandha tkun irregolata b'kodiċi ta' etika.

3. L-organizzazzjoni għandha tkun immaniġġjata u amministrata fil-manjiera li tiżgura l-kunfidenzjalità tat-tagħrif meħtieġ mill-amministrazzjoni.

4. L-organizzazzjoni għandha tipprovdi t-tagħrif relevanti lill-amministrazzjoni, lill-Kummissjoni u lill-partijiet interessati.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

5. ***L-organizzazzjoni, l-ispetturi, u l-istaff tekniku tagħha għandhom iwettqu xogħolhom mingħajr bl-ebda mod ma jagħmlu ħsara lid-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tat-tarznari, lill-fornituri tat-tagħmir, lill-proprjetarji tal-vapuri, inklużi l-privattivi, il-liċenzji, l-għerf tas-sengħa, jew kull xorta ta' għerf li l-użu tiegħu huwa legalment protett fuq livell Komunitarju jew nazzjonali; taħt l-ebda ċirkustanza, u bla ħsara għall-Artikolu 17, l-organizzazzjoni jew l-ispetturi jew l-istaff tekniku li timpjega ma jistgħu jgħaddu jew ixerrdu data kummerċjali rilevanti miksuba waqt ix-xogħol tagħhom ta' ispezzjoni, kontroll, u monitoraġġ tal-vapuri li qed jinbnew jew għat-tiswija.***

6. Il-korp maniġerjali ta' l-organizzazzjoni għandu jkun iddefinixxa u ddokumenta l-politika u l-għanijiet u l-impenn tiegħu rigward il-kwalità u jkun żgura illi din il-politika tiġi mifhuma, implimentata u miżmuma fil-livelli kollha fl-organizzazzjoni. Il-politika ta' l-organizzazzjoni tirreferi għall-objettivi u l-indikaturi tar-rendiment tas-sigurtà u tal-prevenzjoni tat-tniġġis.

7. L-organizzazzjoni għandha tiżgura illi:

   a) ir-regoli u r-regolamenti tagħha jkunu stabbiliti u miżmuma f'manjiera sistematika;

   b) ir-regoli u r-regolamenti tagħha jkunu mħarsa u titwaqqaf sistema inerna biex titkejjel il-kwalità tas-servizz b'rabta ma' dawn ir-regoli u r-regolamenti;

   c) il-ħtiġiet tax-xogħol statutarju li għalih hija awtorizzata l-organizzazzjoni jkunu ssodisfati u titwaqqaf sistema interna biex titkejjel il-kwalità tas-servizz b'rabta mal-konformità ma' l-istandards internazzjonali;

   d) ir-responsabilitajiet, l-awtoritajiet u l-interrelazzjoni tal-persunal li x-xogħol tagħhom jaffettwa l-kwalità tas-servizzi ta' l-organizzazzjoni jkunu ddefiniti u ddokumentati;

   e) ix-xogħol kollu jitwettaq taħt kondizzjonijiet ikkontrollati;

   f) teżisti sistema ta' sorveljanza li timmonitorja l-azzjonijiet u x-xogħol imwettqa mill-periti u l-persunal tekniku u amministrattiv impjegati direttament mill-organizzazzjoni;

   g) il-periti għandhom għerf kbir tat-tip ta' bastiment partikulari li jwettqu xogħolhom fuqu kif meħtieġ għall-perizja partikulari li se ssir u skond ir-rekwiżiti applikabbli;

   h) tiġi implimentata sistema għall-kwalifika tal-periti u l-aġġornament kontinwu tat-tagħrif tagħhom;

   i) jinżammu reġistri, li juru l-kisba ta' l-istandards meħtieġa fl-oġġetti koperti mis-servizzi mwettqa, kif ukoll il-ħidma effettiva tas-sistema tal-kwalità;

   j) sistema komprensiva ta' verifiki interni ppjanati u ddokumentati li għandhom x'jaqsmu ma' l-attivitajiet tal-kwalità fil-postijiet kollha;

   k) il-perizji u l-ispezzjonijiet statutarji rikjesti mis-Sistema Armonizzata tal-Perizji u ċ-Ċertifikazzjoni li l-organizazzjoni hija awtorizzata biex twettaq, isiru skond id-dispożizzjoni stipulata fl-Anness u fl-Appendiċi għar-Riżoluzzjoni A.948(23) ta' l-IMO dwar Linji gwida għall-Perizji skond is-Sistema Armonizzata tal-Perizji u ċ-Ċertifikazzjoni;

   l) jitwaqqfu linji ta' responsabiltà u ta' kontroll ċari u diretti bejn l-uffiċċji ċentrali u reġjonali tas-soċjetà u bejn l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti u l-periti tagħhom.

8. L-organizzazzjoni żviluppat, implimentat u żżomm sistema interna ta' kwalità effettiva bbażata fuq aspetti xierqa ta' l-istandards ta' kwalità rikonoxxuti internazzjonalment u konformi ma' l-EN ISO/IEC 17020:2004 (entitajiet ta' l-ispezzjoni) u ma' l-EN ISO 9001:2000, kif interpretat u ċertifikat mill-***Kumitat ta' l-Evalwazzjoni*** msemmi fl-Artikolu 21(1).

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Il-Kumitat ta' l-Evalwazzjoni għandu jaġixxi indipendentement u għandu jkollu kif xieraq aċċess għar-riżorsi meħtieġa kollha sabiex ikun jista' jopera tajjeb u jwettaq xogħol bir-reqqa u konsistenti. Għandu jkollu ħiliet speċjalizzati ħafna u ħiliet tekniċi estensivi u kodiċi ta' imġieba li tipproteġi l-indipendenza ta' l-attivitajiet ta' l-awdituri.

9. Ir-regoli u r-regolamenti ta' l-organizzazzjoni jiġu implimentati b'tali mod li l-organizzazzjoni tibqa' f'pożizzjoni li tnissel mill-għarfien u l-ġudizzju dirett tagħha dikjarazzjoni affidabbli u oġġettiva dwar is-sikurezza tal-vapuri permezz ta' ċertifikati tal-klassi li fuq il-bażi tagħhom jistgħu jinħarġu ċertifikati statutarji.

10. L-organizzazzjoni għandha l-mezzi neċessarji biex tevalwa - bl-użu ta' persunal professjonali kwalifikat u skond id-dispożizzjonijiet imfassla fl-Anness għar-Riżoluzzjoni A.913(22) ta' l-IMO dwar linji gwida għall-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali ta' l-Immaniġġjar tas-Sigurtà mill-amministrazzjonijiet - l-applikazzjoni u ż-żamma tas-sistema ta' l-immaniġġjar tas-sigurtà, kemm ta' mal-kosta kif ukoll fuq il-bastimenti, li suppost tkun koperta fiċ-ċertifikazzjoni.

11. L-organizzazzjoni għandha tippermetti l-parteċipazzjoni fl-iżvilupp tar-regoli u/jew ir-regolamenti tagħha mir-rappreżentanti ta' l-amministrazzjoni u tal-partijiet l-oħra kkonċernati.

ANNESS II

PARTI A

DIRETTIVA RREVOKATA BL-EMENDI SUĊĊESSIVI TAGĦHA

(imsemmija fl-Artikolu 26)

Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE	ĠU L 319, 12.12.1994, p. 20
Direttiva tal-Kummissjoni 97/58/KE	ĠU L 274, 7.10.1997, p. 8
Direttiva 2001/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	ĠU L 19, 22.1.2002, p. 9
Direttiva 2002/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	ĠU L 324, 29.11.2002, p. 53

PARTI B

LISTA TA' SKADENZI GĦAT-TRASPOŻIZZJONI FIL-LIĠI NAZZJONALI

(imsemmija fl-Artikolu 26)

Direttiva	Skadenza għat-traspożizzjoni
94/57/KE	31 ta' Diċembru 1995
97/58/KE	30 ta' Settembru 1998
2001/105/KE	22 ta' Lulju 2003
2002/84/KE	23 ta' Novembru 2003

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

ANNESS III

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 94/57/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2, parti introduttorja	Artikolu 2, parti introduttorja
Artikolu 2, l-ewwel inċiż	Artikolu 2, punt (a)
Artikolu 2, it-tieni inċiż	Aritkolu 2, punt (b)
Artikolu 2, it-tielet inċiż	Artikolu 2, punt (c)
Artikolu 2, ir-raba' inċiż	Artikolu 2, punt (d)
Artikolu 2, il-ħames inċiż	Artikolu 2, punt (e)
—	Artikolu 2, punt (f)
Artikolu 2, is-sitt inċiż	Artikolu 2, punt (g)
Artikolu 2, is-seba' inċiż	Artikolu 2, punt (h)
Artikolu 2, it-tmien inċiż	Artikolu 2, punt (i)
—	Artikolu 2, punt (j)
Artikolu 2, id-disa' inċiż	Artikolu 2, punt (k)
Artikolu 2, l-għaxar inċiż	Artikolu 2, punt (l)
Artikolu 2, il-ħdax-il inċiż	Artikolu 2, punt (m)
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4(1), l-ewwel u t-tieni sentenzi	Artikolu 4(1)
Artikolu 4(1), l-aħħar sentenza	Artikolu 6(1)
Artikolu 4(2) u (3)	—
—	Artikoli 5 u 6(2) u (3)
Artikolu 4(4)	Artikolu 6(4)
Artikolu 4(5)	—
Artikoli 5, 6, 7 u 8	Artikoli 7, 8, 9 u 10
Artikolu 9	—
—	Artikoli 11 sa 14
Artikolu 10(1)	Artikolu 15
Artikolu 10(2), (3) u (4)	—
Artikolu 11	Artikolu 16
—	Artikolu 17
Artikolu 12	Artikolu 18
Artikolu 14	Artikolu 19(1) u (2)
—	Artikolu 19(3)
Artikolu 15	Artikolu 20
—	Artikoli 21 sa 24

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Direttiva 94/57/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 16	Artikolu 25
—	Artikolu 26
—	Artikolu 27
Artikolu 17	Artikolu 28
Anness	Anness I
—	Anness II
—	Anness III

P6_TA(2007)0151

Kompożizzjoni ta' kumitat temporanju dwar il-bidla fil-klima

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' April 2007 dwar it-twaqqif u l-istipulazzjoni tal-kompetenzi, tal-kompożizzjoni u tat-tul tal-mandat tal-kumitat temporanju għall-bidla klimatika

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 175 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tad-19 ta' April 2007 li jiġi propost it-twaqqif ta' kumitat temporanju għall-bidla tal-klima u li tiddefinixxi l-attribuzzjonijiet u l-kompożizzjoni tiegħu,

— wara li kkunsidra l-ħtieġa urġenti li jiġu adottati miżuri konkreti fil-livelli kollha biex tiġi ffaċċjata l-bidla klimatika u l-ħtieġa, għall-mexxejja politiċi, li dan il-proċess jiġi attivat,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar il-bidla klimatika, b'mod partikulari dawk li ġew adottati fis-16 ta' Novembru 2005 [1], fis-26 ta' Ottubru 2006 [2] u fl-14 ta' Frar 2007 [3],

— wara li kkunsidra l-ħtieġa li jinġabru u li jiġu koordinati l-opinjonijiet tal-kumitati differenti kkonċernati, sabiex il-Parlament Ewropew ikun jista' jkollu rwol ewlieni fil-qasam tas-sensibilizzazzjoni u jpoġġi l-isfida tal-bidla fil-klima fuq quddiem fl-aġenda internazzjonali,

— wara li kkunsidra l-ħtieġa li bħala konsegwenza jiġu organizzati l-ħidmiet u l-istrutturi tiegħu, b'mod partikulari billi jingħataw l-mezzi supplimentari meħtieġa biex din il-kwistjoni tiġi trattati b'mod xieraq,

1. Jiddeċiedi li jwaqqaf kumitat temporanju għall-bidla fil-klima, li jkollha l-attribuzzjonijiet li jmiss:

a) li jifformula proposti dwar il-politika integrata tal-futur ta' l-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-bidla klimatika u li jikkordina l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fir-rigward tan-negozjati tal-qafas internazzjonali dwar il-politika dwar il-klima għal wara l-2012;

b) fir-rigward tal-bidla klimatika, li janalizza u jevalwa l-istat tal-kwistjoni u li jipproponi azzjonijiet xierqa, fil-livelli kollha, flimkien ma' l-evalwazzjoni dwar l-impatt finanzjarju tagħhom u dwar l-ispiża tan-nuqqas ta' azzjoni;

c) li jibni inventarju kemm jista' jkun komplut tal-progressi riċenti u tal-prospettivi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-bidla klimatika, b'tali mod li jagħti lill-Parlament l-analiżi dettaljati meħtieġa dwar dawn sabiex dan ikun jista' jassumi r-responsabbiltajiet politiċi tiegħu;

[1] ĠU C 280 E, 18.11.2006, p. 120.
[2] Testi adottati, P6_TA(2006)0460.
[3] Testi adottati, P6_TA(2007)0038.

d) li jistudja l-impatt ambjentali, ġuridiku, ekonomiku, soċjali, ġeopolitiku, reġjonali u fuq is-saħħa pubblika ta' dawn il-progressi riċenti u ta' dawn il-prospettivi;

e) li janalizza u jevalwa l-applikazzjoni li tkun saret attwalment tal-leġiżlazzjoni Komunitarja relevanti;

f) għal dan il-għan, li jagħmel il-kuntatti xierqa u li jorganizza smigħ mal-parlamenti u mal-gvernijiet ta' l-Istati Membri u ta' pajjiżi terzi, ma' l-istituzzjonijiet Ewropej u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll mar-rappreżentatni tal-komunità xjentifika, ta' l-intrapriżi u tas-soċjetà ċivili, inklużi n-networks ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

2. Jiddeċiedi li l-kompetenzi tal-kumitati permanenti tal-Parlament li għandhom f'idejhom l-adozzjoni, is-segwitu u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar is-suġġett ma jinbidlux, imma li l-kumitat temporanju jista' jifformula rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet jew inizjattivi li għandhom jittieħdu;

3. Jiddeċiedi li t-tul tal-mandat tal-kumitat temporanju se jkun ta' tnax-il xahar mill-10 ta' Mejju 2007, u li wara t-tmien tiegħu l-kumitat għandu jippreżenta rapport lill-Parlament, li jkun jinkludi, jekk ikun il-każ, ir-rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet jew inizjattivi li għandhom jittieħdu;

4. Jiddeċiedi li l-kumitat temporanju se jkollu 60 membru.

P6_TA(2007)0152

Azzjonijiet ta' riżarċiment tad-danni għal ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-25 ta' April 2007 dwar il-Green Paper dwar azzjonijiet ta' riżarċiment tad-danni għal ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust (2006/2207(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar l-Azzjonijiet ta' Riżarċiment tad-Danni għal ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust (COM(2005)0672) (Green Paper dwar id-Danni),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2004 (SEC(2005)0805),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 1961 [1], bi tweġiba għat-talba tal-Kunsill tal-Ministri tal-KEE li l-Parlament jiġi kkonsultat fir-rigward tal-proposta għal regolament inizjali ta' implimentazzjoni dwar l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat KEE,

— wara li kkunsidra l-Avviż tal-Kummissjoni dwar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u l-Kummissjoni fl-ittrattament ta' każijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat KE [2],

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Liżbona tat-23 u l-24 ta' Marzu 2000, il-Kunsill Ewropew ta' Gothenburg tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2001, il-Kunsill Ewropew ta' Laeken ta' l-14 u l-15 ta' Diċembru 2001, il-Kunsill Ewropew ta' Barċellona tal-15 u s-16 ta' Marzu 2002, u l-Kunsilli Ewropej ta' Brussell ta' l-20 u l-21 ta' Marzu 2003, tal-25 u s-26 ta' Marzu 2004, tat-22 u t-23 ta' Marzu 2005 u tat-23 u l-24 ta' Marzu 2006,

— wara li kkunsidra r-rapport ippubblikat f'Novembru 2004 mill-Grupp ta' Livell Għoli, bit-titolu 'Niffaċċjaw l-isfida — L-istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u għall-impjiegi',

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat [3], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar il-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond Artikoli 81 u 82 tat-Trattat KE [4] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ta' l-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi [5],

---

([1]) ĠU 61, 15.11.1961, p. 1409.
([2]) ĠU C 313, 15.10.1997, p. 3.
([3]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.
([4]) ĠU L 123, 27.4.2004, p. 18.
([5]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

— wara li kkunsidra l-istrumenti internazzjonali li jirrikonoxxu d-dritt għal ħarsien effettiv ġudizzjarju, u b'mod partikulari d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Patt Internazzjonali dwar Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, kif ukoll il-protokolli tagħhom,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-protokolli tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0133/2007),

A. billi l-politika tal-kompetizzjoni kienet tifforma parti mill-esperiment ta' integrazzjoni ta' l-Ewropa sa mill-bidu, u hija element ewlieni tal-proċess tal-bini ta' l-Unjoni Ewropea,

B. billi l-kompetizzjoni ħielsa u mingħajr tfixkil hija essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi ta' l-Istrateġija ta' Liżbona u Göteborg, il-vitalità tas-suq intern, l-eċċellenza imprenditorjali, l-interessi tal-konsumatur u l-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea, filwaqt li l-aġir anti-kompetittiv jagħmel ħsara lil dawn l-objettivi,

C. billi l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat KE huma dispożizzjonijiet tal-politika pubblika li għandhom effetti diretti u li għandhom jiġu applikati b'mod awtomatiku mill-awtoritajiet kompetenti; billi dawn id-dispożizzjonijiet joħolqu drittijiet bejn individwi, li l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali għandhom jissalvagwardjaw b'mod effettiv b'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, inkluża l-kawża 26/62 [2] (Van Gend & Loos), li hija notevoli partikolarment għaliex hija prekursur ta' kawżi suċċessivi,

D. billi fl-Istati Membri, il-liġi dwar il-kompetizzjoni hija primarjament infurzata permezz tal-kanali tal-liġi pubblika u fil-livell ta' l-Istati Membri jeżistu differenzi u ostakli konsiderevoli li jistgħu jżommu lil dawk li jistgħu jagħmlu t-talba milli jfittxu kumpens,

E. billi l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonsidraikkonsidra li, fin-nuqqas ta' regoli Komunitarji li jirregolaw id-dritt tal-vittmi li jippreżentaw talba għal danni lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali hija s-sistema legali domestika ta' kull Stat Membru li trid tindika l-qrati u t-tribunali li jkollhom ġuriżdizzjoni u li tistabbilixxi r-regoli proċedurali dettaljati li jirregolaw l-azzjonijiet sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet li individwi jiksbu b'mod dirett mil-liġi Komunitarja, sakemm tali regoli ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw azzjonijiet domestiċi simili (b'konformità mal-prinċipju ta' l-ekwivalenza), u sakemm huma ma jagħmlux l-eżerċitar tad-drittijiet mogħtija mil-liġi Komunitarja (b'konformità mal-prinċipju ta' effettività) prattikament impossibbli jew diffiċli wisq,

F. billi l-użu rari u eċċezzjonali ta' azzjonijiet privati quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali, kif jipprovdi r-Regolament (KE) Nru 1/2003, jindika li hemm bżonn ta' miżuri biex jiffaċilitaw it-talbiet għal azzjoni kontra danni; billi miżuri bħal dawn għandhom iżidu l-konformità mal-liġi tal-kompetizzjoni ta' l-KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati r-regoli ta' proċedura u ta' evidenza differenti fl-Istati Membri; billi dan m'għandux iwassal għal sitwazzjoni fejn intraprizi li jaġixxu ekonomikament b'mod legali jitpoġġew f'riskju żejjed li jħallsu għal talbiet mhux ġustifikati, jew li jbiddlu l-pożizzjoni tagħhom biex jevitaw il-litigazzjoni, li tqum ħafna flus.

G. billi l-konsumaturi u n-negozji li sofrew danni bħala riżultat ta' ksur tar-regoli dwar il-kompetizzjoni għandu jkollhom dritt għal kumpens,

H. billi żviluppi fir-regoli tal-ġustizzja ċivili ta' l-UE, b'mod partikolari rigward l-aċċess għall-ġustizzja, ma' żammewx il-pass ma' żviluppi riċenti fil-liġi tal-Komunità dwar il-kompetizzjoni fis-suq intern,

[1] ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

[2] Kawża 26/62, *NV Algemene Transport-en Expeditie Onderneming van Gend en Loos* v *Dipartiment tat-Taxxi Interni ta'l-Olanda* [1963] ECR-1.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

I. billi fil-Kawża C-453/99 [1] il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex ikun żgurat li l-Artikolu 81 tat-Trattat ikun effettiv għal kollox, individwi u kumpaniji jkunu jistgħu jitolbu kumpens għad-dannu li jkun sarilhom minnħabba kuntratt jew b'imġiba li tillimita jew tgħawweġ il-kompetizzjoni,

J. billi l-mekkaniżmi ta' riparazzjoni għal ksur tar-regoli antitrust fil-livell Ewropew ma jiggarantux l-effettività sħiħa ta' l-Artikolu 81 tat-Trattat, b'mod partikolari fir-rigward tal-vittmi,

K. billi ħafna Stati Membri qed jeżaminaw metodi sabiex jipproteġu aħjar lill-konsumaturi billi jippermettu azzjonijiet kollettivi, u billi azzjonijiet differenti jistgħu jwasslu għal tgħawwiġ tal-kompetizzjoni fis-suq intern,

L. billi kwalunkwe proposta mill-Kummissjoni f'oqsma li għalihom il-Kummissjoni ma għandiex kompetenza esklussiva trid, skond it-trattat, tikkonforma mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,

1. Jinnota li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-Komunità se jbatu minn nuqqas ta' effett dissważiv, u l-effettività tagħhom ser tkun kompromessa, jekk kwalunkwe persuna li taġixxi b'mod proskritt tkun tista' tgawdi vantaġġi fis-suq jew immunità fir-rigward tal-ksur tagħhom minħabba ostakoli għal talbiet sħaħ għal riżarċiment tad-danni; jikkonsidra li għandhom ikunu faċilitati l-metodi biex jittieħdu azzjonijiet legali mir-rappreżentanti ta' l-interess pubbliku u mill-vittmi;

2. Jikkonsidra li ċ-ċittadini jew in-negozji li jsofru danni bħala riżultat ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni għandu jkollhom l-opportunità li jitolbu kumpens għat-telf tagħhom;

3. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet id-dritt tal-vittmi li sofrew telf bħala riżultat ta' mġieba anti-kompetittiva biex iressru azzjonijiet legali "indipendenti" jew "ta' segwitu" biex jieħdukumpens; jilqa' għalhekk il-Green Paper dwar id-danni kif ukoll il-ħidma ta' preparazzjoni marbuta magħha;

4. Jitlob, bil-għan li tiġi promossa l-kompetizzjoni aktar milli l-litigazzjoni, għall-promozzjoni ta' arranġamenti extra-ġudizzjarji amikevoli u b'ħeffa, u l-faċilitazzjoni ta' ftehim dwar l-eċċezzjonijiet li jistgħu jingiebu f'talbiet għal danni li jirriżultaw minn aġir anti-kompetittiv, u jinnota li fil-każ li l-parti li allegatament tiġi akkużata li kisret ir-regoli tal-kompetizzjoni tiddikjara u tagħti prova li ngħata kumpens għad-danni qabel il-konklużjoni tal-proċeduri, dan jista' jitqies bħala fattur mitiganti fid-deċiżjoni biex jiġi stabbilit l-ammont ta' kumpens li għandu jingħata; jilqa' wkoll b'sodisfazzjon il-fatt li l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni fl-Unjoni Ewropea jistgħu, sa ċertu punt, jassumu l-irwol ta' instituzzjoni ta' arbitraġġ billi jamministraw proċeduri ta' arbitraġġ, inkluża n-nomina ta' arbitru fuq talba tal-partijiet;

5. Jikkonsidra, għalhekk, li s-sistemi legali ta' l-Istati Membri għandhom jipprovdu għal proċeduri effettivi ta' liġi ċivili li permezz tagħhom ikun ji sta' jintalab kumpens għal danni li jirriżultaw minn ksur tal-liġital-kompetizzjoni;

6. Huwa tal-fehma li l-istituzzjoni ta' azzjonijiet privati għandu jkun kumplimentari għal u kompatibilli ma' l-infurzar pubbliku, li, min-naħa tiegħu, jista' jsir aktar strateġiku u selettiv fin-natura tiegħu, billi jiffoka fuq il-kwistjonijiet l-aktar importanti u sinifikattivi; jikkonsidra, madankollu, li tali bidla fl-enfasi m'għandiex tfisser ġustifikazzjoni għan-nuqqas fir-riżorsi li jingħataw lill-awtoritajiet kompetenti;

7. Jitlob li l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat jiġu implimentati b'mod uniformi, irrispettivament min-natura amministrattiva jew ġudizzjarja ta' l-awtorità li tadotta d-deċiżjoni; huwa tal-fehma li deċiżjonijiet adottati minn awtoritajiet ġudizzjarji għandhom ikunu konsistenti u għandhom jirriflettu prinċipji komuni ta' sigurtà u effettività li jevitaw it-tagħwiġ u l-inkonsistenza fi ħdan l-Unjoni; jikkonsidra li l-objettiv għandu jkun li wieħed jasal għal proċeduri u sitwazzjoni fejn deċiżjoni finali li tkun diġà ngħatat minn awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni (NCA) jew awtorità nazzjonali ġudizzjarja tkun torbot lill-Istati Membri kollha sakemm il-partijiet u ċirkostanzi tal-każ ikunu l-istess;

[1] Kawża C-453/99, *Courage Ltd* v *Crehan* [2001] ECR I-6297 u s-sentenza tat-13 ta' Lulju 2006 fil-kawżi konġunti C-295/04 sa 298/04, Manfredi et v Lloyd Adriatico Assicurazioni SpA et, għandhom mhux ippublikati fir-Rapporti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja 2006 pI 6619.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

8. Jenfasizza li huwa kruċjali li l-awtoritajiet ġudizzjarji jiġu pprovduti b'taħriġ fil-liġi tal-kompetizzjoni sabiex jiżguraw il-kwalità tas-sentenzi tagħhom, u biex jirrispettaw l-importanza essenzjali li l-proċeduri jiġu mmaniġġjati minn korpi speċjalizzati jew kwalifikati ħafna;

9. Isostni li sabiex jiġu mħarsa l-kompetizzjoni u d-drittijiet tal-vittmi, l-awtoritajiet ġudizzjarji kollha li jimplimentaw ir-regoli tal-Komunità dwar il-kompetizzjoni għandhom ikunu jistgħu jadottaw miżuri proviżorji, jordnaw miżuri ta' inkjesta u jagħmlu użu mill-poteri ta' investigazzjoni tagħhom fejn hu neċessarju;

10. Jenfasizza li, għall-iskopijiet biex jiġu stabbiliti l-fatti relevanti għall-applikazzjoni ta' Artikoli 81 u 82 tat-Trattat, l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali għandhom igawdu setgħat komparabbli ma' dawk mogħtija lill-NCAs, u li, biex tiġi żgurata l-konsistenza, ħemm ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-NCAs u l-qrati nazzjonali u wkoll fost l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali;

11. Jenfasizza li l-awtoritajiet kompetenti li jimplimentaw ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-Komunità għandhom ikollhom kriterji uniformi għall-istabbiliment tal-piż tal-prova; jinnota li jista' jkun meħtieġ li tkun ikkunsidrata l-asimettrija ta' l-informazzjoni disponibbli għal-partijiet; jissuġġerixxi li fil-proċeduri legali, il-fatti għandhom ikunu meqjusa stabbiliti meta l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tkun sodisfatta mill-eżistenza ta' ksur u dannu b'rabta kawżali;

12. Jitlob li l-awtoritajiet ġudizzjali responsabbli mill-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni jingħataw issetgħa li jordnaw aċċess għall-informazzjoni relevanti għar-riżultat finali tal-proċess għad-danni, suġġett għal smigħ minn qabel tal-parti l-oħra ħlief f'każijiet urġenti, permezz ta' miżuri proporzjonati taħt is-superviżjoni tagħhom; jiġbed l-attenzjoni li fl-aċċess ta' informazzjoni rilevanti għar-riżultat finali tal-proċess ikunu rispettati l-leġittimità tas-sigriet professjonali fir-relazzjonijiet bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom, is-sigrieti tan-negozju ta' l-operaturi ekonomiċi u l-leġiżlazzjoni dwar sigrieti uffiċjali; jistieden lill-Kummissjoni sabiex malajr kemm jista' jkun, tfassal komunikazzjoni dwar l-ipproċessar ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-awtoritajiet li japplikaw il-liġi Komunitarja tal-kompetizzjoni;

13. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jaċċettaw li sejbien ta' ksur li tkun waslet għalih l-NCA, ladarba jkun finali u, fejn ikun xieraq, ikkonfermat fl-appell, ikun jikkostitwixxi awtomatikament prova prima facie ta' nuqqas fi proċeduri ċivili li jinvolvu l-istess kwistjonijiet, sakemm il-konvenut kellu opportunità xierqa li jiddefendi lilu nnifsu fil-proċeduri amministrattivi;

14. Jikkonsidra ukoll li mhuwiex neċessarju li jiddiskuti u jippreskrivi fil-livell ta' Komunità l-bżonn li jinħatru esperti;

15. Jikkonsidra li r-Regolament propost dwar il-liġi applikabbli għal obbligi mhux kuntrattwali (Rome II) għandu jipprovdi soluzzjoni sodisfaċenti ħlief fejn l-aġir antikompetittiv jaffettwa l-kompetizzjoni f'iktar minn Stat Membru wieħed, u li għalhekk għandha tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' regola speċifika relatata ma każijiet bħal dawn;

16. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali sabiex jikkoperaw għall-ħarsien ta' l-informazzjoni kunfidenzjali u għall-effettività tal-programmi ta' klemenza; jikkonsidra li fil-każ ta' kunflitt relatat mal-kwistjonijiet ta' l-aċċess u l-ipproċessar ta' informazzjoni bħal din li tkun disponibbli għall-membri tan-Network Ewropew tal-Kompetizzjoni (ECN), dan il-kunflitt għandu jiġu riżolt fid-dawl ta' l-interpretazzjoni tal-liġi Komunitarja mill-Qorti tal-Ġustizzja;

17. Jenfasizza li l-ħlasijiet mogħtija lill-kwerelanti għandhom jkunu kompensatorji u m'għandhomx jeċċedu d-danni reali *(damnum emergens)* u t-telf *(lucrum cessans)* li jkunu ġarrbu, sabiex jiġi evitat l-arrikkiment inġust *(indebiti solutio)*, u sabiex tkun tqieset il-ħila tal-vittma li jimmitiga d-danni u t-telf; jissuġġerixxi, madankollu, li, fil-każ ta' kartels, li l-ewwel applikanti li jikkoperaw ma' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni fi programmi ta' klemenza m'għandhomx ikunu responsabbli flimkien u separatament mal-persuni l-oħra li jkunu kisru r-regoli, u li l-interessi għandhom jiġu kkalkolati mid-data tar-reat;

18. Jikkonsidra li kwalunkwe miżura proposta trid tirrispetta kompletament il-politika pubblika ta' l-Istati Membri, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' danni punittivi;

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

19. Jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-fatt li l-possibilità li jinvokaw difiża "passing-on" jista' jkollha effett negattiv fuq il-kalkolu tad-danni u fuq ir-rabta kawżali;

20. Jaqbel mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-vittmi kollha għandhom ikunu jistgħu jressqu azzjoni legali; huwa tal-fehma li Stati Membri li jipprovdu għal azzjonijiet għal telf indirett għandhom joffru lill-konvenut il-possibilità li jargumenta li l-profitti kollha jew parti mill-profitti li għamel bħala riżultat tar-reat ġew mgħoddija lill-partijiet terzi (id-difiża passing-on), sabiex tiġi evitata l-possibilità ta' arrikkiment inġust; jinnota li, għaldaqstant, huwa essenzjali li jkun hemm mekkaniżmu għat-talbiet multipli żgħar;

21. Huwa tal-fehma li, fl-interessi tal-ġustizzja u għal raġunijiet ta' ekonomija, ħeffa u konsistenza, il-vittmi għandhom ikunu jistgħu b'mod voluntarju jressqu azzjonijiet kollettivi, sew b'mod dirett sew permezz ta' organizzazzjonijiet li l-istatut tagħhom għandu dan l-objettiv;

22. Jinnota li f'diversi każi, se jkun hemm asimettrija ta' riżorsi bejn il-kwerelant u l-konvenut fil-proċeduri legali għad-danni li ġejjin minn imġieba anti-kompetittiva u f'dawn il-każijiet, il-kwerelanti m'għandhomx jiġu mxekkla milli jieħu azzjonijiet ta' riżarċiment ta' danni, li jkollhom bażi soda, minħabba l-biża' li jkollhom iħallsu spejjeż legali eċċessivi inklużi l-ispejjeż tal-konvenut jekk l-azzjoni ma jkollhiex suċċess; jissuġġerixxi, għalhekk, li l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom ikunu jistgħu jikkunsidraw is-sitwazzjonijiet ekonomiċi differenti tal-partijiet u fejn ikun xieraq għandhom jagħmlu evalwazzjoni fil-ftuħ tal-proċeduri; jikkonsidra li l-livell ta' l-ispejjeż għandu jkun ibbażat fuq kriterji raġonevoli u oġġettivi, b'kont meħud tan-natura tal-proċess, u għandu jinkludi l-ispejjeż kollha li joħolqu l-proċeduri legali;

23. Jirrakkomanda li fil-qafas ta' programmi ta' għajnuniet pubbliċi li jistgħu jkunu adottati b'mod leġittimu sabiex ikunu ffaċilitati l-azzjonijiet privati ta' riżarċiment ta' danni u telf minħabba mġiba mhux kompettitiva, ikunu stipulati kundizzjonijiet ċari fir-rigward tas-sorveljanza tal-proċedimenti u r-rimborż ta' l-għajnuniet ta' dan it-tip, speċjalment fejn il-każ ikun deċiż u l-kontravventur jiġi ordnat li jħallas l-ispejjeż;

24. Jikkonsidra li l-perjodi nazzjonali ta' preskrizzjoni għall-azzjonijiet minħabba ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni tal-Komunità għandhom jippermettu li jitressqu azzjonijiet fi żmien sena minn deċiżjoni tal-Kummissjoni jew minn sejbien ta' NCA li tistabbilixxi l-ksur tar-regoli msemmija (jew fil-każ ta' appell, sena minn meta jinqata' l-appell); Jikkonsidra li, meta ma jkun hemm l-ebda deċiżjoni ta' dan it-tip, għandu jkun possibbli li jitressqu azzjonijiet għar-riżarċiment ta' danni b'riżultat ta' ksur ta' l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat jew tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Komunità fi kwalunkwe ħin fil-perjodu li matulu l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta deċiżjoni li timponi multa minħabba t-tali ksur; jikkunsidra li ż-żmien għandu jiġi sospiż waqt il-perjodu ddedikat għad-diskussjonijiet formali kollha jew għall-medjazzjoni bejn il-partijiet;

25. Jissuġġerixxi li ż-żmien ta' preskrizzjoni li japplika għad-dritt li jintalab kumpens fil-każ ta' ksur tal-liġi dwar il-kompetizzjoni għandu jiġi sospiż miż-żmien meta l-Kummissjoni jew l-NCA fi Stat Membru jew aktar jiftħu investigazzjoni dwar dan il-ksur;

26. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li t-tressiq ta' azzjonijiet privati għar-riżarċiment ta' danni ma jaffetwax is-setgħat jew ir-responsabilitajiet fil-qasam tal-liġi tal-kompetizzjoni, li ngħataw lill-Kummissjoni permezz tat-Trattat;

27. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, kemm jista' jkun malajr, tadotta linji gwida għall-forniment ta' assistenza għall-partijiet sabiex jiġu kwantifikati d-danni li jkunu ġarrbu u tiġi stabbilita r-rabta kawżali; jitlob ukoll li tingħata prijorità lit-tfassil ta' komunikazzjoni dwar it-tressiq ta' azzjonijiet legali indipendenti, liema komunikazzjoni tkun tinkludi rakkomandazzjonijiet għall-preżentata ta' talbiet u eżempji għall-aktar każi frekwenti;

28. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipprepara White Paper bi proposti dettaljati biex jiġi ffaċilitat it-tressiq ta' azzjonijiet privati "indipendenti" u "ta' segwitu" għar-riżarċiment ta' danni minħabba mġiba li tikser ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-Komunità, li, b'mod komprensiv, tindirizza l-kwistjonijiet mqajma f'din ir-Riżoluzzjoni u li, fejn hu xieraq, tikkonsidra qafas legali adatt; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tinkludi fiha proposti għat-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet kollha responsabbli biex japplikaw ir-regoli Komunitarji dwaril-kompetizzjoni;

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

29. Jikkonsidra li kwalunkwe inizjattiva tal-Kummissjoni li tirregola d-dritt tal-vittmi li jfittxu għad-danni fl-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali trid tkun akkumpanjata minn studju ta' impatt;

30. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex taħdem mill-qrib ma' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' l-Istati Membri sabiex jitnaqqsu kwalunkwe ostakli transkonfinali li ma jħallux liċ-ċittadini u n-negozji ta' l-UE jippreżentaw talbiet għal danni transkonfinali f'każi ta' ksur tar-regoli Komunitarji dwar il-kompetizzjoni fl-Istati Membri; jikkonsidra li, jekk ikun hemm bżonn, il-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni legali sabiex tneħħi ostakli ta' dan it-tip;

31. Iħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri li fihom iċ-ċittadini u n-negozji għad m'għandhomx dritt effettiv ta' dan it-tip li jitolbu kumpens sabiex jadattaw il-liġi proċedurali ċivili tagħhom;

32. Jenfasizza li l-Parlament għandu jkollu rwol ko-leġiżlattiv fil-qasam tal-liġi dwar il-kompetizzjoni u li għandu jinżamm infurmat b'mod regolari dwar l-azzjonijiet legali privati mressqa;

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali.

P6_TA(2007)0153

Ftehima Multilaterali dwar l-Istabbiliment ta' Żona Ewropea ta' Avjazzjoni Komuni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-25 ta' April 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehima Multilaterali bejn ir-Repubblika ta' l-Albanija, il-Bożnja u Ħerżegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, il-Komunità Ewropea, ir-Repubblika ta' l-Iżlanda, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Renju tan-Norveġja, is-Serbja u l-Montenegro, ir-Rumanija u l-Missjoni ta' Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo dwar it-Twaqqif ta' Żona Ewropea ta' Avjazzjoni Komuni (ECAA)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għall-Kunsill (COM(2006)0113) [1],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2006 dwar l-iżvilupp ta' l-aġenda għall-politika esterna tal-Komunità dwar l-avjazzjoni [2],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, invista tad-dħul tagħha fl-UE, ir-Rumanija għandha tkun ittrattata b'mod differenti mill-Istati Membri l-oħra, u billi l-Bulgarija, minkejja l-adeżjoni tagħha, hija suġġetta għal klawsola protettiva fir-rigward ta' interessi ta' sigurtà u għalhekk għandha tkun ittrattata bħala pajjiż terz,

B. billi l-Kunsill adotta ftehima proviżorja kif proposta mill-Kummissjoni u din il-ftehima proviżorja qed tistenna li tkun irratifikata mill-partijiet kollha,

C. billi ż-Żona Ewropea ta' Avjazzjoni Komuni (ECAA) hija importanti bħala ftehima ta' qafas sabiex ikunu ttrattati kwistjonijiet relatati ma' l-avjazzjoni mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, l-Iżlanda u n-Norveġja b'mod partikolari u tipprovdi mudell għal ftehimiet futuri ta' dan it-tip ma' pajjiżi terzi oħra,

---

[1] Għadha mhix ippublikata fil-ĠU.
[2] ĠU C 287 E, 24.11.2006, p.84.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

L-Ambjent

1. jinnota li huwa importanti li l-ftehima dwar l-ECAA għandha tkopri l-leġiżlazzjoni ta' l-UE preżenti u tal-futur dwar l-emissjonijiet u miżuri oħra li se jnaqqsu l-impatt ambjentali ta' l-avjazzjoni,

2. jilqa' il-fatt li l-partijiet kollha għall-ftehima jaċċettaw li f'xi punt fil-futur l-avjazzjoni ti sta' tiġi inkluża fl-iskemi ta' skambju tal-kwoti ta' l-emissjonijiet (ETS),

3. wara li kkunsidra l-importanza tal-ftehima fis-sens li jinħolqu l-kundizzjonijiet sabiex is-Sema Ewropew Wieħed (SES) jitkabbar lil hinn mill-Istati Membri,

Is-Sikurezza u s-Sigurtà

4. għalhekk, jenfasizza l-importanza kruċjali ta' l-għajnuna teknika u tan-negozjati ta' adeżjoni bħala mezzi biex jintlaħaq il-kunsens neċessarju ma' msieħba li mhux fl-UE u li mhux fl-EEA sabiex jintlaħaq dan l-objettiv,

5. jinsisti li l-leġiżlazzjoni kollha ta' l-UE dwar is-sikurezza u s-sigurtà u r-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-jeddijiet ta' persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà imnaqqsa meta jivjaġġaw bl-ajru [1] għandhom ikunu inklużi fl-anness operattiv tal-ftehima,

6. jinnota li l-immaniġġjar tat-traffiku ta' l-ajru huwa inkluż fil-ftehima**,** fatt li huwa importanti mill-aspett li jkunu applikati r-regoli tas-SES, bħalma huwa l-iżvilupp transkonfinali ta' blokki ta' l-ispazju ta' l-ajru,

7. jilqa' il-vantaġġi evidenti ta' l-applikazzjoni reċiproka u koerenti ta' l-Istima ta' Sikurezza tad-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-sikurezza ta' inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi li jużaw ajruporti tal-Komunità [2] mill-partijiet kollha għall-ftehima;

8. ifakkar li t-twettiq ta' l-għan ta' SES jinvolvi wkoll flessibilità ta' l-ispazju ta' l-ajru, li jagħmel il-koperazzjoni istituzzjonalizzata bejn awtoritajiet militari u ċivili neċessarja fil-qasam tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru,

Kwistjonijiet soċjali

9. jilqa' b'sodisfazzjon l-irwol vitali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni fl-istħarriġ ta' esperti, fit-tħejjija manwali u fl-għoti ta' pariri tekniċi f'pajjiżi msieħba kif ukoll fl-għajnunai biex jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' implimentazzjoni,

10. jenfasizza l-fatt li l-leġislazzjoni soċjali rilevanti ta' l-UE għandhom jiġu rispettati fl-implimentazzjoni tal-ftehima,

11. jinnota li l-ftehima tipprovdi għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili [3],

12. jinnota li jrid ikun hemm implimentazzjoni fil-pront ta' l-impenji fil-Ftehima u rapport ta' progress ippreżentat lill-Parlament Ewropew sal-31 ta' Diċembru 2008,

13. Isejjaħ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jiżguraw li l-ftehima tkun tirrifletti dawn il-konsiderazzjonijiet ewlenin u li arranġamenti għall-monitoraġġ ikunu stabbiliti f'konnessjoni mal-proċess ta' implimentazzjoni;

*

* *

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

[1] ĠU L 204, 26.7.2006, p.1.

[2] ĠU L 143, 30.4.2004, p.76, Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 (ĠU L 344, 27.12.2005, p.15).

[3] ĠU L 373, 31.12.1991, p.4, Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1900/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 377, 27.12.2006, p.176).

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

P6_TA(2007)0154

Strateġija Tematika għall-Użu Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-25 ta' April 2007 dwar Strateġija Tematika għall-Użu Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali (2006/2210(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Lejn Strateġija Tematika dwar l-Użu Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali" (COM(2003)0572),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Strateġija Tematika dwar l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali" (COM(2005)0670),

— wara li kkunsidra r-Reviżjoni ta' l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli ta' l-UE — Strateġija Mġedda [1],

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika adottata f'Rio de Janeiro fl-1992,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent [2],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 6 tat-Trattat KE, li jistipulaw li rekwiżiti ta' ħarsien ambjentali jridu jkunu integrati fis-setturi varji tal-politika Komunitarja bil-għan li jiġi promoss l-iżvilupp ta' l-attivitajiet ekonomiċi b'rispett għall-ambjent,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 174 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra s-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità (is-Sitt EAP) [3],

— wara li kkunsidra s-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità (is-Sitt EAP), wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Lejn l-avvanz ta' l-użu sostenibbli tar-riżorsi: Strateġija Tematika għall-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart" (COM(2005)0666),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2005 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar it-Teħeġġiġ ta' Teknoloġiji għall-Iżvilupp Sostenibbli: Pjan ta' Azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għat-Teknoloġiji Ambjentali [4],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0054/2007),

A. billi, fl-għexieren ta' snin li ġejjin, bidla demografika mgħaġġla fid-dinja se ġġib pressjoni dejjem akbar fuq il-klima, ir-riżorsi naturali u l-bijodiversità, u billi din il-bidla hija konnessa wkoll mad-disparità fil-prosperità bejn id-dinja industrijalizzata u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

B. Billi żvilupp ekonomiku sostenibbli, flimkien ma' tqassim ġust u ekwu tal-benefiċċji li jirriżultaw mir-riżorsi naturali, aċċess għar-riżorsi u s-swieq, huwa meħtieġ biex itaffi l-faqar u jżid il-benesseri tal-bniedem,

(1) Dokument tal-Kunsill 10117/2006, 9.6.2006.
(2) ĠU L 197, 21.7.2001, p.30.
(3) ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.
(4) ĠU C 157 E, 6.7.2006, p.77.

C. billi, minħabba ż-żieda mgħaġġla tal-popolazzjoni tad-dinja, sa l-2010, 400 miljun persuna oħra se jkunu qed jgħixu fid-dinja; billi f'dinja fejn kulħadd jiddependi minn xulxin dejjem aktar ma nistgħux nibqgħu nipproduċu u nikkunsmaw kif qed nagħmlu bħalissa u billi, fid-dinja kollha, 15,500 speċi ta' pjanti u annimali huma f'periklu serju ta' estinzjoni; billi fl-għexieren ta' snin riċenti kważi kull tip ta' ekosistema u l-ispeċi kollha diġà batew ħafna u billi l-ilma ħelu huwa riżors prezzjuż ħafna, li qiegħed taħt pressjoni; billi l-kriżi dinjija ta' l-ilma hija theddida għall-ħajja tal-bniedem u għall-iżvilupp sostenibbli u fl-aħħarnett anke għall-paċi u s-sigurtà,

D. billi, madwar id-dinja, il-'footprint' ekoloġiku [1] medju issa huwa 2.2 ettari per kapita għalkemm mhux suppost ikun iktar minn 1.8 ettari sabiex jibqa' fil-limiti tal-bijokapaċità tad-Dinja; mad-dinja kollha, il-bnedmin qed jużaw 25 % iktar minn kemm id-Dinja tipproduċi kull sena, jew fi kliem ieħor, id-Dinja kellha bżonn sena u tliet xhur biex tipproduċi dak li aħna użajni f'sena waħda (2003) (WWF Eco-report 2006),

E. billi, skond l-Evalwazzjoni tal-Millenju ta' l-Ekosistemi tan-NU ta' l-2005, kien hemm tnaqqis f'kull 2 minn 3 ekosistemi mill-bidu tas-sittinijiet u billi d-domanda għar-riżorsi naturali żdiedet b'70 % fl-istess perjodu,

F. billi skond l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, il-'footprint' ekoloġiku ta' l-Ewropa kien aktar mill-bijokapaċità tiegħu stess fl-1960 u sa llum huwa d-doppju tal-bijokapaċità tiegħu; billi dan mhux kompatibbli ma' l-iżvilupp ekwitabbli sostenibbli,

G. billi l-falliment s'issa biex jiġi assenjat valur lill-kapital naturali, f'servizzi ta' l-ekosistema partikulari huwa impediment serju fl-isforzi ġenerali biex jiġi stabbilit qafas għal użu sostenibbli ta' riżorsi naturali,

H. billi l-interessi tal-kummerċ u ta' l-ambjent m'hemmx għalfejn ikunu f'kunflitt; billi, madanakollu, prosperità ekonomika sufiċjenti fil-futur se tkun possibbli biss f'sistema bbażata fuq is-suq li fiha l-forom kollha tal-kapital, inkluż kapital naturali, ikollhom valur sħiħ, u l-ispejjeż tal-ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent jiġu kompletament internalizzati fil-prezzijiet tal-prodott,

I. billi t-tkabbir ekonomiku li qed jiżdied fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw se jżid aktar il-pressjoni fuq l-ambjent,

J. billi progress fil-qasam tat-tagħrif speċjalizzat u tat-teknoloġija huwa kruċjali sabiex jintlaħaq bilanċ bejn it-tkabbir ekonomiku fuq naħa u s-sostenibilità soċjali u ekoloġika fuq l-oħra,

K. billi skond l-Artikolu 6 tat-Trattat, imsaħħaħ mill-Proċess ta' Cardiff, rekwiżiti ta' ħarsien ambjentali jridu jkunu integrati fil-formulazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika ta' l-UE,

L. billi hemm ftit komplementarjetà u m'hemmx biżżejjed koordinazzjoni bejn il-fora internazzjonali differenti responsabbli għall-iżvilupp sostenibbli (Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, Protokoll ta' Kyoto, Konvenzjoni għall-Ġlieda kontra d-Dežertifikazzjoni, eċċ.), barra minn hekk ma hemm l-ebda għodda biex tinforza dawn il-ftehimiet madwar id-dinja,

M. billi l-Istrateġija ta' l-UE għat-Tkabbir u l-Impjiegi [2] mħaddna mis-Samit tar-Rebbiegħa ta' l-2005 tagħti prijorità għolja lil aktar użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u tistieden lill-UE biex tkun minn ta' l-ewwel fil-bidla għal konsum u produzzjoni iktar sostenibbli fl-ekonomija globali,

N. wara li kkunsidra l-prinċipji gwida għal żvilupp sostenibbli adottati mill-Kunsill Ewropew fil-15 u fis-16 ta' Ġunju 2006, li għandhom jiffurmaw il-bażi għal żvilupp sostenibbli, b'mod partikulari dawk relatati mal-kwalità tal-ħajja u s-solidarjetà bejn u fost il-ġenerazzjonijiet,

---

[1] "Il-footprint ekoloġiku" hi espressjoni tal-punt sa liema l-bnedmin jikkunsmaw ir-riżorsi tad-Dinja fir-rigward ta' ettari ta' art produttiva.

[2] Komunikazzjoni lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa — Ħidma flimkien għat-tkabbir u l-impjiegi (COM(2005)0024).

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

O. billi, fil-komunikazzjoni tagħha dwar ir-reviżjoni ta' l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli ta' l-UE — pjattaforma għall-azzjoni (COM(2005)0658), il-Kummissjoni tiddikjara li:

— l-UE u l-Istati Membri jridu jkomplu jinvestu fir-riċerka u t-teknoloġija biex isibu metodi ġodda ta' produzzjoni u konsum li huma effiċjenti f'sens ta' nfiq u effiċjenti f'sens ta' riżorsi,

— l-UE għandha tkun minn ta' l-ewwel fid-dinja fit-teknoloġiji eko-effiċjenti u li jiffrankaw l-enerġija sabiex jitnaqqas il-livell għoli ta' dipendenza fuq ir-riżorsi naturali,

— l-UE trid tissalvagwardja l-kapaċità tad-dinja li ssostni l-ħajja fid-diversità kollha tagħha, tirrispetta l-limiti tar-riżorsi naturali tal-pjaneta u tiżgura livell għoli ta' ħarsien u titjib tal-kwalità ta' l-ambjent,

— sa l-2012, 12 % tal-konsum ta' l-enerġija ta' l-Istati Membri jrid jiġi minn sorsi li jiġġeddu,

— sa l-2010, 21 % tal-konsum ta' l-elettriku ta' l-Istati Membri jrid jiġi minn sorsi li jiġġeddu,

P. billi f'Ġunju 2006, il-Kunsill Ewropew talab fost l-oħrajn, dan li ġej fl-Istrateġija Mġedda ta' Żvilupp Sostenibbli ta' l-UE:

— l-istrateġija ta' l-UE dwar l-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali għandha tkun komplementata b'numru ta' miri u miżuri fuq livell ta' UE,

— biex titjieb l-effiċjenza tar-riżorsi sabiex jitnaqqas l-użu ġenerali ta' riżorsi naturali li ma jiġġeddux u l-impatti ambjentali relatati ta' l-użu ta' materja prima, u b'hekk jintużaw riżorsi naturali li jiġġeddu b'rata li ma taqbiżx il-kapaċità ta' riġenerazzjoni tagħhom,

Q. billi s-Sitt EAP:

— jistipula programm li l-objettivi tiegħu jaqblu mal-prijoritajiet ewlenin tal-Komunità, jiġifieri l-bidla fil-klima, in-natura u l-bijodiversità, l-ambjent, is-saħħa pubblika u l-kwalità tal-ħajja, ir-riżorsi naturali u l-iskart,

— jitlob il-promozzjoni ta' bidliet fi skemi ta' sussidju li għandhom impatt ħażin sostanzjali fuq l-ambjent u li m'humiex kompatibbli ma' l-iżvilupp sostenibbli,

— jiddikjara li strateġiji tematiċi għandhom jinkludu objettivi u kalendarji ambjentali kwalitattivi u kwantitattivi rilevanti,

— u fost l-oħrajn jitlob b'mod espliċitu għal reviżjoni ta' l-effiċjenza tal-miżuri ta' politika u ta' l-impatt tas-sussidji relatati ma' riżorsi naturali u skart, u kif ukoll biex jiġu stabbiliti għanijiet u miri għall-effiċjenza tar-riżorsi u l-użu mnaqqas ta' riżorsi, filwaqt li tiġi żgħanċjata r-rabta bejn it-tkabbir ekonomiku u l-impatti ambjentali negattivi,

R. billi l-Anness ta' l-Istrateġija Tematika jiddikjara li:

— jekk jinkiseb titjib annwali fil-produttività tar-riżorsi ta' 3 %, filwaqt li l-ekonomija tikber b'rata ta' 3 % fis-sena wkoll, l-użu tar-riżorsi jkun bejn wieħed u ieħor stabbli,

— sakemm l-affarijiet kollha jkunu indaqs, l-użu ta' materjali li jirregolarizzaw mhux se jkunu biżżejjed biex inaqqsu l-impatti ambjentali mifruxa fuq l-ekonomija u jiksbu sistemi ta' żgħanċjar,

S. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2005 dwar ir-Rebħa tal-Ġlieda kontra l-Bidla fil-Klima [1] il-Parlament Ewropew iddikjara li tnaqqis qawwi ta' emissjonijiet, jiġifieri ta' 30 % sa l-2020 u ta' 60-80 % sa l-2050 għandhom jiġu approvati mill-pajjiżi żviluppati,

T. billi l-agrikoltura tuża inqas minn 50 % ta' l-art kollha u tikkonsma 30 % ta' l-ilma kollu u 20 % tal-fjuwil kollu,

U. billi t-trasport huwa s-settur ta' l-utent aħħari li qed jikber bl-aktar rata mgħaġġla u huwa responsabbli għal 40 % ta' l-użu ta' l-enerġija totali madwar id-dinja kollha u għal bejn wieħed u ieħor 40-80 % tat-tniġġis ta' l-arja totali u għal 28 % ta' l-emissjonijiet tas-CO_2 fl-Ewropa,

[1] ĠU C 280 E, 18.11.2006, p.120.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

V. billi għarfien aħjar ta' kif jaħdmu s-sistemi naturali se joħloq opportunitajiet ġodda għal sistemi ta' produzzjoni u ta' konsum ekoloġikament sodi; billi diġà hemm iktar minn 2,000 teknoloġija bbrevattati ispirati min-natura ("biomimicry"),

W. billi wieħed mill-Objettivi tal-Millenju għall-Iżvilupp adottat min-Nazzjonijiet Uniti fl-2000 kien dak li jkun żgurat ambjent sostenibbli qabel l-2015 billi l-iżvilupp sostenibbli jiġi integrat fi programmi ta' politika nazzjonali, jitwaqqaf it-telf ta' riżorsi naturali u jitnaqqas bin-nofs in-numru ta' nies mingħajr aċċess għal ilma tajjeb għax-xorb; billi sa l-2020 il-kundizzjonijiet tal-ħajja ta' mill-inqas 140 miljun ruħ li jgħixu f'mandraġġi jridu jitjiebu b'mod sinifikanti,

X. billi kull sena bejn 5 u 6 miljun persuna — l-iktar tfal — imutu minn mard ikkawżat mit-tniġġis ta' l-ilma u ta' l-arja, billi 370 000 mewta prematura huma kkawżati mit-tniġġiż ta' l-arja fl-Ewropa,

Y. billi l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali huwa *conditio sine qua non* għall-prosperità fit-tul,

Z. billi l-bażi tal-biċċa l-kbira tal-problemi ambjentali hija l-użu mhux sostenibbli ta' riżorsi naturali,

AA. billi trasformazzjoni tas-sistema preżenti ta' produzzjoni u ta' konsum hija meħtieġa b'mod urġenti;

AB. billi s-soċjetà primarjament tiddependi fuq prodotti magħmula minn sett ta' materjali different, jiġifieri materjali bijoloġiċi, minerali u sintetiċi, li ħafna drabi jitħalltu sabiex jipproduċu materjali komposti u billi dawn il-materjali għandhom jintużaw u jiġu trattati b'mod li meta l-utilità tal-prodotti tispiċċa, huma ma jsirux skart mingħajr użu,

AC. billi sa mhux aktar tard mill-2015 immaniġġjar aħjar u l-fatt li ma ssirx esplojtazzjoni żejda ta' riżorsi naturali li jiġġeddu bħall-istokks tal-ħut, il-bijodiversità, l-ilma, l-arja, il-ħamrija u l-atmosfera jistgħu jirriżultaw fl-irkupru ta' ekosistemi tal-baħar li saritilhom il-ħsara, skond il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg adottat fil-Laqgħa Għolja tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli f'Johannesburg fl-2002,

AD. billi s-sistema industrijali tagħna tgħix fuq ekosistemi mbiegħda permezz tal-kummerċ u ħafna drabi hija insensittiva għad-degradazzjoni tagħhom; billi għalhekk l-istrateġija tar-riżorsi naturali għandha tkun ibbażata fuq l-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-'footprint' ekoloġiku u għandha bħala għan primarju t-tnaqqis tal-'footprint' ekoloġiku ta' l-UE fid-dinja u li tmexxi u tinkoraġġixxi pajjiżi oħra li mhumiex fl-UE biex jagħmlu l-istess,

AE. billi sa mhux aktar tard mill-2010, it-telf tal-bijodiversità jrid jitwaqqaf, skond il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg,

AF. billi hemm disparitajiet kbar bejn Stati Membri fir-rigward tal-produttività tar-riżorsi; billi l-eliminazzjoni ta' dawn id-disparitajiet biss tfisser li l-produttività mtejba tnaqqas l-ammont ta' riżorsi naturali użati u konsegwentement titnaqqas il-pressjoni fuq l-ambjent u titjieb il-pożizzjoni kompetittiva ta' l-Istati Membri,

AG. billi Stati Membri żviluppati ekonomikament u orjentati lejn is-servizz esportaw ammont kbir ta' l-attivitajiet tagħhom li jikkunsmaw l-enerġija u r-riżorsi naturali lejn pajjiżi inqas żviluppati fl-UE u barra mill-UE; billi l-Kummissjoni għandha tikkunsidra li Stati Membri differenti jużaw ammonti differenti ta' riżorsi naturali sabiex jilħqu l-istess rata ta' tkabbir ekonomiku,

AH. billi l-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg talab ukoll biex jinfired it-tkabbir ekonomiku middegradazzjoni ambjentali billi jitjiebu l-effiċjenza u s-sostenibilità fl-użu ta' riżorsi u proċessi ta' produzzjoni u billi jitnaqqsu d-degradazzjoni tar-riżorsi, it-tniġġis u l-iskart,

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

AI. billi l-Pjan ta' Azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għat-Teknoloġiji Ambjentali fuq imsemmi:

— jinnota li l-użu effiċjenti ta' riżorsi u materjali jnaqqas l-ispejjeż għall-industrija u d-djar, u b'hekk ikun hemm iktar flus fl-idejn u l-ekonomija ta' l-UE tiddependi inqas minn riżorsi skarsi u swieq instabbli ħafna,

— jinnota li ħafna drabi riżorsi skarsi jikkawżaw kunflitti reġjonali f'pajjiżi li qed jiżviluppaw,

— jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jkunu promossi teknoloġiji li jgħinu fil-prevenzjoni ta' diżastri naturali jew attivitajiet li jistgħu jwasslu għall-qerda ta' riżorsi naturali jew li jagħmlulhom il-ħsara,

AJ. billi politika tista' tkun implimentata biss jekk il-pubbliku u l-konsumatur huma mħeġġa jibdlu l-imġiba fil-konsum tagħhom biex iqisu l-ħtiġijiet ta' l-ambjent u s-saħħa,

1. Jieħu nota fuq qalbu tal-komunikazzjoni fuq imsemmija mill-Kummissjoni "Strateġija Tematika dwar l-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali", u jiddispjaċih għan-nuqqas ta' viżjoni ċara dwar kif jintlaħaq l-objettiv ġenerali; iqis li għandha tkun meqjusa bħala l-ewwel pass fi proċess li eventwalment iwassal għal strateġija komprensiva għall-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali;

2. Iqis li l-pjattaforma għal azzjoni tal-Kummissjoni għall-istudju ta' l-Istrateġija għall-Iżvilupp sostenibbli hija kawta wisq u limitata fl-iskop tagħha u li, fil-forma preżenti tagħha, mhux se jirnexxielha tipperswadi lill-pubbliku jew lil dawk il-politiċi li jieħdu d-deċiżjonijiet biex isegwu l-għanijiet kruċjali li tipprovdi għalihom;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi għanijiet u miri fuq livell politiku u settorjali għall-effiċjenza tar-riżorsi, u biex tħaffef il-ħidma fuq għodod xierqa biex jinżamm il-progress;

4. Jinnota b'dispjaċir li l-Istrateġija Tematika dwar l-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali (l-Istrateġija Tematika) tonqos milli ssegwi l-objettivi tas-Sitt EAP tal-Komunità Ewropea; iqis li l-objettivi tas-Sitt EAP relatati ma' l-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali se jibqgħu ma jintlaħqux sakemm l-azzjonijiet konċertati ppreżentati fl-Istrateġija Tematika ma jsirux aktar effettivi; iqis li dan japplika partikularment għall-objettiv li jiġi żgurat li l-użu tar-riżorsi naturali u l-impatt tagħhom ma jaqbiżx il-kapaċità ta' l-ambjent;

5. Jitlob lill-Unjoni Ewropea biex iżżid l-isforzi tagħha u tieħu deċiżjonijiet bil-ħsieb li ssir l-iktar ekonomija ekonomika fid-dinji f'termini ta' l-użu tagħha tar-riżorsi u ta' l-enerġija; jenfasizza li l-kisba ta' għanijiet bħal dawn tippermetti indipendenza u siġurtà ta' forniment ta' riżorsi u enerġija akbar u firda tat-tkabbir ekonomiku mill-isfruttament tar-riżorsi naturali;

6. Jenfasizza li t-tniġġis, l-iskarsezza dejjem akbar tar-riżorsi naturali u tal-materja prima u d-diffikultà dejjem akbar biex jinkiseb aċċess għalihom jikkostitwixxu theddida għall-konservazzjoni tal-bijodiversità u se jikkawżaw żidiet fil-prezz fuq tali skala li bejn wieħed u ieħor jiddistabilizzaw kompletament is-sistemi ekonomiċi u soċjali ta' l-Unjoni Ewropea u ta' pajjiżi terzi, u se joħolqu riskji ta' kunflitti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Unjoni Ewropea jwieġbu b'modi xierqa għas-sitwazzjoni;

7. Iqis li, anke jekk hemm il-ħtieġa ta' data iktar speċifika f'ċerti oqsma, din m'għandhiex tintuża bħala skuża biex ikunu posposti miżuri li jeħtieġ li jittieħdu biex ikun żgurat l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali; jinnota wkoll li l-għerf disponibbli bħalissa huwa biżżejjed biex jippermetti li tittieħed azzjoni prattika issa biex jittejjeb il-konsum sostenibbli tar-riżorsi naturali;

8. Jisħaq fuq l-objettivi essenzjali ta' l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, inklużi livell għoli ta' ħarsien ta' l-ambjent u s-saħħa pubblika, id-disponibilità ta' riżorsi naturali għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin, kontribuzzjoni għall-istabilità u l-prosperità tas-sistema ekonomika u soċjali tagħna u li jiġi limitat l-użu tar-riżorsi naturali sabiex l-impatt ambjentali jitnaqqas u jsir stabbli;

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

9. Iqis li l-Kummissjoni għandha tieħu l-opinjoni tal-Parlament, tal-pubbliku Ewropew u l-ambjent bis-serjetà, u jitlob lill-Kummissjoni biex tistabilixxi miri u skedi li jorbtu għal riżorsi naturali kif ġej:

a) biex jiġu żviluppati u implimentati l-aħjar prattiki għal kull katina ta' produzzjoni,

b) biex jintlaħaq tnaqqis kwantitattiv fl-emissjonijiet ta' gass li għandu effett serra b'mill-inqas 30 % sa l-2020 u bi 80 % sa l-2050 meta mqabbla mal-livelli ta' l-1990

10. Jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi l-aħjar prattiki għall-gruppi ta' prodotti ewlenin, fil-waqt li tibda mill-'ewwel għaxra' (definiti mill-Kummissjoni) u dan għandu jitlesta fi żmien tliet snin. Iċ-Ċentru tad-Data għar-Riżorsi Naturali (propost fl-Istrateġija Tematika) għandu jkun responsabbli biex jiddefinixxi l-aħjar prattiki;

11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tipproponi politiki tal-Komunità sabiex:

— tiġi mrawma interazzjoni tal-partijiet interessati u tiġi promossa l-applikazzjoni ta' evalwazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja (LCA) u/jew metodi oħrajn fost kumpaniji u biex tiġi pprovduta informazzjoni fuq talba,

— jiġu żviluppati miri għas-CO_2 fuq bażi nazzjonali u settorjali;

12. Iqis li l-Istrateġija Tematika għandha tinkludi linji gwida li jispjegaw il-miżuri neċessarji għal ċertu setturi u l-bidliet meħtieġa proposti għal politiki sabiex jintlaħaq użu sostenibbli u aktar effiċjenti tar-riżorsi;

13. Iqis li, billi tipposponi l-azzjoni prattika, l-UE se ċċedi l-pożizzjoni kompetittiva tagħha fil-qasam ta' l-innovazzjoni u l-kummerċ f'teknoloġiji eko-effiċjenti ġodda;

14. Iqis li l-Unjoni Ewropea għandha tieħu t-tmexxija fit-tfittxija għal soluzzjonijiet innovattivi u fil-promozzjoni ta' użu aktar effiċjenti tar-riżorsi u li għandha timmira biex tkun minn ta' l-ewwel fid-dinja fit-teknoloġiji eko-effiċjenti; jinnota li s-suq għal prodotti sostenibbli se jkollu jikber biex ilaħħaq mad-domanda dejjem akbar ta' "klassi tan-nofs" li qed tikber b'mod rapidu għal prodotti u servizzi tal-konsumatur li jirrispettaw il-kapaċità reġjonali u globali;

15. Jilqa' r-rikonoxximent mill-Kummissjoni li l-politika dwar l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali s'issa ma kenitx xierqa;

16. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-ħidma lejn l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali hija proċess fit-tul, jikkunsidra li l-operjodu ta' żmien ta' 25 sena kif imsemmi fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni huwa twil wisq;

17. Jilqa' l-konċentrazzjoni tal-Kummissjoni fuq il-ħsieb dwar iċ-ċiklu tal-ħajja tul il-Komunikazzjoni u jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli ssegwi dan l-approċċ sa ma tasal għal azzjoni ta' politika konkreta;

18. Jisħaq li l-isforzi tar-Riċerka u l-Iżvilupp(R & D) għandhom ikunu direzzjonati biex itejbu l-għarfien tagħna ta' kif jaħdmu s-sistemi naturali sabiex is-sistemi ta' produzzjoni u ta' konsum jiġu strutturati fuq linji bijoloġiċi, u b'ħekk titjieb il-produttività tar-riżorsi u jitnaqqas it-tniġġis;

19. Iqis li l-istabbiliment ta' Ċentru tad-Data Ewropew qabel l-2008 huwa utli jekk xogħlu jkun li jassessja u jtejjeb perjodikament u biex jistabbilixxi wkoll liema indikaturi oħra għadhom meħtieġa li jiffaċilitaw l-iħuq ta' l-objettiv urġenti li jnaqqas l-impatt ambjentali u ta' saħħa ta' l-użu tar-riżorsi naturali għal livell minimu;

20. Ma jaqbilx mal-Kummissjoni li m'hemmx indikaturi magħrufa li jippermettu li objettivi speċifiċi, ċari u li għandhom kalendarju jkunu inklużi issa fl-Istrateġija Tematika; jinnota li indikaturi li huma magħrufa diġà jinkludu il-GDP (Prodott Gross Domestiku), id-DMI (Input Dirett ta' Materjal) u d-DMC (Konsum Domestiku ta' Materjal); indikaturi oħra kif disponibbli u ddettaljati bħal dawk imsemmija hawn fuq se

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

jkunu relatati ma' aspetti varji tal-kwalità tal-ħajja, bħall-kundizzjonijiet tas-saħħa pubbliċi, l-inklużjoni soċjali, il-kuxjenza soċjali tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u "footprint" ambjentali; l-isfida se tkun it-titjib tal-kwalità tal-ħajja billi jiġu stabbiliti għanijiet aktar immaterjali bl-appoġġ ta' teknoloġiji ta' l-informatika u l-komunikazzjoni, u b'mod ġenerali, b'teknoloġiji inqas esiġenti u li għalhekk inaqqsu l-pressjoni fuq ir-riżorsi naturali;

21. Jipproponi li l-Kummissjoni għandha twettaq fi tliet snin evalwazzjoni rigward il-possibilitajiet u l-istrumenti li jifirdu l-użu tar-riżorsi naturali mit-tkabbir ekonomiku. L-Istrateġija Tematika riveduta għandha tinkludi dawn l-istrumenti ta' żganċjar. Dan l-approċċ għandu jkun implimentat fir-reviżjoni tal-politiki eżistenti;

22. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata żieda mal-GDP — li tiffoka fuq l-aspetti kwalitattivi ta' tkabbir — u f'dan il-proċess jiġu żviluppati speċifikament metodoloġiji sabiex jiġi assenjat valur fuq il-kapital naturali;

23. Iqis li, jekk flimkien mat-tnaqqis fl-użu tar-riżorsi naturali ikun hemm ukoll bidla għal alternattiva, l-ewwel għandha ssir riċerka dwar l-impatt ambjentali ta' l-alternattiva proposta;

24. Jistieden lill-UE biex tiżgura li l-istrumenti u l-leġiżlazzjoni kollha tal-Komunità jikkontribwixxu b'mod globali għall-konservazzjoni tar-riżorsi naturali u għal żvilupp sostenibbli fl-UE u f'pajjiżi barra l-UE; l-UE għandha tinkoraġġixxi t-twaqqif ta' strateġiji ta' riżorsi fil-pajjiżi mhux fl-UE, li jkunu riflessi anke fil-fondi u fil-politika ta' l-għajnuna tagħha;

25. Jikkunsidra li huwa importanti li wieħed jittratta mhux biss l-użu tal-Komunità (l-użu fl-UE) tar-riżorsi naturali iżda wkoll l-importazzjonijiet tar-riżorsi minn pajjiżi terzi;

26. Jisħaq dwar il-ħtieġa li jindirizza d-dgħjufijiet ovvji tal-mudell ta' l-ekonomija attwali rigward l-assenjazzjoni ta' valur għas-servizzi ta' l-ekosistema u sabiex jiġi ppreżentat qafas ta' politika li jagħti prijorità lill-effiċjenza tar-riżorsi u tas-sistemi ta' produzzjoni li huma strutturati progressivament matul il-linji bijoloġiċi;

27. Iqis li sa l-2030 l-użu ta' riżorsi primarji li ma jiġġeddux fl-UE jrid jitnaqqas b'erba' darbiet, jew l-użu tar-riżorsi naturali jrid jitnaqqas bin-nofs sa l-2030 filwaqt li fl-istess ħin tiżdied il-prosperità fid-dinja kollha; jinnota li jistgħu jintużaw l-indikaturi li ġejjin: TMR (Bżonn Totali ta' Materjal), DMI (Input Dirett Materjali) u DMC (Konsum Domestiku Materjali); jinnota li dawn l-indikaturi juru l-kwantitajiet ta' riżorsi li jintużaw f'ekonomija u li billi wieħed jiddividi l-GDP b'dawn l-indikaturi huwa possibbli li titkejjel il-produttività ta' l-użu tar-riżorsi naturali;

28. Jaqbel li fil-preżent ftit li xejn hemm indikaturi ta' l-impatt aggregati li diġà huma aċċettati ħafna għal kejl tal-progress tat-tnaqqis fl-impatt ambjentali ta' l-użu tar-riżorsi, dak li huwa magħruf bħala indikatur eko-effiċjenti; iqis li hemm bżonn li dawn jiġu ffinalizzati mill-aktar fis possibli u mhux aktar tard mill-2008; jinnota li f'dan ir-rigward aktar żvilupp ta' "konsum materjali ta' valur ambjentali"(EMC) għandu jiġi appoġġjat attivament;

29. Iqis li l-istrumenti tas-suq u s-sussidji, partikolarment dawk ta' natura fiskali, jistgħu jintużaw sabiex inaqqsu l-użu ta' riżorsi li jagħmlu ħsara lill-ambjent, partikolarment permezz ta' allokazzjoni mill-ġdid ta' sussidji, permezz ta' tnaqqis f'fażijiet, iżda b'mod mgħaġġel, ta' kwalunkwe sussidju għal attivitajiet mhux sostenibbli u permezz ta' l-appoġġ għall-introduzzjoni ta' ekotaxxi. It-tneħħija ta' sussidji li jagħmlu ħsara fuq l-użu ta' riżorsi għandha tkun inkluża fil-pjan preparatorju tal-Kummissjoni kif rekwiżit fl-Istrateġija għal Żvilupp Sostenibbli;

30. Iqis li allokazzjoni mill-ġdid ta' sussidji, per eżempju li jkun hemm iktar sussidji għal enerġija idroelettrika ġġenerata fuq skala żgħira, kif ukoll għal enerġija ġġenerata permezz tar-riħ u enerġija solari, se jippromwovu l-użu ta' teknoloġiji ġodda u jtejbu l-pożizzjoni kompetittiva ta' l-Ewropa fid-dinja, kif ukoll se jnaqqsu d-dipendenza fuq fjuwils fossili impurtati minn partijiet oħra tad-dinja;

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

31. Jinnota li l-iżganċjar tat-tkabbir ekonomiku u t-titjib ta' l-effiċjenza ta' l-użu tar-riżorsi hija diġà kkunsidrata bħala objettiv politiku f'9 Stati Membri (inklużi l-Ġermanja u l-Finlandja) u l-Ġappun; jikkunsidra li żganċjar relattiv mhux suffiċjenti, ġaladarba l-konsum assolut tar-riżorsi naturali jibqa' għoli żżejjed; għaldaqstant jisħaq li l-programm ta' politika relatat ma' l-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali għandu jikkonċentra fuq l-iżganċjar tat-tkabbir ekonomiku mill-użu tar-riżorsi naturali li jġib tnaqqis assolut kemm fir-riżorsi wżati kif ukoll fl-impatt ambjentali fl-użu tar-riżorsi;

32. Jisħaq li l-UE għandha tadotta mira ċara għat-tnaqqis assolut ta' l-użu tar-riżorsi, ġaladarba l-analiżi fl-Anness għall-Istrateġija Tematika tindika li għandna bżonn immorru lil hinn mit-3 % tat-titjib effiċjenti tar-riżorsi annwali, u li t-tnaqqis bin-nofs ta' l-użu tar-riżorsi fil-perjodu 2005-2030 jeħtieġ kważi 6 % ta' titjib fl-effiċjenza tar-riżorsi annwali;

33. Iqis li l-impatt ħażin mill-użu totali tar-riżorsi fl-UE jrid jitnaqqas bin-nofs għal kull kategorija ta' riżorsa, pereżempju permezz ta' approċċ settorjali fl-industrija tal-bini, fit-trasport u setturi oħrajn, sabiex jitnaqqas l-impatt ta' l-użu ta' dawn ir-riżorsi u titnaqqas id-dipendenza minnhom;

34. Iqis li l-Istrateġija Tematika għandha jkollha l-għan li tagħmel użu aktar effiċjenti tar-riżorsi naturali, ittejjeb l-immaniġġjar tagħhom u l-immaniġġjar ta' l-iskart, tadotta metodi ta' produzzjoni u xejriet ta' konsum aktar sostenibbli u tiżgura li l-użu tar-riżorsi naturali ma jkunx iktar mill-piż potenzjali li l-ambjent jista' jiflaħ;

35. Jipproponi li jkunu stabbiliti miri għal tnaqqis fl-użu ta' riżorsi fis-setturi li ġejjin: l-ikel, l-akkomodazzjoni u t-trasport, għaliex skond studji reċenti dawn jikkawżaw l-aktar l-impatti negattivi;

36. Għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu tliet azzjonijiet prinċipali:

a) tidentifika u tiżviluppa politiki u azzjonijiet speċifiċi għall-ogħla 20 riżorsi (materjali) bl-akbar impatti; dawn għandhom jiġu proposti mhux aktar tard mill-2008,

b) tipprepara djalogi bejn il-partijiet interessati fis-setturi l-aktar intensivi fl-estrazzjoni ta' riżorsi u ta' produzzjoni sabiex tidentifika miri settorjali u miżuri xierqa għat-titjib ta' l-effiċjenza tar-riżorsi,

c) tiżviluppa kriterji ta' bażi ta' riferenza għall-immaniġġjar sostenibbli u l-ġbir ta' riżorsi bijotiċi (eż. l-injam, il-ħut, u prodotti ta' l-agrikoltura);

37. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinkuraġġixxi l-iżvilupp tal-mudelli ġodda li joffru l-prodotti, per eżempju, sistemi ta' servizzi ta' prodott, provvista ta' utilità lill-konsumaturi permezz ta' l-użu tas-servizzi aktar milli l-prodotti, u b'hekk jiġi ottimizzat l-użu kemm ta' l-enerġija u kemm tal-materjali;

38. Jisħaq li l-isforzi sabiex jintużaw ir-riżorsi naturali b'mod aktar effiċjenti għandhom isiru b'attenzjoni sħiħa fuq l-impatt fuq il-kummerċ u għandhom bħala skop li jnaqqsu progressivament l-effett ekoloġiku ta' l-UE fid-dinja;

39. Iqis li l-Istrateġija Tematika għandha tkun integrata f'livelli varji tal-politika u fl-oqsma relevanti kollha tal-politika; għal dan il-għan, il-*miri ta' l-UE ta'* prevenzjoni ta' l-iskart u l-miri tar-riċiklaġġ u ta' l-użu mill-ġdid għandhom rwol fundamentali;

40. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippromwovi teknoloġiji li jiffukaw fuq prodotti li jdumu, li jistgħu jintużaw mill-ġdid u li jistgħu jiġu rriċiklati;

41. Iqis li t-tiswija u l-użu mill-ġdid ta' prodotti jestendu l-ħajja tal-prodott u din hija miżura sostenibbli biex jinkiseb tnaqqis fil-ħolqien ta' l-iskart u biex tiżdied il-konsevazzjoni tar-riżorsi; għaldaqstant jitlob lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex iħeġġu b'mod attiv "soċjetà li tuża mill-ġdid" permezz ta' miżuri edukattivi, ekonomiċi u strutturali, bħal ma' huwa l-appoġġ lill-organizzazzjonijiet u n-netwerks għall-użu mill-ġdid u għat-tiswija;

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

42. Jappoġġja l-approċċ ta' l-Istrateġija Tematika sabiex tanalizza politiki eżistenti sabiex jgħollu l-effettività ta' l-Istrateġija, iżda jipproponi li f'din il-fażi jintgħażlu ll-ewwel l-aktar politiki relevanti eżistenti u dawk li għadhom fil-preparazzjoni (eż.: L-Istrateġija Tematika dwar il-Prevenzjoni u r-Riċiklaġġ ta' l-Iskart, Politika ta' Prodott Integrat). L-Istrateġija Tematika għandha tkun ukoll konsistenti ma' l-objettivi ta' Liżbona;

43. Jipproponi l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet fil-politiki Ewropej attwali li jnaqqsu mill-kapaċità ta' l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali;

44. Jinnota li l-Kummissjoni tippjana reviżjoni regolari ta' l-Istrateġija Tematika li se tibda fl-2010 u tkompli sejra kull ħames snin wara. Iqis dan bħala ta' valur iżda jenfasizza l-ħtieġa li din l-evalwazzjoni għandha tinkludi analiżi xierqa ta' l-azzjonijiet li jittieħdu lejn il-kisba ta' l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u sabiex tiġi kkunsidrata l-ħtieġa kostanti għall-politika f'dan il-qasam sabiex tevolvi f'relazzjoni ma' l-iżviluppi xjentifiċi. L-evalwazzjoni għandha teżamina wkoll l-effetti fil-pajjiżi terzi ta' azzjonijiet li jittieħdu fil-livell ta' l-UE;

45. Iqis li l-politika agrikola, b'mod partikulari, għandha jkollha l-mira li titnaqqas il-pressjoni fuq l-ambjent permezz ta' l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali inklużi l-art, l-ilma u l-fjuwils, iżda mhux biss ta' dawn;

46. Jisħaq fuq l-importanza tad-dimensjoni globali tal-politika Ewropea dwar l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-ħtieġa li jiġi żgurat li kull pass lejn l-użu sostenibbli tar-riżorsi fl-Ewropa ma jwassalx għal iżjed impatti ambjentali fil-pajjiżi terzi;

47. Iqis li, fl-agrikoltura, hemm il-ħtieġa li jsir progress ġenwin fir-riċerka fil-metodi ta' produzzjoni ekoloġiċi, fir-regolamentazzjoni u l-monitoraġġ relatat, inter alia, fl-użu ta' fertilizzanti, pestiċidi u ilma, fil-promozzjoni ta' ktajjen qosra, fl-internalizzazzjoni ta' l-ispejjeż esterni u fir-rabta tal-kundizzjonijiet ambjentali ma' l-appoġġ ekonomiku;

48. Iqis li l-irwol ġdid u responsabbli ta' l-użu tar-riżorsi naturali fil-biedja organika u sostenibbli għandu jkun rikonoxxut u appoġġjat;

49. Iqis li, minħabba li speċi varji ta' ħut preżentement huma l-aktar riżorsi mhedda fuq medda twila ta' żmien u li l-għajbien ta' l-ispeċi ji sta' jirriżulta b'aktar bidliet ekoloġiċi, jitlob li jkun hemm politika għassajd responsabbli u serja;

50. Iqis li l-Istati Membri jridu jimplimentaw l-istrateġija ta' l-UE għall-bijodiversità, kemm għas-sajd u kemm f'oqsma oħra, u, b'koperazzjoni mal-Kummissjoni, għandhom jieħdu miżuri biex jintlaħaq l-objettiv li jitwaqqaf it-tnaqqis tal-bijodiversità sa l-2010;

51. Jilqa' l-proposta tal-bord internazzjonali li se jinkludi parteċipanti minn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u li, inter alia, jiżviluppaw bażijiet ta' riferenza ta' sostenibilità biex jaqla', jiġbor u jittrasporta materjali u prodotti li ġejjin minn barra l-UE, inkluż mhux biss l-istandards ta' kwalità materjali iżda wkoll l-istandards ta' kwalità ta' produzzjoni, waqt li jitqiesu l-kwistjonijiet soċjali u ambjentali;

52. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal għajnuna lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, għall-pajjiżi ta' l-Ewropa tal-Lvant u tal-Balkani tal-Punent li m'humiex parti mill-UE, permezz ta', fost l-oħrajn, qsim ta' teknoloġija u tagħrif speċjalizzat; iżid li l-Ewropa ma tistax timporta b'mod xieraq il-bijokapaċità minn pajjiżi oħra mingħajr l-użu tar-riżorsi sostenibbli li bl-istess mod issir objettiv għal dawk il-pajjiżi u mingħajr ma tiżgura li hija qiegħda timporta riżorsi li huma sfruttati wisq jew mhedda;

53. Iqis li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom ikunu mgħejuna jilħqu l-istandards ta' l-UE u r-rekwiżiti ta' l-ittikkettar;

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

54. Jisħaq l-importanza għal din l-Istrateġija Tematika tar-rekwiżit diġà inkorporat fi strateġiji ta' politika oħra li sa l-2010 medja ta' 12 % tal-konsum ta' l-enerġija fl-UE u 21 % tal-konsum ta' l-elettriku fl-UE għandhom jiġu minn riżorsi naturali sostenibbli, u li 12 % għandu jitla' għal 15 % fl-2015;

55. Jimmira li sa l-2010, jagħmel konformi l-prinċipju ta' l-UE ta' akkwist pubbliku aħdar (green public procurement) bl-istandard attwalment miksub mill-Istat Membru li jiffunzjona l-aħjar;

56. Iqis, b'konformità ma' politika tal-konsum ta' l-enerġija li tiġġedded, li sa l-2010 meta ta' mill-inqas 12 % tal-materja prima li tiġġedded fl-UE, għandha tkun ġejja minn sorsi li jkunu qed juru li qed jiġu amministrati b'mos sostenibbli, ċifra li għandha togħla għal mill-inqas 15 % fl-2015; fl-istess ħin jenfasizza l-importanza tal-mira ta' l-UE li tiffranka 20 % ta' l-enerġija sa l-2020;

57. Iqis li l-UE għandha tagħmel dak kollu possibbli biex tagħti tagħrif tajjeb lill-konsumaturi u lill-produtturi dwar l-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali, li l-edukazzjoni ambjentali, b'mod partikulari dak li jikkonċerna l-konsum sostenibbli, għandu jifforma parti mill-edukazzjoni elementari, u li l-konsumaturi u l-produtturi għandhom ikunu involuti f'ideat dwar bidliet li jistgħu jwasslu għal użu sostenibbli tar-riżorsi naturali;

58. Iqis li l-produtturi għandhom ifornu informazzjoni lill-pubbliku dwar il-metodi ta' oriġini u ta' produzzjoni tal-prodotti u s-servizzi tagħhom u l-produzzjoni tal-ktajjen involuti, inkluża informazzjoni dwar l-impatt ambjentali matul iċ-ċiklu li minnu jgħaddu l-prodott u r-riżorsi użati fil-proċess ta' produzzjoni, kif ukoll sa liema punt il-prodott jista' jissewwa, jintuża mill-ġdid u jiġi riċiklat;

59. Iqis li l-politika ta' l-UE għandha titfassal b'mod li tinkoraġġixxi lil Stati Membri jadottaw approċċi iktar ambizzjużi — u żgur li ma jaqtgħulhomx qalbhom milli jagħmlu dan — bil-għan li jittejjeb l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali;

60. Iqis li l-Kummissjoni sa l-2008 għandha tissottometti pjan direzzjonali għal riforma, għal kull settur, ta' skemi sussidjarji li għandhom impatt negattiv sostanzjali fuq l-ambjent u huma diffiċli li jiġu rrikonċiljati ma' żvilupp sostenibbli, bil-ħsieb li jitneħħew gradwalment;

61. Jilqa' kwalunkwe inizjattiva tal-Kummissjoni li tista' tirriżulta fl-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u jnaqqsu l-impatt negattiv ta' l-użu tar-riżorsi naturali fuq l-ambjent;

62. Jiġbed l-attenzjoni għal bżonn li titjieb il-komunikazzjoni bejn il-bejjiegħa u l-konsumaturi; jistieden lill-Kummissjoni f'din il-konnessjoni tkabbar it-tikketta preżenti ta' l-enerġija (fridges, karozzi, bini) għal gruppi kollha ta' prodotti li jużaw l-enerġija sa l-2010;

63. Jipproponi li l-Kummissjoni tiżviluppa fi żmien tliet snin, metodoloġija li tkejjel l-impatt ambjentali ta' kull katina ta' produzzjoni;

64. Jipproponi li l-Kummissjoni kull tliet snin timmoniterja l-progress li jkun sar fit-titjib ta' l-effiċjenza tar-riżorsi;

65. Jirrakkomanda l-użu ta' bord internazzjoanli (propost fl-Istrateġija Tematika) sabiex jiġu estiżi l-aħjar prattiki u l-miri tas-CO_2 għal livell globali;

66. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

P6_TA(2007)0155

Relazzjonijiet transatlantiċi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta April 2007 dwar relazzjonijiet transatlantiċi

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni preċedenti tiegħu dwar ir-relazzjonijiet transatlantiċi, b'mod partikolari ż-żewġ riżoluzzjonijiet tiegħu ta' l-ta' Ġunju 2006 dwar it-titjib tar-relazzjonijiet EU-US fil-qafas ta' Ftehima ta' Sħubija Transatlantika [1] u fuq relazzjonijiet ekonomiċi transatlantiċi EU-US [2],

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoniji dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu bejn l-UE u l-Istati Uniti tas-26 ta' Ġunju 2004 u d-Dikjarazzjoni dwar il-Koperazzjoni Mtejba fil-qasam tan-Non Proliferazzjoni u l-Ġlieda kontra t-Terroriżmu ta' l-20 ta' Ġunju 2005,

— wara li kkunsidra r-riżultat tas-Samit bejn l-UE u l-Istati Uniti li seħħ fil-21 ta' Ġunju 2006 fi Vjenna,

— wara li kkunsidra s-samit li ġej UE u l-Istati Uniti li se jsir fit-30 ta' April 2007 f'Washington,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti bbażata fuq il-valuri komuni tal-libertà, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem hija l-pedament tas-sigurtà u l-istabilità fiz-zona Ewro-Atlantika,

B. billi, fil-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali, hemm bżonn li wieħed jenfasizza l-importanza li l-liġi internazzjonali u t-trattati dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jkunu osservati b'mod sħiħ,

C. billi s-sitwazzjoni preżenti fil-Bajja ta' Guantánamo u l-programm sigriet ta' detenzjoni tas-CIA qed joħolqu tensjonijiet fir-relazzjonijiet transatlantiċi, minħabba li l-UE ma tistax taċċetta dawn l-irregolaritajiet legali, li jdgħajfu l-valuri l-aktar fundamentali ta' l-istat tad-dritt,

D. billi l-ordni politika u ekonomika globali tgħaddi attwalment minn tibdiliet ewlenin, li twassal għal sfidi politiċi u ekonomiċi sinifikanti u timplika theddid serju ta' sikurezza, soċjali u ambjentali,

E. billi s-sitwazzjoni attwali fil-Lvant Nofsani titlob koperazzjoni b'saħħitha bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qafas tal-Kwartett u mal-Lega ta' l-Istati Għarbija (LAS) sabiex tinkiseb aktar stabbilità fir-reġjun bil-promozzjoni tal-paċi, tad-demokrazija u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem,

F. billi sħubija b'saħħitha u li taħdem bejn l-UE u l-Istati Uniti hija għodda vitali biex l-iżvilupp globali jieħu forma fl-interessi tal-valuri komuni u fuq il-bażi ta' multilateraliżmu effettiv u l-liġi internazzjonali; billi t-tmexxija politika b'saħħitha u konsistenti hija meħtieġa biex tippermetti lill-imsieħba jilħqu din il-mira; billi t-tmexxija politika b'saħħitha u konsistenti hija meħtieġa biex tippermetti lill-imsieħba jilħqu din il-mira,

G. billi l-Istati Uniti għadha mhux lesta li testendi l-Programm għat-Tneħħija tal-Viża u qed tkompli timponi, fuq bażi mhux reċiproka, rekwiżit ta' viża fuq ċittadini tal-ħdax-il Stat Membru ġdid ta' l-UE, kif ukoll fuq il-Greċja u b'hekk qed ixxekkel ir-rabtiet transatlantiċi u qed tipperpetwa l-inugwaljanza fost iċ-ċittadini ta' l-UE,

H. billi s-suq transatlantiku, bħala l-ikbar relazzjoni bilaterali ta' kummerċ u investiment fid-dinja, jipprovdi impjieg għal 14-il miljun persuna fl-UE u l-Istati Uniti, jammonta għal 40 % tal-kummerċ dinji u jibqa' l-mutur ta' l-ekonomija dinjija,

[1] ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 226.
[2] ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 235.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

I. billi, minħabba l-irwol tagħhom fl-ekonomija dinjija, l-imsieħba transatlantiċi jaqsmu r-responsabbiltà għat-tiswir ta' l-iżvilupp globali u l-governanza fl-interess ta' valuri komuni, permezz ta' multilateraliżmu effettiv, sabiex il-prosperità tinqasam b'mod iktar ugwali u sabiex jiġu indirizzati b'suċċess l-isfidi globali bħas-sigurtà, il-governanza ekonomika globali, l-ambjent u t-tnaqqis tal-faqar,

J. billi relazzjoni ekonomika transatlantika koperattiva hija fl-interessi reċiproċi ta' l-UE u l-Istati Uniti u billi hemm bżonn ta' tmexxija politika konsistenti għat-tisħiħ tas-suq transatlantiku; għalhekk, jappoġġja lill-Presidenza Ġermaniża fl-isforzi tagħha biex fis-Samit li ġej tagħmel progress reali fit-tisħiħ sostanzjali ta' koperazzjoni regolatorja,

K. billi s-Senat ta' l-Istati Uniti adotta unanimament riżoluzzjoni fid-9 ta' Diċembru 2006, li tħeġġeġ liż-żewġ imsieħba transatlantiċi biex jaħdmu flimkien sabiex isaħħu s-suq transatlantiku u biex juru sens ta' tmexxija fis-Samit bejn l-UE u l-Istati Uniti ta' l-2007 billi jaqblu biex jistabbilixxu data biex jiġi finalizzat is-suq transatlantiku,

L. billi s-servizzi finanzjarji huma kwistjonijiet ewlenin għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti; billi iktar koperazzjoni msaħħa, konverġenza regolatorja u kundizzjonijiet indaqs bejn l-Istati Uniti u l-UE fir-Regolament dwar servizzi finanzjarji huma fl-interess taż-żewġ partijiet,

Kwistjonijiet politiċi, ta' sigurtà u tad-drittijiet tal-bniedem

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-klima mtejba tar-relazzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Uniti fuq bażi ugwali; jemmen li dan l-isfond pożittiv joffri opportunitajiet serji għall-UE u l-Istati Uniti biex jaħdmu flimkien mill-qrib fuq firxa wiesgħa ta' sfidi tal-politika ta' interess komuni, b'mod speċjali fl-approċċ komuni lejn il-Balkani tal-Punent, ir-reġjun tal-Kawkażja t'Isfel, l-Ażja Ċentrali, il-Lvant Nofsani, l-Afghanistan, il-Mediterran, l-Amerika Latina u l-Afrika;

2. Jistieden lill-Kunsill u lill-amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti sabiex jintensifikaw l-isforzi tagħhom fi ħdan il-qafas tal-Kwartett tal-Lvant Nofsani sabiex jibdew negozjati bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani għal soluzzjoni ta' paċi komprensiva bbażata fuq żewġ Stati sikuri u vijabbli; jappoġġja t-talba tal-Kwartett għall-kontinwazzjoni ta' għajnuna internazzjonali għall-poplu Palestinjan; huwa ta' l-opinjoni li għandu jsir kull sforz sabiex tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni fil-Libanu; jilqa' b'sudisfazzjon it-tnedija mill-ġdid tal-Pjan adottat mil-LAS fis-Samit ta' Riyahd; jilqa' l-formazzjoni tal-gvern ta' unità nazzjonali Palestinjan u jħeġġeġ liż-żewġ imsieħba transatlantiċi jinvolvu ruħhom fi djalogu kostruttiv miegħu, b'kunsiderazzjoni għall-pożizzjoni tal-Kunsill;

3. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żjarat riċenti f'Damasku minn politiċi importanti Amerikani u Ewropej; jitlob għal azzjoni konġunta ta' l-UE u l-Istati Uniti sabiex jevalwaw ir-rieda bla kundizzjoni tas-Sirja li terġa' tibda n-negozjati ma' l-Iżrael u li tikkopera b'mod kostruttiv mal-komunità internazzjonali;

4. Jilqa' l-koperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-kwistjoni nukleari Iranjana, u jħeġġeġ liż-żewġ imsieħba biex ikomplu l-koperazzjoni fit-tisħiħ ta' l-Aġenzija Internazzjonali ta' l-Enerġija Ekonomika (IAEA) u fl-istabbiliment ta' sistema komprensiva ta' ftehimiet internazzjonali dwar in-non-proliferazzjoni ta' armamenti għall-qerda tal-massa sabiex isaħħu t-Trattat ta' Non-Proliferazzjoni b'mod konġunt bħala element ewlieni fil-prevenzjoni tal-firxa ta' l-armamenti nukleari;

5. Jiddeplora l-aħbar ta' l-Iran li għandu l-intenzjoni li jibda l-arrikkiment ta' l-uranju fuq skala industrijali minħabba li pass bħal dan minn dak il-pajjiż jikkontradixxi b'mod dirett it-talbiet ripetuti tal-Bord tal-Gvernaturi IAEA u t-talbiet li jorbtu fuq l-Iran mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, fir-Riżoluzzjonijiet 1737 (2006) u 1747 (2007), sabiex jissospendi l-attivitajiet kollha relatati ma' l-arrikkiment;

6. Jemmen li l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-proliferazzjoni ta' l-armi għall-qerda tal-massa jibqgħu l-ikbar sfidi tas-sigurtà għaż-żewġ imsieħba; għalhekk jisħaq fuq il-bżonn taż-żewġ naħat li jsaħħu l-kollaborazzjoni tagħhom f'dan il-qasam u li jappoġġjaw l-irwol li n-NU jrid ikollha fil-ġlieda għaż-żewġ sfidi;

7. Jemmen li hemm il-ħtieġa li wieħed jiddefinixxi, flimkien ma' l-Istati Uniti, qafas konġunt biex jissalvagwardja l-garanziji meħtieġa fis-sħubija speċjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, li jista' wkoll ikollu x'jaqsam ma' l-aspetti kollha marbuta mal-moviment ħieles ta' persuni bejn l-UE u l-Istati Uniti; iqis li, f'din il-perspettiva, il-kuntatti bejn il-Parlament u l-Kungress għandhom jissaħħu;

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

8. Jirrikonoxxi li l-iskambju ta' dejta u informazzjoni huwa għodda prezzjuża fil-ġlieda internazzjonali kontra t-terroriżmu u l-kriminalità relatata miegħu, iżda jisħaq li garanziji b'saħħithom ta' ħarsien tad-dejta jiffaċilitaw l-iskambju tad-dejta filwaqt li jiġi żgurat il-ħarsien tal-privatezza, u li f'kull każ jeħtieġ li, skambju ta' dejta bħal dan ikun ibbażat fuq ftehima jew ftehimiet internazzjonali bi struttura simili għal dik tal-ftehima bejn il-KE u l-Istati Uniti dwar il-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali u fl-estradizzjoni, li bħalissa qed tiġi evalwata mill-Kungress ta' l-Istati Uniti;

9. Jiddispjaċih bil-qawwa li l-ftehimiet dwar ir-Reġistri ta' l-Ismijiet tal-Passiġieri, ls-SWIFT u l-eżistanza tas-Sistema Awtomatizzata ta' Identifikar ta' l-Istati Uniti wasslu għal sitwazzjoni ta' inċertezza legali fir-rigward tal-garanziji neċessarji ta' ħarsien tad-dejta għall-iskambju u t-trasferiment ta' dejta bejn l-UE u l-Istati Uniti bil-għan li tiġi żgurata s-sigurtà pubblika u, b'mod partikulari, għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu; jenfasizza li d-dejta għandha tiġi skambjata fejn meħtieġ skond il-ftehima attwali bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-għajnuna legali u l-estradizzjoni reċiproka i f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tad-data tal-KE u ta' l-UE; jemmen li l-iskambju ta' dejta personali jrid isir fuq bażi legali propja, marbuta ma' regoli u kundizzjonijiet ċari u trid tkunu koperta minn protezzjoni adegwata tal-privatezza u l-libertajiet ċivili taċ-ċittadini individwali;

10. Jitlob lill-Istati Uniti u l-pajjiżi l-oħra kollha li jużaw viżas għad-dħul f'ċertu Stati Membri ta' l-UE biex ineħħu immedjatament ir-reġim tal-viża u biex jittrattaw iċ-ċittadini kollha ta' l-Istati Membri ta' l-UE b'mod ugwali; jiddispjaċih dwar l-inklużjoni ta' "klawżola għall-iskambju ta' informazzjoni" addizzjonali (klawżola PNR) fit-tibdiliet proposti għall-Programm għat-Tneħħija tal-Viża ta' l-Istati Uniti;

11. Jenfasizza l-fatt li ħafna mill-miżuri fil-proposta leġiżlattiva "Titjib fl-Att tas-Sigurtà ta' l-Amerka ta' l-2007", meta tiġi adottata mill-Kungress ta' l-Istati Uniti, se jkollhom impatt dirett fuq il-pajjiżi ta' l-UE, b'mod partikulari f'dak li jikkonċerna koperazzjoni bejn il-pulizija u koperazzjoni ġudizzjarja fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ħarsien tad-drittijiet u l-garanziji fundamentali;

12. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn muri mill-Viċi President F. Frattini sabiex iniedi qafas ta' koperazzjoni Ewro-Atlantika fil-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali, b'regoli armonizzati dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; jistaqsi lill-Kummissjoni sabiex tkompli dawn l-isforzi u tinvolvi bis-shiħ lill-Parlament f'din l-inizjattiva;

13. Jinnota l-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli li għadu kif inħoloq u li huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u rappreżentanti governattivi tad-Dipartimenti tal-Ġustizzja u tas-Sigurtà tal-Patrija ta' l-Istati Uniti, li jikkostitwixxi l-qafas għad-djalogu bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar kwistjonijiet ta' sigurtà; Sabiex tingħata aktar legittimita demokratika lil dan id-djalogu, isejjaħ biex il-Parlament Ewropew ikun involut;

14. Ifakkar ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament li jitolbu għall-għeluq taċ-ċentru ta' detenzjoni fil-Bajja ta'Guantánamo; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iħeġġu lill-Gvern ta' l-Istati Uniti biex isib mekkaniżmu jagħmilha faċli li d-detenuti jiġu akkużati jew jinħelsu skond il-liġi internazzjonali; huwa mħasseb minħabba l-fatt li l-eżistenza stess taċ-ċentru ta' detenzjoni fil-Bajja ta' Guantánamo qed tkompli tibgħat sinjal negattiv rigward kif il-ġlieda kontra t-terroriżmu qed titwettaq; Iħeġġeġ lill-Kunsill biex joħroġ dikjarazzjoni ċara u qawwija li titlob lill-Gvern ta' l-Istati Uniti biex itemm il-prattika ta' l-arresti straordinarji u r-rendimenti, u biex il-Gvern ta' l-Istati Uniti jintalab kjarifiki dwar l-eżistenza ta' ħabsijiet sigrieti barra mit-territorju ta' l-Istati Uniti;

15. Ifakkar l-opinjoni li n-NATO, li tibqa' rabta importanti bejn l-Ewropa u l-Istati Uniti u garanti tas-sigurtà Ewropea, għandha tiżviluppa l-potenzjal tagħha bħala forum transatlantiku għal dibattitu politiku fi sħubija vera bejn partijiet ugwali;

16. Jilqa' b'sodisfazzjon il-koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Uniti u l-UE dwar l-istatus tan-negozjati fil-Kosovo u jenfasizza l-bżonn li jinstab eżitu bilanċjat u vijabbli dwar l-istatus futur tiegħu; iħeġġeġ liż-żewġ partijiet sabiex jużaw is-Samit bejn l-UE u l-Istati Uniti li għandu jsir fit-30 ta' April 2007 f'Washington biex japprovaw il-kunsens tagħhom tal-Pjan Ahtisaari u biex ikomplu d-djalogu tagħhom mal-partijiet konċernati kollha; għal dan il-għan jirrakkomanda relazzjoni eqreb tas-sigurtà bejn in-NATO u l-UE, b'mod partikolari fir-rigward tas-sitwazzjoni fil-Kosovo fejn l-UE se tieħu r-responsabbiltà tal-Missjoni tan-Nazzjonijiet fil-Kosovo f'idejha filwaqt li se jibqgħu hemm madwar 16,000 suldat tan-NATO; jemmen li sħubija ta' l-UE-US iżjed b'saħħitha trid tikkomplimenta, iżjed milli tfixkel, din ir-relazzjoni;

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

17. Jistieden lill-Istati Uniti biex tirdoppja l-isforzi tagħha biex tikkonsulta u tispjega s-sistema ppjanata tad-difiża bil-missili fin-NATO sabiex tippermetti lill-Alleanza u lill-Ewropa biex jibqgħu magħqudin, biex jirreżistu pressjoni barranija u jevitaw milli jinqasmu f'inħawi ta' sigurtà differenti; jisħaq l-importanza li jitfittxu l-konsultazzjonijiet dwar is-sistema fil-Kunsill NATO-Russja; Jisħaq li s-sistema ta' l-Istati Uniti għandha tkun koordinata u interoperabbli mas-sistema tan-NATO tad-Difiża bil-Missili Ballistiċi ta' Firxa Usa' (Theatre Ballistic Missile Defence)(TBMD);

18. Jistieden lill-Presidenza ta' l-UE u lill-Gvern ta' l-Istati Uniti sabiex jagħtu x'jifhem lill-President tal-Bank Dinji, Paul Wolfowitz li r-riżenja tiegħu mill-kariga tkun pass mixtieq sabiex jiġi evitat li tiddgħajjef il-politika tal-Bank kontra l-korruzzjoni;

Kwistjonijiet Ekonomiċi u Kummerċjali

19. Jenfasizza li waqt is-Samit li jmiss bejn l-UE u l-Istati Uniti għandu jingħata impetus ġdid lir-relazzjonijiet transatlantiċi billi tiġi aġġornata l-Aġenda Transatlantika l-Ġdida;

20. Jappoġġja bis-sħiħ l-inizjattiva tal-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill Ewropew biex tniedi Sħubija Ekonomika Translatlantika Ġdida, bi pjan direzzjonali għall-kisba ta' suq transatlantiku mingħajr xkiel, biex tissaħħaħ il-pożizzjoni taż-żewġ imsieħba fil-kompetizzjoni globali u biex jużaw aħjar il-potenzjal ta' l-ekonomiji tagħhom, mingħajr ma jiddgħajfu n-negozjati multilaterali tal-kummerċ inkluż id-Doha Round;

21. Jitlob lill-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea u ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika biex jużaw is-Samit li jmiss bejn l-UE u l-Istati Uniti biex iniedu n-negozjati ta' Ftehima ta' Sħubija Transatlantika ġdida, inkluż suq transatlantiku msaħħaħ bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jkopri l-investiment, il-proprjetà intelletwali, l-innovazzjoni, l-akkwist pubbliku u r-relazzjoni bejn il-kummerċ u sigurtà; jistieden liż-żewġ imsieħba biex iniedu negozjati dwar Ftehima dwar Koperazzjoni Regolatorja effettiva, inklużi metodoloġiji komuni, miżuri biex jiġu minimizzati diverġenzi regolatorji futuri, trejdjunjins u gruppi tal-konsumaturi; iħeġġeġ sabiex il-leġiżlaturi fuq iż-żewġ naħat ikunu involuti sistematikament fin-negozjati;

22. Jinsisti li n-negozjati dwar suq transatlantiku mingħajr ostakli m'għandux iwassal għal armonizzazzjoni fuq livell aktar baxx ta' l-istandards soċjali, ambjentali u tas-saħħa u għandhom iżommu l-awtonomija u l-integrità tal-politika tal-kompetizzjoni ta' l-UE u r-regoli tagħha dwar il-ħarsien tas-servizzi pubbliċi u d-diversità kulturali;

23. Jinsab imħasseb dwar l-impatt potenzjalment perikoluż tad-defiċit li qed jikber tal-kont kurrenti federali ta' l-Istati Uniti fuq l-ekonomija globali u l-istabilità tas-swieq internazzjonali tal-munita; iħeġġeġ bis-sħiħ lill-imsieħba biex jikkommettu ruħhom ħalli jevitaw żbilanċi eċċessivi li jiggravaw l-iżbilanċi internazzjonali;

24. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-presidenza Ġermaniża tal-G8 li tpoġġi l-problema tar-regolazzjoni tas-suq internazzjonali tal-kapital fuq l-aġenda għas-samit li jmiss tal-G8; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-Istati Uniti ħabbret unilateralment prinċipji ġodda għall-fondi ta' kapital (capital pools) privati bbażati fuq miżuri ta' trasparenza li ma jorbtux. jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura drittijiet ekwivalenti ta' pussess fit-territorji ta' xulxin għall-intrapriżi. jemmen bis-sħiħ li għandu jkun hemm djalogu dwar il-fondi ta' lqugħ u l-ekwitajiet privati minħabba r-riskju sistematiku li l-attivitajiet tagħhom jirrappreżentaw, u d-dibattitu li dejjem qed jikber dwar il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi usa' tagħhom. jitlob lill-Kummissjoni tindika x'se tagħmel f'dan ir-rigward, b'kunsiderazzjoni li l-Istati Uniti qed tipprepara l-proposti. ifakkar li żewġ terzi mill-fondi ta' lqugħ u l-fondi azzjonarji privati huma bbażati f'ċentri "off-shore", u għalhekk jitlob li jiġu evalwati l-implikazzjonijiet fiskali tagħhom;

25. Jenfasizza l-importanza tal-konverġenza tal-prattiki ta' sorveljanza fir-rigward tal-konsolidazzjoni transatlantika tal-borož. itenni t-talba tiegħu, għalhekk, għat-titjib tad-Djalogu Regolatorju dwar is-Swieq Finanzjarji permezz ta' reviżjoni tal-politika kull sentejn, tas-servizzi finanzjarji transatlantiċi qabel u wara kull samit annwali bejn l-UE u l-Istati Uniti; iħeġġeġ lis-Samit bejn l-UE u l-Istati Uniti sabiex jaqbel dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' standards tal-kontabilità, ibbażati fuq sorveljanza regolatorja li wieħed jista' jserraħ fuqha; jenfasizza l-importanza, min-naħa ta' l-Istati Uniti, ta' l-implimentazzjoni tal-Ftehima ta' Basel II dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital u tar-rikonoxximent ta' l-Istandards Internazzjonali ta' Rappurtaġġ Finanzjarju min-naħa tal-Kummissjoni għat-Titoli u l-Kambju; itenni b'dispjaċir il-ħtieġa li l-assiguraturi ta'

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

l-UE fl-Istati Uniti jikkollegaw ir-riskji bis-sħiħ, billi jiffaċċjaw regoli ta' l-Istati li huma diskriminatorji ħafna; għalhekk jistieden lis-Samit bejn l-UE u l-Istati Uniti sabiex jaqbel dwar aktar rikonoxximent reċiproku transatlantiku u s-solvenza u r-rekwiżiti ta' l-irrappurtar uniformi; jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-inkorporazzjonijiet (mergers) transatlantiċi u/jew ix-xiri ta' boroż jew ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra ma jwasslux, direttament jew indirettament, sabiex il-liġijiet, ir-regolamenti jew il-prattiki ta' sorveljanza ta' l-Istati Uniti jiġu imposti unilateralment fl-UE;

26. Jistieden liż-żewġ partijiet sabiex jikkonkludu b'suċċess l-Aġenda ta' Doha dwar l-Iżvilupp tad-WTO b'rispett sħiħ tad-dimensjoni ta' l-iżvilupp; għalhekk iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Uniti sabiex fis-Samit ta' l-2007 jiddikjaraw l-impenn sħiħ tagħhom favur pass pożittiv 'il quddiem sas-sajf ta' l-2007; u sabiex, barra mill-għanijiet tagħhom rigward l-aċċess għas-suq u s-servizzi, jaqblu dwar strateġija konġunta dwar il-promozzjoni, fid-WTO u fi ftehimiet bilaterali dwar il-kummerċ, ta' standards bażiċi ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar ix-xogħol li jistgħu jiġu infurzati; sabiex jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom favur is-sussidji "Green Box" fl-agrikultura, flimkien ma' strateġija komuni dwar it-transkonformità, il-bijofjuwils, il-benesseri ta' l-annimali, is-saħħa ta' l-annimali u l-influwenza tat-tjur; u sabiex jenfasizzaw l-importanza tal-ftehima bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-inbid;

27. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jiddiskutu mas-sħab transatlantiċi kif jagħmlu progress fil-kwistjoni ta' l-aċċess tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-mediċini, u biex jopponu bil-qawwa l-inizjattiva ta' l-Istati Uniti li tinkludi fil-ftehimiet bilaterali kollha negozjati mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw klawsoli li bihom dawk il-pajjiżi jirrinunzjaw għall-użu tad-dispożizzjoni tal-Ftehima ta' Doha li tippermettilhom jipproduċu jew jimportaw mediċini ġeneriċi meħtieġa biex jaffrontaw problemi pubbliċi kbar ta' saħħa (AIDS, tuberkuloż, eċċ); madankollu huwa mħasseb li l-ħsieb tal-Kungress li jawtorizza l-importazzjoni parallela tal-mediċini mill-Istati Membri ta' l-UE tista' toħloq ostakli għad-disponibiltà tagħhom għall-pazjenti ta' l-UE u tista' tiffavorixxi l-iffalsifikar; għalhekk isaqsi lill-UE biex tqajjem din il-kwistjoni waqt is-Samit li ġej;

28. Iqis li l-UE u l-Istati Uniti, li jirrappreżentaw 38 % tal-konsum dinji ta' l-enerġija, għandhom ikunu minn ta' quddiem permezz ta' sforzi konġunti sabiex jiżviluppaw il-produzzjoni ta' enerġija alternattiva u l-effiċjenza ta' l-enerġija; jitlob għalhekk liż-żewġ imsieħba biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar l-enerġija, is-sigurtà ta' l-enerġija u s-sostenibiltà ambjentali biex jistabbilixxu suq globali, stabbli u prevedibbli għall-enerġija bbażat fuq ir-regoli tas-suq u biex ifittxu li jinkludu dispożizzjonijiet li jiggvernaw il-kummerċ ta' l-enerġija fir-regolamenti tad-WTO;

29. Jinsisti, f'dan il-kuntest, fuq ir-responsabilità speċifika ta' pajjiżi żviluppati biex ikunu minn ta' quddiem fit-tnaqqis ta' emissjonijiet; iħeġġeġ lill-Istati Uniti biex jerġgħu jikkunsidraw il-pożizzjoni tagħhom dwar ir-ratifika tal-Protokoll ta' Kyoto; barra minn hekk, jistieden lill-Istati Uniti biex jieħdu miżuri domestiċi qawwija li jwasslu għal tnaqqis assolut ta' emissjonijiet, u biex jassumu rwol attiv f'negozjati internazzjonali futuri bil-ħsieb ta' parteċipazzjoni fis-sistema tal-bidla fil-klima tal-ġejjieni; jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi reġjonali "cap-and-trade" fl-Istati Uniti u attivitajiet fil-livell ta' stat li jwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra; iħeġġeġ lill-amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jadottaw miżuri effettivi sabiex inaqqsu l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-bidla fil-klima; jitlob biex it-tibdil fil-klima jiġi diskuss regolarment fil-livell tad-delegazzjonijiet interparlamentari u fil-kuntest tad-Djalogu Leġiżlattiv Transatlantiku;

30. Jistenna li s-Samit li jmiss bejn l-UE u l-Istati Uniti jipprepara t-triq għal ftehima tas-Samit G8 f'Ġunju għat-twaqqif ta' reġim post-Kyoto dwar l-emmissjonijiet li jkun jinvolvi lill-Istati Uniti u ekonomiji emerġenti ewlenin bħaċ-Ċina, il-Brażil, l-Indja, il-Messiku, l-Afrika t'Isfel u l-Indonesja, u li jinkludi, fost kwistjonijiet oħra, sistema effettiva tal-kummerċ ta' l-emissjonijiet tal-karbonju u l-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda;

31. Jilqa' l-Istrateġija Konġunta ta' Azzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar id-Drittijiet tal-Propjetà Intellettwali adottata fis-Samit ta' l-2006 bejn l-UE u l-Istati Uniti; jirrakkomanda li jiġi rivedut il-proċess ta' riforma tal-brevetti fuq taż-żewġ naħat;

32. Jerġa' jġedded it-talba tiegħu lill-Kummissjoni [1] biex tinvestiga, bħala fatt urġenti, il-fatt li l-kumpaniji u s-setturi ta' l-UE b'operazzjonijiet fl-Istati Uniti mhux koperti mill-ftehima Safe Harbour jistgħu preżentament jiġu mġiegħla jagħmlu d-dejta personali disponibbli għall-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti, b'mod partikolari fergħat ta' l-Istati Uniti f'banek Ewropej, kumpaniji ta' l-assigurazzjoni, istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u fornituri ta' servizzi tat-telecoms;

[1] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Frar 2007 dwar SWIFT, il-ftehima PNR u d-djalogu transatlantiku dwar dawn il-kwistjonijiet, *Testi Adottati,* P6_TA(2007)0039.

33. Iħeġġeġ lill-Amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti u lill-Presidenza ta' l-UE u lill-Kummissjoni Ewropea biex waqt is-Samit li jmiss jiffirmaw il-Ftehima għat-Trasport ta' l-Ajru tat-2 ta' Marzu 2007 bejn l-Amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti u l-Kummissjoni Ewropea bħala l-ftehima fl-ewwel stadju għall-kooperazzjoni l-ġdida bejn l-Istati Uniti u l-UE fiz-Zona importanti ħafna ta' l-Avjazzjoni Transatlantika; jispera li l-Istati Uniti tirratifika din il-ftehima u jħeġġeġ liż-żewġ naħat biex kemm jista' jkun malajr jibdew in-negozjati tal-ftehima fit-tieni stadju;

34. Jistieden lill-imsieħba Ewropej u Amerikani biex iqisu fir-relazzjonijiet ekonomiċi tagħhom l-irwol u l-karatteristiċi speċjali ta' l-oqsma kulturali u edukattivi;

Qafas istituzzjonali u l-irwol tal-Parlament

35. Jenfasizza li huwa biss l-involviment usa' fil-livelli kollha tal-Kungress, tal-Parlament Ewropew li jista' jwassal biex verament jissaħħaħ il-proċess kollu u li l-iskambju eżistenti interparlamentari għandu gradwalment jinbidel f'Assemblea Transatlantika de facto;

36. Jitlob lis-Samit li jmiss bejn l-UE u l-Istati Uniti biex jappoġġja d-dimensjoni parlamentari tas-sħubija transatlantika u biex isaħħaħ l-irwol tal-leġiżlaturi fid-djalogu bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti, u biex tinvolvi aktar mill-qrib lis-soċjetà ċivili miż-żewġ naħat ta' l-Atlantiku;

37. Jisħaq l-impenn tiegħu biex ikompli jikkontribwixxi għas-saħħa u l-istabilità tas-Sħubija Transatlantika permezz ta' l-indħil tiegħu fid-Djalogu Transatlantiku tal-Leġiżlaturi; jappoġġja l-isforz biex tiġi stabbilita sistema leġiżlattiva ta' twissija minn kmieni bejn il-Parlament Ewropew u l-Kungress ta' l-Istati Uniti;

38. Iħeġġeġ lis-Samit bejn l-UE u l-Istati Uniti sabiex jifthiem dwar livell xieraq ta' parteċipazzjoni parlamentarja fis-Samit bejn l-UE u l-Istati Uniti u jitlob li jkun hemm laqgħa qabel kull Samit bejn id-Djalogu tal-Leġiżlaturi Transatlantiċi u l-Grupp ta' Livell Avvanzat sabiex isir skambju ta' opinjonijiet dwar il-progress tal-Programm ta' Ħidma u l-preparazzjonijiet għas-Samit; itenni l-bżonn li jinħoloq qafas parlamentari istituzzjonali stabbli;

39. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiddiskuti l-istrateġija tagħha dwar in-negozjar mal-kumitati rilevanti tal-PE qabel tidħol fin-negozjati ma' l-entitajiet ekwivalenti fl-Istati Uniti, meta dawn in-negozjati jittrattaw kwistjonijiet leġiżlattivi;

40. Jistieden lill-kumitat rilevanti sabiex juża l-baġit tas-sena 2007 sabiex jipprovdi l-fondi meħtieġa għat-twaqqif ta' bażi uffiċjali tal-Parlament Ewropew f'Washington DC li tiżgura istituzzjonaliżmu xieraq ta' l-attivitajiet tal-Parlament stess u tippermetti relazzjoni mtejba bejn il-Parlament Ewropew u l-Kungress ta' l-Istati Uniti;

*

* *

41. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-President u lill-Kungress ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

P6_TA(2007)0156

Rapport ta' progress dwar il-Kroazja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' April 2007 dwar ir-rapport ta' progress ta' l-2006 dwar il-Kroazja (2006/2288(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2005 biex jiftaħ in-negozjati tas-sħubija mal-Kroazja,

— wara li kkunsidra r-Rapport dwar il-Progress tal-Kroazja ta' l-2006, ippubblikat mill-Kummissjoni fit-8 ta' Novembru 2006 (SEC(2006)1385),

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Parlamentari Konġunt bejn l-UE u l-Kroazja tat-3 u 4 ta' Ottubru 2006,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' l-14 u tal-15 ta' Diċembru 2006,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2006-2007 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Parlamentari Konġunt bejn l-UE u l-Kroazja ta' l-20-21 ta' Marzu 2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0092/2007),

A. billi l-Kroazja kompliet tagħmel progress tajjeb fir-rigward tal-kriterji politiċi, ekonomiċi u dawk stabbiliti fl-acquis u għandha tkun imfaħħra għall-passi importanti li ħadet f'bosta oqsma sabiex tadatta l-leġiżlazzjoni tagħhafil-kuntest tal-proċess ta' screening,

B. billi, sakemm il-Kroazja tindirizza l-isfidi pendenti u tiżviluppa biżżejjed il-kapaċità amministrattiva, in-negozjati għandhom ikomplu b' pass sostnut u għandhom iwasslu, hekk kif ikunu sodisfatti l-kriterji kollha u nghalqu n-negozzjati, għal adeżjoni f'waqtha tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea,

C. billi l-Kroazja għandha tagħmel l-aħjar tagħha sabiex twettaq ir-riformi meħtieġa sabiex in-negozjati jistgħu jkunu konklużi fi żmien xieraq biex il-Parlament Ewropew ikun jista' jagħti l-kunsens tiegħu qabel l-elezzjoni parlamentari UE li jmiss f'Ġunju ta' l-2009,

D. billi l-prospetti għall-isħubija tal-Kroazja għandhom dimensjoni reġjonali peress li huma sinjal tanġibbli li, skond il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Thessaloniki ta' l-2003, il-futur tal-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent huwa verament fl-Unjoni Ewropea, kif kien ikkonfermat f'riżoluzzjonijiet varji tiegħu,

E. billi l-Kroazja qed tappoġġja b'mod espliċitu l-aspirazzjonijiet Ewropej tal-ġirien tagħha,

F. billi lezzjonijiet mit-tkabbir li għaddew juru li kull pajjiż għandu jkun iġġudikat skond il-merti tiegħu, li l-pass tan-negozjati tas-sħubija għandu jiġi ddettat mill-konformità effettiva mal-kriterji ta' Kopenħagen u li l-grad ta' konformità ma' tali kriterji għandu wkoll jiddetermina d-data finali tas-sħubija,

G. billi t-Trattat ta' Nizza ma jagħtix bażi adegwata għal aktar tkabbir, u billi s-sustanza essenzjali ta' l-abbozz tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa għandu għalhekk jidħol fis-seħħ sa' l-aħħar ta' l-2008, sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet neċessarji għal tkabbir futur u jgħin lill-Unjoni sabiex taħdem b'mod aktar effettiv, aktar trasparenti u aktar demokratiku, li huma rekwiżiti għal aktar tkabbir, billi, barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Kunsill iridu jaħdmu b'mod intens biex joħolqu l-prerekwiżiti neċessarji għat-tkabbir — u b'mod speċifiku għall-adeżjoni tal-Kroazja ma' l-Unjoni Ewropea,

H. billi hija r-responsabilità ta' l-Unjoni u mhux tal-pajjiżi kandidati li tiżgura l-kapaċità ta' l-Unjoni Ewropea għal aktar tkabbir b'suċċess,

I. billi l-proċess ta' screening konġunt tlesta b'suċċess f'Ottubru 2006 u n-negozjati bilaterali mal-Kroazja setgħu jibdew sussegwentament dwar aspetti speċifiċi ta' l-acquis,

J. billi sa issa nfetħu sitt kapitoli differenti ta' l-acquis u tnejn, li jikkonċernaw ix-xjenza u r-riċerka u l-edukazzjoni u l-kultura, ingħalqu b'mod proviżorju,

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0568.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

K. billi l-Kummissjoni diġà użat "benchmarks" sabiex timmoniterja l-progress ta' l-awtoritajiet Kroati f'oqsma kruċjali u sensittivi bħall-politika tal-kompetizzjoni, l-akkwist pubbliku, il-moviment ħieles tal-kapital, il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, il-politika soċjali u l-impjieg,

L. billi hemm bżonn li l-isforzi tal-Kroazja biex jintlaħqu l-kriterji tas-sħubija jkunu sostnuti u mwettqa b'miżuri ta' implimentazzjoni effettivi u mekkaniżmi adegwati ta' monitoraġġ,

M. billi riforma kompleta ta' l-amministrazzjoni pubblika u tal-ġudikatura, flimkien mal-pulizija, hija ċentrali, u kundizzjoni neċessarja, biex jintlaħqu l-istandards meħtieġa għas-sħubija fl-UE,

N. billi analiżi sħiħa u oġġettiva ta' l-istorja riċenti tar-reġjun, rikonċiljazzjoni vera bejn il-popli differenti u l-istabbiliment ta' relazzjonijiet diplomatiċi tajba jistgħu jagħtu kontribut sostanzjali għall-proċess ġenwin ta' l-integrazzjoni Ewropea,

O. billi l-prosekuzzjoni ta' reati tal-gwerra u r-rintegrazzjoni tar-refuġjati u ta' persuni spustati huma elementi fundamentali tal-proċess ta' rikonċiljazzjoni,

1. Jinnota li l-Kroazja diġà għamlet progress kunsiderevoli fit-triq għall-isħubija ma' l-UE;

2. Jikkonsidra li, b'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2006-2007 (COM(2006)0649), l-Kroazja għadha tissodisfa l-kriterji politiċi għall-isħubija u tista' tkun meqjusa bħala ekonomija tas-suq li qed tiffunzjona li għandha tkun tista' tilħaq ma' pressjonijiet kompetittivi u forzi tas-suq fi ħdan l-Unjoni fuq żmien medju, sakemm timplimenta l-programm ta' riforma tagħha b'mod sħiħ sabiex tneħħi n-nuqqasijiet sinifikanti li jkun fadal;

3. Jifraħ lill-awtoritajiet Kroati għall-progress rapidu li sar s'issa fin-negozjati tas-sħubija, b'mod partikulari fl-adozzjoni ta' biċċiet prinċipali ta' leġiżlazzjoni f'oqsma kruċjali bħall-amministrazzjoni pubblika, l-amministrazzjoni tal-qrati u l-politika kontra l-korruzzjoni;

4. Jappoġġja l-gvern u l-oppożizzjoni fl-isforzi tagħhom, minkejja l-elezzjonijiet li se jsiru dalwaqt, li jieħdu deċiżjonijiet neċessarji, għalkemm xi kultant diffiċli, b'mod partikulari fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni u ta' l-għajnuna ta' l-istat, u jinnota li dawk id-deċiżjonijiet fl-aħħarnett ikunu ta' benefiċċju liċ-ċittadini Kroati kollha;

5. Jitlob lill-gvern Kroat biex isaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jimplimenta liġijiet trasposti minn l-acquis communautaire għal-leġiżlazzjoni nazzjonali fl-oqsma kollha, speċjalment fil-qasam ta' l-ambjent;

6. F'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-awtoritajiet Kroati sabiex iqisu b'mod xieraq it-tħassib muri mill-komunitajiet lokali u l-opinjoni pubblika fir-rigward ta' proġetti industrijali kontroversjali li jistgħu jkunu ta' theddida għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika, u jistedinhom iwaqqfu proċedura ċara u trasparenti li biha l-partijiet kollha interessati, u mhux biss l-investituri, jistgħu jiġu infurmati u kkonsultati;

7. Jistieden lill-gvern Kroat biex f'dan ir-rigward jirrispetta u jimplimenta b'mod sħiħ dokumenti internazzjonali bħal ma huma l-Konvenzjoni ta' Aarhus u biex eventwalment jirratifika l-Protokoll ta' Kyoto skond l-istrateġiji ambjentali ta' l-UE l-aktar riċenti;

8. Huwa mħasseb bit-tnaqqis ta' l-appoġġ pubbliku fil-Kroazja għas-sħubija fl-UE u jilqa' l-fatt li l-Gvern u l-oppożizzjoni qed jingħaqdu biex jispjegaw lill-pubbliku l-benefiċċji ekonomiċi, politiċi, soċjali u kulturali li jirriżultaw mill-proċess tas-sħubija; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tintensifika l-attivitajiet ta' informazzjoni tagħha stess li għandhom x'jaqsmu mal-benefiċċji msemmija hawn fuq;

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

9. Jenfasizza l-ħtieġa li b'mod mgħaġġel u effettiv ikunu implimentati r-riformi adottati sa issa biex il-Kroazja tkompli tiġi modernizzata u għalhekk tkompli ssaħħaħ u tistabilizza d-demokrazija u l-ekonomija tas-suq soċjali; f'dan il-kuntest:

a) jinnota li d-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Servizz Ċivili li jintroduċu t-trasparenza u l-oġġettività fil-ħatra u l-evalwazzjoni ta' l-impjegati tas-servizz ċivili mhux se jidħlu fis-seħħ qabel l-elezzjoni li jmiss; jinnota barra minn hekk li din id-deċiżjoni tista' toħloq impressjoni ta' dewmien f'dan il-qasam importanti u għalhekk tinkoraġġixxi l-ħsieb li d-determinazzjoni tal-gvern li jirriforma l-amministrazzjoni pubblika huwa inqas dedikat, għalkemm it-tmiem ta' l-interferenza politika fis-servizz ċivili huwa ta' l-ogħla importanza għall-gvern preżenti;

b) jinnota l-impenn tal-Ministru tal-Ġustizzja Kroat biex ssegwi ir-razzjonaliżmu, kif imħabbar, tan-numru ta' qrati li qed joperaw fil-pajjiż, sabiex isiru aktar professjonali u effiċjenti ifakkar lill-Ministru li dan il-proċess għandu jkompli id f'id mat-twaqqif ta' proċeduri u kriterji adegwati għall-ħatra u l-evalwazzjoni ta' staff ġudizzjarju li jipprovdi biżżejjed garanziji għal ġudikatura professjonali u indipendenti; jilqa' f'dan ir-rigward l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma għall-iżvilupp ta' kriterji ta' qafas ġodda għall-evalwazzjoni ta' l-imħallfin u l-emenda ta' l-Att dwar il-Qrati li tindroduċi l-obbligu li l-imħallfin jiddikkjaraw il-beni tagħhom u l-possibilità li jitrasferixxu imħallfin fi qrati mgħobbija żżejjed bil-kawżi; huwa konvint li l-każijiet li għadhom b'lura għandhom jiġu indirizzati wkoll billi jiġu promossi mekkaniżmi alternattivi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim bl-għan li tinkiseb sistema ġudizzjarja effettiva;

c) ifaħħar lill-Kroazja talli kkoperat b'mod sħiħ mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-ex-Jugożlavja (ICTY)); huwa mħasseb, madankollu, li kif jidher mid-deċiżjonijiet ġudizzjarji reċenti, il-prosekuzzjoni effettiva tar-reati tal-gwerra tista' tkun imdgħajfa b'ostilità f'livell lokali, b'xaqlib persistenti bejn xi staff ġudizzjarju kontra ċittadini mhux Kroati u b'nuqqas ta' protezzjoni tax-xhieda kontra l-intimidazzjoni; iħeġġeġ b'mod attiv lill-Gvern Kroat biex jinkoraġġixxi u jappoġġja l-prosekuzzjoni tar-reati tal-gwerra, indipendentement min-nazzjonalità ta' min ikkommettihom; huwa mħasseb ukoll dwar ċerti inizjattivi li ttieħdu mill-Gvern, b'mod partikulari l-offerta tiegħu biex jappoġġja l-ispejjeż tad-difiża għal ġenerali ta' l-armata u t-talba tiegħu sabiex jaġixxi *amicus curiae* f'każijiet pendenti quddiem l-ICTY;

d) huwa tal-fehma li l-istituzzjonijiet u l-partiti Kroati kollha għandhom jaġġixxu kontra l-perċezzjoni tal-pubbliku ta' l-ICTY bħala istituzzjoni ostili u jippubliċizzaw l-irwol li għandu t-Tribunal fil-prosekuzzjoni ta' reati kommessi kontra persuni ċivili Kroati;

e) jinnota li hemm qafas legali xieraq dwar il-protezzjoni ta' minoranzi kif ukoll impenn ċar li l-minoranzi jiġu integrati fis-sistema politika; ifakkar l-importanza li tkun garantita r-rappreżentazzjoni xierqa ta' dawk il-minoranzi fis-servizz ċivili, fil-forzi tal-pulizija u fil-ġudikatura, kif ukoll it-trattament ugwali fi kwistjonijiet dwar il-proprjetà u dwar l-ekonomija; isejjaħ għall-iżvilupp fuq kull livell ta' amministrazzjoni ta' l-Istat u ta' pjan ta' azzjoni konkret biex tintlaħaq rappreżentazzjoni proporzonali tal-minoranzi, skond id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Kostituzzjonali u b'dispożizzjonijiet xierqa għall-monitoraġġ;

f) jinnota b'sodisfazzjon l-iżviluppi pożittivi fil-proċess tar-ritorn ta' refuġjati u ta' persuni spustati; jistieden lill-Gvern sabiex jinkoraġixxi aktar r-ritorn billi jfittex mezzi ġusti, effettivi u sostenibbli biex jindirizza l-kwistjonijiet ta' l-akkomodazzjoni u ta' l-impjieg, peress li dawn huma l-inkwiet ewlieni ta' dawk li potenzjalment ser jintbagħtu lura; jitlob lill-awtoritajiet Kroati biex jiggarantixxu s-servizzi ta' l-ilma u ta' l-elettriku għall-irħula kollha konċernati;

g) jilqa' il-pjan il-ġdid għal ħames snin tal-Gvern biex jindirizza l-kwistjoni tal-provvediment ta' l-alloġġ għad-detenturi preċedenti tad-dritt tal-kera barra l-oqsma ta' interess speċjali għall-istat; f'dan il-kuntest jenfasizza l-ħtieġa għall-implimentazzjoni mħaffa tal-pjan ta' azzjoni l-ġdid, sabiex jindirizza l-ħtiġijiet urġenti tal-popolazzjoni kkonċernata;

Verts/ALE: Aubert, Bennahmias, Breyer, Buitenweg, Cohn-Bendit, Cramer, Flautre, Frassoni, Graefe zu Baringdorf, de Groen-Kouwenhoven, Hammerstein, Harms, Hassi, Horáček, Jonckheer, Kallenbach, Kusstatscher, Lagendijk, Lambert, Lichtenberger, Lipietz, Lucas, Özdemir, Onesta, Romeva i Rueda, Rühle, Schlyter, Schmidt Frithjof, Schroedter, Staes, Turmes, Voggenhuber, Ždanoka

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

Astensjonijiet: 35

GUE/NGL: Holm, Liotard, Meijer, Seppänen, Søndergaard, Svensson

IND/DEM: Bonde, Louis, de Villiers, Železný

ITS: Mote

NI: Allister, Baco, Helmer, Martin Hans-Peter

PPE-DE: Ashworth, Beazley, Bowis, Bradbourn, Bushill-Matthews, Callanan, Chichester, Dover, Hannan, Heaton-Harris, Jackson, Kamall, Kirkhope, Nicholson, Purvis, Stevenson, Tannock, Van Orden

PSE: Hänsch

Verts/ALE: van Buitenen

13. Rapport Lauk A6-0076/2007
Riżoluzzjoni

Favur: 277

ALDE: Alvaro, Andrejevs, Andria, Attwooll, Bărbuleţiu, Beaupuy, Bourlanges, Bowles, Budreikaitė, Busk, Cappato, Cavada, Chatzimarkakis, Ciornei, Cornillet, Deprez, De Sarnez, Drčar Murko, Duff, Fourtou, Gentvilas, Geremek, Gibault, Griesbeck, Guardans Cambó, Hall, Hellvig, Hennis-Plasschaert, Ilchev, in 't Veld, Jensen, Juknevičienė, Kacin, Karim, Kułakowski, Lambsdorff, Lax, Lehideux, Ludford, Lynne, Manders, Matsakis, Mohácsi, Morillon, Morţun, Mulder, Newton Dunn, Neyts-Uyttebroeck, Nicholson of Winterbourne, Onyszkiewicz, Ortuondo Larrea, Oviir, Pannella, Parvanova, Piskorski, Prodi, Resetarits, Savi, Schmidt Olle, Schuth, Şerbu, Shouleva, Staniszewska, Sterckx, Szent-Iványi, Vălean, Veraldi, Virrankoski, Wallis

IND/DEM: Belder, Blokland

ITS: Moisuc, Popeangă

PPE-DE: Albertini, Anastase, Andrikienė, Audy, Ayuso, Bachelot-Narquin, Barsi-Pataky, Bauer, Beazley, Becsey, Belet, Berend, Böge, Braghetto, Brejc, Brepoels, Březina, Busuttil, Buzek, Casini, Caspary, Castiglione, del Castillo Vera, Cederschiöld, Chmielewski, De Blasio, Dehaene, Demetriou, Descamps, Deß, De Veyrac, Díaz de Mera García Consuegra, Dimitrov Martin, Dimitrov Philip Dimitrov, Dombrovskis, Doorn, Duka-Zólyomi, Ebner, Esteves, Fatuzzo, Ferber, Fjellner, Fontaine, Fraga Estévez, Freitas, Gahler, Gál, Gaľa, Galeote, Ganţ, García-Margallo y Marfil, Gaubert, Gauzès, Gewalt, Gklavakis, Glattfelder, Gomolka, Graça Moura, Gräßle, de Grandes Pascual, Grosch, Grossetête, Guellec, Gyürk, Handzlik, Hennicot-Schoepges, Herranz García, Herrero-Tejedor, Hieronymi, Hökmark, Hudacký, Iacob-Ridzi, Ibrisagic, Jałowiecki, Járóka, Jarzembowski, Jeggle, Jordan Cizelj, Karas, Kauppi, Kelam, Klamt, Klaß, Klich, Koch, Konrad, Kónya-Hamar, Korhola, Kratsa-Tsagaropoulou, Kudrycka, Kušķis, De Lange, Langen, Lauk, Lechner, Liese, López-Istúriz White, Lulling, McGuinness, Mann Thomas, Mantovani, Marinescu, Martens, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mayor Oreja, Mikolášik, Millán Mon, Nassauer, van Nistelrooij, Novak, Olajos, Olbrycht, Oomen-Ruijten, Őry, Pack, Papastamkos, Petre, Pieper, Pīks, Pinheiro, Pleštinská, Podestà, Posdorf, Posselt, Post, Protasiewicz, Purvis, Queiró, Radwan, Reul, Rübig, Saïfi, Salafranca Sánchez-Neyra, Sartori, Saryusz-Wolski, Schierhuber, Schmitt, Schnellhardt, Schöpflin, Schröder, Schwab, Seeber, Seeberg, Silva Peneda, Sommer, Sonik, Spautz, Stauner, Stubb, Sudre, Surján, Szabó, Szájer, Tajani, Thyssen, Ţîrle, Trakatellis, Ulmer, Vakalis, Varela Suanzes-Carpegna, Varvitsiotis, Vatanen, Ventre, Vernola, Vidal-Quadras, Vlasto, Weber Manfred, Weisgerber, Wieland, von Wogau, Wortmann-Kool, Záborská, Zaleski, Zappalà, Zatloukal, Zieleniec, Zwiefka

PSE: Bulfon, Dîncu, Dumitrescu, Glante, Jöns, Kirilov, Lehtinen, Leinen, Obiols i Germà, Öger, Rosati, Siwiec, Stockmann, Weber Henri

UEN: Aylward, Borghezio, Crowley, Kuc, Maldeikis, Ó Neachtain, Pirilli, Speroni, Tatarella, Vaidere, Zīle

Kontra: 142

ALDE: Cocilovo, Costa, Sbarbati

GUE/NGL: Agnoletto, Aita, Brie, Catania, Figueiredo, Guerreiro, Henin, Holm, Kaufmann, Liotard, Markov, Meijer, Meyer Pleite, Morgantini, Musacchio, Pafilis, Papadimoulis, Pflüger, Ransdorf, Remek, Seppänen, Søndergaard, Svensson, Wagenknecht, Wurtz

IND/DEM: Batten, Clark, Goudin, Krupa, Louis, Lundgren, Tomczak, de Villiers, Whittaker, Wise, Wojciechowski Bernard Piotr, Železný

ITS: Buruiană-Aprodu, Claeys, Coşea, Dillen, Gollnisch, Lang, Le Pen Jean-Marie, Le Pen Marine, Le Rachinel, Martinez, Mihăescu, Mölzer, Mussolini, Romagnoli, Schenardi, Stănescu

NI: Chruszcz, Martin Hans-Peter

PPE-DE: Coveney, Doyle, Fajmon, Ouzký, Škottová, Strejček, Vlasák

PSE: Arif, Berman, Bliznashki, Bono, Bourzai, Carlotti, Casaca, Castex, Cottigny, Crețu Corina, Désir, Douay, El Khadraoui, Ferreira Anne, Ferreira Elisa, Fruteau, Guy-Quint, Hamon, Hazan, Hedh, Hutchinson, Jørgensen, Laignel, Lambrinidis, Leichtfried, Lienemann, Patrie, Poignant, Reynaud, Roure, Sacconi, Sakalas, Schapira, Trautmann, Van Lancker, Vaugrenard, Vergnaud

UEN: Bielan, Czarnecki Ryszard, Foltyn-Kubicka, Janowski, Libicki, Masiel, Roszkowski, Rutowicz, Szymański

Verts/ALE: Aubert, Bennahmias, Breyer, Buitenweg, Cohn-Bendit, Cramer, Flautre, Frassoni, Graefe zu Baringdorf, de Groen-Kouwenhoven, Hammerstein, Harms, Hassi, Horáček, Jonckheer, Kallenbach, Kusstatscher, Lagendijk, Lambert, Lichtenberger, Lipietz, Özdemir, Onesta, Romeva i Rueda, Rühle, Schlyter, Schmidt Frithjof, Schroedter, Staes, Turmes, Ždanoka

Astensjonijiet: 130

NI: Baco, Battilocchio

PPE-DE: Ashworth, Bowis, Bradbourn, Bushill-Matthews, Callanan, Chichester, Dover, Hannan, Heaton-Harris, Hoppenstedt, Jackson, Kamall, Kelemen, Kirkhope, Mathieu, Nicholson, Stevenson, Tannock, Van Orden

PSE: Andersson, Arnaoutakis, Attard-Montalto, Ayala Sender, Badia i Cutchet, Beglitis, Beňová, van den Berg, Berlinguer, Bösch, Bozkurt, Bullmann, van den Burg, Busquin, Capoulas Santos, Carnero González, Cashman, Cercas, Chervenyakov, Christensen, Corbett, Corbey, Correia, De Keyser, De Rossa, Díez González, Dührkop Dührkop, Ettl, Falbr, Fava, García Pérez, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Gierek, Gill, Goebbels, Gomes, Grabowska, Grech, Gröner, Groote, Gurmai, Hänsch, Hasse Ferreira, Haug, Hegyi, Herczog, Honeyball, Howitt, Hughes, Kindermann, Kósáné Kovács, Koterec, Krehl, Liberadzki, Locatelli, McAvan, Madeira, Maňka, Mann Erika, Martin David, Martínez Martínez, Mastenbroek, Medina Ortega, Menéndez del Valle, Miguélez Ramos, Mihalache, Mikko, Moreno Sánchez, Napoletano, Paasilinna, Paleckis, Panzeri, Paparizov, Paşcu, Piecyk, Pittella, Podgorean, Prets, Rapkay, Rasmussen, Rothe, Rouček, Sánchez Presedo, dos Santos, Sârbu, Schaldemose, Scheele, Schulz, Segelström, Severin, Simpson, Skinner, Sornosa Martínez, Sousa Pinto, Szejna, Tabajdi, Tarabella, Țicău, Titley, Vigenin, Walter, Weiler, Westlund, Wiersma, Willmott, Yáñez-Barnuevo García, Zani

Verts/ALE: van Buitenen

Korrezzjonijiet u intenzjonijiet għall-vot

Kontra: Mairead McGuinness

Astensjonijiet: Dan Jørgensen

14. RC-B6-0172/2007 — Repressjoni reċenti ta' dimostrazzjonijiet fir-Russja
Riżoluzzjoni

Favur: 65

ALDE: Budreikaitė, Ludford, Lynne, Matsakis, Onyszkiewicz

GUE/NGL: Meijer

IND/DEM: Krupa, Tomczak

PPE-DE: Andrikienė, Audy, Bauer, Bowis, Braghetto, Březina, Castiglione, Chichester, Coveney, Daul, Deß, Dover, Duka-Zólyomi, Gauzès, Grossetête, Kaczmarek, Kelam, Kratsa-Tsagaropoulou, Lauk, Mann Thomas, Mavrommatis, Nicholson, Pleštinská, Posselt, Purvis, Roithová, Saryusz-Wolski, Schöpflin, Sonik, Stauner, Sudre, Tannock, Van Orden, Záborská, Zaleski, Zwiefka

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

PSE: Bourzai, Bullmann, Ettl, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Howitt, Martínez Martínez, Paleckis, Pinior, Roure, Sakalas, Scheele, Trautmann

UEN: Bielan, Kuc, Libicki, Rutowicz, Zīle

Verts/ALE: Onesta, Romeva i Rueda, Schlyter

Astensjonijiet: 2

GUE/NGL: Pafilis

IND/DEM: Wise

15. RC-B6-0160/2007 — Sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Filippini
Paragraph 1/2

Favur: 29

ALDE: Budreikaitė, Ludford, Lynne, Matsakis, Onyszkiewicz

GUE/NGL: Meijer, Pafilis, Pflüger

IND/DEM: Tomczak

PSE: Ayala Sender, Bourzai, Bullmann, Cashman, Ettl, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Gill, Howitt, Martínez Martínez, Paleckis, Pinior, Roure, Sakalas, Scheele, Trautmann, Vigenin

Verts/ALE: Onesta, Romeva i Rueda, Schlyter

Kontra: 41

IND/DEM: Krupa

PPE-DE: Audy, Bauer, Bowis, Braghetto, Březina, Castiglione, Chichester, Coveney, Daul, Deß, Dover, Duka-Zólyomi, Gauzès, Grossetête, Kaczmarek, Kelam, Kratsa-Tsagaropoulou, Lauk, Mann Thomas, Mavrommatis, Nicholson, Pleštinská, Posselt, Purvis, Roithová, Saryusz-Wolski, Schöpflin, Sonik, Stauner, Sudre, Tannock, Van Orden, Záborská, Zaleski, Zwiefka

UEN: Bielan, Kuc, Libicki, Rutowicz, Zīle

16. RC-B6-0160/2007 — Sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Filippini
Riżoluzzjoni

Favur: 68

ALDE: Budreikaitė, Ludford, Lynne, Matsakis, Onyszkiewicz

GUE/NGL: Meijer, Pflüger

IND/DEM: Krupa, Tomczak

PPE-DE: Andrikienė, Audy, Bauer, Bowis, Braghetto, Březina, Castiglione, Chichester, Coveney, Daul, Deß, Dover, Duka-Zólyomi, Gauzès, Grossetête, Kaczmarek, Kelam, Kratsa-Tsagaropoulou, Lauk, Mann Thomas, Mavrommatis, Nicholson, Pleštinská, Posselt, Purvis, Roithová, Saryusz-Wolski, Schöpflin, Sonik, Stauner, Sudre, Tannock, Van Orden, Záborská, Zaleski, Zwiefka

PSE: Ayala Sender, Bourzai, Bullmann, Cashman, Ettl, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Gill, Paleckis, Pinior, Roure, Sakalas, Scheele, Trautmann, Vigenin

UEN: Bielan, Kuc, Libicki, Rutowicz, Zīle

Verts/ALE: Onesta, Romeva i Rueda, Schlyter

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

17. RC-B6-0162/2007 — Żimbabwe

Riżoluzzjoni

Favur: 68

ALDE: Budreikaitė, Ludford, Lynne, Matsakis, Onyszkiewicz

GUE/NGL: Meijer

IND/DEM: Krupa, Tomczak

PPE-DE: Andrikienė, Audy, Bauer, Bowis, Braghetto, Březina, Castiglione, Chichester, Coveney, Daul, Deß, Dover, Duka-Zólyomi, Gauzès, Grossetête, Kaczmarek, Kratsa-Tsagaropoulou, Lauk, Mann Thomas, Mavrommatis, Nicholson, Pleštinská, Posselt, Purvis, Roithová, Saryusz-Wolski, Schöpflin, Sonik, Stauner, Sudre, Tannock, Van Orden, Záborská, Zaleski, Zwiefka

PSE: Ayala Sender, Bourzai, Bullmann, Cashman, Ettl, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Gill, Howitt, Martínez Martínez, Paleckis, Pinior, Roure, Sakalas, Scheele, Trautmann, Vigenin

UEN: Bielan, Kuc, Libicki, Rutowicz, Zīle

Verts/ALE: Onesta, Romeva i Rueda, Schlyter

Kontra: 1

GUE/NGL: Pafilis

Astensjonijiet: 1

GUE/NGL: Pflüger

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

TESTI ADOTTATI

P6_TA(2007)0157

Simplifikazzjoni tar-rapporti dwar l-implimentazzjoni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 89/391/KEE tal-Kunsill, id-Direttivi partikulari tagħha kif ukoll id-Direttivi tal-Kunsill 83/477/KEE, 91/383/KEE, 92/29/KEE u 94/33/KE, bil-ħsieb li jiġu simplifikatii u razzjonaliżżati r-rapporti dwar l-implimentazzjoni prattika (COM (2006)0390 — C6-0242/2006 — 2006/0127(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0390) [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 137(2) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tal-Parlament (C6-0242/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0059/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex terġa' tikkonsulta mal-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ieħor;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

P6_TC1-COD(2006)0127

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-26 ta' April 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2007/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 89/391/KEE tal-Kunsill, id-Direttivi partikulari tagħha kif ukoll id-Direttivi tal-Kunsill 83/477/KEE, 91/383/KEE, 92/29/KEE u 94/33/KE, bil-ħsieb li jiġu simplifikati u razzjonaliżżati r-rapporti dwar l-implimentazzjoni prattika

(Billi intlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari tikkorrispondi ma' l-att leġiżlattiv aħħari, id-Direttiva 2007/30/KE.)

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

P6_TA(2007)0158

Kumpens għal ċerti prodotti tas-sajd *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jdaħħal skema ta' kumpens għall-ispejjeż addizzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd mill-Azores, minn Madeira, mill-Gżejjer Kanari u d-dipartimenti Franċiżi ta' Guiana u Réunion, bejn l-2007 u l-2013 (COM(2006)0740 — C6-0505/2006 — 2006/0247(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0740) [1],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 37 u 299(2), tat-Trattat KE, skond liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0505/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġit u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0083/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI MILL-PARLAMENT
Emenda 1	
Titolu	
Proposta għal regolament tal-Kunsill li jdaħħal skema ta' kumpens għall-ispejjeż addizzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd mill-Azores, minn Madeira, mill-Gżejjer Kanari u d-dipartimenti Franċiżi ta' Guiana u Réunion***, bejn l-2007 u l-2013***	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jdaħħal skema ta' kumpens għall-ispejjeż addizzjonali ***li jirriżultaw mill-bgħudija*** għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd mill-Azores, minn Madeira, mill-Gżejjer Kanari u d-dipartimenti Franċiżi tal-Gujana u r-Réunion. *(Din l-emenda tiġi applikata għat-test leġiżlattiv sħiħ.)*

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI MILL-PARLAMENT
Emenda 2	
Premessa -1 (ġdida)	
	(-1) L-ibgħad reġjuni għandhom ekonomiji fraġili, ikkaratterizzati b'fatturi strutturali permanenti li jikkundizzjonaw l-iżvilupp tagħhom u għandhom ftit possibilitajiet ta' diversifikazzjoni ekonomika, li fihom is-settur tas-sajd u l-komunitajiet antiki tas-sajjieda għandhom irwol importanti biex jissalvagwardjaw l-attività ekonomika u l-impjiegi, 'il fuq(upstream) u 'l isfel(downstream), u għall-promozzjoni talkoeżjoni ekonomika u soċjali.
Emenda 3	
Premessa -1 a (ġdida)	
	(-1a) Il-karatteristiċi speċifiċi u d-differenzi settorjali li jeżistu fl-ibgħad reġjuni għandhom jitqiesu, peress li dawn ta' l-aħħar għandhom bżonnijiet differenti.
Emenda 4	
Premessa -1 b (ġdida)	
	(-1b) Għandha titqies iż-żieda fil-prezzijiet tat-trasport u spejjeż konnessi, innotati prinċipalment wara l-2003, u dovuti għaż-żieda qawwija fil-prezz taż-żejt li taggrava aktar l-ispejjeż addizzjonali relatati mal-bgħudija.
Emenda 5	
Premessa 1	
(1) Is-settur tas-sajd fl-ibgħad reġjuni tal-Komunità qed jiffaċċja diffikultajiet, u partikolarment spejjeż addizzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd minħabba l-iżvantaġġi partikolari rikonoxxuti fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat, u li ***prinċipalment*** joriġinaw mill-ispejjeż tat-trasport lejn l-Ewropa kontinentali.	(1) Is-settur tas-sajd fl-ibgħad reġjuni tal-Komunità qed jiffaċċja diffikultajiet, u partikolarment spejjeż addizzjonali ***għall-produzzjoni u*** għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd minħabba l-iżvantaġġi partikolari rikonoxxuti fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat, ***u b'mod partikolari partikolarment*** mill-ispejjeż tat-trasport lejn l-Ewropa kontinentali.
Emenda 6	
Premessa 5	
(5) L-Istati Membri għandhom jiffissaw l-ammont ta' kumpens f'livell li jippermetti tpattija xierqa għall-ispejjeż addizzjonali, ġejjin mill-iżvantaġġi speċifiċi ta' l-ibgħad reġjuni u partikolarment mill-ispejjeż tat-trasport tal-prodotti lejn l-Ewropa kontinentali. Biex jiġi evitat kumpens żejjed, l-ammont għandu jkun proporzjonali għall-ispejjeż addizzjonali li l-għajnuna tpatti għalihom***, u fl-ebda każ m'għandha taqbeż sehem determinat ta' l-ispejjeż tat-trasport lejn il-kontinent Ewropew u spejjeż oħra relatati***. Għal dan il-għan, għandhom jitqiesu wkoll tipi oħrajn ta' interventi pubbliċi li jħallu impatt fuq il-livell ta' spejjeż addizzjonali.	(5) L-Istati Membri għandhom jiffissaw l-ammont ta' kumpens f'livell li jippermetti tpattija xierqa għall-ispejjeż addizzjonali, ġejjin mill-iżvantaġġi speċifiċi ta' l-ibgħad reġjuni, ***jiġifieri*** mill-ispejjeż tat-trasport tal-prodotti lejn l-Ewropa kontinentali. Biex jiġi evitat kumpens żejjed, l-ammont għandu jkun proporzjonali għall-ispejjeż addizzjonali li l-għajnuna tpatti għalihom. Għal dan il-għan, għandhom jitqiesu wkoll tipi oħrajn ta' interventi pubbliċi li jħallu impatt fuq il-livell ta' spejjeż addizzjonali.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI MILL-PARLAMENT
Emenda 7	
Premessa 5 a (ġdida)	
	(5a) Għandha tkun ikkunsidrata kif suppost l-importanza soċjo-ekonomika tas-sajd fuq skala żgħira viċin il-kosta u tas-sajd artiġjanali fl-ibgħad reġjuni u tal-bżonn li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-iżvilupp tagħhom.
Emenda 8	
Premessa 5 b (ġdida)	
	(5b) Il-provvista għas-suq Komunitarju għandha tkun awtorizzata, fil-limitu tal-kapaċità tal-produzzjoni attwali, meta l-qabdiet tal-flotot tas-sajd ta' l-ibgħad reġjuni ma jkunux biżżejjed għall-provvista ta' l-industrija ta' trasformazzjoni ta' ħut lokali.
Emenda 9	
Premessa 6	
(6) Sabiex jintlaħqu sew l-għanijiet ta' dan ir-Regolament u sabiex tkun żgurata l-konformità mal-Politika Komuni tas-Sajd, l-għajnuna għandha tkun ***limitata*** għall-prodotti tas-sajd maqbuda u pproċessati skond ir-regoli tagħha.	(6) Sabiex jintlaħqu sew l-għanijiet ta' dan ir-Regolament u sabiex tkun żgurata l-konformità mal-Politika Komuni tas-Sajd, l-għajnuna għandha tkun ***mogħtija*** għall-prodotti tas-sajd maqbuda u pproċessati skond ir-regoli tagħha ***kif ukoll għall-materji primi użati għall-ipproċessar tal-ħut.***
Emenda 10	
Premessa 7 a (ġdida)	
	(7a) Tista' tingħata deroga għall-politika tal-Kummissjoni li ma tigix awtorizzata għajnuna ta' l-Istat fil-każ ta' proċessi fis-settur tal-produzzjoni, tat-trasformazzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd, li t-Trattat jerreferi għalihom, bħala tpattija għall-iżvantaġġi speċifiċi tas-sajd fl-ibgħad reġjuni, b'riżultat ta' l-iżolazzjoni, l-insularità, d-daqs żgħir, t-topografija u l-klima u d-dipendenza ekonomika tagħhom fuq ftit prodotti.
Emenda 11	
Premessa 9	
(9) Biex ikun possibli li ***tittieħed deċiżjoni dwar jekk titkompliex*** l-iskema tal-kumpens ***wara l-2013,*** il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ibbażat fuq evalwazzjoni indipendenti ***fi żmien xieraq qabel ma tintemm l-iskema***.	(9) Biex ikun possibli ***li tiġi riveduta*** l-iskema tal-kumpens***, filwaqt li jitqiesu l-objettivi ta' dan ir-regolament***, il-Kummissjoni għandha***, minn issa sal-31 ta' Diċembru 2011,*** tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ibbażat fuq evalwazzjoni indipendenti, ***li turi l-impatt tal-miżuri implimentati fil-qafas ta' dan ir-regolament, u akkumpanjat, jekk ikun meħtieġ, minn proposti leġiżlattivi.***

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI MILL-PARLAMENT

Emenda 12

Artikolu 1, parti introduttorja

Dan ir-Regolament idaħħal skema għall-perjodu l-2007 sa l-2013 biex jipprovdi kumpens, lill-operaturi stipulati fl-Artikolu 3, għall-ispejjeż addizzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti mir-reġjuni li ġejjin minħabba l-iżvantaġġi speċifiċi ta' dawk ir-reġjuni (hawn taħt imsejjaħ bħala "il-kumpens"):	Dan ir-Regolament idaħħal skema għall-perjodu l-2007 sa l-2013 biex jipprovdi kumpens, lill-operaturi stipulati fl-Artikolu 3, għall-ispejjeż addizzjonali, ***li huma riżultat tal-bgħudija,*** għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti ***mill-ibgħad*** reġjuni**,** li ġejjin minħabba l-iżvantaġġi speċifiċi ta' dawk ir-reġjuni (hawn taħt imsejjaħ bħala "il-kumpens"):

Emenda 13

Artikolu 3, paragrafu 1, parti introduttorja

1. Il-kumpens għandu jitħallas lill-operaturi li ġejjin li jidħlu għal spejjeż addizzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd:	1. Il-kumpens għandu jitħallas lill-operaturi li ġejjin li jidħlu għal spejjeż addizzjonali ***li jirriżultaw mill-bgħudija*** għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd ***tar-reġjuni msemmija f'Artikolu 1***:

Emenda 14

Artikolu 3, paragrafu 1, punt c

c) l-operaturi fis-settur ta' l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni jew assoċjazzjonijiet ta' operaturi bħal dawn, li jidħlu fi spejjeż addizzjonali biex jikkummerċjalizzaw il-prodotti kkonċernati.	c) l-operaturi fis-settur ta' l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni jew assoċjazzjonijiet ta' operaturi bħal dawn, li jidħlu fi spejjeż addizzjonali biex ***jipproduċu, jipproċessaw u*** jikkummerċjalizzaw il-prodotti kkonċernati.

Emenda 15

Artikolu 4, paragrafu 3, punt c a (ġdid)

	ca) monitoraġġ.

Emenda 16

Artikolu 4, paragrafu 4, punt b

b) Maqbuda minn bastimenti tas-sajd Komunitarji li mhumiex irreġistrati f'port ta' wieħed mir-reġjuni msemmija fl-Artikolu 1,	b) Maqbuda minn bastimenti tas-sajd Komunitarji li mhumiex irreġistrati f'port ta' wieħed mir-reġjuni msemmija fl-Artikolu 1, ***bl-eċċezzjoni tar-rikors għall-użu ta' ħut maqbud mill-bastimenti Komunitarji meta l-qabdiet mir-reġjuni msemmija fl-Artikolu 1 ma jkunux biżżejjed biex isostnu l-industrija ta' l-ipproċessar tagħhom;***

Emenda 17

Artikolu 4 a (ġdid)

	Artikolu 4 a
	Prodotti oħra ammissibbli
	Jista' jingħata bl-istess mod kumpens dwar xi prodotti użati fl-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd, sakemm dan il-kumpens ma jikkostitwixxix akkumulazzjoni ta' għajnuniet Komunitarji għall-istess prodott.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI MILL-PARLAMENT

Emenda 18

Artikolu 5, paragrafu 2, punt a

a) għal kull prodott tas-sajd, l-ispejjeż addizzjonali kawża ta' l-iżvantaġġi speċifiċi tar-reġjuni kkonċernati, partikolarment l-infiq għat-trasport lejn il-kontinent Ewropew**,**	a) għal kull prodott tas-sajd, l-ispejjeż addizzjonali kawża ta' l-iżvantaġġi speċifiċi tar-reġjuni kkonċernati, ***jiġifieri*** l-infiq għat-trasport lejn il-kontinent Ewropew ***u bejn ir-reġjuni ġirien imsemmija fl-Artikolu 1;***

Emenda 19

Artikolu 5, paragrafu 2, punt b

b) ***kull tip ieħor ta' intervent pubbliku li jaffettwa l-livell ta' spejjeż addizzjonali***.	b) ***għal kull prodott tas-sajd, l-ispejjeż addizzjonali relatati ma' l-ispejjeż tat-trasport f'kull reġjun imsemmi fl-Artikolu 1 u maħluqa minħabba l-pożizzjoni ġeografika***;

Emenda 20

Artikolu 5, paragrafu 2, punt ba (ġdid)

	ba) it-tip ta' destinatarji, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għas-sajd fuq skala żgħira viċin il-kosta u għas-sajd artiġjanali;

Emenda 21

Artikolu 5, paragrafu 2, punt bb (ġdid)

	bb) kull tip ieħor ta' intervent pubbliku li jkollu impatt fuq il-livell ta' spejjeż addizzjonali.

Emenda 22

Artikolu 5, paragrafu 3

3. Il-kumpens għall-ispejjez adizzjonali għandu jkun proporzjonali għall-ispejjeż addizzjonali li għalihom il-kumpens huwa mmirat li jpatti***, u m'għandux jaqbeż il-75 % ta'*** l-ispejjez tat-trasport lejn il-kontinent Ewropew u spejjeż oħra relatati.	3. Il-kumpens għall-ispejjeż addizzjonali għandu jkun proporzjonali għall-ispejjeż addizzjonali li għalihom il-kumpens huwa mmirat li *jpaċċi* u ***għandu jkopri*** l-ispejjez tat-trasport lejn il-kontinent Ewropew ***u bejn ir-reġjuni msemmija fl-Artikolu 1*** u spejjeż oħra relatati.

Emenda 23

Artikolu 5, paragrafu 4, inċiż a

a) L-Ażores u Madeira: EUR ***4,283,992***;	a) L-Ażores u Madeira: EUR ***4,855,314***;

Emenda 24

Artikolu 5, paragrafu 4, inċiż b

b) Il-Gżejjer Kanari: EUR ***5,844,076***;	b) Il-Gżejjer Kanari: EUR ***6,623,454***;

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI MILL-PARLAMENT
Emenda 25	
Artikolu 5, paragrafu 4, inċiż c	
c) Il-Guiana Franċiża u Réunion: EUR ***4,868,700***	c) Il-Guiana Franċiża u Réunion: EUR ***5,518,000***
Emenda 26	
Artikolu 5, paragrafu 4a (ġdid)	
	4a. Kull sena, l-ammonti msemmija fil-paragrafu 4 għandhom ikunu suġġetti għal aġġustament tekniku kif stipulat fil-punt 16 tal-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja solida [1].
	[1] ***ĠU C 139, 14.6.2006, p.1.***
Emenda 27	
Artikolu 7, paragrafu 1	
1. Fi żmien erba' xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jissottometti lill-Kummissjoni l-lista u l-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 4(1) ***u*** l-livell ta' kumpens imsemmi fl-Artikolu 5. Hawn taħt flimkien imsejħa "il-pjan għall-kumpens".	1. Fi żmien erba' xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri kkonċernati għandhom *jippreżentaw* lill-Kummissjoni l-lista u l-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 4(1)***, il-***livell ta' kumpens imsemmi fl-Artikolu 5(1) ***u lista dettaljata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati biex tkun żgurata l-konformita mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(2) sa 4(4),*** *minn hawn'il quddiem* flimkien imsejħa "il-pjan għall-kumpens".
Emenda 28	
Artikolu 7, paragrafu 4	
4. Jekk Stat Membru jdaħħal emendi skond l-Artikolu 6, għandu jgħaddi lill-Kummissjoni l-pjan tal-kumpens emendat tiegħu. ***Il-proċedura stipulata fil-paragrafi 2 u3 tapplika mutatis mutandis.***	4. Jekk Stat Membru jdaħħal emendi skond l-Artikolu 6, għandu jgħaddi lill-Kummissjoni l-pjan tal-kumpens emendat tiegħu. ***Jekk il-Kummissjoni tonqos milli tirreaġixxi fi żmien erba' ġimgħat li jibdew jgħoddu mid-data li fiha tirċievi l-pjan emendat, dan ta' l-aħħar jiġi meqjus li huwa approvat.***
Emenda 29	
Artikolu 7 a (ġdid)	
	Artikolu 7a
	Aġġustamenti ta' l-ammonti
	Jista' jiġi magħmul aġġustament bejn ir-reġjuni li jappartjenu għall-istess Stat Membru, fil-limiti tal-qafas finanzjarju globali ta' dan ir-regolament.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI MILL-PARLAMENT

Emenda 30

Artikolu 7 b (ġdid)

	Artikolu 7 b
	Għajnuna Statali
	1. Għall-prodotti tas-sajd li għalihom japplikaw l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat, il-Kummissjoni tista' tawtorizza għajnuniet fis-setturi tal-produzzjoni, tat-trasformazzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti msemmija, bħala tpattija għall-iżvantaġġi speċifiċi ta' l-ibgħad reġjuni, b'riżultat tal-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tagħhom.
	2. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-għajnuniet, bħala parti mill-pjanijiet ta' kumpens u approvati minnha b'konformità ma' l-Artikolu 7. L-għajnuniet notifikati b'dan il-mod jiġu meqjusa li jissodisfaw l-obbligu ta' informazzjoni previst fl-Artikolu 88(3), l-ewwel sentenza, tat-Trattat.

Emenda 31

Artikolu 8, paragrafu 1

1. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jfassal rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-kumpens u jgħaddih lill-Kummissjoni sat-30 ta' ***April*** ta' kull sena.	1. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jfassal rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-kumpens u jgħaddih lill-Kummissjoni sat-30 ta' ***Ġunju*** ta' kull sena.

Emenda 32

Artikolu 8, paragrafu 2

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' evalwazzjoni indipendenti, tagħti rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-kumpens, flimkien fejn meħtieġ, ma' proposti leġiżlattivi.	2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011, ***u wara, darba kull ħames snin***, il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' evalwazzjoni indipendenti, tagħti rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-kumpens, flimkien fejn meħtieġ, ma' proposti leġiżlattivi.

Emenda 33

Artikolu 10

L-Istati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet xierqa biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet.	L-Istati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet xierqa biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet. ***Id-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd huma dettaljati biżżejjed biex jippermettu l-identifikazzjoni tal-prodotti li mhux ammissibbli li jibbenefikaw mill-kumpens.***

Emenda 34

Artikolu 14, paragrafu 2

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007 ***sal-31 ta' Diċembru 2013***.	Għandha ***tibda*** tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

P6_TA(2007)0159

Politika Komuni għas-Sajd (Kunsilli Konsultattivi Reġjonali) *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2004/585/KE li tistabbilixxi Kunsilli Konsultattivi Reġjonali skond il-Politika Komuni għas-Sajd (COM(2006)0732 — C6-0051/2007 — 2006/0240(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0732) [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema Trattat il-Kunsill ikkonsulta l-Parlament (C6-0051/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0078/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jirrikonoxxi li l-proposta preżenti tikkonċerna biss l-aspetti finanzjarji tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali u li aspetti oħra għad iridu jiġu solvuti fir-reviżjoni li jmiss, partikolarment dawk relatati ma' l-għadd u l-għamla tagħhom;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

P6_TA(2007)0160

Is-sitwazzjoni tan-nisa b'diżabilità fl-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa b'diżabilitajiet fl-Unjoni Ewropea (2006/2277(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilitajiet adottata fit-13 ta' Diċembru 2006 mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra l-Manifest tan-Nisa b'Diżabilità fl-Ewropa adottat fit-22 ta' Frar 1997 mill-Forum Ewropew tad-Diżabilitajiet,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea [1],

— wara li kkunsidra s-Sena Ewropea għal Opportunitajiet Indaqs (2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni b'-Diżabilitajiet: Pjan ta' Azzjoni Ewropew" (COM(2003)0650),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is Sessi (A6-0075/2007),

A. billi l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (il-Konvenjoni) tirrikonoxxi li n-nisa u l-bniet b'diżabilità normalment huma iktar esposti għar-riskju, fid-dar u barra middar, ta' vjolenza, korriment u abbużi, abbandun jew trattament traskurat, maltrattament jew sfruttament,

B. billi l-Konvenzjoni tenfasizza wkoll il-ħtieġa li tiġi inkorporata il-perspettiva ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isforzi kollha għall-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali mill-persuni b'diżabilitajiet,

C. billi l-Konvenzjoni tirrikonoxxi d-dritt tal-persuni kollha b'diżabilitajiet, u li għandhom biżżejjed età biex jiżżewġu, li jiżżewġu u jibdew familja,

D. billi madwar 80 % tan-nisa b'diżabilitajiet huma vittmi ta' vjolenza psikoloġika u fiżika u billi r-riskju ta' vjolenza sesswali hu akbar għal dawn in-nisa milli għal oħrajn; billi fil-ħajja tan-nisa b'diżabilità l-vjolenza mhix biss fenomenu frekwenti f'ħajjithom, imma hija ġieli l-oriġini innifisha tad-diżabilità tagħhom,

E. billi l-persuni b'diżabilitajiet jikkostitwixxu grupp ta' popolazzjoni diversifikat, u billi l-azzjonijiet maħsuba biex jappoġġawhom għandhom iqisu kemm id-diversità kif ukoll il-fatt li xi gruppi, bħan-nisa b'diżabilità, iħabbtu wiċċhom ma diffikultajiet addizzjonali u ma' aktar minn tip wieħed ta' diskriminazzjoni,

F. billi, skond riċerka li twettqet fl-Istati Membri, huma b'mod partikulari l-ommijiet ta' tfal b'disabilita' li jieħdu passi (mediċi, edukattivi, amministrattivi, eċċ.) bil-għan li jidentifikaw id-diżabilità ta' uliedhom u li jsibu l-aħjar soluzzjonijiet biex jindirizzawha,

G. billi r-responsabbiltà għal persuni b'diżabilità u dipendenti s-soltu jeħduha fuqhom in-nisa u dan ifisser, f'ċerti każi fejn m'hemmx faċilitajiet xierqa ta' kura, li jkollhom jitilqu mis-suq tax-xogħol,

H. billi kemm l-istituzzjonijiet ta' l-UE kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali ta' l-Istati Membri jridu jieħdu azzjoni bl-għan li jiżguraw li l-ugwaljanza għal kulħadd tkun awtentika u effettiva, u billi jkun xieraq li s-Sena ta' l-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd (2007) isservi ta' katalista għal dan,

I. billi n-nisa b'diżabilitajiet isofru minn aktar minn tip wieħed ta' diskriminazzjoni minħabba s-sess, irrazza, l-infermità u d-diżabilità tagħhom u billi huma aktar fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali,

J. billi t-trattament indaqs tan-nisa b'diżabilitajiet u ta' l-ommijiet ta' ulied b'diżabilitajiet huwa dritt talbniedem fundamentali u obbligu etiku,

[1] ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiggarantixxu t-tneħħija ta' l-ixkiel u l-ostakli eżistenti, inkluż l-ixkiel arkitettoniku, sabiex tinħoloq ugwaljanza ta' drittijiet u opportunitajiet għan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-parteċipazzjoni fil-ħajja familjari, politika, kulturali soċjali u professjonali, b'mod partikolari permezz ta' implimentazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni Komunitarja kontra d-diskriminazzjoni u favur l-ugwaljanza bejn is-sessi u permezz ta użu aħjar ta' l-opportunitajiet ipprovduti mill-programmi Komunitarji rilevanti u mill-Fond Soċjali Ewropew;

2. Jistieden lill-Istati Membri biex iqisu b'mod sħiħ il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilitajiet u l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa fil-politiki nazzjonali, reġjonali u lokali kollha, partikularment dawk li jirrigwardjaw l-ippjanar urban, l-edukazzjoni, ix-xogħol, l-akkomodazzjoni, it-trasport, is-saħħa u s-servizzi soċjali;

3. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jadottaw u jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex jappoġġaw lin-nisa b'diżabilitajiet sabiex ikunu jistgħu jimxu 'l quddiem f'dawk l-oqsma tal-ħajja soċjali, professjonali, kulturali u politika li fihom għadhom m'humiex rappreżentati biżżejjed;

4. Jistieden lill-gvernijiet nazzjonali u reġjonali biex jippromwovu u jiffinanzjaw, b'riżorsi xierqa, b'politiki innovattivi u b'servizzi li jindirizzaw is-sessi u d-diżabilità, b'mod partikulari rigward l-assitenza personali, il-mobilità, is-saħħa, l-edukazzjoni, it-taħriġ, it-tagħlim tul il-ħajja, ix-xogħol, il-ħajja indipendenti u s-sigurtà soċjali;

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplimentaw leġiżlazzjoni u politiki effettivi li jiffokaw fuq in-nisa u t-tfal, li jiżguraw li każi ta' sfruttament, vjolenza u abbuż sesswali kontra persuni b'diżabilitajiet — fil-post fejn ikunu joqogħdu jew barra minnu — jiġu identifikati u investigati u, fejn ikun xieraq, jittieħdu passi bil-liġi; jissuġġerixxi li, f'dak il-kuntest, tingħata attenzjoni partikulari lin-nisa b'diżabilitajiet li d-diżabilità tagħhom ma tkunx tħallihom jirrappreżentaw lilhom infushom, u li jitfasslu miżuri preventivi sabiex tiġi eliminata kull differenza f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt tan-nisa b'disabilita' u dak ta' nisa oħra rigward l-integrita' fiżika personali u l-espressjoni sesswali tagħhom;

6. Jiddeplora l-fatt li huwa tliet darbiet aktar probabbli għan-nisa b'diżabilitajiet li jisfaw vittmi tal-vjolenza milli għan-nisa mingħajr diżabilitajiet, u għaldaqstant jagħmel stedina biex il-Programm Daphne jintuża wkoll biex tiġi miġġielda vjolenza ta' dan it-tip;

7. Jenfasizza l-importanza li tiġi miġġielda b'mod attiv is-segregazzjoni mit-tfulija 'l quddiem tan-nies b'diżabilitajiet;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-proġetti pilota u l-proċeduri ppruvati u misjuba tajbin għal stabbilimenti integrattivi mill-kindergarten, l-iskola u t-taħriġ sal-ħajja professjonali;

9. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea tieħu l-passi kollha possibbli, inkluża azzjoni leġiżlattiva, biex tintegra s-sistema ta' għajnuna u tagħmel disponibbli aktar finanzjament għan-nisa u t-tfal b'diżabilitajiet;

10. Jistieden lill-Istati Membri biex jindirizzaw in-nuqqas ta' sanita' adatta għan-nisa b'diżabilitajiet billi jipprovdu staff mediku speċjalizzat u infrastrutturi xierqa;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex, flimkien ma' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, tinvestiga l-problemi partikulari rigward l-assistenza tas-saħħa u dik medika li jiltaqgħu magħhom in-nisa b'diżabilitajiet, b'attenzjoni fuq il-prevenzjoni u t-tagħrif;

12. Iqis li hemm relazzjoni bejn li wieħed ikollu diżabilità u livell aktar baxx ta' studju milħuq u r-riperkussjonijiet ta' dan aktar tard fir-rati tax-xogħol fost il-persuni b'diżabilità;

13. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li n-nisa b'diżabilitajiet jilħqu livelli ta' studju aktar baxxi, u li għalhekk ikollhom aktar problemi biex jiksbu aċċess għas-suq tax-xogħol, biex jibqgħu fih u biex jiġu promossi fih; jenfasizza li l-persuni b'diżabilità għandu jkollhom l-istess possibilitajiet li jistudjaw u d-dritt ta' aċċess għas-suq tax-xogħol bl-għan li jkunu jistgħu jappoġġaw lilhom infushom; huwa tal-fehma li jkun xieraq li n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet ikunu wkoll inkuraġġiti biex ifittxu l-edukazzjoni u x-xogħol fuq il-bażi tar-riżorsi u l-interessi tagħhom aktar milli fuq il-bażi tan-nuqqasijiet tagħhom;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex irawwmu l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' l-aċċess universali fejn jidħlu l-ambjent, il-prodotti u s-servizzi, sabiex in-nisa b'diżabilitajiet ikunu jistgħu jgawdu mill-akbar awtonomija possibbli;

15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, minħabba l-fatt li f'bosta sitwazzjonijiet il-faċilitajiet tat-Teknoloġiji ta' l-Informatika u tal-Komunikazzjoni (ITC) huma strument fundamentali għall-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità, ifasslu miżuri xierqa sabiex tiġi eliminata d-distinzjoni diġitali bejn is-sessi, sabiex in-nisa b'diżabilitajiet ikunu jistgħu jkollhom aċċess għall-faċilitajiet ta' l-ITC u jibbenefikaw minnhom b'kundizzjonijiet daqs dawk ta' l-irġiel;

16. Jemmen li, bil-ħsieb li jitjieb l-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-persuni b'diżabilitajiet, biex ikunu jistgħu jsiru aktar attivi u biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom, ikun xieraq li jsir użu mill-inċentivi kollha possibbli, inklużi l-inċentivi tat-taxxa, sabiex dawk li jħaddmu jitħeġġu sabiex jimpjegaw persuni b'diżabilitajiet u biex jadattaw il-ħinijiet tax-xogħol skond il-ħtiġijiet tal-ġenituri li jkunu qed irabbu tfal b'diżabilitajiet;

17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, fl-isforzi tagħhom biex iżidu t-tħaddim ta' nisa b'diżabilitajiet, ma jħallux li ssir diskriminazzjoni minn min iħaddem b'konnessjoni ma' l-impjieg ta' nisa b'diżabilitajiet;

18. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jintroduċu il-prinċipju ta' "flessibilità" fl-oqsma marbuta mad-diżabilità, peress li kull persuna b'diżabilità jkollha bżonnijiet differenti, sabiex, f'komunità b'diversitajiet ta' ċittadini l-għajnuniet ikunu jistgħu jiġu adattati għal kull sitwazzjoni individwali;

19. Iqis li l-miżuri maħluqa jkunu mmirati lejn integrazzjoni ikbar;

20. Ifakkar li huma n-nisa li, fil-biċċa l-kbira tal-każi, jieħdu ħsieb in-nies b'diżabilitajiet, u għalhekk huwa tal-fehma li huwa neċessarju li jiġu żviluppati miżuri sabiex jinħoloq għarfien soċjali bil-għan li jiġi żgurat li anki l-irġiel ikunu mdaħħla f'dan ix-xogħol;

21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ifittxu li r-responsabbiltà li wieħed jieħu ħsieb il-persuni b'diżabilitajiet u dik għall-parteċipazzjoni tagħhom, jagħmluha responsabbiltà tas-soċjetà kollha kemm hi aktar milli tal-familji tal-persuni kkonċernati u biex iqisu, meta jfasslu l-politiki, id-dedikazzjoni partikulari tan-nisa li huma responsabbli minn persuni b'diżabilitajiet, u s-sitwazzjoni tal-persuni, ta' spiss il-qraba, li jieħdu responsabbiltà għall-persuni b'diżabilitajiet; huwa tal-fehma li huwa importanti li wieħed jenfasizza l-fatt li dan ix-xogħol prinċipalment jagħmluh in-nisa u li għaldaqstant in-nisa huma affettwati b'mod partikulari mit-tnaqqis fis-servizzi ta' l-assistenza pubblika, kemm bħala persuni mħallsin biex jieħdu ħsieb ħaddieħor kif ukoll bħala qraba;

22. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ifasslu l-miżuri meħtieġa biex tingħata assistenza lix-xogħol tal-familji u l-organizzazzjonijiet li jgħinu kemm lil persuni b'diżabilitajiet kif ukoll lill-familji tagħhom;

23. Huwa tal-fehma li hu neċessarju li jitressqu proposti dwar modi kif jiġu stabbiliti diversi miżuri ta' appoġġ sabiex kemm il-persuni b'diżabilitajiet kif ukoll il-familji tagħhom ikunu jistgħu jkollhom ħajja normali bħall-persuni mingħajr diżabilitajiet u l-familji tagħhom, kif ukoll miżuri ta' appoġġ għal dawk — spiss qraba — li jieħdu fuq spallejhom ir-responsabbiltà ekonomika u soċjali għal persuni b'diżabilitajiet, li għalihom ta' spiss jiddedikaw ħinhom kollu, responsabilità li tiżolahom u teħtieġ appoġġ fuq diversi livelli; jinnota li, kif inhuma l-affarijiet bħalissa, in-nisa jġorru parti kbira minn tali responsabiltajiet, kemm dawk imħallsa kif ukoll dawk li m'humiex; huwa tal-fehma li huwa evidenti minnu nnifsu li dan m'hux xogħol li primarjament għandu jsir minn sess jew ieħor u li jkun xieraq li l-idea li din hija responsabbiltà tan-nisa tiġi miġġielda b'mod attiv;

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

24. Jipproponi li l-Istati Membri jarmonizzaw ir-regolamenti muniċipali li jirregolaw l-ipparkjar għad-diżabbli u li jikkunsidraw li jnaqqsu n-nollijiet tat-trasport għal dawk li jkunu qed jakkumpanjaw lil persuni diżabbli;

25. Hu tal-fehma li wieħed mill-għanijiet prinċipali li l-Unjoni Ewropea għandha timmira li tilħaq huwa t-titjib fil-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità u tal-familji tagħhom u l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà;

26. Jisħaq fuq il-ħtieġa li fil-media tissaħħaħ il-viżibilità tan-nisa b'diżabilitajiet u tittejjeb l-impressjoni li tingħata dwarhom, u dan iwassal biex il-pubbliku ġenerali jsir jaf aktar dwar il-ħajja ta' kuljum tagħhom u jingħatawlhom opportunitajiet akbar biex jesprimu lilhom infushom u jieħdu sehem fil-ħajja soċjali u politika;

27. Jisħaq fuq kemm hu importanti li l-Istati Membri jirrikonoxxu d-dritt evidenti minnu nnifsu tan-nisa b'diżabilitajiet għall-espressjoni sesswali tagħhom infushom u d-dritt tagħhom li jibdew familja;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu leġiżlazzjoni li tiżgura ħajja indipendenti għan-nisa u l-irġiel b'diżabilità, b'mod li wieħed jirrikonoxxi li din hija dritt fundamentali li jrid jiġi rrispettat;

29. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li t-tfal, iż-żgħażagħ u l-adulti b'diżabilitajiet japprofittaw mill-kondizzjonijiet neċessarji għall-indipendenza u d-determinazzjoni awtonoma tagħhom u biex, filwaqt li jagħmlu dan, jiddedikaw attenzjoni speċjali għall-kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza;

30. Jirrikonoxxi li, anki fir-rigward ta' servizzi dwar il-ħajja indipendenti u servizzi tas-saħħa eżistenti, innisa b'diżabilità jesperjenzaw diskriminazzjoni fejn jidħol l-aċċess;

31. Jenfasizza l-irwol ta' l-edukazzjoni tat-tfal subien u bniet fil-bini tas-soċjetà tal-ġejjieni, u jenfasizza li għandhom isiru sforzi biex tkun immirata biex tiżgura li d-diżabilità ma xxekkilhomx milli jipparteċipaw fis-soċjetà bl-istess drittijiet u opportunitajiet, sabiex titħeġġeġ klima ta' koperazzjoni, integrazzjoni, u tqajjim ta' kuxjenza dwar id-diżabilità fl-iskejjel, peress li din ta' l-aħħar hi għodda indispensabbli biex issir realtà;

32. Jisħaq fuq l-irwol importanti ta' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jaħdmu man-nisa b'diżabilitajiet u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jgħinuhom;

33. Jenfasizza l-ħtieġa li tinġabar 'data' reċenti kklassifikata skond is-sessi dwar is-suġġett tad-diżabilità u li ssir riċerka li tuża l-indikaturi tas-sessi sabiex tiskopri s-sitwazzjoni reali tan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet;

34. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi ggarantita l-assistenza għas-saħħa riproduttiva tan-nisa b'diżabilitajiet, b'mod li jingħata kas ta' aspetti bħall-ippjanar tal-familja, is-servizzi tas-saħħa u l-informazzjoni dwar il-maternità, sabiex ikunu kapaċi jistabbilixxu relazzjonijiet li jkunu ġusti, responsabbli u sodisfaċenti;

35. Huwa tal-fehma li jkun xieraq li l-politika ta' l-UE tagħti lill-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, lill-'unions' tal-ħaddiema u lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi aktar inkuraġġiment biex ifasslu mezzi aktar effettivi biex jassistu lill-persuni b'diżabilitajiet;

36. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-ħolqien ta' network għan-nisa b'diżabilitajiet madwar l-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi kandidati, b'mod li tippermetti l-iskambju ta' l-aħjar prassi, il-bini tal-kapaċità u r-responsabilizzazzjoni;

37. Jenfasizza l-ħtieġa għal aċċess tan-nisa b'diżabilitajiet għall-medja awdjoviżiva ġdida;

38. Ifakkar lill-Kummissjoni li għarfien fil-fond ta' din il-kwistjoni u tal-"mudell soċjali għad-diżabilità", msejjes fuq ix-xkiel soċjali kuntrarjament għall-"approċċ mediku għad-diżabilità" li jillimita ruħu biss għall-aspetti mediċi tad-diżabilità, jikkostitwixxi bażi xierqa biex jiġu provduti soluzzjonijiet, servizzi u appoġġ, biex jitfasslu politiċi, biex jiġu attribwiti riżorsi u biex titkejjel l-inċidenza tal-politiki fuq il-qagħda tal-persuni b'diżabilità;

39. Ifakkar lill-Istati Membri li l-kollaborazzjoni tagħhom biex tkun avvanzata u mtejba l-qagħda tan-nisa u l-bniet li jbatu minn kwalunkwe tip ta' diżabilità għandha importanza fundamentali;

40. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu l-inizjattivi taċ-ċittadini li jkunu mmirati biex jgħinu lil dawk li għandhom diżabilitajiet;

41. Ifakkar fl-importanza ta' l-imsieħba soċjali, tan-negozju u tas-soċjetà ċivili, u b'mod partikulari ta' l-organizzazzjonijiet tan-nisa u tal-ġenituri tat-tfal b'diżabilità fil-promozzjoni ta' l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għax-xogħol u t-taħriġ tul il-ħajja għal persuni b'diżabilitajiet, b'attenzjoni xierqa lejn il-ħtiġijiet speċjali tagħhom;

42. Jirrikonoxxi x-xogħol ta' l-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri, li normalment jinħolqu u jitmexxew minn ommijiet ta' tfal b'diżabilitajiet, li permezz ta' l-organizzazzjonijiet tagħhom u tas-siti tagħhom fuq l-Internet jiġbru tagħrif (dwar ċentri mediċi speċjalizzati, u dwar regolamenti dwar l-edukazzjoni, is-sigurtà soċjali, eċċ.) li bih jgħinu lil ġenituri oħra u joħolqu l-għarfien fost l-awtoritajiet pubbliċi;

43. Jistieden lill-Istati Membri biex jinfurmaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni dwar il-qagħda tan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet fuq il-bażi tar-rapporti nazzjonali tagħhom u tal-miżuri adottati bi qbil mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' kull forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa;

44. Huwa tal-fehma li jkun xieraq li d-diżabilitajiet jitqiesu bħala fenomenu naturali, li jagħmel parti mill-ħajja ta' kuljum, u mhux devjazzjoni minnha; jinnota li dejjem se jkun hemm ċittadini b'diżabilitajiet u li għaldaqstant huwa evidenti minnu nnifsu li d-diżabilità hija parti integrali mis-soċjetà;

45. Jemmen li għandu jippromvovi hu stess żvilupp u sfruttament akbar tat-teknoloġija u tal-faċilitajiet sabiex jinqerdu l-ambjenti li huma ostili għall-persuni b'dizabilita'; huwa tal-fehma li jkun xieraq li l-ħidma għall-iżvilupp tkun ibbażata fuq il-fatt li l-irġiel u n-nisa kultant ikollhom ħtiġijiet differenti;

46. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-ugwaljanza tal-kundizzjonijiet ta' l-għixien għall-bniet u s-subien u n-nisa u l-irġiel b'diżabilitajiet;

47. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-Kunsill ta' l-Ewropa u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

P6_TA(2007)0161

Informazzjoni bażika dwar il-Paritajiet ta' Kapaċità għall-Infiq (kalkolu u disseminazzjoni) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni biex tiġi provduta informazzjoni dwar il-Paritajiet ta' Kapaċità għall-Infiq u għall-kalkolu u d-disseminazzjoni tagħhom (COM(2006)0135 — C6-0100/2006 — 2006/0042(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0135) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 285(1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0100/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0077/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

P6_TC1-COD(2006)0042

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-26 ta' April 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni biex tiġi provduta informazzjoni dwar il-Parità ta' Kapaċità għall-Infiq u għall-kalkulazzjoni u t-tixrid tagħha

(Billi intlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari tikkorrispondi ma' l-att leġiżlattiv aħħari, ir-Regolament (KE) Nru …/2007.)

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

P6_TA(2007)0162

Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 fir-rigward ta' dak il-mekkaniżmu (COM(2006)0401 — C6-0253/2006 — 2006/0140(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006) 0401) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 62(2) (a) u 66 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0253/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0135/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Japprova d-dikjarazzjoni annessa;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

P6_TC1-COD(2006)0140

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-26 ta' April 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament (KE) Nru…/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 fir-rigward ta' dak il-mekkaniżmu u li jirregola l-kompiti u l-poteri ta' uffiċjali mistiedna.

(Billi intlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari tikkorrispondi ma' l-att leġiżlattiv aħħari, ir-Regolament (KE) Nru 863/2007.)

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

ANNESS

DIKJARAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenfassizzaw li f'każ ta' sitwazzjoni ta' pressjoni urġenti u eċċezzjonali fil-fruntieri esterni li teħtieġ l-intervent ta' Tim ta' Intervent Rapidu fuq il-Fruntiera u possibilment f' każ ta' nuqqas ta' mezzi finanzjarji fil-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Immaniġġjar tal-Kooperazzjon Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (FRONTEX) sabiex jagħmlu dan, il-possibbiltajiet kollha sabiex jiġi żgurat il-finanzjament għandhom jiġu esplorati. Il-Kummissjoni ser tivverifika b'urġenza kbira jekk jista' jsir tqassim mill-ġdid tal-fondi. F'każ li tkun meħtieġa deċiżjoni ta' l-awtorita' baġitarja, il-Kummissjoni ser tagħti bidu għal proċedura li hi skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, jiġifieri l-Artikolu 23 u 24, sabiex tiżgura deċiżjoni bikrija taż-żewġ kapaċitajiet ta' l-awtorita' baġitarja dwar il-mezzi biex tipprovdi għal finanzjament addizjonali għall-FRONTEX sabiex jibgħat Tim ta' Intervent Rapidu fuq il-Fruntiera. L-awtorita' baġitarja timpenja ruħa sabiex taġixxi kemm jista' jkun malajr, filwaqt li tqis l-urġenza.

P6_TA(2007)0163

Il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2006)0587 — C6-0402/2006 — 2006/0190(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0587) [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0402/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0085/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI TAL-PARLAMENT

Emenda 3

Artikolu 1, Punt 1
Artikolu 11, Paragrafu 5 (Regolament (KE) 2371/2002)

5. ***Bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2006, fuq bastimenti tas-sajd ta' 5 snin jew aktar,*** il-modernizzazzjoni 'l fuq mill-gverta prinċipali sabiex tittejjeb is-sikurezza abbord, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-iġjene, u l-kwalità tal-prodott jistgħu jżidu t-tunnellaġġ tal-bastiment, sakemm din il-modernizzazzjoni ma żżidx il-kapaċità tal-bastiment biex jaqbad il-ħut. Il-livelli ta' referenza, kif stabbiliti skond dan l-Artikolu u l-Artikolu 12, għandhom jiġu adattati kif jixraq. Il-kapaċità korrispondenti m'hemmx għalfejn titqies għall-istabbiliment tal-bilanċ ta' dħul u ħruġ minn Stati Membri skond l-Artikolu 13.	5. ***Il-***modernizzazzjoni 'l fuq mill-gverta prinċipali sabiex tittejjeb is-sikurezza abbord, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-iġjene, u l-kwalità tal-prodott jistgħu jżidu t-tunnellaġġ tal-bastiment, sakemm din il-modernizzazzjoni ma żżidx il-kapaċità tal-bastiment biex jaqbad il-ħut. Il-livelli ta' referenza, kif stabbiliti skond dan l-Artikolu u l-Artikolu 12, għandhom jiġu adattati kif jixraq. Il-kapaċità korrispondenti m'hemmx għalfejn titqies għall-istabbiliment tal-bilanċ ta' dħul u ħruġ minn Stati Membri skond l-Artikolu 13.

Emenda 1

ARTIKOLU 1, PUNT 1
Artikolu 11, paragrafu 6, inċiżi 1 u 2 (Regolament (KE) Nru 2371/2002)

— ***4 %*** tat-tunnellaġġ medju annwali rtirat bl-għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2006 għall-Istati Membri li kienu parti mil-Komunità fl-1 ta' Jannar 2003, u ***4 %*** tat-tunnellaġġ medju annwali rtirat bl-għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2006 għall-Istati Membri li ssieħbu mal-Komunità fl-1 ta' Mejju 2004, u,	— ***10 %*** tat-tunnellaġġ medju annwali rtirat bl-għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2006 għall-Istati Membri li kienu parti mil-Komunità fl-1 ta' Jannar 2003, u ***10 %*** tat-tunnellaġġ medju annwali rtirat bl-għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2006 għall-Istati Membri li ssieħbu mal-Komunità fl-1 ta' Mejju 2004, u,
— ***4 %*** tat-tunnellaġġ irtirat mill-flotta bl-għajnuna pubblika mill-1 ta' Jannar 2007.	— ***10 %*** tat-tunnellaġġ irtirat mill-flotta bl-għajnuna pubblika mill-1 ta' Jannar 2007.

Emenda 2

ARTIKOLU 1, PUNT 2
Artikolu 13, paragrafu 1, punt (c), sotto-paragrafi 1a u 1b (ġdid) (Regolament (KE) Nru 2371/2002)

	Minkejja dan, dan it-tnaqqis fil-qawwa, m'għandu taħt l-ebda ċirkustanza jnaqqas is-sikurezza, l-abitabilità jew l-effiċjenza tas-sistemi ta' l-ipproċessar tal-ħut tal-bastiment,
	Barra minn hekk, peress li l-għan tat-tnaqqis hu li tiġi evitata kwanunkwe żieda fil-kapaċità tas-sajd tal-bastiment, id-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel sotto paragrafu m'għandhomx jiġu kkunsidrati fejn il-magna tkun ġiet mibdula biex tiġi ffrankata l-enerġija u/jew biex ittejjeb l-effiċjenza tal-bastiment f'oqsma oħra ħlief il-kapaċita tas-sajd, jew fejn ikunu intgħażlu metodi ta' sajd aktar selettivi, fir-rigward ta' l-użu tal-bastiment.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

P6_TA(2007)0164

In-Negozjati ta' kuntratt ta' konċessjoni Galileo

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar in-negozjati ta' kuntratt ta' konċessjoni Galileo

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' l-iskjerament u l-fażijiet operattivi kummerċjali tal-programm Ewropew tal-programm ta' radju navigazzjoni bis-satellita (COM(2004)0477), u l-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' Settembru 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni għal regolament tal-Kunsill li jemenda l-Istatuti ta' l-Intrapriża Konġunta Galileo annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 (COM(2006)0351), u l-pożizzjoni tiegħu ta' l-24 ta' Ottubru 2006 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 tat-12 ta' Lulju 2004 dwar it-twaqqif ta' strutturi għall-immaniġġjar tal-programmi Ewropej tar-radju navigazzjoni bis-satellita ([3]) u l-proposta mill-Kummissjoni għal regolament tal-Kunsill li jemenda dan ir-Regolament (COM(2005)0190), u l-pożizzjoni tiegħu tat-12 ta' Ottubru 2006 ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Settembru 2006 dwar analiżi ġenerali tal-Programm Galileo ([5]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill għat-Trasport, it-Telekomunikazzjonijiet u l-Enerġija (TTE) dwar l-istat tan-negozjati tal-kuntratti ta' konċessjoni tat-22 ta' Marzu 2007,

— wara li kkunsidra d-dokumenti relevanti ppreżentati lill-Ministri TTE, bħall-ittra mill-Viċi President Barrot tal-Kummissjoni rigward l-istatus tan-negozjati ta' konċessjoni u r-rapport mill-President attwali tal-Kunsill rigward il-kwistjonijiet pendenti elenkati mill-konsorzju li għamel l-offerta,

— wara li kkunsidra l-mandat doppju mogħti mill-Kunsill TTE lill-Viċi President Barrot tal-Kummissjoni biex jippreżenta lill-laqgħa tal-Kunsill ta' Ġunju 2007 proposti biex jiżguraw l-objettivi finanzjarji pubbliċi fuq perjodu ta' żmien fit-tul u għal possibilitajiet alternattivi, fil-każ ta' falliment, biex ikomplu negozjati effettivi u b' limitu ta' żmien li jorbot mal-konsorzju li għamel l-offerta,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-Programm Galileo, inklużi s-servizzi ta' navigazzjoni bis-satellita EGNOS bħala prekursur ta' Galileo, iżda huwa mħasseb serjament bil-fatt li n-negozjati ta' konċessjoni waqfu għal bosta xhur u li dewmien bħal dan se jkollu impatt sinifikattiv fuq l-ispiża ġenerali;

2. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Settembru 2006, li stiednet lill-partijiet ikkonċernati fin-negozjati biex jilħqu ftehim b'mod kostruttiv; għalhekk, jilqa' l-ittra tal-Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli mill-Programm Galileo u l-konklużjonijiet tal-Kunsill TTE tat-22 ta' Marzu 2007, u jenfasizza l-importanza tal-partijiet ikkonċernati li jimplimentaw id-deċiżjonijiet milħuqa f'Diċembru 2005 ('l hekk imsejħa ftehim van Miert);

([1]) ĠU C 193 E, 17.8.2006, p. 61.
([2]) *Testi Adottati,* P6_TA(2006)0423.
([3]) ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1.
([4]) *Testi adottati,* P6_TA(2006)0401.
([5]) *Testi adottati,* P6_TA(2006)0385.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

3. Jinnota li l-Kunsill, il-Parlament, il-Kummissjoni u l-korpi konsultattivi ta' l-UE jappoġġjaw b'mod qawwi l-mandat ċar mogħti lill-Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli mill-Programm Galileo biex iressaq lill-Kunsill ta' Ġunju 2007, b'mod partikulari:

a. pjan direzzjonali kredibbli biex jiġu konklużi kuntratti mill-aktar fis possibbli,

b. soluzzjonijiet possibbli biex jiżguraw obbligi finanzjarji fuq perjodu ta' żmien twil,

c. possibiltà għal dispożizzjoni mill-aktar fis possibbli ta' servizzi ta' navigazzjoni bis-satellita EGNOS,

d. possibilitajiet alternattivi għat-twettieq tal-programm, b'mod speċjali għal spejjeż, riskju u prezz li jkun possibbli li jitħallas;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproċedi b'rittmu mgħaġġel fir-rigward tal-leġiżlazzjoni relatata mas-suq regolat, ibbażat fuq il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar l-Applikazzjonijiet tan-Navigazzjoni bis-Satellita, biex tiżgura pjan ta' negozju kredibbli;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq proposta — flimkien ma' l-Aġenzija ta' l-Ispazju Ewropea — kapaċi li ssolvi l-problema ta' tmexxija pubblika aħjar billi tiżgura responsabbiltà u tmexxija ċara min-naħa tal-Kummissjoni;

6. Jistieden lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-karatteristika Komunitarja tal-proġett, biex tirrispetta il-Ftehim ta' Qafas dwar relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni [1] u, b'mod partikulari, il-paragrafu 19 tagħha dwar ir-relazzjonijiet esterni, u b'hekk biex tiżgura li l-Parlament ikun infurmat b'mod sħiħ bl-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-Kummissjoni biex tinnegozja ma' pajjiżi terzi bil-ħsieb li tikkonkludi ftehim dwar is-sħubija assoċjata tagħhom għal parteċipazzjoni fl-Awtorità Superviżorja Galileo;

7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżentalu rapport ta' progress wieħed sa nofs Lulju 2007 u ieħor ferm qabel ma n-negozjati jilħqu l-punt ta' proposta riveduta għal bażi legali modifikata għal finanzjament tal-Programm Galileo ikun disponibbli;

8. Jistieden lill-Kunsill biex jiżgura li kwalunkwe dewmien ieħor għal dan il-proġett jibqa' f'livell minimu;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

[1] Ara l-Anness mad-Deċiżjoni tal-Parlament tas-26 ta' Mejju 2005 (ĠU C 117 E, 18.5.2006, p. 125).

P6_TA(2007)0165

Id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja 2006 u l-politika ta' l-UE fir-rigward ta' dan

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja 2006 u l-politika ta' l-UE fir-rigward ta' dan (2007/2020(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-tmien Rapport Annwali ta' l-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (2006) [1],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 3, 6, 11, 13 u 19 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 177 u 300 tat-Trattat KE,

[1] Dokument tal-Kunsill 13522/1/2006.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-istrumenti internazzjonali relevanti kollha għad-drittijiet tal-bniedem ([1]),

— wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet kollha tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-protokolli mhux obbligatorji tagħhom,

— wara li kkunsidra d-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2002 ta' l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) u r-riżoluzzjonijiet tiegħu relatati mal-Qorti Kriminali Internazzjonali ([2]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin u l-Pjan ta' l-UE ta' l-2005 dwar l-aħjar prattiki, standards u proċeduri għall-ġlieda u l-prevenzjoni ta' l-ittraffikar tal-bnedmin ([3]),

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (ECHR), rigward it-tneħħija tal-piena kapitali f'kull ċirkostanza,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura u t-Trattament jew Kastigi oħra li huma Krudili, Inumani jew Degradanti,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija ACP-EU (Grupp ta' Stati ta' l-Afrika, l-Karibew u l-Paċifiku) u r-reviżjoni tiegħu ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Marzu 2006 dwar ir-riżultat tan-negozjati fil-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u fit-62 sessjoni ta' l-UNCHR ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Frar 2006 dwar il-klawsola dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Frar 2007 dwar l-inizjattiva favur moratorju universali fuq il-piena tal-mewt ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet kollha ta' urġenza li adotta dwar każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2007 dwar is-seba' u t-tmien Rapporti Annwali tal-Kunsill skond id-Dispożizzjoni Operattiva 8 tal-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-Esportazzjonijiet ta' l-Armi ([9]),

([1]) Għat-testi bażiċi rilevanti kollha, ikkonsulta t-tabella fl-Anness III għar-rapport A6-0128/2007 tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin.
([2]) ĠU C 379, 7.12.1998, p. 265; ĠU C 262, 18.9.2001, p. 262; ĠU C 293 E, 28.11.2002, p. 88; ĠU C 271 E, 12.11.2003, p 576.
([3]) ĠU C 311, 9.12.2005, p. 1.
([4]) ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.
([5]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3; ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27.
([6]) ĠU C 291 E, 30.11.2006, p.409.
([7]) ĠU C 290 E, 29.11.2006, p 107.
([8]) *Testi Adottati,* P6_TA(2007)0018.
([9]) *Testi Adottati,* P6_TA(2007)0008.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

— wara li kkunsidra Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja [1],

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabilixxi Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali [2],

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Forum Annwali ta' l-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, organizzat mill-Presidenza Finlandiża u l-Kummissjoni u li sar f'Helsinki f'Diċembru 2006,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni id-Drittijiet u tal-Persuni b'Diżabilità, adottata bir-riżoluzzjoni A/RES/61/106 TA' L-Assemblea Ġenerali tan-NUfit-13 ta' Diċembru 2006, li tistabbilixxi l-obbligu li l-interessi u l-preokkupazzjonijiet ta' persuni b'diżabilità jiddaħħlu f'azzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-rigward ta' pajjiżi terzi,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha kontra l-Għajbien Sfurzat, adottata bir-riżoluzzjoni A/RES/61/177 TA'L-Assemblea Ġenerali ta' l-20 ta' Diċembru 2006 u miftuħa għall-firma fis-6 ta' frar 2007

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-promozzjoni ta' l-osservanza tal-liġi umanitarja nazzjonali [3],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0128/2007),

A. billi r-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 2006 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni jagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE u barra l-UE,

B. billi din ir-riżoluzzjoni għandha l-għan li teżamina, tevalwa u, f'każijiet speċifiċi, toffri kritika kostruttiva ta' l-attivitajiet fir-rigward tad–drittijiet tal-bniedem tal-Kummissjoni u tal-Kunsill, u ta' l-attivitajiet ġenerali tal-Parlament, b'mod partikulari billi jiġbed l-attenzjoni għal kwistjonijiet minsija f'dawn l-attivitajiet,

C. billi għandu jkun rikonoxxut li hemm rabta bejn il-politiki interni u esterni ta' l-UE fuq il-bażi li r-rekord intern ta' l-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem għandu impatt dirett fuq il-kredibilità u l-abilità tagħha li timplimenta politika esterna effettiva,

D. billi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u sistema demokratika ta' governanza huma neċessarjament marbuta bejniethom, u billi l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għandha tkun marbuta mal-promozzjoni u l-applikazzjoni tal-governanza demokratika,

E. billi għandhom isiru sforzi b'mod ġenerali biex jiffukaw attenzjoni akbar fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, b'mod partikulari d-drittijiet politiċi, waqt li jkunu qed jiġu nnegozjat ftehim bilaterali jew kummerċjali reġjonali anke ma' sieħba importanti fil-kummerċ;

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-UE għandha rwol li dejjem qed ikun iktar attiv fix-xena dinjija biex ittejjeb id-drittijiet tal-bniedem globalment; jikkonsidra li t-tkabbir l-iktar riċenti ta' l-UE għal 27 Stat Membru b'494 miljun abitant żied l-importanza globali ta' l-UE u, b'hekk, taha importanza ikbar fl-isforzi tagħha biex tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija internazzjonalment;

[1] ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1.
[2] ĠU L 53, 22.2.2007, p.1.
[3] ĠU C 327, 23.12.2005, p. 4.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

2. Jikkonsidra li jeħtieġ li tingħata aktar prijorità lit-titjib fil-kapacita' ta' l-UE li tirreaġixxi dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem minn pajjiżi terzi, mhux l-anqas billi tintegra sistematikament il-politika dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tal-politiki ta' l-UE fil-konfront ta' pajjiżi bħal dawn, inkluż l-impatt estern tal-politiki interni ta' l-UE;

3. Ikompli jenfasizza l-ħtieġa għall-politika konsistenti implimentata mill-Istati Membri kollha ta' l-UE fir-relazzjonijiet bilaterali tagħhom ma' pajjiżi terzi fejn id-drittijiet tal-bniedem jinkisru ta' spiss jew fejn hemm riskju ġenwin li dawn jistgħu jinkisru, u jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu l-kuntatti bilaterali tagħhom ma' dawn il-pajjiżi b'mod konsistenti mal-politika ta' l-UE, b'mod partikulari fir-rigward ta' sforzi attivi biex jiġi żgurat ir-rispett għad-drittjiet tal-bniedem;

4. Huwa ta' l-opinjoni li politika ta' l-affarijiet barranin Ewropea konsistenti għandha tagħti prijorità assoluta lill-promozzjoni tad-demokrazija, peress li s-soċjetà demokratica hija l-bażi sabiex ikunu sostnuti d-drittijiet tal-bniedem;

5. Jikkonsidra li l-progress li sar biex titwaqqaf l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali jirrappreżenta pass ieħor lejn it-tweġiba għas-sejħa tal-Parlament biex jiġi stabbilit qafas integrat ta' regoli u istituzzjonijiet imfassla biex jagħtu forza vinkolanti lill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u biex jiżguraw l-osservanza tas-sistema prevista fl-ECHR; jenfasizza l-fatt li l-mandat ta' l-Aġenzija jkopri wkoll lil dawk il-pajjiżi li kkonkludew Ftehim ta' Stabilità u Assoċjazzjoni ma' l-UE; jemmen li l-Aġenzija għandu jkollha l-kompetenza ta' rwol ta' assistenza lill-UE fl-implimentazzjoni tal-politiki barranin tagħha, meta dawn jirrikjedu evalwazzjoni tas-sitwazzjoni f'pajjiż terz fir-rigward tal-drittijiet tal-bniedem;

Ir-Rapport Annwali ta' l-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja 2006 (imħejji mill-Kunsill u mill-Kummissjoni)

6. Jenfasizza l-importanza tar-Rapport Annwali ta' l-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għall-analiżi u l-evalwazzjoni tal-politika tad-drittijiet tal-bniedem ta' l-UE, b'mod partikolari bil-għan li tikber il-viżibilità ta' kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem b'mod ġenerali;

7. Jilqa' b'sodisfazzjon il-preżentazzjoni pubblika tar-Rapport 2006 mill-Kunsill u l-Kummissjoni fil-plenarja ta' Diċembru 2006, fl-istess żmien ta' l-għoti mill-Parlament tal-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb, premju li l-Parlament jagħti kull sena, lis-Sur Alexandr Milinkevic, attivist għal-libertà u d-demokrazija mill-Belarus; jikkonsidra li, bit-twaqqif ta' din il-prattika, is-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew ta' Diċembru saret punt ta' fokali annwali għall-attivitajiet ta' l-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem;

8. Jirrikonoxxi l-volum ta' l-attivitajiet ta' l-UE relatati mad-drittijiet tal-bniedem f'partijiet differenti tad-dinja, imma jerġa' jitlob għal iktar evalwazzjoni ta' l-użu ta' l-istrumenti u l-inizjattivi ta' l-UE f'pajjiżi terzi; jilqa' l-evalwazzjoni msemmija fir-rapport mill-Kunsill u mill-Kummissjoni; jikkonsidra li għandu jiġi żviluppat mekkaniżmu li jippermetti lill-Membri tal-Parlament li jirċievu evalwazzjonijiet magħmula dwar oqsma differenti bħalma huma l-pajjiżi individwali, gruppi ta' pajjiżi u żoni ġeografiċi u, l-ewwel u qabel kollox, dwar zoni problematiċi mil-lat ta' drittijiet tal-bniedem, jikkonsidra li dan il-mekkaniżmu għandu jippermetti lill-Parlament li jiddiskuti r-riżultat ta' dawn l-evalwazzjonijiet fl-aktar qafas xieraq;

9. Jenfasizza l-importanza ta' sforzi kontinwi għall-promozzjoni ta' l-integrazzjoni sistematika tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u l-koerenza u l-konsistenza tal-politiki u ta' l-azzjonijiet tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew u ta' l-Istati Membri ta' l-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija;

10. Jikkonsidra li huwa żvilupp pożittiv li r-rapport jipprova jkun ġust rigward l-attivitajiet tal-Parlament Ewropew, iżda jerġa' jtenni t-talba tiegħu, inkluża fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-2006 dwar id-drittijiet tal-bniedem, li l-Presidenzi li ġejjin jirrapurtaw fir-Rapporti Annwali ta' l-UE dwar il-modi kif ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament — inklużi riżoluzzjonijiet urġenti dwar każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt — ġew ikkunsidrati mill-Kunsill u mill-Kummissjoni; jinnota b'sodisfazzjon l-iżviluppi msemmija fil-paragrafu 13 hawn taħt;

11. Itenni li, fir-Rapporti Annwali tal-futur tagħhom dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom janalizzaw il-modi ta' kif id-drittijiet umani qed jiġu ttrattati f'politiki oħra ta' l-UE, bħalma huma l-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà, il-politiki dwar l-iżvilupp u l-kummerċ u l-immigrazzjoni, u politiki rilevanti oħra relatati mar-relazzjonijiet esterni ta' l-UE, b'mod partikulari fi ħdan il-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill u f'mekkaniżmi speċifiċi stabbiliti fi ftehim ta' koperazzjoni; jikkonsidra li huma għandhom jieħdu wkoll nota tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

12. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li tadotta l-approċċ li ttieħed minn gvernijiet ta' xi Stati Membri u minn ċerti organizzazzjonijiet mhux governattivi internazzjonali, u b'hekk jidentifikaw lista globali ta' "pajjiżi fejn hemm lok għal thassib partikulari" fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tar-Rapport Annwali tagħhom kull sena;

13. Jifhem li, speċjalment fil-kamp tad-drittijiet tal-bniedem, l-attivitajiet ta' l-UE bħal *demarches* lejn pajjiżi terzi xi drabi għandhom ikunu kunfidenzjali; madankollu, jemmen li għandha tiddaħħal lista ta' dawk l-attivitajiet fir-Rapport Annwali filwaqt li jiġi permess ftit lok għal kuntatti bilaterali diplomatiċi ma' gvernijiet bil-kunfidenzjalità kollha;

14. Jilqa' b'sodisfazzjoni il-konsultazzjoni akbar mal-Parlament Ewropew u l-passi lejn l-abbozzar ta' rapport annwali ta' l-UE li jirrappreżenta l-attivitajiet tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tal-Parlament Ewropew, filwaqt li hu tal-fehma li l-Parlament għandu jkompli jippubblika r-rapport tiegħu dwar din il-kwistjoni; jikkonsidra f'dan il-kuntest li fil-ġejjieni diskussjoni miftuħa waqt l-istadju ta' l-abbozzar fil-Kumitati tagħti lill-Parlament opportunità biex itejjeb l-eżattezza u l-kontenut tar-rapport;

L-attivitajiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fil-fora internazzjonali

15. Ifaħħar ix-xogħol eċċellenti li sar fl-2006 mir-Rappreżentant Personali tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-qasam tal-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni (CFSP), is-Sur Michael Matthiessen, li spiċċa l-mandat tiegħu; ikompli jappoġġja lir-Rappreżentant Personali, is-Sinjura Riina Kionka, li għadha kif inħatret, fl-isforzi tagħha biex iżżid il-viżibilità ta' l-UE u biex issaħħaħ l-irwol ta' l-UE fil-fora internazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem; jistenna li r-Rappreżentant Għoli, il-Kunsill u r-rappreżentanti ta' l-Istati Membri kollha jappoġġjaw il-ħidma tagħha b'mod sħiħ f'kull mument;

16. Jikkonsidra li l-kapaċità ta' l-UE biex tevita, tirreaġixxi għal u timmaniġġja kriżijiet mhix suffiċjenti fil-preżent; jirrakkomanda t-twaqqif ta' infrastruttura ġdida għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar ta' konflitti ċivili li jirrikjedu miżuri proattivi/preventivi, il-provvediment ta' sistemi ċivili xierqa ta' twissija bikrija, l-introduzzjoni ta' ppjanar preventiv ta' kontinġenza, it-taħriġ ta' ħaddiema speċjalizzati għal missjonijiet internazzjonali ta' mmaniġjar tal-kunflitti u konċentrazzjoni akbar fuq il-promozzjoni ta' soċjetajiet li huma strutturalment kapaċi li jgħixu fil-paċi; jenfasizza l-importanza li jkunu kkunsidrati bir-reqqa l-aspetti tad-drittijiet tal-bniedem marbuta ma' l-ippjanar ta' miżuri preventivi u ta' mmaniġġjar ta' konflitti rigward kull kriżi li fiha tkun involuta l-UE;

17. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri ta' l-UE biex jiffirmaw u jirratifikaw il-konvenzjonijiet ewlenin kollha u l-protokolli fakultattivi tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem tan-NU u tal-Kunsill ta' l-Ewropa; jiġbed l-attenzjoni ta' l-Istati Membri ta' l-UE b'mod partikulari għall-ħtieġa li jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' l-1990 dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti kollha u l-Membri tal-Familji tagħhom, u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħarsien tal-Persuni Kollha minn Għajbien Sfurzat li kienet adotta riċentement;

18. Jirrikonoxxi l-involviment attiv ta' l-UE u ta' l-Istati Membri tagħha fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija f'fora internazzjonali varji fl-2006, inklużi l-Kunsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem (UNHRC), li kien imwaqqaf reċentement, l-Assemblea Ġenerali tan-NU, il-Kunsill Ministerjali ta' l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) u l-Kunsill ta' l-Ewropa;

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

19. Jilqa' bi pjaċir l-intenzjoni tal-Kunsill li jsaħħaħ ir-relazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa; għal dan il-għan, jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jikkonsidrau r-rakkomandazzjonijiet stipulati fir-rapport Juncker tal-11 ta' April 2006 bit-titolu: "Kunsill ta' l-Ewropa-Unjoni Ewropea: ambizzjoni waħda għall-kontinent Ewropew";

20. Jinnota li l-UNHCR il-ġdid għandu l-potenzjal li jsir qafas ta' valur għall-isforzi multilaterali ta' l-UE għad-drittijiet tal-bniedem, u jirrikonoxxi li, fl-ewwel sena ta' l-eżistenza tiegħu, il-UNHCR fassal programm ta' ħidma ambizzjuż li jinkludi r-reviżjoni u l-manteniment tas-sistema ta' Proċeduri Speċjali, it-twaqqif u l-implimentazzjoni tar-Reviżjoni Perjodika Universali li se jkunu suġġetti għaliha l-istati kollha, id-definizzjoni tal-metodi ta' ħidma tiegħu u l-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment fejn dawn id-drittijiet inkisru jew hemm riskju li jinkisru; jiddispjaċih, madankollu, li l-UNHCR il-ġdid ma kienx kapaċi jirrispondi kif xieraq għall-kriżijiet fid-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja minħabba li ħafna stati użaw l-UNHRC bħala forum għall-pressjoni politika minflok għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-istituzzjonijiet ta' l-UE u lill-Istati Membri ta' l-UE sabiex ikollhom rwol aktar attiv fil-UNHRC fi ħdan il-qafas tad-demokraziji komunitarji, sabiex isaħħu u japprofondixxu r-regoli u l-prattiċi madwar id-dinja;

21. Jitlob lill-Ministri ta' l-Affarijiet Barranijin ta' l-UE u l-Presidenzi ta' l-UE biex jużaw l-influwenza politika tagħhom biex jiġu iffaċċjati d-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom il-UNHCR il-ġdid; jafferma l-bżonn għal aġenda politika ċara fir-rigward ta' l-azzjoni mill-Istati Membri fi ħdan il-UNHCR; jisħaq li l-UNHCR m'għandux jibqa' jintuża bħala forum politiku għall-kunflitt bejn blokki ġeografiċi u ideoloġiċi differenti fuq skala dinjija; għaldaqstant iħeġġeġ lill-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-UE u l-Presidenzi sabiex jaħdmu biex jintlaħaq kunsens fil-UNHCR favur involviment akbar tal-komunità internazzjonali fil-kontribut sabiex jinqered l-abbuż gravi f'termini ta' drittijiet tal-bniedem u fuq il-livell umanitarju;

22. Itenni t-talba tiegħu għal ftehima ta' firxa wiesgħa dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn il-partijiet f'kunflitt fis-Sri Lanka u l-faċilitazzjoni tagħha minn missjoni internazzjonali ta' monitoraġġ indipendenti u effettiva, b'aċċess bla xkiel għal zoni kkontrollati kemm mill-gvern kif ukoll mit-Tigri tal-Liberazzjoni ta' Tamil Eelam, kif rakkomandat mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar eżekuzzjonijiet extra-ġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, s-Sur Philip Alston; jikkonsidra li l-Unjoni Ewropea, bħala l-Ko-President tal-Konferenza ta' Tokjo għal-Pajjiżi Donaturi, għandha tieħu l-inizjattiva għall-iżvilupp ta' kunsens dwar il-proposti ppreżentati lill-UNHCR f'dan ir-rigward;

23. Jirrikonoxxi l-bżonn li l-UE tagħmel użu iktar effettiv mill-influwenza tagħha sabiex tippromwovi kwistjonijiet importanti fl-aġenda tal-UNHCR u biex tipprefezzjona iżjed l-attivitajiet tagħha ta' lobbying u ta' involviment;

24. Ifakkar lill-Kunsill fir-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq tas-16 ta' Marzu 2006, li laqgħet bi pjaċir it-twaqqif tal-UNHCR u talbet lill-UE biex ikollu rwol mexxej f'din l-istituzzjoni; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan il-kuntest, il-ħolqien ta' mekkaniżmu mmirat għat-tlaqqigħ ta' sessjonijiet speċjali b'risposta għall-kriżijiet urġenti u każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem; hu mħasseb, madanakollu, dwar l-grad diġà għoli ta' politiċizzazzjoni tas-sessjonijiet speċjali tal-UNHCR; jitlob li tinżamm u tiġi mħarsa l-indipendenza tal-Proċeduri Speċjali; jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' reviżjoni perjodika universali u f'dan ir-rigward, jitlob għal proċess ta' evalwazzjoni msejjes fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet magħmula minn mekkaniżmi indipendenti tan-NU; jinkoraġġixxi l-involviment tas-soċjetà ċivili indipendenti fejn huwa xieraq, u jirrikonoxxi l-valur ta' l-involviment ta' vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem fi djalogu interattiv mal-komunità internazzjonali, b'mod speċjali f'każijiet fejn il-persuni ma jistgħux jesprimu l-opinjonijiet tagħhom fil-pajjiżi tagħhom stess; jitlob lill-membri ta' l-UE li huma membri tal-UNHCR biex jispjegaw il-voti tagħhom dwar ir-riżoluzzjonijiet kollha;

25. Jissottolinja l-irwol pożittiv li jista' jkollhom ir-Rapporteurs Speċjali fl-istruttura tal-UNHCR, u jitlob appoġġ kontinwu għal proċeduri speċjali bħal dawn; jirrikonoxxi, madankollu, li, jekk ir-Rapporteurs Speċjali għandhom ikunu effettivi, dawn għandu jkollhom il-finanzi u l-persunal xierqa; jissottolinja li għandha tinżamm l-indipendenza tagħhom;

26. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex, fin-negozjati bilaterali tagħhom mal-membri tal-UNHCR, jimbottaw l-aġenda tal-UNHCR f'direzzjoni pożittiva; jirrikonoxxi li l-Parlament u l-UE għandhom ikomplu joħolqu alleanzi barra Ġinevra, b'mod partikulari ma' stati li jinfluwenzaw; jikkonsidra li l-Parlament jeħtieġ ikompli jattendi l-laqgħat tal-UNHCR fuq bażi regolari;

27. Jesprimi d-diżappunt tiegħu dwar id-dgħjufija tar-riżoluzzjoni tal-UNHCR dwar id-Darfur; jikkonsidra li l-kunflitt tad-Darfur qiegħed jaffettwa dejjem aktar l-istabilità tar-reġjun ta' l-Afrika Ċentrali, u jikkostitwixxi theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali; jiddeplora l-fatt li d-delegazzjoni tal-UNHCR inżammet milli tidħol fis-Sudan billi ma' ġewx mogħtija viżi mill-awtoritajiet; jikkonsidra li l-ogħla prijorità għall-komunità internazzjonali għandha tibqa' t-twaqqif immedjat tat-tixrid tal-vjolenza u l-ħarsien tal-poplu tad-Darfur; jirrikonoxxi wkoll li s-sigurtà fuq medda twila ta' żmien ti sta' tiġi żgurata biss permezz ta' soluzzjoni politika tat-tilwimiet fir-reġjun; iħeġġeġ kemm lill-Kunsill kif ukoll lill-Kummissjoni sabiex jaħdmu fi ħdan il-UNHCR għall-istabbiliment ta' strateġija komprensiva għall-paċi li tinvolvi lill-partijiet kollha; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri sabiex jagħmlu użu aktar effettiv ta'l-influwenza tagħhom fil-livell tal-UNHCR, u jħeġġeġ lill-UNHCR sabiex jadotta miżuri xierqa u b'saħħithom b'risposta għad-diżastru umanitarju fid-Darfur, wara r-rapport tal-missjoni speċjali tal-UNHCR;

28. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri ta' l-UE biex jilħqu ftehim ma' l-Organizzazzjoni tal-Konferenza Islamika dwar sensiela ta' riżoluzzjonijiet tal-UNHCR; jikkonsidra li l-kunflitt li għadu għaddej bla soluzzjoni bejn l-Iżrael u l-Palestina huwa ostakolu kbir għall-koperazzjoni pożittiva;

29. Jesprimi d-diżappunt tiegħu dwar in-nuqqas ta' riżultati pożittivi fil-proċess li jinkiseb il-ħelsien ta', jew li jiġi żgurat proċess ġust, għall-ħames infermiera Bulgari flimkien ma' tabib Palestinjan li ġew miżmuma u ngħataw il-piena tal-mewt mir-reġim Libjan talli intenzjonalment infettaw tfal bil-virus ta' l-AIDS, fuq il-bażi ta'stqarrijiet li nkisbu permezz ta' tortura; jinnota li, minkejja sforzi kontinwi mill-Kummissjoni sabiex issolvi l-kwistjoni permezz ta' djalogu politiku u billi tipprovdi trattament mediku għat-tfal infettati, ir-reġim Libjan għadu jwebbes rasu fuq il-każ, u qed ikompli joħroġ stqarrijiet provokattivi fil-media; fid-dawl ta' dan, iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi l-għodda tal-politika tagħha fil-konfront tal-Libja sabiex jinstab approċċ aktar effiċjenti biex il-kwistjoni tkun solvuta malajr u jintemmu t-tmien snin ta' agunija u ksur flagranti tad-drittijiet tal-bniedem;

30. Jinkoraġġixxi lill-membri ta' l-UE li huma membri tal-UNHCR biex jeżaminaw kif huma jistgħu jagħmlu użu iktar effettiv mill-ħin tagħhom fid-dibattiti;

31. Hu mħasseb li, minkejja l-fatt li l-Grupp ta' Ħidma għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill (COHOM) żied in-numru ta' laqgħat li jkollu, huma meħtieġa iktar ħin u riżorsi biex jinkisbu l-objettivi ta' l-UE fuq il-livell tal-UNHCR; jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex isaħħu r-riżorsi umani disponibbi f'Ġinevra;

32. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex ma jappoġġjawx bħala kandidati għal pożizzjonijiet ta' responsabilità f'fora internazzjonali lil dawk il-pajjiżi li ntwera li wettqu ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija flagranti u sistematiku; jistieden lill-Istati Membri sabiex jibdew negozjati ma' stati influwenti li huma ta' l-istess fehma, bl-għan li jwaqqfu l-għażla ta' dan it-tip ta' pajjiżi għal tali pożizzjonijiet; jappoġġja t-talba li l-pajjiżi kandidati kollha jintalbu li jikkoperaw mal-Proċeduri Speċjali u ma' mekkaniżmi oħra mwaqqfa mill-UNHCR; f'dan ir-rigward, jerġa' jistieden lill-Istati Membri sabiex jesprimu appoġġ għal kriterji ta' sħubija li jorbtu d-dħul fil-UNHCR ma' l-obbligu ta' l-Istati Membri li jagħmlu stedina permanenti lill-mekkaniżmi tan-NU;

33. Jinkoraġġixxi lill-Kunsill sabiex juża sanzjonijiet immirati, bħal dawk introdotti kontra r-reġim tal-Belarus, sabiex jiġu kkastigati persuni li huma responsabbli b'mod partikulari ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi oħra;

34. Itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill biex jispjega kif kien possibbli li l-Belarus tinħatar fuq il-Korp Governattiv ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għax-Xogħol (ILO) f'Ġunju 2005 meta erba' pajjiżi kbar membri ta' l-UE huma membri permanenti ta' dak il-Korp Governattiv; jitlob lill-Kunsill biex jispjega d-*demarches* diplomatiċi tiegħu qabel dik l-elezzjoni u jekk ikkunsidrax li jopponi s-sħubija tal-Belarus;

35. Jinnota bi tħassib li f'Ottubru 2006, rapport ta' grupp ta' esperti tan-NU ikkonkluda li djamanti li ġejjin minn zoni ta' kunflitt fil-Kosta ta' l-Avorju kienu qed jinfiltraw il-kummerċ leġittimu tad-djamanti billi jgħaddu mill-Gana, pajjiż li jipparteċipa fil-Proċess Kimberley; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tuża l-pożizzjoni tagħha, bħala l-President tal-Proċess Kimberley tul l-2007, sabiex issaħħaħ il-mekkaniżmi mfassla sabiex iwaqqfu l-fluss ta' djamanti miz-zoni ta' kunflitt; jirrakkomanda li l-Kummissjoni taħdem għall-holqien ta' kunsens li jirrikjedi li s-setturi kollha tal-kummerċ tad-djamanti jimplimentaw sistemi li jittraċċjaw id-djamanti mill-minjieri sax-xerrej, li jkollhom politiki responsabbli u trasparenti b'garanziji vverifikati minn awditur indipendenti u sabiex itejbu l-preċiżjoni ta' l-istatistiċi tal-kummerċ fid-djamanti mhux maħduma sabiex ikunu jistgħu jsiru analiżi effettivi bil-ħeffa biżżejjed sabiex jinkixef kwalunkwe kummerċ fid-djamanti miz-zoni ta' kunflitt;

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

36. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jappoġġjaw id-Dikjarazzjoni ta' Oslo dwar munizzjoni cluster tat-23 ta' Frar 2007 ffirmata minn 46 pajjiż, li għandha l-għan li sa l-2008 jkun konkluż trattat internazzjonali li jipprojbixxi l-produzzjoni, l-użu, it-trasferiment u l-ħażna ta' bombi tat-tip 'cluster' skond il-prinċipji tal-liġi umanitarja internazzjonali; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jieħdu azzjoni fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea sabiex jiżguraw li l-Istati Membri varji jsegwu l-eżempju ta' l-Awstrija u l-Belġju billi jipprojbixxu l-bombi tat-tip 'cluster' u fil-livell internazzjonali biex jiżguraw li dawk il-pajjiżi li għadhom ma ffirmawx id-Dikjarazzjoni ta' Oslo, issa jagħmlu dan;

37. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ikomplu l-isforzi qawwija tagħhom biex jippromwovu r-ratifikazzjoni universali ta' l-Istatut ta' Ruma u l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni, b'konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/444/CFSP tas-16 ta' Ġunju 2003 dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) [1] u l-Pjan ta' Azzjoni relatat ta'l-4 ta' Frar 2004; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li ċ-Ċad riċentament irratifika l-Istatut ta' Ruma, u b'hekk ġab in-numru totali ta' stati kontraenti għal 104 fl-1 ta' Jannar 2007; iħeġġeġ lir-Repubblika Ċeka, l-uniku Stat Membru ta' l-UE li għadu ma rratifikax l-Istatut ta' Ruma, sabiex jagħmel dan bla dewmien; fl-istess spirtu, jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jinkoraġġixxu lill-pajjiżi terzi sabiex jippromwovu mekkaniżmi ta' ġustizzja tranżitorji fit-territorju tagħhom bħala pass lejn il-kisba tal-ġustizzja għall-vittmi ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem;

38. Jilqa' b'sodisfazzjon l-fatt li r-referenzi għall-Qorti Kriminali Internazzjonali ddaħħlu f'diversi Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Viċinat Ewropew ġodda (relatati ma' l-Eġittu, il-Ġordan, il-Moldova, l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Ġeorġja, il-Libanu u l-Ukraina) u qed jiġu nnegozjati fil-kuntest ta' Pjanijiet ta' Azzjoni oħra kif ukoll fil-Ftehim ta' Sħubija u ta' Kooperazzjoni ma' diversi pajjiżi; jappoġġja bis-sħiħ l-iffinanzjar tal-Kummissjoni, permezz ta' l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR), tal-ħidma, fost oħrajn, tal-Koalizzjoni għall-Qorti Kriminali Internazzjonali, ta'Ma Hemmx Paċi mingħajr Ġustizzja, tal-Federazzjoni Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Parlamentari għal Azzjoni Globali, għall-promozzjoni tar-ratifika u ta' l-implimentazzjoni ta' l-Istatut ta' Ruma;

39. Jirrikonoxxi l-importanza li jkollha r-ratifika ta' l-Istatut ta' Ruma mill-Istati Uniti mill-perspettiva globali; jerġa' jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jużaw il-mekkaniżmi kollha disponibbli sabiex jinkoraġġixxu lill-Istati Uniti sabiex jiffirmaw u jirratifikaw l-Istatut ta' Ruma, u wkoll biex jesprimu diżapprovazzjoni qawwija ta' l-isforzi ta' l-Istati Uniti biex attivament iwaqqfu lill-pajjiżi oħra milli jirratifikaw l-Istatut u milli jipproponu lill-pajjiżi terzi ftehim paralleli bħal trattati bilaterali ta' eżenzjoni;

40. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha sabiex jikkollaboraw b'mod sħiħ mal-mekkaniżmi internazzjonali ta' ġustizzja kriminali, u b'mod speċjali biex iressqu quddiem qorti lill-persuni li ħarbu mill-ġustizzja;

41. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha sabiex jikkontribwixxu b'mod attiv fil-mekkaniżmi legali internazzjonali ad hoc, b'mod partikulari dawk li jirċievu fondi voluntarji;

42. Jisħaq li dawn il-mekkaniżmi legali tranżitorji msemmija hawn fuq m'għandhom qatt jiddevjaw mir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u ta' l-istat tad-dritt, billi dan huwa l-uniku mezz li jiżgura l-ġustizzja għall-vittmi u jevita li tkompli l-impunità għall-aktar ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem;

Rendiment fir-rigward tal-Linji Gwida ta' l-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

43. Japprezza l-isforzi li qed isiru attwalment biex jiġu implimentati l-metodi u l-prijoritajiet politiċi msemmija fil-ħames linji gwida ta' l-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll biex isiru evalwazzjonijiet dwar l-impatt għal kull wieħed minn dawk il-linji gwida li fihom tintiżen l-effettività tagħhom biex iġibu l-bidla f'pajjiżi terzi; hu mħasseb dwar rapporti regolari li l-ambaxxati ta' l-Istati Membri ta' l-UE f'pajjiżi terzi u l-missjonijiet ta' l-UE jafu ftit jew xejn dwar dawn il-linji gwida;

[1] ĠU L 150, 18.6.2003, p. 67.

44. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-persunal tagħha kollu, b'mod partikulari dak li jaħdem fil-qasam tal-politika ta' l-iżvilupp, ikun konxju biżżejjed mil-linji gwida dwar id-drittijiet tal-bniedem; jirrikonoxxi l-bżonn li jkun hemm iktar trasparenza fir-rigward tal-mod li bih qed joperaw il-linji gwida differenti, inkluża reazzjoni dwar każi individwali u informazzjoni dwar azzjoni meħuda mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi; jitlob evalwazzjonijiet regolari u trasparenti dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida ta' l-UE li jinvolvu l-Parlament, sabiex dan ikun jista' jkollu rwol attiv fir-responsabilizzazzjoni;

45. Ifaħħar l-impenn tal-Presidenza Ġermaniża biex tistabbilixxi linji gwida ta' l-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tad-drittijiet tat-tfal; jinkoraġġiha sabiex tikkonsulta lill-Parlament, lill-Kummissjoni u lis-soċjetà ċivili dwar id-dettalji ta' dan it-tip ta' linji gwida, u, jekk ikun hemm bżonn, li tikkoordina mal-Presidenza Portuġiża ġejjiena għat-twettiq ta' l-introduzzjoni ta' dawn il-linji gwida, li għandu jkollhom l-għan li jeliminaw effettivament ix-xogħol mit-tfal, filwaqt li jiffokaw prinċipalment fuq it-tagħlim u l-edukazzjoni tat-tfal, minħabba li dan huwa wieħed mill-Objettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp;

46. Jinnota li l-linji gwida ta' l-UE jirrelataw ma' pajjiżi differenti b'modi differenti u li pjanijiet individwali biex jimplimentaw il-linji gwida huma meħtieġa f'ċirkostanzi differenti;

47. Jinnota r-responsabilità tar-Rappreżentanti Speċjali ta' l-UE u l-missjonijiet ta' l-UE barra l-Unjoni biex jippromwovu l-linji gwida ta' l-UE; jinkoraġġixxi approċċ iktar proattiv għall-promozzjoni tal-linji gwida fuq il-livelli kollha; jissottolinja l-problema tar-riżorsi u tal-persunal fost il-missjonijiet ta' l-UE f'pajjiżi terzi li jikkonċernaw it-tqajjim ta' kuxjenza dwar il-linji gwida u l-immoniterjar u l-implimentazzjoni tagħhom; jistieden lir-rappreżentanzi ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi u lid-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni sabiex jikkordinaw b'mod aktar effettiv, jaqsmu bejniethom l-istrutturi u l-istaff sabiex joħolqu "Ambaxxati ta' l-Unjoni Ewropea" ġenwini madwar id-dinja, u b'hekk jassumu responsabilitajiet fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

Il-piena kapitali

48. Iħeġġeġ lill-Presidenzi biex ikomplu l-approċċ tal-promozzjoni favur l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt billi jagħżlu bħala prijorità numru speċifiku ta' pajjiżi fejn hemm prospetti għal bidla pożittiva fil-politika;

49. Jinkoraġġixxi lill-Presidenzi biex jiżvelaw liema pajjiżi bi ħsiebhom ipoġġu fil-mira tagħhom fil-kuntest tal-linji gwida ta' l-UE dwar il-piena kapitali skond 'l hekk imsejħa kampanja "pajjiżi fil-quċċata" immirata lejn Stati li l-politika tagħhom dwar il-piena kapitali qed tinbidel; jinkoraġġixxi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex ifittxu appoġġ akbar għal passi mill-Assemblea Ġenerali tan-NU attwali għall-kisba ta' moratorju universali fuq il-piena kapitali li jwassal għal abolizzjoni totali tagħha, inklużi l-għoti tas-sentenzi; iħeġġeġ lill-Kunsill biex jaġġorna l-linji gwida, li huma tas-sena 1998, sabiex ikun jista' jittieħed kont ta'l-elementi u strateġiji ġodda li kienu żviluppati minn dak inhar 'l hawn;

50. Jissuġġerixxi li l-Kunsill jagħmel reviżjoni tal-linji gwida u li din ir-reviżjoni tkun tista' tipprovdi għall-UE biex tintervjeni fir-rigward ta' każi individwali li jagħtu lok għal tħassib partikulari li ma jaqgħux taħt l-istandards minimi tan-NU kif previst fil-linji gwida;

51. Jitlob lill-Presidenza biex tinkoraġġixxi lill-pajjiżi li għadhom ma ffirmawx u ma rratifikawx it-Tieni Protokoll Fakultattiv tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) biex jagħmlu dan, kif ukoll lill-Istati Membri li ma ffirmawx il-Protokoll Nru 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt fiċ-ċirkostanzi kollha [1]; jirrikonoxxi, f'dan ir-rigward, li l-linji gwida dwar il-piena tal-mewt jistgħu jiġu implimentati b'mod iktar koerenti jekk l-Istati Membri jiffirmaw u jirratifikaw protokolli u konvenzjonijiet bħal dawn;

52. Jilqa' b'sodisfazzjon l-organizzazzjoni tat-tielet Kungress Dinji kontra l-Piena Kapitali f'Pariġi (1-3 ta' Frar 2007) u jassoċja ruħu mad-dikjarazzjoni finali tiegħu; għandu l-ħsieb li jsegwi l-Kungress, b'mod partikulari billi jiżviluppa d-dimensjoni parlamentari tal-kampanja globali kontra l-piena tal-mewt u billi jqajjem il-kwistjoni permezz tad-delegazzjonijiet interparlamentari tiegħu u permezz ta' parteċipazzjonijiet f'assemblei parlamentari konġunti; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jieħdu kull opportunità possibbli sabiex jappoġġjaw it-twaqqif ta' koalizzjonijiet reġjonali għall-abolizzjoni, b'attenzjoni speċjali ffokata fuqil-pajjiżi Għarab;

[1] Fis-7 ta' Frar 2007, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja u Spanja ffirmaw iżda ma rratifikawx il-Protokoll Nru 13.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

53. Jilqa' b'sodisfazzjon — bħala eżempju tajjeb ta' użu effettiv tal-linji gwida ta' l-UE dwar il-piena kapitali — ir-reazzjoni koordinata u pubblika tar-rappreżentanti ta' l-UE fil-Peru għall-proposti sabiex il-piena kapitali f'dak il-pajjiż tkun estiża bi ksur tal-kostituzzjoni Peruvjana u tal-Konvenzjoni Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

54. Ifaħħar l-azzjoni koordinata u effettiva — kemm pubblika kif ukoll diplomatika — tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni, ta' l-Istati Membri kkonċernati u ta' l-NGOs sabiex jiksbu d-deċiżjoni sovrana tal-President tal-Pakistan li jibdel is-sentenza ta' mewt mogħtija lil Mirza Tahir Hussain, ċittadin tar-Renju Unit li qatta' 18-il sena fil-kuritur tal-mewt fil-Pakistan, u li wara jeħles lill-istess Mirza Tahir Hussain; iħeġġeġ lill-UE sabiex tkompli tqajjem każi individwali skond il-linji gwida dwar il-piena tal-mewt, u jirrakkomanda lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li jagħmlu użu effettiv mid-dimensjoni parlamentari f'dan ir-rigward, billi jirrikorru, b'mod partikolari, għal interventi f'waqthom u siewja minn delegazzjonijiet inter-parlamentari;

It-tortura u trattament krudili, inuman u degradanti ieħor

55. Jilqa' b'sodisfazzjon id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Mhux Obbligatorju tal-Konvenzjoni Kontra t-Tortura (OPCAT) fit-22 ta' Ġunju 2006; jinnota li 19-il Stat Membru ta' l-UE biss s'issa ffirmaw il-Protokoll u li 9 biss irratifikawh [1]; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha ta' l-UE li s'issa għadhom ma ffirmawx u ma rratifikawx l-OPCAT biex jagħmlu dan fis-sena li ġejja;

56. Jilqa' bi pjaċir it-tnedija tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha minn Għajbien Impost; jitlob lill-Istati Membri kollha sabiex jiffirmawha u jirratifikawha mill-aktar fis;

57. Jirrakkomanda li l-UE tibqa' tqajjem każi individwali ta' tortura skond il-linji gwida dwar it-tortura bl-istess mod kif għamlet bil-każi tal-piena tal-mewt skond il-linji gwida dwar il-piena tal-mewt;

58. Japprova d-deċiżjoni tal-Kunsill li jagħmel pubbliċi l-kondizzjonijiet ta' ċerti inizjattivi, u jirrikonoxxi dan il-pass bħala progress lejn trasparenza ikbar; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jikkunsidraw b'mod partikulari l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' l-istudju tal-Parlament li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-linji gwida ta' l-UE dwar it-tortura u trattament jew kastigi oħra krudili, inumani jew degradanti;

59. Jenfasizza li, għalkemm dawk il-linji gwida ilhom li ġew adottati minn l-2001, l-użu tad-djalogu politiku, dikjarazzjonijiet u ta' inizjattivi fir-rigward tal-prattika attwali tat-tortura kien minimu; jinkoraġġixxi lill-Presidenzi futuri sabiex iwettqu valutazzjoni, evalwazzjoni u ppjanar għal-linji gwida dwar it-tortura; jistieden lill-Kunsill sabiex fil-proċess ġejjieni ta' evalwazzjoni ta' dawn il-linji gwida, jikkonsidra ir-rakkomandazzjonijiet provduti mill-istudju dwar din il-kwistjoni li ġie mitlub mis-sottokumitat tiegħu; jinkoraġixxi Presidenzi futuri sabiex iwettqu studju, evalwazzjoni u ppjanar dwar il-linji gwida dwar it-tortura; jistieden lill-Kunsill sabiex jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet li pprovda l-istudju dwar dan mitlub mis-Sottokumitat tiegħu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-Kumitat għall-Affarijiet Barranin fil-proċess futur ta' l-evalwazzjoni ta' dawk il-linji gwida; jinkoraġġixxi lill-UE biex twessa' l-kamp ta' implimentazzjoni, b'mod partikulari billi tiżviluppa proċedura biex tidentifika u tieħu inizjattivi fuq każi individwali f'pajjiżi magħżula;

60. Jirrakkomanda lill-Presidenzi tal-Ġermanja u tal-Portugall biex ikomplu s-sensiela ta' inizjattivi dwar it-tortura meta u fejn dan ikun relevanti; jenfasizza, madankollu, li l-inizjattivi waħedhom m'humiex biżżejjed u għandha ssir azzjoni kumplimentari oħra b'mod konsistenti u wara analiżi dettaljata tas-sitwazzjonijiet lokali, pereżempju billi jissaħħu r-relazzjonijiet mal-gruppi tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fil-qasam tat-tortura u tat-trattament ħażin, filwaqt li jitqiesu modi effiċjenti biex jiġu indirizzati każi individwali ta' tortura u ta' trattament ħażin flimkien ma' dawk li jinvolvu difensuri magħrufa tad-drittijiet tal-bniedem u billi jiġu żgurati l-koerenza u l-kontinwità ta' l-azzjoni tal-missjonijiet ta' l-UE li huma impenjati li jiġġieldu t-tortura u t-trattament ħażin f'pajjiżi terzi;

61. Jenfasizza li l-preżenza regolari tal-Presidenza jew tas-Segretarjat tal-Kunsill fil-Kumitati relevanti tan-NU kif ukoll iktar koperazzjoni mal-Kunsill ta' l-Ewropa u mal-Kumitat tiegħu għall-Prevenzjoni tat-Tortura jistgħu jirriżultaw f'informazzjoni materjali sostanzjali u utli għat-teħid ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw inizjattivi lejn ċerti pajjiżi;

---

[1] Iffirmaw imma għadhom ma rratifikawx (sa Jannar 2007): l-Awstrija (2003), il-Belġju (2005), Ċipru (2004), il-Finlandja (2003), Franza (2005), il-Ġermanja (2006), l-Italja (2003), il-Lussemburgu (2005), l-Olanda (2005), il-Portugal (2006), ir-Rumanija (2007). Iffirmaw u rratifikaw: ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Polonja, Spanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit, Malta, l-Estonja u s-Slovenja. Dan ifisser li l-Bulgarija, l-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja u s-Slovakkja s'issa għadhom la ffirmaw u lanqas irratifikaw l-OPCAT.

62. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ikomplu l-prattika ta' inizjattivi fir-rigward ta' l-imsieħba internazzjonali kollha ta' l-UE dwar ir-ratifikazzjoni ta' konvenzjonijiet internazzjonali li jipprojbixxu l-użu tat-tortura u tat-trattament ħażin, kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar ir-riabilitazzjoni tas-superstiti tat-tortura; jistieden lill-UE sabiex tikkonsidra bħala prijorità ewlenija tal-politika tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem il-ġlieda kontra t-tortura u t-trattament ħażin, b'mod partikulari permezz ta' implimentazzjoni mtejba tal-linji gwida ta' l-UE u l-istrumenti l-oħra kollha ta' l-UE bħall-EIDHR, u billi tiżgura li l-Istati Membri ta' l-UE jonqsu milli jużaw l-assigurazzjonijiet diplomatiċi ma' pajjiżi terzi fejn hemm riskju reali li persuni jkunu suġġetti għat-tortura u għat-trattament ħażin;

63. Itenni li l-mutilazzjoni ġenitali femminili hija ksur tad-dritt tal-bniedem għall-integrità fiżika, u huwa allarmat bit-tentattivi biex dan it-tip ta' atti ta' mutilazzjoni jitpoġġew fl-istess kategorija ma' prattiki mediċi standard;

It-tfal u l-kunflitt armat (CAAC)

64. Jilqa' l-ħatra ta' Radhika Coomaraswamy bħala Rappreżentant Speċjali tas-Segretarjat Ġenerali tan-NU għat-Tfal u l-Kunflitt Armat f'April ta' l-2006, bil-kariga li jiddefinixxi strateġiji biex jagħti protezzjoni tan-ġibbli lit-tfal milquta minn kunflitt armat u biex jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa ta' standards u normi internazzjonali ta' protezzjoni tat-tfal;

65. Jilqa' l-organizzazzjoni konġunta mill-Ministru Franċiż għall-Affarijiet Barranin u mill-Fond għat-Tfal tan-NU (UNICEF) tal-Konferenza bl-isem ta' "Neħilsu lit-tfal mill-gwerra" fi Frar 2007, u l-adozzjoni tal-Prinċipji ta' Pariġi u l-linji gwida dwar it-tfal assoċjati ma' forzi armati jew gruppi armati, bħala pass importanti biex l-komunità internazzjonali tiġi motivata biex tippromwovi l-protezzjoni, biex tqajjem kuxjenza u biex tagħmel il-kwistjoni tat-tfal fil-kunflitti armati ċentrali għaż-żamma u għall-bini ta' paċi;

66. Jenfasizza li t-tfajliet suldati huma kawża ta' tħassib partikulari, peress li huma vittmi kemm ta' esplojtazzjoni sesswali u kemm ta' ostraċiżmu frekwenti fil-komunijitajiet tagħhom wara d-demobilizzazzjoni tagħhom u jistieden sabiex ikun hemm miżuri li jindirizzaw speċifikament il-problemi tagħhom u jgħinuhom jaddattaw wara l-demobilizzazzjoni tagħhom u jerġu lura għall-ħajja ċivili;

67. Jistieden lill-Istati Membri kollha sabiex jirratifikaw il-protokolli mhux obbligatorji tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal;

68. Jinnota li ħafna pajjiżi, inklużi whud mill-Istati Membri ta' l-UE, iħarrġu t-tfal għall-konflitti armati; jistieden lill-pajjiżi kollha sabiex jieħdu passi biex jiżguraw li l-persuni kollha taħt l-età ta' 18-il sena ma jingħatawx taħriġ fil-konflitti armati

69. Jilqa' l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni ("Implementation Strategy" (IS)) adottata f'April 2006 mill-Presidenza Awstrijaka, li tidentifika rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal azzjoni, u l-indikazzjonijiet tagħha li l-kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem għandhom jitqiesu b'mod sistematiku fl-istadji bikrin ta' l-ippjanar ta' l-operazzjonijiet tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (ESDP); ifaħħar l-isforzi tal-Presidenza Finlandiża bl-għan li tkun implimentata l-IS; jiddispjaċih li għodod politiċi disponibbli għall-UE (bħal inizjattivi u djalogi politiċi) ma ġewx applikati bil-potenzjal sħiħ tagħhom mill-adozzjoni tal-linji gwida fl-2003 'l hawn;

70. Jenfasizza l-importanza li wieħed ikompli jiffoka fuq il-linji gwida flimkien ma' l-IS, peress li l-linji gwida huma iktar olistiċi; jiddispjaċih li l-Presidenza Finlandiża ħadet biss ftit inizjattivi u passi oħra fir-rigward tas-CAAC; jinsisti li l-UE żżomm standards ta' kwalità għoljin u profondi meta timmoniterja u tirraporta dwar is-CAAC; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli tas-CFSP sabiex jassigura li Presidenzi futuri huma totalment konxji ta' l-IS;

71. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iħejju lista ta' mistoqsijiet li l-kapijiet tal-missjonijiet jistgħu jirreferu għalihom biex jgħinuhom fl-irrapurtar regolari tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iħejju lista ta' kriterji li jiddeterminaw jekk pajjiż hux "prijorità" jew le, u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jikkonsultaw iktar mal-parteċipanti bl-għan li jinkisbu l-opinjonijiet tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jipproduċu dokument, kif inhu ssuġġerit fir-rakkomandazzjonijiet ta' l-IS, li jinkludi proposti dwar kif għandha tiġi implimentata r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU S/RES/1612 (2005);

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

72. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirrifletti aħjar l-għanijiet tal-linji gwida billi tintegra sistematikament is-CAAC fiz-zoni kollha, inkluż fil-kooperazzjoni ta' l-iżvilupp;

73. Jilqa' s-sejħa għal proposti mnedija mill-Kummissjoni fil-bidu ta' l-2006 bl-għan li jintgħażlu biex jiġu ffinanzjati proġetti li jiġġieldu kontra l-ittraffikar tan-nisa u tat-tfal u li jħarsu l-protezzjoni tad-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli f'kunflitti armati, b'mod partikulari d-drittijiet tat-tfal;

74. Jilqa' ukoll l-adozzjoni f'Diċembru 2006 tal-Kunċett ta' l-UE għal appoġġ għal Diżarm, Dimobilizzazzjoni u Reintegrazzjoni, li jinkludi referenzi qawwija u sistematiċi għat-tfal, u l-appoġġ tal-KE (permezz tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għal Għajnuna Umanitarja, ECHO) lill-proċess ta' reviżjoni mmexxi mill-UNICEF tal-"Prinċipji ta' Cape Town" dwar id-diżarm, id-dimobilizzazzjoni u r-reintegrazzjoni ta' tfal;

Difensuri tad-drittijiet tal-bniedem

75. Jisħaq li l-implimentazzjoni sħiħa tal-Linji Gwida ta' l-UE ta' l-2004 dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem għandha tieħu prijorità u li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill adottati f'Ġunju 2006, b'żieda ma' l-ewwel reviżjoni ta' l-implimentazzjoni tal-linji gwida mwettqa mill-Presidenza Awstrijaka, għandhom jiġu segwiti b'azzjoni konkreta; jinkoraġġixxi lill-Kunsill biex jiffaċilita segwitu xieraq għall-inizjattivi, u l-evalwazzjoni ta' l-impatt ta' azzjoni meħuda f'isem individwi, billi jinħoloq database ċentrali fir-rigward ta' l-inizjattivi ta' l-UE;

76. Jisħaq li l-UE għandha bżonn iżżid il-livell ta' konoxxenza fost l-atturi ta' l-UE kollha fi Brussell, f'kapitali u fuq il-livell ta' missjoni dwar l-eżistenza, l-iskop, il-kontenut u l-applikazzjoni operattiva tal-linji gwida; jirrikonoxxi li t-trawwim intern ta' kuxjenza għandu jkollu l-għan li joħloq fehim iktar profond tal-ħidma tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw workshops ta' ħidma u taħriġ għal dipartimenti reġjonali kif ukoll għal persunal fid-delegazzjonijiet, ambaxxati jew konsulati dwar l-applikazzjoni ta' dawk il-linji gwida, bil-parteċipazzjoni ta' difensuri tad-drittijiet fi stadju bikri, kif ukoll skambji ta' prattiki tajbin fir-rigward tal-provvista ta' appoġġ finanzjarju u mhux finanzjarju għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jikkonsidra li l-idea li tinħareġ visa għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'periklu gravi, kif inhu rakkomandat mill-Kunsill, għandha tkun prijorità importanti;

77. Jenfasizza l-importanza li l-manwal ta' tħaddim għall-implimentazzjoni tal-linji gwida jsir disponibbli għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jkunu fil-post; iħeġġeġ lis-COHOM biex ixerred traduzzjonijiet tal-Linji Gwida ta' l-UE għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem bil-lingwi ta' l-UE li huma l-lingua franca f'pajjiżi terzi u b'lingwi prinċipali mhux ta' l-UE f'uffiċji reġjonali u fl-ambaxxati jew delegazzjonijiet; jisħaq li l-missjonijiet ta' l-UE għandhom jilħqu lid-difensuri lokali tad-drittijiet tal-bniedem b'mod iktar proattiv;

78. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iqajmu s-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem sistematikament fid-djalogi politiċi kollha inkluż fid-djalogi bilaterali ma' l-Istati Membri ta' l-UE; jitlob lill-Kunsill biex jinforma lill-Parlament b'mod sistematiku dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida fil-post u biex jinvolvih bis-sħiħ fil-proċess ta' l-evalwazzjoni tagħhom; jilqa' l-fatt li waħda mill-prijoritajiet ta' l-EIDHR hija l-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, li tinkludi l-introduzzjoni ta' miżuri urġenti ta' protezzjoni mill-UE jilqa' wkoll l-inizjattiva tal-kampanja globali ta' l-UE ta' appoġġ għad-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem; jinnota r-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rappreżentant Speċjali tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, Ms. Hina Jilani;

Linji gwida dwar id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u konsultazzjonijiet rikonoxxuti ma' pajjiżi terzi

79. Jisħaq li l-istrateġija globali ta' l-Unjoni Ewropea għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija ma tistax tkun ibbażata biss fuq relazzjonijiet bilaterali jew multilaterali bejn l-Istati, iżda għandhom jinvolvu u jikkomprendu kemm ji sta' jkun atturi non-governattivi, inkluż parlamentari, akkademiċi, intellettwali, ġurnalisti, id-difensuri ta' valuri demokratiċi, attivisti, mexxejja ta' NGOs u dawk li jfasslu l-oppinjonijiet;

80. Jilqa' l-fatt li l-Kunsill ħejja dokument li jipprovdi ħarsa ġenerali tad-djalogi u l-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem; jitlob lill-Kunsill biex jikkonsidra ir-rapport fuq inizjattiva proprja tal-Parlament, li qed jiġi abbozzatbħalissa, dwar l-evalwazzjoni tad-djalogi u konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi; f'dan il-kuntest, jiddispjaċih li l-evalwazzjoni tal-Kunsill ġiet iddikjarata kunfidenzjali u jitlob lill-Kunsill biex jirrispondi b'mod favorevoli għall-istedina biex jiżviluppa, flimkien mal-Parlament, sistema li biha Membri magħżula mill-Parlament Ewropew ikunu jistgħu jinżammu infurmati dwar attivitajiet klassifikati; jissuġġerixxi għal darb' oħra li skema bħal din tista' tiġi mmudellata fuq sistema fejn jiġu infurmati MEPs magħżula dwar materjal klassifikat dwar is-sigurtà u d-difiża; huwa ta' l-opinjoni li, b'mod ġenerali, id-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem għandu jkun ippjanat u mwettaq b'mod trasparenti, bl-użu ta' mezzi xierqa għal dak l-għan;

81. Jenfasizza l-ħtieġa li d-djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina dwar id-drittijiet tal-bniedem jissaħħaħ u jitjieb b'mod konsiderevoli; jagħraf li ċ-Ċina issa ddeċidiet li l-każijiet kollha tal-piena tal-mewt ikunu riveduti mill-Qorti Suprema, iżda jibqa' mħasseb li ċ-Ċina għadha twettaq l-akbar numru ta' eżekuzzjonijiet fid-dinja; jisħaq li r-rekord tad-drittijiet tal-bniedem taċ-Ċina għadu kwistjoni gravi; jitlob lill-Kunsill biex jipprovdi rapport iktar dettaljat lill-Parlament f'sessjoni pubblika wara diskussjonijiet; jisħaq l-importanza li jerġgħu jissemgħu punti li tqajmu fi djalogi preċedenti; jappoġġja lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fir-riflessjonijiet kurrenti tagħhom dwar il-modi kif jitjieb id-djalogu; jinnota li, minkejja riformi ekonomiċi sinifikanti, it-tħassib politiku u dwar id-drittijiet tal-bniedem xorta jippersisti fir-rigward tal-priġunerija għal raġunijiet politiċi, xogħol sfurzat, libertà ta' l-espressjoni u tar-reliġjon, id-drittijiet ta' minoranzi reliġjużi u etniċi, s-sistema tal-kamp ta' Laogai u allegazzjonijiet ta' ksib ta' organi; jinnota li tħassib bħal dan għandu jingħata iktar attenzjoni fil-preparazzjonijiet għall-logħob Olimpiku ta' Beijing; iħeġġeġ lill-UE sabiex tassigura li r-relazzjonijiet tan-negozju tagħha maċ-Ċina huma konformi mar-riformi tad-drittijiet tal-bniedem u f'dan ir-rigward jistieden lill-Kunsill sabiex jagħmel evalwazzjoni komprensiva tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem qabel ma jiffinalizza kwalunkwe Ftehima ta' Qafas ġdida għas-Shubija u Koperazzjoni; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex iqajmu l-kwistjoni tat-Tibet u sabiex jappoġġjaw b'mod attiv it-tisħiħ tad-djalogu bejn il-Gvern Ċiniż u l-invjati tad-Dalai Lama;

82. Hu nkwetat ħafna li d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' l-Iran ġie interrott minn l-2004 'l hawn minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni minn l-Iran; jiddispjaċih li, skond il-Kunsill, ma sar l-ebda progress; iħeġġeġ lill-Iran biex jerġa' jidħol fid-djalogu u, fuq il-bażi ta' informazzjoni mill-UE, biex jiddefinixxi benchmarks immirati lejn titjib reali fil-qasam; jistieden lill-Kummissjoni biex timplimenta l-azzjonijiet kollha meħtieġa fi ħdan il-qafas ta' l-Inizjattiva Ewropea għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex il-kuntatti u l-koperazzjoni mas-soċjetà ċivili Iranjana jitmexxew 'l quddiem u sabiex id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem jingħataw aktar appoġġ; jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar id-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran u jinnota, b'mod partikulari, l-intensifikazzjoni tar-repressjoni mmirata kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; fl-istess waqt, jiddeplora l-fatt li l-Iran kompla japplika l-piena tal-mewt f'kundizzjonijiet li jiksru l-istandards internazzjonali, u jikkundanna b'mod partikulari l-eżekuzzjonijiet ta' trasgressuri minorenni; jistieden lill-Kunsill biex jesprimi tħassib dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż fil-kuntatti kollha tiegħu mal-gvern Iranjan u biex jikkonċentra l-isforzi tiegħu fuq il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u b'mod speċjali n-nisa, kif ukoll biex jikkonvinċi lill-Iran biex jadotta moratorju immedjat fuq l-eżekuzzjonijiet bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni tagħhom;

83. Jinnota l-kontinwazzjoni tal-konsultazzjonijiet ta' l-UE mar-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem; jappoġġja lill-Kunsill fl-għan tiegħu li jiżviluppa dawk il-konsultazzjonijiet fi djalogu leali u ġenwin bejn l-UE u r-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem u jitlob l-involviment tal-Parlament Ewropew u ta' NGOs Ewropej u Russi f'dan it-tip ta' proċess; jiddispjaċih li l-UE kellha biss suċċess limitat fil-ksib ta' bidla fil-politika bħala riżultat li jitqajmu kwistjonijiet diffiċli bħal ma hi s-sitwazzjoni fiċ-Ċeċnija, l-impunità u l-indipendenza tal-ġudikatura, it-trattament tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-indipendenza tal-media u l-libertà ta' l-espressjoni, it-trattament ta' minoranzi etniċi, l-osservanza ta' l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-forzi armati, diskriminazzjoni bbażata fuq orjentazzjoni sesswali kif ukoll kwistjonijiet oħra; huwa mħasseb dwar il-leġiżlazzjoni Russa li tillimita l-attivitajiet ta' l-NGOs; jiddeplora l-fatt li ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ġew mhedda u jibqa' mkexkex bil-qtil ta' Anna Politkowskaja; jistenna li r-Russja tieħu miżuri ulterjuri biex tipproteġi l-libertà ta' l-espressjoni u s-sigurtà tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; f'dan is-sens jikkonsidra li l-koperazzjoni Russa mal-mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU kif ukoll ir-ratifika tal-konvenzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem kollha rilevanti għandha titqies bħala prijorità għall-UE; hu mħasseb dwar l-allegazzjonijiet li l-gvern Russu hu responsabbli mill-ivvelenar ta' Alexander Litvinenko, li miet f'Novembru 2006 f'Londra; jesprimi tħassib dwar allegazzjonijiet ġodda li nġabu kontra Mikhail Khodorkovsky, l-ex-kap tal-Yukos li kien arrestat fl-2003, u hu mħasseb b'istess mod dwar l-allegat trattament tiegħu waqt id-detenzjoni tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iressqu każijiet bħal dawn ma' l-awtoritajiet Russi fl-ogħla livell u fil-Ftehima ta' Shubija u Koperazzjoni mar-Russja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex jistabbilixxi obbligi aktar ċari u jistabbilixxi mekkaniżmi ta' monitoraġġ aktar effiċjenti, flimkien mal-klawżola tad-drittijiet tal-bniedem, sabiex jikseb titjib reali fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

84. Jilqa' l-isforzi mwettqa s'issa mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mill-Parlament Ewropew fil-ġlieda kontra l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarus; jenfasizza li din il-politika għandha titkompla, b'enfasi partikulari fuq il-ksur tal-libertà ta' l-espressjoni u tad-drittijiet ta' assemblea u assoċjazzjoni paċifika, kif ukoll fuq il-ksur tad-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali; jinnota l-ħtieġa ta' appoġġ għall-oppożizzjoni politika, li hija mira ta' repressjoni;

85. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iwaqqfu sottokumitati għad-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi ġirien kollha mmirati għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, kif kien il-każ għal-Marokk u għal-Ġordan u kif inhu maħsub fil-preżent għall-Eġittu, it-Tuneżija u l-Libanu; itenni s-sejħa tiegħu biex il-Parlament ikun assoċjat mal-preparazzjoni ta' dawn il-laqgħat u biex ikun magħruf fil-ħin dwar ir-riżultat tagħhom;

86. Jirrikonoxxi l-isforzi biex jiġi stabbilit djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' l-Uzbekistan, imma jinnota li dan ma kienx possibbli minħabba l-inabilità ta' l-Uzbekistan li jidħol fi djalogu bħal dan b'mod kostruttiv; jikkonsidra, f'dan ir-rigward, li l-proċediment fi djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' l-Uzbekistan m'għandux iwassal għat-tneħħija tas-sanzjonijiet imposti fuq dan il-pajjiż jekk ma jkun sar l-ebda progress fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija; konsegwentament, jistieden lill-Kunsill sabiex jagħmel evalwazzjoni komprensiva tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem qabel ma jieħu xi deċiżjoni;

87. Huwa fiduċjuż li l-progress reċenti fit-Taħdidiet bejn Sitt Partijiet se jikkontribwixxu għal ambjent politiku aktar favorevoli li fih jista' jerġa' jinfetaħ id-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex isegwu b'mod vigoruż l-objettiv fit-triq ta' kuntatti u negozjati mad-DPRK;

88. Jinnota li n-negozjati mill-Kummissjoni u l-Kunsill fir-rigward tat-triq għall-adeżjoni tat-Turkija u l-problemi li wieħed iltaqa' magħhom; huwa mħasseb dwar il-progress limitat miksub sal-lum u l-ħtieġa li tingħata aktar attenzjoni lill-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fit-Turkija, b'mod speċjali fir-rigward tal-libertà tar-reliġjon għall-komunitajiet reliġjużi kollha u t-tgawdija b'mod sħiħ tad-drittijiet ta' proprjetà tagħhom, il-protezzjoni tal-minoranzi, il-libertà ta' l-espressjoni u kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem relatati mal-popolazzjoni ta' oriġini Kurda fix-Xlokk tal-pajjiż; jikkundanna l-qtil traġiku tal-ġurnalista Hrant Dink f'Jannar ta' l-2007, li jservi bħala eżempju ta' sentiment nazzjonalista fost ċerti sezzjonijiet tas-soċjetà Turka, iżda jikkonsidra li, il-kundanna qawwija mal-pajjiż kollu tal-qtil inkluż mill-gvern u l-arrest immedjat ta' min ikkommettih, huwa inkoraġġanti; jinkoraġġixxi lill-gvern Tork biex ibiddel l-Artikolu 301 tal-Kodiċi Kriminali tat-Turkija, li jillimita b'mod ċar il-libertà ta' l-espressjoni fil-media;

89. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, b'mod partikulari f'sitwazzjonijiet post-konflittwali, inkluż sitwazzjonijiet fejn l-istupru tan-nisa u tal-bniet intuża bħala arma tal-gwerra, u fejn il-vjolenza fuq in-nisa għadu mxerred, sabiex jikkonsidrau l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jindirizzaw vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem mill-passat bħala xhieda ta' impenji kurrenti tal-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem;

90. Jenfasizza li, matul id-djalogi u l-konsultazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, l-istituzzjonijiet ta' l-UE għandhom iressqu l-kwistjonijiet kollha relatati mal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kif ukoll każijiet ta' diskriminazzjoni; jisħaq l-importanza ta' dawn it-tip ta' djalogi u konsultazzjonijiet meta l-vjolazzjonijiet huma mxerrda u/jew sistematiċi u jagħraf li l-pressjoni internazzjonali jista' jkollha rwol fil-prevenzjoni ta' vjolazzjonijiet futuri;

91. Jinnota bi tħassib li l-parteċipazzjoni tal-Parlament mhux dejjem hi komprensiva kemm għandha tkun fid-djalogi u l-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, u jinkoraġġixxi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jifthu d-djalogu għal parteċipazzjoni akbar minn Membri tal-Parlament Ewropew;

Skrutinju ġenerali ta' l-attivitajiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni inklużi r-rendiment taż-żewġ Presidenzi

92. Ifaħħar il-koperazzjoni bejn il-Presidenza Finlandiża u dik Awstrijaka mmirata lejn l-assigurazzjoni tal-konsistenza ta' l-approċċ lejn il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; jistenna bil-ħerqa l-kontinwazzjoni ta' dan il-proċess ta' kollaborazzjoni mill-Presidenzi tal-Ġermanja, tal-Portugall u tas-Slovenja;

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

93. Jappoġġja l-Kunsill u l-Kummissjoni fil-pożizzjoni tagħhom kontra l-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija f'Burma/Myanmar u l-impenn ta' l-UE biex jinkisbu l-objettivi ddikkjarati tagħha, jiġifieri biex tara t-twaqqif ta' gvern ċivili leġittimu u elett b'mod demokratiku li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem tal-poplu tiegħu u jerġa' jistabbilixxi relazzjonijiet normali mal-komunità internazzjonali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex isaħħu l-pożizzjoni komuni ta' l-UE billi jadottaw sanzjonijiet aktar effettivi u mmirati fir-rigward tar-realtà li s-sitwazzjoni fil-Burma/Myanmar qed tkompli tmur għall-aġħar; jinkoraġġixxi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni — bħala parti mill-pożizzjoni komuni dwar Burma/Myanmar — biex jimpenjaw ruħhom b'mod iktar proattiv ma' l-Assoċjazzjoni ta' Nazzjonijiet tax-Xlokk ta' l-Asja (ASEAN) u ma' l-istati ġirien ta' Burma/Myanmar biex iħeġġuhom biex jużaw l-influwenza tagħhom b'mod responsabbli sabiex iġibu bidla pożittiva; jistieden għal inizjattiva proattiva biex tittieħed mill-UNHCR, li tista' tieħu l-forma ta' sessjoni speċjali dwar din il-kwistjoni; jinkoraġġixxi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iħeġġu liċ-Ċina, lill-Indja u lil pajjiżi oħra li qed ikomplu jipprovdu armi u appoġġ ieħor lill-ġunta militari biex jieqfu milli jagħmlu dan u biex jissieħbu mal-komunità internazzjonali fl-isforzi tagħha biex iġġib bidla għal sitwazzjoni aħjar f'Burma/Myanmar; jinnota l-isforzi mwettqa sal-lum mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU b'rikonoxximent tal-kriżi umanitarja kontinwa; iħeġġeġ lill-Kunsil u lill-Kummissjoni biex jilħqu kunsens maċ-Ċina, mar-Russja u ma' l-Afrika tan-Nofsinhar dwar riżoluzzjoni li torbot, li jeħtieġ djalogu sinifikattiv ta' tliet partijiet bejn il-Kunsill ta' Stat għal Paċi u l-Iżvilupp, il-Lega Nazzjonali għad-Demokrazija u n-nazzjonalitajiet etniċi, u l-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha, inkluż Aung San Suu Kyi;

94. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward l-effetti fuq in-nies ordinarji fil-Palestina tad-deċiżjoni tal-UE sabiex tissospendi l-għoti ta' għajnuna permezz ta' l-Awtorità Palestinjana, b' riżultat tam-nuqqas ta'l-Awtorita li tilħaq kundizzjonijiet leġittimi; iħeġġeġ l-espansjoni tal-mekkaniżmu internazzjonali temporanju i jħeġġeġ lill-Kunsill u l-Kummissjoni sabiex jimmonitoraw it-tibdil fiċ-ċirkustanzi mill-qrib u sabiex jinkuraġġaw ċirkostanzi li jippermettu il-bidu mill-ġdid ta' l-għajnuna permezz ta' l-Awtorità;

95. Jiddispjaċih li l-Kunsill u l-Kummissjoni fallew milli jieħdu azzjoni deċiżiva biex jikkonvinċu lill-Gvern ta' l-Etijopja biex jeħles b'mod immedjat u mingħajr kundizzjonijiet lill-Membri Parlamentari eletti kollha u priġunieri politiċi oħrajn u biex iwettaq l-obbligi tiegħu fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt; ifakkar fil-bosta riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar l-Etijopja, adottati mill-elezzjonijiet ta' l-Etijopja ta' l-2005 li ġew osservati mill-UE, u b'mod speċjali dik l-aktar reċenti, adottati fis-16 ta' Novembru 2006 ([1]);

96. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jinkoraġġixxu u jgħinu lill-gvern tas-Senegal biex iħejji l-proċess ġust u bla dewmien ta' ' Hissène Habré sabiex iwieġeb għal akkużi ġudizzjarji ta' ksur qawwi ta' drittijiet umani tal-massa;

97. Jirrikonoxxi l-konsegwenzi sinifikanti għad-drittijiet tal-bniedem tal-gwerra li hemm bħalissa fl-Iraq u n-natura kumplessa tas-sitwazzjoni politika fraġli kurrenti; jinnota r-rapporti u r-riżoluzzjonijiet adottati mill-Parlament dwar l-Iraq u r-rakkomandazzjonijiet li hemm fihom; iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jevalwaw b'mod konstanti kif l-UE jista' jkollha rwol iktar kostruttiv biex iġġib l-istabilità fl-Iraq; jinnota b'sorpriża totali s-sospensjoni proviżorja mill-ECHO ta' l-għajnuna umanitarja għall-Iraq, minkejja s-sitwazzjoni diżastruża li qed iġarrabu l-poplu ta' l-Iraq u r-rifuġjati Iraqini; jilqa, madankollu il-bidu mill-ġdid ta' din l-għajnuna fi Frar 2007;

98. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tgħolli l-profil tal-problema tat-traffikar ta' persuni fl-UE u jħeġġeġ biex jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikun miġġieled it-traffikar ta' persuni, b'mod partikulari ta' nisa u tfal; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli żżomm responsabbli Stati Membri li ma jkunux osservaw konvenzjonijiet u direttivi miftiehma kontra t-traffikar, b'mod partikulari d-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' l-immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti ([2]); jenfasizza wkoll li fil-ġlieda kontra t-traffikar ta' persuni għandu jiġi adottat approċċ tad-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tal-vittmi tat-traffikar; ifaħħar lill-Presidenza Awstrijaka b'mod partikulari għall-organizzazzjoni ta' numru ta' inizjattivi kontra t-traffikar fosthom konferenza ta' l-esperti ta' l-UE f'Ġunju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' l-UE dwar it-Traffikar tal-Persuni, u jinnota l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li ħarġu minn dak l-avveniment ta' jumejn;

([1]) *Testijiet Adottati*, P6_TA(2006)0501.
([2]) ĠU L 261, 6.8.2004, p. 19.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

99. Jiddispjaċih li l-Presidenza Finlandiża ma organizzatx ir-raba' laqgħa tan-Network ta' l-UE tal-punti ta' kuntatt fir-rigward ta' persuni responsabbli għall-ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra, li tirrappreżenta mezz ta' valur li ma jistax jitqies biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri ta' l-UE fl-investigazzjonijiet u fil-prosekuzzjonijiet ta' reati internazzjonali fuq livell nazzjonali; jiġbed l-attenzjoni lejn l-impenn tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Network ta' l-UE biex ikollu laqgħa waħda matul kull Presidenza, u jitlob l-implimentazzjoni effettiva tal-konklużjonijiet tal-laqgħat tan-Network ta' l-UE preċedenti; jitlob lil kull Presidenza biex tagħmel dan punt standard fil-programm tagħha;

100. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Lejn Strateġija ta' l-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal" (COM(2006)0367); jittama li l-Kummissjoni qegħda b'hekk tipprovdi bażi solida għal politiki aktar effettivi u komprensivi mfassla biex jipproteġu l-aktar drittijiet fundamentali tat-tfal; iżda huwa mħasseb dwar iż-żieda fin-nuqqas ta' rispett tad-drittijiet tat-tfal li qed jintwera fil-livell internazzjonali;

101. Jiddeplora l-fatt li l-vjolenza fid-Darfur kompliet mingħajr kontroll, u li l-gvern tas-Sudan mhux qed jinżamm responsabbli tal-fallimenti ripetuti biex jikkonforma mat-talbiet internazzjonali u jipproteġi liċ-ċittadini tiegħu mill-vjolenza, waqt li jilqa' l-akkużi reċenti maħruġa mill-ICC; jiddispjaċih li l-UE ma ħaditx aktar azzjoni unilaterali fir-rigward tal-kriżi fid-Darfur u ma ppruvatx b'mod aktar qawwi biex tikkonvinċi lill-gvern tas-Sudan biex jaċċetta forza internazzjonali għaż-żamma tal-paċi; jenfasizza li teħtieġ pressjoni diplomatika persistenti biex jintwera lill-gvern tas-Sudan li l-impenji verbali tiegħu jridu jkunu segwiti bi sforzi komprensivi u sostnuti mmirati lejn il-waqfien tal-vjolenza fid-Darfur, u li l-komunità internazzjonali mhux se taċċetta aktar traskuraġni mis-Sudan ta' l-impenji tiegħu u tar-responsabilità tiegħu biex jipproteġi liċ-ċittadini tiegħu; iħeġġeġ lill-Kunsill biex jaqbel ma' pjan ta' sanzjonijiet speċifiċi u immirati biex ikunu imposti fuq ir-reġim ta' Khartoum, skond skeda żara, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mat-talbiet tal-komunità internazzjonali; iħeġġeġ lill-UE biex tikkontribwixxi (u biex tagħmel pressjoni fuq oħrajn biex jikkontribwixxu) għal forza internazzjonali għaż-żamma tal-paċi u għall-infurzar taz-zona fejn ma jistgħux isiru titjiriet fuq id-Darfur u biex tiżgura li l-Unjoni Afrikana jkollha r-riżorsi u l-assistenza xierqa biex twettaq il-mandat tagħha; jitlob li l-UE tisħaq għal missjoni ta' l-UN għaż-żamma tal-paċi fiċ-Chad b'mandat qawwi ta' protezzjoni ċivili; jimplora lill-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jassumu r-responsabilitajiet tagħhom u biex jipprovdu protezzjoni effettiva għall-poplu tad-Darfur minn diżastru umanitarju;

102. Jitlob għall-adozzjoni ta' kodiċi ta' kondotta dwar l-istandards li jridu jiġu rispettati mill-persunal militari u ċivili għaż-żamma tal-paċi u umanitarju waqt li jkunu fuq missjoni f'zoni ta' konflitt armat, biex jinkludu sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità ma' l-istandards għoljin ta' kondotta li jkunu mistennija, b'mod speċjali fir-rigward ta' kwalunkwe forma ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru;

103. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li ħames Stati Membri ħatru Ambaxxaturi speċjali għad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex iwettqu attivitajiet ta' involviment, b'mod partikolari fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, ma' pajjiżi terzi u jinnota x-xogħol li qed isir f'dan il-qasam; jitlob lill-Istati Membri l-oħra biex jikkunsidraw li jieħdu l-istess passi;

104. Jitlob mill-Kummissjoni u mill-Kunsill rapport ġenerali dwar il-pajjiżi li ma ħarġux stediniet permanenti għall-Mekkaniżmi Speċjali, għar-Rapporteurs Speċjali u għar-Rappreżentanti Speċjali kollha tan-Nazzjonijiet Uniti;

105. Jilqa' b'sodisfazzjon l-użu ta' l-istrument il-ġdid ta' lista ta' l-UE tal-"priġunieri/detenuti li jqajmu tħassib" fir-rigward ta' ftit pajjiżi individwali; itenni t-talba tiegħu li l-Kunsill għandu jistabbilixxi listi ta' l-UE tal-"priġunieri/detenuti li jqajmu tħassib" għal kull pajjiż terz fejn hemm tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem u li għandu jqajjem il-listi relevanti f'kull laqgħa ta' djalogu politiku; jitlob lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament bil-listi kollha bħal dawn li jeżistu;

106. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill issa jistabbilixxu u jaġġornaw b'mod regolari l-listi ta' "pajjiżi li wieħed għandu jiffoka fuqhom" fir-rigward ta' kwistjonijiet speċifiċi, b'mod partikulari l-lista ta' pajjiżi "fil-quċċata" għall-piena kapitali, "pajjiżi li wieħed għandu jiffoka fuqhom" f'dak li għandu x'jaqsam mat-tortura u pajjiżi fejn is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem hi partikolarment ħażina;

107. Hu sorpriż li s-Segretarjat tal-Kunsill s'issa ma kkonformax mad-deċiżjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2005 li adotta d-dispożizzjoni li l-Fact sheets aġġornati ta' l-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-Kunsill għandhom ikunu disponibbli għall-istituzzjonijiet kollha ta' l-UE [1]; jistenna bil-ħerqa li jirċievi l-verżjoni kurrenti ta' dawn il-fact sheets mill-iktar fis possibbli;

108. Jilqa' r-rikonoxximent mill-Kunsill li l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet adottata dan l-aħħar se tippermetti aktar l-UE biex tipproċedi bl-attenzjoni aktar mifruxa tagħha lejn il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tad-diżabilità u, fil-kuntest ta' din il-Konvenzjoni, jitlob lill-UE biex timmonitorja b'mod aktar effettiv is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni b'diżabilitajiet f'pajjiżi terzi bil-ħsieb li tirrapporta dwar is-sejbiet ewlenin sa l-2009-2010;

109. Jinsisti li d-diskussjonijiet kollha dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija ma' pajjiżi terzi, l-istrumenti, id-dokumenti u r-rapporti, inklużi r-Rapporti Annwali, għandhom jindirizzaw b'mod espliċitu kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni inklużi l-kwistjonijiet ta' minoritajiet etniċi, libertajiet reliġjużi anke prattiċi diskriminatorji lejn reliġjonijiet fil-minoranza, id-drittijiet umani tan-nisa, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet ta' popli indiġeni, persuni b'diżabilità anke persuni b'diżabilitajiet intelletwali, u persuni ta' l-orjentazzjonijiet sesswali kollha, filwaqt li l-organizzazzjonijiet tagħhom jiġu involuti bis-sħiħ, kemm fl-UE kif ukoll f'pajjiżi terzi, jekk ikun il-każ;

110. Huwa tal-ħsieb li politika attiva li tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem ma tistax tkun limitata għall-każijiet li jattiraw l-aktar l-attenzjoni pubblika; jinnota li ksur serju tad-drittijiet iseħħ lil hinn mill-iskrutinju pubbliku, f'istituzzjonijiet magħluqa, għat-tfal, l-anzjani u l-morda, u fil-ħabsijiet; jinnota dwar il-ħtieġa li l-Unjoni tressaq skrutinju espert fuq il-ħajja ta' dawn l-istituzzjonijiet;

111. Jitlob lill-Kunsill biex jevalwa mill-ġdid il-proċedura biex jiġu elenkati gruppi terroristiċi u wkoll biex jiġi kkunsidrat metodu ċar li bih jitneħħew gruppi mil-lista jekk dawn ikun jistħoqilhom li jitneħħew (filwaq li jiġu kkunsidrati l-attitudni, l-istorja u l-prattika tagħhom);

112. Jikkonsidra li l-politika komuni ta' kontroll ta' esportazzjoni ta' l-armi ċara, effiċjenti u armonizzata, stabbilita f'kodiċi ta' kondotta li jorbot f'sens legali, jista' jkollha rwol deċiżiv fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, fil-prevenzjoni ta' konflitt, fl-istabilità reġjonali u fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u jistieden lill-Presidenza ta' l-UE, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jkunu ta' appoġġ għat-Trattat tal-Kummerċ Internazzjonali ta' l-Armi;

113. Jiddeplora, kif espress fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Frar 2007, il-falliment tal-Kunsill u tal-Presidenzi ta' l-UE li jikkonformaw ma' l-obbligi tagħhom li jżommu l-Parlament kompletament informat dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-politika komuni dwar tas-CFSP fir-rigward tal-ħidma tal-Kumitat Temporanju tiegħu li qed jinvestiga l-allegat użu mis-CIA tal-pajjiżi Ewropej għat-trasport u ż-żamma illegali tal-prinġunieri;

114. Jenfasizza li, f'dan l-istadju meta ma jkunx possibbli għall-UE li toffri lill-Belarus parteċipazzjoni sħiħa fil-politika ta' viċinanzi, l-UE xorta għandha twettaq kull sforz biex issib modi xierqa biex tevita aktar żviluppi kontra d-demokrazija u ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'dan il-pajjiż, li huwa ġar dirett ta' l-UE; għalhekk jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jimmonitorjaw mill-qrib is-sitwazzjoni fil-Belarus u biex iżidu l-appoġġ tagħhom għall-attivitajiet tas-soċjetà ċivili, ta' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u ta' l-oppożizzjoni politika;

Il-programmi ta' għajnuna esterna tal-Kummissjoni

L-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)

115. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill ftiehmu mal-Parlament, fuq insistenza minn dan ta' l-aħħar, li kien hemm bżonn strument speċjali ta' finanzjament (EIDHR) għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja;

[1] Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2005, 15293/1/05 REV 1, Anness, p. 14.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

116. Jilqa' b'sodisfazzjon il-konsultazzjonijiet mwettqa mill-Kummissjoni ma' Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi u mas-soċjetà ċivili fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-EIDHR il-ġdid; jitlob trasparenza kompleta fir-rigward tal-modi li bih qed jintefqu l-flus u jintgħażlu u jiġu evalwati proġetti skond dan l-istrument;

117. Jilqa' l-adozzjoni, skond l-EIDHR, ta' miżura ġdida (fost il-miżuri ad hoc introdotti reċentement skond dak l-istrument), li tippermetti li tittieħed azzjoni urġenti għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem minghajr il-ħtieġa ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti; jistieden lill-Kummissjoni biex timplimenta din il-miżura ġdida b'mod veloċi u effettiv;

118. Jinnota li l-fondi ta' l-EIDHR użati għall-missjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea ta' osservazzjoni ta' l-elezzjonijiet fl-2006 telgħu għal 23 % mit-total tal-fondi ta' l-EIDHR użati (EUR 35,176103) u li missjonijiet bħal dawn saru fi 13-il pajjiż u territorju inklużi Aceh, Fiji u r-Repubblika Demokratika tal-Kongo;

119. Jinnota li parti kbira (49 %) mill-fondi ta' l-EIDHR għal proġetti li saru fl-2006 marret għal proġetti kbar tematiċi u parti żgħira biss (24 %) marret għal proġetti mikro implimentati mid-delegazzjonijiet tal-KE; jistenna li l-istrument finanzjarju l-ġdid se jagħmilha possibbli għall-Kummissjoni li tiffinanzja lil dawn l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li għandhom irwol ewlieni fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fil-pajjiżi tagħhom imma li mhumiex rikonoxxuti legalment mill-awtoritajiet f'dawk il-pajjiżi;

120. Jibqa' imħasseb dwar il-fatt li l-piż amministrattiv fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħala riċevituri ta' fondi għandu jitnaqqas u għandha tiżdied il-flessibilità fil-ħruġ ta' fondi billi jkunu permessi għoti mill-ġdid, għotjiet iżgħar għall-organizzazzjoniet popolari u fondi għal Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi li ma jkunux reġistrati;

121. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tabbozza linji gwida ċari sabiex riċevituri potenzjali tal-fondi jifhmu l-objettivi u l-kriterji kwalifikattivi;

Programmi ta' għajnuna b'mod ġenerali

122. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni bdiet tintegra sistematikament kwistjonijiet relatati mar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba fil-laqgħat u fid-dokumenti ta' pprogrammar meta tkun qed tiżviluppa bażijiet legali għal strumenti, strateġiji dwar pajjiżi, programmi indikattivi nazzjonali, programmi settorali, proġetti individwali u evalwazzjonijiet; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-uffiċjali li jippreparaw proġetti u programmi għandhom linji gwida dwar kif jintegraw sistematikament kwistjonijiet bħal dawn;

123. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni (DĠ EuropeAid) qiegħda fil-proċess li tikkommissjona studju dwar kif tintegra sistematikament fl-attivitajiet tagħha numru ta' oqsma ta' governanza bħal ma huma d-demokratizzazzjoni, il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, it-tisħiħ ta' l-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, l-empowerment tas-soċjetà ċivili, ir-riforma amministrattiva pubblika inklużi l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, id-diċentralizzazzjoni u l-governanza lokali; jappoġġja l-ħidma tal-Kummissjoni biex tiżviluppa dan l-istudju f'għodda prattika li għandha tintuża għall-integrazzjoni sistematika ta' governanza fil-kooperazzjoni ta' l-iżvilupp tal-KE għall-benefiċċju ta' maniġers tal-programmi fid-delegazzjonijiet u fuq il-livell tal-kwartieri ġenerali u konsultenti involuti fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-KE; jistenna bil-ħerqa li jirċievi dan l-istudju meta jkun finalizzat;

124. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni qegħda fil-proċess li tabbozza l-profili ta' governanza għall-pajjiżi kollha ta' l-ACP fil-kuntest ta' l-10 programm tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp; iżda jistieden għal aktar trasparenza fil-proċess ta' żvilupp ta' profili ta' tmexxija, biex jinkludi konsultazzjoni reali u effettiva mal-partijiet kollha li għandhom sehem, inklużi l-imsieħba ta' l-ACP u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi, fit-taqsima dwar it-tmexxija soċjali, il-prestazzjoni tal-gvern fil-provvediment tas-servizzi soċjali bażiċi lill-popolazzjonijiet sħaħ tagħhom;

125. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Istrument għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Kooperazzjoni ta' l-Iżvilupp (ECDCI) inqasam fi tnejn b'tali mod li issa l-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma separati mill-pajjiżi industrijalizzati [1]; jibqa' mħasseb, madanakollu, li issa l-ebda strument donnu ma jkopri l-prevenzjoni tal-kunflitt;

[1] Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat 18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41) u Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (ĠU L 29, 3.2.2007, p. 16).

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

Implimentazzjoni ta' klawsoli tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fi ftehimestern

126. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq ta' l-14 ta' Frar 2006 fir-rigward tal-futur tal-politika ta' l-UE dwar l-applikazzjoni tal-klawsoli tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehim kollu ta' l-UE; jinnota bħala l-ewwel reazzjoni li l-Kummissjoni tat ħarsa ġenerali lejn diversi miżuri li jtejbu l-applikazzjoni tal-klawsola, bħal pereżempju, li jestendu b'mod gradwali l-kumitati għad-drittijiet tal-bniedem għal iktar pajjiżi terzi; jinnota li l-Kunsill għadu ma ppreżentax risposta speċifika fir-rigward tar-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq, iżda pprefera jkompli l-implimentazzjoni tal-klawsola fil-kuntest aktar ġenerali tal-politika barranija; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-pajjiżi terzi huma mitluba, bħala parti mill-kariga tagħhom, li jenfasizzaw id-drittijiet tal-bniedem b'mod iktar speċifiku; iżda huwa mħasseb bil-proposta reċenti tal-Kummissjoni li teżenta lill-Indja mir-regola li l-ftehim kollu ta' l-UE irid jinkludi klawsola għad-drittijiet tal-bniedem u għad-demokrazija, fil-kuntest tan-negozjati għall-Ftehima ta' Kummerċ Ħieles UE-Indja; jikkonsidra li mossa bħal din tkun pass lura u tista' toħloq preċedent preokkupanti għal negozjati fil-futur dwar ftehim ta' kummerċ; jirrikjedi, madanakollu, li l-Kummissjoni u l-Kunsill jadottaw pożizzjoni ċara dwar il-proposti dettaljati li jinsabu fir-riżoluzzjoni fuq imsemmija ta' l-14 ta' Frar 2006; b'mod partikulari jenfasizza l-ħtieġa li jkun introdott mekkaniżmu ta' mmonitorjar, analiżi regolari ta' konformità ma' l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem u sistema progressiva ta' pieni għan-nuqqas ta' konformità biex jiżguraw implimentazzjoni xierqa tal-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija stipulata fil-ftehim konkluż mill-UE ma' pajjiżi terzi;

127. Jinnota li l-Kummissjoni hija intenzjonata biex tabbozza miżuri ġodda biex ittejjeb l-implimentazzjoni tal-klawsola tad-demokrazija, bħal l-estensjoni progressiva tal-kumitati għad-drittijiet tal-bniedem biex jinkludu numru akbar ta' pajjiżi terzi, jew l-istedina lill-"kapijiet tad-delegazzjoni ta' l-UE" madwar id-dinja biex jiddedikaw aktar enfasi lid-drittijiet tal-bniedem; iżda josserva li huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tressaq pjan politiku strateġiku flimkien ma' inizjattiva leġiżlattiva speċifika għar-riforma komprensiva tal-klawsola demokratika kif indikat mill-Parlament, peress li din hija problema strateġika li tolqot l-approċċ ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għall-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

128. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, b'mod partikulari, għall-ħtieġa biex il-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem tkun inkluża b'mod sistematiku fil-ftehim ta' ġenerazzjoni ġdida bbażat fuq is-setturi kollha bħal ftehim ta' kummerċ sabiex trawwem aktar il-promozzjoni, il-protezzjoni u t-twaqqif tad-drittijiet tal-bniedem fi ħdan il-miri ta' dan il-ftehim;

L-integrazzjoni sistematika tad-drittijiet tal-bniedem

129. Ikompli jappoġġja lill-Kunsill fl-isforzi tiegħu biex jintegra sistematikament id-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fost il-ħidma ta' l-UE, b'mod partikulari billi jiffoka fuq ir-reviżjoni regolari u l-implimentazzjoni ta' sensiela partikolari ta' linji gwidi ta' l-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem;

130. Jinnota li bosta politiki interni, b'mod partikulari dawk relatati ma' miżuri ta' l-ażil, l-immigrazzjoni u dawk kontra t-terroriżmu, qed ikollhom impatt maġġuri fuq ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi; jikkonsidra li sforzi akbar iridu jitwettqu biex jiżguraw li l-politiki interni kkonċernati jikkonformaw mad-drittijiet tal-bniedem u mal-liġi umanitarja internazzjonali; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar in-numru kbir ta' mwiet ta' refuġjati li jippruvaw jidħlu fl-Istati Membri; jitlob li jkun hemm aktar għażliet legali għar-rifuġju politiku u jħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jikkunsidraw il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, b'kunsiderazzjoni tad-dritt tal-persuni li ġejjin minn pajjiżi terzi li jingħataw ir-rifuġju politiku fi Stat Membru; josserva li, skond il-korp tal-każistika stabbilit mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Istati Ewropej ma jistgħu taħt l-ebda ċirkustanza jirritornaw individwi lill-Stati fejn dawn ikunu fil-periklu li jiġu suġġetti għat-tortura jew trattament krudil, inuman jew degradanti;

131. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħidma li qed issir mill-Kunsill u mill-Kummissjoni sabiex isaħħu l-koerenza bejn il-politika ta' l-UE għad-drittijiet tal-bniedem u politiki internazzjonali oħra; jikkonsidra li huwa vitali għall-kisba ta' politika kredibbli ta' l-UE għad-drittijiet tal-bniedem li koerenza bħal din tkun imsaħħa; jikkonsidra li jkun meħtieġ li fil-futur l-Ewropa titkellem b'vuċi waħda; japprova t-tema ċentrali tal-Forum ta' l-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem bit-titolu "Integrazzjoni sistematika tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-demokrazija fil-politiki ta' l-Unjoni Ewropea";

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

132. Jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli timmonitorja mill-qrib l-għoti ta' benefiċċji tal-GSP+ (Sistema Ġeneralizzata ta' Benefiċċji) lil pajjiżi li wrew difetti serji fl-implimentazzjoni tat-tmien konvenzjonijiet ta' l-ILO relatati ma' l-istandards ewlenin tax-xogħol, minħabba ksur ta' drittijiet ċivili u politiċi jew l-użu ta' xogħol fil-ħabs; jitlob lill-Kummissjoni biex tiżviluppa kriterji għal meta għandu jitneħħa l-GSP minħabba d-drittijiet tal-bniedem;

133. Jikkundanna mingħajr kundizzjoni il-forom kollha ta' sfruttament tat-tfal, kemm fil-forma ta' sfruttament sesswali, inklużi l-pornografija tat-tfal u t-turiżmu sesswali, kemm ix-xogħol sfurzat, flimkien malforom kollha ta' traffikar uman; jinnota b'għadab in-nuqqas ta' kwalunkwe tnaqqis reali fl-isfruttament sesswali tat-tfal, b'mod partikulari b'riżultat ta' l-użu ta' l-internet; huwa tal-ħsieb li qed jitwettqu offiżi kriminali serji li jridu jkunu mħarrka u kkastigati bil-liġi;

134. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tippromwovi r-responsabilità soċjali korporattiva mal-kumpaniji Ewropej u lokali; jitlob lill-Kunsill biex jirraporta lura lill-Parlament dwar kwalunkwe reazzjoni mir-Rappreżentant Speċjali tan-NU dwar in-Negozji u Drittijiet tal-Bniedem, is-Sur John Ruggie, li tiċċara standards ta' responsabilità korporattiva u responsabilizzazzjoni għal korporazzjonijiet transnazzjonali u intraprizi tan-negozju oħra fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem;

135. Jilqa' b'sodisfazzjon il-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali tat-13 ta' Novembru 2006 fir-rigward ta' l-ugwaljanza tas-sessi u l-integrazzjoni sistematika tas-sessi fl-immaniġjar tal-kriżijiet;

136. Jirrikonoxxi li l-politika ta' immigrazzjoni saret prijorità għall-aġenda ta' politika interna u esterna ta' l-Unjoni u li fit-testi tagħha l-Unjoni ppruvat tgħaqqad l-immigrazzjoni u l-iżvilupp u tiżgura li d-drittijiet fundamentali ta' l-immigranti jkunu rispettati; iżda jtenni li r-realtà fl-iktar livell baxx tgiddeb dawn it-testi; jesprimi tħassib partikulari għall-fatt li l-ftehim għall-ammissjoni mill-ġdid ta' immigranti illegali qed ikunu konklużi ma' pajjiżi terzi li m'għandhomx il-qafas legali u istituzzjonali meħtieġ biex jindirizzaw l-ammissjoni mill-ġdid ta' ċittadini u biex jipproteġu d-drittijiet tagħhom; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jgħaddulu informazzjoni dwar il-progress imwettaq f'dan il-qasam mill-pubblikazzjoni, fl-2005, ta' l-ewwel rapport annwali ta' mmonitorjar u evalwazzjoni dwar il-koperazzjoni minn pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra l-emigrazzjoni illegali; jirrakkomanda li l-Parlament ikun involut mill-bidu meta jkunu konklużi u negozjati ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid; u jsostni, fil-qosor, li kwalunkwe politika ta' emigrazzjoni għandha tkun politika komuni u, fuq kollox, preventiva aktar milli punittiva;

137. Itenni l-importanza tal-politika interna ta' l-UE biex tippromwovi l-aderenza mal-liġi internazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem u l-bżonn li l-Istati Membri jilleġiżlaw b'tali mod li jkun konsistenti, inter alia, mal-Konvenzjonijiet ta' Ġeneva, il-Konvenzjoni kontra t-Tortura, il-Konvenzjoni dwar il-Ġenoċidju u l-Istatut ta' Ruma ta' l-ICC; jilqa' l-progress imwettaq fl-applikazzjoni tal-ġurisdizzjoni universali f'xi Stati Membri; fil-kisba ta' aktar koerenza tal-politiki interni u esterni, jinkoraġġixxi lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkorporaw il-ġlieda kontra l-impunità għal reati internazzjonali serji fl-iżvilupp ta' zona komuni ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja ta' l-UE;

138. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri sabiex sistematikament jinkludu fil-qafas ta' diskussjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali ma' pajjiżi terzi, il-kwistjoni tal-persekuzzjoni ta, jew id-diskriminazzjoni kontra, persuni fuq il-bażi ta' l-orjentament sesswali tagħhom, u sabiex progressivament jieħdu miżuri xierqa meta jsir tali ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jitlobhom jieħdu l-intizjattivi kollha meħtieġa fuq il-livell internazzjonali sabiex jieqfu l-persekuzzjonijiet ibbażati fuq l-orjetament sesswali kif ukoll għad-dekriminalizzazzjoni, bħall-adozzjoni ta' riżoluzzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet mill-korpi tan-NU, u jiddeċiedi li jkun sponsor ta' u jiċċelebra kull sena, fis-17 ta' Mejju, il-Jum Internazzjonali kontra l-Omofobja**;**

Effettività ta' l-interventi tal-Parlament Ewropew fil-każi tad-drittijiet tal-bniedem

139. Jilqa' b'sodisfazzjon l-irwol importanti tal-Parlament fl-isfera tad-drittijiet tal-bniedem u biex jiżgura l-impenji biex ittejbu d-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija madwar id-dinja billi jifli bir-reqqa l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet l-oħra u, b'mod partikulari, permezz tal-Premju Sakharov;

140. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jinnotaw l-istudju li sar miċ-Ċentru Ewropew Interuniversitarju għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni bl-isem ta' "Lil Hinn mill-Attiviżmu: L-impatt tar-riżoluzzjonijiet u ta' attivitajiet oħra tal-Parlament Ewopew fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem barra l-Unjoni Ewropea", iffinalizzat f'Ottubru 2006;

141. Jilqa' l-attivitajiet tas-Sottokumitat tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem, inklużi rapporti regolari mill-Presidenza, mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Personali għad-Drittijiet tal-Bniedem, skambji ta' opinjonijiet (b'mod partikulari ma' Rapporteurs Speċjali tan-NU u esperti indipendenti), sessjonijiet ta' smigħ, dikjarazzjonijiet formali u studji ta' l-esperti; jissuġġerixxi li l-impatt tal-ħidma tiegħu jista' jkun imsaħħaħ b'assoċjazzjoni sistematika ma' kumitati oħrajn bħall-Kumitati għall-Iżvilupp, il-Kummerċ Internazzjonali, il-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, id-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Kumitat għall-Baġits;

142. Jirrikonoxxi li s-Sottokumitat tiegħu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kompla jkun impenjat fl-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-istrumenti ta' l-UE fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, b'iffukar speċjali fuq il-linjigwida ta' l-UE dwar it-tortura, fit-tfassil tal-Kummissjoni u tal-Kunsill bħala responsabbli mill-azzjonijiet tagħhom f'dan il-qasam, fit-twaqqif ta' djalogu kostanti ma' istituzzjonijiet internazzjonali dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, fil-provvediment ta' pjattaforma ta' kompetenza u, fl-istess waqt, informazzjoni dwar aspetti tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fi tweġiba għal rapporti mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, fl-abbozzar ta' rapporti ta' inizjattiva tiegħu stess dwar strumenti speċifiċi tad-drittijiet tal-bniedem, fl-integrazzjoni sistematika ta' kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fi ħdan il-korpi differenti tal-Parlament Ewropew (kumitati u delegazzjonijiet), fl-organizzazzjoni u preparamenti tal-proċedura ta' għoti tal-Premju Sakharov u fil-provvediment ta' pjattaforma għal djalogu permanenti mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili;

143. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni msaħħa ma' parlamentari nazzjonali bil-ħsieb ta' koordinazzjoni fl-immonitorjar tal-politiki tad-drittijiet tal-bniedem; jikkonsidra li s-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jinsisti biex jiftaħ opportunitajiet ta' komunikazzjoni u jorganizza laqgħat ma' kumitati analogi tal-parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE kif ukoll tal-pajjiżi terzi;

144. Jitlob irwol iktar kostruttiv għas-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-iżvilupp ta' kriterji konsistenti u trasparenti għall-għażla ta' temi ta' urġenza sabiex ikun żgurat li l-interventi parlamentari jsiru fil-waqt u jkollhom l-ikbar impatt; jissuġġerixxi li d-dibattiti u l-ħin għall-votazzjoni dwar riżoluzzjonijiet ta' urġenza jiġu organizzatti mill-ġdid sabiex il-Kunsill ikun jista' jipparteċipa;

145. Jirrakkomanda l-implimentazzjoni sħiħa tal-linji gwida tad-delegazzjonijiet tal-Parlament waqt żjarat f'pajjiżi terzi;

146. Jirrakkomanda traduzzjoni ta' riżoluzzjonijet u ta' dokumenti prinċipali oħrajn relatati ma' kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem fil-lingwa mitkellma fil-pajjiżi mmirati;

147. Jilqa' b'sodisfazzjon l-irwol attiv li għandhom is-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, il-Kumitat għall-Iżvilupp u l-President tal-Parlament meta jqumu kontra każi ta' inġustizzja madwar id-dinja, speċjalment permezz ta' l-għoti tal-Premju Sakharov; jikkonsidra li l-Parlament għandu jimmira biex jagħti iktar minn viżibilità momentanja u li għandu jissodisfa l-aspettativi mqajma, eż. permezz ta' rabta sistematika ma' dawk li rebħu l-premju u appoġġ sostenut; huwa tal-ħsieb li l-Parlament Ewropew għandu jiffaċilita t-twaqqif ta' netwerk ta' dawk li ngħataw l-unur tal-Premju Sakharov, b'laqgħat regolari li jseħħu fil-Parlament Ewropew biex dawk li ngħataw l-unur tal-Premju Sakharov jistgħu jassoċjaw lilhom infushom ma' l-attivitajiet tal-Parlament fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; jiddispjaċih b'mod qawwi għat-tweġiba mogħtoja mill-awtoritajiet tal-Burma u ta' Kuba għat-talba tal-Parlament għal kunsens tagħhom biex tintbagħat delegazzjoni biex iżżur dawk li ngħataw l-unur tal-Premju Sakharov;

148. Jitlob lis-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem biex jgħolli l-profil ta' seduti ta' smigħ pubbliku billi jtejjeb l-attendenza tal-MPE u l-viżivilità tal-media; jitlob lis-Sottokumitat biex jistieden esperti prominenti u atturi prinċipali biex jattendu, u biex jikkonsidra li jestendi l-istediniet lil rappreżentanti tal-pajjiżi terzi u lill-kapijiet tal-missjonijiet ta' l-UE; jitlob lis-Sottokumitat biex iħejji konklużjonijiet operattivi mill-laqgħat u l-iskambji ta' opinjonijiet tiegħu kollha bl-għan li jkun hemm segwitu ta' l-impenji u l-informazzjoni miksuba u ta' l-għażliet politiċi maħsuba;

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

149. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżoluzzjonijiet adottati mill-Parlament li jitolbu l-għeluq taċ-ċentru ta' detenzjoni tal-bajja ta' Guantánamo u l-kontribuzzjonijiet li l-Parlament għamel biex jagħmel pubbliku il-profil ta' dak iċ-ċentru u t-tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem relatati miegħu; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iħeġġu lill-Gvern ta' l-Istati Uniti biex isib mekkaniżmu li jiffaċilita l-akkuża jew ir-rilaxx ta' persuni taħt arrest skond il-liġi internazzjonali; jilqa' l-fatt li, f'Mejju 2006, l-Albanija sar l-ewwel pajjiż li reġa sab post għal ħames Ċiniżi Uiguriżi minn Guantánamo, imma jiddispjaċih li 13-il Ċiniż Uigur li għandhom kollox lest biex jinħelsu mill-Gvern ta' l-Istati Uniti għadhom fi Guantánamo Bay peress li l-Gvern ta' l-Istati Uniti kkonkluda ġustament li ma jistawx jiġu rritornati liċ-Ċina minħabba l-biża' li jiġu ttorturati; jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jaħdmu mal-Gvern ta' l-Istati Uniti biex ikun aktar faċli li dawk l-individwi kollha li l-Istati Uniti kkonkludew li mhumiex ta' theddida għall-Istati Uniti jew għall-alleati tagħhom iżda li ma jistgħux jintbagħatu lura f'pajjiżhom minħabba l-biża' li jiġu ttorturati, jistabbilixxu ruħhom; huwa mħasseb li l-eżistenza proprja taċ-ċentru ta' detenzjoni tal-Bajja ta' Guantánamo jibqa' jibgħat sinjal negattiv dwar kif għandha sseħħ il-ġlieda kontra t-terroriżmu;

150. Jikkonsidra li l-effettività tal-ħidma tal-Parlament dwar id-drittijiet tal-bniedem tista' tissaħħaħ billi jiġu stabbiliti prijoritajiet għall-azzjonijiet tiegħu, b'mod partikulari billi jiffoka fuq kwistjonijiet fejn hu possibbli li jintlaħaq kunsens politiku wiesa'; jikkonsidra li s-Sottokumitat tiegħu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għandu jwaqqaf gruppi ta' ħidma żgħar biex isegwu kull wieħed mil-linji gwida dwar id-drittijiet tal-bniedem; jikkonsidra li l-poteri formali eżistenti għandhom jintużaw aħjar biex jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikulari l-poteri baġitarji u d-dritt li jingħata l-kunsens;

151. Ifakkar fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2007 dwar l-integrazzjoni tas-sessi fix-xogħol tal-Kumitat ([1]); jistieden lill-kumitati tiegħu sabiex iwettqu kull sforz raġonevoli sabiex jirrispettaw il-bilanċ bejn is-sessi fl-attivitajiet tagħhom (inkluż il-kompożizzjoni ta' delegazzjonijiet u kelliema mistiedna) u sabiex jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni rigward is-sessi ppreżentati mill-Membri maħtura bħala responsabbli mill-integrazzjoni tas-sessi f'kull Kumitat;

152. Jissuġġerixxi li oqsma differenti tal-politika fi ħdan il-Parlament Ewropew jistgħu jkunu magħquda aħjar permezz ta' ħidma tal-kumitati inkarigati mid-drittijiet tal-bniedem, mill-baġits, u mill-kummerċ internazzjonali, b'mod li jtejbu l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet baġitarji u kummerċjali fl-artikulazzjoni tal-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, biex dawn ta' l-aħħar ikunu aktar realistiċi fis-sens tal-kisba milħuqa u armonizzati aħjar għall-poteri formali tal-Parlament Ewropew;

153. Jistieden b'mod sistematiku lill-Kunsill biex jistieden lill-MEPs biex jattendu għal sessjonijiet preparatorji u ta' għoti ta' informazzjoni, bħal dawk organizzati ma' l-NGOs, għal djalogi tad-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi kif ukoll għal sottokumitati għad-drittijiet tal-bniedem tal-Politika Ewropea ta' Viċinanzi;

154. Jikkonsidra bħala prijorità li wieħed ikompli jaħdem mill-qrib man-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikulari il-UNHCR, u mar-rappreżentanti u korpi tal-Kunsill ta' l-Ewropa; jikkonsidra li huwa wkoll importanti li jkunu stabbiliti relazzjonijiet ta' ħidma mill-qrib ma' l-assemblej parlamentari ta' l-ACP, Ewro-Mediterranja (EMPA) u Ewro-Latino Amerikana (EUROLAT) biex iseħħ skambju ta' tagħrif kompetenti u biex tkun żgurata koerenza akbar fir-rigward ta' l-attivitajiet fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija;

155. Jagħraf il-ħidma tal-Kumitat Temporanju dwar l-allegat użu ta' pajjiżi Ewropej mis-CIA għat-trasportazzjoni u ż-żamma illegali ta' priġunieri, u r-rapport ta' dak il-Kumitat adottat fl-14 ta' Frar 2007 ([2]); jilqa' l-isforzi biex tinġabar informazzjoni, ikunu analizzati l-allegazzjonijiet u jkunu stabbiliti l-fatti fir-rigward u biex jingħata aktar importanza lill-profil ta' eżekuzzjoni straordinarja u l-użu ta' pajjiżi ta' l-UE minn ajruplani tas-CIA biex jittrasportaw vittmi bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem u vjolazzjoni tal-liġi internazzjonali; jinnota l-kritika, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet, indirizzati lill-Kunsill, lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli tiegħu u lill-Istati Membri; jinnota l-irwol tal-kumitati kompetenti tiegħu biex jiżguraw is-segwitu politiku xieraq għar-rapport imsemmi hawn fuq; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri biex jaħdmu flimkien fil-livelli kollha biex jikkundannaw il-prattika ta' eżekuzzjoni straordinarja issa u fil-futur;

156. Jilqa' l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Frar 2007 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tad-Daliti fl-Indja ([3]);

([1]) Testijiet Adottati, P6_TA(2007)0010.
([2]) *Testi Adottati,* P6_TA(2007)0032.
([3]) *Testi Adottati,* P6_TA(2007)0016.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

Riżorsi ddedikati għall-ħidma għad-drittijiet tal-bniedem

157. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni issa qed tagħti prominenza akbar lid-drittijiet tal-bniedem fil-kariga tal-kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni f'pajjiżi terzi;

158. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li, fil-proċess li għadu sejjer għat-tiġdid tal-mandati tar-Rappreżentanti Speċjali ta'l-UE, ġiet miżjuda referenza għad-drittijiet tal-bniedem f'kull mandat;

159. Jargumenta favur li jsiru disponibbli riżorsi umani miżjuda fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem għal Rappreżentanti Speċjali maħtura mill-Kunsill;

*

* *

160. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati, lin-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill ta' l-Ewropa, lill-OSCE, lill-gvernijiet tal-pajjiżi u territorji msemmija f'din ir-riżoluzzjoni, u lill-uffiċji ta' l-NGOs prinċipali għad-drittijiet tal-bniedem ibbażati fl-UE.

P6_TA(2007)0166

Moratorju universali għall-piena tal-mewt

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar l-inizjattiva favur moratorju universali għall-piena tal-mewt

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Frar 2007 dwar l-inizjattiva favur moratorju universali għall-piena tal-mewt ([1]),

— wara li kkunsidra l-Linji gwida dwar il-politika ta' l-UE lejn pajjiżi terzi fir-rigward tal-piena tal-mewt, tat-29 ta' Ġunju 1998,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali tat-tielet Kungress Dinji kontra l-Piena tal-Mewt li sar f'Parigi bejn l-1 u t-3 ta' Frar 2007,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar it-tneħħija tal-piena tal-mewt li ngħatat fid-19 ta' Diċembru 2006 fl-Assemblea Ġenerali tan-NU mill-Presidenza ta' l-UE, li ġiet iffirmata inizjalment minn 85 pajjiż mill-gruppi ġeografiċi kollha,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni li nqrat mill-Presidenza ta' l-UE f'isem l-Unjoni Ewropea waqt ir-raba' sessjoni tal-Kunsill tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-29 ta' Marzu 2007,

— wara li kkunsidra l-appoġġ pubbliku għall-moratorju espress mis-Segretarju Ġenerali tan-N.U waqt iż-żjara reċenti tiegħu f'Ruma,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura,

A. Billi l-bżonn ta' moratorju universali għall-piena tal-mewt huwa pass strateġiku lejn it-tneħħija tal-piena tal-mewt fil-pajjiżi kollha,

([1]) *Testi adottati,* P6_TA(2007)0018.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

B. Billi r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Frar 2007 ħeġġet lill-Presidenza ta' l-UE biex tressaq malajr test ta' riżoluzzjoni lill-Assemblea Ġenerali tan-NU attwali u biex iżżomm lill-Parlament informat dwar ir-riżultati miksuba; billi sa dan il-punt ma tressqet l-ebda riżoluzzjoni lill-Assemblea Ġenerali tan-NU,

C. Billi d-dikjarazzjoni dwar il-piena tal-mewt, imressqa mill-Unjoni Ewropea fl-Assemblea Ġenerali tan-NU fid-19 ta' Diċembru 2006, issa ġabret 88 firma minn pajjiżi mill-gruppi ġeografiċi kollha;

1. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri ta' l-UE biex jiġbru appoġġ għad-Dikjarazzjoni minn pajjiżi terzi;

2. Iħeġġeġ lill-UE biex taħtaf l-opportunitajiet eżistenti u tinsisti fuq il-pożizzjoni tagħha u jitlob lill-Istati Membri Ewropej ta' l-UE u lill-UE biex iressqu immedjatament — billi jfittxu ko-sponsorizzazzjoni ta' pajjiżi f'kontinenti oħra — riżoluzzjoni għall-moratorju universali għall-piena tal-mewt lill-Assemblea Ġenerali tan-NU attwali;

3. Jitlob lill-Presidenza ta' l-UE biex tħeġġeġ il-pajjiżi li fadal li għadhom ma ffirmawx u ma rratifikawx it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi biex jagħmlu dan, kif ukoll dawk l-Istati Membri li għadhom ma ffirmawx il-Protokoll No. 13 lill-Konvenjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-piena tal-mewt;

4. Jappoġġja bis-sħiħ id-dikjarazzjoni finali tat-tielet Kungress Dinji u għandu intenzjoni li jsegwi dan il-Kungress, partikolarment billi jiżviluppa d-dimensjoni parlamentari tal-kampanja globali kontra il-piena tal-mewt u billi jqajjem il-kwistjoni fost id-delegazzjonijiet u l-parteċipazzjonijiet inter-parlamentari waqt l-Assemblea Parlamentari Konġunta ta' l-ACP-EU u l-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja;

5. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jieħdu kull opportunità possibbli biex jappoġġjaw it-twaqqif ta' koalizzjonijiet reġjonali abolizzjonisti,

6. Jitlob lill-Istituzzjonijiet kollha ta' l-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Kunsill ta' l-Ewropa, biex jappoġġjaw il-Jum Dinji kontra l-Piena tal-Mewt billi l-10 ta' Ottubru jiġi ddikjarat bħala, il-Jum Ewropew kontra l-Piena tal-Mewt, mill-2007 il quddiem, u jappoġġa l-inizjattiva li jorganizza Konferenza Ewropea ta' importanza kbira kontra l-piena tal-mewt b'konnessjoni ma' dak il-jum; jagħti mandat lill-President biex jirrappreżenta l-Parlament Ewropew, flimkien mad-delegazzjoni relevanti, għal din l-okkażjoni,

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri ta' l-UE, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-President ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU u lill-Istati Membri tan-NU.

P6_TA(2007)0167

L-omofobija fl-Ewropa

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007dwar l-omofobija fl-Ewropa

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-istrumenti internazzjonali li jiggarantixxu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni, fosthom notevolment il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ECHR),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6 u 7 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea (TEU) u l-Artikolu 13 tat-Trattat KE, li jorbtu lill-UE u l-Kommunita' rispettivament kif ukoll lill-Istati Membri biex jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u biex jipprovdu mezzi fuq livell Ewropej għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u kontra l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, speċjalment l-Artikolu 21 tagħha, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentament sesswali,

— wara li kkunsidra l-attivitajiet tal-KE biex tiġġieled l-omofobija u d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentament sesswali, b'mod partikulari d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' qafas ġenerali għat-trattament ugwali fl-impjieg u x-xogħol [1] u d-Deċiżjoni Nru 771/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 li tistabbilixxi is-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għall-Kulhadd (2007) — lejb soċjeta' ġusta [2],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-omofobija, il-ħarsien tal-minoranzi u l-politiki dwar l-antidiskriminazzjoni, u notevolment ir-riżoluzzjonijiet tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-omofobija fl-Ewropa [3], u tal-15 ta' Ġunju 2006 dwar iż-żieda fil-vjolenza razzista u omofobika fl-Ewropa [4],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Parlament immonitorja proliferazzjoni ta' diskors ta' mibegħda mmirat lejn il-lesbjani, il-gay, il-bisesswali u transesswali (LGBT) f'numru ta' pajjiżi Ewropej,

B. billi stqarrijiet u azzjonijiet minn mexxejja politiċi u reliġjużi għandhom impatt kbir fuq l-opinjoni pubblika, għandhom responsabilità kbira li jikkontribwixxu b'mod pożittiv għal ambjent ta' tolleranza u ugwaljanza,

C. billi din ir-riżoluzzjoni, bħar-riżoluzzjonijiet hawn fuq imsemmija ngħatat bidu minħabba l-proliferazzjoni ta' diskorsi ta' mibegħda u diversi avvenimenti inkwetanti oħra, bħall-projbizzjoni imposta minn awtoritajiet lokali biex isiru dimostrazzjonijiet ta' ugwaljanza u ta' l-omosesswali, l-użu minn politiċi importanti u minn mexxejja reliġjuži ta' kliem xewwiexi jew ta' theddid jew ta' diskors ta' mibegħda, u n-nuqqas tal-pulizija li jagħtu protezzjoni xierqa kontra dimostrazzjonijiet vjolenti minn gruppi omofobiċi, filwaqt li jisfrattaw dimostrazzjonijiet paċifiċi wkoll,

D. billi dimostrazzjonijiet ta' l-ugwaljanza u avvenimenti ta' l-omosesswali huma ppjanati madwar l-Ewropa u d-dinja fix-xhur li ġejjin, filwaqt li hemm il-possibiltà ta' vjolenza fiżika kontra parteċipanti u organizzaturi, minkejja d-dritt fundamentali tagħhom għal-libertà ta' l-espressjoni u ta' l-għaqda, kif imsemmi inter alia mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa,

E. billi Matteo, żagħżugħ ta' ċittadinanza Taljana ta' 16-il sena u li joqgħod Turin, ikkommetta suwiċidju u ħalla żewġ noti ta' suwiċidju bir-raġunijiet għas-suwiċidju tiegħu, jiġifieri l-ibbuljar li ffaċċja minħabba l-orjentament sesswali tiegħu; billi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-Renju Unit innutaw żieda fil-każijiet ta' bbuljar omofobiku fi skejjel sekondarji madwar ir-Renju Unit; billi raġel omosesswali nqatel bis-swat fl-Olanda minħabba l-orjentament sesswali u l-apparenza ta' mara,

F. billi l-Parlament talab kemm-il darba biex jitlesta l-pakkett leġiżlattiv antidiskriminatorju bbażat fuq l-Artikolu 13 tat-Trattat KE, u għadu jitlob regolarment lill-Kummissjoni biex tniedi direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentament sesswali fis-setturi kollha,

G. billi fir-Riżoluzzjoni tiegħu hawn fuq imsemmija tal-15 ta' Ġunju 2006, il-Parlament diġà esprima t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni fl-Ewropa u notevolment fil-Polonja, u b'dan jikkundanna d-dikjarazzjonijiet ta' tixwix għall-vjolenza mill-mexxejja tal-Partit tal-Lega tal-Familji Pollakki u notevolment dawk tal-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Edukazzjoni,

H. billi f'Marzu 2007 il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Edukazzjoni Pollakk ħabbar abbozz ta' liġi li tikkastiga l-"propaganda omosesswali" fl-iskejjel, u wera l-kontenut li għandha ddaħħal it-tkeċċija, il-multi jew il-ħabs għad-diretturi, l-għalliema u l-istudenti ta' l-iskejjel, fil-każ ta' "attiviżmu" għad-drittijiet tal-LGBT fl-iskejjel,

---

[1] ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.
[2] ĠU L 146, 31.5.2006, p. 1.
[3] ĠU C 287 E, 24.11.2006, p.179.
[4] *Testi adottati,* P6_TA(2006)0273.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

I. billi l-Viċi Ministru għall-Edukazzjoni Pollakk ikkonferma li l-amministrazzjoni qed tfassal liġi bħal din u ddikjara li "l-għalliema li juru l-omosesswalità tagħhom jitkeċċew mix-xogħol"; billi diversi membri tal-Gvern Pollakk irreaġixxew b'modi differenti u b'ħekk ħallewha diffiċli li wieħed jara jekk il-leġiżlazzjoni hix fil-fatt se tiġi proposta,

J. billi l-Viċi Prim Ministru u l-Ministru għall-Edukazzjoni Pollakk esprima x-xewqa li jmexxi 'l quddiem l-adozzjoni ta' liġijiet simili fil-livell Ewropew,

K. billi l-leġiżlazzjoni proposta kellha l-appoġġ tal-Prim Ministru Pollakk li ddikjara li "li wieħed ikun qed jaqbeż il-limitu meta jippromwovi stil ta' ħajja omosesswali għaż-żgħażagħ fl-iskejjel bħala alternattiva għall-ħajja normali, u li għandhom jitwaqqfu dawn it-tipi ta' inizjattivi fl-iskejjel", u għaldaqstant qed tkun ippreżentata interpretazzjoni mgħawġa ta' l-edukazzjoni u t-tolleranza,

L. billi l-Ombudsman Pollakk għat-Tfal stqarret li qiegħda tħejji lista ta' xogħlijiet li għalihom l-omosesswali m'humiex adattati;

M. billi f'Ġunju 2006 l-uffiċċju tal-Prosekutur ta' l-Istat ordna kontrolli fuq l-iffinanzjar ta' organizzazzjonijiet LGBT b'rabta ma' "movimenti kriminali", kif ukoll dwar il-preżenza tagħhom fl-iskejjel, sabiex jinstabu traċċi ta' attivitajiet kriminali, mingħajr ebda riżultat,

N. billi fit-8 ta' Ġunju 2006 l-Gvern Pollakk keċċa l-kap taċ-Ċentru għall-Iżvilupp ta' l-Għalliema u pprojbixxa t-tqassim ta' manwal uffiċjali dwar l-antidiskriminazzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa, u billi l-kap il-ġdid taċ-Ċentru ddikjara fid-9 ta' Ottubru 2006 li "tendenzi mhux xierqa m'għandhomx ikunu preżenti fl-iskejjel, għaliex l-għan ta' l-iskola huwa li tkun spjegata d-differenza bejn it-tajjeb u l-ħażin, is-sabiħ u l-ikrah …; l-iskola trid tispjega li l-prattiki omosesswali jwasslu għat-traġedja, għal sens ta' vojt u għad-deġenerazzjoni";

O. billi, is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Ewropa Terry Davis, irreaġixxa għal dawn l-avvenimenti deskritti billi ddikjara li "l-Gvern Pollakk huwa liberu li jiddeċiedi jekk jixtieqx juża materjal tal-Kunsill ta' l-Ewropa għall-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, iżda jekk il-materjal għat-tagħlim huwa għażla, il-valuri u l-prinċipji f'dan il-materjal żgur li m'humiex" u esprima tħassib dwar "ċerti politiki li jippromwovu l-omofobija … u li imġieba omofobika qed tkun aċċettata mill-gvern",

P. billi l-Gvern Pollakk ma ppermettiex ukoll l-iffinanzjar ta' proġetti sponsorjati minn organizzazzjonijiet tal-LGBT fil-qafas tal-Programm Ewropew għaż-Żgħażagħ, u wera din id-deċiżjoni f'ittra lil dawk l-organizzazzjonijiet billi ddikjara li "l-politika tal-Ministeru ma tappoġġjax azzjonijiet bil-għan li tixxerred l-imġiba omosesswali u attitudnijiet simili fost iż-żgħażagħ u l-irwol tal-Ministeru m'huwiex li jappoġġja l-koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet ta' l-omosesswali",

Q. billi jidhru wkoll numru ta' żviluppi pożittivi, bħad-dimostrazzjoni omosesswali li rnexxiet f'Varsavja f'Ġunju 2006, id-dimostrazzjoni massiva għat-tolleranza u d-demokrazija f'Varsavja f'Novembru 2006 wara l-projbizzjoni ta' manifestazzjoni għat-tolleranza f'Poznan, il-protezzjoni tad-drittijiet ta' l-omosesswali fi Krakovja f'April 2007, u l-fatt li dimostrazzjonijiet omosesswali m'humiex aktar ipprojbiti b'mod sistematiku,

R. billi l-Parlament talab liċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għar-Razziżmu u l-Ksenofobija biex imexxi inkjesta dwar l-ambjent ta' intolleranza razzista, ksenofobika u omofobika fil-Polonja, u talab lill-Kummissjoni biex tivverifika jekk l-azzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-Ministru għall-Edukazzjoni Pollakk humiex konsistenti ma' l-Artikolu 6 tat-TEU, filwaqt li jfakkar fis-sanzjonijiet li hemm għall-ksur ta' l-Artikolu, u billi dawk it-talbiet għadhom ma ntlaqgħux,

1. Jenfasizza li qabel kollox l-Unjoni Ewropea hija komunità ta' valuri, fejn ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni huma fost il-valuri l-aktar għeżież tagħha;

2. Jafferma li l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Membri għandhom dmir jiżguraw li d-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadini fl-Ewropa jkunu rispettati, imħarsa u promossi, kif stipulat mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, mill-Artikolu 6 tat-TEU u mid-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li jimplimenta il-prinċipju ta' trattament indaqs bejn persuni irrispettivament mill-oriġini razjali jew etniċi [1] u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE;

3. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżgura li d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' l-orjentament sesswali fit-taqsimiet kollha tkun ipprojbita billi jitlesta l-pakkett leġiżlattiv kontra d-diskriminazzjoni bbażat fuq l-Artikolu 13 tat-Trattat KE, mingħajr liema pakkett il-lesbjani, l-omosesswali, il-bisesswali u individwi oħrajn li qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla jibqgħu bir-riskju ta' diskriminazzjoni; jitlob dekriminilizzazzjoni dinjija ta' l-omosesswalità;

4. Se jfakkar il-Jum Internazzjonali kontra l-Omofobija fis-17 ta' Mejju ta' kull sena;

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tgħaġġel ir-reviżjoni ta' l-implimentazzjoni tad-direttivi dwar l-antidiskriminazzjoni u biex tistabbilixxi proċeduri kontra l-Istati Membri f'każ ta' ksur ta' l-obbligi tagħhom taħt il-liġi Komunitarja;

6. Ifakkar lill-Istati Membri kollha li skond il-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem id-dritt tal-libertà ta' għaqda jista' jiġi eżerċitat anke meta l-ideat ta' dawk li jeżerċitaw id-dritt jisfidaw l-maġġoranza u li, bħala konsegwenza, projbizzjonijiet diskriminatorji ta' dimostrazzjonijiet Pride, kif ukoll in-nuqqas ta' protezzjoni xierqa lill-parteċipanti, jmorru kontra l-prinċipji mħarsa mill-ECHR; u jistieden lill-awtorijiet kompetenti kollha, inkluż lill-awtoritajiet lokali, biex jawtorizzaw dimostrazzjonijiet bħal dawn u jipproteġu lill-parteċipanti kif suppost;

7. Jikkundanna r-rimarki diskriminatorji minn mexxejja politiċi u reliġjużi kontra l-omosesswali, peress li jżidu l-mibegħda u l-vjolenza anke jekk wara jiġu rtirati, u jitlob li l-ġerarkiji ta' l-organizzazzjonijiet rispettivi jikkundannawhom;

8. Itenni l-istedina tiegħu lill-Istati Membri kollha biex jipproponu leġiżlazzjoni biex tingħeleb id-diskriminazzjoni li jgħaddu minnha koppji ta' l-istess sess, u jitlob lill-Kummissjoni tagħmel proposti biex ikun żgurat li l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku jkun applikat ukoll f'dan il-qasam, sabiex ikun żgurat il-moviment ħieles tal-persuni kollha fl-UE mingħajr diskriminazzjoni;

9. Jesprimi s-solidarjetà u l-appoġġ tiegħu għal attivisti tad-drittijiet fundamentali u għal difensuri tad-drittijiet indaqs għall-membri tal-Komunita' LGBT;

10. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti Pollakki biex iżommu lura milli jipproponu jew jadottaw liġi kif deskritta mill-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Edukazzjoni Pollakk jew milli jimplimentaw miżuri ta' intimidazzjoni kontra organizzazzjonijiet LGBT;

11. Jistieden lill-awtoritajiet kompetenti Pollakki biex jikkundannaw pubblikament u jieħdu miżuri kontra dikjarazzjonijiet minn mexxejja pubbliċi li jinċitaw id-diskriminazzjoni u l-mibegħda bbażati fuq l-orjentament sesswali; jemmen li kwalunkwe mġiba oħra tikkostitwixxi ksur ta' l-Artikolu 6 tat-TEU;

12. Jitlob lill-awtoritajiet Pollakki biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tas-Sena għall-Opportunitajiet Indaqs 2007, u jitlob lill-Kummissjoni biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-Sena, b'mod partikulari l-klawsola li l-iffinanzjar ikun bil-kundizzjoni li jkun żgurat li r-raġunijiet kollha għal diskriminazzjoni jkunu indirizzati b'mod ugwali fil-programmi nazzjonali;

13. Jitlob lill-Konferenza tal-Presidenti biex tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex tintbagħat delegazzjoni l-Polonja għal missjoni biex ikunu magħrufa l-fatti, bil-għan li jikseb stampa ċara tas-sitwazzjoni u jibda djalogu mal-partijiet konċernati kollha;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni tal-parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati, u lill-Kunsill ta' l-Ewropa.

[1] ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

P6_TA(2007)0168

Il-Finanzi Pubbliċi fl-EMU 2006

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar il-Finanzi Pubbliċi fl-EMU 2006 (2007/2004(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata "Il-Finanzi Pubbliċi fl-EMU 2006 — L-ewwel sena tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir Ekonomiku rivedut" (COM(2006)0304),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Stokkolma tat-23 u ta' l-24 ta' Marzu 2001 li jitlobu għal reviżjoni regolari tas-sostenibilità fuq żmien twil tal-finanzi pubbliċi, inkluż it-tensjonijiet mistennija kkawżati mill-bidliet demografiċi tal-futur,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sostenibilità fuq żmien twil tal-finanzi pubbliċi ta' l-UE (COM(2006)0574),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1056/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv [1],

— wara li kkunsidra r-Rapport ta' Konverġenza tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2006 (COM(2006)0762),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-programmi ta' stabilità u konverġenza ta' l-Istati Membri ta'l-2006 u l-2007,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tat-22 u t-23 ta' Marzu 2005 dwar ir-reviżjoni tal-Patt ta' l-Istabilità u t-Tkabbir,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni relatati mat-tieni rapport dwar il-preparazzjonijiet prattiċi għat-tkabbir futur taz-zona ta' l-euro (COM(2005)0545) u d-Dikjarazzjoni Annwali dwar iz-Zona ta' l-Euro (COM(2006)0392),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar iz-zona ta' l-euro [2] u ta' l-14 ta' Novembru 2006 dwar ir-rapport annwali 2006 dwar iz-zona ta' l-euro [3],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0076/2007),

A. billi l-Istati Membri huma mistennija li jżommu ddefiċit tal-baġit tagħhom taħt it-3 % tal-GDP f'konformità mar-regoli li jikkonsolidaw il-munita waħda u billi dik ir-regola ġiet miksura b'mod regolari, billi kull meta d-defiċit ikun ogħla minn 3 % dan jista' jiġi ġġudikat b'mod aktar favorevoli jekk ikun marbut ma' tkabbir għoli u relazzjoni ta' dejn li tkun qed tonqos (minbarra d-dħul mill-privatizzazzjoni), filwaqt li tnizzel ukoll l-defiċit annwali għal taħt it-3 % fuq żmien medju,

B. billi t-twissijiet riċenti ta' l-OECD dwar d-defiċit jistiednu lill-Istati Membri biex jiffukaw fuq riformi sabiex jikkonsolidaw il-progress ekonomiku tagħhom billi jużaw l-irkupru ekonomiku sabiex inaqqsu l-defiċit tal-baġit tagħhom u billi jagħmlu s-swieq tax-xogħol aktar kompetittivi,

---

[1] ĠU L 174, 7.7.2005, p. 5.
[2] ĠU C 298E, 8.12.2006, p.249.
[3] *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0485.

C. billi l-medja ta' relazzjoni ta' dejn għaz-zona ta' l-euro kienet 70.6 % fl-2005 u madwar 69.4 % fl-2006 u huwa maħsub li taqa' għal 68 % fl-2007; billi d-differenza bejn l-inqas u l-ogħla relazzjoni ta' dejn kienet f'eċċess ta' 100 punt perċentwali tal-GDP kemm fl-2005 kif ukoll fl-2006, u mistenni li tkun miżmuma l-istess firxa fl-2007; billi dawn iċ-ċifri għadhom ħafna ogħla mill-valur ta' referenza ta' 60 % għar-relazzjoni bejn id-dejn u l-GDP, li huwa wieħed miż-żewġ pilastri tal-Patt ta' l-Istabilità u t-Tkabbir (SGP),

D. billi l-medja ta' defiċit għaz-zona ta' l-euro kienet -2.6 % tal-GDP fl-2005 u madwar −2,0 % fl-2006 u huwa maħsub li taqa' għal -1.5 % fl-2007; billi l-firxa fir-relazzjoni tad/defiċit kienet qrib ta' 9 punti perċentwali fl-2005 u fl-2006 u huwa mistenni li taqa' għal madwar 7 punti perċentwali fl-2007,

E. billi l-medja tar-rata ta' tkabbir tal-GDP għaz-zona ta' l-euro fl-2005 kienet ta' 1.4 % u madwar 2.6 fl-2006 u huwa maħsub li tkun ta' 2.1 % fl-2007; billi l-firxa fir-rata ta' tkabbir fl-2005 u fl-2006 kienet madwar 5 punti perċentwali u huwa maħsub li tibqa' madwar 5 punti perċentwali fl-2007; billi dawn ir-rati ta' tkabbir huma b'mod ċar inqas minn dawk ta' zoni oħra tad-dinja,

F. billi r-rata tal-qgħad fiz-zona ta' l-euro kienet ta' 8.6 % (12,600,000) fl-2005 u niżlet għal 8.1 % (11,900,000) fl-2006; billi r-rata tal-qgħad hija maħsuba li taqgħa għal 7.7 % (11,500,000) fl-2007 u billi l-waqgħa mistennija turi li t-tnaqqis ta' l-defiċit iżid l-attività ekonomika u jnaqqas il-qagħad,

G. billi huwa maħsub li l-infiq marbut ma' l-età jiżdied b'4 % tal-GDP sa' l-2050; billi, bħala riżultat, f'numru ta' Stati Membri l-infiq pubbliku marbut ma' l-età se jiżdied bil-5 % sat-13 % tal-GDP, li se jpoġġi pressjoni enormi fuq is-sostenibiltà tal-finanzi pubbliċi tagħhom, filwaqt li t-tkabbir huwa maħsub li jaqa' minn 2.4 % fil-perjodu 2004 sa 2010 għal 1.9 % fil-perjodu 2011 sa 2030 u jerġa' għal 1.2 % biss fil-perjodu 2031 sa 2050; billi t-tnaqqis fit-tkabbir u ż-żieda fl-infiq marbut ma' l-età jistgħu jipperikolaw il-ġid ekonomiku u soċjali taċ-ċittadini Ewropej u l-koeżjoni soċjali tas-soċjetajiet tagħna, u jistgħu jpoġġu pressjoni għad-diżintegrazzjoni fuq l-istituzzjonijiet Ewropej u fuq politiki komuni,

H. billi l-Kummissjoni u l-BĊE kull sentejn jevalwaw it-twettiq tal-kriterji ta' Maastricht għall-adozzjoni ta' l-euro mill-Istati Membri kollha li għandhom deroga,

Esperjenzi bl-SGP rivedut

1. Ifakkar li l-għan ewlieni ta' l-SGP huwa li jkunu żgurati pożizzjonijiet baġitarji li jkunu viċin bilanċ jew b'bilanċ favorevoli fuq żmien medju u s-sostenibilità u l-istabilità tal-finanzi tal-gvern, li huma essenzjali fid-dawl ta' l-isfidi demografiċi tal-futur;

2. Jilqa' l-fatt li numru kbir ta' Stati Membri għamlu sforz konsiderevoli sabiex jippruvaw jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward ta' l-SGP; madankollu, jinnota li għadu kmieni wisq biex ikunu evalwati r-riżultati miksuba wara d-dħul fis-seħħ ta' l-SGP irrivedut;

3. Jaqsam mal-Kummissjoni t-tħassib tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-funzjoni preventiva ta' l-SGP, b'mod speċjali fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li għadhom ma rnexxielhomx jibbilanċjaw il-finanzi pubbliċi tagħhom;

4. Jibża li l-SGP rivedut, b'mod partikulari l-funzjoni korrettiva tiegħu, jekk ikun infurzat b'mod klementi, jinvolvi riskju ta' dejn pubbliku għoli u persistenti, li jista' joħloq theddida serja lill-finanzi pubbliċi bbilanċjati u lill-opportunitajiet ta' impieg;

5. Jisħaq li l-attitudni ta' l-Istati Membri lejn l-SGP rivedut għandu fl-aħħar jiddeċiedi s-suċċess jew il-falliment ta' l-SGP; iwissi li kull reviżjoni ulterjuri x'aktarx ma tiġix aċċettata mill-pubbliku jew minn atturi ekonomiċi;

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

6. Huwa mħasseb li firxiet differenti fost l-Istati Membri fl-oqsma ta'defiċit, ta' dejn u ta' tkabbir jistgħu jitwessgħu, u dan jista' jkollu l-effett li jdgħajfu l-munita waħda, ifixxklu t-tkabbir ekonomiku u jnaqqsu l-prospetti ta' l-impjieg; iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw politiki ekonomiċi kkoordinati li jdejqu l-firxiet identifikati u jwasslu għal aktar konverġenza lejn defiċit u livelli ta' dejn aktar baxxi u lejn tkabbir ogħla;

7. Huwa mħasseb dwar il-pass bil-mod tat-tnaqqis tad-dejn pubbliku f'xi Stati Membri; jopponi proċeduri ta' żbilanċ inkonklussivi u li jibqgħu għaddejjin għal dejjem u għalhekk iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jaġixxu b'mod lvent u deċisiv; jissuġġerixxi li tinżamm l-kredibilità tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv u li l-Istati Membri jkomplu jiġu ġġudikati skond standard wieħed;

8. Jistaqsi sa liema punt it-tkabbir Ewropew jista' jkun ċikliku u jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea bħala mod ta' kif jinħoloq l-impjieg; ifakkar lill-Istati Membri li t-tkabbir miżjud u aktar impjieg għandhom iwasslu għal żieda sostanzjali fid-dħul mit-taxxi, biex b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' defiċit eċċessiv filwaqt li jitħalla lok għal tnaqqis sostanzjali fid-dejn pubbliku;

9. Jenfasizza li vjolazzjonijiet ta' l-SGP jistgħu fl-aħħar idgħajfu l-politika monetarja komuni u jżidu mal-pressjoni biex jogħlew ir-rati ta' l-interessi; jenfasizza li Bank Ċentrali Ewropew indipendenti huwa essenzjali sabiex tinżamm l-istabilità tal-prezzijiet, biex b'hekk jinħolqu kundizzjonijiet għall-politiki ekonomiċi li jikkontribwixxu għal livelli għoljin ta' tkabbir u ta' impjieg;

10. Għalhekk, jara bżonn urġenti li l-Istati Membri jadattaw il-politiki fiskali tagħhom għar-rekwiżiti tal-Politika Ekonomika u Monetarja komuni sabiex jiżdied aktar il-ġid taċ-ċittadini Ewropej u li kalendarju u qafas baġitarji komuni għandhom japplikaw lill-Istati Membri kollha;

11. Jilqa' l-fatt li l-SGP rivedut jippermetti li jkunu żviluppati programmi ta' riforma li jkollhom skadenzi realistiċi u objettivi tal-baġit għall-perjodu medju ta' żmien;

12. Jaqbel li programmi ta' riforma magħmula apposta u adattati għall-ħtiġijiet ta' l-Istati Membri għandhom jippermettu għall-implimentazzjoni aħjar tal-funzjoni preventiva ta' l-SGP;

13. Jiddispjaċih li l-Istati Membri ma jisfruttawx is-sitwazzjoni ekonomika pożittiva tagħhom biżżejjed sabiex jimplimentaw riformi strutturali sinifikanti li jżidu l-effiċjenza tas-swieq fil-prodotti, fis-servizzi, fl-impjieg u fil-kapital u li fit-tul taż-żmien jassiguraw il-konsolidazzjoni fiskali, it-tkabbir ekonomiku u aktar impjieg;

L-isfidi li ġejjin

14. Ifakkar li l-SGP huwa l-istrument ewlieni u l-aktar b'saħħtu għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea; jisħaq li sakemm l-SGP huwa implimentat b'mod konsistenti u vigoruż il-politiki ekonomiċi jkomplu jwasslu għal aktar tkabbir u għal żieda fl-impieg;

15. Huwa allarmat bl-istimi tal-Kummissjoni li juru żieda drammatika fl-infiq marbut ma' l-età filwaqt li tkabbir fit-tul ta' żmien juru tnaqqis fil-futur, li, meta meħuda flimkien, inevitabbilment ipoġġu pressjoni enormi fuq is-sostenibiltà tal-finanzi pubbliċi ta' l-Istati Membri;

16. Huwa mħasseb li sitt Stati Membri huma kkonsidrati li jkunu esposti għal riskju għoli fir-rigward tas-sostenibilità fuq żmien twil tal-finanzi pubbliċi bħala riżultat ta' l-impatt li popolazzjonijiet li qed jixjieħu jkollhom fuq il-baġit, waqt li għaxar Stati Membri huma meqjusa li qed jiffaċċjaw riskju medju, u disgħa Stati Membri biss għandhom riskju baxx;

17. Iħeġġeġ li tiġi indirizzata sfida baġitarja Ewropea tant kbira; ifakkar li t-tnaqqis tad-dejn pubbliku għandu jitħaffef matul il-perjodi ta' titjieb ekonomiku filwaqt li jiġu evitati miżuri proċiklikali u jiġu implimentati riformi strutturali u fiskali sabiex jitjieb ir-rendiment ekonomiku ta' l-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jużaw it-titjib attwali fl-ekonomija sabiex iwettqu r-riformi neċessarji fis-suq tax-xogħol u fis-settur tas-servizzi u biex inaqqsu l-piż amministrattiv minn fuq in-negozju; jikkunsidra li għad hemm lok u bżonn għal aċċelerazzjoni ulterjuri f'attività ta' investiment u jitlob li jsiru riformi strutturali u miżuri addizzjonali li jtejbu b'mod permanenti l-klima ta' l-investiment u li jagħtu spinta lill-investiment;

18. Jitlob orjentazzjoni mill-ġdid ta' l-infiq pubbliku lejn l-akkumulazzjoni kapitali fiżika u umana u l-ħolqien ta' sħubijiet bejn il-gvern u l-privat li joperaw f'oqsma bħal ma huma l-innovazzjoni, l-enerġiji li jiġġeddu, l-edukazzjoni u t-taħriġ, ir-riċerka, it-teknoloġiji ta' l-informatika, it-telekomunikazzjoni, u n-networks tat-trasport;

19. Jilqa' l-fatt li l-istimi magħmula mill-Istati Membri għall-2007 u għall-2008 inkorporaw iż-0.5 % tat-tnaqqis tad-defiċit tal-GDP previst mill-SGP rivedut; jaqsam mal-Kummissjoni t-tħassib tagħha li l-aġġustament strutturali annwali medju għall-2006 ma jilħaqx dik il-mira; huwa konvint li minħabba l-prospetti ekonomiċi tajba hemm skop għal aġġustament strutturali li jaqbeż sew iż-0.5 % rakkomandat fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri;

20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jevitaw stimi baġitarji mhux sostanzjati u sabiex jibqgħu lura minn miżuri ta' darba biss u mill-kontabilità kreattiva; jagħti parir lill-Kunsill sabiex jassigura li l-Istati Membri, li qed jagħmlu dejn pubbliku mhux sostenibbli, jikkonsidraw d-dejn pubbliku ġdid jew anti-kostituzzjonali jew illegali sa l-2015, b'hekk jużaw l-aħjar prattiki ta' ċerti Stati Membri u reġjuni fl-Unjoni Ewropea; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tipprepara studju dwar l-aħjar prattiki li jikkonċernaw il-governanza statistika ta' rappurtaġġ ta' data fiskali u ż-żamma tal-kotba ta' l-assi u r-responsabilitajiet pubbliċi fl-Istati Membri;

21. Jilqa' b'sodisfazzjon l-ftehimiet riċenti ta' l-Ewrogrupp biex flimkien jiġu diskussi stimi baġitarji sabiex tiġi ddeterminata ex ante l-istrateġija fiskali adegwata għas-sena rispettiva li jkun imiss u huwa konvint li għandha ssir diskussjoni pubblika dwar dawn l-istimi fil-Parlament Ewropew flimkien ma' rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali;

22. Jirrakkomanda li jiġi esplorat jekk għandux jiġi stipulat kalendarju uniformi għal proċeduri baġitarji madwar l-Unjoni Ewropea, filwaqt li l-ippjanar baġitarju jiġi estiż lil hinn mill-perjodu attwali ta' sena; huwa tal-fehma li l-ippjanar ta' l-Istati Membri għandu jkun ibbażat fuq suppożizzjonijiet uniformi rigward il-parametri ekonomiċi prinċipali li għandhom jiġu evalwati u stabbiliti b'mod uniformi madwar l-Unjoni Ewropea;

23. Iwissi lill-Istati Membri sabiex jirrappurtaw statistiċi li huma ta' standard għoli lill-Kummissjoni sabiex jassiguraw li d-defiċit u d-dejn pubbliku jistgħu jitqabblu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tikkontrolla b'mod vigorus l-kwalità ta' l-istatistiċi rrappurtati mill-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tieħu kull pass meħtieġ, inklużi miżuri penali, sabiex tassigura li l-Istati Membri jipprovdu statistiċi ta' kwalità għolja, ta' min joqgħod fuqhom, uniformi u komparabbli, filwaqt li jinkorporaw ir-responsabilitajiet preżenti u futuri kollha (bħal ma huma l-pensjonijet u l-kura tas-saħħa); jistieden lill-Kummissjoni sabiex ittemm ix-xogħol tagħha bil-ħeffa;

24. Jaqbel mal-Kummissjoni li istituzzjonijiet indipendenti u regoli speċifiċi rigward il-bilanċ baġitarju għandhom influenza pożittiva ħafna fuq l-għanijiet fuq perjodu medju ta' żmien u fuq l-istabilità fuq żmien twil tal-finanzi pubbliċi bbilanċjati;

25. Jinnota li fir-rapport ta' konverġenza l-aktar riċenti f'Diċembru 2006 l-Kummissjoni tikkonsidra li l-maġġoranza ta' l-Istati Membri li ġew evalwati għamlu progress, iżda tikkonsidra li fil-preżent l-ebda wieħed ma jissodisfa l-kundizzjonijiet neċessarji kollha biex jadotta l-euro;

26. Ifakkar li l-kriterji ta' Maastricht, li fuqhom il-Kummissjoni twettaq l-evalwazzjoni tagħha, għandhom jiġu applikati b'mod ugwali, jiġifieri mingħajr ma wieħed la jagħmilha iktar diffiċli għall-Istati Membri biex jidħlu fiz-zona euro, u lanqas ma jinterpreta l-kriterji b'mod klementi;

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

27. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-vantaġġi li jiġu stabbiliti korpi nazzjonali indipendenti biex jieħdu ħsieb li jiddeterminaw il-livell annwali ta' żbilanċ b'mod konsistenti ma' l-objettiv ta' perjodu ta' żmien medju ta' baġit bilanċjat;

28. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Kunsill u tal-Kummissjoni biex itejbu l-governanza ta' l-istatistika ta' rappurtaġġ ta' data fiskali permezz ta' rakkomandazzjoni lill-Istati Membri dwar standards għall-UE kollha li jikkonċernaw istituti ta' l-istatistika, inklużi prinċipji dwar l-indipendenza professjonali, il-kunfidenzjalità, l-affidabilità, il-puntwalità tad-data, u l-adegwatezza tar-riżorsi ta' l-istituti ta' l-istatistika u drittijiet ta' monitoraġġ aħjar għall-Kummissjoni;

29. Jikkonsidra li hemm lok għal titjib fil-kontabilità ta' l-assi pubbliċi u ta' l-obbligi impliċiti sabiex jiżdiedu t-trasparenza u t-tqabbil u sabiex tiġi provduta bażi iżjed soda għat-teħid ta' deċiżjonijiet; jikkonsidra li l-Kummissjoni għandha tniedi inizjattiva f'dan il-qasam;

30. Jiddeplora n-nuqqas ta' koordinazzjoni politika fiz-zona ta' l-euro u jiġbed l-attenzjoni dwar id-divergenza fil-politiki fiskali ta' l-Istati Membri fiż-żona ta' l-euro u huwa mħasseb dwar l-effetti antagonistiki possibbli ta' nuqqas ta' koordinazzjoni bħal dan; iħeġġeġ iżjed riċerka dwar tipi differenti ta' u miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' riformi strutturali u makroekonomiċi u dwar l-interazzjoni u l-impatt reċiproku waqt fażijiet differenti taċ-ċiklu ekonomiku sabiex jiġi identifikat l-aħjar mezz possibbli biex jissaħħu l-finanzi pubbliċi waqt li fl-istess ħin tinkiseb l-Istrateġija ta' Liżbona;

*

* *

31. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

P6_TA(2007)0169

Ripressjoni riċenti ta' dimostrazzjonijiet fir-Russja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar ir-Russja

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-objettivi għal konsolidazzjoni tal-libertajiet demokratiċi u politiċi fil-Federazzjoni Russa, kif stipulat fil-Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa u l-Federazzjoni Russa min-naħa l-oħra (PCA) [1], li daħlu fis-seħħ fl-1997 u jiskadu fl-2007,

— wara li kkunsidra d-djalogu bejn l-UE u r-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra ir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja, u b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2006 dwar ir-relazzjonijiet EU-Russja wara l-qtil tal-ġurnalista Russja Anna Politkovskaya [2] u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar il-laqgħa għolja bejn l-UE u r-Russja f'Ħelsinki ta' 24 ta' Novembru, 2006 [3],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

[1] ĠU L 327, 28.11.1997, p.1.
[2] Testi adottati, P6_TA(2006)0448.
[3] Testi Adottati, P6_TA(2006)0566.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

A. billi l-membri ta' l-oppożizzjoni Russa ħarġu jiddimostraw fi Pjazza Pushkin f'Moska fl-14 ta' April 2007; billi l-ħekk imsejjaħ 'Dissenters' March' kien organizzat minn 'Another Russia', grupp li jinkludi diversi movimenti li għandhom sfond politiku differenti,

B. billi ftit minuti wara li bdiet id-dimostrazzjoni, l-2 000 dimostrant sabu ruħhom jaffaċċjaw numru erba' darbiet daqs tagħhom ta' forzi tas-sigurtà li malajr ferrxu lill-attivisti, sawtuhom, u arrestaw għal żmien qasir li dawk li ppruvaw jisfidaw il-linji ta' kontroll ta' l-irvell,

C. billi fost dawk miżmuma kien hemm il-mexxej ta' l-United Civic Front, l-eks 'champion' dinji taċ-ċess Gari Kimovič Kasparov u Maria Gaidar, it-tifla ta' l-ewwel Prim Ministru riformista Russu wara l-Unjoni Sovjetika; billi l-eks Prim Ministru Mikhail Mikhailovitch Kasyanov evita l-arrest minħabba li l-uffiċjali tas-sigurtà tiegħu għenuh jaħrab; billi ħafna ġurnalisti, inkluż korrispondent ta' l-ARD Stephan Stuchlik li prova jirrekordja l-avvenimenti u jxerridhom fil-Punent, kien imsawwat u arrestat ukoll;

D. billi fil-15 ta' April 2007, protesta oħra, għalkemm iżgħar, organizzata mill-istess grupp, kienet sfrattata b'mod simili f'San Pietruburgu, għalkemm Gari Kimovič Kasparov kien arrestat qabel il-protesta kienet biss bdiet u xi dimostranti kienu arrestati minn qabel b'mod preventiv fi triqithom lejn l-avveniment,

E. billi Vladimir Petrovich Lukin, l-ombudsman Russu għad-drittijiet tal-bniedem, qal li hu jemmen li l-pulizija fiż-żewġt ibliet abbużaw mill-awtorità tagħhom u billi Valentina Ivanovna Matviyenko, il-gvernatur ta' San Pietruburgu, ordnat investigazzjoni rigward il-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li seħħew waqt id-dimostrazzjoni f'San Pietruburgu,

F. billi l-awtoritajiet Russi qedgħin fit-tellieqa għall-elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali, iżidu l-pressjoni fuq gruppi ta' l-oppożizzjoni u organizzazzjonijiet mhux tal-gvern, sabiex dawn ma jorganizzaw l-ebda attività direttament kontra l-President u l-Gvern u sabiex jevitaw li l-midja tirrapporta xi attività bħal din,

G. billi d-demokrazija ddgħajfet fir-Russja, speċjalment minħabba li l-istazzjonijiet ewlenin tat-TV u tar-radju waqgħu taħt il-kontroll tal-gvern, minħabba l-firxa ta' l-awtoċensura fost il-midja stampata, minħabba restrizzjonijiet ġodda dwar id-dritt għall-organizzazzjoni ta' dimostrazzjonijiet pubbliċi u l-klima li qed teħżien għall-NGOs,

H. billi l-libertà ta' għaqda hija parti fundamentali mill-prinċipji demokratiċi u mill-istandards tad-drittijiet tal-bniedem li r-Russja wegħdet li se żżomm li rrepetiet diversi drabi l-impenn tagħha għalihom; dawn il-prinċipji u valuri huma wkoll il-bażi ta' sħubija strateġika bejn l-UE u r-Russja;

I. billi bħala membru tan-Nazzjon Uniti, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa u l-Kunsill ta' l-Ewropa, il-Federazzjoni Russa obbligat ruħha li tosserva l-libertajiet tal-kelma u ta' għaqda; billi l-osservazzjoni ta' dawk il-prinċipji hija ta' importanza partikolari fid-dawl ta' l-elezzjonijiet li ġejjin fir-Russja,

1. Jikkundanna bil-qawwa l-użu ta' forza eċċessiva mill-pulizija kontra l-irvellijiet Russa waqt id-dimostrazzjonijiet paċifiċi ta' tmiem il-ġimgħa li għaddiet f'Moska u f'San Pietruburgu u jistieden lill-awtoritajiet Russi jikkonformaw ma' l-obbligi internazzjonali tagħhom u jirrispettaw il-libertà ta' l-espressjoni u ta' għaqda;

2. Jikkundanna b'mod partikolari l-azzjonijiet ripressivi tal-forzi tas-sigurtà kontra ġurnalisti li jkunu qed jagħmlu d-dover professjonali tagħhom; iqis attakki bħal dawn fuq il-midja bħal inaċċettabbli;

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

3. Jistieden lill-awtoritajiet Russi sabiex jinvestigaw il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem li seħħew fiż-żewġ manifestazzjonijiet u sabiex jidentifikaw u jressqu l-qorti lil dawk responsabbli għall-vjolenza;

4. Jinkoraġġixxi lid-Duma ta' l-Istat Russu sabiex iwaqqaf grupp ta' ħidma li jinvestiga għalfejn forza bħal din kienet użata kontra dimostranti paċifiċi;

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jesprimu b'mod ċar dan it-tħassib fil-kuntatti tagħhom mal-gvern Russu, b'mod partikolari waqt is-samit UE/Russja li se jiltaqa' fit-18 ta' Mejju 2007 f'Samara;

6. Jistieden lit-tmexxija Russa sabiex tagħmel l-isforzi kollha tagħha sabiex tevita r-repetizzjoni ta' dawk l-avvenimenti ta' dispjaċir, b'mod partikolari fit-tellieqa għall-elezzjonijiet presidenzjali u għad-Duma li jmiss u sabiex tiggarantixxi lill-partiti politiċi u l-movimenti ċ-ċans li jipparteċipaw fil-proċess demokratiku; jistieden lill-Kummissjoni Elettorali Ċentrali u lill-ġudikatura Russa sabiex ikunu viġilanti, oġġettivi u imparzjali fl-iskrutinju tal-kampanja u l-proċess elettorali;

7. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-użanza li qed titfaċċa ta' użu ta' forza eċċessiva mill-awtoritajiet Russi fil-konfront ta' attivisti ta' l-oppożizzjoni, li tqajjem tħassib serju dwar id-demokrazija u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa;

8. Jerġa jtenni l-istedina tiegħu li tingħata spinta lid-Djalogu għad-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u r-Russja, sabiex dan isir aktar effettiv u orjentat lejn ir-riżultati, filwaqt li jinvolvu b'mod sħiħ lill-Parlament Ewropew fil-livelli kollha, bil-għan li jsaħħu dak l-element fil-Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni ġdida, li għandha tiġi nnegozjata dalwaqt;

9. Jenfasizza li, sabiex jintlaħaq progress viżibbli firrigward tad-demokrazija fir-Russja, il-politika komuni ta' l-UE u r-relazzjonijiet bilaterali ta' l-Istati Membri mar-Russja għandhom ikunu gwidati minn prinċipji komuni miftiehma u pużizzjonijiet komuni;

10. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Russi biex jirrispettaw b'mod sħiħ matul it-tellieqa għall-elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali, l-istandards demokratiċi u l-prinċipji stabbiliti mill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa u l-Kunsill ta' l-Ewropa; jistieden lill-Kunsill ta' l-Ewropa jinvestiga l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem li seħħew waqt il-manifestazzjonijiet f'Moska u San Pietruburgu;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill ta' l-Ewropa u lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Federazzjoni Russa.

P6_TA(2007)0170

Il-Ħtif f'Gaża tal-Ġurnalist tal-BBC Alan Johnston

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar il-ħtif f'Gaża tal-ġurnalista tal-BBC Alan Johnston

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-ġurnalista tal-BBC Alan Johnston inħataf waqt li mhedded b'arma tan-nar fit-12 ta' Marzu 2007, meta kien sejjer lura d-dar fil-Belt ta' Gaża u minn dakinhar ħadd ma jaf fejn jinsab,

B. billi s-Sur Johnston baqa' f'Gaża għal dawn l-aħħar tliet snin waqt perjodu ta' vjolenza dejjem akbar, preċiżament biex jirrapporta dwar dak li qed jiġri f'Gaża lill-bqija tad-dinja,

C. billi l-komunità tal-midja, il-pubbliku u l-politiċi minn kull naħa Palestinjani kkundannaw il-ħtif u qed jitolbu l-helsien immedjat tiegħu u l-waqfien tal-ħtif kollu, dan jipprova sa liema punt il-ħidma tiegħu hija apprezzata mill-popolazzjoni tal-lokal,

D. billi l-President ta' l-Awtorita Nazzjonali Palestinjana Mahmoud Abbas ikkonferma pubblikament li hemm evidenza kredibbli li s-Sur Johnston huwa ħaj, li qed jinżamm f'kondizzjonijiet ta' sigurtà u li hemm informazzjoni dwar liema grupp qed iżommu,

E. billi l-ebda grupp ma ħa r-responsabilità għall-ħtif tas-Sur Johnston, liema ħtif ġie kkundannat mill-President Abbas u l-kapijiet kollha tal-movimenti ewlenin tal-Palestina,

F. billi, skond il-Kumitat għall-Ħarsien tal-Ġurnalisti, ir-Riporters Mingħajr Fruntieri, u l-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ġurnalisti (IFJ), 15-il ġurnalist barrani nħatfu fil-Medda ta' Gaża minn Awwissu 2005, u eluf ta' ġurnalisti madwar id-dinja jaffaċċjaw kuljum it-theddid ta' ħtif, vjolenza u intimidazzjoni,

G. billi l-BBC għandha reputazzjoni ġustifikata bħala waħda mix-xandara ewlenin, li tħares il-valuri ta' l-imparzjalità, l-oġġettività u l-ġustizzja fir-rappurtaġġ tagħha,

H. billi l-libertà ta' l-istampa hija ta' importanza primarja għad-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, minħabba l-irwol essenzjali tagħha fil-garanzija ta' l-espressjoni ħielsa ta' opinjonijiet u ideat u fil-kontribuzzjoni għall-parteċipazzjoni effettiva tan-nies fi proċessi demokratiċi,

1. Jitob li s-Sur Johnston jinħeles qawwi u sħiħ, immedjatament u mingħajr kundizzjoni u jittieħed lura f'ambjent ta' sikurezza;

2. Jesprimi l-appoġġ mill-qalb tiegħu għall-familja tas-Sur Johnston f'dawn iċ-ċirkustanzi diffiċili, u għall-kollegi tiegħu u l-maniġment tal-BBC, li għaddejjin b'kampanja bla waqfien biex jibnu appoġġ pubbliku u politiku għall-ħelsien tiegħu;

3. Jagħti ġieħ lir-reputazzjoni tas-Sur Johnston bħala ġurnalist ta' l-ogħla integrità, b'sittax-il sena ta' ħidma għall-BBC u, b'mod partikulari, b'dawn l-aħħar tliet snin f'Gaża, fejn huwa kien l-unika ġurnalist barrani bbażat hemmekk b'mod permanenti, minn organizzazzjoni tal-midja ewlenija;

4. Jesprimi solidarjetà ma' l-IFJ u l-unjonijiet membri tagħha, inkluż is-Sindakat tal-Ġurnalisti tal-Palestina, fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw il-ħelsien tas-Sur Johnston u fil-kampanja tagħhom għal impenn globali ġdid għall-waqfien ta' theddid kontra l-ġurnaliżmu indipendenti; f'dan ir-rigward ifakkar l-appell li l-IFJ għamlet lill-kapijiet ta' l-Awtorità Nazzjonali Palestinjana fid-19 ta' April 2007, bil-firem ta' 197 Membru tal-Parlament Ewropew;

5. Jistieden lill-Awtorità Nazzjonali Palestinjana biex tirdoppja l-isforzi tagħha biex tikseb il-ħelsien mgħaġġel tas-Sur Johnston u biex tiżgura li l-ġurnalisti f'Gaża jkunu jistgħu jwettqu dmirijiethom mingħajr it-theddid ta' ħtif u fastidju u biex jiġi żgurat li l-attakki kollha kontra l-ġurnalisti u ċivili oħra jiġu investigati bir-reqqa u li dawk responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja;

6. Jistieden lill-Uffiċċju tal-Kummissjoni Ewropea għall-Assistenza Teknika għax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, lir-rappreżentanti diplomatiċi ta' l-Istati Membri ta' l-UE u lir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Komuni ta' l-Affarjiet Barranin u tas-Sigurtà (CFSP) biex isaħħu u jikkoordinaw l-isforzi tagħhom sabiex jiksbu l-ħelsien tas-Sur Johnston u biex jappoġġjaw l-isforzi ta' l-Awtorità Nazzjonali Palestinjana f'dan ir-rigward;

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

7. Jikkundanna dan l-att u l-atti kollha l-oħra ta' vjolenza u intimidazzjoni kontra l-eżerċizzju ħieles tal-ġurnaliżmu u l-libertà ta' l-espressjoni; jenfasizza li s-sikurezza tal-ġurnalisti għandha tiġi indirizzata bħala prijorità minn dawk kollha li jħaddnu soċjetà miftuħa u demokratika u li għandhom għal qalbhom il-progress lejn il-paċi kullimkien, b'konformità mar-Riżoluzzjoni S/RES/1738(2006) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li dwarha sar ftehim unanimu li ġiet adottata fit-23 ta' Diċembru 2006;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli għas-CFSP, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-President ta' l-Awtorità Nazzjonali Palestinjana, lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan u lis-Segretarju Ġenerali ta' l-Istati Uniti.

P6_TA(2007)0171

Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Filippini

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Filippini

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni Indipendenti sabiex Tindirizza Każijiet ta' Qtil ta' Ġurnalisti u Attivisti, ippreseduta mill-Imħallef Jose Melo (il-Kummissjoni Melo), li ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2007,

— wara li kkunsidra r-rapport preliminarju ta' Philip Alston, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji,

— wara li kkunsidra l-istqarrija tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-ħelsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tul il-ġlieda kontra t-terroriżmu, Martin Scheinin, tat-12 ta' Marzu 2007,

— wara li kkunsidra l-wegħdiet li għamel il-Gvern tal-Filippini lill-komunità internazzjonali qabel ma ġie magħżul għall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u t-Trattament jew Kastig Krudili, Inuman u Degradanti Ieħor ta' l-1984, kif ratifikata mill-Filippini fit-18 ta' Ġunju 1986, kif ukoll l-Ewwel u t-Tieni Protokoll mhux Obbligatorju tagħha, li jippermettu, rispettivament, l-ilmenti individwali u ż-żjarat lil faċilitajiet ta' detenzjoni minn korpi indipendenti,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali tan-NU għall-ħarsien tal-Persuni Kollha minn Għajbien Sfurzat ta' l-2006,

— wara li kkunsidra l-elezzjonijiet tal-Kungress u l-elezzjonijiet lokali fil-Filippini li huma ppjanati għall-14 ta' Mejju 2007, u l-missjoni ta' osservaturi ta' l-UE li ser tintbagħat,

— wara li kkunsidra l-Istqarrija Konġunta tal-Ko-Chairpersons tas-16-il Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-ASEAN tal-15 ta' Marzu 2007,

— wara li kkunsidra l-Laqgħa Asja-Ewropa (ASEM) tal-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin li hija ppjanata għat-28 u d-29 ta' Mejju 2007 f'Hamburg,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Presidenza f'isem l-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Ġunju 2006 dwar l-abolizzjoni kompluta tal-piena tal-mewt fil-Filippini,

— wara li kkunsidra l-Karta ta' Strateġija dwar Pajjiż (CSP) tal-Kummissjoni Ewropea, u l-Programm Indikattiv Nazzjonali (NIP) 2005-2006 għall-Filippini,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Filippini,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi f'dawn l-aħħar snin, in-numru ta' każijiet ta' qtil b'mottiv politiku fil-Filippini kiber b'mod drammatiku, u li s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tagħti lok għal tħassib serju,

B. billi l-organizzazzjoni lokali tad-drittijiet tal-bniedem Karapatan irreġistrat 180 każ ta' għajbien sfurzat u aktar minn 800 każ ta' qtil, ħafna minnhom minn persuni armati mhux identifikati, sa mill-2001,

C. billi ħafna mill-persuni maqtula, bħalma huma membri tal-partiti ta' l-oppożizzjoni, persuni involuti fil-knejjes, mexxejja tal-komunità, bdiewa, avukati, attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, trejdjunjonisti, jew sempliċi xhieda ta' każijiet ta' qtil extra-ġudizzjarju, qed jiġu akkużati minn rappreżentanti tal-gvern li huma membri ta' "organizzazzjonijiet ta' faċċata" għal gruppi armati illegali u "terroristi",

D. billi l-President tar-Repubblika tal-Filippini, Gloria Macapagal-Arroyo ħatret il-Kummissjoni Mello fuq imsemmija sabiex teżamina l-problema, kif ukoll "task force" tal-pulizija fuq livell nazzjonali (Task Force Usig) sabiex b'ħeffa tinvestiga l-każijiet ta' qtil, u tressaq lill-persuni responsabbli quddiem Qorti,

E. billi kemm is-sejbiet tal-Kummissjoni Melo kif ukoll ir-riżultati ta' l-investigazzjonijiet tar-Rapporteur speċjali tan-NU dwar eżekuzzjonijiet extra-ġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji jindikaw l-involviment tal-Forzi Armati tal-Filippini (AFP) f'dawn il-qtil politiku, u billi l-attakki rari jirriżultaw fl-arrest jew l-imputazzjoni jew il-prosekuzzjoni tal-qattiela,

F. billi r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Melo jinkludu: il-ħolqien ta' aġenzija investigattiva ċivili indipendenti li jkollha l-awtorità li teżegwixxi l-mandati u tagħmel arresti; it-taħriġ tal-prosekuturi; il-ħolqien ta' Qrati Speċjali biex jaħdmu fuq dawn il-każijiet; it-titjib tal-Programm tal-Protezzjoni tax-Xhieda; żieda fil-ħiliet investigattivi tal-pulizija; u orjentament u taħriġ għall-forzi tas-sigurtà,

G. billi bħala segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Melo, il-President Arroyo ħarġet pjan ta' 6 punti sabiex jieqfu l-każijiet ta' qtil extra-ġudizzjarju, liema pjan jinkludi ordni lid-Dipartiment tal-Ġustizzja sabiex iwessa' u jtejjeb il-Programm tal-Protezzjoni tax-Xhieda, talbiet lill-Qorti Suprema għall-ħolqien ta Qrati Speċjali sabiex jipproċessaw lill-persuni akkużati b'każijiet ta' qtil ta natura politika jew ideoloġika, lill-AFP sabiex joħorġu dokument ġdid dwar ir-Responsabilità tal-Kmand u lid-Dipartiment tal-Ġustizzja u d-Dipartiment tad-Difiża Nazzjonali sabiex jikkoordinaw mal-Kummissjoni indipendenti Melo dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u ordni lid-Dipartiment ta' l-Affarijiet Barranin sabiex jippreżenta talba formali lill-Unjoni Ewropea, lil Spanja, lill-Finlandja u lill-Iżvezja sabiex jibagħtu investigaturi sabiex jassistu lill-Kummissjoni,

H. billi l-miżuri kontra t-terroriżmu adottati mill-Gvern riċentement wasslu għal tħassib serju dwar il-ksur potenzjali tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni miżmuma fuq il-bażi ta' din il-liġi,

1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar in-numru li qed jikber ta' każijiet ta' qtil politiku li seħħew fis-snin riċenti fil-Filippini; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Filippini sabiex jagħmlu l-investigazzjonijiet meħtieġa b'mod f'waqtu, bir-reqqa u trasparenti, u li jipproċedi kontra l-persuni responsabbli;

2. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi, il-qtil ta' Siche Bustamante-Gandinao, attivista dedikata tad-drittijiet tal-bniedem li nqatlet ftit jiem wara li xehdet quddiem ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar eżekuzzjonijiet, extra-ġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, u huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' kwalunkwe investigazzjoni mill-pulizija dwar dan il-każ importanti,

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

3. Huwa tal-fehma li l-adozzjoni ta' l-Att dwar is-Sigurtà tal-Bniedem 2007, li ser jidħol fis-seħħ f'Lulju 2007, aktarx se jkompli jżid l-inċidenza ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-Forzi tas-Sigurtà, għax ser tagħti lok għal arresti mingħajr mandat u detensjoni arbitrarja sa tul ta' tlett ijiem; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Gvern tal-Filippini sabiex jintroduċi miżuri konkreti ta' protezzjoni sabiex jevita l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem li jistgħu jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' din il-liġi;

4. Jikkundanna l-attakki fuq gruppi legali ta' oppożizzjoni, u jistieden lill-awtoritajiet sabiex iġibu fi tmiemhom l-allegazzjonijiet ta' konfoffi bejn gruppi oppożizzjoni paċifika u gruppi armati illegali;

5. Jilqa' bi pjaċir it-twaqqif u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Melo u t-twaqqif tat-Task Force Usig, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-President Arroyo tat-30 ta' Jannar 2007 li hi "ma tittollerax ksur tad-drittijiet tal-bniedem" bħala l-ewwel pass;

6. Jistieden lill-Gvern Filippin sabiex jadotta miżuri sabiex tintemm l-intimidazzjoni u l-fastidju sistematiku tax-xhieda b'konnessjoni mal-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' qtil, u jiżgura ħarsien tax-xhieda li jkun verament effettiv; jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li ma tibqax tiġi inċitata l-vjolenza kontra whud mill-gruppi politiċi u tas-soċjetà ċivili, u sabiex jerġgħu jiġu introdotti l-mekkaniżmi normali ta' responsabilizzazzjoni sabiex jaqtgħu l-abbużi mill-gvern; f'dan is-sens, jistieden b'mod partikulari lill-Ombudsman Filippin sabiex jieħu l-irwol kostituzzjonali tiegħu bis-serjetà fir-rigward tar-rispons għal każijiet ta' qtil extraġudizzjarju attribwiti lil uffiċjali pubbliċi;

7. Iħares b'mod pożittiv lejn il-Pjan ta' Sitt Punti tal-Gvern sabiex jintemmu l-każijiet ta' qtil politiku; jisħaq, madankollu, li l-Gvern tal-Filippini jrid juri impenn ġenwin li jinvestiga dawn il-każijet ta' qtil, u li huwa lest li jġib il-persuni responsabbli għalihom, inklużi rappreżentanti tal-forzi tas-sigurtà, quddiem il-ġustizzja; jinnota li s'issa, ħafna mill-investigazzjonijiet tal-pulizija kienu difettużi;

8. Jilqa' bi pjaċir l-iffirmar mill-President Arroyo fl-24 ta' Ġunju 2006 ta' leġiżlazzjoni li tabolixxi l-piena tal-mewt fil-Filippini (L-Att Nru 9346 jew "Att li jiprojbixxi l-impożizzjoni tal-Piena tal-Mewt fil-Filippini"); jistieden ukoll lill-awtoritajiet Filippini sabiex jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar Għajbien Sfurzat li ġie adottata dan l-aħħar, u sabiex jadottaw leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni;

9. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-klima ta' impunità għandha impatt korrużiv fuq il-kunfidenza tal-pubbliku fl-istat tad-dritt u li l-każijiet ta' qtil joħolqu klima li fiha l-poplu fil-Filippini ma iħossux ħieles li jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' espressjoni u assoċjazzjoni politika;

10. Jappella lill-President Arroyo sabiex tieħu azzjoni immedjata sabiex tevita r-riskju li tkompli tinfirex il-vjolenza qabel u waqt l-elezzjonijiet li ġejjin,

11. Jistieden lill-Gvern tal-Filippini sabiex jiggarantixxi s-sigurtà ta' dawk li japplikaw għad-distribuzzjoni mill-ġdid ta' l-art skond il-Programm Komprensiv ta' Riforma Agrarja (CARP) u sabiex tħaffef l-implimentazzjoni tal-programm ta' tqassim mill-ġdid ta' l-artijiet, sabiex taħsad waħda mir-raġunijiet ewlenin tal-vjolenza politika;

12. Jilqa' bi pjaċir it-tħabbira tal-Kummissjoni li hi ser tagħti kontribut għall-isforzi tal-Gvern tal-Filippini fir-rigward ta' l-inkjesti tal-każijiet ta' qtil extra-ġudizzjarju, billi tibgħat tim ta' esperti;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membru ta' l-ASEAN u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Filippini.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

P6_TA(2007)0172

Żimbabwe

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar iż-Żimbabwe

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Jannar 2004 ([1]), tas-16 ta' Diċembru 2004 ([2]), tas-7 ta' Lulju 2005 ([3]) u tas-7 ta' Settembru 2006 ([4]),

— wara li kkunsidra s-Samit ta' Emerġenza tal-Komunita' għall-Iżvilupp ta' l-Afrika t-Isfel (SADC) tat-28 u d-29 ta' Marzu 2007 li sar f'Dar es Salaam, fit-Tanżanija;

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Bureau ta' l-Assemblea Konġunta ta' l-ACP-EU tal-21 ta' Marzu 2007, dwar it-trattament ħażin ta' l-MP ta' l-oppożizzjoni taż-Żimbabwe Nelso Chamisa,

— wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2007/120/CFSP ([5]) tad-19 ta' Frar 2007, li ġġedded miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe sa l-20 ta' Frar 2008,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 236/2007 ([6]) li jestendi l-lista ta' dawk il-persuni fiż-Żimbabwe li huma fil-mira tal-miżuri restrittivi,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar iż-Żimbabwe tal-Forum Afrikan għas-Soċjetà Ċivili 2007 ta' l-24 ta' Marzu 2007,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp Internazzjonali dwar Kriżi tal-5 ta' Marzu 2007 bl-isem 'Zimbabwe: An End to the Stalemate?',

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi f'dan ix-xagħar jaħbat is-27 anniversarju ta' l-indipenenza taż-Żimbabwe imma l-poplu taż-Żimbabwe għad irid jakkwista il-ħelsien tiegħu,

B. billi membri tal-partiti ta' l-oppożizzjoni, gruppi mis-soċjetà ċivili u individwi fiż-Żimbabwe huma attakkati u/jew arrestati b'mod arbitrarju u vittmi tal-brutalità tal-pulizija u tas-servizzi ta' sigurtà tal-gvern f'ċirkostanzi ta' vjolenza politika u sistematika mmirata biex teqred l-istrutturi ta' l-oppożizzjoni u tas-soċjetà ċivili qabel l-elezzjonijiet ta' l-2008;

C. billi, wara l-intervent vjolenti waqt il-laqgħa ta' l-oppożizzjoni tal-11 ta' Marzu 2007, li kkawżat il-mewt ta' żewġ persuni, kienu arrestati aktar minn 300 membru tal-gruppi tas-soċjetà ċivili u tal-partiti ta' l-opppożizzjoni;

D. billi l-Bureau ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta ACP-UE stabbilit li tikkundanna l-attakk brutali fuq il-kollega tiegħu Nelson Chamisa bl-aktar mod qawwi possibbli'

([1]) ĠU C 92 E, 16.4.2004, p. 417.
([2]) ĠU C 226 E, 15.9.2005, p. 358.
([3]) ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 491.
([4]) *Testi adottati*, P6_TA(2006)0358.
([5]) ĠU L 51, 20.2.2007, p. 25.
([6]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 236/2007 tat-2 ta' Marzu 2007 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ċerti miżuri ta' restrizzjoni rigward iż-Żimbabwe (ĠU L 66, 6.3.2007, p. 14).

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

E. billi s'issa din hija t-tmien sena li s-sitwazzjoni politika u ekonomika fil-pajjiż marret lura u ċ-ċittadini taż-Żimbabwe qed ikomplu jaffaċċjaw nuqqasijiet ta' ikel serji, bil-Programm Dinji għall-Ikel jipprovdi għajnuna ta' ikel ta' emerġenza lil 1.5 miljun ċittadin taż-Żimbabwe fl-ewwel tliet xhur ta' l-2007 iżda bil-kalkolu li 'l fuq minn 4.5 miljun persuna tbati minn malnutrizzjoni;

F. billi t-tul ta' żmien li persuna mistennija li tgħix fiż-Żimbabwe fil-preżent huwa wieħed mill-aktar baxxi fid-dinja — sa 37 sena għall-irġiel u 34 sena għan-nisa, 20 fil-mija ta' l-adulti għandhom l-HIV, b'aktar minn 3,200 mewt fil-ġimgħa kkawżati minn din il-marda, li qed toħloq l-ogħla rata ta' orfni fid-dinja;

G. billi 80 % tal-popolazzjoni qed tgħix taħt il-livell tal-faqar, il-pajjiż għandu rata ta' qgħad ta' 80 % fis-settur formali u dawk il-ftit ċittadini impjegati taż-Żimbabwe m'għandhomx dħul biżżejjed biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet bażiċi tagħhom, isofru minn telf qawwi ta' ħiliet, korruzzjoni, miżati projbitivi għall-iskejjel u sistema tas-saħħa u servizzi vitali diżastruži,

H. billi terz mill-popolazzjoni taż-Żimbabwe jgħixu fi ħdan il-fruntieri ta' pajjiżi ġirien, miljuni ta' ċittadini taż-Żimbabwe diġà ħarbu mill-pajjiż u attwalment 50,000 ċittadin taż-Żimbabwe qed jaħarbu mill-pajjiż kull xahar,

I. billi l-biża' qed tiżdied madwar ir-reġjun dwar ir-riperkussjonijiet tad-diżastru ekonomiku taż-Żimbabwe fuq il-pajjiżi ġirien,

J. billi l-forom kollha ta' laqgħat ta' aktar minn tliet persuni issa huma suġġetti għal permess minn qabel tal-pulizija skond l-Att Pubbliku ta' Ordni u Sigurtà b'riżultat ta' l-emendi mwettqa mill-President Robert Mugabe fil-Kostituzzjoni qabel Frar 2007, il-liġijiet tal-midja huma ripressivi u l-Att Elettorali m'huwiex demokratiku;

K. billi bosta persuni miż-Żimbabwe ma jirċivux informazzjoni dwar il-vjolenza li l-forzi tas-sigurtà wettqu fuq l-oppożizzjoni u l-attivisti tas-soċjetà ċivili minħabba n-nuqqas ta' stampa u midja ta' kuljum indipendenti, iżda l-istejjer tal-vittmi ta' vjolenza qed jinfirxu fuq medda wiesgħa,

L. billi, skond il-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF), kull pajjiż Afrikan se jgawdi minn tkabbir ekonomiku pożittiv fl-2007, bl-eċċezzjoni taż-Żimbabwe, li f'dawn l-aħħar għaxar snin l-ekonomija tiegħu naqset b'40 % u se tonqos b'5.7 % oħra din is-sena; billi ż-Żimbabwe resaq lejn definizzjoni teknika ta' 'iperinflazzjoni' meta r-rata annwali ta' inflazzjoni tiegħu telgħet għal 2 200 % f'Marzu 2007 u billi, skond l-IMF, din ir-rata tista' titla' sa 5000 % sa l-aħħar tas-sena,

M. billi skond il-Kamra tal-Mini taż-Żimbabwe, is-settur tal-mini tad-deheb, li huwa l-akbar esportatur tal-pajjiż u jikkonsisti f'52 % tal-produzzjoni tal-minerali tiegħu, qed jiffaċċja kollass; billi l-industrija tat-tabakk taż-Żimbabwe li tikkontribwixxi għal madwar 50 % tal-kambju (ta' flus barranin) tal-pajjiż qed taffaċċja pożizzjoni simili bil-bidu ta' l-istaġun tal-bejgħ tat-tabakk għall-2007 li qed ikun pospost; u billi l-produttività ta' l-agrikoltura niżlet bi 80 % mill-1998,

N. billi l-iżvilupp ta' l-Afrika huwa prijorità għad-demokraziji tal-Punent, l-għajnuna waħida ma tistax tikseb wisq suċċess u l-gvernijiet ta' l-Afrika mistennija li jimpenjaw favur id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem,

O. billi l-Unjoni Afrikana (UA), is-SADC u b'mod partikolari l-Afrika t'Isfel kollha għandhom irwoli vitali x'jilagħbu fis-soluzzjoni tal-kriżi u billi, l-laqgħa ta' l-SADC tat-28 u d-29 ta' Marzu 2007 kienet pass sinifikanti f'din id-direzzjoni;

1. Jikkundanna bil-qawwa d-dittatorjat ta' Mugabe għall-oppressjoni bla waqfien tal-poplu ta' Żimbabwe, tal-partiti ta' l-oppożizzjoni u tal-gruppi tas-soċjetà ċivili u għall-qerda tiegħu ta' l-ekonomija ta' Żimbabwe, li kabbret il-miżerja ta' miljuni ta' Żimbabwani;

2. Jilqa' l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' April 2007, li juru tħassib serju dwar is-sitwazzjoni li qed teħżien b'mod mgħaġġel ħafna fiż-Żimbabwe u dwar l-abbuż qawwi tad-Drittijiet tal-Bniedem li għadu qed iseħħ fil-pajjiż u jħeġġeġ lill-gvern Żimbabwan jonora l-obbligi tiegħu bħala firmatarju tat-trattat u l-protokoll tal-SADC, l-Att Kostituttiv ta' l-AU u l-Karta Afrikana tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli, Is-sħubija l-Ġdida għall-prinċipji ta' l-iżvilupp, għall-prinċipji demokratiċi, għad-drittijiet tal-bniedem u għall-Istat tad-dritt ta' l-Afrika;

3. Jiddeplora li minkejja l-kundizzjoni tal-pajjiż l-kritika reġjonali u internazzjonali u tmexxija ta' 27 sena, Robert Mugabe, kien għal darb'oħra aċċettat mill-Unjoni Nazzjonali Afrikan tal-Zimbabwe — Front Patrijotiku (Zanu-PF) bħala l-kandidat tiegħu għal president fl-2008 u li kampanja ta' intimidazzjoni diġà qed iseħħ biex teqred l-istrutturi ta' l-oppożizzjoni u tas-soċjetà ċivili u biex tiżgura r-riżultat ta' l-elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali;

4. Jistieden mill-ġdid lill-Robert Mugabe biex iżomm kellmtu u jirreżenja, malajr kemm jista' jkun, u dan ikun l-akbar pass uniku possibbli lejn it-tiġdid tas-soċjetà, tal-politika u ta' l-ekonomija taż-Żimbabwe;

5. Jikkundanna bil-qawwi l-intervent vjolenti kontra l-laqgħa ta' talb tal-Kampanja għas-Salvazzjoni taż-Żimbabwe organizzata fil-11 ta' Marzu 2007 mill-avversarji ta' Mugabe; jikkundanna b'mod partikulari l-qtil u jesprimi niket profond għall-imwiet ta' Gift Tandare, attivist ta' l-oppożizzjoni, li sparawlu u ġismu kien maħtuf u midfun b'mod sigriet mingħajr l-għarfien tal-familja tiegħu, ta' Itai Manyeruke li miet ġurnata wara li kien imsawwat b'mod serju mill-pulizija u tal-ġurnalist Edmore Chikomba fit-30 ta' Marzu 2007;

6. Jikkundanna bil-qawwi l-attakki fuq mexxejja ta' l-oppożizzjoni u l-arrest sussegwenti ta' Morgan Tsvangirai, Chairman tal-Moviment għal Bidla Demokratika (MDC), Nelson Chamisa, Grace Kwinjeh, Lovemore Madhuku, William Bango, Sekai Holland, Tendai Biti, Arthur Mutambara u ħafna oħrajn, it-trattament brutali tagħhom mill-forzi tal-pulizija u l-projbizzjoni li jfittxu trattament mediku barra ż-Żimbabwe; jiddeplora b'mod qawwi l-fatt li bosta parteċipanti oħrajn fil-laqgħa kienu attakkati b'mod selvaġġ mill-Pulizija ta' Żimbabwe; jesprimi tħassib qawwi bil-fatt li fl-istess okkażjoni l-Ministru ta' l-Informazzjoni taż-Żimbabwe, is-Sur Ndlovu, irrifjuta r-rapporti ta' brutalità u tortura mill-pulizija, u minflok akkuża l-oppożizzjoni b'attakk fuq il-pulizija;

7. Jipprotesta dwar l-arrest mill-ġdid tal-membri tal-MDC, inkluż Morgan Tsvangirai u oħrajn fit-28 ta' Marzu 2007, it-tkomplija tad-detenzjoni ta' ħafna attivisti ta' l-oppożizzjoni, inkluż Ian Makone, il-konsulent speċjali tas-Sur Tsvangirai, u l-attakki rinnovati kontra l-membri tal-MDC, il-proċessi fil-Qorti bbażati fuq akkużi mhux sostenibbli li qed jiffaċċjaw, kif ukoll l-arresti kontinwi u l-ħtif ta' suspettati Membri ta' l-oppożizzjoni;

8. Iħoss mhux aċċettabbli l-attakk fuq Nelson Chamisa, magħmul meta kien fi triqtu lejn l-ajruport Harare, fejn kellu jieħu titjira biex jattendi għal-laqgħat ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta (ACP-EU JPA);

9. Jinsab imħasseb ħafna bl-aħbarijiet li 56 mara mill-NGO ta' Żimbabwe "Women of Zimbabwe Arise" kienu arrestati fit-23 ta' April 2007, u li għaxra mit-trabi tagħhom intefgħu il-ħabs magħhom;

10. Jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza indiskriminata kontra n-nies ċivili mill-pulizija u l-armata, kif ġara lejliet il-vaganza ta' l-Għid meta pulizija armati ħafna attakkaw persuni li kienu qed jistennew it-trasport lejn id-destinazzjoni tal-vaganza tagħhom — tattika li hi mfassla b'mod ċar bil-għan li tinholoq il-biża';

11. Jistieden lill-Gvern taż-Żimbabwe sabiex jerġa jdaħħal l-istat tad-dritt u sabiex iwaqqaf immedjatament l-attakki vjolenti fuq il-gruppi u l-individwi ta' l-oppożizzjoni u tas-soċjetà ċivili,

12. Jistieden lill-Gvern taż-Żimbabwe sabiex jibda immedjatament il-proċess biex tintemm il-kriżi tal-pajjiż billi jsir qbil dwar pjan kredibbli għal tranżizzjoni demokratika, id-dħul mill-ġdid ta' l-istat tad-dritt, il-qafas għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti taħt superviżjoni internazzjonali u garanziji tranżizzjonali ta' kontroll mhux partiġġjan ta' istituzzjonijiet ewlenin bħall-armata u l-pulizija;

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

13. Jistieden ukoll biex isir it-tibdil kostituzzjonali meħtieġ u li l-Kummissjoni Elettorali tingħata setgħa xierqa bħala korp verament indipendenti li kapaċi jissorvelja l-andament ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti, permezz ta' sistema trasparenti, u jqis li parti essenzjali minn dan il-proċess tkun il-kontroll sħiħ tal-karti tal-voti, verifikati kif suppost mill-bidu sat-tmiem, tittieħed nota ta' kemm karti tal-voti jkunu ġew stampati, kemm minnhom tqassmu f'kull distrett u kemm minnhom intużaw b'mod validu;

14. Joffri, f'dan ir-rigward, l-għajnuna tiegħu fl-implimentazzjoni ta' kull proċess miftiehem li jistabilixxi l-bażi għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti, inkluż it-twaqqif ta' Missjoni ta' l-UE għall-Osservanza ta' l-Elezzjoni, u jispera li organizzazzjonijiet oħra, bħal Commonwealth, ikunu wkoll mistiedna biex jibagħtu osservaturi ta' l-elezzjoni;

15. Jilqa' l-għan milħuq mill-ġdid għall-unità fost il-partiti u l-gruppi ta' l-oppożizzjoni fiż-Żimbabwe, inkluż l-elementi kollha ta' l-MDC, il-Knejjes u l-Kungress taż-Żimbabwe tat-Trade Unions (ZCTU), u d-determinazzjoni tagħhom biex jaħdmu flimkien bi sfida għall-oppressjoni tal-gvern biex ikunu jistgħu iġibu d-demokrazija u l-ħelsien lill-poplu;

16. Jilqa' bi pjaċir ir-rikonoxximent mill-SADC li teżisti kriżi fiż-Zimbabwe, u l-ħatra tal-President Thabo Mbeki ta' l-Afrika t'Isfel sabiex jiffaċilita djalogu bejn iż-Zanu PF u l-MDC fl-oppożizzjoni; jappoġġja l-evalwazzjonijiet onesti tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe mill-President taż-Żambja Levy Mwanawasa, il-President tal-Ghana John Kuffour, l-Arċisqof Desmond Tutu u l-Arċisqof Pius Ncube ta' Bulawayo; jenfasizza li m'hemm ebda sanzjonijiet ekonomiċi kontra ż-Żimbabwe, iżda biss miżuri restrittivi mmirati lejn ir-Reġim Mugabe; jilqa' bi pjaċir l-inizjattiva ta' l-SADC sabiex tinstab soluzzjoni li tkun ta' benefiċċju kemm għaċ-ċittadini taż-Żimbabwe, kif ukoll għar-reġjun kollha kemm hu; U jħeġġeġ lill-komunità internazzjonali kollha, u b'mod partikulari n-nazzjonijiet Afrikani, sabiex jaħtfu din l-opportunità;

17. Jemmen li l-medjazzjoni tal-President Mbeki ta' l-Afrika t-Isfel ser twassal fit-tmiemu ċ-ċiklu attwali ta' vjolenza u intimidazzjoni, li mingħajru, il-mandat tiegħu għall-faċilitazzjoni tad-djalogu bejn l-oppożizzjoni u l-gvern taż-Żimbabwe u djalogu nazzjonali wiesa' lil hinn miż-Zanu PF u l-MDC u li jinkludi l-mexxejja tal-Knisja, in-negozju, it-trejdjunjins u parteċipanti oħra tas-soċjetà ċivili, ma jkunx issodisfat b'mod adegwat;

18. Jappoġġa l-moviment ta' l-istudenti fiż-Żimbabwe, li l-mexxejja u l-attivisti tiegħu qed ikunu kontinwament arrestati, msawwta u ffastidjati, u l-kampanja kontinwa taż-ZCTU, u jfaħħar il-qlubija tagħhom fit-tħejjija ta' 'national stay away' li damet jumejn, fejn tkellmu kontra n-nuqqas ta' ħila ta' Mugabe li jwaqqaf il-kollass ekonomiku tal-pajjiż, minkejja l-fatt li kien hemm rapporti ta' brutalità min-naħa tal-pulizija u li l-mexxejja taz-ZCTU kienu attakkati b'mod qawwi mill-pulizija wara l-aħħar dimostrazzjoni tagħhom fl-2006; jiddispjaċih li ma' gvern vjolenti, m'hemm ebda possibilità ta' involviment kostruttiv;

19. Jiddeplora t-tiġdid tad-dikjarazzjoni ta' ħsieb mġedda tal-Gvern taż-Żimbabwe li l-NGOs li huma meqjusa li qed jappoġġaw l-oppożizzjoni u l-bidla politika jiġu fastidjati u mġegħla jagħlqu, u jħares lejn din it-theddida bħala indikazzjoni serja ta' nuqqas ta' intenzjoni tajba min-naħa tal-gvern li tinstab triq 'il quddiem għall-pajjiż;

20. Jistieden lill-Kunsill sabiex jiżgura li l-Istati Membri kollha japplikaw b'mod rigoruż il-miżuri ristrettivi eżistenti, inkluż l-embargo fuq l-armi u l-projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar, filwaqt li jenfasizza li ż-Żimbabwe ma jistax jiġi trattat bħala kwistjoni separata mir-relazzjonijiet usa' ta' l-UE ma' l-Afrika; jistieden, għaldaqstant, lill-Kunsill, sabiex jiżgura li l-ebda persuna pprojbita ma tiġi mistiedna, jew tattendi, is-Samit maħsub bejn l-UE u l-Afrika, f'Liżbona f'Diċembru ta' din is-sena; jikkonsidra li d-dgħjufija fl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet immirati ddgħajjef sew lill-politika ta' l-UE fir-rigward taż-Żimbabwe, u tiddiżappunta ħafna lill-persuni fiż-Żimbabwe li qed ifittxu l-appoġġ tal-komunità internazzjonali;

21. Jistieden lill-Kunsill sabiex ikabbar iktar il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri restrittivi mmirati u jkabbar il-lista ta' individwi pprojbiti sabiex din tinkludi dejjem aktar minn dawk il-persuni li jagħmlu parti mill-istruttura tas-setgħa ta' Mugabe, inklużi l-ministri tal-gvern, deputati u gvernaturi, persunal militari, persunal ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Intelligence Ċentrali u tal-pulizija, u l-Gvernatur tal-Bank ta' Riżerva taż-Żimbabwe;

22. Josserva li l-UE hija l-aktar donatur importanti taż-Żimbabwe, b'finanzjament totali ta' € 193 miljun fl-2006, li minnhom, il-finanzjament totali mill-Istati Membri ta' l-UE jammonta għal € 106.9 miljun u l-finanzjament totali mill-Kummissjoni jammonta għal € 86.1 miljun, u li € 94.7 miljun imorru għall-ikel u għall-għajnuna umanitarja u ta' emerġenza, filwaqt li € 49.9 miljun imorru għall-iżvilupp uman u soċjali; Jiddispaċih ħafna, madankollu, li r-reġim ta' Mugabe jimmanipula dan it-tip ta' appoġġ, b'mod partikulari, l-għajnuna f'ikel, billi jużah bħala arma politika li biha jikkastiga lil dawn li jsemmgħu leħinhom u jopponu r-reġim;

23. Jinsisti li l-għajnuna kollha għaż-Żimbabwe trid tingħata permezz ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi ġenwini u għandha tilħaq lin-nies li hi maħsuba għalihom, mingħajr ma tiġi interċettata b'xi mod minn aġenti tar-reġim ta' Mugabe;

24. Jistieden lir-Renju Unit, li se jieħu f'idejh il-Presidenza tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti f'April 2007, biex iqiegħed liż-Żimbabwe fuq l-agenda tal-Kunsill tas-Sigurtà, u jistenna li l-Afrika ta' Isfel ser ikollha rwol kostruttiv bħala membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà;

25. Itenni t-talba tiegħu sabiex ir-reġim ta' Mugabe ma jieħu ebda benefiċċju finanzjarju jew propaganda mit-tħejjija għat-Tazza tad-Dinja ta' l-2010 jew mit-turnew innifsu; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Afrika ta' Isfel, li se tospita t-Tazza tad-Dinja 2010, u lill-FIFA, biex jeskludu liż-Żimbabwe milli tieħu sehem fil-logħbiet ta' qabel it-Tazza tad-Dinja, u milli tilgħab logħbiet ta' ħbiberija internazzjonali jew tospita timijiet nazzjonali involuti fl-avveniment;

26. Jilqa' bi pjaċir l-inizjattiva ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta ta' l-ACP-UE JPA u l-ACP li tintbagħat delegazzjoni konġunta fiż-Żimbabwe sabiex taċċerta s-sitwazzjoni fil-post, jistieden lill-ACP-UE JPA sabiex tagħmel din l-investigazzjoni mill-aktar fis possibbli u jistieden lill-Gvern taż-Żimbabwe sabiex jagħti aċċess għaż-Żimbabwe lill-membri kollha ta' tali delegazzjoni; jenfasizza li d-delegazzjoni għandha jkollha aċċess għall-oqsma kollha tas-soċjetà ċivili u m'għandhiex tkun ristretta għal laqgħat ma' gruppi organizzati mill-gvern; jitlob lill-Kummissjoni sabiex jorganizzaw żjara ż-Żimbabwe u jħeġġeġ lill-awtoritajiet fiż-Żimbabwe sabiex jikkoperaw fir-rigward ta' l-idea ta' żjara;

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Parlament taż-Żimbabwe, lill-Gvern u lill-Parlament ta' l-Afrika ta' Isfel, lis-Segretarju Ġenerali tal-Komunità għall-Iżvilupp ta' l-Afrika t'Isfel, lill-Ko-Presidenti ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta ta' l-UE u l-ACP, liċ-Chairmen tal-Kummissjoni u tal-Kunsill Eżekuttiv ta' l-Unjoni Afrikana, lis-Segretarju Ġenerali tal-Commonwealth, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-gvernijiet tal-pajjiżi tal-G8 u lill-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Federation Internationale de Football (FIFA);